II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/429

tal-14 ta' Frar 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 99(5) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([2]) jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għall-istituzzjonijiet fir-rigward tar-rappurtar superviżorju lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-Artikoli 99 u 100, tal-Artikolu 101(4)(a), tal-Artikolu 394(1), u tal-Artikoli 415 u 430 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) stabbilixxa qafas ġdid għat-titolizzazzjoni, inkluż qafas speċifiku għal titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS). Dan ir-Regolament stabbilixxa trattament preferenzjali għal titolizzazzjonijiet STS u għal ċerti titolizzazzjonijiet sintetiċi tal-SMEs u stabbilixxa qafas għal trattament regolatorju aktar sensittiv għar-riskju tal-iskoperturi għat-titolizzazzjonijiet. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 jeħtieġ li jiġi emendat biex jakkomoda r-rappurtar dwar il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għal dan il-qafas ġdid ta' titolizzazzjoni.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ([4]) ġie emendat bir-Regolament (UE) 2017/1986 ([5]) biex iġib lil dak ir-Regolament konformi mal-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 16 Kuntratti ta' Kera li l-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika fit-13 ta' Jannar 2016. Issa jeħtieġ ukoll li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 jiġi emendat biex jirrifletti dawk l-emendi.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1986 tal-31 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tal-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju 16 (ĠU L 291, 9.11.2017, p. 1).

(4) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw u jivvalutaw b'mod effettiv il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet u jiksbu opinjoni dwar ir-riskji għas-settur finanzjarju. Livell għoli ta' skoperturi improduttivi (NPEs) jaffettwa l-profil tar-riskju, il-profittabbiltà u s-solvenza tal-istituzzjonijiet, u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa l-kapaċità li jingħata self lill-ekonomija ġenerali. Ir-rekwiżiti tar-rapportar jenħtieġ għalhekk li jiġu riveduti biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jivvalutaw u jimmonitorjaw l-iskoperturi improduttivi billi jiġbru informazzjoni aktar granulari dwar dawn l-iskoperturi fuq bażi rikorrenti u biex jimlew il-lakuni identifikati fid-*data*.

(5) Barra minn hekk, l-istruttura u l-firxa tal-ispejjeż tal-istituzzjonijiet jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudelli ta' negozju tal-istituzzjonijiet. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiksbu għarfien aktar profond dwar dawk l-ispejjeż, il-qafas tar-rappurtar jenħtieġ li jittejjeb.

(6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ([6]) ġie emendat mir-Regolament Delegat (UE) 2018/1620 ([7]) biex itejjeb l-allinjament mal-istandards internazzjonali u jiffaċilita mmaniġġjar aktar effiċjenti tal-likwidità mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Bl-istess mod ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 jenħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti dawk l-emendi fil-qafas ta' rappurtar tar-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(7) Barra minn hekk, il-formuli u l-istruzzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 jenħtieġ li jiġu rieżaminati wkoll biex jiġu vvalutati mill-ġdid il-konvenjenza u l-adegwatezza tal-entrati ta' memorandum li jinsabu fil-formuli u l-istruzzjonijiet matul is-snin bikrin tal-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament kif ukoll biex jiġu kkoreġuti żbalji tipografiċi, referenzi żbaljati u inkonsistenzi fl-ifformattjar li ġew skoperti matul l-applikazzjoni tiegħu.

(8) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni mingħand l-istituzzjonijiet li jużaw il-formuli emendati b'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni mill-aktar fis possibbli sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet superviżorji tagħhom b'mod effettiv. Il-qafas ġdid ta' titolizzazzjoni tal-Unjoni jsir applikabbli b'mod sħiħ fl-1 ta' Jannar 2020 wara li jiskadu d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali. Għalhekk, ir-rekwiżiti riveduti ta' rappurtar dwar il-fondi proprji u r-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li japplikaw mit-30 ta' Marzu 2020. Sabiex l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw żmien biżżejjed jimplimentaw ir-rekwiżiti riveduti ta' rappurtar dwar l-NPEs, l-obbligi ta' dejn soġġetti għal miżuri ta' tolleranza, l-ispejjeż operazzjonali u amministrattivi u l-informazzjoni finanzjarja, li huma stabbiliti fl-Annessi III sa V ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, dawk ir-rekwiżiti riveduti ta' rappurtar jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2020. Fl-aħħar nett, filwaqt li jitqiesu l-emendi introdotti bir-Regolament Delegat (UE) 2018/1620 li japplikaw mit-30 ta' April 2019, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rappurtar tal-likwidità jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' April 2020.

(9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) lill-Kummissjoni.

(10) L-ABE wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]). F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) ta' dak ir-Regolament, l-EBA ma wettqet l-ebda konsultazzjoni pubblika miftuħa fir-rigward ta' dawk il-partijiet tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament li huma jew ta' natura editorjali jew li jintroduċu biss għadd limitat ta' elementi fil-qafas tar-rapportar superviżorju. Tali konsultazzjoni tkun sproporzjonata fir-rigward tal-ambitu u tal-impatt tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati.

(11) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

---

([6]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità għall-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1620 tat-13 ta' Lulju 2018 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/61 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 271, 30.10.2018, p. 10).

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

(i) Il-punt (7) jitħassar;

(ii) il-punt (8) jinbidel b'dan li ġej:

"(8) "l-informazzjoni dwar l-iskoperturi għat-titolizzazzjoni speċifikata fil-formula 13.01 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-punt 3.7 tal-Parti II tal-Anness II;";

(b) fil-punt (b), il-punt (1) jinbidel b'dan li ġej:

"(1) "l-informazzjoni dwar l-iskoperturi kollha għat-titolizzazzjoni kif speċifikat fil-formuli 14 u 14.01 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-punt 3.9 tal-Parti II tal-Anness II;

L-istituzzjonijiet għandhom ikunu eżentati milli jippreżentaw dawk id-dettalji ta' titolizzazzjoni meta jkunu parti minn grupp fl-istess pajjiż li fih ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji;";

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 4 tal-Anness III, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-formula 47, bi frekwenza annwali;";

(ii) jiżdiedu l-punti (h) u (i) li ġejjin:

"(h) bi frekwenza trimestrali, l-informazzjoni speċifikata fil-formuli 23 sa 26 fil-Parti 2 tal-Anness III meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni ma tkunx istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa kif definit fil-punt (145) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) il-proporzjon bejn l-ammont riportat gross tal-istituzzjoni ta' self u avvanzi improduttivi u l-ammont riportat gross totali ta' self u avvanzi li jaqgħu fil-kategorija ta' skoperturi improduttivi kif stabbilit fit-taqsima 17 tal-Parti 2 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament ikun ta' 5 % jew aktar. Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-proporzjon għandu jeskludi self u avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn kemm fin-numeratur kif ukoll fid-denominatur.

Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 għandhom japplikaw.

(i) bi frekwenza annwali, l-informazzjoni speċifikata fil-formula 47 fil-Parti 4 tal-Anness III meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (i) u (ii) tal-punt (h) ta' dan il-paragrafu. Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 għandhom japplikaw.";

(3) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 4 tal-Anness IV, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-formula 47, bi frekwenza annwali;";

(ii) jiżdiedu l-punti (h) u (i) li ġejjin:

"(h) bi frekwenza trimestrali, l-informazzjoni speċifikata fil-formuli 23 sa 26 fil-Parti 2 tal-Anness IV meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (i) u (ii) tal-punt (h) tal-Artikolu 9(2). Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 għandhom japplikaw;

(i) bi frekwenza annwali, l-informazzjoni speċifikata fil-formula 47 fil-Parti 4 tal-Anness IV meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (i) u (ii) tal-punt (h) tal-Artikolu 9(2). Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 għandhom japplikaw.";

(4) L-Anness I jinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness II jinbidel bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Anness III jinbidel bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(7) L-Anness IV jinbidel bit-test fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(8) L-Anness V jinbidel bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

(9) L-Anness XVIII jinbidel bit-test fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(10) L-Anness XIX jinbidel bit-test fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

(11) L-Anness XXIV jinbidel bit-test fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;

(12) L-Anness XXV jinbidel bit-test fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (1), (4) u (5) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mit-30 ta' Marzu 2020. Il-punti (9) sa (12) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2020. Il-punti (2), (3), (6) sa (8) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS I

RAPPORTAR DWAR FONDI PROPRJI U DWAR REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI

FORMULI COREP			
Numru tal-formula	**Kodiċi tal-formula**	**Isem tal-formola/grupp ta' formoli**	**Isem fil-qosor**
		ADEGWATEZZA KAPITALI	**CA**
1	C 01.00	FONDI PROPRJI	CA1
2	C 02.00	REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI	CA2
3	C 03.00	PROPORZJONIJIET KAPITALI	CA3
4	C 04.00	ENTRATI TA' MEMORANDUM:	CA4
		DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI	**CA5**
5.1	C 05.01	*DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI*	CA5.1
5.2	C 05.02	*STRUMENTI TA' ANTERJORITÀ: STRUMENTI LI MA JIKKOSTITWIXXUX GĦAJNUNA MILL-ISTAT*	CA5.2
		SOLVENZA TAL-GRUPP	**GS**
6.1	C 06.01	SOLVENZA TAL-GRUPP: INFORMAZZJONI DWAR L-AFFILJATTI — TOTAL	Total GS
6.2	C 06.02	SOLVENZA TAL-GRUPP: INFORMAZZJONI DWAR L-AFFILJATI	GS
		RISKJU TAL-KREDITU	**CR**
7	C 07.00	RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR SA
		RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ IL-KLASSIFIKAZZJONI INTERNA (IRB) GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR IRB
8.1	C 08.01	*RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ IL-KLASSIFIKAZZJONI INTERNA (IRB) GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI*	CR IRB 1
8.2	C 08.02	*RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: APPROĊĊ IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI (Diżaggregazzjoni skont il-gradi jew il-pulijiet tal-obbliganti)*	CR IRB 2
		DIŻAGGREGAZZJONI ĠEOGRAFIKA	CR GB
9.1	C 09.01	*Tabella 9.1 — Diżaggregazzjoni ġeografika tal-iskoperturi skont ir-residenza tal-obbligant (skoperturi SA)*	CR GB 1

FORMULI COREP			
Numru tal-formula	**Kodiċi tal-formula**	**Isem tal-formola/grupp ta' formoli**	**Isem fil-qosor**
9.2	C 09.02	*Tabella 9.2 — Diżaggregazzjoni ġeografika tal-iskoperturi skont ir-residenza tal-obbligatur (skoperturi IRB)*	CR GB 2
9.4	C 09.04	*Tabella 9.4 — Diżaggregazzjoni tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għall-kalkolu tar-riżerva kontroċiklika skont il-pajjiż u r-rata tar-riżerva kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni*	CCB
		RISKJU TAL-KREDITU: EKWITÀ — APPROĊĊI IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR EQU IRB
10.1	C 10.01	*RISKJU TAL-KREDITU: EKWITÀ — APPROĊĊI IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI*	CR EQU IRB 1
10.2	C 10.02	*RISKJU TAL-KREDITU: EKWITÀ — APPROĊĊI IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI. DISAGGREGAZZJONI TAL-ISKOPERTURI TOTALI BL-APPROĊĊ PD/LGD SKONT IL-GRADI TAD-DEBITURI:*	CR EQU IRB 2
11	C 11.00	RISKJU TAS-SALDU/KONSENJA	CR SETT
13.1	C 13.01	RISKJU TAL-KREDITU: TITOLIZZAZZJONIJIET	CR SEC
14	C 14.00	INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IT-TITOLIZZAZZJONIJIET	CR SEC Details
14.1	C 14.01	INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IT-TITOLIZZAZZJONIJIET SKONT L-APPROĊĊ	Dettalji CR SEC 2
		RISKJU OPERAZZJONALI	**OPR**
16	C 16.00	RISKJU OPERAZZJONALI	OPR
		RISKJU OPERAZZJONALI: TELF U RKUPRU	
17.1	C 17.01	RISKJU OPERAZZJONALI: TELF U RKUPRI SKONT IL-LINJI OPERATORJI U TIPI TA' EVENTI TA' TELF FL-AĦĦAR SENA	DETTALJI OPR 1
17.2	C 17.02	RISKJU OPERAZZJONALI: EVENT TA' TELF KBIR	DETTALJI OPR 2
		RISKJU TAS-SUQ	**MKR**
18	C 18.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJI TAL-POŻIZZJONIJIET FI STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJAT	MKR SA TDI
19	C 19.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU SPEĊIFIKU FIT-TITOLIZZAZZJONIJIET	MKR SA SEC
20	C 20.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU SPEĊIFIKU FIL-PORTAFOLL TA' NEGOZJAR TA' KORRELAZZJONI	MKR SA CTP
21	C 21.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU TAL-POŻIZZJONI FL-EKWITAJIET	MKR SA EQU
22	C 22.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦAR-RISKJU TAL-KAMBJU	MKR SA FX

FORMULI COREP			
Numru tal-formula	**Kodiċi tal-formula**	**Isem tal-formola/grupp ta' formoli**	**Isem fil-qosor**
23	C 23.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦALL-KOMMODITAJIET	MKR SA COM
24	C 24.00	MUDELLI INTERNI TAR-RISKJU TAS-SUQ	MKR IM
25	C 25.00	RISKJU TAL-AĠĠUSTAMENT TAL-VALUR TAL-KREDITU	CVA
		VALWAZZJONI PRUDENTI	**MKR**
32.1	C 32.01	VALWAZZJONI PRUDENTI: VALURI ĠUSTI TAL-ASSI U L-OBBLIGAZZJONIJIET	PRUVAL 1
32.2	C 32.02	VALWAZZJONI PRUDENTI: APPROĊĊ EWLIENI	PRUVAL 2
32.3	C 32.03	VALWAZZJONI PRUDENTI: AVA TAR-RISKJU TAL-MUDELL	PRUVAL 3
32.4	C 32.04	VALWAZZJONI PRUDENTI: AVA TAL-POŻIZZJONIIJIET KONĊENTRATI	PRUVAL 4
		SKOPERTURI GĦAL AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI	**MKR**
33	C 33.00	SKOPERTURI GĦAL AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI SKONT IL-PAJJIŻ TAL-KONTROPARTI	GOV

C 01.00 — FONDI PROPRJI (CA1)

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
010	**1**	**FONDI PROPRJI**	
015	**1.1**	**KAPITAL TA' GRAD 1**	
020	**1.1.1**	**KAPITAL TAL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI**	
030	**1.1.1.1**	**Strumenti kapitali eliġibbli bħala Kapital CET1**	
040	1.1.1.1.1	Strumenti kapitali mħallsa	
045	1.1.1.1.1*	Li minnhom: Strumenti kapitali sottoskritti minn awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza	
050	1.1.1.1.2*	Entrata tal-memorandum: Strumenti kapitali mhux eliġibbli	
060	1.1.1.1.3	Premium azzjonarju	
070	1.1.1.1.4	(-) Strumenti proprji CET1	
080	1.1.1.1.4.1	(-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti CET1	
090	1.1.1.1.4.2	(-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti CET1	
091	1.1.1.1.4.3	(-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti CET1	
092	1.1.1.1.5	(-) Obbligi attwali jew kontinġenti biex jinxtraw strumenti CET1 proprji	
130	**1.1.1.2**	**Qligħ imfaddal**	
140	1.1.1.2.1	Qligħ imfaddal tas-snin ta' qabel	
150	1.1.1.2.2	Profitt jew telf eliġibbli	
160	1.1.1.2.2.1	Profitt jew telf attribwibbli lis-sidien tal-kumpanija prinċipali	
170	1.1.1.2.2.2	(-) Parti mill-profitt interim jew ta' tmiem is-sena mhux eliġibbli	
180	**1.1.1.3**	**Introjtu ieħor komprensiv akkumulat**	
200	**1.1.1.4**	**Riżervi oħrajn**	
210	**1.1.1.5**	**Fondi għal riskji bankarji ġenerali**	
220	**1.1.1.6**	**Aġġustamenti tranżitorji minħabba strumenti Kapitali CET1 ta' anterjorità**	
230	**1.1.1.7**	**Interess minoritarju mogħti rikonoxximent fil-kapital CET1**	
240	**1.1.1.8**	**Aġġustamenti tranżitorji minħabba interessi minoritarji addizzjonali**	
250	**1.1.1.9**	**Aġġustamenti għas-CET1 minħabba filtri prudenzjali**	
260	1.1.1.9.1	(-) Żidiet fl-ekwità li jirriżultaw minn assi titolizzati	
270	1.1.1.9.2	Riżerva ħeġġ tal-fluss tal-flus	
280	1.1.1.9.3	Qligħ u telf kumulattiv dovut għall-bidliet fir-riskju tal-kreditu proprju fuq obbligazzjonijiet b'valur ġust	
285	1.1.1.9.4	Qligħ u telf b'valur ġust li jirriżultaw mir-riskju tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni marbut mal-obbligazzjonijiet ta' derivattivi	

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
290	1.1.1.9.5	(-) Aġġustamenti tal-valur dovut għar-rekwiżiti għal valwazzjoni prudenti	
300	**1.1.1.10**	**(-) Avvjament**	
310	1.1.1.10.1	(-) Avvjament li jingħadd bħala assi intanġibbli	
320	1.1.1.10.2	(-) Avvjament inkluż fil-valwazzjoni ta' investimenti sinifikanti	
330	1.1.1.10.3	Abbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati mal-avvjament	
340	**1.1.1.11**	**(-) Assi intanġibbli oħrajn**	
350	1.1.1.11.1	(-) Assi intanġibbli oħra qabel it-tnaqqis ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita	
360	1.1.1.11.2	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati ma' assi intanġibbli oħrajn	
370	**1.1.1.12**	**(-) Assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u ma jfeġġux minn differenzi temporanji netti mill-obbligazzjonijiet ta' taxxa assoċjati**	
380	**1.1.1.13**	**(-) Nuqqas IRB ta' aġġustamenti ta' riskju ta' kreditu għat-telf mistenni**	
390	**1.1.1.14**	**(-)Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti**	
400	1.1.1.14.1	(-)Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti	
410	1.1.1.14.2	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati ma' assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti	
420	1.1.1.14.3	Assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti li l-istituzzjoni tista' tuża mingħajr restrizzjonijiet	
430	**1.1.1.15**	**(-) Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital CET1**	
440	**1.1.1.16**	**(-) Eċċess ta' tnaqqis minn entrati AT1 fuq Kapital AT1**	
450	**1.1.1.17**	**(-) Parteċipazzjonijiet kkwalifikanti barra s-settur finanzjarju li inkella jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1250 %**	
460	**1.1.1.18**	**(-) Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1250 %**	
470	**1.1.1.19**	**(-) Konsenji bla ħlas li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1250%**	
471	**1.1.1.20**	**(-) Pożizzjonijiet f'basket li għalihom istituzzjoni ma tistax tiddetermina l-ponderazzjoni tar-riskju bl-approċċ IRB, u li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1250%**	
472	**1.1.1.21**	**(-) Skoperturi tal-ekwità b'approċċ ta' mudelli interni li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1250%**	
480	**1.1.1.22**	**(-) Strumenti CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti**	
490	**1.1.1.23**	**(-) Assi ta' taxxa differita deduċibbli li jiddependu mill-profitabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji**	
500	**1.1.1.24**	**(-) Strumenti CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti**	
510	**1.1.1.25**	**(-) Ammont li jaqbeż il-livell limitu ta' 17,65 %**	
520	**1.1.1.26**	**Aġġustamenti tranżitorji oħra għal Kapital CET1**	
524	**1.1.1.27**	**(-) Tnaqqis addizzjonali ta' Kapital tas-CET1 dovut għall-Artikolu 3 tas-CRR**	

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
529	**1.1.1.28**	**Elementi jew tnaqqis f'Kapital CET1 — oħrajn**	
530	**1.1.2**	**KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI**	
540	**1.1.2.1**	**Strumenti kapitali eliġibbli bħala Kapital tal-AT1**	
550	1.1.2.1.1	Strumenti kapitali mħallsa	
560	1.1.2.1.2*	Entrata ta' memorandum: Strumenti kapitali mhux eliġibbli	
570	1.1.2.1.3	Premium azzjonarju	
580	1.1.2.1.4	(-) Strumenti AT1 proprji	
590	1.1.2.1.4.1	(-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti AT1	
620	1.1.2.1.4.2	(-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti AT1	
621	1.1.2.1.4.3	(-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti AT1	
622	1.1.2.1.5	(-) Obbligazzjonijiet attwali jew kontinġenti biex jinxtraw strumenti AT1 proprji	
660	**1.1.2.2**	**Aġġustamenti tranżitorji dovuti għal strumenti Kapitali tal-AT1 ta' anterjorità**	
670	**1.1.2.3**	**Strumenti maħruġa minn sussidjarji li jingħataw rikonoxximent fil-Kapital AT1**	
680	**1.1.2.4**	**Aġġustamenti tranżitorji minħabba rikonoxximent addizzjonali fil-Kapital AT1 ta' strumenti maħruġin minn sussidjarji**	
690	**1.1.2.5**	**(-) Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital AT1**	
700	**1.1.2.6**	**Strumenti AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti**	
710	**1.1.2.7**	**(-) Strumenti AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti**	
720	**1.1.2.8**	**(-) Eċċess ta' tnaqqis minn entrati T2 fuq Kapital T2**	
730	**1.1.2.9**	**Aġġustamenti tranżitorji oħrajn fil-Kapital AT1**	
740	**1.1.2.10**	**Eċċess fit-tnaqqis minn entrati AT1 fuq Kapital AT1 (imnaqqas fis-CET1)**	
744	**1.1.2.11**	**(-) Tnaqqis addizzjonali ta' Kapital AT1 dovut għall-Artikolu 3 tas-CRR**	
748	**1.1.2.12**	**Elementi jew tnaqqis fil-Kapital AT1 — oħrajn**	
750	**1.2**	**KAPITAL TAL-GRAD 2**	
760	**1.2.1**	**Strumenti kapitali u self subordinat eliġibbli bħala Kapital T2**	
770	1.2.1.1	Strumenti kapitali mħallsa u self subordinat	
780	1.2.1.2*	Entrata ta' memorandum: Strumenti kapitali u self subordinat mhux eliġibbli	
790	1.2.1.3	Premium azzjonarju	
800	1.2.1.4	(-) Strumenti proprji T2	
810	1.2.1.4.1	(-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti T2	
840	1.2.1.4.2	(-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti T2	
841	1.2.1.4.3	(-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti T2	
842	1.2.1.5	(-) Obbligazzjonijiet attwali jew kontinġenti biex jinxtraw strumenti T2 proprji	

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
880	**1.2.2**	**Aġġustamenti tranżitorji minħabba strumenti Kapitali T2 u self subordinat ta' anterjorità**	
890	**1.2.3**	**Strumenti maħruġa minn sussidjarji li jingħataw rikonoxximent fil-Kapital T2**	
900	**1.2.4**	**Aġġustamenti tranżitorji minħabba rikonoxximent addizzjonali fil-Kapital T2 ta' strumenti maħruġin minn sussidjarji**	
910	**1.2.5**	**Eċċess ta' dispożizzjonijiet IRB fuq telf eliġibbli mistenni**	
920	**1.2.6**	**Aġġustamenti ġenerali tar-riskju ta' kreditu SA**	
930	**1.2.7**	**(-) Partečipazzjonijiet inkročjati rečiproči f'Kapital T2**	
940	**1.2.8**	**(-) Strumenti T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti**	
950	**1.2.9**	**(-) Strumenti T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti**	
960	**1.2.10**	**Aġġustamenti tranżitorji oħra għall-Kapital T2**	
970	**1.2.11**	**Eċċess ta' tnaqqis minn entrati T2 fuq Kapital T2 (imnaqqas f'AT1)**	
974	**1.2.12**	**(-) Tnaqqis addizzjonali ta' Kapital T2 dovut għall-Artikolu 3 tas-CRR**	
978	**1.2.13**	**Elementi jew tnaqqis fil-Kapital T2 — oħrajn**	

C 02.00 — REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI (CA2)

Ringieli	Entrata	Tikketta	Ammont
010	**1**	**AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU**	
020	1*	*Li minnu: Ditti tal-investiment skont l-Artikolu 95 paragrafu 2 u l-Artikolu 98 tas-CRR*	
030	1**	*Li minnu: Ditti tal-investiment skont l-Artikolu 96 paragrafu 2 u l-Artikolu 97 tas-CRR*	
040	**1.1**	**AMMONTI TAL-ISKOPERTURA PONDERATI GĦAR-RISKJU TA' KREDITU, TA' KREDITU TAL-KONTROPARTI U TA' DILWIZZJONI U KONSENJI BLA ĦLAS**	
050	**1.1.1.**	**Approċċ Standardizzat (SA)**	
051	1.1.1*	Li minnu: Rekwiżiti prudenzjali addizzjonali aktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 124 tas-CRR	
060	1.1.1.1	Klassijiet ta' skoperturi SA, eskluż l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni	
070	1.1.1.1.01	Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali	
080	1.1.1.1.02	Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali	
090	1.1.1.1.03	Entitajiet tas-settur pubbliku	
100	1.1.1.1.04	Banek Multilaterali tal-Iżvilupp	
110	1.1.1.1.05	Organizzazzjonijiet Internazzjonali	
120	1.1.1.1.06	Istituzzjonijiet	
130	1.1.1.1.07	Korporazzjonijiet	
140	1.1.1.1.08	Livell ta' konsumatur	
150	1.1.1.1.09	Garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli	
160	1.1.1.1.10	Skoperturi f'inadempjenza	
170	1.1.1.1.11	Entrati assoċjati ma' riskju għoli partikolari	
180	1.1.1.1.12	Bonds koperti	
190	1.1.1.1.13	Pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet u korporazzjonijiet b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir	
200	1.1.1.1.14	Impriżi ta' investiment kollettiv (CIU)	
210	1.1.1.1.15	Ekwità	
211	1.1.1.1.16	Entrati oħrajn	
240	**1.1.2.**	**Approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB)**	
241	1.1.2*	Li minnu: Rekwiżiti prudenzjali addizzjonali aktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 164 tas-CRR	
242	1.1.2**	Li minnu: Rekwiżiti prudenzjali addizzjonali aktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 124 tas-CRR	
250	1.1.2.1	Approċċi IRB meta ma jintużaw la stimi proprji tal-LGD u lanqas Fatturi ta' Konverżjoni	
260	1.1.2.1.01	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali	
270	1.1.2.1.02	Istituzzjonijiet	
280	1.1.2.1.03	Korporazzjonijiet – SME	

Ringieli	Entrata	Tikketta	Ammont
290	1.1.2.1.04	Korporazzjonijiet – Għoti ta' Self Speċjalizzat	
300	1.1.2.1.05	Korporazzjonijiet – Oħrajn	
310	1.1.2.2	Approċċi IRB meta la jintużaw estimi proprji tal-LGD u/jew Fatturi ta' Konverżjoni	
320	1.1.2.2.01	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali	
330	1.1.2.2.02	Istituzzjonijiet	
340	1.1.2.2.03	Korporazzjonijiet – SME	
350	1.1.2.2.04	Korporazzjonijiet – Għoti ta' Self Speċjalizzat	
360	1.1.2.2.05	Korporazzjonijiet – Oħrajn	
370	1.1.2.2.06	Livell ta' konsumatur – Garantiti minn SME tal-proprjetà immobbli	
380	1.1.2.2.07	Livell ta' konsumatur – Garantiti minn intrapriża tal-proprjetà immobbli li mhijiex SME	
390	1.1.2.2.08	Livell ta' konsumatur – Rotanti kwalifikanti	
400	1.1.2.2.09	Livell ta' konsumatur — SMEs oħrajn	
410	1.1.2.2.10	Livell ta' konsumatur — Oħrajn mhux SMEs	
420	1.1.2.3	Ekwità IRB	
450	1.1.2.5	Assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu	
460	**1.1.3.**	**Ammont ta' skopertura għar-riskju għal kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-inadempjenza ta' CCP**	
470	**1.1.4.**	**Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni**	
490	**1.2**	**AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU TA' SALDU/KONSENJA**	
500	**1.2.1.**	**Riskju tas-saldu/konsenja fil-Portafoll mhux tan-negozjar**	
510	**1.2.2.**	**Riskju tas-saldu/tal-konsenja fil-Portafoll tan-negozjar**	
520	**1.3**	**AMMONTI TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJI TA' POŻIZZJONI, TAL-KAMBJU U TAL-KOMODITAJIET**	
530	**1.3.1.**	**Ammont tal-iskopertura għar-riskji tal-pożizzjoni, tal-kambju u tal-komoditajiet skont l-approċċi standardizzati (SA)**	
540	1.3.1.1	Strumenti ta' dejn negozjat	
550	1.3.1.2	Ekwità	
555	1.3.1.3	Approċċ partikolari għar-risku tal-pożizzjoni fis-CIUs	
556	1.3.1.3*	Entrata tal-Memorandum: CIUs investiti esklussivament fi strumenti ta' dejn negozjat	
557	1.3.1.3**	Entrata tal-Memorandum: CIUs investiti esklussivament fi strumenti ta' ekwità jew fi strumenti mħallta	
560	1.3.1.4	Kambju	
570	1.3.1.5	Komoditajiet	
580	**1.3.2.**	**Ammont ta' skopertura għar-riskji tal-Pożizzjoni, tal-kambju u tal-komoditajiet skont il-formoli interni (IM)**	

Ringieli	Entrata	Tikketta	Ammont
590	**1.4**	**AMMONTI TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU OPERAZZJONALI (OpR)**	
600	**1.4.1.**	**Approċċ tal-Indikatur Bażiku tar-OpR (BIA)**	
610	**1.4.2.**	**Approċċi OpR Standardizzati(STA) / Approċċi Standardizzati Alternativi (ASA)**	
620	**1.4.3.**	**Approċċi ta' kejl avvanzat tal-OpR (AMA)**	
630	**1.5**	**AMMONT TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU ADDIZZJONALI MINĦABBA SPEJJEŻ ĠENERALI FISSI**	
640	**1.6**	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU GĦAL AĠĠUSTAMENT TAL-VALWAZZJONI TAL-KREDITU**	
650	**1.6.1.**	**Metodu avvanzat**	
660	**1.6.2.**	**Metodu standardizzat**	
670	**1.6.3.**	**Abbażi tal-OEM**	
680	**1.7**	**AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU RELATAT MA' SKOPERTURI KBAR FIL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR**	
690	**1.8**	**AMMONTI OĦRAJN TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU**	
710	**1.8.2.**	**Li minnhom: Rekwiżiti prudenzjali addizzjonali aktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 458 tas-CRR**	
720	1.8.2*	Li minnhom: rekwiżiti għal skoperturi kbar	
730	1.8.2**	Li minnhom: minħabba ponderazzjonijiet tar-riskju modifikati mmirati lejn il-bżieżaq tal-assi fil-proprjetà residenzjali u kummerċjali	
740	1.8.2***	Li minnhom: minħabba skoperturi fis-settur intrafinanzjarju	
750	**1.8.3.**	**Li minnhom: Rekwiżiti prudenzjali addizzjonali aktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 459 tas-CRR**	
760	**1.8.4.**	**Li minnhom: L-ammonti addizzjonali ta' skopertura għar-riskju dovuti għall-Artikolu 3 CRR**	

C 03.00 — PROPORZJON KAPITALI U LIVELLI KAPITALI (CA3)

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
010	**1**	**Proporzjon tal-Kapital CET1**	
020	**2**	**Surplus(+)/Defiċit(-) fil-Kapital CET1**	
030	**3**	**Proporzjon tal-Kapital T1**	
040	**4**	**Surplus(+)/Defiċit(-) fil-Kapital T1**	
050	**5**	**Proporzjon kapitali totali**	
060	**6**	**Surplus(+)/Defiċit(-) fil-kapital totali**	
Entrati ta' Memorandum: Rekwiżit kapitali totali SREP (TSCR), Rekwiżit kapitali ġenerali (OCR) u Gwida taħt Pilastru 2 (P2G)			
130	**13**	**Proporzjon ta' rekwiżit kapitali totali SREP (TSCR)**	
140	**13***	**TSCR: li jrid ikun magħmul minn kapital CET1**	
150	**13****	**TSCR: li jrid ikun magħmul minn kapital tal-Grad 1**	
160	**14**	**Proporzjon ta' rekwiżit kapitali ġenerali (OCR)**	
170	**14***	**OCR: li jrid ikun magħmul minn kapital CET1**	
180	**14****	**OCR: li jrid ikun magħmul minn kapital tal-Grad 1**	
190	**15**	**OCR u Gwida taħt Pilastru 2 (P2G)**	
200	**15***	**OCR u P2G: li jrid ikun magħmul minn kapital CET1**	
210	**15****	**OCR u P2G: li jrid ikun magħmul minn kapital tal-Grad 1**	

C 04.00 — ENTRATI TA' MEMORANDUM (CA4)

Ringiela	ID	Entrata	Kolonna
Assi u obbligazzjonijiet ta' taxxa differita			**010**
010	1	**Assi totali ta' taxxa differita**	
020	1.1	Assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profittabilità futura	
030	1.2	Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji	
040	1.3	Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji	
050	2	**Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita totali**	
060	2.1	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita mhux deduċibbli minn assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profittabbiltà futura	
070	2.2	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita deduċibbli minn assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura	
080	2.2.1	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita deduċibbli assoċjati ma' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji	
090	2.2.2	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita deduċibbli assoċjati ma' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u li jirriżultaw minn differenzi temporanji	
093	2A	**Pagamenti eċċessivi ta' taxxa u trasferimenti lura tat-telf**	
096	2B	**Assi ta' Taxxi Differiti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 250%**	
097	2C	**Assi ta' Taxxi Differiti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 %**	
Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu u t-telf mistenni			
100	3	**Eċċess (+) jew nuqqas (–) IRB ta' aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu, aġġustamenti fil-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji minħabba telf mistenni minn skoperturi mhux inadempjenti**	
110	3.1	Aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu totali, aġġustamenti fil-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji eliġibbli biex jiġu inklużi fil-kalkolu tal-ammont ta' telf mistenni	
120	3.1.1	Aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu	
130	3.1.2	Aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu	
131	3.1.3	Aġġustamenti fil-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor tal-fondi proprji	
140	3.2	Telf mistenni eliġibbli totali	
145	4	**4 L-eċċess (+) jew in-nuqqas (-) bl-IRB ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu għal telf mistenni għal skoperturi fl-inadempjenza**	
150	4.1	Aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu u pożizzjonijiet trattati bl-istess mod	
155	4.2	Telf mistenni eliġibbli totali	
160	5	**Ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-kalkolu tal-limitu għall-eċċess tal-provvediment eliġibbli bħala T2**	
170	6	**Provvedimenti grossi totali eliġibbli għall-inklużjoni fil-Kapital T2**	
180	7	**Ammonti tal-iskopertura għar-riskju ponderati għall-kalkolu tal-limitu tal-provvediment eliġibbli bħala T2**	

Ringiela	ID	Entrata	Kolonna
Limiti massimi għal tnaqqis tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni			
190	8	**Limitu massimu mhux deduċibbli ta' parteċipazzjonijiet f'entitajiet mis-settur finanzjarju fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti**	
200	9	**Limitu massimu ta' 10% tas-CET1**	
210	10	**Limitu massimu ta' 17,65 % tas-CET1**	
225	11.1	**Kapital eliġibbli għall-finijiet ta' parteċipazzjonijiet li jikkwalifikaw barra s-settur finanzjarju**	
226	11.2	**Kapital eliġibbli għall-finijiet ta' espożizzjonijiet kbar**	
Investimenti fil-kapital ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti			
230	12	**Parteċipazzjonijiet ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes**	
240	12.1	Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
250	12.1.1	Parteċipazzjonijiet grossi diretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
260	12.1.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq	
270	12.2	Parteċipazzjonijiet indiretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
280	12.2.1	Parteċipazzjonijiet grossi indiretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
290	12.2.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq	
291	12.3	Parteċipazzjonijiet sintetiċi fil-Kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
292	12.3.1	Parteċipazzjonijiet grossi sintetiċi ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
293	12.3.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq	
300	13	**Parteċipazzjonijiet tal-kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes**	
310	13.1	Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
320	13.1.1	Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-Kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
330	13.1.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq	
340	13.2	Parteċipazzjonijiet indiretti ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
350	13.2.1	Parteċipazzjonijiet grossi indiretti ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	

Ringiela	ID	Entrata	Kolonna
360	13.2.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq	
361	13.3	Parteċipazzjonijiet sintetiċi fil-Kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
362	13.3.1	Parteċipazzjonijiet grossi sintetiċi ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
363	13.3.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq	
370	14	**Parteċipazzjonijiet fil-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes**	
380	14.1	Parteċipazzjonijiet diretti fil-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
390	14.1.1	Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-Kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
400	14.1.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq	
410	14.2	Parteċipazzjonijiet indiretti ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
420	14.2.1	Parteċipazzjonijiet grossi indiretti ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
430	14.2.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq	
431	14.3	Parteċipazzjonijiet sintetiċi fil-Kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
432	14.3.1	Parteċipazzjonijiet grossi sintetiċi ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
433	14.3.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq	
Investimenti fil-kapital ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti			
440	15	**Parteċipazzjonijiet fil-kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju u meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes**	
450	15.1	Parteċipazzjonijiet diretti fil-kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
460	15.1.1	Parteċipazzjonijiet grossi diretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
470	15.1.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq	
480	15.2	Parteċipazzjonijiet indiretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
490	15.2.1	Parteċipazzjonijiet grossi indiretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
500	15.2.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq	

Ringiela	ID	Entrata	Kolonna
501	15.3	Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
502	15.3.1	Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi ta' kapital G2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
503	15.3.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq	
510	16	**Parteċipazzjonijiet fil-kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes**	
520	16.1	Parteċipazzjonijiet diretti tal-kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
530	16.1.1	Parteċipazzjonijiet diretti grossi ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
540	16.1.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq	
550	16.2	Parteċipazzjonijiet indiretti grossi ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
560	16.2.1	Parteċipazzjonijiet gross indiretti tal-kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
570	16.2.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq	
571	16.3	Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
572	16.3.1	Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi ta' kapital G2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
573	16.3.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq	
580	17	**Parteċipazzjonijiet fil-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes**	
590	17.1	Parteċipazzjonijiet diretti fil-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
600	17.1.1	Parteċipazzjonijiet grossi diretti ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
610	17.1.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq	
620	17.2	Parteċipazzjonijiet indiretti grossi ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
630	17.2.1	Parteċipazzjonijiet gross indiretti tal-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
640	17.2.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq	

Ringiela	ID	Entrata	Kolonna
641	17.3	Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
642	17.3.1	Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
643	17.3.2	(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq	
(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq			
650	18	**Skoperturi ponderati għar-riskju ta' parteċipazzjonijiet tas-CET1 f'entitajiet mis-settur finanzjarju li ma jitnaqqsux mill-kapital CET1 tal-istituzzjoni**	
660	19	**Skoperturi ponderati għar-riskju ta' parteċipazzjonijiet AT1 f'entitajiet mis-settur finanzjarju li ma jitnaqqsux mill-kapital AT1 tal-istituzzjoni**	
670	20	**Skoperturi ponderati għar-riskju ta' parteċipazzjonijiet tas-T2 f'entitajiet mis-settur finanzjarju li ma jitnaqqsux mill-kapital T2 tal-istituzzjoni**	
Eżenzjoni temporanja mit-tnaqqis mill-fondi proprji			
680	21	**Parteċipazzjonijiet fi Strumenti Kapitali CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti eżentat b'mod temporanju**	
690	22	**Parteċipazzjonijiet fi Strumenti Kapitali CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti eżentat temporanjament**	
700	23	**Parteċipazzjonijiet fi Strumenti Kapitali AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti eżentat b'mod temporanju**	
710	24	**Parteċipazzjonijiet fi Strumenti Kapitali AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti eżentat temporanjament**	
720	25	**Parteċipazzjonijiet fi Strumenti Kapitali T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti eżentat b'mod temporanju**	
730	26	**Parteċipazzjonijiet fi Strumenti Kapitali T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti eżentat temporanjament**	
Riżervi ta' kapital			
740	27	**Riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital**	
750		**Riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital**	
760		**Riżerva ta' konservazzjoni dovut għal riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru**	
770		**Riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni**	
780		**Riżerva tar-riskju sistemiku**	
800		**Riżerva tal-Istituzzjoni Globali Sistematikament Importanti**	
810		**Riżerva tal-Istituzzjoni Sistemikament Importanti oħra**	
Rekwiżiti tal-Pilastru II			
820	28	**Rekwiżiti ta' fondi proprji relatati mal-aġġustamenti tal-Pilastru II**	

Ringiela	ID	Entrata	Kolonna
Informazzjoni addizzjonali għad-ditti tal-investiment			
830	29	**Kapital inizjali**	
840	30	**Fondi proprji abbażi tal-Ispejjeż Ġenerali Fissi**	
Informazzjoni addizzjonali għall-kalkolu tal-limiti massimi tar-rappurtar			
850	31	**Skoperturi oriġinali mhux domestiċi**	
860	32	**Skoperturi oriġinali totali**	
Minimu ta' Basel I			
870		**Skoperturi oriġinali totali**	
880		**Fondi proprji kompletament aġġustati għal-limitu minimu ta' Basel I**	
890		**Rekwiżiti tal-fondi proprji għal-limitu minimu ta' Basel I**	
900		**Rekwiżiti tal-fondi proprji għal-limitu minimu ta' Basel I — l-alternattiva SA**	
910		**Defiċit ta' kapital totali fir-rigward tar-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji għal-limitu minimu ta' Basel I**	

C 05.01 — PROVVEDIMENTI TRANŻIZZJONALI (CA5.1)

			Aġġustamenti fis-CET1	Aġġustamenti fl-AT1	Aġġustamenti fit-T2	Aġġustamenti inklużi fl-RWAs	Entrati fil-memorandum	
							Perċentwal applikabbli	Ammont eliġibbli bla provvedimenti tranżizzjonali
Kodiċi	**ID**	**Entrata**	010	020	030	040	050	060
010	1	AĠĠUSTAMENTI TOTALI						
020	1.1	**STRUMENTI TA' ANTERJORITÀ**	marbuta ma' {CA1;r220}	marbuta ma' {CA1;r660}	marbuta ma' {CA1;r880}			
030	1.1.1.	**Strumenti ta' anterjorità: Strumenti li jikkostitwixxu għajnuna mill-istat**						
040	1.1.1.1	Strumenti li kkwalifikaw bħala fondi proprji skont 2006/48/KE						
050	1.1.1.2	Strumenti maħruġin minn istituzzjonijiet li huma inkorporati fi Stat Membru li huwa soġġett għal Programm ta' Aġġustament Ekonomiku						
060	1.1.2.	**Strumenti li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-istat**	relatati ma' {CA5.2; r010;c060}	relatati ma' {CA5.2; r020;c060}	relatati ma' {CA5.2; r090;c060}			
070	1.2	**INTERESSI MINORITARJI U EKWIVALENTI**	marbuta ma' {CA1;r240}	marbuta ma' {CA1;r680}	marbuta ma' {CA1;r900}			
080	1.2.1.	**Strumenti kapitali u entrati li ma jikkwalifikawx bħala interessi minoritarji**						
090	1.2.2.	**Rikonoxximent tranżizzjonali fil-fondi proprji konsolidati ta' interessi minoritarji**						
091	1.2.3.	Rikonoxximent tranżizzjonali fil-fondi proprji konsolidati ta' kapital kwalifikattiv tal-Grad 1 Addizzjonali						
240	1.1.1.8. **Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba interessi minoritarji addizzjonali** L-Artikoli 479 u 480 CRR Aġġustamenti fl-interessi minoritarji dovuti għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali. Din l-entrata tinkiseb direttament mis-CA5.
250	1.1.1.9. **Aġġustamenti fis-CET1 minħabba filtri prudenzjali** L-Artikoli 32 sa 35 CRR
260	1.1.1.9.1. **(-) Żidiet fl-ekwità li jirriżultaw minn assi titolizzati** L-Artikolu 32(1) CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din iż-żieda fl-ekwità tal-istituzzjoni li tirriżulta minn assi titolizzati, skont l-istandard tal-kontabilità applikabbli. Pereżempju, din l-entrata tinkludi l-introjtu ta' marġini futur li jirriżulta fi qligħ minn bejgħ għall-istituzzjoni, jew, għall-oriġinaturi, il-qligħ nett li jirriżulta mill-kapitalizzazzjoni ta' introjtu futur mill-assi titolizzati li jipprovdu tisħiħ fil-kreditu lill-pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni.
270	1.1.1.9.2. **Riżerva ħeġġ tal-fluss ta' flus** Il-punt (a) tal-Artikolu 33(1) CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat jista' jkun pożittiv jew negattiv. Ikun pożittiv jekk il-ħeġġijiet tal-flussi tal-flus jirriżultaw f'telf (jiġifieri jekk tnaqqas l-ekwità kontabilistika) u viċi versa. B'hekk, is-sinjal ikun kontra dak użat fir-rapporti kontabilistiċi. L-ammont ikun nett minn kull imposta ta' taxxa li tista' tkun mistennija fil-mument tal-kalkolu.
280	1.1.1.9.3. **Qligħ u telf kumulattiv dovut għall-bidliet fir-riskju tal-kreditu proprju fuq obbligazzjonijiet b'valur ġust** Il-punt (b) tal-Artikolu 33(1) CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat jista' jkun pożittiv jew negattiv. Ikun pożittiv jekk hemm telf dovut għal bidliet fir-riskju ta' kreditu proprju (jiġifieri jekk inaqqas l-ekwità kontabilistika) u viċi versa. B'hekk, is-sinjal ikun kontra dak użat fir-rapporti kontabilistiċi. Profitt mhux awditjat ma jiġix inkluż f'din l-entrata.
285	1.1.1.9.4. **Il-qligħ u telf b'valur ġust li jirriżulta mir-riskju proprju ta' kreditu tal-istituzzjoni marbut mal-obbligazzjonijiet derivattivi** Il-punt (c) tal-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(2) CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat jista' jkun pożittiv jew negattiv. Ikun pożittiv jekk hemm telf dovut għal bidliet fir-riskju ta' kreditu proprju u viċi versa. B'hekk, is-sinjal ikun kontra dak użat fir-rapporti kontabilistiċi. Profitt mhux awditjat ma jiġix inkluż f'din l-entrata.
290	1.1.1.9.5. **(-) L-aġġustamenti tal-valur dovuti għar-rekwiżiti għal valwazzjoni prudenti** L-Artikoli 34 u 105 CRR Aġġustamenti fil-valur ġust tal-iskoperturi inklużi fil-portafoll tan-negozjar jew il-portafoll mhux ta' negozjar minħabba l-istandards iktar iebsin għal valwazzjoni prudenti stabbiliti fl-Artikolu 105 CRR

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
300	1.1.1.10. **(-) L-avvjament** Il-punt (113) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 37 CRR
310	1.1.1.10.1. **(-) L-avvjament li jingħadd bħala assi intanġibbli** Il-punt (113) tal-Artikolu 4(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 36(1) CRR Avvjament għandu l-istess tifsira bħal fl-istandard tal-kontabilità applikabbli. L-ammont li għandu jiġi rrapportat hawnhekk ikun l-istess bħall-ammont li huwa rrapportat fil-karta bilanċjali.
320	1.1.1.10.2. **(-) L-avvjament inkluż fil-valwazzjoni ta' investimenti sinifikanti** Il-punt (b) tal-Artikolu 37 u l-Artikolu 43 CRR
330	1.1.1.10.3. **L-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati mal-avvjament** Il-punt (a) tal-Artikolu 37 CRR L-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jispiċċaw jekk l-avvjament jiġi indebolit jew ikun ġie dekontabilizzat skont l-istandard relevanti tal-kontabilità.
340	1.1.1.11. **(-) Assi intanġibbli oħra** Il-punt (115) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 36(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 37 CRR Assi intanġibbli oħrajn huma assi intanġibbli skont l-istandard tal-kontabilità applikabbli, nieqes minnhom l-avvjament, anki skont l-istandard tal-kontabilità applikabbli.
350	1.1.1.11.1. **(-) Assi intanġibbli oħra qabel it-tnaqqis ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita** Il-punt (115) tal-Artikolu 4(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 36(1) CRR Assi intanġibbli oħrajn huma assi intanġibbli skont l-istandard tal-kontabilità applikabbli, nieqes minnhom l-avvjament, anki skont l-istandard tal-kontabilità applikabbli. L-ammont li għandu jiġi rrapportat hawnhekk jikkorrispondi għall-ammont irrapportat fil-karta bilanċjali tal-assi intanġibbli, minbarra l-avvjament.
360	1.1.1.11.2. **L-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati ma' assi intanġibbli oħrajn** Il-punt (a) tal-Artikolu 37 CRR L-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jispiċċaw jekk l-assi intanġibbli, minbarra l-avvjament jiġu indeboliti jew jiġu dekontabilizzati skont l-istandard relevanti tal-kontabilità.
370	1.1.1.12. **(-) Assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u ma jfeġġux minn differenzi temporanji netti wara l-obbligazzjonijiet ta' taxxa assoċjati** Il-punt (c) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 38 CRR
380	1.1.1.13. **(-) Nuqqas IRB ta' aġġustamenti ta' riskju ta' kreditu għat-telf mistenni** Il-punt (d) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 40, 158 u 159 CRR L-ammont li jrid jiġi rrapportat ma jitnaqqasx permezz ta' żieda fil-livell tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura, jew effetti oħra ta' taxxa addizzjonali, li jistgħu jseħħu li kieku l-provvedimenti kellhom jiżdiedu sal-livell ta' telf mistenni" (l-Artikolu 40 CRR).
390	1.1.1.14. **(-) Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti** Il-punt (109) tal-Artikolu 4(1), il-punt (e) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 41 CRR

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
400	1.1.1.14.1. **(-) Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti** Il-punt (109) tal-Artikolu 4(1) u l-punt (e) tal-Artikolu 36(1) CRR Assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti huma definiti bħala 'l-assi ta' fond jew pjan tal-pensjonijiet definiti, kif applikabbli, ikkalkolati wara li jkunu tnaqqsu bl-ammont ta' obbligazzjonijiet skont l-istess fond jew pjan'. L-ammont li għandu jiġi rrapportat hawnhekk jikkorrispondi għall-ammont irrapportat fil-karta bilanċjali (jekk irrapportat b'mod separat).
410	1.1.1.14.2. **Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati ma' assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti** Il-punti (108) u (109) tal-Artikolu 4(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 41(1) CRR L-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jispiċċaw jekk l-assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti jiġu indeboliti jew jiġu dekontabilizzati skont l-istandard relevanti tal-kontabbiltà.
420	1.1.1.14.3. **Assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti li l-istituzzjoni tista' tuża mingħajr restrizzjonijiet** Il-punt (109) tal-Artikolu 4(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 41(1) CRR Din l-entrata tippreżenta biss xi ammont jekk hemm kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti biex jitnaqqas l-ammont tal-assi tal-fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti li għandhom jitnaqqsu. L-assi inklużi f'din ir-ringiela jirċievu ponderazzjoni tar-riskju għal rekwiżiti ta' riskju ta' kreditu.
430	1.1.1.15. **(-) Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital CET1** Il-punt (122) tal-Artikolu 4(1), il-punt (g) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 44 CRR Parteċipazzjonijiet fi strumenti tat-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta jkun hemm parteċipazzjoni inkroċjata reċiproka li l-awtorità kompetenti tqis li tfasslet biex tonfoħ b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni. L-ammont li għandu jiġi rrapportat jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet gross twal, u jinkludi entrati tal-assigurazzjoni tal-fondi proprji tal-Grad 1.
440	1.1.1.16. **(-) Eċċess ta' tnaqqis minn entrati minn AT1 fuq il-Kapital AT1** Il-punt (j) tal-Artikolu 36(1) CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jittieħed direttament mill-entrata tas-CA 1 'It-tnaqqis eċċessiv fl-entrati tal-AT1 fuq Kapital AT1'. L-ammont irid jitnaqqas minn CET1.
450	1.1.1.17. **(-) Parteċipazzjonijiet kkwalifikanti li mhumiex mis-settur finanzjarju li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %** Il-punt (36) tal-Artikolu 4(1), il-punt (k)(i) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikoli 89 sa 91 CRR Parteċipazzjonijiet kwalifikanti huma definiti bħala 'parteċipazzjonijiet diretti jew indiretti f'impriża li tirrappreżenta 10 % jew iktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot jew li jagħmluha possibbli li tkun eżerċitata influwenza sinifikanti fuq il-maniġment ta' dik l-impriża'. Skont il-punt (k)(i) tal-Artikolu 36(1) CRR, parteċipazzjonijiet kwalifikanti jistgħu, inkella, jitnaqqsu minn CET1 (billi tintuża din l-entrata), jew ikunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
460	1.1.1.18. **(-) Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ippeżar għar-riskju ta' 1250 %** Il-punt (b) tal-Artikolu 244(1), il-punt (b) tal-Artikolu 245(1) u l-Artikolu 253(1) CRR. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %, iżda li inkella, jistgħu jitnaqqsu mis-CET1 (il-punt (k)(ii) tal-Artikolu 36(1) CRR), għandhom jiġu rrapportati f'din l-entrata.
470	1.1.1.19. **(-) Il-konsenji bla ħlas li inkella jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1,250 %** Il-punt (k)(iii) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 379(3) CRR Il-konsenji bla ħlas huma soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % wara ħamest ijiem wara t-tieni pagament kuntrattwali jew komponent ta' konsenja sakemm tispiċċa t-tranżazzjoni, skont ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' saldu. Inkella, huma jistgħu jitnaqqsu mis-CET1 (punt (k)(iii) tal-Artikolu 36(1) CRR). F'dan l-aħħar każ, jerġgħu jkunu rrapportati f'din l-entrata.
471	1.1.1.20. **(-) Pożizzjonijiet f'baskett li għalihom istituzzjoni ma tistax tiddetermina l-ponderazzjoni tar-riskju bl-Approċċ IRB, u li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %** Il-punt (k)(iv) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 153(8) CRR Skont il-punt (k)(iv) tal-Artikolu 36(1) CRR, pożizzjonijiet f'basket li għalihom istituzzjoni ma tistax tiddetermina l-ponderazzjoni tar-riskju skont l-Approċċ IRB jistgħu, b'mod alternattiv, jitnaqqsu mis-CET1 (billi tintuża din l-entrata), jew soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %.
472	1.1.1.21. **(-) Skoperturi tal-ekwità b'approċċ ta' mudelli interni li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %** Il-punt (k)(v) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 155(4) CRR Skont il-punt (k)(v) tal-Artikolu 36(1) CRR, skoperturi tal-ekwità taħt approċċ tal-mudelli interni jistgħu, inkella, jitnaqqsu minn CET1 (billi tintuża din l-entrata), jew ikunu soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %.
480	1.1.1.22. **(-) Strumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (27) tal-Artikolu 4(1), il-punt (h) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli minn 43 sa 46, il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 49 u l-Artikolu 79 CRR Parti mill-parteċipazzjonijiet mill-istituzzjoni fi strumenti ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment importanti li jrid jitnaqqas minn CET1. Ara l-alternattivi għat-tnaqqis meta tiġi applikata l-konsolidazzjoni (il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 49).
490	1.1.1.23. **(-) Assi ta' taxxa differita dedućibbli li jiddependu mill-profittabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji** Il-Punt (c) tal-Artikolu 36(1); l-Artikolu 38 u l-punt (a) tal-Artikolu 48(1) CRR Parti mill-assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u li jirriżultaw minn differenzi temporanji (netti mill-parti tal-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati allokati għal assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji), li skont il-punt (b) tal-Artikolu 38(5)CRR, trid titnaqqas billi jiġi applikat il-livell limitu ta' 10 % imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 48(1) CRR.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
500	1.1.1.24. **(-) Strumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (27) tal-Artikolu 4(1), il-punt (i) tal-Artikolu 36(1); l-Artikoli 43, 45, 47, il-punt (b) tal-Artikolu 48(2), il-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 49 u l-Artikolu 79 CRR Parti mill-parteċipazzjonijiet tal-istituzzjoni fi strumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR) meta l-istituzzjoni jkollha investiment importanti li jrid jitnaqqas, billi jiġi applikat il-livell limitu ta' 10 % imsemmi fil-punt(b) tal-Artikolu 48(1) CRR. Ara l-alternattivi għat-tnaqqis meta tiġi applikata l-konsolidazzjoni (il-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 49 CRR).
510	1.1.1.25. **(-) Ammont li jaqbeż il-livell limitu ta' 17,65 %** L-Artikolu 48(2) CRR Parti mill-assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji, u parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta l-istituzzjoni jkollha investiment importanti li jrid jitnaqqas, billi jiġi applikat il-livell limitu ta' 17,65 % fl-Artikolu 48(2) CRR.
520	1.1.1.26. **Aġġustamenti tranżizzjonali oħrajn fil-Kapital CET1** L-Artikoli minn 469 sa 472, 478 u 481 CRR Aġġustamenti fit-tnaqqis dovuti għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkiseb direttament minn CA5.
524	1.1.1.27. **(-) Tnaqqis addizzjonali ta' Kapital CET1 dovut għall-Artikolu 3 CRR** L-Artikolu 3 CRR
529	1.1.1.28. **Elementi jew tnaqqis fil-Kapital CET1 - oħrajn** Din ir-ringiela kellha l-ħsieb li tipprovdi flessibbiltà għal skopijiet ta' rapportar biss. Timtela biss f'każijiet rari fejn ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni finali fuq ir-rapportar ta' entrati/tnaqqis kapitali speċifiċi fil-formola CA1 attwali. Bħala konsegwenza, din ir-ringiela timtela biss jekk element ta' kapital CET1 jew tnaqqis minn element tas-CET1 ma jkunx jista' jiġi assenjat lil xi waħda mir-ringieli minn 020 sa 524. Din ir-ringiela ma tistax tintuża biex jiġu assenjati entrati/tnaqqis ta' kapital li mhumiex koperti mis-CRR fil-kalkolu tal-proporzjonijiet tas-solvenza (pereż. assenjament ta' entrati/tnaqqis ta' kapital nazzjonali li ma jaqgħux fl-ambitu tas-CRR).
530	1.1.2. **KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI** L-Artikolu 61 CRR
540	1.1.2.1. **L-istrumenti tal-kapital eliġibbli bħala Kapital AT1** Il-punt (a) tal-Artikolu 51, l-Artikoli 52, 53 u 54, il-punt (a) tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 57 CRR
550	1.1.2.1.1. **Strumenti tal-kapital mħallsa** Il-punt (a) tal-Artikolu 51 u l-Artikoli 52, 53 u 54 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat ma jinkludix il-premium azzjonarju relatat mal-istrumenti
560	1.1.2.1.2* **Entrata ta' memorandum: Strumenti tal-kapital mhux eliġibbli** Il-punti (c), (e) u (f) tal-Artikolu 52(1) CRR Il-kundizzjonijiet f'dawk il-punti jirriflettu sitwazzjonijiet differenti tal-kapital li huma riversibbli, u b'hekk l-ammont irrapportat hawn jista' jkun eliġibbli f'perjodi sussegwenti. L-ammont li għandu jkun irrapportat ma jinkludix il-premium azzjonarju relatat mal-istrumenti

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
570	1.1.2.1.3. **Premium azzjonarju** Il-punt (b) tal-Artikolu 51 CRR Il-premium azzjonarju għandu l-istess tifsira bħal fl-istandard tal-kontabilità applikabbli. L-ammont li għandu jkun irrapportat f'din l-entrata jkun il-parti relatata mal-'Istrumenti tal-kapital mħallsa'.
580	1.1.2.1.4. **(-) Strumenti AT1 proprji** Il-punt (b) tal-Artikolu 52(1), il-punt (a) tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 57 CRR Strumenti proprji AT1 miżmumin mill-istituzzjoni jew grupp relatriċi fid-data tar-rapportar. Soġġetti għall-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 57 CRR. Il-parteċipazzjonijiet fl-ishma inklużi bħala 'strumenti tal-kapital mhux eliġibbli' ma għandhomx ikunu rrapportati f'din ir-ringiela. L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkludi l-premium azzjonarju relatat mal-ishma proprji. L-entrati minn 1.1.2.1.4 sa 1.1.2.1.4.3 ma jinkludux obbligi attwali jew kontinġenti għax-xiri ta' strumenti proprji tas-CET1. Obbligi attwali jew kontinġenti għax-xiri ta' strumenti proprji AT1 huma rrapportati b'mod separat fl-entrata 1.1.2.1.5.
590	1.1.2.1.4.1. **(-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti AT1** Il-punt (144) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 52(1), il-punt (a) tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 57 CRR Strumenti tal-Grad 1 addizzjonali inklużi fl-entrata 1.1.2.1.1 miżmumin mill-istituzzjonijiet tal-grupp ikkonsolidat.
620	1.1.2.1.4.2. **(-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti AT1** Il-punt (b)(ii) tal-Artikolu 52(1), il-punt (a) tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 57 CRR
621	1.1.2.1.4.3. **(-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti AT1** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 52(1), il-punt (a) tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 57 CRR
622	1.1.2.1.5. **(-) Obbligi reali jew kontinġenti biex jinxtraw strumenti proprji AT1** Il-punt (a) tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 57 CRR Skont il-punt (a) tal-Artikolu 56 CRR, 'strumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri bħala riżultat ta' obbligi kuntrattwali eżistenti' jitnaqqsu.
660	1.1.2.2. **Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba strumenti tal-kapital AT1 mogħtija anterjorità** Il-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 483, l-Artikoli minn 484 sa 487, l-Artikoli 489 u 491 CRR L-ammont ta' strumenti tal-kapital anterjorati b'mod tranżizzjonali bħala AT1. L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkiseb direttament minn CA5.
670	1.1.2.3. **Strumenti maħruġa mis-sussidjarji li jingħataw rikonoxximent fil-Kapital AT1** L-Artikoli 83, 85 u 86 CRR Somma tal-ammonti kollha ta' kapital T1 kwalifikanti ta' sussidjarji li huwa inkluż fl-AT1 konsolidat. Kapital kwalifikanti AT1 maħruġ minn entità bi skop speċjali (l-Artikolu 83 CRR) għandu jkun inkluż.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
680	1.1.2.4. **Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba rikonoxximent addizzjonali fil-Kapital AT1 ta' strumenti maħruġin minn sussidjarji** L-Artikolu 480 CRR Aġġustamenti fil-kapital tat-T1 kwalifikanti inkluż fil-Kapital AT1 konsolidat dovuti għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali. Din l-entrata tinkiseb direttament mis-CA5.
690	1.1.2.5. **(-) Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital AT1** Il-punt (122) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 58 CRR Parteċipazzjonijiet fi strumenti tat-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta jkun hemm parteċipazzjoni inkroċjata reċiproka li l-awtorità kompetenti tqis li tfasslet biex tonfoħ b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni. L-ammont li għandu jiġi rrapportat jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet grossi twal, u jinkludi entrati tal-assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 1 addizzjonali.
700	1.1.2.6. **(-) Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (27) tal-Artikolu 4(1), il-punt (c) tal-Artikolu 56; l-Artikoli 59, 60 u 79 CRR Parti mill-parteċipazzjonijiet mill-istituzzjoni fi strumenti ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment importanti li jrid jitnaqqas minn AT1.
710	1.1.2.7. **(-) Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (27) tal-Artikolu 4(1), il-punt (d) tal-Artikolu 56, l-Artikoli 59 u 79 CRR Parteċipazzjonijiet mill-istituzzjoni fi strumenti tal-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti jitnaqqsu kompletament
720	1.1.2.8. **(-) Eċċess ta' tnaqqis minn entrati minn T2 fuq il-Kapital T2** Il-punt (e) tal-Artikolu 56 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jittieħed direttament mill-entrata tas-CA1 "It-tnaqqis eċċessiv minn entrati tat-T2 fuq Kapital tat-T2 (imnaqqas fl-AT1).
730	1.1.2.9. **Aġġustamenti tranżizzjonali oħrajn fil-Kapital AT1** L-Artikoli 474, 475, 478 u 481 CRR Aġġustamenti dovuti għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkiseb direttament minn CA5.
740	1.1.2.10. **Eċċess fit-tnaqqis minn entrati AT1 fuq il-Kapital AT1 (imnaqqas fis-CET1)** Il-punt (j) tal-Artikolu 36(1) CRR Il-Grad 1 Addizzjonali ma jistax ikun negattiv, iżda huwa possibbli li tnaqqis AT1 ikun ikbar mill-Kapital AT1 magħdud mal-premium azzjonarju relatat. Meta jiġri hekk, l-AT1 irid ikun żero, u t-tnaqqis eċċessiv tal-AT1 irid jitnaqqas mis-CET1. B'din l-entrata, jinkiseb ir-riżultat li s-somma tal-entrati minn 1.1.2.1 sa 1.1.2.12 qatt ma jkun inqas minn żero. Meta din l-entrata turi ċifra pożittiva, l-entrata 1.1.1.16 tkun l-invers ta' dik iċ-ċifra.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
744	1.1.2.11. **(-) Tnaqqis addizzjonali ta' Kapital AT1 dovut għall-Artikolu 3 CRR** L-Artikolu 3 CRR
748	1.1.2.12. **Elementi jew tnaqqis fil-Kapital AT1 — oħrajn** Din ir-ringiela kellha l-ħsieb li tipprovdi flessibbiltà għal skopijiet ta' rapportar biss. Timtela biss f'każijiet rari fejn ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni finali fuq ir-rapportar ta' entrati/tnaqqis kapitali speċifiċi fil-formola CA1 attwali. Bħala konsegwenza, din ir-ringiela timtela biss jekk element ta' kapital AT1 jew tnaqqis minn element AT1 ma jkunx jista' jiġi assenjat lil xi waħda mir-ringieli minn 530 sa 744. Din ir-ringiela ma tistax tintuża biex jiġu assenjati entrati/tnaqqis ta' kapital li mhumiex koperti mis-CRR fil-kalkolu tal-proporzjonijiet tas-solvenza (pereż. assenjament ta' entrati/tnaqqis kapitali nazzjonali li ma jaqgħux fl-ambitu tas-CRR).
750	1.2. **KAPITAL TAL-GRAD 2** L-Artikolu 71 CRR
760	1.2.1. **Strumenti tal-kapital u self subordinat eliġibbli bħala Kapital T2** Il-punt (a) tal-Artikolu 62, l-Artikoli 63 sa 65, il-punt (a) tal-Artikolu 66 u l-Artikolu 67 CRR
770	1.2.1.1. **Strumenti tal-kapital mħallsa u self subordinat** Il-punt (a) tal-Artikolu 62, l-Artikoli 63 u 65 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat ma jinkludix il-premium azzjonarju relatat mal-istrumenti
780	1.2.1.2* **Entrata ta' memorandum: Strumenti tal-kapital u self subordinat mhux eliġibbli** Il-punti (c), (e) u (f) tal-Artikolu 63 u l-Artikolu 64 CRR Il-kundizzjonijiet f'dawk il-punti jirriflettu sitwazzjonijiet differenti tal-kapital li huma riversibbli, u b'hekk l-ammont irrapportat hawn jista' jkun eliġibbli f'perjodi sussegwenti. L-ammont li għandu jkun irrapportat ma jinkludix il-premium azzjonarju relatat mal-istrumenti
790	1.2.1.3. **Premium azzjonarju** Il-punt (b) tal-Artikolu 62 u l-Artikolu 65 CRR Il-premium azzjonarju għandu l-istess tifsira bħal fl-istandard tal-kontabilità applikabbli. L-ammont li għandu jkun irrapportat f'din l-entrata jkun il-parti relatata mal-'Istrumenti tal-kapital mħallsa'.
800	1.2.1.4. **(-) Strumenti T2 proprji** Il-punt (b)(i) tal-Artikolu 63, il-punt (a) tal-Artikolu 66 u l-Artikolu 67 CRR Strumenti proprji T2 miżmumin mill-istituzzjoni jew grupp relatriċi fid-data tar-rapportar. Soġġetti għall-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 67 CRR. Il-parteċipazzjonijiet fl-ishma inklużi bħala 'strumenti tal-kapital mhux eliġibbli' ma għandhomx ikunu rrapportati f'din ir-ringiela. L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkludi l-premium azzjonarju relatat mal-ishma proprji. L-entrati minn 1.2.1.4 sa 1.2.1.4.3 ma jinkludux obbligi attwali jew kontinġenti għax-xiri ta' strumenti proprji T2. Obbligi proprji jew kontinġenti għax xiri ta' strumenti proprji tat T2 huma rrapportati b'mod separat fl entrata 1.2.1.5.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
810	1.2.1.4.1. **(-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti tat-T2** Il-punt (b) tal-Artikolu 63, il-punt (a) tal-Artikolu 66 u l-Artikolu 67 CRR Strumenti tal-Grad 2 inklużi fl-entrata 1.2.1.1 miżmumin minn istituzzjonijiet tal-grupp ikkonsolidat.
840	1.2.1.4.2. **(-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti tat-T2** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 63, il-punt (a) tal-Artikolu 66 u l-Artikolu 67 CRR
841	1.2.1.4.3. **(-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti tat-T2** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 63, il-punt (a) tal-Artikolu 66 u l-Artikolu 67 CRR
842	1.2.1.5. **(-) Obbligi reali jew kontinġenti biex jinxtraw strumenti proprji T2** Il-punt (a) tal-Artikolu 66 u l-Artikolu 67 CRR Skont il-punt (a) tal-Artikolu 66 CRR, 'strumenti proprji ta' Grad 2 li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri bħala riżultat ta' obbligi kuntrattwali eżistenti' jitnaqqsu.
880	1.2.2. **Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba strumenti tal-kapital T2 u self subordinat anterjorati** Il-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 483, l-Artikoli 484, 486, 488, 490 u 491 CRR L-ammont ta' strumenti tal-kapital anterjorati b'mod tranżizzjonali bħala T2. L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkiseb direttament minn CA5.
890	1.2.3. **Strumenti maħruġa minn sussidjarji li jingħataw rikonoxximent fil-kapital T2** L-Artikoli 83, 87 u 88 CRR Is-somma tal-ammonti kollha ta' fondi proprji kwalifikanti ta' sussidjarji li huma inklużi fit-T2 ikkonsolidat. Kapital kwalifikanti tal-Grad 2 maħruġ minn entità bi skop speċjali (l-Artikolu 83 CRR) għandu jiġi inkluż.
900	1.2.4. **Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba rikonoxximent addizzjonali fil-Kapital T2 ta' strumenti maħruġin minn sussidjarji** L-Artikolu 480 CRR Aġġustamenti fil-fondi proprji li jikkwalifikaw inklużi fil-kapital T2 ikkonsolidat minħabba dispożizzjonijiet tranżizzjonali. Din l-entrata tinkiseb direttament mis-CA5.
910	1.2.5. **Eċċess ta' dispożizzjonijiet IRB fuq telf eliġibbli mistenni** Il-punt (d) tal-Artikolu 62 CRR Għal istituzzjonijiet li jikkalkolaw ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-Approċċ IRB, din l-entrata jkun fiha l-ammonti pożittivi li jirriżultaw mit-tqabbil tal-provvedimenti u t-telf mistenni li huma eliġibbli bħala kapital T2.
920	1.2.6. **Aġġustamenti ġenerali tar-riskju ta' kreditu SA** Il-punt (c) tal-Artikolu 62 CRR Għal istituzzjonijiet li jikkalkolaw ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-approċċ standard, din l-entrata fiha l-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu ġenerali eliġibbli bħala kapital T2.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
930	1.2.7. **(-) Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital T2** Il-punt (122) tal-Artikolu 4(1), il-punt (b) tal-Artikolu 66 u l-Artikolu 68 CRR Parteċipazzjonijiet fi strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fl-Artikolu 4(1)(27) CRR) meta jkun hemm parteċipazzjoni inkroċjata reċiproka li l-awtorità kompetenti tqis li tfasslet biex tonfoħ il-fondi proprji tal-istituzzjoni b'mod artifiċjali. L-ammont li għandu jiġi rrapportat jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet grossi twal, u jinkludi entrati tal-assigurazzjoni tal-fondi proprji ta' Grad 2 u ta' Grad 3.
940	1.2.8. **(-) Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (27) tal-Artikolu 4(1), il-punt (c) tal-Artikolu 66, l-Artikoli 68 sa 70 u l-Artikolu 79 CRR Parti mill-parteċipazzjonijiet mill-istituzzjoni fi strumenti ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment importanti li jrid jitnaqqas minn T2.
950	1.2.9. **(-) Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (27) tal-Artikolu 4(1), il-punt (d) tal-Artikolu 66, l-Artikoli 68, 69 u l-Artikolu 79 CRR Parteċipazzjonijiet mill-istituzzjoni fi strumenti tal-T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju (kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR) meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti jitnaqqsu kompletament.
960	1.2.10. **Aġġustamenti tranżizzjonali oħrajn fil-Kapital T2** L-Artikoli 476, 477, 478 u 481 CRR Aġġustamenti dovuti għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkiseb direttament mis-CA5.
970	1.2.11. **Eċċess fit-tnaqqis minn entrati T2 fuq il-Kapital T2 (imnaqqas fis-AT1)** Il-punt (e) tal-Artikolu 56 CRR Il-Grad 2 ma jistax ikun negattiv, iżda huwa possibbli li t-tnaqqis T2 ikun ikbar mill-Kapital T2 magħdud mal-premium azzjonarju relatat. Meta jiġri hekk, T2 ikun żero, u l-eċċess tat-tnaqqis T2 jitnaqqas mill-AT1. B'din l entrata, is-somma tal-entrati minn 1.2.1 sa 1.2.13 qatt ma tkun inqas minn żero. Meta din l-entrata turi ċifra pożittiva, l-entrata 1.1.2.8 tkun l-invers ta' dik iċ-ċifra.
974	1.2.12. **(-) Tnaqqis addizzjonali ta' Kapital T2 dovut għall-Artikolu 3 CRR** L-Artikolu 3 CRR
978	1.2.13. **Elementi jew tnaqqis fil-Kapital T2 - oħrajn** Din ir-ringiela tipprovdi flessibbiltà għal skopijiet ta' rapportar biss. Timtela biss f'każijiet rari fejn ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni finali fuq ir-rapportar ta' entrati/tnaqqis kapitali speċifiċi fil-formola CA1 attwali. Bħala konsegwenza, din ir-ringiela timtela biss jekk element ta' kapital T2 jew tnaqqis minn element T2 ma jkunx jista' jiġi assenajt lil xi waħda mir-ringieli minn 750 sa 974. Din ir-ringiela ma tistax tintuża biex jiġu assenjati entrati/tnaqqis ta' kapital li mhumiex koperti mis-CRR fil-kalkolu tal-proporzjonijiet tas-solvenza (pereżempju assenjament ta' entrati/tnaqqis kapitali nazzjonali li ma jaqgħux fl-ambitu tas-CRR).

1.3. C 02.00 - REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI (CA2)

1.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	1. **AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU** L-Artikolu 92(3) u l-Artikoli 95, 96 u 98 CRR
020	1* **Li minnu: Ditti tal-investiment skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 95 u l-Artikolu 98 CRR** Għal ditti tal-investiment skont l-Artikolu 95(2) u l-Artikolu 98 CRR
030	1** **Li minnu: Ditti tal-investiment skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 96 u l-Artikolu 97 CRR** Għal ditti tal-investiment skont l-Artikolu 96(2) u l-Artikolu 97 CRR
040	1.1. **AMMONTI TAL-ISKOPERTURA PONDERATI GĦAR-RISKJU TA' KREDITU, TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U TAR-RISKJU TA' DILWIZZJONI U L-KONSENJI BLA ĦLAS** Il-punti (a) u (f) tal-Artikolu 92(3) CRR
050	1.1.1. **Approċċ Standardizzat (SA)** Formoli ta' CR SA u SEC SA fil-livell ta' skoperturi totali
051	1.1.1* **Li minnhom: Ir-rekwiżiti prudenzjali addizzjonali iktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 124 CRR** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammonti addizzjonali ta' skopertura għar-riskju meħtieġa sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali iktar stretti kif ikkomunikati lill-istituzzjonijiet wara li jkunu ġew ikkonsultati mal-EBA, skont il-paragrafi 2 u 5 tal-Artikolu 124 CRR.
060	1.1.1.1. **Klassijiet ta' skoperturi SA eskluży l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjonijiet** Formola ta' CR SA fil-livell ta' skoperturi totali. Il-klassijiet ta' skoperturi tal-SA huma dawk imsemmijin fl-Artikolu 112 CRR eskluży l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.
070	1.1.1.1.01. **Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali** Ara l-formola CR SA
080	1.1.1.1.02. **Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali** Ara l-formola CR SA
090	1.1.1.1.03. **Entitajiet tas-settur pubbliku** Ara l-formola CR SA
100	1.1.1.1.04. **Banek Multilaterali tal-Iżvilupp** Ara l-formola CR SA
110	1.1.1.1.05. **Organizzazzjonijiet Internazzjonali** Ara l-formola CR SA
120	1.1.1.1.06. **Istituzzjonijiet** Ara l-formola CR SA
130	1.1.1.1.07. **Korporazzjonijiet** Ara l-formola CR SA
140	1.1.1.1.08. **Fil-livell tal-konsumaturi** Ara l-formola CR SA

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
150	1.1.1.1.09. **Garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli** Ara l-formola CR SA
160	1.1.1.1.10. **Skoperturi f'inadempjenza** Ara l-formola CR SA
170	1.1.1.1.11. **Entrati assoċjati ma' riskju għoli partikolari** Ara l-formola CR SA
180	1.1.1.1.12. **Bonds koperti** Ara l-formola CR SA
190	1.1.1.1.13. **Pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir** Ara l-formola CR SA
200	1.1.1.1.14. **Impriżi ta' investiment kollettiv (CIU)** Ara l-formola CR SA
210	1.1.1.1.15. **Ekwità** Ara l-formola CR SA
211	1.1.1.1.16. **Entrati oħrajn** Ara l-formola CR SA
240	1.1.2. **Approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB)**
241	1.1.2* **Li minnhom: Ir-rekwiżiti prudenzjali addizzjonali iktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 164 CRR** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammonti addizzjonali ta' skopertura għar-riskju meħtieġa sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali iktar stretti kif ikkomunikati lill-istituzzjonijiet wara li jkunu ġew innotifikati lill-EBA, skont il-paragrafi 5 u 7 tal-Artikolu 164 CRR.
242	1.1.2** **Li minnhom: Ir-rekwiżiti prudenzjali addizzjonali iktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 124 CRR** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammonti addizzjonali ta' skoperturi għar-riskju meħtieġa sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali iktar stretti stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti wara li jkunu kkonsultaw lill-EBA, kif stipulat fil-paragrafi 2 u 5 tal-Artikolu 124 CRR u li huma relatati mal-limiti fuq il-valur tas-suq eliġibbli tal-kollateral kif stipulat fil-punt (d) tal-Artikolu 125(2) u l-punt (d) tal-Artikolu 126(2) CRR.
250	1.1.2.1. **Approċċi IRB meta ma jintużaw la stimi proprji tal-LGD u lanqas Fatturi ta' Konverżjoni** Formola tas-CR IRB fil-livell ta' skoperturi totali (meta ma jintużawx stimi proprji tal-LGD jew is-CCF)
260	1.1.2.1.01. **Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali** Ara l-formola CR IRB
270	1.1.2.1.02. **Istituzzjonijiet** Ara l-formola CR IRB
280	1.1.2.1.03. **Korporazzjonijiet - SME** Ara l-formola CR IRB
290	1.1.2.1.04. **Impriżi – Self speċjalizzat** Ara l-formola CR IRB

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
300	1.1.2.1.05. **Korporattivi – Oħrajn** Ara l-formola CR IRB
310	1.1.2.2. **Approċċi IRB meta jintużaw stimi proprji tal-LGD u/jew Fatturi ta' Konverżjoni** Formola tas-CR IRB fil-livell ta' skoperturi totali (meta jintużaw stimi proprji tal-LGD u/jew is-CCF)
320	1.1.2.2.01. **Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali** Ara l-formola CR IRB
330	1.1.2.2.02. **Istituzzjonijiet** Ara l-formola CR IRB
340	1.1.2.2.03. **Korporazzjonijiet - SME** Ara l-formola CR IRB
350	1.1.2.2.04. **Impriżi – Self speċjalizzat** Ara l-formola CR IRB
360	1.1.2.2.05. **Korporattivi – Oħrajn** Ara l-formola CR IRB
370	1.1.2.2.06. **Fil-livell tal-konsumatur – iggarantiti minn SME proprjetà immobbli** Ara l-formola CR IRB
380	1.1.2.2.07. **Fil-livell tal-konsumatur – iggarantiti minn proprjetà immobbli mhux ta' SME** Ara l-formola CR IRB
390	1.1.2.2.08. **Fil-livell tal-konsumatur – Rotanti kwalifikanti** Ara l-formola CR IRB
400	1.1.2.2.09. **Fil-livell tal-konsumatur – SME oħra** Ara l-formola CR IRB
410	1.1.2.2.10. **Fil-livell tal-konsumatur – Mhux SME oħra** Ara l-formola CR IRB
420	1.1.2.3. **Ekwità IRB** Ara l-formola CR EQU IRB
450	1.1.2.5. **Assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu** L-ammont li għandu jiġi rrapportat huwa l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju kif ikkalkolat skont l-Artikolu 156 CRR.
460	1.1.3. **Ammont ta' skopertura għar-riskju għal kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-inadempjenza ta' CCP** L-Artikoli 307, 308 u 309 CRR
470	1.1.4 **Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni** Ara l-formola CR SEC
490	1.2. **AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU GĦAL SALDU/KONSENJA** Il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 92(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
500	1.2.1. **Riskju tas-saldu/konsenja fil-Portafoll mhux tan-negozjar** Ara l-formola CR SETT
510	1.2.2. **Riskju tas-saldu/tal-konsenja fil-Portafoll tan-negozjar** Ara l-formola CR SETT
520	1.3. **AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJI TAL-POŻIZZJONI, TAL-KAMBJU U TAL-KOMODITAJIET** Il-punti (b)(i), (c)(i) u (c)(iii) tal-Artikolu 92(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR
530	1.3.1. **Ammont tal-iskopertura għar-riskju tal-pożizzjoni, tal-kambju u tal-komoditajiet skont l-Approċċi Standardizzati (SA)**
540	1.3.1.1. **Strumenti ta' dejn negozjat** Formola ta' MKR SA TDI fil-livell tal-muniti totali.
550	1.3.1.2. **Ekwità** Formola ta' MKR SA EQU fil-livell tas-swieq nazzjonali totali.
555	1.3.1.3. **Approċċ partikolari għar-risku tal-pożizzjoni fis-CIUs** L-Artikolu 348(1), il-punt (c) tal-Artikolu 350(3) u l-punt (a) tal-Artikolu 364(2) CRR L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għal pożizzjonijiet fil-CIU jekk ir-rekwiżiti ta' kapital jiġu kkalkolati skont l-Artikolu 348 (1) CRR kemm minnufih kif ukoll bħala konsegwenza tal-limitu massimu stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 350(3) CRR. Is-CRR ma jassenjax b'mod espliċitu dawk il-pożizzjonijiet għar-riskju tar-rata tal-imgħax jew għar-riskju tal-ekwità. Fejn ikun applikat l-approċċ partikolari stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 348 (1) tas-CRR, l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun 32 % tal-pożizzjoni netta tal-iskopertura tas-CIU inkwistjoni, mmultiplikat bi 12,5. Fejn ikun applikat l-approċċ partikolari stabbilit fit-tieni sentenza tal-Artikolu 348(1) CRR, l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-inqas mit-32 % tal-pożizzjoni netta tal-iskopertura relevanti tas-CIU u d-differenza bejn 40 % ta' din il-pożizzjoni netta u r-rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin mir-riskju tal-kambju assoċjat ma' din l-iskopertura tas-CIU, mmultiplikati bi 12,5 rispettivament.
556	1.3.1.3.* **Entrata tal-Memorandum: CIUs investiti esklussivament fi strumenti ta' dejn negozjat** Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għal pożizzjonijiet f'CIUs jekk s-CIU tiġi investita esklussivament fi strumenti soġġetti għar-riskju tar-rata tal-imgħax.
557	1.3.1.3.** **CIUs investiti esklussivament fi strumenti ta' ekwità jew fi strumenti mħallta** Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għal pożizzjonijiet f'CIUs jekk s-CIU tiġi investita jew esklussivament fi strumenti soġġetti għal riskju ta' ekwità jew fi strumenti mħallta jew jekk il-kostitwenti tas-CIU mhumiex magħrufa.
560	1.3.1.4. **Munita Barranija** Ara l-formola ta' MKR SA FX
570	1.3.1.5. **Komoditajiet** Ara l-formola ta' MKR SA COM
580	1.3.2. **Ammont ta' skopertura għar-riskji tal-pożizzjonijiet, tal-kambju u tal-komoditajiet skont il-mudelli interni (IM)** Ara l-formola ta' MKR IM

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
590	**1.4. AMMONT TA' SKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU OPERAZZJONALI (OpR)** Il-punt (e) tal-Artikolu 92(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR Għal ditti tal-investiment skont l-Artikoli 95(2) u 96(2) u l-Artikolu 98 CRR, dan l-element ikun żero.
600	1.4.1. **Approċċ tal-Indikatur Bażiku tal-OpR (BIA)** Ara l-formola OPR
610	1.4.2. **L-approċċ Standardizzat (TSA)/Standardizzat Alternattiv (ASA) tal-OpR** Ara l-formola OPR
620	1.4.3. **Approċċi avvanzati tal-kejl tal-OpR (AMA)** Ara l-formola OPR
630	1.5. **AMMONT TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU ADDIZZJONALI MINĦABBA SPEJJEŻ ĠENERALI FISSI** L-Artikoli 95(2) u 96(2), l-Artikolu 97 u l-punt (a) tal-Artikolu 98(1) CRR Biss għal ditti tal-investiment tal-Artikolu 95 (2), l-Artikolu 96 (2) u l-Artikolu 98 CRR. Ara wkoll l-Artikolu 97 CRR. Ditti tal-investiment skont l-Artikolu 96 CRR jirrapportaw l-ammont imsemmi fl-Artikolu 97 multiplikat bi 12.5. Id-ditti tal-investiment skont l-Artikolu 95 CRR għandhom jirrapportaw kif ġej: — Fejn l-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 95(2) CRR huwa ikbar mill-ammont imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 95(2) CRR, l-ammont li jrid jiġi rrapportat huwa żero. — Fejn l-ammont imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 95(2) CRR huwa ikbar mill-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 95(2) CRR, l-ammont li jrid jiġi rrapportat huwa r-riżultat tat-tnaqqis tal-ammont imsemmi l-aħħar minn dak imsemmi l-ewwel.
640	1.6. **AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU GĦAL AĠĠUSTAMENT TAL-VALWAZZJONI TAL-KREDITU** Il-punt (d) tal-Artikolu 92(3) CRR Ara l-formola CVA.
650	1.6.1. **Metodu avvanzat** Rekwiżiti tal-fondi proprji għal riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu skont l-Artikolu 383 CRR. Ara l-formola CVA.
660	1.6.2. **Metodu standardizzat** Rekwiżiti tal-fondi proprji għal riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu skont l-Artikolu 384 CRR. Ara l-formola CVA.
670	1.6.3. **Fuq il-bażi tal-OEM** Rekwiżiti tal-fondi proprji għal riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu skont l-Artikolu 385 CRR. Ara l-formola CVA.
680	1.7. **AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU RELATAT MA' SKOPERTURI KBAR FIL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR** Il-punt (b)(ii) tal-Artikolu 92(3) u l-Artikoli 395 sa 401 CRR

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
690	1.8. **AMMONTI OĦRAJN TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU** L-Artikoli 3, 458 u 459 CRR u l-ammonti ta' skopertura għar-riskju li ma jistgħux jiġu assenjati f'waħda mill-entrati ta' bejn 1.1 u 1.7. L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-ammonti meħtieġa biex ikunu konformi ma' dan li ġej: Rekwiżiti prudenzjali iktar stretti imposti mill-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikoli 458 u 459 CRR. Ammonti addizzjonali ta' skopertura għar-riskju dovuti għall-Artikolu 3 CRR. Din l-entrata ma għandhiex rabta ma' formola tad-dettalji.
710	1.8.2. **Li minnhom: Ir-rekwiżiti prudenzjali addizzjonali iktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 458 CRR** L-Artikolu 458 CRR
720	1.8.2* **Li minnhom: rekwiżiti għal skoperturi kbar** L-Artikolu 458 CRR
730	1.8.2** **Li minnhom: minħabba ponderazzjonijiet tar-riskju modifikati mmirati lejn il-bżieżaq tal-assi fil-proprjetà residenzjali u kummerċjali** L-Artikolu 458 CRR
740	1.8.2*** **Li minnhom: minħabba skoperturi fis-settur intrafinanzjarju** L-Artikolu 458 CRR
750	1.8.3. **Li minnhom: Ir-rekwiżiti prudenzjali addizzjonali iktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 459 CRR** L-Artikolu 459 CRR
760	1.8.4. **Li minnhom: Ammont addizzjonali ta' skopertura għar-riskju dovut għall-Artikolu 3 CRR** L-Artikolu 3 CRR L-ammont ta' skopertura għar-riskju addizzjonali għandu jiġi rrapportat. L-ammont addizzjonali tal-iskopertura għar-riskju għandu jiġi rrapportat u jinkludi biss l-ammonti addizzjonali (eż. jekk skopertura ta' 100 għandha ponderazzjoni tar-riskju ta' 20 % u l-istituzzjoni tapplika ponderazzjoni tar-riskju ta' 50 % fuq il-bażi tal-Artikolu 3 CRR, l-ammont li għandu jiġi rrapportat huwa ta' 30).

1.4. C 03.00 - PROPORZJON KAPITALI U LIVELLI KAPITALI (CA3)

1.4.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Ringieli	
010	1. **Proporzjon tal-Kapital CET1** Il-punt (a) tal-Artikolu 92(2) CRR Il-proporzjon kapitali tas-CET1 huwa l-kapital CET1 tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju.
020	2. **Surplus(+)/Defiċit(-) fil-kapital CET1** Din l-entrata turi, f'ċifri assoluti, l-ammont ta' surplus jew defiċit kapitali tas-CET1 relatat mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1) CRR (4,5 %), jiġifieri bla ma jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-bafers kapitali u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fuq il-proporzjon.

Ringieli	
030	3. **Proporzjon tal-Kapital T1** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(2) CRR Il-proporzjon kapitali T1 huwa l-kapital T1 tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju.
040	4. **Surplus(+)/Defiċit(-) fil-kapital T1** Din l-entrata turi, f'ċifri assoluti, l-ammont ta' surplus jew defiċit kapitali tat-T1 relatat mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 92(1) CRR (6 %), jiġifieri bla ma jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-bafers kapitali u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fuq il-proporzjon.
050	5. **Proporzjon kapitali totali** Il-punt (c) tal-Artikolu 92(2) CRR Il-proporzjon totali tal-kapital ikun il-fondi proprji tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju.
060	6. **Surplus(+)/Defiċit(-) fil-kapital totali** Din l-entrata turi, f'ċifri assoluti, l-ammont ta' surplus jew defiċit ta' fondi proprji relatat mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) CRR (8 %), jiġifieri bla ma jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-bafers kapitali u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fuq il-proporzjon.
130	13. **Proporzjoni ta' rekwiżit kapitali totali ta' SREP (TSCR)** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon kapitali totali (8 %) kif speċifikat fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) tas-CRR; (ii) il-proporzjon tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali (ir-Rekwiżiti tal-Pilastru 2 – P2R) iddeterminat f'konformità mal-kriterji speċifikati fil-*Linji Gwida tal-EBA dwar metodoloġiji u proċeduri komuni għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji u l-ittestjar ta' stress superviżorju* (Linji Gwida SREP tal-EBA). Din l-entrata għandha tirrifletti l-proporzjon tar-rekwiżit ta' kapital SREP totali (TSCR) kif ikkomunikat lill-istituzzjoni mill-awtorità kompetenti. It-TSCR hija definita fit-Taqsima 1.2 tal-SREP GL tal-EBA. Fejn l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ma jkun ġie kkomunikat mill-awtorità kompetenti, f'dak il-każ għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).
140	13* **TSCR: li jrid ikun magħmul minn kapital CET1** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon kapitali CET1 (4,5 %) skont il-punt (a) tal-Artikolu 92(1) tas-CRR; (ii) il-parti tal-proporzjon P2R, imsemmi fil-punt (ii) tar-ringiela 130, li huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti li tinżamm fil-forma ta' kapital CET1. Fejn l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, li jrid jinżamm fl-għamla ta' kapital CET1, ma jkun ġie kkomunikat mill-awtorità kompetenti, f'dak il-każ għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).
150	13** **TSCR: li jrid ikun magħmul minn kapital tal-Grad 1** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon kapitali tal-Grad 1 (6 %) skont il-punt (b) tal-Artikolu 92(1) tas-CRR; (ii) il-parti tal-proporzjon P2R, imsemmija fil-punt (ii) tar-ringiela 130, li l-awtorità kompetenti titlob li jinżamm fl-għamla ta' kapital tal-Grad 1. Fejn l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, li jrid jinżamm fl-għamla ta' kapital tal-Grad 1, ma jkun ġie kkomunikat mill-awtorità kompetenti, f'dak il-każ għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).

Ringieli	
160	14. **Proporzjoni ta' rekwiżit kapitali ġenerali (OCR)** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon tat-TSCR imsemmi fir-ringiela 130; (ii) sa fejn huwa applikabbli legalment, il-proporzjon tar-rekwiżit ta' bafer kombinat imsemmi fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tas-CRD. Din l-entrata tirrifletti l-proporzjon tar-Rekwiżit Kapitali Ġenerali (OCR) kif definit fit-Taqsima 1.2 tas-SREP GL tal-EBA. Fejn ma tkunx japplika l-ebda bafer, għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).
170	14* **OCR: li jrid ikun magħmul minn kapital CET1** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon tat-TSCR ikun magħmul minn kapital CET1 imsemmi fir-ringiela 140; (ii) sa fejn huwa applikabbli legalment, il-proporzjon tar-rekwiżit ta' bafer kombinat imsemmi fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tas-CRD. Fejn ma tkunx japplika l-ebda bafer, għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).
180	14** **OCR: li jrid ikun magħmul minn kapital tal-Grad 1** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon tat-TSCR ikun magħmul minn kapital Grad 1 imsemmi fir-ringiela 150; (ii) sa fejn huwa applikabbli legalment, il-proporzjon tar-rekwiżit ta' bafer kombinat imsemmi fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tas-CRD. Fejn ma tkunx japplika l-ebda bafer, għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).
190	15. **Rekwiżit kapitali globali (OCR) u proporzjon tal-Gwida tal-Pilastru 2 (P2G)** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon OCR imsemmi fir-ringiela 160; (ii) fejn applikabbli, il-Gwida tal-Pilastru 2 (P2G) kif definit fl-SREP GL tal-EBA. P2G għandu jkun inkuż biss jekk ikkomunikat lill-istituzzjoni mill-awtorità kompetenti. Fejn l-ebda P2G ma tkun ġiet ikkomunikata mill-awtorità kompetenti, f'dak il-każ għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).
200	15* **OCR u P2G: li għandu jkun magħmul minn kapital CET1** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon tal-OCR li għandu jkun magħmul minn kapital CET1 imsemmi fir-ringiela 170; (ii) fejn applikabbli, il-parti tal-proporzjon P2G, imsemmi fil-punt (ii) tar-ringiela 190, li huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti li tinżamm fil-forma ta' kapital CET1. Il-P2G għandu jkun inkluż biss jekk jiġi kkomunikat lill-istituzzjoni mill-awtorità kompetenti. Fejn l-ebda P2G ma jkun ġie kkomunikat mill-awtorità kompetenti, għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).
210	15** **OCR u P2G: li jrid ikun magħmul minn kapital tal-Grad 1** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon tal-OCR li jkun magħmul minn kapital tal-Grad 1 imsemmi fir-ringiela 180; (ii) fejn applikabbli, il-parti tal-proporzjon P2G, imsemmija fil-punt (ii) tar-ringiela 190, li hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti li tinżamm fil-forma ta' kapital tal-Grad 1. Il-P2G għandu jkun inkluż biss jekk jiġi kkomunikat lill-istituzzjoni mill-awtorità kompetenti. Fejn l-ebda P2G ma jkun ġie kkomunikat mill-awtorità kompetenti, għandu jiġi rrapportat biss il-punt (i).

1.5. C 04.00 - ENTRATI FIL-MEMORANDUM (CA4)

1.5.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Ringieli	
010	1. **Assi totali ta' taxxa differita** L-ammont irrapportat f'din l-entrata jkun daqs l-ammont irrapportat fl-aħħar karta bilanċjali kontabilistika verifikata/awditjata.
020	1.1. **Assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profittabilità futura** L-Artikolu 39(2) CRR Assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profittabilità futura, u li b'hekk huma soġġetti għall-applikazzjoni ta' ponderazzjoni tar-riskju.
030	1.2. **Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji** Il-punt (c) tal-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 38 CRR Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura, imma ma jirriżultawx minn differenzi temporanji, u b'hekk mhumiex soġġetti għal xi livell limitu (jiġifieri huma mnaqqsin kompletament mis-CET1).
040	1.3. **Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji** Il-Punt (c) tal-Artikolu 36(1); l-Artikolu 38 u l-punt (a) tal-Artikolu 48(1) CRR Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji, u li b'hekk, it-tnaqqis tagħhom mis-CET1 hu soġġett għal livelli limiti ta' 10 % u 17,65 % fl-Artikolu 48 CRR.
050	2 **Obbligazzjonijiet totali ta' taxxa differita** L-ammont irrapportat f'din l-entrata jkun daqs l-ammont irrapportat fl-aħħar karta bilanċjali kontabilistika verifikata/awditjata.
060	2.1. **Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita mhux deduċibbli minn assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profittabilità futura** Il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 38 CRR Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li għalihom il-kundizzjonijiet fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 38 CRR għadhom ma ntlaħqux. B'hekk, din l-entrata tinkludi l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jnaqqsu l-ammont ta' avvjament, assi intanġibbli oħrajn jew assi tal-fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti li huma meħtieġa jitnaqqsu, li huma rrapportati, rispettivament, fl-entrati CA1 1.1.1.10.3, 1.1.1.11.2 u 1.1.1.14.2.
070	2.2. **Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita deduċibbli minn assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura** L-Artikolu 38 CRR
080	2.2.1. **Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita deduċibbli assoċjati ma' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji** Il-paragrafi 3, 4 u 5 tal-Artikolu 38 CRR Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jistgħu jnaqqsu l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura, skont il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 38 CRR, u li mhumiex allokati għal assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u li jirriżultaw minn differenzi temporanji, kif stabbilit fl-Artikolu 38(5) CRR

Ringieli	
090	2.2.2. **Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita deduċibbli assoċjati ma' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u li jirriżultaw minn differenzi temporanji** Il-paragrafi 3, 4 u 5 tal-Artikolu 38 CRR Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jistgħu jnaqqsu l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura, skont il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 38 CRR, u li huma allokati għal assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u li jirriżultaw minn differenzi temporanji, kif stabbilit fl-Artikolu 38(5) CRR
093	2A **Pagamenti eċċessivi ta' taxxa u trasferimenti lura tat-telf** L-Artikolu 39(1) CRR L-ammont ta' pagamenti eċċessivi u trasferiment lura tat-telf ta' taxxa li mhux imnaqqas minn fondi proprji skont l-Artikolu 39 (1) CRR; l-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont qabel l-applikazzjoni tal-ponderazzjonijiet tar-riskju.
096	2B **Assi ta' Taxxa Differita soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 250 %** L-Artikolu 48(4) CRR L-ammont ta' assi ta' taxxi differiti li huwa dipendenti fuq profittabilità futura u li jirriżulta minn differenzi temporanji li mhumiex imnaqqsa skont l-Artikolu 48(1) CRR, iżda soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 250 % skont l-Artikolu 48(4) CRR, filwaqt li jitqies l-effett tal-Artikolu 470 CRR. L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont ta' DTA qabel l-applikazzjoni tal-ponderazzjoni tar-riskju.
097	2C **Assi ta' Taxxa Differita soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 %** Il-punt (d) tal-Artikolu 469(1), l-Artikolu 470, l-Artikoli 472(5) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont ta' assi ta' taxxi differiti li huwa dipendenti fuq profittabilità futura u li jirriżulta minn differenzi temporanji li mhumiex imnaqqas skont il-punt (d) tal-Artikolu 469(1) u l-Artikolu 470 CRR, iżda soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 472 (5) CRR. L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont ta' DTA qabel l-applikazzjoni tal-ponderazzjoni tar-riskju.
100	3. **Eċċess (+) jew nuqqas (–) IRB ta' aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu, aġġustamenti fil-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji minħabba telf mistenni minn skoperturi mhux inadempjenti** Il-punt (d) tal-Artikolu 36(1), il-punt (d) tal-Artikolu 62, l-Artikoli 158 u 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB.
110	3.1. **Aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu totali, aġġustamenti fil-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji eliġibbli biex jiġu inklużi fil-kalkolu tal-ammont ta' telf mistenni** L-Artikolu 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB.
120	3.1.1. **Aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu** L-Artikolu 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB.
130	3.1.2. **Aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu** L-Artikolu 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB.

Ringieli	
131	3.1.3. **Aġġustamenti fil-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor tal-fondi proprji** L-Artikoli 34, 110 u 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB.
140	3.2. **Telf mistenni eliġibbli totali** Il-paragrafi 5, 6 u 10 tal-Artikolu 158 u l-Artikolu 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB. Huwa biss it-telf mistenni relatat ma' skoperturi mhux fl-inadempjenza li jiġi rrapportat.
145	4 **L-eċċess (+) jew in-nuqqas (–) bl-IRB ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu għal telf mistenni għal skoperturi fl-inadempjenza** Il-punt (d) tal-Artikolu 36(1), il-punt (d) tal-Artikolu 62, l-Artikoli 158 u 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB.
150	4.1. **Aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu u pożizzjonijiet trattati bl-istess mod** L-Artikolu 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB.
155	4.2. **Telf mistenni eliġibbli totali** Il-paragrafi 5, 6 u 10 tal-Artikolu 158, u l-Artikolu 159 CRR Din l-entrata tkun irrapportata biss mill-istituzzjonijiet IRB. Jiġi rrapportat biss it-telf mistenni relatat ma' skoperturi f'inadempjenza.
160	5 **Ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-kalkolu tal-limitu għall-eċċess tal-provvediment eliġibbli bħala T2** Il-punt (d) tal-Artikolu 62 CRR Għall-istituzzjonijiet bl-IRB, l-ammont eċċessiv tal-provvedimenti (għat-telf mistenni) eliġibbli għal inklużjoni fil-kapital tal-Grad 2 għandu limitu massimu ta' 0,6 % tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju kkalkolati bl-approċċ IRB, skont il-punt (d) tal-Artikolu 62 CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din l-entrata huwa l-ammont tal-iskoperturi ponderati għar-riskju (jiġifieri mhux immultiplikati b'0,6 %) li hija l-bażi għall-kalkolu tal-limitu massimu.
170	6 **Provvedimenti grossi totali eliġibbli għall-inklużjoni fil-Kapital T2** Il-punt (c) tal-Artikolu 62 CRR Din l-entrata tinkludi l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu li huma eliġibbli għal inklużjoni fil-kapital T2, qabel il-limitu massimu. L-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun gross mill-effetti tat-taxxa.
180	7 **Ammonti tal-iskopertura għar-riskju ponderati għall-kalkolu tal-limitu tal-provvediment eliġibbli bħala T2** Il-punt (c) tal-Artikolu 62 CRR Skont il-punt (c) tal-Artikolu 62 CRR, l-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu eliġibbli għal inklużjoni fil-kapital tal-Grad 2 għandhom limitu massimu ta' 1,25 % tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju. L-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din l-entrata huwa l-ammont ta' skoperturi ponderati għar-riskju (jiġifieri mhux immultiplikati b'1,25 %) li hija l-bażi għall-kalkolu tal-limitu massimu.

Ringieli	
190	8 **Limitu massimu mhux deduċibbli ta' parteċipazzjonijiet f'entitajiet mis-settur finanzjarju fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (a) tal-Artikolu 46(1) CRR Din l-entrata fiha l-livell limitu li minnu ma jitnaqqsux il-parteċipazzjonijiet f'entità tas-settur finanzjarju meta istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti. L-ammont jirriżulta mill-akkumulazzjoni tal-entrati kollha li huma l-bażi tal-limitu u l-multiplikazzjoni tas-somma li tirriżulta b'10 %.
200	9 **Limitu massimu ta' 10 % tas-CET1** Il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 48(1) CRR Din l-entrata fiha l-limitu ta' 10 % għal parteċipazzjonijiet f'entitajiet tas-settur finanzjarju meta istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, u għal assi ta' taxxa differita li huma dipendenti fuq il-profittabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji. L-ammont jirriżulta mill-akkumulazzjoni tal-entrati kollha li huma l-bażi tal-limitu u l-multiplikazzjoni tas-somma li tirriżulta b'10 %.
210	10 **Limitu massimu ta' 17,65 % tas-CET1** L-Artikolu 48(1) CRR Din l-entrata fiha l-limitu ta' 17,65 % għal parteċipazzjonijiet f'entitajiet tas-settur finanzjarju meta istituzzjoni jkollha investiment importanti, u għal assi ta' taxxa differita li huma dipendenti fuq il-profittabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji, li għandhom jiġu applikati wara l-limitu ta' 10 %. Il-limitu għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li dak l-ammont taż-żewġ entrati li huwa rikonoxxut ma jaqbiżx il-15 % tal-Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jiġifieri kapital CET1 ikkalkolat wara t-tnaqqis kollu, mhux inkluż kwalunkwe aġġustament dovut għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali.
225	11.1. **Il-kapital eliġibbli għall-finijiet ta' parteċipazzjonijiet li jikkwalifikaw barra s-settur finanzjarju** Il-punt (a) tal-(71) tal-Artikolu 4(1) CRR
226	11.2. **Kapital eliġibbli għall-finijiet ta' skoperturi kbar** Il-punt (b) tal-punt (71) tal-Artikolu 4(1) CRR
230	12 **Parteċipazzjonijiet tal-kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes** L-Artikoli 44, 45, 46 u 49 CRR
240	12.1. **Parteċipazzjonijiet diretti ta' Kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** L-Artikoli 44, 45, 46 u 49 CRR
250	12.1.1. **Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-Kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** L-Artikoli 44, 46 u 49 CRR Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, ħlief: (a) Pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmumin għal 5 ijiem tax-xogħol jew inqas; (b) L-ammonti relatati mal-investimenti li għalihom hija applikata xi alternattiva fl-Artikolu 49; kif ukoll (c) Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (g) tal-Artikolu 36(1) CRR

Ringieli	
260	12.1.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq** L-Artikolu 45 CRR L-Artikolu 45 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
270	12.2. **Parteċipazzjonijiet indiretti fil-Kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR
280	12.2.1. **Parteċipazzjonijiet indiretti grossi fil-Kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat huwa l-parteċipazzjonijiet indiretti fil-portafoll tan-negozjar tal-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju li jieħu l-forma ta' parteċipazzjonijiet ta' titoli tal-indiċi. Jinkiseb bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju fl-indiċijiet. Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (g) tal-Artikolu 36(1) CRR ma jkunux inklużi
290	12.2.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 45 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 45 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
291	12.3.1. **Il-parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR
292	12.3.2. **Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi fil-kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR
293	12.3.3. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 45 CRR
300	13 **Parteċipazzjonijiet tal-kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes** L-Artikoli 58, 59 u 60 CRR
310	13.1. **Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** L-Artikoli 58, 59 u l-Artikolu 60(2) CRR

Ringieli	
320	13.1.1. **Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-Kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** L-Artikolu 58 u l-Artikolu 60(2) CRR Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, ħlief: (a) Pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmumin għal 5 ijiem tax-xogħol jew inqas; kif ukoll (b) Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 56 CRR
330	13.1.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq** L-Artikolu 59 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 59 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
340	13.2. **Parteċipazzjonijiet indiretti fil-Kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR
350	13.2.1. **Parteċipazzjonijiet indiretti grossi fil-Kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat huwa l-parteċipazzjonijiet indiretti fil-portafoll tan-negozjar tal-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju li jieħu l-forma ta' parteċipazzjonijiet ta' titoli tal-indiċi. Jinkiseb bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju fl-indiċijiet. Parteċipazzjonijiet ittrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 56 CRR ma jkunux inklużi.
360	13.2.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 59 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 59 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
361	13.3. **Il-parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR
362	13.3.1. **Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi fil-kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR
363	13.3.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 59 CRR

Ringieli	
370	14. **Parteċipazzjonijiet tal-kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes** L-Artikoli 68, 69 u 70 CRR
380	14.1. **Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** L-Artikoli 68 u 69 u l-Artikolu 70(2) CRR
390	14.1.1. **Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-Kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** L-Artikolu 68 u l-Artikolu 70(2) CRR Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti, ħlief: (a) Pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmumin għal 5 ijiem tax-xogħol jew inqas; kif ukoll (b) Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 66 CRR
400	14.1.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq** L-Artikolu 69 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 69 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
410	14.2. **Parteċipazzjonijiet indiretti fil-Kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR
420	14.2.1. **Parteċipazzjonijiet indiretti grossi fil-Kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat huwa l-parteċipazzjonijiet indiretti fil-portafoll tan-negozjar tal-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju li jieħu l-forma ta' parteċipazzjonijiet ta' titoli tal-indiċi. Jinkiseb bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju fl-indiċijiet. Parteċipazzjonijiet ittrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont l-Artikolu 66 punt (b) CRR ma jkunux inklużi
430	14.2.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 69 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 69 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
431	14.3. **Il-parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital tat-T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR

Ringieli	
432	14.3.1. **Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi fil-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR
433	14.3.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 69 CRR
440	15 **Parteċipazzjonijiet ta' kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes** L-Artikoli 44, 45, 47 u 49 CRR
450	15.1. **Il-parteċipazzjonijiet grossi diretti ta' Kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** L-Artikoli 44, 45, 47 u 49 CRR
460	15.1.1. **Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** L-Artikoli 44, 45, 47 u 49 CRR Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, ħlief: (a) Pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmumin għal 5 ijiem tax-xogħol jew inqas; (b) L-ammonti relatati mal-investimenti li għalihom hija applikata xi alternattiva fl-Artikolu 49; kif ukoll (c) Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (g) tal-Artikolu 36(1) CRR
470	15.1.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq** L-Artikolu 45 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 45 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
480	15.2. **Parteċipazzjonijiet indiretti ta' Kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR
490	15.2.1. **Parteċipazzjonijiet grossi indiretti tal-kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat ikun il-parteċipazzjonijiet indiretti fil-portafoll tan-negozjar tal-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju li jieħdu l-forma ta' parteċipazzjonijiet ta' titoli tal-indiċi. Jinkiseb billi tiġi kkalkolata l-iskopertura sottostanti għall-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju fl-indiċijiet. Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (g) tal-Artikolu 36(1) CRR ma jkunux inklużi.

Ringieli	
500	15.2.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 45 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 45 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
501	15.3. **Il-parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' Kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR
502	15.3.1. **Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi ta' kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 44 u 45 CRR
503	15.3.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 45 CRR
510	16 **Parteċipazzjonijiet ta' kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes** L-Artikoli 58 u 59 CRR
520	16.1. **Parteċipazzjonijiet diretti tal-Kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment importanti** L-Artikoli 58 u 59 CRR
530	16.1.1. **Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** L-Artikolu 58 CRR Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, ħlief: (a) Pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmumin għal 5 ijiem tax-xogħol jew inqas (il-punt (d) tal-Artikolu 56 CRR); kif ukoll (b) Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 56 CRR.
540	16.1.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq** L-Artikolu 59 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 59 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
550	16.2. **Parteċipazzjonijiet grossi indiretti ta' kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR

Ringieli	
560	16.2.1. **Parteċipazzjonijiet grossi indiretti tal-kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat ikun il-parteċipazzjonijiet indiretti fil-portafoll tan-negozjar tal-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju li jieħdu l-forma ta' parteċipazzjonijiet ta' titoli tal-indiċi. Jinkiseb billi tiġi kkalkolata l-iskopertura sottostanti għall-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju fl-indiċijiet. Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 56 CRR ma jkunux inklużi.
570	16.2.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 59 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 59 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
571	16.3. **Il-parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR
572	16.3.1. **Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi ta' kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 58 u 59 CRR
573	16.3.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 59 CRR
580	17 **Parteċipazzjonijiet ta' kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, netti minn pożizzjonijiet bin-nieqes** L-Artikoli 68 u 69 CRR
590	17.1. **Parteċipazzjonijiet diretti tal-kapital tal-T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment importanti** L-Artikoli 68 u 69 CRR
600	17.1.1. **Parteċipazzjonijiet diretti grossi fil-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** L-Artikolu 68 CRR Parteċipazzjonijiet diretti ta' kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti, ħlief: (a) Pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmumin għal 5 ijiem tax-xogħol jew inqas (il-punt (d) tal-Artikolu 66 CRR); kif ukoll (b) Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 66 CRR

Ringieli	
610	17.1.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet diretti grossi inklużi hawn fuq** L-Artikolu 69 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 69 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
620	17.2. **Parteċipazzjonijiet grossi indiretti ta' kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR
630	17.2.1. **Parteċipazzjonijiet grossi indiretti tal-kapital tal-T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat ikun il-parteċipazzjonijiet indiretti fil-portafoll tan-negozjar tal-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju li jieħdu l-forma ta' parteċipazzjonijiet ta' titoli tal-indiċi. Jinkiseb billi tiġi kkalkolata l-iskopertura sottostanti għall-istrumenti tal-kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju fl-indiċijiet. Parteċipazzjonijiet li huma ttrattati bħala parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 66 CRR ma jkunux inklużi
640	17.2.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet indiretti grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (114) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 69 CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 69 CRR jawtorizza pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija fl-istess skopertura sottostanti dment li l-maturità tal-pożizzjoni bin-nieqes taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena.
641	17.3. **Il-parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR
642	17.3.1. **Parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi ta' kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 68 u 69 CRR
643	17.3.2. **(-) Pożizzjonijiet bin-nieqes ta' tpaċija permessi b'rabta mal-parteċipazzjonijiet sintetiċi grossi inklużi hawn fuq** Il-punt (126) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 69 CRR
650	18 **Skoperturi ponderati għar-riskju ta' parteċipazzjonijiet CET1 f'entitajiet tas-settur finanzjarju li ma jitnaqqsux mill-kapital CET1 tal-istituzzjoni** L-Artikoli 46(4), 48(4) u 49(4) CRR
660	19 **Skoperturi ponderati għar-riskju ta' parteċipazzjonijiet AT1 f'entitajiet tas-settur finanzjarju li ma jitnaqqsux mill-kapital AT1 tal-istituzzjoni** L-Artikolu 60(4) CRR

Ringieli	
670	20 **Skoperturi ponderati għar-riskju ta' parteċipazzjonijiet T2 f'entitajiet tas-settur finanzjarju li ma jitnaqqsux mill-kapital T2 tal-istituzzjoni** L-Artikolu 70(4) CRR
680	21 **Parteċipazzjonijiet fi strumenti tal-kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti eżentat b'mod temporanju** L-Artikolu 79 CRR Awtorità kompetenti tista' teżenta fuq bażi temporanja d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis minn CET1 minħabba parteċipazzjonijiet fi strumenti ta' entità speċifika tas-settur finanzjarju, fejn tqis li dawk il-parteċipazzjonijiet huma għall-iskopijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja mfassla sabiex jirriorganizzaw u jsalvaw dik l-entità. Kun af li dawk l-istrumenti se jiġu rrapportati wkoll fl-entrata 12.1.
690	22 **Parteċipazzjonijiet fi strumenti tal-kapital CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti eżentat temporanjament** L-Artikolu 79 CRR Awtorità kompetenti tista' teżenta d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis minn CET1 minħabba parteċipazzjonijiet fi strumenti ta' entità speċifika tas-settur finanzjarju, meta tqis li dawk il-parteċipazzjonijiet huma għall-iskopijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja mfassla sabiex jirriorganizzaw u jsalvaw dik l-entità. Kun af li dawk l-istrumenti se jiġu rrapportati wkoll fl-entrata 15.1.
700	23 **Parteċipazzjonijiet fi strumenti tal-kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti eżentat b'mod temporanju** L-Artikolu 79 CRR Awtorità kompetenti tista' teżenta fuq bażi temporanja d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis mill-AT1 minħabba parteċipazzjonijiet fi strumenti ta' entità speċifika tas-settur finanzjarju, meta tqis li dawk il-parteċipazzjonijiet huma għall-iskopijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja mfassla sabiex jirriorganizzaw u jsalvaw dik l-entità. Kun af li dawn l-istrumenti se jiġu rrapportati wkoll fl-entrata 13.1.
710	24 **Parteċipazzjonijiet fi strumenti tal-kapital AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti eżentat temporanjament** L-Artikolu 79 CRR Awtorità kompetenti tista' teżenta fuq bażi temporanja d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis mill-AT1 minħabba parteċipazzjonijiet fi strumenti ta' entità speċifika tas-settur finanzjarju, meta tqis li dawk il-parteċipazzjonijiet huma għall-iskopijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja mfassla sabiex jirriorganizzaw u jsalvaw dik l-entità. Kun af li dawn l-istrumenti se jiġu rrapportati wkoll fl-entrata 16.1.
720	25 **Parteċipazzjonijiet fi strumenti tal-kapital T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti eżentat b'mod temporanju** L-Artikolu 79 CRR Awtorità kompetenti tista' teżenta d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis minn T2 minħabba parteċipazzjonijiet fi strumenti ta' entità speċifika tas-settur finanzjarju, meta tqis li dawk il-parteċipazzjonijiet huma għall-iskopijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja mfassla sabiex jirriorganizzaw u jsalvaw dik l-entità. Kun af li dawk l-istrumenti se jiġu rrapportati wkoll fl-entrata 14.1.

Ringieli	
730	26 **Parteċipazzjonijiet fi strumenti tal-kapital T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti eżentat temporanjament** L-Artikolu 79 CRR Awtorità kompetenti tista' teżenta d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis minn T2 minħabba parteċipazzjonijiet fi strumenti ta' entità speċifika tas-settur finanzjarju, meta tqis li dawk il-parteċipazzjonijiet huma għall-iskopijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja mfassla sabiex jirriorganizzaw u jsalvaw dik l-entità. Kun af li dawk l-istrumenti se jiġu rrapportati wkoll fl-entrata 17.1.
740	27 **Rekwiżit kombinat ta' bafer** Il-punt (6) tal-Artikolu 128 CRD
750	**Riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital** Il-punt (1) tal-Artikolu 128 u l-Artikolu 129 CRD Skont l-Artikolu 129(1) CRD, ir-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital hija ammont addizzjonali ta' kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni. Minħabba l-fatt li r-rata ta' 2,5 % tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital hija stabbli, f'din ir-ringiela għandu jkun irrapportat ammont.
760	**Riżerva ta' konservazzjoni dovuta għal riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru** Il-punt (d)(iv) tal-Artikolu 458(2) CRR F'din ir-ringiela, jiġi rrapportat il-bafer ta' konservazzjoni dovut għal riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru, li jista' jkun meħtieġ skont l-Artikolu 458 CRR minbarra l-bafer kapitali ta' konservazzjoni. L-ammont irrapportat għandu jirrappreżenta l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-bafer kapitali rispettivi fid-data tar-rapportar.
770	**Bafer kapitali kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni** Il-punt (2) tal-Artikolu 128 u l-Artikoli 130, 135 sa 140 CRR L-ammont irrapportat għandu jirrappreżenta l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-bafer kapitali rispettivi fid-data tar-rapportar.
780	**Bafer tar-riskju sistemiku** Il-punt (5) tal-Artikolu 128, l-Artikoli 133 u 134 CRD L-ammont irrapportat għandu jirrappreżenta l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-bafer kapitali rispettivi fid-data tar-rapportar.
800	**Bafer ta' Istituzzjoni Globali Sistemikament Importanti** Il-punt (3) tal-Artikolu 128 u l-Artikolu 131 CRD L-ammont irrapportat għandu jirrappreżenta l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-bafer kapitali rispettivi fid-data tar-rapportar.
810	**Bafer ta' Istituzzjoni Sistemikament Importanti Oħra** Il-punt (4) tal-Artikolu 128 u l-Artikolu 131 CRD L-ammont irrapportat għandu jirrappreżenta l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-bafer kapitali rispettivi fid-data tar-rapportar.

Ringieli	
820	28 **Rekwiżiti ta' fondi proprji relatati mal-aġġustamenti tal-Pilastru II** L-Artikolu 104(2) tad-DRK. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li istituzzjoni trid tikkalkola r-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji għal raġunijiet tal-Pilastru II, dawk ir-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji jiġu rrapportati f'din ir-ringiela.
830	29 **Kapital inizjali** L-Artikoli 12 u 28 sa 31 CRD u l-Artikolu 93 CRR
840	30 **Fondi proprji abbażi tal-Ispejjeż Ġenerali Fissi** Il-punt (b) tal-Artikolu 96(2), l-Artikolu 97 u l-punt (a) tal-Artikolu 98(1) CRR
850	31 **Skoperturi oriġinali mhux domestiċi** Informazzjoni neċessarja sabiex jiġi kkalkolat il-limitu għar-rapportar tal-formola CR GB skont il-punt (4) tal-Artikolu 5(a) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Il-kalkolu tal-livell limitu jsir fuq il-bażi tal-iskopertura oriġinarja ta' qabel il-fattur tal-konverżjoni. L-iskoperturi jitqiesu li huma domestiċi meta jkunu skoperturi għal kontropartijiet li jinsabu fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni.
860	32 **Skoperturi oriġinali totali** Informazzjoni neċessarja sabiex jiġi kkalkolat il-limitu għar-rapportar tal-formola CR GB skont il-punt (4) tal-Artikolu 5(a) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Il-kalkolu tal-limitu għandu jsir fil-bażi tal-fattur qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali L-iskoperturi jitqiesu li huma domestiċi meta jkunu skoperturi għal kontropartijiet li jinsabu fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni.
870	**Aġġustamenti fil-fondi proprji totali** L-Artikolu 500(4) CRR Id-differenza bejn l-ammont irrapportat fir-ringiela 880 u t-total tal-fondi proprji skont is-CRR trid tiġi rrapportata f'din ir-ringiela. Jekk tiġi applikata l-alternattiva (l-Artikolu 500(2) CRR) SA, din ir-ringiela għandha tkun vojta.
880	**Fondi proprji kompletament aġġustati għal-limitu minimu ta' Basel I** L-Artikolu 500(4) CRR Il-fondi proprji totali skont is-CRR aġġustati kif meħtieġ mill-Artikolu 500(4) CRR (jiġifieri aġġustati għalkollox biex jirriflettu d-differenzi fil-kalkolu ta' fondi proprji skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE ([6]) u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) kif dawk id-Direttivi kienu qabel l-1 ta' Jannar 2007 u l-kalkolu ta' fondi proprji skont dan ir-Regolament li ġej minn trattamenti separati ta' telf mistenni u telf mhux mistenni taħt il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR) iridu jiġu rrapportati f'din il-pożizzjoni. Jekk tiġi applikata l-alternattiva (l-Artikolu 500(2) CRR) SA, din ir-ringiela għandha tkun vojta.

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-adekwatezza ta' kapital ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 141, 11.6.1993, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar il-bidu u l-eżerċizzju ta' kummerċ minn istituzzjonijiet tal-kreditu (ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1).

Ringieli	
890	**Rekwiżiti tal-fondi proprji għal-limitu minimu ta' Basel I** Il-punt (b) tal-Artikolu 500(1) CRR L-ammont tal-fondi proprji meħtieġa mill-punt (b) tal-Artikolu 500(1) CRR li għandu jinżamm (jiġifieri 80 % tal-ammont minimu totali tal-fondi proprji li l-istituzzjoni tkun meħtieġa żżomm skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE) irid jiġi rrapportat f'din il-pożizzjoni.
900	**Rekwiżiti tal-fondi proprji għal-limitu minimu ta' Basel I - l-alternattiva SA** Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 500 CRR L-ammont ta' fondi proprji stabbilit fl-Artikolu 500(2) CRR li għandhom jinżammu (jiġifieri 80 % tal-fondi proprji li l-istituzzjoni tkun mitluba li jkollha skont l-Artikolu 92 jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u l-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu III tal-Parti Tlieta CRR, kif applikabbli, minflok skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, jew il-Kapitolu 4 tat-Titolu III tal-Parti Tlieta CRR, kif applikabbli) irid jiġi rrapportat f'din il-pożizzjoni.
910	**Id-defiċit ta' fondi proprji totali rigward ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal-limitu minimu ta' Basel I jew alternattiva SA** Il-punt (b) tal-Artikolu 500(1) u l-Artikolu 500(2) CRR Din ir-ringiela jeħtieġ li timtela b': — fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 500(1) CRR u r-ringiela 880 < ringiela 890: id-differenza bejn ir-ringiela 890 u ringiela 880; — jew fejn l-Artikolu 500 (2) CRR jiġi applikat u ringiela 010 ta' C 01.00 < ringiela 900 ta' C 04.00: id-differenza bejn ringiela 900 ta' C 04.00 u ringiela 010 ta' C 01.00.

1.6. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U STRUMENTI ANTERJORATI: STRUMENTI LI MA JIKKOSTITWIXXUX GĦAJNUNA MILL-ISTAT (CA5)

1.6.1. Kummenti ġenerali

15. CA5 jiġbor fil-qosor il-kalkolu tat-tnaqqis u l-elementi tal-fondi proprji soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli minn 465 sa 491 CRR.

16. CA5 huwa strutturat kif ġej:

(a) Il-Formola 5.1 tiġbor fil-qosor l-aġġustamenti totali li jridu jsiru fil-komponenti differenti tal-fondi proprji (irrapportati f'CA1 skont id-dispożizzjonijiet finali) bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-elementi ta' din il-formola huma ppreżentati bħala 'aġġustamenti' fil-komponenti kapitali differenti f'CA1, sabiex jiġu riflessi fil-komponenti tal-fondi proprji l-effetti tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

(b) Il-Formola 5.2 tipprovdi iktar dettalji dwar il-kalkolu ta' dawk l-istrumenti anterjorati li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-istat.

17. L-istituzzjonijiet jirrapportaw fl-ewwel erba' kolonni l-aġġustamenti fil-Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, Kapital tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali kif ukoll l-ammont li għandu jiġi ttrattat bħala assi ponderati għar-riskju. L-istituzzjonijiet huma meħtieġa jirrapportaw ukoll il-perċentwal applikabbli fil-kolonna 050 u l-ammont eliġibbli minħajr ir-rikonoxximent tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fil-kolonna 060.

18. L-istituzzjonijiet jirrapportaw biss elementi f'CA5 matul il-perjodu li fih japplikaw id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fil-Parti Għaxra CRR.

19. Uħud mid-dispożizzjonijiet tranżizzjonali jeħtieġu tnaqqis mill-Grad 1. Jekk dan huwa l-każ, l-ammont residwu ta' tnaqqis wieħed jew iktar huwa applikat għall-Grad 1 u m'hemmx biżżejjed AT1 biex jassorbi dan l-ammont, f'dak il-każ l-eċċess jitnaqqas mis-CET1.

1.6.2. C 05.01 - DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI (CA5.1)

20. L-istituzzjonijiet jirrapportaw fil-formola CA5.1 id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-komponenti tal-fondi proprji kif stabbiliti fl-Artikoli minn 465 sa 491 CRR, meta mqabbla mal-applikazzjoni tal-provvedimenti finali stabbiliti fil-Parti Tnejn, Titolu II CRR.

21. L-istituzzjonijiet jirrapportaw fir-ringieli minn 020 sa 060 informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' strumenti anterjorati. Iċ-ċifri li għandhom jiġu rrapportati fil-kolonni minn 010 sa 030 tar-ringiela 060 tas-CA5.1 jistgħu jinġiebu mit-taqsimiet rispettivi tas-CA5.2.

22. L-istituzzjonijiet jirrapportaw fir-ringieli minn 070 sa 092 l-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' interessi minoritarji u strumenti addizzjonali tal-Grad 1 u l-Grad 2 maħruġin mis-sussidjarji (f'konformità mal-Artikoli 479 u 480 CRR).

23. Fir-ringieli 100 'il quddiem l-istituzzjonijiet jirrapportaw informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' qligħ u telf mhux realizzat, tnaqqis kif ukoll tnaqqis u filtri addizzjonali.

24. Jista' jkun hemm każijiet li fihom it-tnaqqis tranżizzjonali ta' kapital CET1, AT1 jew T2 jaqbeż il-kapital CET1, AT1 jew T2 ta' istituzzjoni. Dak l-effett – jekk jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tranżizzjonali — għandu jintwera fil-formola CA1 billi jintużaw iċ-ċelloli rispettivi. Bħala konsegwenza, l-aġġustamenti fil-kolonni tal-formola CA5 ma għandhom jinkludu l-ebda riperkussjoni fil-każ ta' nuqqas ta' kapital disponibbli.

1.6.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**Aġġustamenti fis-CET1**
020	**Aġġustamenti fis-AT1**
030	**Aġġustamenti fis-T2**
040	**Aġġustamenti inklużi fl-RWAs** Il-Kolonna 040 tinkludi l-ammonti relevanti li jaġġustaw l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-Artikolu 92(3) CRR minħabba dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-ammonti rrapportati għandhom jikkunsidraw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 jew 3 ta' Titolu II tal-Parti Tlieta jew ta' Titolu IV tal-Parti Tlieta skont l-Artikolu 92(4) CRR. Dak ifisser li xi ammonti tranżizzjonali soġġetti għall-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta għandhom ikunu rrapportati bħala ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, filwaqt li ammont tranżizzjonali soġġetti għat-Titolu IV tal-Parti Tlieta għandhom jirrappreżentaw il-fondi proprji mmultiplikati bi 12,5. Filwaqt li l-kolonni minn 010 sa 030 għandhom rabta diretta mal-formola CA1, l-aġġustamenti tal-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju ma għandhomx rabta diretta mal-formoli relevanti għar-riskju ta' kreditu. Jekk hemm aġġustamenti li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju, dawk l-aġġustamenti għandhom ikunu inklużi direttament fis-CR SA, CR IRB, CR EQU IRB, MKR SA TDI, MKR SA EQU jew MKR IM. Barra minn hekk, dawk l-effetti għandhom ikunu rrapportati fil-kolonna 040 tas-CA5.1. Bħala konsegwenza, dawk l-ammonti għandhom ikunu biss entrati fil-memorandum.
050	**Perċentwal applikabbli**
060	**Ammont eliġibbli bla dispożizzjonijiet tranżizzjonali** Il-kolonna 060 tinkludi l-ammont ta' kull strument qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali, jiġifieri l-ammont bażi relevanti biex jiġu kkalkolati l-aġġustamenti.

Ringieli	
010	1. **Aġġustamenti totali** Din ir-ringiela tirrifletti l-effett kumplessiv tal-aġġustamenti tranżizzjonali fit-tipi differenti ta' kapital, flimkien mal-ammonti ponderati għar-riskju li jirriżultaw minn dawk l-aġġustamenti
020	1.1. **Strumenti anterjorati** L-Artikoli 483 sa 491 CRR Din ir-ringiela tirrifletti l-effett ġenerali tal-istrumenti anterjorati b'mod tranżizzjonali fit-tipi differenti ta' kapital.
030	1.1.1. **Strumenti anterjorati: Strumenti li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat** L-Artikolu 483 CRR
040	1.1.1.1. **L-istrumenti li kkwalifikaw bħala fondi proprji skont 2006/48/KE** Il-paragrafi 1, 2, 4 u 6 tal-Artikolu 483 CRR
050	1.1.1.2. **Strumenti maħruġin minn istituzzjonijiet li huma inkorporati fi Stat Membru li huwa soġġett għal Programm ta' Aġġustament Ekonomiku** Il-paragrafi 1, 3, 5, 7 u 8 tal-Artikolu 483 CRR
060	1.1.2. **Strumenti li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-istat** L-ammonti li għandhom ikunu rrapportati għandhom jinkisbu mill-kolonna 060 tal-formola CA5.2
070	1.2. **Interessi minoritarji u ekwivalenti** L-Artikoli 479 u 480 CRR Din ir-ringiela taffettwa l-effetti tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fl-interessi minoritarji eliġibbli bħala CET1; l-istrumenti tat-T1 li jikkwalifikaw u eliġibbli bħala AT1 ikkonsolidat; u l-fondi proprji kwalifikanti u eliġibbli bħala T2 ikkonsolidat.
080	1.2.1. **Strumenti tal-kapital u entrati li ma jikkwalifikawx bħala interessi minoritarji** L-Artikolu 479 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela jkun l-ammont li jikkwalifika bħala riżervi kkonsolidati skont ir-regolament ta' qabel.
090	1.2.2. **Rikonoxximent tranżizzjonali fil-fondi proprji konsolidati ta' interessi minoritarji** L-Artikoli 84 u 480 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela jkun l-ammont eliġibbli bla dispożizzjonijiet tranżizzjonali.
091	1.2.3. **Rikonoxximent tranżizzjonali fil-fondi proprji konsolidati ta' kapital kwalifikattiv tal-Grad 1 Addizzjonali** L-Artikoli 85 u 480 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela jkun l-ammont eliġibbli bla dispożizzjonijiet tranżizzjonali.
092	1.2.4. **Rikonoxximent tranżizzjonali fil-fondi proprji konsolidati ta' kapital kwalifikattiv tal-Grad 2** L-Artikoli 87 u 480 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela jkun l-ammont eliġibbli bla dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

Ringieli	
100	1.3. **Aġġustamenti tranżizzjonali oħra** L-Artikoli 467 sa 478 u l-Artikolu 481 CRR Din ir-ringiela tirrifletti l-effett kumplessiv tal-aġġustamenti tranżizzjonali fit-tnaqqis għal tipi differenti ta' kapital, qligħ u telf mhux realizzati, filtri u tnaqqis addizzjonali flimkien mal-ammonti ponderati għar-riskju li jirriżultaw minn dawn l-aġġustamenti.
110	1.3.1. **Qligħ u telf mhux realizzat** L-Artikoli 467 u 468 CRR Din ir-ringiela tirrifletti l-effett kumplessiv tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fuq qligħ u telf mhux realizzati mkejlin bil-valur ġust.
120	1.3.1.1. **Qligħ mhux realizzat** L-Artikolu 468(1) CRR
130	1.3.1.2. **Telf mhux realizzat** L-Artikolu 467(1) CRR
133	1.3.1.3. **Qligħ mhux realizzat fuq skoperturi għal gvernijiet ċentrali klassifikati fil-kategorija 'Disponibbli għall-bejgħ' tal-IAS39 approvat mill-UE** L-Artikolu 468 CRR
136	1.3.1.4. **Telf mhux realizzat fuq skoperturi għal gvernijiet ċentrali klassifikat fil-kategorija 'Disponibbli għall-bejgħ' tal-IAS39 approvat mill-UE** L-Artikolu 467 CRR
138	1.3.1.5. **Qligħ u telf b'valur ġust li jirriżultaw mir-riskju tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni marbut mal-obbligazzjonijiet derivattivi** L-Artikolu 468 CRR
140	1.3.2. **Tnaqqis** L-Artikolu 36(1) u l-Artikoli 469 sa 478 CRR Din ir-ringiela tirrifletti l-effett kumplessiv tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fuq it-tnaqqis.
150	1.3.2.1. **Telf għas-sena finanzjarja kurrenti** Il-punt (a) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469(1) u 472(3) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela jkun it-tnaqqis oriġinali skont il-punt (a) tal-Artikolu 36(1) CRR. Meta d-ditti kienu meħtieġa jnaqqsu t-telf materjali biss: — meta t-telf nett interim totali kien 'materjali', l-ammont residwu sħiħ jitnaqqas mill-Grad 1, jew — meta t-telf nett interim totali kollu ma kienx 'materjali', ma jsir l-ebda tnaqqis tal-ammont residwu.

Ringieli	
160	1.3.2.2. **Assi intanġibbli** Il-punt (b) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(4) u l-Artikolu 478 CRR Meta jiddeterminaw l-ammont ta' assi intanġibbli li għandhom jitnaqqsu, l-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela jkun it-tnaqqis oriġinali skont il-punt (b) tal-Artikolu 36(1) CRR.
170	1.3.2.3. **Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji** Il-punt (c) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(5) u l-Artikolu 478 CRR Meta jiddeterminaw l-ammont tal-assi ta' taxxa differita (DTA) imsemmijin iktar 'il fuq li għandu jitnaqqas, l-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 38 CRR relatati mat-tnaqqis tal-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita mid-DTA. L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont totali skont l-Artikolu 469(1) CRR.
180	1.3.2.4. **Nuqqas IRB tal-provvedimenti għat-telf mistenni** Il-punt (d) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(6) u l-Artikolu 478 CRR Meta jiddeterminaw l-ammont tan-nuqqas tal-IRB imsemmi iktar 'il fuq tal-provvedimenti għat-telf mistenni li għandu jitnaqqas, l-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40 CRR. L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) CRR
190	1.3.2.5. **Assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti** Il-punt (e) tal-Artikolu 33(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(7), l-Artikoli 473 u 478 CRR Meta jiddeterminaw l-ammont tal-assi tal-fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti msemmijin iktar 'il fuq li għandu jitnaqqas, l-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41 CRR. L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (e) tal-Artikolu 36(1) CRR
194	1.3.2.5.* **li minnhom: L-introduzzjoni tal-emendi għall-IAS 19 – l-entrata pożittiva** L-Artikolu 473 CRR
198	1.3.2.5.** **li minnhom: L-introduzzjoni tal-emendi għall-IAS 19 – l-entrata negattiva** L-Artikolu 473 CRR
200	1.3.2.6. **Strumenti proprji** Il-punt (f) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(8) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (f) tal-Artikolu 36(1) CRR.

Ringieli	
210	1.3.2.6.1. **Strumenti proprji tas-CET1** Il-punt (f) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(8) u l-Artikolu 478 CRR Meta jiddeterminaw l-ammont tal-Istrumenti tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni msemmijin iktar 'il fuq li għandu jitnaqqas, l-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni l-Artikolu 42 CRR. Billi t-trattament tal-'ammont residwu' jvarja skont l-għamla tal-istrument, l-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu l-parteċipazzjonijiet fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni bejn parteċipazzjonijiet 'diretti' u 'indiretti'. L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (f) tal-Artikolu 36(1) CRR.
211	1.3.2.6.1** **li minnhom: Parteċipazzjonijiet diretti** Il-punt (b) tal-Artikolu 469(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 472(8) CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont totali ta' parteċipazzjonijiet diretti, inklużi strumenti li istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri permezz ta' obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti.
212	1.3.2.6.1* **li minnhom: Parteċipazzjonijiet indiretti** Il-punt (b) tal-Artikolu 469(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 472(8) CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont totali ta' parteċipazzjonijiet indiretti, inklużi l-istrumenti li istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti.
220	1.3.2.6.2. **Strumenti proprji AT1** Il-punt (a) tal-Artikolu 56, l-Artikolu 474 u l-Artikolu 475(2) u l-Artikolu 478 CRR Meta jiddeterminaw l-ammont tal-parteċipazzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq li għandu jitnaqqas, l-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 57 CRR. Billi t-trattament tal-'ammont residwu' jvarja skont l-għamla tal-istrument (l-Artikolu 475(2) CRR), l-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu l-parteċipazzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq f'parteċipazzjonijiet 'diretti' u 'indiretti' proprji tal-Grad 1 Addizzjonali. L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (a) tal-Artikolu 56 CRR.
221	1.3.2.6.2** **li minnhom: Parteċipazzjonijiet diretti** L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont totali ta' parteċipazzjonijiet diretti, inklużi l-istrumenti li istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti, il-punt (b) tal-Artikolu 474 u l-punt (a) tal-Artikolu 475(2) CRR.
222	1.3.2.6.2* **li minnhom: Parteċipazzjonijiet indiretti** L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont totali ta' parteċipazzjonijiet indiretti, inklużi strumenti li istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti, il-punt (b) tal-Artikolu 474 u l-punt (b) tal-Artikolu 475(2) CRR.

Ringieli	
230	1.3.2.6.3. **Strumenti proprji tat-T2** Il-punt (a) tal-Artikolu 66, l-Artikolu 476, l-Artikolu 477(2) u l-Artikolu 478 CRR Meta jiddeterminaw l-ammont tal-parteċipazzjonijiet li għandhom jitnaqqsu, l-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 67 CRR. Billi t-trattament tal-'ammont residwu' jvarja skont l-għamla tal-istrument (l-Artikolu 477(2) CRR), l-istituzzjonijiet jaqsmu l-parteċipazzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq bejn parteċipazzjonijiet 'diretti' u 'indiretti' proprji tal-Grad 2. L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (a) tal-Artikolu 66 CRR.
231	**li minnhom: Parteċipazzjonijiet diretti** L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont totali ta' parteċipazzjonijiet diretti, inklużi l-istrumenti li istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti, il-punt (b) tal-Artikolu 476 u l-punt (a) tal-Artikolu 477(2) CRR.
232	**li minnhom: Parteċipazzjonijiet indiretti** L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont totali ta' parteċipazzjonijiet indiretti, inklużi strumenti li istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti, il-punt (b) tal-Artikolu 476 u l-punt (b) tal-Artikolu 477(2) CRR.
240	1.3.2.7. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi** Billi t-trattament tal-'ammont residwu' jvarja skont jekk il-parteċipazzjoni tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1, Grad 1 Addizzjonali jew Grad 2 fl-entità tas-settur finanzjarju titqiesx importanti jew le (l-Artikoli 472(9), 475 (3) u 477 (3) CRR), l-istituzzjonijiet jiddiżaggregaw il-parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi skont investimenti importanti u investimenti mhux sinifikanti.
250	1.3.2.7.1. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital CET1** Il-punt (g) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(9) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (g) tal-Artikolu 36(1) CRR.
260	1.3.2.7.1.1. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (g) tal-Artikolu 36(1), l-Artikolu 469(1), il-punt (a) tal-Artikolu 472(9) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Ammont residwu skont il-punt (b) tal-Artikolu 469(1) CRR.
270	1.3.2.7.1.2. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (g) tal-Artikolu 36(1), l-Artikolu 469(1), il-punt (b) tal-Artikolu 472(9) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Ammont residwu skont il-punt (b) tal-Artikolu 469(1) CRR

Ringieli	
280	1.3.2.7.2. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi fil-Kapital AT1** Il-punt (b) tal-Artikolu 56, l-Artikolu 474, l-Artikolu 475(3) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (b) tal-Artikolu 56 CRR
290	1.3.2.7.2.1. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (b) tal-Artikolu 56, l-Artikolu 474, il-punt (a) tal-Artikolu 475(3) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont residwu skont l-Artikolu 475(3) CRR
300	1.3.2.7.2.2. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (b) tal-Artikolu 56, l-Artikolu 474, il-punt (b) tal-Artikolu 475(3) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont residwu skont l-Artikolu 475(3) CRR.
310	1.3.2.7.3. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi fil-Kapital T2** Il-punt (b) tal-Artikolu 66, l-Artikolu 476, l-Artikolu 477(3) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (b) tal-Artikolu 66 CRR
320	1.3.2.7.3.1. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital tal-T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (b) tal-Artikolu 66, l-Artikolu 476, il-punt (a) tal-Artikolu 477(3) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont residwu skont l-Artikolu 477(3) CRR.
330	1.3.2.7.3.2. **Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital tal-T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (b) tal-Artikolu 66, l-Artikolu 476, il-punt (a) tal-Artikolu 477(3) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-ammont residwu skont l-Artikolu 477(3) CRR.
340	1.3.2.8. **Strumenti ta' fondi proprji ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti**
350	1.3.2.8.1. **Strumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (h) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(10) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (h) tal-Artikolu 36(1) CRR.

Ringieli	
360	1.3.2.8.2. **Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (c) tal-Artikolu 56, l-Artikolu 474, l-Artikolu 475(4) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (c) tal-Artikolu 56 CRR
370	1.3.2.8.3. **Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti** Il-punt (c) tal-Artikolu 66, l-Artikolu 476, l-Artikolu 477(4) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (c) tal-Artikolu 66 CRR.
380	1.3.2.9. **Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji u strumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 470 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: L-Artikolu 470(1) CRR
385	**Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u li ġejjin minn differenzi temporanji, parteċipazzjonijiet** Il-punt (c) tal-Artikolu 469(1), l-Artikolu 472(5) u l-Artikolu 478 CRR. Parti mill-assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u li jirriżultaw minn differenzi temporanji li jaqbżu l-livell limitu ta' 10 % fil-punt (a) tal-Artikolu 470(2) CRR.
390	1.3.2.10. **Strumenti tal-fondi proprji ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti**
400	1.3.2.10.1. **Strumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (i) tal-Artikolu 36(1), l-Artikoli 469 (1) u 472(11) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (i) tal-Artikolu 36(1) CRR
410	1.3.2.10.2. **Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (d) tal-Artikolu 56, l-Artikolu 474, l-Artikolu 475(4) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (d) tal-Artikolu 56 CRR.
420	1.3.2.10.2. **Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti** Il-punt (d) tal-Artikolu 66, l-Artikolu 476, l-Artikolu 477(4) u l-Artikolu 478 CRR L-ammont li għandu jkun irrapportat fil-kolonna 060 ta' din ir-ringiela: Tnaqqis oriġinali skont il-punt (d) tal-Artikolu 66 CRR

Ringieli	
425	1.3.2.11. **Eżenzjoni mit-tnaqqis tal-Parteċipazzjonijiet Azzjonarji f'Kumpaniji tal-Assigurazzjoni minn Entrati tas-CET 1** L-Artikolu 471 CRR
430	1.3.3. **Filtri u tnaqqis addizzjonali** L-Artikolu 481 CRR Din ir-ringiela tirrifletti l-effett kumplessiv tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fuq tnaqqis u filtri addizzjonali. F'konformità mal-Artikolu 481 CRR, l-istituzzjonijiet jirrapportaw fl-entrata 1.3.3 informazzjoni relatata mal-filtri u t-tnaqqis meħtieġa skont il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni għall-Artikoli 57 u 66 tad-Direttiva 2006/48/KE u għall-Artikoli 13 u 16 tad-Direttiva 2006/49/KE, u li mhumiex meħtieġa skont it-Tieni Parti.
440	1.3.4. **Aġġustamenti minħabba arranġamenti tranżizzjonali tal-IFRS 9** Istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw informazzjoni relatata mal-arranġamenti tranżizzjonali minħabba l-IFRS 9 skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

1.6.3. C 05.02 - STRUMENTI ANTERJORATI: STRUMENTI LI MA JIKKOSTITWIXXUX GĦAJNUNA MILL-ISTAT (CA5.2)

25. L-istituzzjonijiet jirrapportaw informazzjoni relatata mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' strumenti anterjorati li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-istat (l-Artikoli minn 484 sa 491 CRR).

1.6.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**Ammont ta' strumenti flimkien mal-premium azzjonarju relatat** Il-paragrafi 3, 4 u 5 tal-Artikolu 484 CRR Strumenti li huma eliġibbli għal kull ringiela rispettiva, inklużi l-premiums azzjonarji relatati tagħhom.
020	**Bażi għall-kalkolu tal-limitu** Il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 486 CRR
030	**Perċentwal applikabbli** L-Artikolu 486(5) CRR
040	**Limitu** Il-paragrafi minn 2 sa 5 tal-Artikolu 486 CRR
050	**(-) Ammont li jaqbeż il-limiti tal-anterjorità** Il-paragrafi minn 2 sa 5 tal-Artikolu 486 CRR
060	**Ammont anterjorat totali** L-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun daqs l-ammonti rrapportati fil-kolonni rispettivi fir-ringiela 060 tas-CA5.1.

Ringieli	
010	1. **Strumenti li kkwalifikaw għall-punt (a) tal-Artikolu 57 ta' 2006/48/KE** L-Artikolu 484(3) CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju.
020	2. **Strumenti li kkwalifikaw għall-punt (ca) tal-Artikolu 57 u l-Artikolu 154(8) u (9) tad-Direttiva 2006/48/KE, soġġetti għal-limitu tal-Artikolu 489 CRR** L-Artikolu 484(4) CRR
030	2.1. **Strumenti totali mhux eżerċitabbli jew mingħajr inċentiv ta' tifdija** L-Artikolu 484(4) u l-Artikolu 489 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju.
040	2.2. **Strumenti anterjorati eżerċitabbli u b'inċentiv ta' tifdija** L-Artikolu 489 CRR
050	2.2.1. **Strumenti eżerċitabbli wara d-data tar-rapportar u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 52 CRR wara d-data tal-maturità effettiva** L-Artikolu 489(3) u l-punt (a) tal-Artikolu 491 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju.
060	2.2.2. **Strumenti eżerċitabbli wara d-data tar-rapportar u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 52 CRR wara d-data tal-maturità effettiva** L-Artikolu 489(5) u l-punt (a) tal-Artikolu 491 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju.
070	2.2.3. **Strumenti eżerċitabbli qabel jew fl-20 ta' Lulju 2011 u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 52 CRR wara d-data tal-maturità effettiva** L-Artikoli 489(6) u l-punt (c) tal-Artikolu 491 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju
080	2.3. **L-eċċess fuq il-limitu ta' strumenti anterjorati CET1** L-Artikolu 487(1) CRR L-eċċess fuq il-limitu ta' strumenti anterjorati CET1 jista' jiġi ttrattat bħala strumenti li jistgħu jiġu anterjorati bħala Strumenti AT1.
090	3. **Entrati li kkwalifikaw għall-punti (e), (f), (g) jew (h) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE, soġġetti għal-limitu tal-Artikolu 490 CRR** L-Artikolu 484(5) CRR
100	3.1. **Entrati totali mingħajr inċentiv ta' tifdija** L-Artikolu 490 CRR
110	3.2. **Entrati anterjorati b'inċentiv ta' tifdija** L-Artikolu 490 CRR

Ringieli	
120	3.2.1. **Entrati eżerċitabbli wara d-data tar-rapportar u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 63 ta' CRR wara d-data tal-maturità effettiva** L-Artikolu 490(3) u l-punt (a) tal-Artikolu 491 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju.
130	3.2.2. **Entrati eżerċitabbli wara d-data tar-rapportar u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 63 CRR wara d-data tal-maturità effettiva** L-Artikolu 490(5) u l-punt (a) tal-Artikolu 491 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju.
140	3.2.3. **Entrati eżerċitabbli qabel jew fl-20 ta' Lulju 2011 u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 63 tas-CRR wara d-data tal-maturità effettiva** L-Artikoli 490(6) u l-punt (c) tal-Artikolu 491 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-kontijiet relatati mal-premium azzjonarju.
150	3.3. **L-eċċess fuq il-limitu ta' strumenti anterjorati AT1** L-Artikolu 487(2) CRR L-eċċess fuq il-limitu ta' strumenti anterjorati AT1 jista' jiġi ttrattat bħala strumenti li jistgħu jiġu anterjorati bħala Strumenti T2.

2. SOLVENZA TAL-GRUPP: INFORMAZZJONI DWAR L-AFFILJATI (GS)

2.1. RIMARKI ĠENERALI

26. Il-formoli C 06.01 u C 06.02 għandhom jimtlew jekk ir-rekwiżiti tal-fondi proprji jiġu kkalkolati fuq bażi konsolidata. Din il-formola C 06.02 tikkonsisti f'erba' partijiet sabiex tingħabar informazzjoni differenti fuq l-entitajiet individwali kollha (inkluża l-istituzzjoni tar-rapportar) inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni.

    (a) Entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-konsolidazzjoni;

    (b) Informazzjoni dettaljata dwar is-solvenza tal-grupp;

    (c) Informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-entitajiet individwali għas-solvenza tal-grupp;

    (d) Informazzjoni dwar bafers kapitali;

27. Istituzzjonijiet li kisbu rinunzja skont l-Artikolu 7 CRR għandhom jirrapportaw biss il-kolonni 010 sa 060 u 250 sa 400.

28. Iċ-ċifri rrapportati jqisu kull dispożizzjoni tranżizzjonali applikabbli CRR li huma applikabbli fid-data tar-rapportar rispettiva.

2.2. INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IS-SOLVENZA TAL-GRUPP

29. It-tieni parti tal-formola C 06.02 (informazzjoni dettaljata dwar is-solvenza tal-grupp) fil-kolonni minn 070 sa 210 għandha l-għan li tiġbor informazzjoni dwar istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji regolati oħrajn li huma effettivament soġġetti għal rekwiżiti partikolari tas-solvenza fuq bażi individwali. Għal kull waħda minn dawk l-entitajiet fl-ambitu tar-rapportar, tipprovdi r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal kull kategorija ta' riskju u l-fondi proprji għal skopijiet ta' solvenza.

30. Fil-każ ta' konsolidament proporzjonali ta' parteċipazzjonijiet, iċ-ċifri relatati mar-rekwiżiti tal-fondi proprji u l-fondi proprji jirriflettu l-ammonti proporzjonali rispettivi.

2.3. L-INFORMAZZJONI DWAR IL-KONTRIBUZZJONIJIET TA' ENTITAJIET INDIVIDWALI GĦAS-SOLVENZA TAL-GRUPP

31. L-għan tat-tielet parti tal-formola C 06.02 u l-formola C 06.01 (informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-entitajiet kollha fl-ambitu CRR ta' konsolidazzjoni għas-solvenza tal-grupp), inklużi dawk li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti partikolari tas-solvenza fuq bażi individwali, fil-kolonni minn 250 sa 400, huwa li jiġu identifikati dawk l-entitajiet fil-grupp li jiġġeneraw ir-riskji u jiġbru l-fondi proprji mis-suq, fuq il-bażi ta' *data* li tkun diġà disponibbli jew li faċilment tista' terġa' tiġi pproċessata, bla ma jkun hemm għalfejn jerġa' jinħadem il-proporzjon kapitali fuq bażi individwali jew subkonsolidata. Fil-livell tal-entità, kemm ir-riskju kif ukoll iċ-ċifri tal-fondi proprji huma kontribuzzjonijiet għaċ-ċifri tal-grupp u mhux elementi ta' proporzjon ta' solvenza fuq bażi individwali u b'hekk ma jistgħux jitqabblu ma' xulxin.

32. It-tielet parti tinkludi wkoll l-ammonti ta' interessi minoritarji, AT1 kwalifikanti, u T2 kwalifikanti eliġibbli fil-fondi proprji konsolidati.

33. Billi din it-tielet parti tal-formola tirreferi għal 'kontribuzzjonijiet', iċ-ċifri li għandhom jiġu rrapportati fiha għandhom ivarjaw, meta applikabbli, miċ-ċifri rrapportati fil-kolonni li jirreferu għal informazzjoni dettaljata dwar is-solvenza tal-grupp.

34. Il-prinċipju huwa sabiex jitħassru l-iskoperturi trasversali fl-istess gruppi b'mod omoġenu kemm f'termini ta' riskju jew fondi proprji, sabiex ikunu koperti l-ammonti rrapportati fil-formola CA konsolidat tal-grupp billi jiżdiedu l-ammonti rrapportati għal kull entità fil-formola 'Solvenza tal-Grupp'. Ma tkunx possibbli rabta diretta mal-formola CA meta ma jinqabiżx il-limitu ta' 1 %.

35. L-istituzzjonijiet jiddefinixxu l-iktar metodu ta' diżaggregazzjoni xieraq bejn l-entitajiet sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti possibbli tad-diversifikazzjoni għar-riskju tas-suq u r-riskju operazzjonali.

36. Huwa possibbli li grupp konsolidat ikun inkluż fi grupp konsolidat ieħor. Dak ifisser li l-entitajiet f'sottogrupp għandhom jiġu rrappurtati entità b'entità fil-GS tal-grupp kollu, anki jekk is-sottogrupp innifsu jkun suġġett għal rekwiżiti ta' rapportar. Sottogrupp li jkun soġġett għal rekwiżiti ta' rappurtar għandu wkoll jimla l-formola GS abbażi ta' entità b'entità, għalkemm dawk id-dettalji huma inklużi fil-formola GS ta' grupp konsolidat ogħla.

37. Istituzzjoni tirrapporta d-*data* tal-kontribuzzjoni ta' entità meta l-kontribuzzjoni tagħha għall-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju jaqbeż il-1 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju tal-grupp jew meta l-kontribuzzjoni tagħha għall-fondi proprji totali taqbeż il-1 % tal-fondi proprji totali tal-grupp. Dak il-livell limitu ma japplikax fil-każ ta' sussidjarji jew sottogruppi li jipprovdu fondi proprji (fil-forma ta' interessi minoritarji jew strumenti AT1 jew T2 kwalifikanti inklużi fil-fondi proprji) lill-grupp.

2.4. C 06.01 - SOLVENZA TAL-GRUPP: INFORMAZZJONI DWAR L-AFFILJATI — TOTAL (TOTAL GS)

Kolonni	Struzzjonijiet
250-400	**ENTITAJIET FL-AMBITU TAL-KONSOLIDAMENT** Ara l-istruzzjonijiet għal C 06.02
410-480	**BAFERS KAPITALI** Ara l-istruzzjonijiet għal C 06.02

Ringieli	Struzzjonijiet
010	**TOTAL** It-Total għandu jirrappreżenta s-somma tal-valuri rrapportata fir-ringieli kollha tal-formola C 06.02.

2.5. C 06.02 - SOLVENZA TAL-GRUPP: INFORMAZZJONI DWAR L-AFFILJATI (GS)

Kolonni	Struzzjonijiet
010-060	**ENTITAJIET FL-AMBITU TAL-KONSOLIDAMENT** Din il-formola tfasslet biex tiġbor informazzjoni dwar l-entitajiet kollha fuq bażi ta' entità b'entità fl-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti CRR.
010	**ISEM** Isem l-entità fl-ambitu tal-konsolidazzjoni.
020	**KODIĊI** Dan il-kodiċi huwa identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela fil-formola. Kodiċi assenjat lill-entità fl-ambitu tal-konsolidazzjoni. Il-kompożizzjoni reali tal-kodiċi tiddependi fuq is-sistema nazzjonali tar-rapportar.
025	**KODIĊI LEI** Kodiċi LEI tfisser il-kodiċi tal-Identifikazzjoni tal-Entità Legali li huwa kodiċi ta' referenza propost mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) u approvat mill-G20, bl-għan li tinħoloq identifikazzjoni unika u globali tal-partijiet fi tranżazzjonijiet finanzjarji. Sakemm is-sistema LEI globali tkun operattiva għalkollox, Unità Operazzjonali Lokali li ġiet approvata mill-Kumitat tas-Sorveljanza Regolatorja (ROC, informazzjoni dettaljata tinstab fuq is-sit web li ġejja: www.leiroc.org) tassenja l-kodiċijiet ta' qabel l-LEI lill-kontropartijiet. Meta kodiċi tal-Identifikazzjoni ta' Entità Legali (Kodiċi LEI) jeżisti għal kontroparti partikolari, dan għandu jintuża biex jidentifika dik il-kontroparti.
030	**STITUZZJONI JEW EKWIVALENTI: (IVA/LE)** 'IVA' tkun irrapportata fejn l-entità hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont CRR jew CRD jew dispożizzjonijiet li tal-inqas huma ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet Basel. 'LE' tkun irrapportata mod ieħor. ➔ Interessi minoritarji: Il-punt (a)(ii) tal-Artikolu 81(1) u l-punt (a)(ii) tal-Artikolu 82(1) CRR Għall-effetti tal-interessi minoritarji u strumenti AT1 u T2 maħruġin minn sussidjarji, is-sussidjarji li l-istrumenti tagħhom jistgħu jkunu eliġibbli jkunu istituzzjonijiet jew impriżi soġġetti għar-rekwiżiti ta' CRR permezz tad-dritt nazzjonali applikabbli.

Kolonni	Struzzjonijiet
035	**TIP TA' ENTITÀ** It-tip ta' entità jiġi rrappurtat abbażi tal-kategoriji li ġejjin: (a) istituzzjoni ta' kreditu Il-punt (1) tal-Artikolu 4(1) CRR; (b) ditta tal-investiment Il-punt (2) tal-Artikolu 4(1) CRR; (c) istituzzjoni finanzjarja (oħrajn) Il-punti (20), (21) u (26) tal-Artikolu 4(1) CRR Istituzzjonijiet finanzjarji fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) (26) CRR li mhumiex inklużi f'xi waħda mill-kategoriji (d), (f) jew (g); (d) kumpanija azzjonarja finanzjarja (mħallta) Il-punti (20) u (21) u l-Artikolu 4(1) CRR; (e) impriża ta' servizzi anċillari Il-punt (18) tal-Artikolu 4(1) CRR; (f) entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni (SSPE), Il-punt (66) tal-Artikolu 4(1) CRR; (g) kumpanija ta' bonds koperti Entità mwaqqfa biex toħroġ bonds koperti jew li żżomm il-kollateral li jiggarantixxi bond kopert, jekk mhux inkluża f'xi waħda mill-kategoriji (a), (b) jew (d) sa (f) hawn fuq; (h) tip ieħor ta' entità Entità oħra minbarra dawk imsemmija fil-punti (a) sa (g). Meta entità mhix suġġetta għal CRR u CRD, iżda soġġetta għal dispożizzjonijiet li tal-inqas huma ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet ta' Basel, il-kategorija relevanti għandha tiġi determinata abbażi tal-aħjar sforz.
040	**AMBITU TAD-*DATA*: WEĦIDHA KONSOLIDATA TOTALMENT (SF) JEW WEĦIDHA KONSOLIDATA PARZJALMENT (SP)** 'SF' tiġi rrapportata għal sussidjarji individwali totalment konsolidati. 'SP' tiġi rrapportata għal sussidjarji individwali kkonsolidati parzjalment.
050	**KODIĊI TAL-PAJJIŻ** L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-kodiċi b'żewġ ittri msemmija fl-ISO 3166-2.
060	**SEHEM TAL-PARTEĊIPAZZJONI (%)** Dan il-perċentwal jirreferi għas-sehem reali ta' kapital li l-impriża prinċipali jkollha fis-sussidjarji. Fil-każ ta' konsolidazzjoni sħiħa ta' sussidjarja diretta, is-sehem reali jkun pereżempju 70 %. Skont il-punt 16 tal-Artikolu 4(1) CRR, is-sehem ta' parteċipazzjoni ta' sussidjarja li għandu jiġi rrappurtat jirriżulta minn multiplikazzjoni tal-ishma bejn is-sussidjarji kkonċernati.

Kolonni	Struzzjonijiet
070-240	**INFORMAZZJONI DWAR ENTITAJIET SOĠĠETTI GĦAL REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** It-taqsima dwar l-informazzjoni dettaljata (jiġifieri l-kolonni minn 070 sa 240) tiġbor biss informazzjoni fuq dawk l-entitajiet u s-sottogruppi li, billi jaqgħu fl-ambitu tal-konsolidazzjoni (Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti CRR), huma effettivament soġġetti għal rekwiżiti tas-solvenza stabbiliti fis-CRR jew dispożizzjonijiet li tal-inqas huma ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet ta' Basel (jiġifieri, li rrapportaw iva fil-kolonna 030). Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar l-istituzzjonijiet individwali kollha ta' grupp konsolidat li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji, irrelevanti minn fejn jinsabu. L-informazzjoni rrapportata f'din il-parti tirrifletti r-regoli lokali dwar is-solvenza tal-ġurisdizzjoni fejn qed topera l-istituzzjoni (għalhekk, għal din il-formola ma hemmx bżonn li jsir kalkolu doppju fuq bażi individwali fuq il-bażi tar-regoli tal-istituzzjoni prinċipali). Meta r-regoli lokali tas-solvenza jvarjaw mis-CRR u jsirx diżagregazzjoni paragunabbli, timtela l-informazzjoni fejn tkun disponibbli d-*data*, fil-granularità rispettiva. Għaldaqstant, din il-parti hija formola fattwali li tiġbor fil-qosor il-kalkoli li jitwettqu mill-istituzzjonijiet individwali ta' grupp, filwaqt li tqis li wħud minn dawk l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti għal regoli differenti tas-solvenza. **Rapportar ta' spejjeż ġenerali fissi tad-ditti tal-investiment:** Id-ditti tal-investiment jinkludu rekwiżiti tal-fondi proprji relatati ma' spejjeż ġenerali fissi fil-kalkolu tal-proporzjon tal-kapital tagħhom skont l-Artikoli 95, 96, 97 u 98 CRR. Il-parti tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju relatata mal-ispejjeż ġenerali fissi tkun irrapportata fil-kolonna 100 tal-Parti 2 ta' din il-formola.
070	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Is-somma tal-kolonni 080 sa 110 għandha tiġi rrapportata.
080	**KREDITU; KREDITU TAL-KONTROPARTI; RISKJI TA' DILWIZZJONI, KONSENJI BLA ĦLAS U RISKJU TAS-SALDU/TAL-KONSENJA** L-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna għandu jikkorrispondi għas-somma tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju li huma daqs jew ekwivalenti għal dawk li jridu jiġu rrapportati fir-ringiela 040 'AMMONTI TA' SKOPERTURI PONDERATI GĦAR-RISKJU GĦAL RISKJI TA' KREDITU, KREDITU TA' KONTROPARTI U DILWIZZJONI U KONSENJI BLA ĦLAS' u l-ammonti tar-rekwiżiti tal-fondi proprji li huma daqs jew ekwivalenti għal dawk li jridu jiġu rrapportati fir-ringiela 490 'AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJI TAS-SALDU/TAL-KONSENJA' tal-formola CA2.
090	**RISKJI TAL-POŻIZZJONI, TAL-FX U L-KOMMODITAJIET** L-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna għandu jikkorrispondi għall-ammont tar-rekwiżiti tal-fondi proprji li huma daqs jew ekwivalenti għal dawk li jridu jiġu rrapportati fir-ringiela 520 'AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJI TAL-POŻIZZJONI, TAL-KAMBJU U TAL-KOMODITAJIET' tal-formola CA2.
100	**RISKJU OPERAZZJONALI** L-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna għandu jikkorrispondi għall-ammont ta' skopertura għar-riskju li huwa daqs jew ekwivalenti għal dak li jiġi rrapportat fir-ringiela 590 'AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU GĦAL RISKJI OPERAZZJONALI (OpR)' tal-formola CA2. Spejjeż ġenerali fissi jkunu inklużi f'din il-kolonna, inkluż ir-ringiela 630 'AMMONT TA' SKOPERTURA GĦAR RISKJU ADDIZZJONALI MINĦABBA SPEJJEŻ ĠENERALI FISSI' tal-formola CA2.

Kolonni	Struzzjonijiet
110	**AMMONTI OĦRAJN TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU** L-ammont li għandu jkun irrapportat f'din il-kolonna għandu jikkorrispondi għall-ammont tal-iskopertura għar-riskju mhux elenkat b'mod speċjali iktar 'il fuq. Hija għandha tkun is-somma tal-ammonti tar-ringieli 640, 680 u 690 tal-formola CA2.
120-240	**INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IL-FONDI PROPRJI TAS-SOLVENZA TAL-GRUPP** L-informazzjoni rrapportata fil-kolonni li ġejjin għandha tirrifletti r-regoli lokali dwar is-solvenza tal-Istat Membru li fih ikunu qed joperaw l-entità jew is-sottogrupp.
120	**FONDI PROPRJI** L-ammont li jiġi rrapportat f'din il-kolonna jikkorrispondi għall-ammont ta' fondi proprji li huma daqs jew ekwivalenti għal dawk li jridu jiġu rrapportati fir-ringiela 010 'FONDI PROPRJI' tal-formola CA1.
130	**LI MINNHOM: FONDI PROPRJI KWALIFIKANTI** L-Artikolu 82 CRR Din il-kolonna tiġi pprovduta biss għas-sussidjarji rrapportati fuq bażi individwali li huma kompletament konsolidati u li huma istituzzjonijiet. Għas-sussidjarji speċifikati iktar 'il fuq, il-parteċipazzjonijiet kwalifikanti huma l-istrumenti (flimkien mal-qligħ imfaddal, kontijiet tal-premium azzjonarju u riżervi oħrajn relatati) li huma proprjetà ta' persuni li mhumiex l-impriżi u inklużi fil-konsolidazzjoni CRR. L-ammont li għandu jkun irrapportat għandu jinkludi l-effetti ta' kwalunkwe dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-ammont għandu jkun dak eliġibbli fid-data tar-rapportar.
140	**STRUMENTI TA' FONDI PROPRJI RELATATI, IL-QLIGĦ IMFADDAL RELATAT, KONTIJIET TA' PREMIUMS AZZJONARJI U RIŻERVI OĦRAJN** Il-punt (b) tal-Artikolu 87(1) CRR
150	**TOTAL TA' KAPITAL TAL-GRAD 1** L-Artikolu 25 CRR
160	**LI MINNHOM: KAPITAL TAL-GRAD 1 KWALIFIKANTI** L-Artikolu 82 CRR Din il-kolonna tiġi pprovduta biss għas-sussidjarji rrapportati fuq bażi individwali li huma kompletament konsolidati u li huma istituzzjonijiet. Għas-sussidjarji speċifikati iktar 'il fuq, il-parteċipazzjonijiet kwalifikanti huma l-istrumenti (flimkien mal-qligħ imfaddal u kontijiet ta' premiums azzjonarji relatati) li huma proprjetà ta' persuni li mhumiex l-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni CRR. L-ammont li għandu jkun irrapportat għandu jinkludi l-effetti ta' kwalunkwe dispożizzjoni tranżizzjonali. L-ammont għandu jkun dak eliġibbli fid-data tar-rapportar.
170	**STRUMENTI T1 RELATATI, QLIGĦ IMFADDAL RELATAT U KONTIJIET TAL-PREMIUMS AZZJONARJI RELATATI** Il-punt (b) tal-Artikolu 85(1) CRR
180	**KAPITAL TAL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI*** L-Artikolu 50 CRR

Kolonni	Struzzjonijiet
190	**LI MINNHOM: INTERESSI MINORITARJI** L-Artikolu 81 CRR Din il-kolonna tkun irrapportata biss għas-sussidjarji li huma totalment konsolidati u li huma istituzzjonijiet, ħlief għas-sussidjarji msemmijin fl-Artikolu 84(3) CRR. Kull sussidjarju jitqies fuq bażi subkonsolidata għall-kalkoli kollha meħtieġa mill-Artikolu 84 CRR, fejn relevanti, f'konformità mal-Artikolu 84(2), inkella fuq bażi individwali. Għas-sussidjarji speċifikati iktar 'il fuq, l-interessi minoritarji huma l-istrumenti CET1 (flimkien mal-qligħ imfaddal u kontijiet tal-premium azzjonarju relatati) li huma proprjetà ta' persuni li mhumiex l-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni CRR. L-ammont li għandu jkun irrapportat għandu jinkludi l-effetti ta' kwalunkwe dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-ammont għandu jkun dak eliġibbli fid-data tar-rapportar.
200	**STRUMENTI TA' FONDI PROPRJI RELATATI, IL-QLIGĦ IMFADDAL RELATAT, KONTIJIET TA' PREMIUMS AZZJONARJI U RIŻERVI OĦRAJN** Il-punt (b) tal-Artikolu 84(1) CRR
210	**KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI** L-Artikolu 61 CRR
220	**LI MINNHOM: KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI KWALIFIKANTI** L-Artikoli 82 u 83 CRR Din il-kolonna tkun pprovduta biss għas-sussidjarji li huma totalment konsolidati u li huma istituzzjonijiet, ħlief għas-sussidjarji msemmijin fl-Artikolu 85(2) CRR. Kull sussidjarju jitqies fuq bażi subkonsolidata għall-kalkoli kollha meħtieġa fl-Artikolu 85 CRR, fejn relevanti, f'konformità mal-Artikolu 85(2), inkella fuq bażi individwali. Għas-sussidjarji speċifikati iktar 'il fuq, l-interessi minoritarji huma l-istrumenti AT1 (flimkien mal-qligħ imfaddal u kontijiet tal-premium azzjonarju relatati) li huma proprjetà ta' persuni li mhumiex l-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni CRR. L-ammont li għandu jkun irrapportat għandu jinkludi l-effetti ta' kwalunkwe dispożizzjonijiet tranżizzjonali. L-ammont għandu jkun dak eliġibbli fid-data tar-rapportar.
230	**KAPITAL TA' GRAD 2** L-Artikolu 71 CRR
240	**LI MINNHOM: KAPITAL TAL-GRAD 2 KWALIFIKANTI** L-Artikoli 82 u 83 CRR Din il-kolonna tkun ipprovduta biss għas-sussidjarji li huma totalment konsolidati u li huma istituzzjonijiet, ħlief għas-sussidjarji msemmijin fl-Artikolu 87(2) CRR. Kull sussidjarju jitqies fuq bażi subkonsolidata għall-fini tal-kalkoli kollha meħtieġa fl-Artikolu 87 CRR, jekk relevanti, b'konformità mal-Artikolu 87(2) CRR, inkella fuq bażi individwali. Għas-sussidjarji speċifikati iktar 'il fuq, l-interessi minoritarji huma l-istrumenti T2 (flimkien mal-qligħ imfaddal u kontijiet tal-premium azzjonarju relatati) li huma proprjetà ta' persuni li mhumiex l-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi l-effetti ta' kwalunkwe dispożizzjoni tranżizzjonali. Għandu jkun l-ammont eliġibbli fid-data tar-rapportar.

Kolonni	Struzzjonijiet
250-400	**INFORMAZZJONI DWAR IL-KONTRIBUZZJONI TAL-ENTITAJIET GĦAS-SOLVENZA TAL-GRUPP**
250-290	**KONTRIBUZZJONI GĦAR-RISKJI** L-informazzjoni rrapportata fil-kolonni li ġejjin tkun konformi mar-regoli dwar is-solvenza applikabbli għall-istituzzjoni tar-rapportar.
250	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Is-somma tal-kolonni 260 sa 290 għandha tiġi rrapportata.
260	**KREDITU; KREDITU TAL-KONTROPARTI; RISKJI TA' DILWIZZJONI, KONSENJI BLA ĦLAS U RISKJU TAS-SALDU/TAL-KONSENJA** L-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju għal riskju ta' kreditu u r-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju tas-saldu/tal-konsenja skont is-CRR, eskluż kwalunkwe ammont relatat ma' tranżazzjonijiet ma' entitajiet oħrajn inklużi fil-komputazzjoni tal-proporzjon tas-solvenza kkonsolidata tal-grupp.
270	**RISKJI TAL-POŻIZZJONI, TAL-FX U L-KOMMODITAJIET** L-ammonti ta' skopertura għar-riskji tas-suq għandhom jiġu kkalkolati fil-livell ta' kull entità skont is-CRR. L-entitajiet għandhom jirrapportaw il-kontribuzzjoni għall-ammonti tal-iskopertura totali għar-riskju għal riskju tal-pożizzjoni, tal-FX u tal-komodità tal-grupp. Is-somma tal-ammonti rrapportati hawnhekk għandha tikkorrispondi mal-ammont irrapportat fir-ringiela 520 'AMMONTI TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU GĦAL RISKJI TAL-POŻIZZJONI, TAL-KAMBJU U TAL-KOMODITÀ' tar-rapport ikkonsolidat.
280	**RISKJU OPERAZZJONALI** Fil-każ ta' AMA, l-ammonti ta' skopertura għar-riskju rrapportati għar-riskju operazzjonali għandhom jinkludu l-effett ta' diversifikazzjoni. L-ispejjeż ġenerali fissi jiġu inklużi f'din il-kolonna.
290	**AMMONTI OĦRAJN TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU** L-ammont li għandu jkun irrapportat f'din il-kolonna għandu jikkorrispondi għall-ammont tal-iskopertura għar-riskji li mhumiex fost dawk elenkati iktar 'il fuq.
300-400	**KONTRIBUZZJONI GĦALL-FONDI PROPRJI** Din il-parti tal-formola ma għandhiex l-għan li timponi fuq l-istituzzjonijiet kalkolu sħiħ tal-proporzjon kapitali totali fil-livell ta' kull entità. Il-Kolonni minn 300 sa 350 ikunu rrapportati għal entitajiet ikkonsolidati li jikkontribwixxu għal fondi proprji minn interessi minoritarji, kapital tal-Grad 1 kwalifikattiv jew fondi proprji kwalifikattivi. Il-Kolonni minn 360 sa 400 għandhom ikunu rrapportati għall-entitajiet ikkonsolidati kollha li jikkontribwixxu għall-fondi proprji kkonsolidati, soġġetti għal-limiti msemmija fl-aħħar paragrafu tal-kapitolu 2.3 tal-Parti II hawn fuq. Il-fondi proprji miġjuba għal entità mill-bqija tal-entitajiet inklużi fl-ambitu tal-entità ta' rapportar ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni, u l-kontribuzzjoni netta għall-fondi proprji tal-grupp biss għandha tiġi rrapportata f'din il-kolonna (primarjament il-fondi proprji miġbura minn partijiet terzi u riżervi akkumulati). L-informazzjoni rrapportata fil-kolonni li ġejjin tkun konformi mar-regoli dwar is-solvenza applikabbli għall-istituzzjoni tar-rapportar.
300-350	**FONDI PROPRJI KWALIFIKANTI INKLUŻI F'FONDI PROPRJI KONSOLIDATI** L-ammont li għandu jiġi rrapportat bħala 'FONDI PROPRJI KWALIFIKANTI F'FONDI PROPRJI KONSOLIDATI' għandu jkun l-ammont kif derivat mit-Titolu II tal-Parti Tnejn CRR, minbarra kull fond miġjub minn entitajiet ta' grupp oħrajn.

Kolonni	Struzzjonijiet
300	**FONDI PROPRJI KWALIFIKANTI INKLUŻI F'FONDI PROPRJI KONSOLIDATI** L-Artikolu 87 CRR
310	**STRUMENTI TAL-GRAD 1 KWALIFIKANTI INKLUŻI FIL-KAPITAL TAL-GRAD 1 KONSOLIDAT** L-Artikolu 85 CRR
320	**INTERESSI MINORITARJI INKLUŻI FIL-KAPITAL TA' GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI** L-Artikolu 84 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammont ta' interessi minoritarji ta' sussidjarja li huwa inkluż fis-CET1 ikkonsolidat skont is-CRR.
330	**STRUMENTI TAL-GRAD 1 KWALIFIKANTI INKLUŻI FIL-KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI KONSOLIDAT** L-Artikolu 86 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammont ta' kapital kwalifikanti T1 ta' sussidjarja inkluż fl-AT1 ikkonsolidat skont is-CRR.
340	**STRUMENTI TA' FONDI PROPJI INKLUŻI FIL-KAPITAL TAL-GRAD 2** L-Artikolu 88 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammont ta' fondi proprji kwalifikanti ta' sussidjarja li huwa inkluż fis-T2 ikkonsolidat skont is-CRR.
350	**ENTRATA FIL-MEMORANDUM: AVVJAMENT (–)/(+) AVVJAMENT NEGATTIV**
360-400	**FONDI PROPRJI KKONSOLIDATI** L-Artikolu 18 CRR L-ammont li għandu jiġi rrapportat bħala 'FONDI PROPRJI KONSOLIDATI' għandu jkun l-ammont kif miġjub mill-karta bilanċjali, eskluż kwalunkwe fond miġjub minn entitajiet ta' grupp oħrajn.
360	**FONDI PROPRJI KKONSOLIDATI**
370	**LI MINNHOM: GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI**
380	**LI MINNHOM: GRAD 1 ADDIZZJONALI**
390	**LI MINNHOM: KONTRIBUZZJONIJIET GĦAR-RIŻULTAT KONSOLIDAT** Għandha tiġi rrapportata l-kontribuzzjoni ta' kull entità għar-riżultat ikkonsolidat (profitt jew telf (-)). Dik tinkludi r-riżultati attribwibbli għal interessi minoritarji.
400	**LI MINNHOM: (-) AVVJAMENT/(+) AVVJAMENT NEGATTIV** Avvjament jew avvjament negattiv tal-entità li tirrapporta fuq is-sussidjarjetà jiġi rrapportat hawn.

Kolonni	Struzzjonijiet
410-480	**BAFERS KAPITALI** L-istruttura tar-rapportar tal-bafers kapitali għall-formola GS għandha ssegwi l-istruttura ġenerali tal-formola CA4, billi tuża l-istess kunċetti ta' rapportar. Meta jiġu rrapportati l-bafers kapitali għall-formola GS, l-ammonti relevanti għandhom ikunu rrapportati f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli biex jiddeterminaw ir-rekwiżit tal-bafer għas-sitwazzjoni konsolidata ta' grupp. Għaldaqstant, l-ammonti rrapportati ta' bafers kapitali jirrappreżentaw il-kontribuzzjonijiet ta' kull entità lill-bafers ta' grupp kapitali. L-ammonti rrapportati għandhom ikunu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jittrasponu s-CRD u fuq is-CRR, inklużi kwalunkwe dispożizzjonijiet tranżizzjonali previsti fihom.
410	**REKWIŻIT TA' BAFER KOMBINAT** Il-punt (6) tal-Artikolu 128 CRD
420	**RIŻERVA TA' KONSERVAZZJONI TA' KAPITAL** Il-punt (1) tal-Artikolu 128 u l-Artikolu 129 CRD Skont l-Artikolu 129(1) CRD, ir-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital hija ammont addizzjonali ta' kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni. Minħabba l-fatt li r-rata ta' 2,5 % tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital hija stabbli, f'din iċ-ċellola għandu jkun irrapportat ammont.
430	**BAFER KAPITALI KONTROĊIKLIKU SPEĊIFIKU GĦALL-ISTITUZZJONI** Il-punt (2) tal-Artikolu 128, l-Artikolu 130 u l-Artikoli 135 sa 140 CRD F'din iċ-ċellola, għandu jiġi rrapportat l-ammont konkret tal-bafer kontroċikliku.
440	**BAFER TA' KONSERVAZZJONI DOVUT GĦAL RISKJU MAKROPRUDENZJALI JEW SISTEMIKU IDENTIFIKAT FIL-LIVELL TA' STAT MEMBRU** Il-punt (d)(iv) tal-Artikolu 458(2) CRR F'din iċ-ċellola, jiġi rrapportat il-bafer ta' konservazzjoni dovut għal riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru, li jista' jkun meħtieġ skont l-Artikolu 458 CRR minbarra l-bafer kapitali ta' konservazzjoni.
450	**BAFER TAR-RISKJU SISTEMIKU** Il-punt (5) tal-Artikolu 128, l-Artikoli 133 u 134 CRD F'din iċ-ċellola jkun irrapportat l-ammont tal-bafer tar-riskju sistemiku.
470	**BAFER TA' ISTITUZZJONI GLOBALI SISTEMATIKAMENT IMPORTANTI** Il-punt (3) tal-Artikolu 128 u l-Artikolu 131 CRD F'din iċ-ċellola jiġi rrapportat l-ammont tal-bafer tal-Istituzzjoni Globali Sistematikament Importanti.
480	**BAFER TA' ISTITUZZJONI SISTEMIKAMENT IMPORTANTI OĦRA** Il-punt (4) tal-Artikolu 128 u l-Artikolu 131 CRD F'din iċ-ċellola jiġi rrapportat l-ammont tal-bafer tal-Istituzzjoni Sistemikament Importanti Oħra.

3. IL-FORMOLI TAR-RISKJU TA' KREDITU

3.1. RIMARKI ĠENERALI

38. Hemm settijiet differenti ta' formoli għall-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB għar-riskju ta' kreditu. Barra minn hekk, formoli separati għat-diżagregazzjoni ġeografika tal-pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju ta' kreditu jkunu rrapportati jekk jinqabeż il-livell limitu relevanti stabbilit fil-punt (4) tal-Artikolu 5(a) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

3.1.1. Rapportar tat-tekniki tas-CRM b'effett ta' sostituzzjoni

39. L-Artikolu 235 CRR jiddeskrivi l-proċedura ta' kalkolu tal-iskopertura li hija kompletament protetta minn protezzjoni mhux iffinanzjata.

40. L-Artikolu 236 CRR jiddeskrivi l-proċedura ta' kalkolu tal-iskopertura li hija kompletament protetta minn protezzjoni mhux iffinanzjata fil-każ ta' protezzjoni sħiħa/protezzjoni parzjali — superjorità ndaqs.

41. L-Artikoli 196, 197 u 200 CRR jirregolaw il-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata.

42. Skoperturi għal obbliganti (kontropartijiet immedjati) u fornituri tal-protezzjoni li huma assenjati fl-istess klassi ta' skoperturi għandhom jiġu rrapportati bħala fluss 'il ġewwa kif ukoll bħala fluss 'il barra għall-istess klassi ta' skoperturi.

43. It-tip ta' skopertura ma għandux jinbidel minħabba protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata.

44. Jekk skopertura hija ggarantita minn protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, il-parti ggarantita għandha tkun assenjata bħala fluss 'il barra pereż. fil-klassi ta' skoperturi tal-obbligant u bħala fluss 'il ġewwa fil-klassi tal-skoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni. Madankollu, it-tip tal-iskopertura ma għandux jinbidel minħabba l-bidla fil-klassi tal-iskoperturi.

45. L-effett ta' sostituzzjoni fil-qafas ta' rapportar tal-COREP jirrifletti t-trattament tal-ponderazzjoni tar-riskju effettivament applikabbli għall-parti koperta tal-iskopertura. B'ħekk, il-parti koperta tal-iskopertura għandha tkun ponderata għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat u tkun irrapportata fil-formola CR SA.

3.1.2. Rapportar tar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti

46. Skoperturi li ġejjin minn pożizzjonijiet ta' Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti jkunu rrapportati fil-formoli CR SA jew CR IRB indipendenti minn jekk humiex entrati tal-Portafoll Bankarju jew tal-Portafoll tan-Negozjar.

3.2. C 07,00 - IR-RISKJI TA' KREDITU U TA' KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI (CR SA)

3.2.1. Kummenti ġenerali

47. Il-formoli CR SA jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ Standardizzat. B'mod partikolari, jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar:

(a) id-distribuzzjoni tal-valuri tal-iskoperturi skont tipi ta' skoperturi, ponderazzjonijiet tar-riskju u klassijiet tal-iskoperturi differenti;

(b) l-ammont u t-tip ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu użati għall-mitigazzjoni tar-riskji.

3.2.2. L-ambitu tal-formola tas-CR SA

48. Skont l-Artikolu 112 CRR kull skopertura tal-SA tkun assenjata f'waħda mis-16-il klassi tal-iskoperturi tal-SA biex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti tal-fondi proprji.

49. Hija meħtieġa informazzjoni fis-CR SA għall-klassijiet ta' skoperturi totali u b'mod individwali għal kull waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi skont l-Approċċ Standardizzat. Iċ-ċifri totali kif ukoll l-informazzjoni ta' kull klassi ta' skoperturi huma rrapportati f'dimensjoni separata.

50. Madankollu, il-pożizzjonijiet li ġejjin ma jaqgħux fl-ambitu tas-CR SA:

(a) Skoperturi assenjati f'entrati tal-klassi ta' skoperturi 'li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni' kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 112 CRR, li jiġu rrapportati fil-formoli tas-CR SEC.

(b) Skoperturi mnaqqsin minn fondi proprji.

51. L-ambitu tal-formola tas-CR SA jkopri r-rekwiżiti tal-fondi proprji li ġejjin:

(a) Riskju ta' kreditu skont il-Kapitolu 2 (Approċċ Standardizzat) tal-Parti Tlieta, Titolu II CRR fil-portafoll bankarju, fosthom ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 6 (Riskju ta' kreditu tal-kontroparti) CRR fil-portafoll bankarju;

(b) Riskju ta' kreditu tal-kontroparti skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 6 (Riskju ta' kreditu tal-kontroparti) CRR fil-portafoll tan-negozjar;

(c) Riskju tas-saldu li ġej minn konsenji bla ħlas b'konformità mal-Artikolu 379 CRR fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali kollha.

52. Il-formola għandha tinkludi l-iskoperturi kollha li għalihom ir-rekwiżiti ta' fondi proprji huma kkalkolati skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR flimkien mal-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Artikolu 94(1) CRR iridu jirrapportaw ukoll il-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar tagħhom f'din il-formola meta japplikaw il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR biex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji fih (Kapitoli 2 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u Titolu V tal-Parti Tlieta CRR). Għaldaqstant, il-formola tipprovdi mhux biss informazzjoni dettaljata dwar it-tip tal-iskopertura (pereż. entrati tal-karta bilanċjali/barra l-karta bilanċjali), iżda anki informazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-ponderazzjonijiet tar-riskju fil-klassi rispettiva tal-iskoperturi.

53. Barra minn hekk CR SA jinkludi entrati tal-memorandum fir-ringieli minn 290 sa 320 sabiex jiġbor iktar informazzjoni dwar skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli u skoperturi f'inadempjenza.

54. Dawk l-entrati tal-memorandum ikunu rrapportati biss għall-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin:

(a) Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali (il-punt (a) tal-Artikolu 112 CRR);

(b) Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali (il-punt (b) tal-Artikolu 112 CRR)

(c) Entitajiet tas-settur pubbliku (il-punt (c) tal-Artikolu 112 CRR);

(d) Istituzzjonijiet (il-punt (f) tal-Artikolu 112 CRR);

(e) Korporazzjonijiet (il-punt (g) tal-Artikolu 112 CRR);

(f) Fil-livell tal-konsumatur (il-punt (h) tal-Artikolu 112 CRR).

55. Ir-rapportar tal-entrati tal-memorandum la jaffettwa l-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderat għar-riskju tal-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fil-punti (a) sa (c) u (f) sa (h) tal-Artikolu 112 CRR u lanqas tal-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fil-punti (i) u (j) tal-Artikolu 112 CRR irrapportati fil-formola CR SA.

56. Ir-ringieli tal-memorandum jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar l-istruttura tal-obbligant tal-klassijiet tal-iskoperturi 'f'inadempjenza' jew 'iggarantiti bi proprjetà immobbli'. Hawnhekk l-iskoperturi jiġu rrapportati meta l-obbliganti kienu jiġu rrapportati fil-klassijiet tal-iskoperturi ta' 'Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali', 'Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali', 'Entitajiet tas-settur pubbliku', 'Istituzzjonijiet', 'Korporattivi' u 'Livell tal-konsumaturi' tas-CR SA, jekk dawk l-iskoperturi ma ġewx assenjati fil-klassijiet tal-iskoperturi 'f'inadempjenza' jew 'iggarantiti minn proprjetà immobbli'. Madankollu, iċ-ċifri rrapportati huma l-istess bħal dawk użati biex jiġu kkalkolati l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju tal-klassijiet tal-iskoperturi 'f'inadempjenza' jew 'iggarantiti bi proprjetà immobbli'.

57. Pereż. jekk skopertura, li l-ammonti ta' skopertura għar-riskju tagħha huma kkalkolati skont l-Artikolu 127 CRR u l-aġġustamenti tal-valur huma inqas minn 20 %, f'dak il-każ dik l-informazzjoni tiġi rrapportata fis-CR SA, ringieli 320 fit-total u fil-klassi tal-iskoperturi 'f'inadempjenza'. Jekk qabel issir inadempjenti, din l-iskopertura kienet skopertura għal istituzzjoni, mela dik l-informazzjoni tiġi rrapportata wkoll fir-ringiela 320 tal-klassi tal-iskoperturi "istituzzjonijiet'.

3.2.3. Assenjament ta' skoperturi għal klassijiet tal-iskoperturi skont l-Approċċ Standardizzat

58. Sabiex tiġi żgurata kategorizzazzjoni konsistenti ta' skoperturi fil-klassijiet tal-iskoperturi differenti kif imsemmija fl-Artikolu 112 CRR jiġi applikat l-approċċ sekwenzjali li ġej:

(a) Bħala l-ewwel pass, il-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura Oriġinali jiġu kklassifikati fil-klassi tal-iskoperturi korrispondenti (oriġinali) kif imsemmi fl-Artikolu 112 CRR, bla ħsara għat-trattament speċifiku (ponderazzjoni tar-riskju) li kull skopertura speċifika tirċievi fil-klassi tal-iskoperturi assenjata.

(b) Fit-tieni pass, l-iskoperturi jistgħu jerġgħu jitqassmu fi klassijiet tal-iskoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu (CRM) bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura (pereż. garanziji, derivattivi ta' kreditu, metodu ssimplifikat tal-kollateral finanzjarju) permezz ta' influssi u flussi 'l barra.

59. Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura Oriġinali fil-klassijiet differenti ta' skoperturi (l-ewwel pass) mingħajr ħsara għat-tqassim mill-ġdid sussegwenti kkaġunat mill-użu ta' tekniki tas-CRM bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura jew għat-trattament (ponderazzjoni tar-riskju) li kull skopertura speċifika tirċievi fil-klassi tal-iskoperturi assenjata.

60. Għall-fini ta' klassifikazzjoni tal-fattur ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali fl-ewwel pass, it-tekniki ta' CRM assoċjati mal-iskoperturi ma jittieħdux f'kunsiderazzjoni (kun af li jittieħdu f'kunsiderazzjoni b'mod espliċitu fit-tieni fażi) sakemm effett ta' protezzjoni ma jkunx parti intrinsika mid-definizzjoni ta' klassi tal-iskoperturi hekk kif inhu l-każ fil-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 112 CRR (skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli).

61. L-Artikolu 112 CRR ma jipprovdix kriterji għad-diżassoċjazzjoni tal-klassijiet tal-iskoperturi. Dan jista' jimplika li skopertura waħda tista' potenzjalment tkun ikklassifikata fi klassijiet tal-iskoperturi differenti jekk ma tkun ipprovduta ebda prijoritizzazzjoni fil-kriterji ta' valutazzjoni għall-klassifikazzjoni. L-iktar każ ovvju jiġi minn bejn skoperturi għal istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir (punt (n) tal-Artikolu 112 CRR) u skoperturi għal istituzzjonijiet (il-punt (f) tal-Artikolu 112 CRR)/skoperturi għal korporattivi (il-punt (g) tal-Artikolu 112 CRR). F'dak il-każ, huwa ċar li hemm prijoritizzazzjoni impliċita fis-CRR billi l-ewwel jiġi vvalutat jekk ċerta skopertura hijiex adattata sabiex tiġi assenjata għal skoperturi b'Terminu Qasir għal istituzzjonijiet u korporattivi u wara biss jiġi vvalutat jekk jaqbilx sabiex jiġi assenjat għal skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi. Inkella, ovvjament, għall-klassi ta' skoperturi msemmija fil-punt (n) tal-Artikolu 112 CRR qatt ma tiġi assenjata skopertura. L-eżempju pprovdut huwa wieħed mill-iktar eżempji ovvji iżda mhuwiex l-uniku wieħed. Ta' min jinnota li l-kriterji użati għat-twaqqif tal-klassijiet tal-iskoperturi bl-Approċċ Standardizzat huma differenti (kategorizzazzjoni istituzzjonali, terminu ta' skopertura, status skadut, eċċ.) u din hija r-raġuni sottostanti għal raggruppamenti mhux diżassoċjati.

62. Għal rapportar omoġenu u paragunabbli, hemm bżonn li jiġu speċifikati kriterji ta' valutazzjoni tal-prijoritizzazzjoni għall-assenjament ta' fattur ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura Oriġinali skont il-klassijiet tal-iskoperturi, mingħajr ħsara għat-trattament speċifiku (ponderazzjoni tar-riskju) li kull skopertura speċifika tirċievi fil-klassi tal-iskoperturi assenjata. Il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni ppreżentati hawn taħt billi tintuża skema ġerarkika tad-deċiżjonijiet huma bbażati fuq il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod espliċitu fis-CRR sabiex skopertura tkun adattata għal ċerta klassi tal-iskoperturi u, jekk inhu l-każ, fuq kwalunkwe deċiżjoni min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' rapportar jew is-superviżur dwar l-applikabbiltà ta' ċerti klassijiet tal-iskoperturi. Għalhekk, l-eżitu tal-proċess ta' assenjament tal-iskopertura għal skopijiet ta' rapportar għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet CRR. Dak ma jipprojbixxix lill-istituzzjonijiet milli japplikaw proċeduri ta' assenjament interni oħrajn li jistgħu jkunu wkoll konsistenti mad-dispożizzjonijiet relevanti kollha CRR u l-interpretazzjonijiet tiegħu maħruġin mill-fora xierqa.

63. Klassi tal-iskoperturi tingħata prijorità fuq oħrajn fil-klassifikazzjoni tal-valutazzjoni fil-ġerarkija tad-deċiżjonijiet (jiġifieri l-ewwel jiġi vvalutat jekk skopertura tistax tiġi assenjata għal klassi ta' skoperturi, mingħajr ħsara għall-eżitu tal-assenjament) jekk le potenzjalment ma tiġi assenjata l-ebda skopertura lilha. Dak ikun il-każ fejn fin-nuqqas ta' kriterji ta' prijoritizzazzjoni, klassi tal-iskoperturi minnhom tkun subsett ta' oħrajn. Għalhekk, il-kriterji murija b'mod grafiku fil-ġerarkija tad-deċiżjonijiet li ġejja taħdem bi proċess sekwenzjali.

64. F'dan l-isfond, il-klassifikazzjoni tal-valutazzjoni fil-ġerarkija tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn taħt issegwi l-ordni li ġejja:

1. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

2. Entrati assoċjati ma' riskju għoli partikolari;

3. Skoperturi ta' ekwità

4. Skoperturi f'inadempjenza;

5. Skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv ('CIU')/Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti (klassijiet tal-iskoperturi diżassoċjati);

6. Skoperturi garantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli;

7. Entrati oħrajn;

8. Skoperturi għal istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir;

9. Il-klassijiet tal-iskoperturi kollha l-oħrajn (klassijiet tal-iskoperturi diżassoċjati) li jinkludu L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali; l-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali; l-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku; l-iskoperturi għal banek multilaterali tal iżvilupp; l-iskoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali; l-iskoperturi għal istituzzjonijiet; l-iskoperturi għal korporattivi u L-iskoperturi fil-livell tal konsumatur.

65. Fil-każ ta' skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv u meta jintuża l-prinċipju tat-trasparenza (il-paragrafi 3, 4 u 5 tal-Artikolu 132 CRR), l-iskoperturi individwali sottostanti jitqiesu u jiġu kklassifikati fil-linja tal-ponderazzjoni tar-riskju korrispondenti tagħhom skont it-trattament tagħhom, iżda l-iskoperturi individwali kollha jiġu kklassifikati fil-klassi tal-Iskoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv ('CIU').

66. 'nth' għal derivattivi ta' kreditu inadempjenti, kif speċifikati fl-Artikolu 134(6) CRR, li huma klassifikati, għandhom jiġu klassifikati direttament bħala pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Jekk mhumiex klassifikati, jiġu kkunsidrati fil-klassi tal-iskoperturi 'Entrati oħrajn'. F'dak l-aħħar każ, l-ammont nominali tal-kuntratt ikun irrapportat bħala l-Fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali fil-linja għal 'Ponderazzjonijiet tar-riskju oħrajn' (il-ponderazzjoni tar-riskju użat ikun dak speċifikat mis-somma indikata skont l-Artikolu 134(6) CRR.

67. Fit-tieni pass, bħala konsegwenza tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bl-effetti tas-sostituzzjoni, l-iskoperturi jerġgħu jiġu allokati fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni.

IL-ĠERARKIJA TAD-DEĊIŻJONIJIET DWAR KIF JIĠU ASSENJATI L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI TAL-ISKOPERTURA ORIĠINALI GĦALL-KLASSIJIET TAL-ISKOPERTURI TAL-APPROĊĊ STANDARDIZZAT SKONT IS-CRR

Skopertura oriġinarja qabel il-fatturi ta' konverżjoni		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punt (m) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni
LE ⇩		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punt (k) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Entrati assoċjati ma' riskju għoli partikolari (ara wkoll l-Artikolu 128 CRR)
LE ⇩		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punt (p) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Skoperturi ta' ekwità (ara wkoll l-Artikolu 133 CRR)
LE ⇩		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punt (j) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Skoperturi f'inadempjenza
LE ⇩		

Skopertura oriġinarja qabel il-fatturi ta' konverżjoni		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punti (l) u (o) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'impriżi ta' investiment kollettiv (CIU) Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti (ara wkoll l-Artikolu 129 CRR) Dawn iż-żewġ klassijiet tal-iskoperturi huma diżassoċjati minn xulxin (ara l-kummenti dwar il-prinċipju tat-trasparenza fit-tweġiba iktar 'il fuq). Għalhekk, l-assenjament għal waħda minnhom ikun faċli.
LE ⇩		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punt (i) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli (ara wkoll l-Artikolu 124 CRR)
LE ⇩		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punt (q) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Entrati oħrajn
LE ⇩		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-punt (n) tal-Artikolu 112 CRR?	IVA ⇨	Skoperturi għal istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir
LE ⇩		

Il-klassijiet ta' skoperturi ta' hawn taħt huma diżassoċjati minn xulxin. Għalhekk, l-assenjament għal waħda minnhom ikun faċli.

L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali

L-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali

L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku

L-iskoperturi għal banek multilaterali ta' żvilupp

L-iskoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali

L-iskoperturi għal istituzzjonijiet

L-iskoperturi għal korporattivi

Skoperturi fil-livell tal-konsumatur

3.2.4. Kjarifiki dwar l-ambitu ta' xi klassijiet tal-iskoperturi speċifiċi msemmijin fl-Artikolu 112 CRR

3.2.4.1. Il-Klassi ta' Skoperturi 'Istituzzjonijiet'

68. L-iskoperturi fil-grupp imsemmija fil-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 113 CRR għandhom jiġu rrapportati kif ġej:

69. Skoperturi li jissodisfaw ir rekwiżiti tal-Artikolu 113 (7) CRR jiġu rrapportati fil-klassijiet tal-iskoperturi rispettivi meta jkunu rrapportati jekk ma kienx hemm skoperturi intragrupp.

70. Skont il-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 113 CRR istituzzjoni tista', soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu għall-iskoperturi ta' dik l-istituzzjoni għal kontroparti li tkun l-impriża prinċipali tagħha, is-sussidjarja tagħha, sussidjarja tal-impriża prinċipali tagħha jew impriża marbuta b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE. Dak ifisser li l-kontropartijiet tal-intragrupp li mhux bilfors istituzzjonijiet iżda anki impriżi li huma assenjati fi klassijiet ta' skoperturi oħrajn, pereż. impriżi ta' servizzi anċillari jew impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 12 (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE ([8]). Għalhekk, l-iskoperturi intragrupp ikunu rrapportati fil-klassi tal-iskoperturi korrispondenti.

3.2.4.2. Il-Klassi ta' Skoperturi 'Bonds Koperti'

71. L-iskoperturi SA għandhom jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi 'bonds koperti' kif ġej:

72. Bonds imsemmija fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 129 CRR sabiex jiġu kklassifikati fil-klassi ta' skoperturi 'Bonds Koperti'. L-ilħuq ta' dawk ir-rekwiżiti jrid jiġi verifikat f'kull każ. Minkejja dan, bonds imsemmija fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE u maħruġin qabel il-31 ta' Diċembru 2007, għandhom ikunu assenjati wkoll fil-klassi ta' skoperturi 'Bonds koperti' skont l-Artikolu 129(6) CRR.

3.2.4.3. Il-klassi ta' skoperturi 'Impriżi ta' Investiment Kollettiv'

73. Meta tintuża l-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 132(5) CRR, skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'CIUs jiġu rrapportati bħala entrati tal-karta bilanċjali skont l-ewwel sentenza fl-Artikolu 111(1) CRR.

3.2.5. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**SKOPERTURA ORIĠINALI QABEL IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI** Il-valur tal-iskopertura kkalkolat skont l-Artikolu 111 CRR bla ma jitqiesu l-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti, il-fatturi tal-konverżjoni u l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bil-kwalifiki li ġejjin mill-Artikolu 111(2) CRR: 1. Għal strumenti derivattivi, tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, tranżazzjonijiet ta' saldu twil u tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self b'marġini soġġetti għall-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR jew soġġett għall-punt (f) tal-Artikolu 92(3) CRR, l-iskopertura oriġinarja tikkorrispondi għall-Valur tal-Iskopertura għar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti kkalkolat skont il-metodu stabbiliti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. 2. Il-valuri tal-iskoperturi għal kuntratti ta' lokazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 134(7) CRR. 3. Fil-każ ta' netting tal-karta bilanċjali kif stabbilit fl-Artikolu 219 CRR il-valuri tal-iskopertura jiġu rrapportati b'kunsiderazzjoni tal-ammont tal-kollateral fi flus riċevut. 4. Fil-każ ta' ftehimiet prinċipali ta' netting li jkopru tranżazzjonijiet ta' riakkwist, titoli, għoti b'self ta' komoditajiet, tranżazzjonijiet ta' teħid b'self jew tranżazzjonijiet oħrajn immotivati mis-suq kapitali soġġetti għall-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, l-effett tal-Protezzjoni ta' Kreditu Ffinanzjata fil-forma ta' ftehimiet prinċipali ta' netting imsemmija fl-Artikolu 220(4) CRR għandu jiġi rifless fil-kolonna 010. Għaldaqstant, fil-każ ta' ftehimiet prinċipali ta' netting li jkopru tranżazzjonijiet ta' riakkwist soġġetti għall-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, E* kif ikkalkolat skont l-Artikoli 220 u 221 CRR ikun irrapportat fil-kolonna 010 tal-formola CR SA.

([8]) Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati (ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1).

([9]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi tal-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

Kolonni	
030	**(-) Aġġustamenti tal-valur u provvediment assoċjati mal-iskopertura oriġinali** **L-Artikoli 24 u 111 CRR** Aġġustamenti tal-valur u provvedimenti għal telf ta' kreditu li sar skont il-qafas tal-kontabbiltà li hija soġġetta għalih l-entità li tirrapporta
040	**Skopertura netta mill-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti** Is-somma tal-kolonni 010 u 030
050 – 100	**TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA** Tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu kif definiti fil-punt (57) tal-Artikolu 4(1) CRR li jnaqqsu r-riskju ta' kreditu ta' skopertura jew skoperturi permezz tas-sostituzzjoni ta' skoperturi kif deskritt hawn taħt fis-'Sostituzzjoni tal-iskopertura minħabba CRM'. Kollateral li għandu effett fuq il-valur tal-iskopertura (pereż. jekk jintuża għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura) għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura. Entrati li għandhom jiġu rrapportati hawnhekk: — kollateral, inkorporat skont il-Metodu Simplifikat tal-Kollateral Finanzjarju; — protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata eliġibbli. Ara wkoll l-istruzzjonijiet tal-punt 3.1.1.
050 – 060	**Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata: il-valuri aġġustati (G_A)** L-Artikolu 235 CRR L-Artikolu 239(3) CRR fih il-formula għall-kalkolu tal-valur aġġustat G_A ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata.
050	**Garanziji** L-Artikolu 203 CRR Protezzjoni ta' Kreditu Mhux Iffinanzjata kif definita fil-punt (59) tal-Artikolu 4(1) CRR li ma tinkludix Derivattivi ta' Kreditu.
060	**Derivattivi ta' kreditu** L-Artikolu 204 CRR
070 – 080	**Protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata** Dawn il-kolonni jirreferu għall-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata kif definita fil-punt (58) tal-Artikolu 4(1) CRR u soġġetta għar-regoli stipulati fl-Artikoli 196, 197 u 200 CRR. L-ammonti ma jinkludux ftehimiet prinċipali ta' netting (diġà inklużi fil-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-Iskopertura Oriġinali). Investimenti f'noti marbuta ma' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 218 CRR u pożizzjonijiet fuq il-karta bilanċjali ta' netting li jirriżultaw minn ftehimiet ta' netting eliġibbli fuq il-karta bilanċjali kif imsemmija fl-Artikolu 219 CRR jiġu ttrattati bħala kollateral fi flus.
070	**Kollateral finanzjarju: metodu sempliċi** Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 222 CRR.

Kolonni	
080	**Protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata oħra** L-Artikolu 232 CRR.
090 – 100	**SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM** L-Artikolu 222(3), il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 235 u l-Artikolu 236 CRR Flussi 'l barra jikkorrispondu għall-parti koperta tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-Iskopertura Oriġinali, li titnaqqas mill-klassi tal-iskoperturi tal-obbligant u sussegwentement tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni. Dak l-ammont għandu jitqies bħala fluss 'il ġewwa fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni. Influssi u flussi 'l barra fl-istess klassijiet tal-iskoperturi jiġu rrapportati wkoll. Jittieħdu f'kunsiderazzjoni skoperturi li ġejjin minn influssi u flussi 'l barra possibbli minn u lejn formoli oħrajn.
110	**SKOPERTURA WARA LI S-SOSTITUZZJONI CRM TAFFETTWA L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI** L-ammont tal-iskopertura netta mill-aġġustamenti tal-valur wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-flussi 'l barra u 'l ġewwa dovuti għat-TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA
120-140	**TEKNIKI TAL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TAL-KREDITU LI JAFFETTWAW L-AMMONT TAL-ISKOPERTURA. PROTEZZJONI TA' KREDITU FINANZJATA, METODU KOMPRENSIV TA' KOLLATERAL FINANZJARJU** L-Artikoli 223 sa 228 CRR. Jinkludu wkoll noti marbuta ma' kreditu (l-Artikolu 218 CRR) Noti marbuta ma' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 218 CRR u pożizzjonijiet fuq il-karta bilanċjali ta' netting li jirriżultaw minn ftehimiet ta' netting eliġibbli fuq il-karta bilanċjali kif imsemmija fl-Artikolu 219 CRR jiġu ttrattati bħala kollateral fi flus. L-effett tal-kollateralizzazzjoni tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju applikat għal skopertura, li hija ggarantita b'kollateral finanzjarju eliġibbli, għandu jkun ikkalkolat skont l-Artikoli 223 sa 228 CRR.
120	**Aġġustament fil-volatilità għall-iskopertura** Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 223 CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat huwa l-impatt tal-aġġustament fil-volatilità għall-iskopertura (Eva-E) = E*He
130	**(-) Valur aġġustat tal-kollateral finanzjarju (Cvam)** L-Artikolu 239(2) CRR. Għall-operazzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar, għandhom jiġu inklużi kollateral finanzjarju u komoditajiet eliġibbli għall-iskoperturi tal-portafoll tan-negozjar skont il-punti (c) sa (f) tal-Artikolu 299(2) CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat jikkorrispondi għal Cvam = C*(1-Hc-Hfx)*(t-t*)/(T-t*). Għal definizzjoni ta' C, Hc, Hfx, t, T u t* ara t-Taqsimiet 4 u 5 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
140	**(-) Li minnu: Aġġustamenti għall-volatilità u l-maturità** L-Artikolu 223(1) CRR u l-Artikolu 239(2) CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat huwa l-impatt konġunt tal-aġġustamenti fil-volatilità u l-maturità (Cvam-C) = C*[(1-Hc-Hfx)*(t-t*)/(T-t*-1)], meta l-impatt tal-aġġustament fil-volatilità jkun (Cva-C) = C*[(1-Hc-Hfx)-1] u l-impatt tal-aġġustament fil-maturità jkun (Cvam-Cva) = C*(1-Hc-Hfx)*[(t-t*/)(T-t*)-1]

Kolonni	
150	**Valur tal-iskopertura totalment aġġustat (E*)** L-Artikolu 220(4), mill-Artikolu 223(2) sa (5) u l-Artikolu 228(1) CRR.
160 – 190	**Diżaggregazzjoni tal-valur tal-iskopertura totalment aġġustata tal-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali skont il-fatturi ta' konverżjoni** L-Artikolu 111(1) u l-punt (56) tal-Artikolu 4(1) CRR. Ara wkoll l-Artikoli 222(3) u 228(1) CRR. Iċ-ċifri rrappurtati għandhom ikunu il-valuri tal-iskopertura totalment aġġustati qabel l-applikazzjoni tal-fattur ta' konverżjoni.
200	**Valur tal-iskopertura** L-Artikolu 111 CRR u t-Taqsima 4 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Il-valur tal-iskopertura wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aġġustamenti tal-valur, il-mitiganti tar-riskju ta' kreditu kollha u l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu li għandu jiġi assenjat għall-ponderazzjonijiet tar-riskju skont l-Artikolu 113 u t-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
210	**Li minnu: Jirriżulta mir-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti** Għal Strumenti derivattivi, tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, tranżazzjonijiet ta' saldu twil u tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self b'marġini soġġetti għall-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, il-valur tal-iskopertura għar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti kkalkolat skont il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 2 sa 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
215	**Ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju qabel il-fattur ta' appoġġ tal-SME** Il-paragrafi minn 1 sa 5 tal-Artikolu 113 CRR bla ma jittieħed f'kunsiderazzjoni l-fattur ta' appoġġ tal-SMEs stabbilit fl-Artikolu 501 CRR.
220	**Ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju wara l-fattur ta' appoġġ għall-SME** Il-paragrafi minn 1 sa 5 tal-Artikolu 113 CRR billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-fattur ta' appoġġ tal-SMEs stabbilit fl-Artikolu 501 CRR.
230	**Li minnu: b'valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata** Il-punti (a) sa (d), (f), (g), (l), (n), (o) u (q) tal-Artikolu 112 CRR
240	**Li minnu: b'valutazzjoni tal-kreditu miġjuba mill-gvern ċentrali** Il-punti (b) sa d), (f), (g), (l) u (o) tal-Artikolu 112 CRR

Ringieli	Struzzjonijiet
010	**Skoperturi totali**
015	**li minnhom: Skoperturi f'inadempjenza fi klassijiet ta' skoperturi 'entrati assoċjati ma' riskju partikolarment għoli' u 'skoperturi ta' ekwità'** L-Artikolu 127 CRR Din ir-ringiela tiġi rrapportata fi klassijiet tal-iskoperturi 'Entrati assoċjati ma' riskju partikolarment għoli' u 'skoperturi ta' ekwità'. Skopertura li hija jew elenkata fl-Artikolu 128(2) CRR jew tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 128(3) jew fl-Artikolu 133 CRR għandha tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi 'Entrati assoċjati ma' riskju għoli partikolari' jew 'Skoperturi ta' ekwità'. B'konsegwenza ta' dan, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni oħra, anki f'każ ta' skopertura f'inadempjenza kif imsemmi fl-Artikolu 127 CRR.

Ringieli	Struzzjonijiet
020	**li minnhom: SME** Skoperturi kollha għal SME jiġu rrapportati hawn.
030	**li minnhom: Skoperturi soġġetti għall-fattur ta' appoġġ tal-SMEs** Huma biss l-iskoperturi għal SME li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 501 CRR li jiġu rrapportati hawn.
040	**li minnhom: Iggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli - Proprjetà residenzjali** L-Artikolu 125 CRR Rapportati biss fil-klassi tal-iskoperturi 'Garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli'
050	**li minnhom: Skoperturi bl-użu parzjali permanenti tal-Approċċ Standardizzat** Skoperturi li għalihom ġie applikat l-Approċċ Standardizzat skont l-Artikolu 150(1) CRR
060	**li minnhom: Skoperturi bl-Approċċ Standardizzat b'permess superviżorju minn qabel għat-twettiq ta' implimentazzjoni sekwenzjali tal-IRB** L-Artikolu 148(1) CRR
070-130	**DIŻAGREGAZZJONI TAL-ISKOPERTURI TOTALI SKONT IT-TIPI TA' SKOPERTURI** Il-pożizzjonijiet tal-'portafoll bankarju' tal-istituzzjoni ta' rapportar jiġu diżaggregati, billi jiġu segwiti l-kriterji pprovduti hawn taħt, fi skoperturi tal-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu, skoperturi barra l-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu u skoperturi soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti. L-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti li jirriżultaw min-negozju tal-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 299(2) CRR għandhom jiġu assenjati għall-iskoperturi soġġetti għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Artikolu 94(1) CRR jiddiżaggregaw il-pożizzjonijiet tal-'portafoll tan-negozjar' tagħhom billi jsegwu l-kriterji pprovduti hawn taħt ukoll, fi skoperturi tal-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu, skoperturi barra l-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu u skoperturi soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti.
070	**Skoperturi tal-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu** Assi msemmijin fl-Artikolu 24 CRR mhux inklużi f'xi kategorija oħra. Skoperturi, li huma entrati tal-karta bilanċjali u inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti jkunu rrapportati fir-ringieli 090, 110 u 130 u, għalhekk, ma għandhomx ikunu rrapportati f'din ir-ringiela. Konsenji bla ħlas kif imsemmija fl-Artikolu 379 (1) CRR (jekk ma jitnaqqsux) ma jikkostitwixxux entrata tal-karta bilanċjali, iżda xorta jkunu rrapportati f'din ir-ringiela. Skoperturi li ġejjin minn assi depożitati f'CCP kif definiti fil-punt (90) tal-Artikolu 4(1)) CRR jiġu inklużi jekk mhux irrapportati fir-ringiela 080.
080	**Skoperturi lil hinn mill-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu** Il-pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali jinvolvu l-entrati elenkati fl-Anness I CRR. Skoperturi, li huma entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti jkunu rrapportati fir-ringieli 090, 110 u 130 u, għalhekk, ma għandhomx ikunu rrapportati f'din ir-ringiela. Skoperturi li ġejjin minn assi depożitati f'CCP kif definiti fil-punt (90) tal-Artikolu 4(1) CRR jiġu inklużi jekk jitqiesu bħala entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali.

Ringieli	Struzzjonijiet
090-130	**Skoperturi/Tranżazzjonijiet soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti**
090	**Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli** Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli (SFT), kif definiti fil-paragrafu 17 tad-dokument tal-Kumitat ta' Basel 'L-Applikazzjoni tal-Basel II għal Attivitajiet ta' Negozjar u t-Trattament ta' Effetti ta' Inadempjenza Doppja' (traduzzjoni mhux uffiċjali), jinkludu: (i) Ftehimiet ta' riakkwist u riakkwist invers kif definiti fil-punt (82) tal-Artikolu 4(1) CRR kif ukoll tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet; (ii) tranżazzjonijiet mutwanti b'marġini kif definiti fl-Artikolu 272(3) CRR.
100	**Li minnu: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP** L-Artikolu 306 CRR għal CCPs kwalifikanti kif definiti fil-punt (88) tal-Artikolu 4(1) skont l-Artikolu 301(2) CRR. Skoperturi kummerċjali, kif definiti fil-punt (91) tal-Artikolu 4(1) CRR, għal CCP
110	**Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil** Derivattivi jinkludu l-kuntratti elenkati fl-Anness II għas-CRR. Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil kif definiti fl-Artikolu 272(2) CRR. Tranżazzjonijiet ta' Derivattivi u ta' Saldu Twil li huma inklużi f'Netting Bejn Prodotti Differenti u għaldaqstant irrapportati fir-ringiela 130, ma jiġux rrapportati f'din ir-ringiela.
120	**Li minnu: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP** L-Artikolu 306 CRR għal CCPs kwalifikanti kif definiti fil-punt (88) tal-Artikolu 4(1) skont l-Artikolu 301(2) CRR Skoperturi kummerċjali, kif definiti fil-punt (91) tal-Artikolu 4(1) CRR, għal CCP
130	**Minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti** Skoperturi li, minħabba l-eżistenza ta' netting kuntrattwali bejn prodotti differenti (kif definiti fl-Artikolu 272 (11) CRR ma jistgħux jiġu assenjati la bħala Tranżazzjonijiet ta' Derivattivi u ta' Saldu Twil u lanqas bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli) ikunu inklużi f'din ir-ringiela.
140-280	**DIŻAGGREGAZZJONI TA' SKOPERTURI SKONT IL-PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU**
140	**0 %**
150	**2 %** L-Artikolu 306(1) CRR
160	**4 %** L-Artikolu 305(3) CRR
170	**10 %**
180	**20 %**
190	**35 %**
200	**50 %**
210	**70 %** Il-punt (c) tal-Artikolu 232(3) CRR.
220	**75 %**

Ringieli	Struzzjonijiet
230	**100 %**
240	**150 %**
250	**250 %** L-Artikolu 133(2) u 48(4) tas-CRR
260	**370 %** L-Artikolu 471 CRR
270	**1 250 %** L-Artikolu 133(2) u l-Artikolu 379 CRR
280	**Ponderazzjonijiet tar-riskju oħrajn** Din ir-ringiela mhijiex disponibbli għal klassijiet tal-iskoperturi Governattivi, Korporattivi, Istituzzjonijiet u fil-Livell tal-Konsumaturi. Għar-rapportar ta' dawk l-iskoperturi mhux soġġetti għall-ponderazzjonijiet tar-riskju elenkati fil-formola. Il-paragrafi minn 1 sa 5 tal-Artikolu 113 CRR. Nth mhux ikklassifikata għal derivattivi ta' kreditu inadempjenti skont l-Approċċ Standardizzat (l-Artikolu 134 (6) CRR) tiġi rrapportata f'din ir-ringiela taħt il-klassi ta' skoperturi 'Entrati oħrajn'. Ara wkoll l-Artikolu 124(2) u l-punt (b) tal-Artikolu 152(2) CRR.
290-320	**Entrati fil-memorandum** Ara wkoll l-ispjegazzjoni tal-iskop tal-entrati fil-memorandum fit-taqsima ġenerali tas-CR SA.
290	**Skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali** Il-punt (i) tal-Artikolu 112 CRR Din hija entrata fil-memorandum biss. Indipendentament mill-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura għar-riskju ta' skoperturi garantiti bi proprjetà immobbli kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 124 u 126 CRR, l-iskoperturi jitqassmu u jiġu rrapportati f'din ir-ringiela jekk l-iskoperturi jkunu iggarantiti bi proprjetà immobbli kummerċjali.
300	**Skoperturi inadempjenti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 100 %** Il-punt (j) tal-Artikolu 112 CRR Skoperturi inklużi fil-klassi tal-iskoperturi 'skoperturi f'inadempjenza' li kienu jiġu inklużi f'din il-klassi ta' skoperturi kieku ma kinux f'inadempjenza.
310	**Skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali** Il-punt (i) tal-Artikolu 112 CRR Din hija entrata fil-memorandum biss. Indipendentament mill-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura għar-riskju ta' skoperturi garantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali skont l-Artikolu 124 u 125 CRR, l-iskoperturi jitqassmu u jiġu rrapportati f'din ir-ringiela jekk l-iskoperturi jkunu ggarantiti bi proprjetà immobbli.
320	**Skoperturi inadempjenti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 150 %** Il-punt (j) tal-Artikolu 112 CRR Skoperturi inklużi fil-klassi tal-iskoperturi 'skoperturi f'inadempjenza' li kienu jiġu inklużi f'din il-klassi ta' skoperturi kieku ma kinux f'inadempjenza.

3.3. RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: L-APPROĊĊ IRB GĦAR-REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI (CR IRB)

3.3.1. Ambitu tal-formola CR IRB

74. L-ambitu tal-formola CR IRB ikopri r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal:

i. Riskju ta' kreditu fil-portafoll bankarju, fost l-oħrajn:

— Riskju ta' kreditu tal-kontroparti fil-portafoll bankarju;

— Riskju ta' dilwizzjoni għal riċevibbli mixtrija;

ii. Riskju ta' kreditu tal-kontroparti fil-portafoll tan-negozjar;

iii. Konsenji bla ħlas li jirriżultaw mill-attivitajiet kummerċjali kollha.

75. L-ambitu tal-formola jirreferi għall-iskoperturi li għalihom l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju huma kkalkolati skont l-Artikoli minn 151 sa 157 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta (Approċċ IRB).

76. Il-formola CR IRB ma tkoprix id-*data* li ġejja:

i. Skoperturi ta' ekwità, li huma rrapportati fil-formola CR EQU IRB;

ii. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, li huma rrapportati fil-formoli CR SEC u/jew CR SEC Dettalji;

iii. 'Assi oħra mhux marbuta mal-kreditu', kif imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 147(2) CRR. Il-ponderazzjoni tar-riskju għal din il-klassi tal-iskoperturi trid tiġi stabbilita għal 100 % fi kwalunkwe ħin ħlief għall-flus fl-idejn, entrati ta' flus ekwivalenti u skoperturi li huma valuri residwi tal-assi mogħtija b'lokazzjoni, skont l-Artikolu 156 CRR. L-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal din il-klassi tal-iskoperturi huma rrapportati direttament fil-Formola CA;

iv. Riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, li huwa rrapportat fil-formola tar-Riskju tas-CVA;

Il-formola CR IRB ma teħtieġx diżagregazzjoni ġeografiku ta' skoperturi IRB skont ir-residenza tal-kontroparti. Dan it-diżagregazzjoni jiġi rrapportat fil-formola CR GB.

77. Biex jiġi ċċarat jekk l-istituzzjoni tużax l-istimi tagħha stess għal-LGD jew fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu, tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja għal kull klassi tal-iskoperturi rrapportata:

'LE' = f'każ li jintużaw l-istimi superviżorji tal-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu (IRB ta' Fondazzjoni)

'IVA' = f'każ li jintużaw l-istimi proprji tal-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu (IRB Avvanzat)

F'kull każ, għar-rapportar tal-portafolli fil-livell tal-konsumaturi, trid tiġi rrapportata 'IVA'.

F'każ li istituzzjoni tuża stimi proprji tal-LGDs biex tikkalkola l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal parti mill-iskoperturi IRB tagħha kif ukoll tuża LGDs superviżorji biex tikkalkola l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-parti l-oħra tal-iskoperturi IRB tagħha, iridu jiġu rrapportati t-Total tas-CR IRB għal pożizzjonijiet F-IRB u t-Total tas-CR IRB wieħed għal pożizzjonijiet ta' A-IRB.

3.3.2. Diżagregazzjoni tal-formola CR IRB

78. CR IRB jikkonsisti f'żewġ formoli. CR IRB 1 jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iskoperturi IRB u l-metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti totali tal-iskopertura għar-riskju kif ukoll diżagregazzjoni tal-iskoperturi totali skont it-tipi ta' skoperturi. CR IRB 2 tipprovdi diżagregazzjoni tal-iskoperturi totali assenjati għal gradi jew puli tal-obbligant. Il-formoli CR IRB 1 u CR IRB 2 ikunu rrapportati b'mod separat għall-klassijiet tal-iskoperturi u sottoskoperturi li ġejjin:

1. Totali

(Il-formola Totali trid tiġi rrapportata għall-IRB ta' Fondazzjoni u, b'mod separat, għall-Approċċ tal-IRB Avvanzat.)

2. Banek ċentrali u gvernijiet ċentrali

(il-punt (a) tal-Artikolu 147(2) CRR)

3. Istituzzjonijiet

(il-punt (b) tal-Artikolu 147(2) CRR)

4.1) Korporattivi – SME

(il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR

4.2) Korporattivi – Għoti ta' self speċjalizzat

(L-Artikolu 147 (8) CRR)

4.3) Korporattivi – Oħrajn

(L-iskoperturi kollha għal korporattivi kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR, mhux irrapportati taħt 4.1 u 4.2).

5.1) Livell tal-konsumatur — Iggarantiti b'SME tal-proprjetà immobbli

(Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(3) CRR li huma ggarantiti bi proprjetà immobbli).

5.2) Livell tal-konsumatur – Iggarantiti b'SME tal-proprjetà immobbli

(Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR li huma ggarantiti bi proprjetà immobbli u mhux irrapportati taħt 5.1).

5.3) Fil-livell tal-konsumatur – Rotanti kwalifikanti

(Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(4) CRR).

5.4) Fil-livell tal-konsumatur – SME oħra

(L-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR mhux irrapportati taħt 5.1 u 5.3).

5.5) Fil-livell tal-konsumaturi – Oħrajn mhux SME

(Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR li ma ġewx irrapportati taħt 5.2 u 5.3).

3.3.3. C 08,01 - Ir-riskji ta' kreditu u ta' kreditu tal-kontroparti u konsenji bla ħlas: Approċċ IRB għar-rekwiżiti kapitali (CR IRB 1)

3.3.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	Struzzjonijiet
010	**IS-SISTEMA TA' KLASSIFIKAZZJONI INTERNA/PD ASSENJATA LILL-KLASSIFIKAZZJONI JEW IL-GRUPP TA' OBBLIGANTI (%)** Il-PD assenjata lill-grad jew lill-pula tal-obbligant li għandha tiġi rrapportata tkun ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 180 CRR. Għal kull grad jew grupp individwali, tiġi rrapportata l-PD assenjata għall-grad jew grupp speċifiku tad-debitur. Għal ċifri li jikkorrispondu għal aggregazzjoni tal-gradi jew il-gruppi tal-obbliganti (pereż. 'skoperturi totali'), tiġi pprovduta l-medja ponderata skont l-iskopertura tal-PDs assenjati lill-gradi jew il-gruppi tal-obbliganti inklużi fl-aggregazzjoni. Il-valur tal-iskopertura (il-kolonna 110) jintuża għall-kalkolu tal-medja ponderata skont l-iskopertura tal-PD.

Kolonni	Struzzjonijiet
	Għal kull grad jew grupp individwali, tiġi rrapportata l-PD assenjata għall-grad jew grupp speċifiku tad-debitur. Il-parametri rrapportati kollha tar-riskju għandhom jiġu derivati mill-parametri tar-riskju użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni interna approvata mill-awtorità kompetenti rispettiva. La huwa maħsub u lanqas mixtieq li jkun hemm skala superviżorja prinċipali. Jekk l-istituzzjoni relatriċi tapplika sistema unika ta' klassifikazzjoni jew kapaċi tirrapporta skont skala prinċipali interna, għandha tintuża dik l-iskala. Inkella, is-sistemi differenti ta' klassifikazzjoni jiġu fużi u mqiegħda f'ordni skont il-kriterji li ġejjin: Il-gradi tal-obbliganti tas-sistemi differenti ta' klassifikazzjoni jingħabru fi grupp u jitqiegħdu f'ordni mill-inqas PD assenjata għal kull grad ta' obbliganti sal-ogħla. Meta l-istituzzjoni tuża għadd kbir ta' gradi jew puli, jista' jintlaħaq qbil mal-awtoritajiet kompetenti fuq għadd mnaqqas ta' gradi jew puli li għandhom jiġu rrapportati. L-istituzzjonijiet jikkuntattjaw lill-awtorità kompetenti tagħhom minn qabel jekk jixtiequ jirrapportaw għadd differenti ta' gradi meta mqabblin mal-għadd intern ta' gradi. Għall-finijiet ta' ponderazzjoni tal-medja tal-PD, jintuża l-valur tal-iskopertura rrapportat fil-kolonna 110. L-iskoperturi kollha, inklużi skoperturi inadempjenti, għandhom jiġu kkunsidrati għall-kalkolu tal-medja tal-PD ponderata skont l-iskopertura (pereż. għal 'skopertura totali'). Skoperturi inadempjenti huma dawk assenjati fl-aħħar grad(i) ta' klassifikazzjoni b'PD ta' 100 %.
020	**SKOPERTURA ORIĠINALI QABEL IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-valur tal-iskopertura qabel jieħdu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe aġġustament tal-valur, provvediment, effett dovut għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu jew fattur ta' konverżjoni tal-kreditu. Il-valur tal-iskopertura oriġinali jkun irrapportat b'konformità mal-Artikolu 24 CRR u l-paragrafi 1, 2, 4, 5, 6 u 7 tal-Artikolu 166 CRR. L-effett li jirriżulta mill-Artikolu 166(3) CRR (l-effett ta' netting fil-karta bilanċjali ta' self u depożiti) huwa rrapportat b'mod separat bħala Protezzjoni ta' Kreditu Ffinanzjata u għalhekk ma titnaqqasx l-Iskopertura Oriġinali.
030	**LI MINNHOM: ENTITAJIET KBAR MIS-SETTUR FINANZJARJU U ENTITAJIET FINANZJARJI MHUX IRREGOLATI PROPRJETÀ IMMOBBLI** Diżaggregazzjoni tal-fattur ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali għall-iskoperturi kollha tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 142(4) u (5) CRR soġġett għall-korrelazzjoni ogħla ddeterminata skont l-Artikolu 153(2) CRR.
040-080	**TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA** Mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu kif definiti fil-punt (57) tal-Artikolu 4(1) CRR li jnaqqsu r-riskju ta' kreditu ta' skopertura jew skoperturi permezz tas-sostituzzjoni ta' skoperturi kif definiti iktar 'l isfel f'IS-SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM'.
040-050	**PROTEZZJONI TA' KREDITU MHUX IFFINANZJATA** Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata kif definita fil-punt (59) tal-Artikolu 4(1) CRR. Kollateral li għandu effett fuq l-iskopertura (pereż. jekk jintuża għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura) għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura.

Kolonni	Struzzjonijiet
040	**GARANZIJI:** Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD: Jiġi pprovdut il-Valur Aġġustat (G_A) kif definit fl-Artikolu 236(3) CRR. Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 183 CRR, il-valur relevanti użat fil-mudell intern għandhom jiġu rrapportati. Il-garanziji jiġu rrapportati fil-kolonna 040 fejn l-aġġustament ma jsirx fl-LGD. Fejn l-aġġustament isir fl-LGD, l-ammont tal-garanzija jiġi rrapportat fil-kolonna 150. Rigward skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, il-valur tal-protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata jiġi rrapportat fil-kolonna 220.
050	**DERIVATTIVI TA' KREDITU:** Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD: Jiġi pprovdut il-Valur Aġġustat (G_A) kif definit fl-Artikolu 236(3) CRR. Fejn jintużaw l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 183 CRR, il-valur relevanti użat fl-immudellar intern għandhom jiġu rrapportati. Fejn isir l-aġġustament fl-LGD, l-ammont tad-derivattivi ta' kreditu jiġi rrapportat fil-kolonna 160. Rigward skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, il-valur tal-protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata jiġi rapportat fil-kolonna 220.
060	**PROTEZZJONI TA' KREDITU FFINANZJATA OĦRA** Kollateral li għandu effett fuq l-iskopertura (pereż. fejn jintuża għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura) għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura. Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, jiġi applikat l-Artikolu 232 CRR. Fejn jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, dawk il-mitigazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 212 CRR jiġu rrapportati. Il-valur relevanti użat fil-formola interna jiġi rrapportat. L-ammont jiġi rrapportat fil-kolonna 060 fejn l-aġġustament ma jsirx fl-LGD. Fejn isir l-aġġustament fl-LGD, dak l-ammont ikun irrapportat fil-kolonna 170.
070-080	**SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM** Il-flussi 'l barra jikkorrispondu għall-parti koperta tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali, li titnaqqas mill-klassi ta' skoperturi tal-obbligant u, fejn relevanti, il-grad jew il-pula tal-obbligant, u sussegwentement assenjata għall-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni u, fejn relevanti, il-grad jew il-pula tal-obbligant. Dak l-ammont jitqies bħala fluss 'il ġewwa fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni u, fejn relevanti, il-gradi jew il-puli tal-obbligant. Jiġu kkunsidrati wkoll il-influssi u flussi 'l barra fl-istess klassijiet tal-iskoperturi u, fejn relevanti, il-gradi jew il-puli tal-obbligant. Jittieħdu f'kunsiderazzjoni skoperturi li ġejjin minn influssi u flussi 'l barra possibbli minn u lejn formoli oħrajn.
090	**SKOPERTURA WARA LI S-SOSTITUZZJONI TAFFETTWA L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI** L-iskopertura assenjata fil-grad jew il-pula u l-klassi ta' skoperturi korrispondenti wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-influssi u flussi 'l barra dovuti għal tekniki CRM b'effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura.

Kolonni	Struzzjonijiet
100, 120	**Li minnhom: L-Entrati Barra l-Karta Bilanċjali** Ara l-istruzzjonijiet tas-CR-SA
110	**VALUR TAL-ISKOPERTURA** Il-valur tal-iskopertura ddeterminat skont l-Artikolu 166 CRR u t-tieni sentenza tal-Artikolu 230(1) CRR għandu jiġi rrapportat. Għall-istrumenti msemmija fl-Anness I, jiġu applikati l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu (il-paragrafi 8, 9 u 10 tal-Artikolu 166 CRR) ikun xi jkun l-approċċ magħżul mill-istituzzjoni. Għar-ringieli 040-060 (tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, derivattivi u tranżazzjonijiet ta' saldu twil u skoperturi minn netting kuntrattwali bejn prodotti differenti) soġġetti għall-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, il-Valur tal-Iskopertura huwa l-istess bħall-valur għar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti kkalkolat skont it-Taqsimiet 3 sa 7 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Dawk il-valuri jiġu rrapportati f'din il-kolonna u mhux fil-kolonna 130 'Li minnhom: ġejjin minn riskju ta' kreditu tal-kontroparti'.
130	**Li minnu: Li ġejjin minn Riskju ta' Kreditu tal-kontroparti** Ara l-istruzzjonijiet tas-CR-SA.
140	**LI MINNHOM: ENTITAJIET KBAR MIS-SETTUR FINANZJARJU U ENTITAJIET FINANZJARJI MHUX IRREGOLATI PROPRJETÀ IMMOBBLI** Diżaggregazzjoni tal-valur tal-iskopertura oriġinali għall-iskoperturi kollha tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafi 142 (4) u (5) CRR soġġetta għall-korrelazzjoni ogħla ddeterminata skont l-Artikolu 153(2) CRR.
150-210	**TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU MEQJUS FL-ESTIMI TAL-LGD ESKLUŻ TRATTAMENT DOPPJU TAL-INADEMPJENZA** Tekniki CRM b'impatt fuq l-LGDs minħabba l-applikazzjoni tal-effett ta' sostituzzjoni tat-tekniki CRM ma jiġux inklużi f'dawn il-kolonni. Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, għandhom jitqiesu l-Artikolu 228(2), l-Artikolu 230(1) u (2) u l-Artikolu 231 CRR. Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD: — Rigward protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali, banek ċentrali, istituzzjonijiet u korporattivi, għandu jitqies l-Artikolu 161(3) CRR. Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, għandu jitqies l-Artikolu 164(2) CRR. — Rigward protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata, il-kollateral jittieħed f'kunsiderazzjoni fl-istimi tal-LGD skont il-punti (e) u (f) tal-Artikolu 181(1) CRR.
150	**GARANZIJI** Ara l-istruzzjonijiet għall-kolonna 040.
160	**DERIVATTIVI TAL-KREDITU** Ara l-istruzzjonijiet għall-kolonna 050.
170	**JINTUŻAW STIMI PROPRJI TAL-LGDS: PROTEZZJONI TA' KREDITU FFINANZJATA OĦRA** Il-valur relevanti użat fl-ifformular intern tal-istituzzjoni. Dawk il-mitiganti tar-riskju ta' kreditu li jikkonformaw mal-kriterji fl-Artikolu 212 CRR.

Kolonni	Struzzjonijiet
180	**KOLLATERAL FINANZJARJU ELIĠIBBLI** Għall-operazzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar, għandhom jiġu inklużi strumenti finanzjarji u komoditajiet eliġibbli għall-iskoperturi tal-portafoll tan-negozjar skont il-punti (c) sa (f) tal-Artikolu 299(2) CRR. Noti marbuta ma' kreditu u netting fil-karta bilanċjali skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR huma ttrattati bħala kollateral fi flus. Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, il-valuri għandhom jiġu ddeterminati skont il-paragrafi minn 1 sa 4 tal-Artikolu 193 u l-Artikolu 194(1) CRR. Il-valur aġġustat (Cvam) kif stabbilit fl-Artikolu 223(2) CRR huwa rrapportat. Fejn jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, il-kollateral finanzjarju jittieħed f'kunsiderazzjoni fl-istimi tal-LGD skont il-punti (e) u (f) tal-Artikolu 181(1) CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun il-valur tas-suq stmat tal-kollateral.
190-210	**KOLLATERAL ELIĠIBBLI IEĦOR** Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, il-valuri għandhom jiġu ddeterminati skont il-paragrafi minn 1 sa 8 tal-Artikolu 199 CRR u l-Artikolu 229 CRR. Fejn jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, kollateral ieħor jittieħed f'kunsiderazzjoni fl-istimi tal-LGD skont il-punti (e) u (f) tal-Artikolu 181(1) CRR.
190	**PROPRJETÀ IMMOBBLI** Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, il-valuri għandhom jiġu ddeterminati skont il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 199 CRR u għandhom jiġu rrapportati f'din il-kolonna. Il-kiri ta' proprjetà immobbli jiġi inkluż ukoll (ara l-Artikolu 199(7) CRR). Ara wkoll l-Artikolu 229 CRR. Fejn jintużaw l-istimi proprji tal-LGD l-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun il-valur tas-suq stmat.
200	**KOLLATERAL FIŻIKU IEĦOR** Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, il-valuri għandhom jiġu ddeterminati skont il-paragrafi 6 u 8 tal-Artikolu 199 CRR u għandhom jiġu rrapportati f'din il-kolonna. Il-lokazzjoni ta' proprjetà differenti mill-proprjetà immobbli tiġi inkluża wkoll (ara l-Artikolu 199(7) CRR). Ara wkoll l-Artikolu 229(3) CRR. Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun il-valur tas-suq stmat tal-kollateral.
210	**RIĊEVIBBLI** Fejn ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, il-valuri għandhom jiġu ddeterminati skont l-Artikoli 199(5) u 229(2) CRR u għandhom jiġu rrapportati f'din il-kolonna. Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun il-valur tas-suq stmat tal-kollateral.
220	**SOĠĠETTI GĦAT-TRATTAMENT DOPPJU TAL-INADEMPJENZA: PROTEZZJONI TA' KREDITU MHUX IFFINANZJATA** Garanziji u d-derivattivi ta' kreditu li jkopru skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 202 u tal-Artikolu 217(1) CRR. Ara wkoll il-kolonni 040 'Il-garanziji' u 050 'Id-derivattivi ta' kreditu'.

Kolonni	Struzzjonijiet
230	**LGD MEDJU PPONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (%)** Jiġi kkunsidrat l-impatt kollu tat-tekniki CRM fuq il-valuri LGD kif speċifikat fil-Kapitoli 3 u 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, l-LGD li għandu jiġi rrapportat jikkorrispondi għal LGD magħżul skont l-Artikolu 161(4) CRR. Għall-iskoperturi f'inadempjenza, għandu jiġi kkunsidrat il-punt (h) tal-Artikolu 181(1) CRR. Il-valur tal-iskopertura msemmi fil-kolonna 110 jintuża għall-kalkolu tal-medji ponderati skont l-iskopertura. L-effetti kollha jiġu kkunsidrati (b'hekk, il-minimu applikabbli għall-ipoteki jkun inkluż fir-rapportar). Għal istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB iżda li ma jużawx l-istimi tagħhom stess tal-LGD, l-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kollateral finanzjarju huma riflessi f'E*, il-valur totalment aġġustat tal-iskopertura, u mbagħad rifless fl-LGD* kif imsemmi fl-Artikolu 228(2) CRR. L-LGD medju ponderat skont l-iskopertura assoċjat ma' kull 'grad jew pula ta' obbligant' PD għandu jirriżulta mill-medja tal-LGDs prudenzjali, assenjati lill-iskoperturi ta' dak il-grad/pula PD, ponderat skont il-valur tal-iskopertura rispettiv tal-kolonna 110. Jekk jiġu applikati l-istimi proprji tal-LGD, jiġu kkunsidrati l-Artikolu 175 u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 181 CRR. Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, l-LGD li għandu jiġi rrapportat jikkorrispondi għal LGD magħżul skont l-Artikolu 161(4) CRR. Il-kalkolu tal-LGD medju ponderat skont l-iskopertura jiġi derivat mill-parametri tar-riskju realment użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni interna approvata mill-awtorità kompetenti rispettiva. Ma tiġix irrapportata *data* għal skoperturi ta' self speċjalizzat imsemmija fl-Artikolu 153(5). L-iskopertura u l-LGDs rispettivi għal entitajiet irregolati kbar tas-settur finanzjarju u entitajiet finanzjarji mhux regolati ma jkunux inklużi fil-kalkolu tal-kolonna 230, iżda jkunu inklużi biss fil-kalkolu tal-kolonna 240.
240	**LGD MEDJU PPONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (%) GĦAL ENTITAJIET KBAR MIS-SETTUR FINANZJARJU U ENTITAJIET FINANZJARJI MHUX REGOLATI** L-LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%) għall-iskoperturi kollha għal entitajiet kbar tas-settur finanzjarju kif definiti fl-Artikolu 142(4) CRR u għal entitajiet mhux regolati tas-settur finanzjarju kif definiti fl-Artikolu 142(5) CRR soġġetti għall-korrelazzjoni ogħla determinata skont l-Artikolu 153(2) CRR.
250	**VALUR TAL-MATURITÀ MEDJU PONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (JIEM)** Il-valur irrapportat jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 162 CRR. Il-valur tal-iskopertura (kolonna 110) jintuża għall-kalkolu tal-medji ponderati skont l-iskopertura. Il-maturità medja tiġi rrapportata f'jiem. Din id-*data* ma tiġix rrapportata għall-valur tal-iskoperturi li għalihom il-maturità mhijiex element fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju. Dak ifisser li din il-kolonna ma timteliex għall-klassi tal-iskoperturi 'fil-livell tal-konsumatur'.

Kolonni	Struzzjonijiet
255	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI QABEL IL-FATTUR TA' APPOĠĠ TAL-SME** Għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, korporattivi u istituzzjonijiet ara l-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 153 CRR. Għal-livell tal-konsumatur ara l-Artikolu 154(1) CRR. Il-fattur ta' appoġġ tal-SMEs imsemmi fl-Artikolu 501(1) CRR ma jiġix ikkunsidrat.
260	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI WARA L-FATTUR TA' APPOĠĠ TAL-SME** Għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, korporattivi u istituzzjonijiet ara l-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 153 CRR. Għal-livell tal-konsumatur ara l-Artikolu 154(1) CRR. Il-fattur ta' appoġġ tal-SMEs imsemmi fl-Artikolu 501(1) CRR jiġi kkunsidrat.
270	**LI MINNHOM: ENTITAJIET KBAR MIS-SETTUR FINANZJARJU U ENTITAJIET FINANZJARJI MHUX IRREGOLATI PROPRJETÀ IMMOBBLI** Diżaggregazzjoni tal-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju wara l-fattur ta' appoġġ għall-SMEs għall-iskoperturi kollha għal entitajiet kbar tas-setturi finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 142(4) CRR u għal entitajiet mhux regolati tas-settur finanzjarju kif definiti fl-Artikolu 142(5) CRR, soġġetti għall-korrelazzjoni ogħla determinata skont l-Artikolu 153(2) CRR.
280	**AMMONT TA' TELF MISTENNI** Għad-definizzjoni ta' Telf Mistenni ara l-Artikolu 5(3) CRR u, għall-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistenni, ara l-Artikolu 158 CRR. L-ammont ta' telf mistenni li għandu jkun irrapportat ikun ibbażat fuq il-parametri tar-riskju realment użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni interna approvata mill-awtorità kompetenti rispettiva.
290	(-) **AĠĠUSTAMENTI TAL-VALUR U PROVVEDIMENTI** Aġġustamenti tal-valur kif ukoll aġġustamenti speċifiċi u ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Artikolu 159 CRR għandhom jiġu rrapportati. Aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu għandhom jiġu rrapportati billi jiġi assenjat l-ammont prorata - fuq il-bażi tat-telf mistenni tal-gradi differenti tal-obbliganti.
300	**GĦADD TA' OBBLIGANTI** Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 172 CRR. Għall-klassijiet kollha ta' skoperturi ħlief għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumaturi u l-każijiet imsemmija fit-tieni sentenza tal-punt (e) tal-Artikolu 172(1) CRR, l-istituzzjoni għandha tirrapporta l-għadd ta' entitajiet/obbliganti legali li kienu klassifikati separatament, ikun xi jkun l-għadd ta' selfiet jew skoperturi differenti mogħtija. Fil-klassi tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi jew jekk skoperturi separati għall-istess obbligant ikunu assenjati lil gradi differenti tal-obbliganti f'konformità mat-tieni sentenza tal-punt (e) tal-Artikolu 172(1) CRR fi klassijiet oħra ta' skopertura, l-istituzzjoni għandha tirrapporta l-għadd ta' skoperturi li ġew assenjati separatament lil ċerti gradi jew puli ta' klassifikazzjoni. F'każ li japplika l-Artikolu 172(2) CRR, obbligant jista' jiġi kkunsidrat f'iktar minn grad wieħed. Billi din il-kolonna għandha x'taqsam ma' element tal-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, hija relatata mal-fattur ta' qabel il-konverżjoni tal-iskoperturi oriġinali assenjat lil kull grad jew pula ta' obbligant bla ma jittieħed f'kunsiderazzjoni l-effett tat-tekniki CRM (b'mod partikolari l-effetti ta' ridistribuzzjoni).

Ringieli	Struzzjonijiet
010	**SKOPERTURI TOTALI**
015	**li minnhom: Skoperturi soġġetti għall-fattur ta' appoġġ għall-SME** Huma biss l-iskoperturi għal SME li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 501(2) CRR li għandhom jiġu rrapportati hawn.
020-060	**DIŻAGGREGAZZJONI TAL-ISKOPERTURI TOTALI SKONT IT-TIPI TA' SKOPERTURI:**
020	**Entrati fil-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu** Assi msemmijin fl-Artikolu 24 CRR ma jiġux inklużi f'xi kategorija oħra. Skoperturi, li huma entrati tal-karta bilanċjali u inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti jkunu rrapportati fir-ringieli 040-060 u, għalhekk, ma jkunux irrapportati f'din ir-ringiela. Konsenji bla ħlas kif imsemmija fl-Artikolu 379(1) CRR (jekk ma jitnaqqsux) ma jikkostitwixxux entrata tal-karta bilanċjali, iżda xorta jkunu rrapportati f'din ir-ringiela. Skoperturi li ġejjin minn assi depożitati f'CCP kif definiti fil-punt (91) tal-Artikolu 4(1) CRR għandhom jiġu inklużi jekk mhux irrapportati fir-ringiela 030.
030	**Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu** L-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali jinvolvu dawk l-entrati li huma elenkati fl-Anness I CRR. Skoperturi li huma entrati barra l-karta bilanċjali u inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti jkunu rrapportati fir-ringieli 040-060 u, għalhekk, ma jkunux f'din ir-ringiela. Skoperturi li ġejjin minn assi depożitati f'CCP kif definiti fil-punt (91) tal-Artikolu 4(1) CRR għandhom jiġu inklużi jekk jitqiesu bħala entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali.
040-060	**Skoperturi/Tranżazzjonijiet soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti**
040	**Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli** Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli (SFT), kif definiti fil-paragrafu 17 tad-dokument tal-Kumitat ta' Basel 'L-Applikazzjoni tal-Basel II għal Attivitajiet ta' Negozjar u t-Trattament ta' Effetti ta' Inadempjenza Doppja' (traduzzjoni mhux uffiċjali), jinkludu: (i) ftehimiet ta' riakkwist u riakkwist invers definiti fil-punt (82) tal-Artikolu 4(1) CRR kif ukoll tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet; (ii) tranżazzjonijiet mutwanti b'marġini kif definiti fl-Artikolu 272(3) CRR. Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, li huma inklużi f'Netting bejn Prodotti Differenti u b'hekk huma rrapportati fir-ringiela 060, ma jiġux rrapportati f'din ir-ringiela.
050	**Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil** Derivattivi jinkludu dawk il-kuntratti li huma elenkati fl-Anness II CRR. Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil li huma inklużi f'Netting bejn Prodotti Differenti u b'hekk huma rrapportati fir-ringiela 060 ma jiġux rrapportati f'din ir-ringiela.
060	**Minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti** Ara l-istruzzjonijiet tas-CR SA

Ringieli	Struzzjonijiet
070	**SKOPERTURI ASSENJATI LILL-GRADI JEW IL-PULIJIET TAL-OBBLIGANTI: TOTAL** Għal skoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali ara l-punt (6) tal-Artikolu 142(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 170(1) CRR. Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur ara l-punt (b) tal-Artikolu 170(3) CRR. Għal skoperturi li ġejjin minn riċevibbli mixtrija ara l-Artikolu 166(6) CRR. Skoperturi għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija ma jkunux rrapportati skont il-gradi jew il-puli tal-obbliganti u jkunu rrapportati fir-ringiela 180. Meta l-istituzzjoni tuża għadd kbir ta' gradi jew puli, jista' jintlaħaq qbil mal-awtoritajiet kompetenti fuq għadd mnaqqas ta' gradi jew puli li għandhom jiġu rrapportati. Ma tintużax skala prinċipali. Minflok, l-istituzzjonijiet jiddeterminaw l-iskala li għandha tintuża huma stess.
080	**KRITERJI TA' KLASSIFIKAZZJONI TA' SELF SPEĊJALIZZAT: TOTAL** L-Artikolu 153(5) CRR. Dan japplika biss għall-klassijiet tal-iskoperturi ta' korporattivi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali.
090-150	**DIŻAGGREGAZZJONI SKONT IL-PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU TAL-ISKOPERTURI TOTALI SKONT IL-KRITERJI TA' KLASSIFIKAZZJONI TA' SELF SPEĊJALIZZAT:**
120	**Li minnu: Fil-kategorija 1** It-Tabella 1 tal-Artikolu 153(5) CRR
160	**TRATTAMENT ALTERNATTIV: GARANTIT BI PROPRJETÀ IMMOBBLI** Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 193, il-paragrafi 1 sa 7 tal-Artikolu 194 u l-Artikolu 230(3) CRR
170	**SKOPERTURI MINN KONSENJI BLA ĦLAS LI JAPPLIKAW PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU BIT-TRATTAMENT ALTERNATTIV JEW 100 % U SKOPERTURI OĦRAJN SOĠĠETTI GĦAL PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU** Skoperturi li ġejjin minn konsenji bla ħlas li għalihom jintuża t-trattament alternattiv imsemmi fl-aħħar sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 379(2) CRR jew li għalihom tiġi applikata ponderazzjoni tar-riskju ta' 100 % skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 379(2) CRR. N-eżmu mhux ikklassifikat għal derivattivi ta' kreditu inadempjenti skont l-Artikolu 153(8) CRR u kwalunkwe skopertura oħra soġġetta għal ponderazzjonjiet tar-riskju mhux inkluża f'xi ringiela oħra jiġu rrapportati f'din ir ringiela.
180	**RISKJU TA' DILWIZZJONI: RIĊEVIBBLI MIXTRIJA TOTALI** Ara l-punt (53) tal-Artikolu 4(1) CRR għal definizzjoni ta' riskju ta' dilwizzjoni. Għall-kalkolu tal-ponderazzjoni tar-riskju għal riskju ta' dilwizzjoni ara l-Artikolu 157(1) CRR. Skont l-Artikolu 166(6) CRR il-valur tal-iskopertura tar-riċevibbli mixtrija jkun l-ammont pendenti nieqes l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal riskju ta' dilwizzjoni qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.

3.3.4. C 08,02 - Ir-riskji ta' kreditu u ta' kreditu tal-kontroparti u konsenji bla ħlas: Approċċ IRB għar-rekwiżiti kapitali: diżaggregazzjoni skont il-gradi jew il-gruppi tal-obbliganti (formola CR IRB 2)

Kolonna	Struzzjonijiet
005	**Grad tal-obbligant (identifikatur tar-ringiela)** Dan huwa identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela f'folja partikolari tal-formola. Għandu jsegwi l-ordni numeriku 1, 2, 3, eċċ.
010-300	L-istruzzjonijiet għal kull waħda minn dawn il-kolonni huma l-istess bħal dawk għall-kolonni numerati korrispondenti fil-formola CR IRB 1.

Ringiela	Struzzjonijiet
010-001 — 010-NNN	Il-valuri rrapportati f'dawn ir-ringieli jridu jkunu f'ordni ta' mill-inqas għall-ogħla skont il-PD assenjata lill-grad jew il-pula tal-obbliganti. Il-PD tal-obbliganti fl-inadempjenza tkun ta' 100 %. Skoperturi soġġetti għat-trattament alternattiv għal kollateral immobiljari (disponibbli biss meta ma jintużawx l-istimi proprji għal-LGD) ma jiġux assenjati skont il-PD tal-obbligant u ma jiġux irrapportati f'din il-formola.

3.4. RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: INFORMAZZJONI B'DIŻAGGREGAZZJONI ĠEOGRAFIKA

79. L-istituzzjonijiet kollha għandhom jissottomettu informazzjoni aggregata fil-livell totali. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-livell limitu stabbilit fil-punt (4) tal-Artikolu 5(a)ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jissottomettu informazzjoni mqassma skont il-pajjiż rigward il-pajjiż domestiku kif ukoll kwalunkwe pajjiż mhux domestiku. Il-limitu jiġi kkunsidrat biss fir-rigward tal-formoli CR GB 1 u CR GB 2. Skoperturi għal organizzazzjonijiet sovranazzjonali jiġu assenjati għaż-żona ġeografika 'pajjiżi oħra'.

80. It-terminu 'residenza tal-obbligant' jirreferi għall-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-obbligant. Dan il-kunċett jista' jiġi applikat fuq bażi tal-obbligant immedjat u fuq bażi tar-riskju finali. B'ħekk, it-tekniki tas-CRM b'effetti ta' sostituzzjoni jistgħu jibdlu l-allokazzjoni ta' skopertura għal pajjiż. Skoperturi għal organizzazzjonijiet supranazzjonali ma għandhomx jiġu assenjati lill-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni iżda għaż-żona ġeografika 'Pajjiżi oħra', tkun xi tkun il-klassi ta' skopertura fejn tkun assenjata l-iskopertura għal organizzazzjonijiet supranazzjonali.

81. *Data* dwar 'fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali' tiġi rrapportata b'referenza għall-pajjiż ta' residenza tal-obbligant immedjat. *Data* dwar 'il-valur tal-iskopertura' u 'l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju' tiġi rrapportata bħal tal-pajjiż ta' residenza tal-obbligant finali.

3.4.1. C 09.01 – Diżaggregazzjoni ġeografika ta' skoperturi skont ir-residenza tal-obbligant: Skoperturi SA (CR GB 1)

3.4.1.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**SKOPERTURA ORIĠINALI QABEL IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 010 tal-formola CR SA
020	**Skoperturi inadempjenti** Fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali għal dawk l-iskoperturi li ġew ikklassifikati bħala 'skoperturi inadempjenti' u għal skoperturi inadempjenti assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi 'skoperturi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli' jew 'skoperturi ta' ekwità'. Din l-'entrata tal-memorandum' tipprovdi iktar informazzjoni dwar l-istruttura tal-obbligant ta' skoperturi inadempjenti. Skoperturi klassifikati bħala 'skoperturi f'inadempjenza' kif imsemmi fil-punt (j) tal-Artikolu 112 CRR għandhom ikunu rrapportati fejn l-obbliganti kienu jiġu rrapportati li kieku l-iskoperturi ma ġewx assenjati lill-klassi tal-iskoperturi 'skoperturi f'inadempjenza'. Din l-informazzjoni hija 'entrati ta' memorandum' – għaldaqstant ma taffettwax il-kalkolu ta' ammonti tal-iskopertura ponderata għar-riskju tal-klassijiet tal-iskoperturi 'skoperturi f'inadempjenza', 'skoperturi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli' jew 'skoperturi ta' ekwità' kif imsemmija fil-punti (j), (k) u (p) tal-Artikolu 112 CRR.

Kolonni	
040	**Inadempjenzi ġodda osservati għall-perjodu** L-ammont ta' skoperturi oriġinali li tmexxew fil-klassi tal-iskoperturi 'Skoperturi f'inadempjenza' matul il-perjodu ta' 3 xhur mill-aħħar data ta' referenza tar-rapportar, jiġi rrapportat kontra l-klassi tal-iskoperturi li fiha kien jappartjeni oriġinarjament l-obbligant.
050	**Aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu** Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 110 CRR. Din l-entrata għandha tinkludi l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu li huma eliġibbli għal inklużjoni fil-kapital T2, qabel l-applikazzjoni tal-kappa msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 62 CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun gross mill-effetti tat-taxxa.
055	**Aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu** Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 110 CRR.
060	**Ħassir** Ħassir jinkludi kemm tnaqqis tal-riport tal-assi finanzjarji indeboliti rikonoxxuti direttament fil-profitt jew it-telf [IFRS 7.B5.(d).(i)] u tnaqqis fl-ammonti tal-kontijiet ta' provvediment imposti kontra l-assi finanzjarji indeboliti [IFRS 7.B5.(d).(ii)].
070	**Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu/it-ħassir għal inadempjenzi ġodda osservati** Somma tal-aġġustamenti għar-riskju tal-kreditu u ħassir għal dawk l-iskoperturi li ġew ikklassifikati bħala 'skoperturi inadempjenti' matul il-perjodu ta' 3 xhur mill-aħħar sottomissjoni tad-*data*.
075	**Valur tal-iskopertura** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 200 tal-formola CR SA
080	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI QABEL IL-FATTUR TA' APPOĠĠ TAL-SME** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 215 tal-formola CR SA
090	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI WARA L-FATTUR TA' APPOĠĠ TAL-SME** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 220 tal-formola CR SA

Ringieli	
010	**Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali** Il-punt (a) tal-Artikolu 112 CRR
020	**Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali** Il-punt (b) tal-Artikolu 112 CRR.
030	**Entitajiet tas-settur pubbliku** Il-punt (c) tal-Artikolu 112 CRR
040	**Banek multilaterali tal-iżvilupp** Il-punt (d) tal-Artikolu 112 CRR

Ringieli	
050	**Organizzazzjonijiet internazzjonali** Il-punt (e) tal-Artikolu 112 CRR
060	**Istituzzjonijiet** Il-punt (f) tal-Artikolu 112 CRR
070	**Kumpaniji** Il-punt (g) tal-Artikolu 112 CRR
075	**li minnhom: SME** L-istess definizzjoni bħar-ringiela 020 tal-formola CR SA
080	**Fil-livell tal-konsumaturi** Il-punt (h) tal-Artikolu 112 CRR
085	**li minnhom: SME** L-istess definizzjoni bħar-ringiela 020 tal-formola CR SA
090	**Garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli** Il-punt (i) tal-Artikolu 112 CRR
095	**li minnhom: SME** L-istess definizzjoni bħar-ringiela 020 tal-formola CR SA
100	**Skoperturi f'inadempjenza** Il-punt (j) tal-Artikolu 112 CRR
110	**Entrati assoċjati ma' riskju partikolarment għoli** Il-punt (k) tal-Artikolu 112 CRR
120	**Bonds koperti** Il-punt (l) tal-Artikolu 112 CRR
130	**Pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir** Il-punt (n) tal-Artikolu 112 CRR
140	**Impriżi ta' investiment kollettiv (CIU)** Il-punt (o) tal-Artikolu 112 CRR
150	**Skoperturi ta' ekwità** Il-punt (p) tal-Artikolu 112 CRR
160	**Skoperturi oħrajn** Il-punt (q) tal-Artikolu 112 CRR
170	**Skoperturi totali**

3.4.2. C 09.02 – Diżaggregazzjoni ġeografika ta' skoperturi skont ir-residenza tal-obbligant: Skoperturi IRB (CR GB 2)

3.4.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**SKOPERTURA ORIĠINALI QABEL IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 020 tal-formola CR IRB
030	**Li minnhom inadempjenti** Il-valur tal-iskopertura oriġinali għal dawk l-iskoperturi li ġew ikklassifikati bħala 'skoperturi inadempjenti' skont l-Artikolu 178 CRR.
040	**Inadempjenzi ġodda osservati għall-perjodu** L-ammont ta' skoperturi oriġinali li tmexxew fil-klassi tal-iskoperturi 'Skoperturi f'inadempjenza' matul il-perjodu ta' 3 xhur mill-aħħar data ta' referenza tar-rapportar, jiġi rrapportat kontra l-klassi tal-iskoperturi li fiha kien jappartjeni oriġinarjament l-obbligant.
050	**Aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu** Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 110 CRR.
055	**Aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu** Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 110 CRR.
060	**Tħassir** Tħassir jinkludi kemm tnaqqis tal-riport tal-assi finanzjarji indeboliti rikonoxxuti direttament fil-profitt jew it-telf [IFRS 7.B5.(d).(i)] u tnaqqis fl-ammonti tal-kontijiet ta' provvediment imposti kontra l-assi finanzjarji indeboliti [IFRS 7.B5.(d).(ii)].
070	**Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu/it-tħassir għal inadempjenzi ġodda osservati** Somma tal-aġġustamenti għar-riskju tal-kreditu u tħassir għal dawk l-iskoperturi li ġew ikklassifikati bħala 'skoperturi inadempjenti' matul il-perjodu ta' 3 xhur mill-aħħar sottomissjoni tad-*data*.
080	**IS-SISTEMA TA' KLASSIFIKAZZJONI INTERNA/PD ASSENJATA LILL-KLASSIFIKAZZJONI JEW IL-GRUPP TA' OBBLIGANTI (%)** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 010 tal-formola CR IRB
090	**LGD MEDJU PPONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (%)** Bl-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonni 230 u 240 tal-formola: il-medju ponderat skont l-iskopertura LGD (%) jirreferi għall-iskoperturi kollha, inklużi skoperturi għal entitajiet kbar tas-settur finanzjarju u entitajiet finanzjarji mhux regolati. Japplika l-punt (h) tal-Artikolu 181(1) CRR. Ma tiġix irrapportata *data* għal skoperturi ta' self speċjalizzat imsemmija fl-Artikolu 153(5) CRR.
100	**Li minnu: inadempjenti** L-LGD ponderat għall-iskoperturi għal dawk l-iskoperturi li ġew ikklassifikati bħala 'skoperturi inadempjenti' skont l-Artikolu 178 CRR.
105	**Valur tal-iskopertura** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 110 tal-formola CR IRB.
110	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI QABEL IL-FATTUR TA' APPOĠĠ TAL-SME** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 255 tal-formola CR IRB

Kolonni	
120	**Li minnhom inadempjenti** L-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju għal dawk l-iskoperturi li ġew ikklassifikati bħala 'skoperturi inadempjenti' skont l-Artikolu 178(1) CRR.
125	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI WARA L-FATTUR TA' APPOĠĠ TAL-SME** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 260 tal-formola CR IRB
130	**AMMONT TA' TELF MISTENNI** L-istess definizzjoni bħal dik għall-kolonna 280 tal-formola CR IRB

Ringieli	
010	**Banek ċentrali u gvernijiet ċentrali** Il-punt (a) tal-Artikolu 147(2) CRR
020	**Istituzzjonijiet** Il-punt (b) tal-Artikolu 147(2) CRR
030	**Kumpaniji** L-iskoperturi kollha għal korporattivi kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR
042	**Li minnu: Self speċjalizzat (minbarra self speċjalizzat soġġett għal kriterji ta' klassifikazzjoni)** Il-punt (a) tal-Artikolu 147(8) CRR Ma tiġix irrapportata *data* għal skoperturi ta' self speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 153(5) CRR.
045	**Li minnu: Self speċjalizzat soġġett għal kriterji ta' klassifikazzjoni** Il-punt (a) tal-Artikolu 147(8) u l-Artikolu 153(5) CRR
050	**Li minnu: SME** Il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR
060	**Fil-livell tal-konsumaturi** L-iskoperturi kollha fil-livell tal-konsumatur kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR
070	**Fil-livell tal-konsumaturi – Garantiti bi proprjetà immobbli** Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif riflessi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR li huma garantiti bi proprjetà immobbli
080	**SME** Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) u l-Artikolu 154(3) CRR li huma garantiti bi proprjetà immobbli
090	**mhux SME** Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif riflessi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR li huma garantiti bi proprjetà immobbli
100	**Fil-livell tal-konsumatur – Rotanti kwalifikanti** Skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) flimkien mal-Artikolu 154(4) CRR

Ringieli	
110	**Oħrajn fil-Livell tal-Konsumatur** Skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR li ma huma rrapportati fir-ringieli 070 - 100
120	**SME** Skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR għall-SMEs
130	**mhux SME** Skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR għal dawk li mhumiex SMEs
140	**Ekwità** L-iskoperturi ta' ekwità kif imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 147(2) CRR
150	**Skoperturi totali**

3.4.3. C 09.04 – Diżaggregazzjoni tal-iskoperturi ta' kreditu relevanti għall-kalkolu tal-bafer kontroċikliku skont il-pajjiż u rata tal-bafer kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni (CCB)

3.4.3.1. Kummenti ġenerali

82. Din il-formola għandha l-għan li tirċievi iktar informazzjoni dwar l-elementi tal-bafer kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni. L-informazzjoni meħtieġa tirreferi għar-rekwiżiti ta' fondi proprji ddeterminati skont it-Titolu II u Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR u l-lokazzjoni ġeografika ta' skoperturi ta' kreditu, skoperturi ta' titolizzazzjoni u skoperturi tal-portafoll tan-negozjar relevanti għall-kalkolu tal-bafer kapitali kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni (CCB) skont l-Artikolu 140 CRD (relevant credit exposures, skoperturi ta' kreditu relevanti).

83. L-informazzjoni fil-Formola C 09.04 għandha tiġi rrapportata għal 'Total' ta' skoperturi ta' kreditu relevanti matul il-ġuriżdizzjonijiet kollha fejn dawk l-iskoperturi huma lokalizzati u b'mod individwali għal kull waħda tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu l-iskoperturi tal-kreditu relevanti. Iċ-ċifri totali kif ukoll l-informazzjoni ta' kull ġurisdizzjoni għandha tiġi rrapportata f'dimensjoni separata.

84. Il-livell limitu stabbilit fil-punt (4) tal-Artikolu 5(a) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni m'għandux japplika għar-rapportar ta' dan it-diżagregazzjoni.

85. Sabiex tiġi ddeterminata l-pożizzjoni ġeografika, l-iskoperturi jiġu allokati fuq bażi ta' debitur immedjat kif previst fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2014 ([10]). Għalhekk it-tekniki CRM ma jibdlux l-allokazzjoni ta' skopertura mal-pożizzjoni ġeografika tagħha għall-finijiet ta' rapportar ta' informazzjoni stabbiliti f'din il-formola.

3.4.3.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**Ammont** Il-valur tal-iskoperturi ta' kreditu relevanti u rekwiżiti ta' fondi proprji ddeterminati skont l-istruzzjonijiet għar-ringiela rispettiva.
020	**Perċentwal**

([10]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2014 tal-4 ta' Ġunju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-identifikazzjoni tal-pożizzjoni ġeografika tal-iskoperturi ta' kreditu relevanti biex jiġu kkalkulati r-rati speċifiċi għall-istituzzjoni tal-bafer tal-kapital kontroċikliku (ĠU L 309, 30.10.2014, p. 5).

Kolonni	
030	**Informazzjoni kwalitattiva** Din l-informazzjoni għandha tiġi rrappurtata biss għal lill-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni (il-ġurisdizzjoni korrispondenti fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħha) u 'TOTAL' ta' kull pajjiż. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw {i} jew {l} jew skont l-istruzzjonijiet ir-ringiela relevanti.

Ringieli	
010-020	**L-iskoperturi relevanti tal-kreditu – ir-riskju ta' kreditu** L-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD.
010	**Il-valur tal-iskopertura skont l-Approċċ Standardizzat** Valur tal-iskopertura kkalkolat skont l-Artikolu 111 CRR għall-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD. Il-valur tal-iskoperturi tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll bankarju jiġu esklużi minn din ir-ringiela u rrapportati fir-ringiela 055.
020	**Il-valur tal-iskopertura skont l-Approċċ IRB** Valur tal-iskopertura kkalkolat skont l-Artikolu 166 CRR għall-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD. Il-valur tal-iskoperturi tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll bankarju jiġu esklużi minn din ir-ringiela u rrapportati fir-ringiela 055.
030-040	**L-iskoperturi relevanti tal-kreditu – ir-riskju tas-suq** L-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD.
030	**Total tal-pożizzjonijiet twal u bin-nieqes ta' skoperturi tal-portafoll tan-negozjar għal Approċċ Standardizzat** Is-somma tal-pożizzjonijiet twal netti u bin-nieqes netti skont l-Artikolu 327 CRR tal-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR: — skoperturi għal strumenti ta' dejn mhux ta' titolizzazzjoni; — skoperturi għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar; — skoperturi għal portafolli tan-negozjar ta' korrelazzjoni; — skoperturi għal titoli ta' ekwità; — skoperturi għal CIUs fejn ir-rekwiżiti kapitali huma kkalkolati skont l-Artikolu 348 CRR.
040	**Valur tal-iskopertura tal-portafoll tan-negozjar skont il-mudelli interni** Għall-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont il-Kapitoli 2 u 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR, għandu jiġi rrapportat it-total ta' dawn li ġejjin: — Valur ġust ta' pożizzjonijiet mhux derivattivi, li jirrappreżentaw l-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD, iddeterminati skont l-Artikolu 104 CRR. — Il-valur nozzjonali tad-derivattivi, li jirrappreżentaw l-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD.

Ringieli	
055	**L-iskoperturi relevanti tal-kreditu – pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll bankarju** Valur tal-iskopertura kkalkolat skont l-Artikolu 248 CRR għall-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD.
070-110	**Ir-rekwiżiti u l-fatturi ta' ponderazzjoni ta' fondi proprji**
070	**Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali għas-CCB** It-total tar-ringieli 080, 090 u 100.
080	**Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi tal-kreditu relevanti – Riskju ta' kreditu** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati skont il-Kapitoli 1 sa 4 u l-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR għal skoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD, fil-pajjiż inkwistjoni. Rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll bankarju għandhom ikunu eskluż minn din ir-ringiela u rrapportati fir-ringiela 100. Rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu 8 % tal-ammont tal-iskopertura ponderata skont ir-riskju ddeterminat skont il-Kapitoli 1 sa 4 u l-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
090	**Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi tal-kreditu relevanti – Riskju tas-suq** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR għal riskju speċifiku, jew skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni għall-iskoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD, fil-pajjiż inkwistjoni. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi ta' kreditu relevanti, skont il-qafas tar-riskju tas-suq għandhom jinkludu, fost oħrajn, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kkalkolati skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, CRR u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv stabbiliti skont l-Artikolu 348 CRR.
100	**Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi ta' kreditu relevanti – Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll bankarju** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR għal skoperturi ta' kreditu relevanti kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD fil-pajjiż inkwistjoni. Rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu 8 % tal-ammont tal-iskopertura ponderatgħar-riskju kkalkolat skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
110	**Il-fattur ta' ponderazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji** Il-fattur ta' ponderazzjoni applikata lir-rata tal-bafer kontroċikliku f'kull pajjiż tiġi kkalkolata bħala proporzjon tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, determinat kif ġej: 1. Numeratur: Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali li huma relatati mal-iskoperturi ta' kreditu relevanti fil-pajjiż konċernat [r070; c010; karta ta' informazzjoni tal-pajjiż], 2. Denominatur: Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali li jirrigwardaw l-iskoperturi ta' kreditu relevanti kollha għall-kalkolu tal-bafer kontroċikliku kif imsemmija fl-Artikolu 140(4) CRD [r070; c010; 'Total']. L-informazzjoni dwar il-fatturi ta' ponderazzjoni r-rekwiżiti ta' fondi proprji ma tiġix irrapportata għat-'Total' ta' kull pajjiż.

Ringieli	
120-140	**Ir-rata tal-bafer kontroċikliku**
120	**Ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku stabbilita mill-Awtorità Nnominata** Ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku stabbilit għall-pajjiż inkwistjoni mill-awtorità responsabbli ta' dak il-pajjiż f'konformità mal-Artikoli 136, 137, 139, il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 140(2) u l-punt (b) tal-Artikolu 140(3) CRD. Din ir-ringiela għandha titħalla vojta meta r-rata tal-bafer kontroċikliku kienet stabbilita għall-pajjiż inkwistjoni mill-awtorità responsabbli ta' dak il-pajjiż. Ir-rati tal-bafer kapitali kontroċikliku li ġew stabbiliti mill-awtorità maħtura, iżda li jkunu għadhom mhumiex applikabbli fil-pajjiż inkwistjoni fid-data ta' referenza tar-rapportar ma għandhomx jiġu rrapportati. Informazzjoni dwar ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku stabbilita mill-awtorità nnominata ma għandhiex tiġi rrapportata għat-'total' ta' kull pajjiż.
130	**Rata tal-bafer kapitali kontroċikliku applikabbli fil-pajjiż tal-istituzzjoni** Ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku applikabbli fil-pajjiż konċernat li ġiet stabbilita mill-awtorità maħtura tal-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni, skont l-Artikoli 137, 138, 139 u l-punt (b) tal-Artikolu 140(2) u l-punt (a) tal-Artikolu 140(3) CRD. Ir-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li jkunu għadhom mhumiex applikabbli fid-data ta' referenza tar-rapportar ma għandhomx jiġu rrapportati. Informazzjoni dwar ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku applikabbli fil-pajjiż tal-istituzzjoni ma tiġix irrapportata għat-'Total' ta' kull pajjiż.
140	**Rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni** Ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku speċifika għall-istituzzjoni, ikkalkolata skont l-Artikolu 140(1) CRD. Ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku speċifika għall-istituzzjoni għandha tiġi kkalkolata bħala l-medja ponderata tar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li japplikaw fil-ġurisdizzjoni fejn l-iskoperturi ta' kreditu relevanti tal-istituzzjoni jkunu jinsabu, jew jiġu applikati għall-finijiet ta' dan l-Artikolu 140 bis-saħħa tal-paragrafi 2 jew 3 tal-Artikolu 139 CRD. Ir-rata tar-riżerva kontroċiklika relevanti hija rrapportata f'[r120; c020; karta ta' informazzjoni tal-pajjiż], jew [r130; c020; karta ta' informazzjoni tal-pajjiż], kif applikabbli. Il-ponderazzjoni applikata lir-riżerva ta' kapital kontroċiklika f'kull pajjiż hija s-sehem tar-rekwiżiti tal-fondi proprji fir-rekwiżiti tal-fondi proprji totali, u hija rrapportata f'[r110; c020; karta ta' informazzjoni tal-pajjiż]. Informazzjoni dwar ir-rata tal-bafer kapitali kontroċikliku speċifika għall-istituzzjoni għandu jiġi rrapportat biss għal 'Total' tal-pajjiżi kollha u mhux għal kull pajjiż separatament.
150 – 160	**L-użu tal-limitu ta' 2 %**
150	**L-użu tal-limitu ta' 2 % għal skoperturi ta' kreditu ġenerali** F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2014, skoperturi tar-riskju ta' kreditu ġenerali barranin, li l-aggregat tagħhom ma jaqbiżx 2 % tal-aggregat tal-kreditu ġenerali, il-portafoll tan-negozjar u l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni ta' dik l-istituzzjoni, jistgħu jiġu allokati lil tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-istituzzjoni. L-aggregat tal-kreditu ġenerali, il-portafoll tan-negozjar u l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni jiġi kkalkolat billi jiġu eskluży l-iskoperturi ta' kreditu ġenerali fil-post skont il-punt (a) tal-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 2(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2014. Jekk l-istituzzjoni tagħmel użu minn din id-deroga, hu għandu jindika 'y' fil-formola ta' ġurisdizzjoni li tikkorrispondi għal l-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu u għal 'Total' ta' kull pajjiż. Jekk istituzzjoni ma jagħmilx użu minn din id-deroga, hu għandu jindika 'n' f'ċelloli rispettivi.

Ringieli	
160	**L-użu tal-limitu ta' 2 % għal skoperturi tal-portafoll tan-negozjar** Skont l-Artikolu 3 (3) tar-Regolament (UE) Nru 1152/2014, l-istituzzjonijiet jistgħu jallokaw l-iskoperturi tal-portafoll tan-negozjar lejn l-Istat Membru tal-oriġini tagħhom, fejn it-total tal-iskoperturi fil-portafoll tan-negozjar ma jaqbżux 2 % tat-total ġenerali tal-kreditu tagħhom, u l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni u fil-portafoll tan-negozjar. Jekk l-istituzzjoni tagħmel użu minn din id-deroga, hu għandu jindika 'y' fil-formola ta' ġurisdizzjoni li tikkorrispondi għal l-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu u għal 'Total' ta' kull pajjiż. Jekk istituzzjoni ma jagħmilx użu minn din id-deroga, hu għandu jindika 'n' f'ċelloli rispettivi.

3.5. C 10.01 U C 10.02 – L-ISKOPERTURI TAL-EKWITÀ SKONT L-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ IL-KLASSIFIKAZZJONI INTERNA (CR EQU IRB 1 U CR EQU IRB 2)

3.5.1. Kummenti ġenerali

86. Il-formola CR EQU IRB tikkonsisti f'żewġ formoli: CR EQU IRB 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iskoperturi IRB tal-klassi tal-iskoperturi tal-ekwità u l-metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura totali għar-riskju. CR EQU IRB 2 tipprovdi diżagregazzjoni tal-iskoperturi totali assenjati għall-gradi ta' obbliganti fil-kuntest tal-approċċ PD/LGD. 'CR EQU IRB' tirreferi kemm għall-formola 'CR EQU IRB 1' kif ukoll għall-formola 'CR EQU IRB 2', kif applikabbli, fl-istruzzjonijiet li ġejjin.

87. Il-formola tas-CR EQU IRB tipprovdi informazzjoni dwar il-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għal riskju ta' kreditu (il-punt (a) tal-Artikolu 92(3) CRR) skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR għal skoperturi tal-ekwità msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 147(2) CRR.

88. Skont l-Artikolu 147 (6) CRR, l-iskoperturi li ġejjin ikunu assenjati għall-klassi tal-iskopertura tal-ekwità:

(a) skoperturi mhux ta' dejn li jwasslu għal pretensjoni residwa u subordinata fuq l-assi jew fuq l-introjtu tal-emittent;

(b) skoperturi ta' dejn u titoli oħra, sħubiji, derivattivi, jew strumenti oħra, li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għall-iskoperturi speċifikati fil-punt (a).

89. Intrapriżi ta' investiment kollettiv trattati skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji kif imsemmi fl-Artikolu 152 CRR ikunu rrapportati wkoll fil-formola CR EQU IRB.

90. B'konformità mal-Artikolu 151(1) CRR, l-istituzzjonijiet jipprovdu l-formola CR EQU IRB meta japplikaw wieħed mit-tliet approċċi msemmijin fl-Artikolu 155 CRR:

— l-approċċ Sempliċi ta' Ponderazzjoni tar-Riskji;

— l-approċċ PD/LGD;

— l-approċċ tal-Formoli Interni.

Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB jirrapportaw ukoll fil-formola CR EQU IRB l-ammonti tal-iskopertura ponderata għar-riskju għal dawk l-iskoperturi tal-ekwità li jattiraw trattament ta' ponderazzjoni tar-riskju fiss (madankollu bla ma jkunu ttrattati b'mod espliċitu skont l-approċċ Sempliċi ta' Ponderazzjoni tar-Riskji jew l-użu parzjali (temporanju jew permanenti) tal-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu), pereż. skoperturi tal-ekwità li jattiraw ponderazzjoni tar-riskju ta' 250 % b'konformità mal-Artikolu 48(4) CRR, rispettivament ponderazzjoni tar-riskju ta' 370 % b'konformità mal-Artikolu 471(2) CRR.

91. Il-pretensjonijiet ta' ekwità li ġejjin ma jkunux rrapportati fil-formola CR EQU IRB:

— Skoperturi tal-ekwità fil-portafoll tan-negozjar (fejn l-istituzzjonijiet mhumiex eżenti mill-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar (l-Artikolu 94 CRR)).

— Skoperturi tal-ekwità soġġetti għall-użu parzjali tal-Approċċ Standardizzat (l-Artikolu 150 CRR), inklużi:

— Skoperturi tal-ekwità anterjorati skont l-Artikolu 495(1) CRR;

— Skoperturi tal-ekwità għal entitajiet li l-obbligi ta' kreditu tagħhom huma assenjati ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 % skont l-Approċċ Standardizzat, inklużi dawk l-entitajiet sponsorjati b'mod pubbliku fejn tista' tiġi applikata ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 % (il-punt (g) tal-Artikolu 150(1) CRR),

— Skoperturi tal-ekwità mġarrba skont programmi leġiżlati sabiex jiġu promossi setturi speċifikati tal-ekonomija li jipprovdu sussidji sinifikanti għall-investiment lill-istituzzjoni u jinvolvu xi forma ta' sorveljanza u restrizzjonijiet governattivi fuq l-investimenti ta' ekwità (il-punt (h) tal-Artikolu 150(1) CRR),

— Skoperturi tal-ekwità għal impriżi ta' servizzi anċillari li l-ammonti ta' skoperturi għall-ponderazzjoni tar-riskji tagħhom jistgħu jiġu kkalkolati skont it-trattament ta' 'assi oħrajn mingħajr obbligu ta' kreditu' (l-Artikolu 155(1) CRR),

— Pretensjonijiet ta' ekwità mnaqqsin mill-fondi proprji skont l-Artikoli 46 u 48 CRR.

3.5.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi (applikabbli kemm għal CR EQU IRB 1 kif ukoll għal CR EQU IRB 2)

Kolonni	
005	**GRAD TAL-OBBLIGANTI (IDENTIFIKATUR TAR-RINGIELA)** Il-grad tal-obbligant huwa l-identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela fil-formola. Għandu jsegwi l-ordni numeriku 1, 2, 3, eċċ.
010	**SISTEMA TA' KLASSIFIKAZZJONI INTERNA** **PD ASSENJATA LILL-GRAD TAL-OBBLIGANT (%)** Istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ PD/LGD jirrapportaw fil-kolonna 010 il-probabilità tal-inadempjenza (PD) kkalkolata skont l-Artikolu 165(1) CRR. Il-PD assenjata lill-grad jew pula tal-obbligant li għandu jiġi rrapportat tkun konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Għal kull grad jew pula individwali, tiġi rrapportata l-PD assenjata lil dak il-grad jew pula speċifika tal-obbligant. Il-parametri rrapportati kollha tar-riskju għandhom jiġu derivati mill-parametri tar-riskju użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni interna approvata mill-awtorità kompetenti rispettiva. Għal ċifri li jikkorrispondu għal aggregazzjoni tal-gradi jew il-gruppi tal-obbliganti (pereż. 'skoperturi totali'), tiġi pprovduta l-medja ponderata skont l-iskopertura tal-PDs assenjati lill-gradi jew il-gruppi tal-obbliganti inklużi fl-aggregazzjoni. L-iskoperturi kollha, inklużi skoperturi inadempjenti għandhom jiġu kkunsidrati għall-fini tal-kalkolu tal-medja ponderata ta' skopertura PD. Għall-kalkolu tal-medja ponderata ta' skopertura PD, il-valur ta' skopertura li jqis il-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata (il-kolonna 060) jintuża għal finijiet ta' ponderazzjoni.
020	**SKOPERTURA ORIĠINALI QABEL IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw fil-kolonna 020 il-valur tal-iskopertura oriġinali (fatturi ta' qabel il-konverżjoni). Skont l-Artikolu 167 CRR, il-valur tal-iskopertura għal skoperturi tal-ekwità jkun il-valur kontabilistiku li jifdal wara l-aġġustamenti speċifiċi fir-riskju ta' kreditu. Il-valur tal-iskoperturi ta' ekwità barra l-karta bilanċjali jkun il-valur nominali tagħhom wara l-aġġustamenti speċifiċi fir-riskju ta' kreditu. L-istituzzjonijiet jinkludu wkoll fil-kolonna 020 l-entrati barra l-karta bilanċjali msemmijin fl-Anness I CRR assenjati għall-klassi tal-iskoperturi tal-ekwità (pereż. 'il-porzjon mhux imħallas tal-ishma mħallsa parzjalment'). L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ Sempliċi ta' Ponderazzjoni tar-Riskji jew l-approċċ PD/LGD (kif imsemmi fl-Artikolu 165(1) CRR) jikkunsidraw ukoll it-tpaċija msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 155(2) CRR.

Kolonni	
030-040	**TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA** **PROTEZZJONI TA' KREDITU MHUX IFFINANZJATA** **GARANZIJI** **DERIVATTIVI TAL-KREDITU** Ikun xi jkun l-approċċ adottat għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal skoperturi tal-ekwità, l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata miksuba fuq skoperturi tal-ekwità (il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 155 CRR). L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ Sempliċi ta' Ponderazzjoni tar-Riskji jew l-approċċ PD/LGD jirrapportaw fil-kolonni 030 u 040 l-ammont ta' protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata fil-forma ta' garanziji (kolonna 030) jew derivattivi ta' kreditu (kolonna 040) rikonoxxuti skont il-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
050	**TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA** **SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM** **(-) IL-FLUSSI 'L BARRA TOTALI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw fil-kolonna 050 il-parti tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinarja koperti mill-protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata rikonoxxuti skont il-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
060	**VALUR TAL-ISKOPERTURA** L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ Sempliċi ta' Ponderazzjoni tar-Riskji jew l-approċċ PD/LGD jirrapportaw fil-kolonna 060 il-valur tal-iskopertura filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti ta' sostituzzjoni li ġejjin mill-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata (il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 155 u l-Artikolu 167 CRR). Fil-każ ta' ekwità ta' skoperturi barra l-karta bilanċjali, il-valur tal-iskopertura għandu jkun il-valur nominali wara aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu (l-Artikolu 167 CRR).
070	**LGD MEDJU PPONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (%)** L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ PD/LGD jirrapportaw il-medja ponderata tal-iskopertura tal-LGDs assenjati lill-gradi jew il-gruppi tal-obbliganti inklużi fl-aggregazzjoni. Il-valur tal-iskopertura filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata (kolonna 060) jintuża għall-kalkolu tal-LGD medju ponderat skont l-iskopertura. L-istituzzjonijiet jieħdu f'kunsiderazzjoni l-Artikolu 165(2) CRR.
080	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU** L-istituzzjonijiet jirrapportaw ammonti tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal skoperturi tal-ekwità, ikkalkolati skont l-Artikolu 155 CRR. Fejn l-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ PD/LGD ma jkollhomx biżżejjed informazzjoni biex jużaw id-definizzjoni ta' inadempjenza stabbilita fl-Artikolu 178 CRR, ikun assenjat fattur ta' gradazzjoni ta' 1,5 għall-ponderazzjonijiet tar-riskju meta jikkalkolaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju (l-Artikolu 155(3) CRR). Fir-rigward tal-parametru tal-input M (Maturità) għall-funzjoni tal-ponderazzjoni tar-riskju, il-maturità assenjata għall-iskoperturi tal-ekwità tilħaq il-5 snin (l-Artikolu 165(3) CRR).
090	**ENTRATA FIL-MEMORANDUM: AMMONT TA' TELF MISTENNI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw fil-kolonna 090 l-ammont ta' telf mistenni għall-iskoperturi ta' ekwità kkalkolat skont il-paragrafi 4, 7, 8 u 9 tal-Artikolu 158 CRR.

92. B'konformità mal-Artikolu 155 CRR, l-istituzzjonijiet jistgħu jħaddmu approċċi differenti (Approċċ Sempliċi tal-ponderazzjoni tar-riskju, approċċ PD/LGD jew approċċ tal-Formoli Interni) għal portafolli differenti meta jużaw dawn l-approċċi differenti b'mod intern. L-istituzzjonijiet jirrapportaw ukoll fil-formola CR EQU IRB 1 l-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju għal dawk l-iskoperturi tal-ekwità li jattiraw trattament ta' ponderazzjoni tar-riskju fiss (madankollu, bla ma jkunu ttrattati b'mod espliċitu skont l-approċċ Sempliċi tal-ponderazzjoni tar-riskju jew l-użu parzjali (temporanju jew permanenti) tal-Approċċ Standardizzat tar-riskju ta' kreditu).

Ringieli	
CR EQU IRB 1 - ringiela 020,	**L-APPROĊĊ PD/LGD: TOTAL** L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ PD/LGD (l-Artikolu 155(3) CRR) jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa fir-ringiela 020 tal-formola CR EQU IRB 1.
CR EQU IRB 1 - ringieli 050- 090	**APPROĊĊ SEMPLIĊI TA' PONDERAZZJONI TAR-RISKJI: TOTAL** **DIŻAGGREGAZZJONI TAL-ISKOPERTURI TOTALI BL-APPROĊĊ SEMPLIĊI TAL-PONDERAZZJONI TAR-RISKJU SKONT IL-PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU:** L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ Sempliċi tal-ponderazzjoni tar-riskju (l-Artikolu 155(2) CRR) għandhom jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa skont il-karatteristiċi tal-iskoperturi sottostanti fir-ringieli minn 050 sa 090.
CR EQU IRB 1 - ringiela 100	**APPROĊĊ TAL-MUDELLI INTERNI** L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ tal-Formoli Interni (l-Artikolu 155(4) CRR) għandhom jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa fir-ringiela 100.
CR EQU IRB 1 - ringiela 110	**SKOPERTURI TAL-EKWITÀ SOĠĠETTI GĦAL PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU** L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ tal-IRB jirrapportaw ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal dawk l-iskoperturi tal-ekwità li jattiraw trattament ta' ponderazzjoni tar-riskju fiss (madankollu mingħajr ma jkunu ttrattati b'mod espliċitu skont l-approċċ Sempliċi tal-ponderazzjoni tar-riskju jew l-użu parzjali (temporanju jew permanenti) tal-Approċċ Standardizzat tar-riskju ta' kreditu). Bħala eżempju: — l-ammont ta' skoperturi ponderat għar-riskju ta' pożizzjonijiet ta' ekwità f'entitajiet tas-settur finanzjarju ttrattati b'konformità mal-Artikolu 48(4) CRR, kif ukoll as — pożizzjonijiet ta' ekwità ponderati għar-riskju bi 370 % b'konformità mal-Artikolu 471(2) CRR ikunu rrapportati fir-ringiela 110.
RK EKW IRB 2	**DIŻAGGREGAZZJONI TAL-ISKOPERTURI TOTALI BL-APPROĊĊ PD/LGD SKONT IL-GRADI TA' OBBLIGANTI:** L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ PD/LGD (l-Artikolu 155(3) CRR) għandhom jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa fil-formola CR EQU IRB 2. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ PD/LGD li japplikaw sistema unika ta' klassifikazzjoni jew li jistgħu jirrapportaw skont skala prinċipali interna jirrapportaw fis-CR EQU IRB 2 il-gradi jew il-grupp ta' klassifikazzjoni assoċjati ma' din is-sistema unika ta' klassifikazzjoni/skala prinċipali. Fi kwalunkwe każ ieħor, is-sistemi ta' klassifikazzjoni differenti għandhom jingħaqdu u jitqiegħdu f'ordni skont il-kriterji li ġejjin: Il-gradi jew il-gruppi tal-obbliganti tas-sistemi ta' klassifikazzjoni differenti jingabru flimkien u jitqiegħdu fl-ordni ta' mill-inqas PD assenjata lil kull grad jew grupp ta' obbliganti sal-ogħla.

3.6. C 11.00 – IR-RISKJU TAS-SALDU/TAL-KONSENJA (CR SETT)

3.6.1. Kummenti ġenerali

93. Din il-formola titlob informazzjoni kemm dwar tranżazzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar kif ukoll dak mhux tan-negozjar li mhumiex saldati wara d-dati ta' konsenja tagħhom, u r-rekwiżiti tal-fondi proprji korrispondenti tagħhom għar-riskju tas-saldu kif imsemmi fil-punt (c)(ii) tal-Artikoli 92(3) u l-Artikolu 378 CRR.

94. L-istituzzjonijiet jirrapportaw fil-formola CR SETT informazzjoni dwar ir-riskju tas-saldu/tal-konsenja b'rabta ma' strumenti tad-dejn, ekwitajiet, muniti barranin u komoditajiet miżmumin fil-portafoll tan-negozjar jew mhux tan-negozjar tagħhom.

95. Skont l-Artikolu 378 CRR, tranżazzjonijiet ta' riakkwist, għoti b'self ta' titoli jew komoditajiet u teħid b'self ta' titoli jew komoditajiet b'rabta ma' strumenti ta' dejn, ekwitajiet, muniti barranin u komoditajiet li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-saldu/tal-konsenja. Madankollu, kun af li tranżazzjonijiet u derivattivi ta' saldu twil mhux saldati wara d-dati ta' konsenja dovuta tagħhom xorta waħda huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-fondi proprji għal riskju tas-saldu/tal-konsenja kif stipulat fl-Artikolu 378 CRR.

96. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet mhux saldati wara d-data ta' konsenja dovuta, l-istituzzjonijiet jikkalkolaw id-differenza fil-prezzijiet li huma esposti għaliha. Dik hija d-differenza bejn il-prezz tas-saldu maqbul għall-istrument tad-dejn, l-ekwità, il-munita barranija jew il-komodità inkwistjoni u l-valur tas-suq attwali tagħhom, meta d-differenza tkun tista' tinvolvi telf għall-istituzzjoni.

97. L-istituzzjonijiet jimmultiplikaw din id-differenza bil-fattur xieraq tat-Tabella 1 tal-Artikolu 378 CRR biex jiddeterminaw ir-rekwiżiti korrispondenti tal-fondi proprji.

98. Skont il-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR, ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju tas-saldu/tal-konsenja jkun multiplikat bi 12,5 sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' skopertura għar-riskju.

99. Kun af li r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal konsenji bla ħlas kif stipulat fl-Artikolu 379 CRR ma jaqgħux fl-ambitu tal-formola CR SETT. Dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jiġu rrapportati fil-formoli tar-riskju ta' kreditu (CR SA, CR IRB).

3.6.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**TRANŻAZZJONIJIET MHUX SALDATI BIL-PREZZ TAS-SALDU** L-istituzzjonijiet jirrapportaw it-tranżazzjonijiet mhux saldati wara d-data tal-konsenja dovuta tagħhom bil-prezzijiet tal-pagament miftiehma rispettivi kif imsemmi fl-Artikolu 378 CRR. It-tranżazzjonijiet kollha mhux saldati għandhom ikunu inklużi f'din il-kolonna, irrelevanti minn jekk humiex bi qligħ jew b'telf wara d-data tas-saldu dovuta.
020	**SKOPERTURA TAD-DIFFERENZA TAL-PREZZIJIET DOVUTA GĦAL TRANŻAZZJONIJIET MHUX SALDATI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw id-differenza fil-prezzijiet bejn il-prezz tas-saldu miftiehem u l-valur tas-suq attwali tiegħu għall-istrument tad-dejn, l-ekwità, il-munita barranija jew il-komodità inkwistjoni, meta d-differenza tkun tista' tinvolvi telf għall-istituzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 378 CRR. Huma biss tranżazzjonijiet mhux saldati f'telf wara d-data tas-saldu dovuta li għandhom jiġu rrapportati f'din il-kolonna.
030	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati b'konformità mal-Artikolu 378 CRR.
040	**AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU TAS-SALDU** B'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR, l-istituzzjonijiet jimmultiplikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom irrapportati fil-kolonna 030 bi 12,5 sabiex jiksbu l-ammont ta' skopertura għar-riskju ta' saldu.

Ringieli	
010	**Tranżazzjonijiet totali mhux saldati fil-Portafoll mhux tan-Negozjar** L-istituzzjonijiet jirrapportaw informazzjoni aggregata dwar ir-riskju tas-saldu/tal-konsenja għall-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar (kif imsemmi fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 378 CRR). L-istituzzjonijiet jirrapportaw f'{r010;c010} is-somma aggregata ta' tranżazzjonijiet mhux saldati wara d-dati ta' konsenja dovuta tagħhom bil-prezzijiet tas-saldu maqbula rispettivi. L-istituzzjonijiet jirrapportaw f'{r010;c020} l-informazzjoni aggregata għall-iskopertura għad-differenza fil-prezzijiet minħabba tranżazzjonijiet mhux saldati f'telf. L-istituzzjonijiet jirrapportaw f'{r010;c030] ir-rekwiżiti tal-fondi proprji aggregati derivati mill-għadd flimkien tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal tranżazzjonijiet mhux saldati billi jimmultiplikaw id-'differenza fil-prezz' rrapportata fil-kolonna 020 bil-fattur xieraq ibbażat fuq l-għadd ta' jiem tax-xogħol wara d-data ta' saldu dovuta (il-kategoriji msemmijin fit-Tabella 1 tal-Artikolu 378 CRR).
020 sa 060	**It-tranżazzjonijiet mhux saldati sa 4 ijiem (Fattur 0 %)** **It-tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 5 u 15-il jum (Fattur 8 %)** **It-tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 16 u 30 jum (Fattur 50 %)** **It-tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 31 u 45 jum (Fattur 75 %)** **Tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 46 jum jew iktar (Fattur 100 %)** L-istituzzjonijiet jirrapportaw fir-ringieli 020 sa 060 l-informazzjoni dwar ir-riskju tas-saldu/tal-konsenja għal pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar skont il-kategoriji msemmijin fit-Tabella 1 tal-Artikolu 378 CRR. Ma hemmx rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-saldu/tal-konsenja għal tranżazzjonijiet mhux saldati inqas minn 5 ijiem tax-xogħol wara d-data tas-saldu dovuta.
070	**Total tat-tranżazzjonijiet mhux saldati fil-Portafoll tan-Negozjar** L-istituzzjonijiet jirrapportaw informazzjoni aggregata dwar ir-riskju tas-saldu/tal-konsenja għall-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar (kif imsemmi fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 378 CRR). L-istituzzjonijiet jirrapportaw f'{r070;c010} is-somma aggregata ta' tranżazzjonijiet mhux saldati wara d-dati ta' konsenja dovuta tagħhom bil-prezzijiet tas-saldu maqbula rispettivi. L-istituzzjonijiet jirrapportaw f'{r070;c020} l-informazzjoni aggregata għall-iskopertura għad-differenza fil-prezzijiet minħabba tranżazzjonijiet mhux saldati f'telf. L-istituzzjonijiet jirrapportaw f'{r070;c030} ir-rekwiżiti tal-fondi proprji aggregati derivati mill-għadd flimkien tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal tranżazzjonijiet mhux saldati billi jimmultiplikaw id-'differenza fil-prezz' rrapportata fil-kolonna 020 b'fattur xieraq ibbażat fuq l-għadd ta' jiem tax-xogħol wara d-data ta' saldu dovuta (il-kategoriji msemmijin fit-Tabella 1 tal-Artikolu 378 CRR).
080 sa 120	**It-tranżazzjonijiet mhux saldati sa 4 ijiem (Fattur 0 %)** **It-tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 5 u 15-il jum (Fattur 8 %)** **It-tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 16 u 30 jum (Fattur 50 %)** **It-tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 31 u 45 jum (Fattur 75 %)** **Tranżazzjonijiet mhux saldati bejn 46 jum jew iktar (Fattur 100 %)** L-istituzzjonijiet jirrapportaw fir-ringieli 080 sa 120 l-informazzjoni dwar ir-riskju tas-saldu/tal-konsenja għal pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar skont il-kategoriji msemmijin fit-Tabella 1 tal-Artikolu 378 CRR. Ma hemmx rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-saldu/tal-konsenja għal tranżazzjonijiet mhux saldati inqas minn 5 ijiem tax-xogħol wara d-data tas-saldu dovuta.

3.7. C 13.01 - RISKJU TA' KREDITU – TITOLIZZAZZJONIJIET (CR SEC)

3.7.1. Kummenti ġenerali

100. Fejn l-istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur, l-informazzjoni f'din il-formola għandha tkun meħtieġa għat-titolizzazzjonijiet kollha li għalihom ikun rikonoxxut trasferiment sinifikanti tar-riskju. Meta l-istituzzjoni taġixxi bħala investitur, għandhom jiġu rrapportati l-iskoperturi kollha.

101. L-informazzjoni li għandha tkun irrapportata hija kontinġenti fuq ir-rwol tal-istituzzjoni fil-proċess ta' titolizzazzjoni. B'hekk, l-entrati speċifiċi ta' rapportar huma applikabbli għal oriġinaturi, sponsors u investituri.

102. Din il-formola tiġbor informazzjoni konġunta dwar titolizzazzjonijiet tradizzjonali kif ukoll sintetiċi miżmuma fil-portafoll bankarju.

3.7.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
0010	**AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURI TAT-TITOLIZZAZZJONI ORIĠINATI** L-istituzzjonijiet oriġinaturi jirrapportaw l-ammont pendenti fid-data tar-rapportar tal-iskoperturi tat-titolizzazzjoni attwali kollha li oriġinaw fit-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni, irrelevanti min ikun id-detentur tal-pożizzjonijiet. B'hekk, skoperturi tat-titolizzazzjoni tal-karta bilanċjali (pereż. bonds, self subordinat) kif ukoll skoperturi barra l-karta bilanċjali u derivattivi (pereż. linji ta' kreditu subordinati, faċilitajiet ta' likwidità, swaps tar-rati tal-imgħax, swaps ta' inadempjenza ta' kreditu, eċċ.) li kienu oriġinati fit-titolizzazzjoni għandhom jiġu rrapportati. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali li fihom l-oriġinatur ma jkollu ebda pożizzjoni, l-oriġinatur m'għandux jikkunsidra dik it-titolizzazzjoni fir-rapportar ta' din il-formola. Għal dak l-għan, il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma mill-oriġinatur jinkludu provvedimenti ta' ammortizzazzjoni antiċipata, kif definiti fl-Artikolu 242(16) CRR, f'titolizzazzjoni ta' skoperturi rotanti.
0020-0040	**TITOLIZZAZZJONIJIET SINTETIĊI: PROTEZZJONI TAL-KREDITU GĦALL-ISKOPERTURI TITOLIZZATI** L-Artikoli 251 u 252 tas-CRR. Id-diskrepanza fil-maturità ma titteħidx f'kunsiderazzjoni fil-valur aġġustat tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu involuti fl-istruttura ta' titolizzazzjoni.
0020	**(-) PROTEZZJONI TA' KREDITU FFINANZJATA (CVA)** Il-proċedura dettaljata tal-kalkolu tal-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral (C_{VA}) li hija mistennija tiġi rrapportata f'din il-kolonna hija stabbilita fl-Artikolu 223(2) CRR.
0030	**(-) FLUSSI 'L BARRA TOTALI: IL-VALURI AĠĠUSTATI TAL-PROTEZZJONI TAL-KREDITU MHUX IFFINANZJATA (G*)** Billi tiġi segwita r-regola ġenerali għal 'influssi' u 'flussi 'l barra', l-ammonti rrapportati f'din il-kolonna għandhom jidhru bħala 'influssi' fil-formola korrispondenti tar-riskju ta' kreditu (CR SA jew CR IRB) u l-klassi ta' skoperturi li għaliha l-entità li tirrapporta talloka l-fornitur tal-protezzjoni (jiġifieri l-parti terza li lilha jiġi ttrasferit is-segment permezz ta' protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata). Il-proċedura tal-kalkolu tal-ammont nominali aġġustat għar-'riskju tal-kambju' tal-protezzjoni tal-kreditu (G* hija stabbilita fl-Artikolu 233(3) CRR.

Kolonni	
0040	**AMMONT NOZZJONALI MFADDAL JEW RIAKKWISTAT TA' PROTEZZJONI TAL-KREDITU** Is-segmenti kollha li nżammu jew li nxtraw lura, pereż. pożizzjonijiet tal-ewwel telf imfaddlin, għandhom ikunu rrapportati bl-ammont nominali tagħhom. L-effett tat-telf impost superviżorju fil-protezzjoni tal-kreditu ma jitteħidx f'kunsiderazzjoni meta jiġi kkalkolat l-ammont imfaddal jew riakkwistat ta' protezzjoni tal-kreditu.
0050	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI: SKOPERTURA ORIĠINALI QABEL IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI** Din il-kolonna tinkludi l-valuri tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma mill-istituzzjoni li tirrapporta, ikkalkolati skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 248 CRR, mingħajr l-applikazzjoni ta' fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu, gross mill-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti, u kwalunkwe skontijiet fuq il-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli fuq l-iskoperturi titolizzati kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 248(1) CRR, u gross mill-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti fuq il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni. In-netting ikun relevanti biss fir-rigward ta' kuntratti tad-derivattivi multipli provduti lill-istess SSPE, koperti minn ftehim ta' netting eliġibbli. F'titolizzazzjonijiet sintetiċi, il-pożizzjonijiet miżmumin mill-oriġinatur fil-forma ta' entrati fil-karta bilanċjali u/jew imgħax tal-investitur ikunu r-riżultat tal-aggregazzjoni tal-kolonni minn 0010 sa 0040.
0060	**(-) AĠĠUSTAMENTI TAL-VALUR U PROVVEDIMENTI** L-Artikolu 248 CRR. Aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti li għandhom ikunu rrapportati f'din il-kolonna jirreferu biss għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Aġġustamenti tal-valur ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni ma jiġux ikkunsidrati.
0070	**SKOPERTURA NETTA MILL-AĠĠUSTAMENTI TAL-VALUR U L-PROVVEDIMENTI** Din il-kolonna tinkludi l-valuri tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kkalkolati skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 248 CRR, netti mill-aġġustament tal-valur u l-provvedimenti, mingħajr l-applikazzjoni ta' fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu u gross mill-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti, u kwalunkwe skontijiet fuq il-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli fuq l-iskoperturi titolizzati kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 248(1) CRR, u netti mill-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti fuq il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.
0080-0110	**TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA** Il-punt (57) tal-Artikolu 4(1) CRR, il-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, CRR u l-Artikolu 249 CRR L-istituzzjonijiet jirrapportaw f'dawn il-kolonni informazzjoni dwar tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu li jnaqqsu r-riskju tal-kreditu ta' skopertura jew skoperturi permezz tas-sostituzzjoni ta' skoperturi (kif indikat hawn għal Influssi u Flussi 'l Barra). Kollateral li għandu effett fuq il-valur tal-iskopertura (pereż. jekk jintuża għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura) għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura. Entrati li għandhom jiġu rrapportati hawnhekk: 1. kollateral, inkorporat skont l-Artikolu 222 CRR (Metodu Simplifikat tal-Kollateral Finanzjarju); 2. protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata eliġibbli.
0080	**(-) PROTEZZJONI TA' KREDITU MHUX IFFINANZJATA: IL-VALURI AĠĠUSTATI (G_A)** Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata hija definita fl-Artikolu 4(1)(59) CRR, l-Artikoli 234 sa 236 CRR.

Kolonni	
0090	**(-) PROTEZZJONI TAL-KREDITU FINANZJATA** Protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata kif definita fl-Artikolu 4(1)(58) CRR, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 249(2) CRR u kif regolata fl-Artikoli 195, 197 u 200 CRR. Noti marbuta ma' kreditu u netting tal-karta bilanċjali kif imsemmi fl-Artikoli 218 u 219 CRR jiġu ttrattati bħala kollateral fi flus.
0100-0110	**SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM:** Influssi u flussi 'l barra fl-istess klassijiet tal-iskoperturi u, fejn relevanti, il-ponderazzjonijiet tar-riskju jew il-klassifikazzjonijiet tal-obbligant ikunu rrapportati.
0100	**(-) IL-FLUSSI 'L BARRA TOTALI** L-Artikolu 222(3), il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 235 u l-Artikolu 236 CRR. Il-flussi 'l barra jikkorrispondu għall-parti koperta tan-'Nett tal-iskopertura tal-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti', li titnaqqas mill-klassi tal-iskoperturi tal-obbligant u, fejn relevanti, il-ponderazzjoni tar-riskju jew il-grad tal-obbligant, u sussegwentement assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur u, fejn relevanti, il-ponderazzjoni tar-riskju jew il-grad tal-obbligant. Dak l-ammont jitqies bħala Fluss 'il ġewwa fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni u, fejn relevanti, il-ponderazzjonijiet tar-riskju jew il-gradi tal-obbligant.
0110	**INFLUSSI TOTALI** Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma titoli ta' dejn u li jintużaw bħala kollateral finanzjarju eliġibbli skont l-Artikolu 197 (1) CRR u meta jintuża l-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju, ikunu rrapportati bħala influssi f'din il-kolonna.
0120	**SKOPERTURA WARA LI S-SOSTITUZZJONI CRM TAFFETTWA L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI** Din il-kolonna tinkludi l-iskoperturi assenjati fil-ponderazzjoni tar-riskju u l-klassi tal-iskoperturi korrispondenti wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-flussi 'l barra u 'l ġewwa dovuti għal 'Tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu (CRM) b'effetti ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura'.
0130	**(-) TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU LI JAFFETTWAW L-AMMONT TAL-ISKOPERTURA: VALUR TAL-PROTEZZJONI TA' KREDITU FFINANZJATA AĠĠUSTAT BIL-METODU KOMPRENSIV TAL-KOLLATERAL FINANZJARJU (CVAM)** L-Artikoli 223 sa 228 CRR L-ammont rrapportat jinkludi wkoll noti marbutin ma' kreditu (l-Artikolu 218 CRR).
0140	**VALUR TAL-ISKOPERTURA TOTALMENT AĠĠUSTAT (E*)** Il-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kkalkolat skont l-Artikolu 248 CRR, iżda mingħajr l-applikazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 248(1) CRR
0150	**LI MINNHOM: SOĠĠETTI GĦAL CCF TA' 0 %** Il-punt (b) tal-Artikolu 248(1) CRR F'dan ir-rigward, il-punt (56) tal-Artikolu 4(1) CRR jiddefinixxi fattur ta' konverżjoni. Għal skopijiet ta' rapportar, il-valuri tal-iskopertura totalment aġġustati (E* ikunu rrapportati għall-fattur ta' konverżjoni ta' 0 %.

Kolonni	
0160	**(-)SKONT FUQ IL-PREZZ TAX-XIRI MHUX RIMBORŻABBLI** Skont il-punt (d) tal-Artikolu 248(1) CRR, istituzzjoni oriġinatriċi tista' tnaqqas mill-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tiġi assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % kwalunkwe skont fuq il-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli konness ma' tali skoperturi sottostanti sa fejn it-tali skontijiet ikunu kkawżaw it-tnaqqis tal-fondi proprji.
0170	**(-) AĠĠUSTAMENTI SPEĊIFIĊI GĦAR-RISKJU TA' KREDITU FUQ L-ISKOPERTURI SOTTOSTANTI** Skont il-punt (d) tal-Artikolu 248(1) CRR, istituzzjoni oriġinatriċi tista' tnaqqas mill-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, li tiġi assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % jew titnaqqas mill-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, l-ammont tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu fuq l-iskoperturi sottostanti kif determinat skont l-Artikolu 110 CRR.
0180	**VALUR TAL-ISKOPERTURA** Il-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kkalkolat skont l-Artikolu 248 CRR
0190	**(-) VALUR TAL-ISKOPERTURA MNAQQAS MILL-FONDI PROPRJI** Skont il-punt (b) tal-Artikolu 244(1), il-punt (b) tal-Artikolu 245(1) u l-Artikolu 253(1) CRR, f'każ ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li għaliha tapplika ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %, l-istituzzjonijiet jistgħu, bħala alternattiva għall-inklużjoni tal-pożizzjoni fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, inaqqsu mill-fondi proprji l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni.
0200	**VALUR TAL-ISKOPERTURA SOĠĠETT GĦAL PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU** Il-valur tal-iskopertura nieqes il-valur tal-iskopertura mnaqqas minn fondi proprji.
0210	**SEC-IRBA** Il-punt (a) tal-Artikolu 254(1) CRR
0220-0260	**DIŻAGGREGAZZJONI SKONT IL-FAXEX RW** Skoperturi SEC-IRBA diżaggregati skont il-faxex tal-ponderazzjoni tar-riskju.
0270	**LI MINNHOM: IKKALKOLATI SKONT L-ARTIKOLU 255(4) (RIĊEVIBBLI MIXTRIJA)** L-Artikolu 255(4) CRR Għall-fini ta' din il-kolonna, l-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu ttrattati bħala riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumatur u l-iskoperturi mhux fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu ttrattati bħala riċevibbli korporattivi mixtrija.
0280	**SEC-SA** Il-punt (b) tal-Artikolu 254(1) CRR
0290-0340	**DIŻAGGREGAZZJONI SKONT IL-FAXEX RW** Skoperturi SEC-SA diżaggregati skont il-faxex tal-ponderazzjoni tar-riskju. Għall-RW = 1 250 % (W mhux magħrufa), ir-raba' paragrafu tal-punt (b) tal-Artikolu 261(2) CRR jistipula li l-pożizzjoni fit-titolizzazzjoni għandha tkun ponderata għar-riskju b'1 250 % fejn l-istituzzjoni ma tkunx taf l-istatus tad-delinkwenza għal iktar minn 5 % tal-iskoperturi sottostanti fil-pula.
0350	**SEC-ERBA** Il-punt (c) tal-Artikolu 254(1) CRR

Kolonni	
0360-0570	**DIŻAGGREGAZZJONI SKONT L-ISKALI TAL-KWALITÀ TAL-KREDITU (SKALI TAL-KWALITÀ TAL-KREDITU TA' TERMINU QASIR/TWIL)** L-Artikolu 263 CRR Pożizzjonijiet ta' Titolizzazzjoni SEC-ERBA bi klassifikazzjoni inferita kif imsemmi fl-Artikolu 254(2) CRR jiġu rrapportati bħala pożizzjonijiet bi klassifikazzjoni. Il-valuri tal-iskopertura soġġetti għall-ponderazzjonijiet tar-riskju jiġu diżaggregati skont l-iskali tal-kwalità tal-kreditu (CQS) ta' terminu qasir u twil kif stabbilit fit-Tabelli 1 u 2 tal-Artikolu 263 u t-Tabelli 3 u 4 tal-Artikolu 264 CRR.
0580-0630	**DIŻAGGREGAZZJONI SKONT IR-RAĠUNI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-SEC-ERBA** Għal kull pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjonijiet jikkunsidraw waħda mill-għażliet li ġejjin fil-kolonni 0580-0620.
0580	**SELF AWTOMATIKU, LOKAZZJONIJIET AWTOMATIĊI U LOKAZZJONIJIET TA' TAGĦMIR** Il-punt (c) tal-Artikolu 254(2) CRR Is-self awtomatiku, il-lokazzjonijiet awtomatiċi u l-lokazzjonijiet ta' tagħmir kollha jiġu rrapportati f'din il-kolonna, anke jekk jikkwalifikaw għall-Artikolu 254(2)(a) jew (b) CRR.
0590	**GĦAŻLA SEC-ERBA** L-Artikolu 254(3) CRR
0600	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦALL-PUNT (A) TAL-ARTIKOLU 254(2) CRR** Il-punt (a) tal-Artikolu 254(2) CRR
0610	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦALL-PUNT (B) TAL-ARTIKOLU 254(2) CRR** Il-punt (b) tal-Artikolu 254(2) CRR
0620	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦALL-ARTIKOLI 254(4) 258(2) CRR** Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni soġġetti għal SEC-ERBA, fejn l-applikazzjoni ta' SEC-IRBA jew SEC-SA tkun ġiet prekluża mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 254(4) jew 258(2) CRR
0630	**SKONT IL-ĠERARKIJA TAL-APPROĊĊI** Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fejn SEC-ERBA tiġi applikata billi tiġi segwita l-ġerarkija ta' approċċi stabbilita fl-Artikolu 254(1) CRR
0640	**APPROĊĊ TA' VALUTAZZJONI INTERNA** L-Artikolu 254(5) CRR dwar l-'Approċċ ta' Valutazzjoni Interna' (IAA) għall-pożizzjonijiet fi programmi ABCP
0650-0690	**DIŻAGGREGAZZJONI SKONT IL-FAXEX RW** Skoperturi tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna diżaggregati skont il-faxex tal-ponderazzjoni tar-riskju
0700	**OĦRAJN (RW = 1 250 %)** Fejn ma jiġi applikat l-ebda approċċ preċedenti, tiġi assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 254(7) CRR.
0710-0860	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU** It-total tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, qabel l-aġġustamenti dovuti għal diskrepanza fil-maturità jew ksur tad-dispożizzjonijiet tad-diliġenza dovuta, u eskluż kull ammont ta' skopertura għall-ponderazzjoni tar-riskju li jikkorrispondi għal skoperturi mqassmin mill-ġdid permezz ta' flussi 'l barra f'formola oħra.

Kolonni	
0840	**IAA: PONDERAZZJONI MEDJA TAR-RISKJU (%)** F'din il-kolonna jiġu rrapportati l-ponderazzjonijiet medji tar-riskju ponderati għall-iskoperturi tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.
0860	**RWEA LI MINNHOM: TITOLIZZAZZJONIJIET SINTETIĊI** Għal titolizzazzjonijiet sintetiċi b'diskrepanza fil-maturità, l-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna jinjora kwalunkwe diskrepanza fil-maturità.
0870	**AĠĠUSTAMENT GĦALL-AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU DOVUT GĦAL DISKREPANZI FIL-MATURITÀ** Diskrepanzi fil-maturità fit-titolizzazzjonijiet sintetiċi RW*-RW(SP), kif ikkalkolati skont l-Artikolu 252 CRR, jiġu inklużi ħlief fil-każ ta' segmenti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % fejn l-ammont li għandu jkun irrapportat ikun żero. F'RW(SP) mhumiex inklużi biss l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju rrapportati fil-kolonna 0650 iżda anki l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju li jikkorrispondu għall-iskoperturi mqassmin mill-ġdid permezz ta' flussi 'l barra f'formoli oħrajn.
0880	**EFFETT ĠENERALI (AĠĠUSTAMENT) MINĦABBA KSUR TAL-KAPITOLU 2 TAR-REGOLAMENT (UE) 2017/2402** ([11]) Skont l-Artikolu 270a CRR, kull meta ċerti rekwiżiti ma jiġux issodisfati mill-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jimponu ponderazzjoni tar-riskju addizzjonali proporzjonata ta' mhux inqas minn 250 % tal-ponderazzjoni tar-riskju (limitata għal 1 250 %) li tkun tapplika għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni relevanti taħt it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR.
0890	**QABEL IL-LIMITU** L-ammont totali tal-iskopertura ponderata għar-riskju kkalkolat skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, qabel ma jiġu applikati l-limiti speċifikati fl-Artikoli 267 u 268 CRR.
0900	**(-) TNAQQIS MINĦABBA L-LIMITU TAL-PONDERAZZJONI TAR-RISKJU** Skont l-Artikolu 267 CRR, istituzzjoni li jkollha għarfien f'kull ħin tal-kompożizzjoni tal-iskoperturi sottostanti tista' tassenja lill-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni prijoritarja ponderazzjoni ta' riskju massimu ugwali għall-iskopertura tal-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura li jkun applikabbli għall-iskoperturi sottostanti, daqs li kieku l-iskoperturi sottostanti ma jkunux ġew titolizzati.
0910	**(-) TNAQQIS MINĦABBA L-LIMITU ĠENERALI** Skont l-Artikolu 268 CRR, istituzzjoni oriġinatriċi, istituzzjoni sponsor jew istituzzjoni oħra li tuża s-SEC-IRBA, jew istituzzjoni oriġinatriċi jew istituzzjoni sponsor li tuża s-SEC-SA jew is-SEC-ERBA tista' tapplika rekwiżit kapitali massimu għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li hija tħaddan li jkun ugwali għar-rekwiżiti kapitali li jiġu kkalkolati skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti daqs li kieku ma ġewx titolizzati.
0920	**L-AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU** L-ammont totali tal-iskopertura ponderata għar-riskju kkalkolat skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, b'kunsiderazzjoni tal-ponderazzjoni tar-riskju totali kif speċifikata fl-Artikolu 247(6) CRR.
0930	**ENTRATA FIL-MEMORANDUM: AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU LI JIKKORRISPONDI GĦALL-FLUSSI 'L BARRA MIT-TITOLIZZAZZJONIJIET GĦAL KLASSIJIET OĦRA TA' SKOPERTURA** L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju li ġej mill-iskoperturi mqassmin mill-ġdid lill-fornitur tal-mitigant tar-riskju, u għaldaqstant ikkalkolati fil-formola korrispondenti, li jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-limitu massimu għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

([11]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

103. Il-formola hija maqsuma fi tliet blokok ewlenin li jiġbru *data* dwar l-iskoperturi oriġinati/sponsorjati/miżmumin jew mixtrijin minn oriġinaturi, investituri jew sponsors. Għal kull waħda minnhom, l-informazzjoni titqassam skont entrati tal-karta bilanċjali u entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi, kif ukoll jekk tkun soġġetta għal trattament kapitali differenzjat jew le.

104. Pożizzjonijiet trattati skont SEC-ERBA u pożizzjonijiet mhux klassifikati (skopertura fid-data tar-rapportar) jiġu diżaggregati skont l-iskali tal-kwalità kreditizja applikati fit-tnedija (l-aħħar blokka ta' ringieli). L-oriġinaturi, l-isponsors kif ukoll l-investituri jirrapportaw din l-informazzjoni.

Ringieli	
0010	**SKOPERTURI TOTALI** L-iskoperturi totali jirreferu għall-ammont totali ta' titolizzazzjonijiet u rititolizzazzjonijiet pendenti. Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni kollha rrapportata mill-oriġinaturi, l-isponsors u l-investituri fir-ringieli sussegwenti.
0020	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI** Ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni pendenti, kif definiti fil-punt (62) tal-Artikolu 4(1) CRR, li mhumiex rititolizzazzjonijiet kif definiti fil-punt (63) tal-Artikolu 4(1) CRR.
0030	**LI JIKKWALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT KAPITALI DIFFERENZJAT** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 243 jew 270 CRR u għalhekk jikkwalifikaw għal trattament kapitali differenzjat.
0040	**SKOPERTURI TAL-STS** L-ammont totali tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tal-STS li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 243 CRR.
0050	**POŻIZZJONIJIET PRIJORITARJI FIT-TITOLIZZAZZJONIJIET TAL-SME** Ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni prijoritarji fl-SMEs li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 270 CRR.
0060, 0120, 0170, 0240, 0290, 0360 u 0410	**TITOLIZZAZZJONIJIET LI MA JIKKWALIFIKAWX GĦAL TRATTAMENT KAPITALI DIFFERENZJAT** Il-paragrafi 1, 4, 5 u 6 tal-Artikolu 254 u l-Artikoli 259, 261, 263, 265, 266 u 269 CRR L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li ma jikkwalifikawx għal trattament kapitali differenzjat.
0070, 0190, 0310 u 0430	**POŻIZZJONIJIET TA' RITITOLIZZAZZJONI** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjonijiet pendenti kif definiti fil-punt (64) tal-Artikolu 4(1) CRR.
0080	**ORIĠINATUR: SKOPERTURI TOTALI** Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni fuq l-entrati fil-karta bilanċjali u l-entrati u d-derivattivi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u rititolizzazzjoni li għalihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' oriġinatur, kif definiti fil-punt (13) tal-Artikolu 4(1) CRR.
0090-0130, 0210-0250 u 0330-0370	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI: ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI** Skont il-punt (a) tal-Artikolu 248(1) CRR, il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-karta bilanċjali jkun il-valur kontabilistiku tagħha wara li jkunu ġew applikati l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu relevanti fuq il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 110 CRR. Entrati fil-karta bilanċjali jiġu diżaggregati sabiex tinkiseb informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' trattament kapitali differenzjat, kif imsemmi fl-Artikolu 243 CRR, fir-ringieli 0100 u 0120 u fuq l-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni prijoritarji, kif definiti fl-Artikolu 242(6) CRR, fir-ringieli 0110 u 0130.

Ringieli	
0100, 0220 u 0340	**LI JIKKWALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT KAPITALI DIFFERENZJAT** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 243 CRR u għalhekk jikkwalifikaw għal trattament kapitali differenzjat.
0110, 0130, 0160, 0180, 0230, 0250, 0280, 0300, 0350, 0370, 400 u 420	**LI MINNHOM: SKOPERTURI PRIJORITARJI** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni prijoritarja kif definiti fl-Artikolu 242(6) CRR.
0140-0180, 0260-0300 u 0380-0420	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI: ENTRATI U DERIVATTIVI LI MA JIDHRUX FIL-KARTA BILANĊJALI** Dawn ir-ringieli jiġbru informazzjoni dwar pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ta' entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi soġġetti għal fattur ta' konverżjoni skont il-qafas tat-titolizzazzjoni. Il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li ma tidhirx fil-karta bilanċjali jkun il-valur nominali tagħha, nieqes kwalunkwe aġġustament speċifiku tar-riskju ta' kreditu ta' dik il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, mmultiplikati b'fattur ta' konverżjoni ta' 100 % sakemm ma jkunx speċifikat xi mod ieħor. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni barra l-karta bilanċjali li ġejjin minn strument derivattiv elenkat fl-Anness II għas-CRR, ikunu ddeterminati skont il-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Il-valur tal-iskopertura għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti ta' strument derivattiv elenkat għall-Anness II għas-CRR, ikun determinat skont il-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Għall-faċilitajiet ta' likwidità, il-faċilitajiet ta' kreditu u l-flus bil-quddiem tas-servizzjant, l-istituzzjonijiet jipprovdu l-ammont mhux prelevat. Għall-iswaps tar-rata ta' imgħax u tal-valuti, il-valur tal-iskopertura (ikkalkolat skont l-Artikolu 248(1) CRR) għandu jiġi pprovdut. Entrati u derivattivi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali jiġu diżaggregati sabiex tinkiseb informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' trattament kapitali differenzjat, kif imsemmi fl-Artikolu 270 CRR, fir-ringieli 0150 u 0170 u fuq l-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni prijoritarji, kif definiti fl-Artikolu 242(6) CRR, fir-ringieli 0160 u 0180. Japplikaw l-istess referenzi legali bħal fir-ringieli 0100 sa 0130.
0150, 0270 u 0390	**LI JIKKWALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT KAPITALI DIFFERENZJAT** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 243 jew l-Artikolu 270 CRR u għalhekk jikkwalifikaw għal trattament kapitali differenzjat.
0200	**INVESTITUR: SKOPERTURI TOTALI** Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar l-entrati u d-derivattivi fil-karta bilanċjali u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u rititolizzazzjoni li għalihom l-istituzzjoni taqdi r-rwol ta' investitur. Għall-finijiet ta' din il-formola, investitur għandu jinftiehem bħala istituzzjoni li għandha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li la hi l-oriġinatur u lanqas l-isponsor tagħha.
0320	**L-ISPONSOR: SKOPERTURI TOTALI** Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni fuq l-entrati u d-derivattivi tal-karta bilanċjali u dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u rititolizzazzjoni li għalihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' sponsor, kif definiti fil-punt (14) tal-Artikolu 4(1) CRR. Jekk sponsor ikun qiegħed jittitolizza l-assi tiegħu stess ukoll, huwa jimla r-ringieli tal-oriġinatur bl-informazzjoni dwar l-assi titolizzati tiegħu stess.

Ringieli	
0440-0670	**DIŻAGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET PENDENTI SKONT IS-CQS FIL-BIDU** Dawn ir-ringieli jiġbru informazzjoni dwar pożizzjonijiet pendenti (fid-data tar-rapportar) li għalihom ġiet iddeterminata skala tal-kwalità tal-kreditu (kif stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 tal-Artikolu 263 u t-Tabelli 3 u 4 tal-Artikolu 264 CRR) fid-data tal-oriġinazzjoni (bidu). Għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ttrattati skont l-IAA, is-CQS tkun dik fiż-żmien meta tiġi assenjata l-ewwel klassifikazzjoni tal-IAA. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, tkun irrapportata l-iktar *data* bikrija ekwivalenti għas-CQS għad-dispożizzjoni. Dawn ir-ringieli jiġu rrapportati biss għall-kolonni 0180-0210, 0280, 0350-0640, 0700-0720, 0740, 0760-0830 u 0850.

3.9. INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IT-TITOLIZZAZZJONIJIET (SEC DETTALJI)

3.9.1. Ambitu tal-formola SEC DETTALJI

109. Dawn il-formoli jiġbru informazzjoni fuq bażi tat-tranżazzjonijiet (kontra l-informazzjoni aggregata rrapportata fil-formoli tas-CR SEC, MKR SA SEC, MKR SA CTP, CA1 u CA2 templates) fuq it-titolizzazzjonijiet kollha li fihom hija involuta l-istituzzjoni ta' rapportar. Għandhom jiġu rappurtati l-karatteristiċi ewlenin ta' kull titolizzazzjoni, bħan-natura tal-pula sottostanti u r-rekwiżiti tal-fondi proprji.

110. Dawn il-formoli għandhom jiġu rrapportati għal:

a. Titolizzazzjonijiet oriġinati/sponsorjati mill-istituzzjoni ta' rapportar, inkluż meta ma żżomm l-ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni. F'każijiet li fihom l-istituzzjonijiet iżommu tal-inqas pożizzjoni waħda fit-titolizzazzjoni, irrispettivament minn jekk kienx hemm trasferiment ta' riskju sinifikanti jew le, l-istituzzjonijiet jirrapportaw informazzjoni fuq il-pożizzjonijiet kollha li jżommu (jew fil-portafoll bankarju jew fil-portafoll tan-negozjar). Il-pożizzjonijiet miżmuma jinkludu dawk il-pożizzjonijiet miżmuma minħabba l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/2402 u, fejn japplika l-Artikolu 43(6) ta' dak ir-Regolament, l-Artikolu 405 CRR fil-verżjoni applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2018.

b. Titolizzazzjonijiet, li s-sottostanti aħħarin tagħhom huma obbligazzjonijiet finanzjarji oriġinarjament maħruġa mill-istituzzjoni li tirrapporta u (parzjalment) akkwistati minn veikolu ta' titolizzazzjoni. Dawk is-sottostanti jistgħu jinkludu bonds koperti jew obbligazzjonijiet ohra u jiġu identifikati bħala tali f'kolonna 160.

c. Pożizzjonijiet miżmuma f'titolizzazzjonijiet fejn l-istituzzjoni ta' rapportar la tkun l-oriġinatur u lanqas l-isponsor (jiġifieri investituri u mutwanti oriġinali).

111. Dawn il-formoli jiġu rrapportati minn gruppi konsolidati u istituzzjonijiet awtonomi ([12]) li jinsabu fl-istess pajjiż fejn huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-fondi proprji. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet li jinvolvu iktar minn entità waħda tal-istess grupp konsolidat, isir diżagregazzjoni tad-dettalji entità b'entità.

112. Minħabba l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402, li jistipula li l-istituzzjonijiet li jinvestu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jiksbu ammont ġmielu ta' informazzjoni fuqhom sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, l-ambitu tar-rapportar tal-formola għandu jkun applikat għall-investituri sa ċertu punt limitat. B'mod partikolari, għandhom jirrapportaw il-kolonni 010-040; 070-110; 161; 190; 290-300; 310-470.

113. L-istituzzjonijiet li għandhom ir-rwol ta' mutwanti oriġinali (li ma għandhomx ukoll ir-rwol ta' oriġinaturi jew sponsors fl-istess titolizzazzjoni) għandhom b'mod ġenerali jirrapportaw il-formola bħall-investituri.

([12]) 'Istituzzjonijiet awtonomi' la huma parti minn grupp, u lanqas jikkonsolidaw lilhom infushom fl-istess pajjiż fejn huma soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji.

3.9.2 Analiżi tal-formola SEC DETTALJI

113a. SEC DETTALJI tikkonsisti f'żewġ formoli. SEC DETTALJI tipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-titolizzazzjonijiet u SEC DETTALJI 2 tipprovdi analiżi tal-istess titolizzazzjonijiet skont l-approċċ applikat.

113b. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar jiġu rrapportati biss fil-kolonni 005-020, 420, 430, 431, 432, 440 u 450-470. Għall-kolonni 420, 430 u 440, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-RW li tikkorrispondi mar-rekwiżit ta' fondi proprji tal-pożizzjoni netta.

3.9.3 C 14.00 – L-informazzjoni dettaljata dwar it-titolizzazzjonijiet (SEC DETTALJI)

Kolonni	
005	**NUMRU TAR-RINGIELA** In-numru tar-ringiela huwa identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela fil-formola. Għandu jsegwi l-ordni numeriku 1, 2, 3, eċċ.
010	**KODIĊI INTERN** Kodiċi (alfanumeriku) intern użat mill-istituzzjoni biex jidentifika t-titolizzazzjoni. Il-kodiċi intern ikun assoċjat mal-identifikatur tat-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni.
020	**IDENTIFIKATUR TAT-TITOLIZZAZZJONI (Kodiċi/Isem)** Il-kodiċi użat għar-reġistrazzjoni legali tat-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni, jew, jekk mhux disponibbli, l-isem li bih it-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni hija magħrufa fis-suq, jew fi ħdan l-istituzzjoni f'każ ta' titolizzazzjoni interna jew privata. Fejn in-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli -ISIN- ikun disponibbli (jiġifieri għal tranżazzjonijiet pubbliċi), f'din il-kolonna jiġu rrapportati l-karattri li huma komuni għas-segmenti kollha tat-titolizzazzjoni.
021	**TITOLIZZAZZJONI INTRAGRUPP, PRIVATA JEW PUBBLIKA?** Din il-kolonna tidentifika jekk it-titolizzazzjoni hijiex intragrupp, privata jew pubblika, L-istituzzjonijiet jirrapportaw waħda mill-abbrevjazzjonijiet segwenti: — 'PRI' għal Privata — 'INT' għal Intragrupp — 'Pub' għal Pubblika.
110	**RWOL TAL-ISTITUZZJONI: (ORIĠINATUR/SPONSOR/MUTWANTI ORIĠINALI/INVESTITUR)** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-abbrevjazzjonijiet segwenti: — 'O' għal Oriġinatur; — 'S' għal Sponsor; — 'I' għal Investitur. — 'L' għal Mutwanti Oriġinali; Oriġinatur kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 4(1) CRR u Sponsor kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 4(1) CRR. L-investituri huma preżunti li huma dawk l-istituzzjonijiet li għalihom japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402. Fil-każ li japplika l-Artikolu 43(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, japplikaw l-Artikoli 406 u 407 CRR fil-verżjoni applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2018.

Kolonni	
030	**L-IDENTIFIKATUR TAL-ORIĠINATUR (Kodiċi/Isem)** Il-kodiċi tal-LEI applikabbli għall-oriġinatur, jew, jekk mhux disponibbli, il-kodiċi mogħti mill-awtorità superviżorja lill-oriġinatur jew, jekk ma jkunx disponibbli, isem l-istituzzjoni stess ikun irrapportat f'din il-kolonna. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet b'iktar minn bejjiegħ wieħed fejn l-istituzzjoni li tirrapporta tkun involuta bħala oriġinatur, sponsor jew mutwanti oriġinali, l-istituzzjoni li tirrapporta għandha tipprovdi l-identifikatur bl-entitajiet kollha fil-grupp ikkonsolidat tagħha (bħala oriġinatur, sponsor jew mutwanti oriġinali) li huma involuti fit-tranżazzjoni. Jekk il-kodiċi ma jkunx disponibbli jew ma jkunx magħruf mill-istituzzjoni li tirrapporta, jiġi rrapportat isem l-istituzzjoni. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet b'iktar minn bejjiegħ wieħed fejn l-istituzzjoni li tirrapporta jkollha pożizzjoni fit-titolizzazzjoni bħala investitur, l-istituzzjoni li tirrapporta għandha tipprovdi l-identifikatur tal-oriġinaturi differenti kollha involuti fit-titolizzazzjoni, jew, jekk mhux disponibbli, l-ismijiet tal-oriġinaturi differenti. Meta l-ismijiet ma jkunux magħrufa mill-istituzzjoni li tirrapporta, l-istituzzjoni li tirrapporta għandha tirrapporta li t-titolizzazzjoni għandha 'iktar minn bejjiegħ wieħed'.
040	**TIP TA' TITOLIZZAZZJONI: (TRADIZZJONALI/SINTETIKA/PROGRAMM ABCP/TRANŻAZZJONI ABCP)** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-abbrevjazzjonijiet segwenti: — 'AP' għal programm ABCP; — 'AT' għal tranżazzjoni ABCP; — 'T' għal Tradizzjonali; — 'S' għal Sintetiku. Id-definizzjonijiet ta' 'Programm ta' karta kummerċjali iggarantita b'assi', 'Tranżazzjoni ta' Karta Kummerċjali ggarantita b'Assi', 'titolizzazzjoni tradizzjonali' u 'titolizzazzjoni sintetika' huma pprovduti fil-punti (11) sa (14) tal-Artikolu 242 CRR.
051	**TRATTAMENT KONTABILISTIKU: L-ISKOPERTURI TITOLIZZATI JINŻAMMU JEW JITNEĦĦEW MILL-KARTA BILANĊJALI?** L-istituzzjonijiet bħala oriġinaturi, sponsors u mutwanti oriġinali għandhom jirrapportaw waħda mill-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: — 'K' jekk kompletament rikonoxxuti; — 'P' jekk parzjalment mhux rikonoxxuti; — 'R' jekk kompletament mhux rikonoxxuti; — 'N' jekk mhux applikabbli. Din il-kolonna tiġbor fil-qosor it-trattament kontabilistiku tat-tranżazzjoni. Trasferiment tar-riskju sinifikanti (SRT) skont l-Artikoli 244 u 245 CRR ma għandux jaffettwa t-trattament kontabilistiku tat-tranżazzjoni skont il-qafas kontabilistiku relevanti. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' obbligazzjonijiet, l-oriġinaturi ma għandhomx jirrapportaw din il-kolonna. L-għażla 'P' (tneħħew parzjalment) għandha tiġi rrapportata fejn l-assi titolizzati jkunu rikonoxxuti fil-karta bilanċjali sal-punt li l-entità li tirrapporta tkompli bl-involviment f'konformità mal-IFRS 9.3.2.16 – 3.2.21.

Kolonni	
060	**TRATTAMENT TA' SOLVENZA: IL-POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI SOĠĠETTI GĦAR-REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI?** Oriġinaturi biss jirrapportaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: — 'N' mhux soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji; — 'B' portafoll bankarju; — 'T' portafoll tan-negozjar; — 'A' parzjalment fiż-żewġ portafolli. L-Artikoli 109, 244 u 245 CRR. Din il-kolonna tiġbor fil-qosor it-trattament ta' solvenza tal-iskema ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur. Tindika jekk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji humiex ikkalkolati fuq il-bażi ta' skoperturi titolizzati jew pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (portafoll bankarju/portafoll tan-negozjar). Jekk ir-rekwiżiti tal-fondi proprji huma bbażati fuq *skoperturi titolizzati* (għaliex ma nkisibx trasferiment tar-riskju sinifikanti) il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu jkun irrapportat fil-formola tas-CR SA, għal dawk l-iskoperturi titolizzati li għalihom jintuża l-Approċċ Standardizzat, jew fil-formola CR IRB għal dawk l-iskoperturi titolizzati li għalihom jintuża l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna mill-istituzzjoni. Min-naħa l-oħra, fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji huma bbażati fuq *pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma fil-portafoll bankarju* (għaliex inkiseb trasferiment tar-riskju sinifikanti), l-informazzjoni dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu tiġi rrapportata fil-formola CR SEC. Fil-każ ta' *pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmumin fil-portafoll tan-negozjar*, l-informazzjoni dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq jiġi rrapportat fil-formoli MKR SA TDI (riskju ta' pożizzjoni ġenerali standardizzat) u MKR SA SEC jew MKR SA CTP (riskju ta' pożizzjoni speċifiku standardizzat) jew MKR IM (formoli interni). Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' obbligazzjonijiet, l-oriġinaturi ma għandhomx jirrapportaw din il-kolonna.
061	**TRASFERIMENT TAR-RISKJU SINIFIKANTI** Oriġinaturi biss jirrapportaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: — 'N' Mhux applikati għal SRT u l-entità li tirrapporta tagħti ponderazzjoni għar-riskju lill-iskoperturi titolizzati tagħha — 'A' Kisba tal-SRT skont il-punt (a) tal-Artikolu 244(2) jew il-punt (a) tal-Artikolu 245(2) CRR; — 'B' Kisba tal-SRT skont il-punt (b) tal-Artikolu 244(2) jew il-punt (b) tal-Artikolu 245(2) CRR; — 'C' Kisba tal-SRT skont il-punt (a) tal-Artikolu 244(3) jew il-punt (a) tal-Artikolu 245(3) CRR; — 'D' Applikazzjoni ta' RW ta' 1 250 % jew tnaqqis tal-pożizzjonijiet miżmuma skont il-punt (b) tal-Artikolu 244(1) jew il-punt (b) tal-Artikolu 245(1) CRR. Din il-kolonna tiġbor fil-qosor jekk ikunx inkiseb trasferiment sinifikanti u, jekk iva, b'liema mezzi. Il-kisba tal-SRT tiddetermina t-trattament xieraq ta' solvenza mill-oriġinatur.
070	**TITOLIZZAZZJONI JEW RITITOLIZZAZZJONI?** Skont id-definizzjoni ta' 'titolizzazzjoni' fil-punt (61) tal-Artikolu 4(1) CRR u d-definizzjoni ta' 'rititolizzazzjoni' fil-punt (64) tal-Artikolu 4(1) CRR, irrapporta t-tip ta' sottostanti permezz tal-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: — 'S' għal titolizzazzjoni; — 'R' għal rititolizzazzjoni.

Kolonni	
075	**TITOLIZZAZZJONI STS** L-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2402 Irrapporta waħda mill-abbrevjazzjonijiet li ġejjin I – Iva L – Le
446	**TITOLIZZAZZJONIJIET LI JIKKWALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT KAPITALI DIFFERENZJAT** L-Artikoli 243 u 270 tas-CRR. L-istituzzjonijiet jirrapportaw waħda mill-abbrevjazzjonijiet segwenti I – Iva L – Le 'Iva' għandha tiġi rrapportata kemm fil-każ ta' titolizzazzjonijiet STS li jikkwalifikaw għat-trattament kapitali differenzjat skont l-Artikolu 243 CRR kif ukoll fil-każ ta' pożizzjonijiet għolja f'titolizzazzjonijiet ta' SME (mhux STS) għal dan it-trattament skont l-Artikolu 270 CRR.
080-100	**ŻAMMA** L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/2402. Fil-każ li japplika l-Artikolu 43(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-Artikolu 405 CRR fil-verżjoni applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2018,
080	**IT-TIP TA' ŻAMMA APPLIKATA** Għal kull skema ta' titolizzazzjoni oriġinati, jiġi rrapportat it-tip relevanti ta' żamma tal-interess ekonomiku nett, kif previst fl-Artikolu 6 (UE) 2017/2402: A – Taqsima vertikali (pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni): '*żamma ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali ta' kull segment mibjugħ jew trasferit lill-investituri*'. V – Taqsima vertikali (skoperturi titolizzati): żamma ta' mhux inqas minn 5 % tar-riskju ta' kreditu ta' kull waħda mill-iskoperturi titolizzati, jekk ir-riskju ta' kreditu mġarrab fir-rigward tat-tali skoperturi titolizzati dejjem jikklassifika pari passu mar-riskju ta' kreditu, jew huwa subordinat għat-tali riskju ta' kreditu li ġie titolizzati fir-rigward ta' dawk l-istess skoperturi. B – Skoperturi rotanti: '*fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' skoperturi ċirkolanti, żamma tal-interess tal-oriġinatur ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati*'. C – Fil-karta bilanċjali: '*żamma ta' skoperturi magħżula b'mod aleatorju, ekwivalenti għal mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati, fejn tali skoperturi normalment kienu jkunu titolizzati fit-titolizzazzjoni, bil-kondizzjoni li n-numru ta' skoperturi potenzjalment titolizzati ma jkunx inqas minn 100 fil-bid*u'. D – L-ewwel telf: '*żamma tas-segment tal-ewwel telf u, jekk neċessarju, segmenti oħra li jkollhom l-istess profil ta' riskju jew wieħed iktar gravi minn dawk trasferiti jew mibjugħa lill-investituri u li ma jimmaturawx qabel dawk trasferiti jew mibjugħa lill-investituri, sabiex b'kollox iż-żamma tammonta għal mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati*'. E – Eżentati. Dan il-kodiċi jiġi rrapportat għal dawk it-titolizzazzjonijiet affettwati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 6(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402. U – Fi ksur jew mhux magħrufin. Dan il-kodiċi jiġi rrapportat fejn l-istituzzjoni li tirrapporta ma tkunx ċerta liema tip ta' żamma qiegħed jiġi applikat jew fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.

Kolonni	
090	**% TAŻ-ŻAMMA FID-DATA TAR-RAPPORTAR** Iż-żamma ta' *interess materjali ekonomiku nett mill-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwanti oriġinali* tat-titolizzazzjoni ma tkunx inqas minn 5 % (fid-data tal-bidu). Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fejn il-kodiċijiet 'E' (eżentati) jew 'N' (mhux applikabbli) jkunu rrapportati taħt il-kolonna 080 (Tip ta' żamma applikat).
100	**KONFORMI MAR-REKWIŻIT TAŻ-ŻAMMA?** L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-abbrevjazzjonijiet segwenti: I – Iva; L – Le. Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fejn il-kodiċi 'E' (eżentati) ikun irrapportat taħt il-kolonna 080 (Tip ta' żamma applikat).
120-130	**PROGRAMMI MHUX ABCP** Minħabba l-karattru speċjali tal-programmi ABCP li jirriżultaw mill-fatt li dawn jinkludu bosta pożizzjonijiet uniċi ta' titolizzazzjoni, il-programmi ABCP (kif definiti fl-Artikolu 242(11) CRR) huma eżentati mir-rapportar fil-kolonni 120, 121 u 130.
120	**DATA TAL-ORIĠINAZZJONI (xx/ssss)** Ix-xahar u s-sena tad-data tal-bidu (jiġifieri d-data ta' skadenza jew id-data tal-għeluq tal-grupp) tat-titolizzazzjoni jiġu rrapportati fil-format li ġej: 'xx/ssss'. Għal kull skema ta' titolizzazzjoni, id-data tal-oriġinazzjoni ma tistax tinbidel bejn id-dati tar-rapportar. Fil-każ partikolari ta' skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli miftuħin, id-data tal-oriġinazzjoni tkun id-data tal-ewwel ħruġ tat-titoli. Din il-biċċa informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.
121	**DATA TAL-AĦĦAR ĦRUĠ (xx/ssss)** Ix-xahar u s-sena tad-data tal-aħħar ħruġ ta' titoli fit-titolizzazzjoni jiġu rrapportati fil-format li ġej: 'xx/ssss'. Ir-Regolament (UE) 2017/2402 japplika biss għal titolizzazzjonijiet li jinħarġu fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara. Id-data tal-aħħar ħruġ ta' titoli tiddetermina jekk kull skema ta' titolizzazzjoni taqax taħt l-ambitu tar-Regolament (UE) 2017/2402. Din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.
130	**AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURI TITOLIZZATI FID-DATA TAL-ORIĠINAZZJONI** Din il-kolonna tiġbor l-ammont (ikkalkolat fuq il-bażi tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskoperturi oriġinali) tal-portafoll titolizzati fid-data tal-oriġinazzjoni. Għal skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli miftuħin, jiġi rrapportat l-ammont li jirreferi għad-data tal-oriġinazzjoni tal-ewwel ħruġ tat-titoli. Għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali, ma jkun inkluż l-ebda assi ieħor tal-pula ta' titolizzazzjoni. Għal skemi ta' titolizzazzjoni b'bosta bejjiegħa (jiġifieri b'iktar minn oriġinatur wieħed) huwa biss l-ammont li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-entità li tirrapporta fil-portafoll titolizzati li jkun irrapportat. Għal titolizzazzjonijiet ta' obbligazzjonijiet, huma biss l-ammonti maħruġin mill-entità li tirrapporta li jiġu rrapportati. Din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.

Kolonni	
140-225	**SKOPERTURI TITOLIZZATI** Il-kolonni minn 140 sa 225 jitolbu informazzjoni dwar bosta karatteristiċi tal-portafoll titolizzati mill-entità li tirrapporta.
140	**AMMONT TOTALI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-valur tal-portafoll titolizzati fid-data tar-rapportar, jiġifieri l-ammont pendenti tal-iskoperturi titolizzati. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali, ma jkun inkluż l-ebda assi ieħor tal-pula ta' titolizzazzjoni. Fil-każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni b'bosta bejjiegħa (jiġifieri b'iktar minn oriġinatur wieħed) huwa biss l-ammont li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-entità li tirrapporta fil-portafoll titolizzati li jkun irrapportat. Fil każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli magħluqin (jiġifieri l-portafoll ta' assi titolizzati ma jistax jikber wara d-data tal-oriġinazzjoni), l-ammont ser jitnaqqas b'mod progressiv. Din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.
150	**SEHEM L-ISTITUZZJONI (%)** Sehem l-istituzzjoni (perċentwal b'żewġ deċimali) fid-data tar-rapportar fil-portafoll titolizzati. Iċ-ċifra li trid tiġi rrapportata f'din il-kolonna hija, b'mod prestabbilit, 100 % ħlief għal skemi ta' titolizzazzjoni b'iktar minn bejjiegħ wieħed. F'dak il-każ, l-entità li tirrapporta tirrapporta l-kontribuzzjoni attwali tagħha għall-portafoll titolizzati (ekwivalenti għall-kolonna 140 f'termini relattivi). Din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.
160	**TYPE** Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar it-tip ta' assi ('Ipoteki residenzjali' għal 'Skoperturi oħra tal-operaturi') jew obbligazzjonijiet ('Bonds koperti' u 'Obbligazzjonijiet oħra') tal-portafoll titolizzat. L-istituzzjoni tirrapporta waħda mill-għażliet li ġejjin, b'kunsiderazzjoni tal-ogħla EAD: **Fil-livell tal-konsumaturi:** Ipoteki residenzjali; Riċevibbli tal-karta tal-kreditu; Self lill-konsumatur; Self għal SMEs (trattati bħal fil-livell tal-konsumatur); Skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur. **Bejgħ bl-ingrossa:** Ipoteki kummerċjali; Kiri; Self għal korporattivi; Self għal SMEs (trattati bħala korporattivi); Riċevibbli tan-negozju; Skoperturi oħra tal-operaturi. **Obbligazzjonijiet:** Bonds koperti; Obbligazzjonijiet oħra. F'każ li l-pula ta' skoperturi titolizzati tkun taħlita tat-tipi elenkati hawn fuq, l-istituzzjoni tindika l-iktar tip importanti. F'każ ta' rititolizzazzjonijiet, l-istituzzjoni tirreferi għall-pula sottostanti aħħarija ta' assi. It-tip 'Obbligazzjonijiet oħrajn' jinkludi bonds tat-teżor u noti marbuta ma' kreditu. Għal skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli magħluqin, it-tip ma jistax jinbidel bejn id-dati tar-rapportar.

Kolonni	
171	**% TA' IRB FL-APPROĊĊ APPLIKAT** Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-approċċ(i) li fid-data tar-rapportar l-istituzzjoni tapplika għall-iskoperturi titolizzati. L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-perċentwal tal-iskoperturi titolizzati, imkejjel bil-valur tal-iskopertura, li għalih japplika l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni fid-data tar-rapportar. Din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni. Madankollu, din il-kolonna ma tapplikax għal obbligazzjonijiet ta' titolizzazzjonijiet.
180	**GĦADD TA' SKOPERTURI** L-Artikolu 259(4) CRR. Din il-kolonna tkun obbligatorja biss għal dawk l-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ SEC-IRBA għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (u li, b'hekk, jirrapportaw iktar minn 95 % fil-kolonna 171). L-istituzzjoni tirrapporta l-ammont effettiv ta' skoperturi. Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet jew fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu bbażati fuq l-iskoperturi titolizzati (fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' assi). Din il-kolonna ma tiġix irrapportata fejn l-istituzzjoni li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni. Din il-kolonna ma tiġix irrapportata mill-investituri.
181	**SKOPERTURI F'INADEMPJENZA 'W' (%)** L-Artikolu 261(2) CRR. Anke meta l-istituzzjoni ma tkunx qed tapplika l-approċċ SEC-SA għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni tirrapporta l-fattur 'W' (relatat mal-iskoperturi sottostanti f'inadempjenza) li għandu jiġi kkalkolat kif indikat fl-Artikolu 261(2) CRR.
190	**PAJJIŻ** L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-kodiċi (ISO 3166-1 alpha-2) tal-pajjiż ta' oriġini tas-sottostanti aħħari tat-tranżazzjoni, jiġifieri l-pajjiż tal-obbligant immedjat tal-iskoperturi titolizzati oriġinali (trasparenti). Fejn il-pula tat-titolizzazzjoni tikkonsisti f'pajjiżi differenti, l-istituzzjoni tindika l-iktar pajjiż importanti. Fejn l-ebda pajjiż ma jaqbeż il-limitu ta' 20 % fuq il-bażi tal-ammont ta' assi/obbligazzjonijiet, f'dak il-każ jiġu rrapportati 'pajjiżi oħrajn'.
201	**LGD (%)** It-telf fil-każ ta' inadempjenza medju ponderat skont l-iskopertura (LGD) jiġi rrapportat biss minn dawk l-istituzzjonijiet li japplikaw SEC-IRBA (u li, b'hekk, jirrapportaw 95 % jew iktar fil-kolonna 170). L-LGD jiġi kkalkolat kif indikat fl-Artikolu 259(5) CRR. Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet jew fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu bbażati fuq l-iskoperturi titolizzati (fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' assi).
202	**EL (%)** It-telf mistenni (EL) medju ponderat skont l-iskopertura tal-assi titolizzati jiġi rrapportat biss minn dawk l-istituzzjonijiet li japplikaw SEC-IRBA (u li, b'hekk, jirrapportaw 95 % jew iktar fil-kolonna 171). Fil-każ ta' assi titolizzati SA, l-EL irrapportat ikun l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 111 CRR. L-EL jiġi kkalkolat kif indikat fit-Taqsima 3, il-Kapitolu 3 tat-Titolu II, il-Parti Tlieta CRR. Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet jew fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu bbażati fuq l-iskoperturi titolizzati (fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' assi).

Kolonni	
203	**UL (%)** It-telf mhux mistenni (UL) medju ponderat skont l-iskopertura tal-assi titolizzati jiġi rrapportat biss minn dawk l-istituzzjonijiet li japplikaw SEC-IRBA (u li, b'hekk, jirrapportaw 95 % jew iktar fil-kolonna 170). L-UL tal-assi huwa daqs l-ammont ta' skopertura ponderata skont ir-riskju (RWEA) moltiplikat bi 8 %. L-RWEA jiġi kkalkolat kif indikat fit-Taqsima 2, il-Kapitolu 3 tat-Titolu II, il-Parti Tlieta CRR. Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet jew fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu bbażati fuq l-iskoperturi titolizzati (fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' assi).
204	**MATURITÀ MEDJA PONDERATA SKONT L-ISKOPERTURA TAL-ASSI** Il-maturità medja ponderata skont l-iskopertura (WAM) tal-assi titolizzati fid-data tar-rapportar tiġi rrappurtata mill-istituzzjonijiet kollha indipendentement mill-approċċ użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali. L-istituzzjonijiet jikkalkolaw il-maturità ta' kull assi kif indikat fil-punti (a) u (f) tal-Artikolu 162(2) CRR, mingħajr ma japplikaw il-limitu ta' 5 snin.
210	**(-) AĠĠUSTAMENTI TAL-VALUR U PROVVEDIMENTI** Aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti (l-Artikolu 159 CRR) għal telf ta' kreditu li sar skont il-qafas kontabilistiku li għalih hija soġġetta l-entità li tirrapporta. L-aġġustamenti tal-valur jinkludu kwalunkwe ammont rikonoxxut fil-qligħ jew it-telf għal telf ta' kreditu tal-assi finanzjarji sa mir-rikonoxximent inizjali tagħhom fil-karta bilanċjali (inkluż telf dovut għar-riskju tal-kreditu tal-assi finanzjarji mkejlin b'valur ġust li ma jitnaqqasx mill-valur tal-iskopertura) flimkien mal-iskontijiet fuq assi mixtrija meta inadempjenti kif imsemmi fl-Artikolu 166(1) CRR. Provvedimenti jinkludu ammonti akkumulati ta' telf ta' kreditu f'entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali. Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-aġġustamenti u l-provvedimenti tal-valur applikati għall-iskoperturi titolizzati. Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet. Din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.
221	**REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI QABEL IT-TITOLIZZAZZJONI (%) K_{IRB}** Din il-kolonna tiġi rrapportata biss minn dawk l-istituzzjonijiet li japplikaw l-SEC-IRBA (u, għalhekk, jirrapportaw 95 % jew iktar fil-kolonna 171) u jiġbru informazzjoni dwar K_{IRB}, kif imsemmi fl-Artikolu 255 CRR. K_{IRB} għandhom jiġu espressi bħala perċentwali (b'żewġ deċimali). Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet. F'każ ta' titolizzazzjoni tal-assi, din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.
222	**% TAL-ISKOPERTURI FIL-LIVELL TAL-KONSUMATUR F'PULI TAL-IRB** Puli tal-IRB kif definiti fl-Artikolu 242(7) CRR, sakemm l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkola K_{IRB} skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR fuq minimu ta' 95 % tal-ammont sottostanti ta' skopertura (L-Artikolu 259(2) CRR)
223	**REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI QABEL IT-TITOLIZZAZZJONI (%) K_{SA}** Anki fejn l-istituzzjoni ma tapplikax l-approċċ SEC-SA għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni tirrapporta din il-kolonna. Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar K_{SA}, kif imsemmi fl-Artikolu 255(6) CRR. K_{SA} għandhom jiġu espressi bħala perċentwali (b'żewġ deċimali). Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet. F'każ ta' titolizzazzjoni tal-assi, din l-informazzjoni tkun irrapportata anki fejn l-entità li tirrapporta ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.

Kolonni	
225	**ENTRATI FIL-MEMORANDUM**
225	**AĠĠUSTAMENTI GĦAR-RISKJU TA' KREDITU MATUL IL-PERJODU KURRENTI** L-Artikolu 110 CRR
230-304	**STRUTTURA TAT-TITOLIZZAZZJONI** Din il-blokka ta' kolonni tiġbor informazzjoni dwar l-istruttura tat-titolizzazzjoni fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet tal-karta bilanċjali/li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, segmenti (superjuri/intermedji/tal-ewwel telf) u l-maturità fid-data tar-rapportar. Għal titolizzazzjonijiet b'iktar minn bejjiegħ wieħed, jiġi rrapportat biss l-ammont li jikkorrispondi jew li huwa attribwit għall-istituzzjoni li tirrapporta.
230-252	**ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI** Din il-blokka ta' kolonni tiġbor informazzjoni dwar entrati tal-karta bilanċjali mqassma skont segmenti (superjuri/intermedji/l-ewwel telf).
230-232	**SUPERJURI**
230	**AMMONT** L-ammont ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni prijoritarja kif definiti fl-Artikolu 242(6) CRR.
231	**PUNT TA' ATTAKKAMENT (%)** Il-punt ta' attakkament (%) kif imsemmi fl-Artikolu 256(1) CRR
232 u 252	**CQS** Skali tal-kwalità tal-kreditu (CQS) kif previsti għall-istituzzjonijiet li japplikaw SEC-ERBA (it-Tabelli 1 u 2 fl-Artikolu 263 u t-Tabelli 3 u 4 fl-Artikolu 264 CRR). Dawn il-kolonni jiġu rrapportati għat-tranżazzjonijiet kollha kklassifikati irrispettivament mill-approċċ applikat.
240-242	**INTERMEDJU**
240	**AMMONT** L-ammont li għandu jiġi rrapportat jinkludi: — pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedji kif definiti fl-Artikolu 242(18) CRR; — pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni addizzjonali li mhumiex dawk il-pożizzjonijiet li huma definiti fl-Artikolu 242(6), (17) jew (18) CRR.
241	**NUMRU TA' SEGMENTI** Numru ta' segmenti intermedjarji.
242	**CQS TAL-IKTAR SUBORDINAT** CQS, kif determinata skont it-Tabella 2 tal-Artikolu 263 u t-Tabella 3 tal-Artikolu 264 CRR, tal-iktar segment intermedju subordinat.
250-252	**L-EWWEL TELF**
250	**AMMONT** L-ammont tal-ewwel segment ta' telf kif definit fl-Artikolu 242(17) CRR
251	**PUNT TA' DISTAKKAMENT (%)** Il-punt ta' distakkament (%) kif imsemmi fl-Artikolu 256(2) CRR

Kolonni	
260-280	**ENTRATI U DERIVATTIVI LI MA JIDHRUX FIL-KARTA BILANĊJALI** Din il-blokka ta' kolonni tiġbor informazzjoni dwar entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi mqassma skont segmenti (superjuri/intermedji/l-ewwel telf). Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni għas-segmenti użati għal entrati tal-karta bilanċjali.
290-300	**MATURITÀ**
290	**L-EWWEL DATA TA' TERMINAZZJONI PREVEDIBBLI** Id-data ta' terminazzjoni probabbli tat-titolizzazzjoni sħiħa fid-dawl tal-klawżoli kuntrattwali tagħha u l-kundizzjonijiet finanzjarji mistennija attwalment. B'mod ġenerali, tkun l-ewwel waħda li tasal mid-dati li ġejjin: (i) id-data meta tista' tiġi eżegwita għall-ewwel darba opzjoni eżerċitabbli eżawrjenti (definita fl-Artikolu 242(1) CRR) filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-maturità tal-iskopertura/i sottostanti kif ukoll ir-rata ta' prepagament mistennija jew l-attivitajiet potenzjali ta' rinegozjar; (ii) id-data li fiha l-oriġinatur jista' għall-ewwel darba jeżerċita xi opzjoni eżerċitabbli oħra inkorporata fil-klawżoli kuntrattwali tat-titolizzazzjoni li jirriżultaw fit-tifdija totali tat-titolizzazzjoni. Il-jum, ix-xahar u s-sena tal-ewwel data ta' terminazzjoni mistennija jkunu rrapportati. Il-ġurnata eżatta tiġi rrapportata fejn dik l-informazzjoni tkun disponibbli, inkella l-ewwel jum tax-xahar jiġi rrapportat.
291	**OPZJONIJIET EŻERĊITABBLI TAL-ORIĠINATUR INKLUŻI FIT-TRANŻAZZJONI** Tip ta' opzjoni relevanti għall-ewwel data ta' terminazzjoni mistennija: — Opzjoni eżerċitabbli b'antiċipu li tissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (g) tal-Artikolu 244(4) CRR; — Opzjoni eżerċitabbli b'antiċipu oħra; — Tip ieħor ta' opzjoni eżerċitabbli.
300	**DATA TA' MATURITÀ LEGALI FINALI** Id-data li fiha skont il-liġi jridu jitħallsu lura l-kapital u l-imgħax kollha tat-titolizzazzjoni (fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni). Il-jum, ix-xahar u s-sena tad-data ta' maturità finali legali jiġu rrapportati. Il-ġurnata eżatta tiġi rrapportata fejn dik l-informazzjoni tkun disponibbli, inkella l-ewwel jum tax-xahar jiġi rrapportat.
302-304	**ENTRATI FIL-MEMORANDUM**
302	**PUNT TA' ATTAKKAMENT TAR-RISKJU MIBJUGĦ (%)** L-oriġinaturi biss jirrapportaw il-punt ta' attakkament tas-segment l-iktar subordinat mibjugħ lil partijiet terzi għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali, jew protett minn partijiet terzi għal titolizzazzjonijiet sintetiċi.
303	**PUNT TA' DISTAKKAMENT TAR-RISKJU MIBJUGĦ (%)** L-oriġinaturi biss jirrapportaw il-punt ta' distakkament tas-segment l-iktar superjuri mibjugħ lil partijiet terzi għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali, jew protett minn partijiet terzi għal titolizzazzjonijiet sintetiċi.
304	**TRASFERIMENT TA' RISKJU MITLUB MINN ISTITUZZJONI ORIĠINATRIĊI (%)** Oriġinaturi biss jirrapportaw it-Telf Mistenni (EL) flimkien mat-Telf Mhux Mistenni (UL) tal-assi titolizzati ttrasferiti lil partijiet terzi bħala perċentwal tal-EL totali flimkien mal-UL. Jiġu rrapportati l-EL u l-UL tal-iskoperturi sottostanti, li mbagħad jiġu allokati permezz tal-kaskata ta' titolizzazzjoni lis-segmenti rispettivi tat-titolizzazzjoni. Għall-banek SA, l-EL ikun l-aġġustament speċifiku għar-riskju ta' kreditu tal-assi titolizzati u l-UL ikun ir-rekwiżit kapitali tal-iskoperturi titolizzati.

3.9.4. C 14.01 – Informazzjoni dettaljata dwar it-titolizzazzjonijiet (SEC DETTALJI 2)

113c. Il-formola SEC DETTALJI 2 tiġi rrapportata b'mod separat għall-approċċi li ġejjin:

1) SEC-IRBA;

2) SEC-SA;

3) SEC-ERBA;

4) 1 250 %.

Kolonni	
005	**NUMRU TAR-RINGIELA** In-numru tar-ringiela huwa identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela fil-formola. Għandu jsegwi l-ordni numeriku 1, 2, 3, eċċ.
010	**KODIĊI INTERN** Kodiċi (alfanumeriku) intern użat mill-istituzzjoni biex jidentifika t-titolizzazzjoni. Il-kodiċi intern ikun assoċjat mal-identifikatur tat-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni.
020	**IDENTIFIKATUR TAT-TITOLIZZAZZJONI (KODIĊI/ISEM)** Kodiċi użat għar-reġistrazzjoni legali tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, jew tranżazzjoni fil-każ ta' diversi pożizzjonijiet li jistgħu jiġu rrapportati fl-istess ringiela, jew, jekk mhux disponibbli, l-isem li bih il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni jew it-tranżazzjoni tkun magħrufa fis-suq, jew fi ħdan l-istituzzjoni fil-każ ta' titolizzazzjoni interna jew privata. Fejn in-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli -ISIN- ikun disponibbli (jiġifieri għal tranżazzjonijiet pubbliċi), f'din il-kolonna jiġu rrapportati l-karattri li huma komuni għas-segmenti kollha tat-titolizzazzjoni.
310-400	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI: SKOPERTURA ORIĠINALI QABEL IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI** Din il-blokka ta' kolonni tiġbor informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mqassma skont pożizzjonijiet tal-karta bilanċjali/barra l-karta bilanċjali u s-segmenti (superjuri/intermedji/tal-ewwel telf) fid-data tar-rapportar.
310-330	**ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI** Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni għas-segmenti użati għal kolonni 230, 240 u 250.
340-361	**ENTRATI U DERIVATTIVI LI MA JIDHRUX FIL-KARTA BILANĊJALI** Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni għas-segmenti użati għal kolonni 260 sa 280.
351 u 361	**RW KORRISPONDENTI GĦALL-FORNITUR/ISTRUMENT TAL-PROTEZZJONI** % RW tal-garanti eliġibbli jew % RW tal-istrument korrispondenti li jipprovdi protezzjoni tal-kreditu skont l-Artikolu 249 CRR.
370-400	**ENTRATI TAL-MEMORANDUM: FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI TAL-ENTRATI U DERIVATTIVI LI MA JIDHRUX FIL-KARTA BILANĊJALI-** Din il-blokka ta' kolonni tiġbor iktar informazzjoni dwar it-total tal-entrati barra l-karta bilanċjali u d-derivattivi (li diġà huma rrapportati skont diżagregazzjoni differenti fil-kolonni 340-361).
370	**SOSTITUTI TAL-KREDITU DIRETTI (DCS)** Din il-kolonna tapplika għal dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma mill-oriġinatur u garantiti minn sostituti tal-kreditu diretti (DCS). Skont l-Anness I CRR, l-entrati barra l-karta bilanċjali ta' riskju sħiħ li ġejjin jitqiesu bħala DCS: — *Garanziji bil-karattru ta' sostituti tal-kreditu.* — *Ittri ta' kreditu rrevokabli pendenti li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu.*

Kolonni	
380	**IRS/CRS** IRS tfisser Swaps tar-Rati tal-Imgħax, filwaqt li CRS tfisser Swaps tar-Rati tal-Muniti. Dawk id-derivattivi huma elenkati fl-Anness II għas-CRR.
390	**FAĊILITAJIET TA' LIKWIDITÀ** Faċilitajiet ta' likwidità (LF) kif definiti fl-Artikolu 242(3) CRR.
400	**OĦRAJN** Entrati li jifdal li ma jidhrux fil-karta bilanċjali.
411	**VALUR TAL-ISKOPERTURA** Din l-informazzjoni hija relatata mill-qrib mal-kolonna 0180 fil-formola CR SEC.
420	**(-) VALUR TAL-ISKOPERTURA MNAQQAS MILL-FONDI PROPRJI** Din l-informazzjoni hija relatata mill-qrib mal-kolonna 0190 fil-formola CR SEC. F'din il-kolonna tiġi rrapportata ċifra negattiva.
430	**TOTAL TAL-AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU QABEL IL-LIMITU MASSIMU** Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju qabel il-livell limitu applikabbli għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (jiġifieri għal skemi ta' titolizzazzjoni bi trasferiment tar-riskju sinifikanti). Għal skemi ta' titolizzazzjoni mingħajr trasferiment tar-riskju sinifikanti (jiġifieri ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ddeterminat fuq il-bażi tal-iskoperturi titolizzati), f'din il-kolonna ma tiġi rrapportata ebda *data*. Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet tal-obbligazzjonijiet, din il-kolonna ma tkunx irrapportata. Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar, jiġi rrapportat l-RWEA dwar ir-riskju speċifiku. Ara l-kolonna 570 tal-MKR SA SEC, jew il-kolonni 410 u 420 (ir-rekwiżiti ta' fondi proprji) tal-MKR SA CTP, rispettivament.
431	**(-) TNAQQIS MINĦABBA L-LIMITU TAL-PONDERAZZJONI TAR-RISKJU** L-Artikolu 267 CRR
432	**(-) TNAQQIS MINĦABBA L-LIMITU ĠENERALI** L-Artikolu 268 CRR
440	**TOTAL TAL-AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU WARA L-LIMITU MASSIMU** Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju wara l-limiti massimi applikabbli għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (jiġifieri għal skemi ta' titolizzazzjoni bi trasferiment tar-riskju sinifikanti). Għal skemi ta' titolizzazzjoni mingħajr trasferiment tar-riskju sinifikanti (jiġifieri rekwiżiti ta' fondi proprji ddeterminati fuq il-bażi tal-iskoperturi titolizzati) f'din il-kolonna ma tiġi rrapportata ebda *data*. Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet tal-obbligazzjonijiet, din il-kolonna ma tkunx irrapportata. Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar, jiġi rrapportat l-RWEA dwar ir-riskju speċifiku. Ara l-kolonna 600 tal-MKR SA SEC, jew il-kolonna 450 tal-MKR SA CTP, rispettivament.
447-448	**ENTRATI FIL-MEMORANDUM**
447	**L-AMMONT TA' SKOPERTURA PONDERATA GĦAR-RISKJU SKONT SEC-ERBA** L-Artikoli 263 u 264 tas-CRR. Din il-kolonna tiġi rrapportata biss għal tranżazzjonijiet ikklassifikati qabel il-limitu massimu u ma tiġix irrapportata għal tranżazzjonijiet taħt SEC-ERBA.
448	**L-AMMONT TA' SKOPERTURA PONDERATA GĦAR-RISKJU SKONT SEC-SA** L-Artikoli 261 u 262 tas-CRR. Din il-kolonna tiġi rrapportata qabel il-limitu massimu u ma tiġix irrapportata għal tranżazzjonijiet taħt SEC-SA.

Kolonni	
450-470	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI - PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR**
450	**CTP JEW MHUX CTP?** L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-abbrevjazzjonijiet segwenti: C - Portafoll tan-Negozjar ta' Korrelazzjoni (CTP); N - Mhux CTP
460-470	**IL-POŻIZZJONIJIET NETTI - TWAL/BIN-NIEQES** Ara l-kolonni 050/060 tal-MKR SA SEC jew MKR SA CTP, rispettivament.

4. IL-FORMOLI TAR-RISKJU OPERATTIV

4.1. C 16.00 – IR-RISKJU OPERATTIV (OPR)

4.1.1. Il-Kummenti Ġenerali

114. Din il-formola tipprovdi informazzjoni dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikoli minn 312 sa 324 CRR għar-Riskju Operazzjonali skont l-Approċċ tal-Indikatur Bażiku (BIA), l-Approċċ Standardizzat (TSA), l-Approċċ Standardizzat Alternattiv (ASA) u l-Approċċi ta' Kejl Avvanzat (AMA). Istituzzjoni ma tistax tapplika TSA u ASA għal-linji operatorji, servizzi bankarji għall-konsumatur u servizzi bankarji kummerċjali fl-istess ħin fil-livell individwali.

115. L-istituzzjonijiet li jużaw il-BIA, TSA jew ASA jikkalkolaw ir-rekwiżit tal-fondi proprji tagħhom, fuq il-bażi tal-informazzjoni fi tmiem is-sena finanzjarja. Fejn iċ-ċifri awditjati ma jkunux disponibbli, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw stimi tan-negozju. Fejn jintużaw ċifri awditjati, l-istituzzjonijiet jirrapportaw iċ-ċifri awditjati li huma mistennija li jibqgħu l-istess. Devjazzjonijiet minn dan il-prinċipju ta' 'nuqqas ta' bidla' huma possibbli, pereżempju jekk matul dak il-perjodu jkunu ssodisfati ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal akkwiżizzjonijiet jew disponimenti riċenti ta' entitajiet jew attivitajiet.

116. Fejn istituzzjoni tista' tiġġustifika mal-awtorità kompetenti tagħha li – minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali bħal fużjoni jew disponiment ta' entitajiet jew attivitajiet – l-użu tal-medja ta' tliet snin għall-kalkolu tal-indikatur relevanti jwassal għal stima preġudikata għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-istituzzjoni sabiex timmodifika l-kalkolu b'mod li jieħu f'kunsiderazzjoni t-tali avvenimenti. L-awtorità kompetenti tista' wkoll, fuq inizjattiva tagħha stess, titlob lil istituzzjoni sabiex timmodifika l-kalkolu. Istituzzjoni li tkun ilha topera għal inqas minn tliet snin, tista' tuża stimi tan-negozju progressivi fil-kalkolu tal-indikatur relevanti, diment li tibda tuża d-*data* storika malli tkun disponibbli dik id-*data*.

117. Skont il-kolonni, din il-formola tippreżenta informazzjoni, għall-iktar tliet snin riċenti, dwar l-ammont tal-indikatur relevanti tal-attivitajiet bankarji soġġetti għal riskju operazzjonali u dwar l-ammont ta' self u avvanzi (tal-aħħar applikabbli biss fil-każ ta' ASA). Imbagħad, tiġi rrapportata l-informazzjoni dwar l-ammont tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali. Fejn applikabbli, iridu jingħataw dettalji dwar liema parti minn dak l-ammont hija dovuta għal mekkaniżmu ta' allokazzjoni. Rigward l-AMA, l-entrati fil-memorandum jiżdiedu sabiex jiġi ppreżentat dettall tal-effett tat-telf mistenni, id-diversifikazzjoni u t-tekniki ta' mitigazzjoni fuq ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali.

118. Skont ir-ringieli, l-informazzjoni hija ppreżentata b'metodu ta' kalkolu tar-rekwiżit tal-fondi proprji tar-riskju operazzjonali fejn jiġu ppreżentati l-linji operatorji għat-TSA u ASA.

119. Din il-formola tiġi ppreżentata mill-istituzzjonijiet kollha soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji tar-riskju operazzjonali.

4.1.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010-030	**INDIKATUR RELEVANTI** L-istituzzjonijiet li jużaw l-indikatur relevanti biex jikkalkolaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali (BIA, TSA u ASA) jirrapportaw l-indikatur relevanti għas-snin rispettivi fil-kolonni 010 sa 030. Barra minn hekk, fil-każ ta' użu kombinat ta' approċċi differenti kif imsemmi fl-Artikolu 314 CRR, l-istituzzjonijiet jirrapportaw ukoll, għal skopijiet ta' informazzjoni, l-indikatur relevanti għall-attivitajiet soġġetti għal AMA. L-istess japplika għall-banek l-oħra kollha tal-AMA. Minn hawn 'il quddiem, it-terminu 'indikatur relevanti' jirreferi għas-'somma tal-elementi' fi tmiem is-sena finanzjarja kif imsemmi fil-punt 1 fit-Tabella 1 tal-Artikolu 316 CRR. Fejn l-istituzzjoni għandha inqas minn 3 snin *data* fuq l-'indikatur relevanti' għad-dispożizzjoni, id-*data* storika disponibbli (ċifri awditjati) tkun assenjata skont il-prijorità fil-kolonni korrispondenti fil-formola. Fejn, pereżempju, hemm disponibbli biss *data* storika għal sena waħda, dik id-*data* tiġi rrapportata fil-kolonna 030. Fejn dan jitqies raġonevoli, l-istimi progressivi jiddaħħlu fil-kolonna 020 (stima tas-sena li jmiss) u l-kolonna 010 (stima tas-sena +2). Barra minn hekk, fejn ma hemm ebda *data* storika dwar 'l-indikatur relevanti' għad-dispożizzjoni, l-istituzzjoni tista' tuża stimi tan-negozju progressivi.
040-060	**SELF U AVVANZI (FIL-KAŻ TA' APPLIKAZZJONI TAL-ASA)** Dawn il-kolonni jintużaw biex jiġu rrapportati l-ammonti tas-self u l-avvanzi, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 319(1) CRR, għal-linji operatorji 'ibbankjar kummerċjali' u 'bbankjar fil-livell tal-konsumatur'. Dawk l-ammonti jintużaw biex jiġi kkalkolat l-indikatur relevanti alternattiv li jwassal għar-rekwiżiti ta' fondi proprji li jikkorrispondu għall-attivitajiet soġġetti għall-approċċ standard alternattiv (il-punt (a) tal-Artikolu 319(1) CRR). Għal-linja operatorja tal-'ibbankjar kummerċjali', it-titoli miżmumin fil-portafoll mhux tan-negozjar ikunu inklużi wkoll.
070	**REKWIŻIT TA' FONDI PROPRJI** Ir-rekwiżit ta' fondi proprji jiġi kkalkolat skont l-approċċi użati u skont l-Artikoli 312 sa 324 CRR. L-ammont li jirriżulta jiġi rrapportat fil-kolonna 070.
071	**AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA TAR-RISKJI OPERAZZJONALI** L-Artikolu 92(4) CRR Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji fil-kolonna 070 mmoltiplikati bi 12.5.
080	**LI MINNHOM: DOVUTI GĦAL MEKKANIŻMU TA' ALLOKAZZJONI** Fejn ikun ingħata permess għall-użu tal-AMA fil-livell konsolidat (l-Artikolu 18(1) CRR) skont l-Artikolu 312(2) CRR, il-kapital għar-riskji operazzjonali jiġi allokat bejn l-entitajiet differenti tal-grupp abbażi tal-metodoloġija applikata mill-istituzzjonijiet biex jikkunsidraw l-effetti ta' diversifikazzjoni fis-sistema tal-kejl tar-riskju użata minn istituzzjoni tal-kreditu prinċipali tal-UE u s-sussidjarji tagħha jew b'mod konġunt mis-sussidjarji ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE. Ir-riżultat ta' dik l-allokazzjoni jiġi rrapportat f'din il-kolonna.

Kolonni	
090-120	**ENTRATI FIL-MEMORANDUM AMA LI JIĠU RRAPPORTATI JEKK APPLIKABBLI**
090	**REKWIŻIT TA' FONDI PROPRJI QABEL IT-TNAQQIS DOVUT GĦAL TELF MISTENNI, DIVERSIFIKAZZJONI U TEKNIKI TAL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU** Ir-rekwiżit ta' fondi proprji rrapportat fil-kolonna 090 huwa wieħed mill-kolonna 070 iżda kkalkolat qabel ma jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti tat-tnaqqis dovuti għal telf mistenni, diversifikazzjoni u tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji (ara iktar 'l isfel).
100	**(-) TNAQQIS TAR-REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI DOVUT GĦAT-TELF MISTENNI MĠARRAB FI PRATTIKI TAN-NEGOZJU** Fil-kolonna 100 jiġi rrapportat it-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' fondi proprji dovut għal telf mistenni mġarrab fil-prattiki tan-negozju interni (kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 322(2) CRR).
110	**(-) TNAQQIS TAR-REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI DOVUT GĦAL DIVERSIFIKAZZJONI** L-effett ta' diversifikazzjoni fil-kolonna 110 ikun id-differenza bejn is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolata b'mod separat għal kull klassi ta' riskju operazzjonali (jiġifieri sitwazzjoni ta' 'dipendenza perfetta') u r-rekwiżit ta' fondi proprji diversifikati kkalkolat billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni korrelazzjonijiet u dipendenzi (jiġifieri suppożizzjoni ta' inqas minn 'dipendenza perfetta' bejn il-klassijiet ta' riskju). Is-sitwazzjoni ta' 'dipendenza perfetta' sseħħ fil-'każ predefinit', jiġifieri fejn l-istituzzjoni ma tużax struttura espliċita ta' korrelazzjonijiet bejn il-klassijiet ta' riskju, u b'hekk il-kapital tal-AMA jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-miżuri individwali ta' riskju operazzjonali tal-klassijiet ta' riskju magħżulin. F'dak il-każ, il-korrelazzjoni bejn il-klassijiet ta' riskju hija sopponuta bħala 100 % u l-valur fil-kolonna jrid jiġi stabbilit għal żero. Min-naħa l-oħra, fejn l-istituzzjoni tikkalkola struttura espliċita ta' korrelazzjonijiet bejn il-klassijiet ta' riskju, trid tinkludi f'din il-kolonna d-differenza bejn il-kapital tal-AMA kif ġej mill-'każ predefinit' u l-kapital tal-AMA miksub wara li tiġi applikata l-istruttura ta' korrelazzjonijiet bejn il-klassijiet ta' riskju. Il-valur jirrifletti l-'kapaċità ta' diversifikazzjoni' tal-formola tal-AMA, jiġifieri l-abbiltà tal-formola li jaqbad l-okkorrenza mhux simultanja ta' avvenimenti severi ta' telf tar-riskju operazzjonali. Fil-kolonna 110 irid jiġi rrapportat l-ammont li bih l-istruttura ta' korrelazzjoni ssoponuta tnaqqas il-kapital tal-AMA relatat mas-suppożizzjoni ta' korrelazzjoni ta' 100 %.
120	**(-) TNAQQIS TAR-REKWIŻIT TAL-FONDI PROPRJI DOVUT GĦAL TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU (ASSIGURAZZJONI U MEKKANIŻMI OĦRAJN TA' TRASFERIMENT TAR-RISKJU)** Fil-kolonna 120 jiġi rrapportat l-impatt tal-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn ta' trasferiment tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 323 CRR.

Ringieli	
010	**ATTIVITAJIET BANKARJI SOĠĠETTI GĦALL-APPROĊĊ TAL-INDIKATUR BAŻIKU (BIA)** Din ir-ringiela tippreżenta l-ammonti li jikkorrispondu għal attivitajiet soġġetti għall-BIA biex jiġi kkalkolat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għal riskju operazzjonali (l-Artikoli 315 u 316 CRR).
020	**L-ATTIVITAJIET BANKARJI SOĠĠETTI GĦAL APPROĊĊI STANDARDIZZATI (TSA)/ STANDARDIZZATI ALTERNATTIVI (ASA)** Għandu jiġi rrapportat ir-rekwiżit ta' fondi proprji kkalkolat skont it-TSA u l-ASA (l-Artikoli 317, 318 u 319 CRR).

Ringieli	
030-100	**SOĠĠETTI GĦAT-TSA** Fejn jintuża t-TSA, l-indikatur relevanti għal kull sena rispettiva għandu jitqassam fir-ringieli minn 030 sa 100 bejn il-linji operatorji msemmija fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317 CRR. L-immappjar tal-attivitajiet fil-linji operatorji jsegwi l-prinċipji deskritti fl-Artikolu 318 CRR.
110-120	**SOĠĠETTI GĦALL-ASA** L-istituzzjonijiet li jużaw l-ASA (l-Artikolu 319 CRR) jirrapportaw għas-snin rispettivi l-indikatur relevanti b'mod separat għal kull linja operatorja fir-ringieli minn 030 sa 050 u minn 080 sa 100 u fir-ringieli 110 u 120 għal linji operatorji 'bbankjar kummerċjali' u 'bbankjar fil-livell tal-konsumatur'. Ir-ringieli 110 u 120 jippreżentaw l-ammont tal-indikatur relevanti ta' attivitajiet soġġetti għall-ASA b'distinzjoni bejn dawk li jikkorrispondu għal-linja operatorja 'bbankjar kummerċjali' u dawk li jikkorrispondu għal-linja operatorja 'bbankjar fil-livell tal-konsumatur' (l-Artikolu 319 CRR). Jista' jkun hemm ammonti għar-ringieli li jikkorrispondu għall-'ibbankjar kummerċjali' u 'bbankjar fil-livell tal-konsumatur' skont it-TSA (ringieli 060 u 070) kif ukoll fir-ringieli 110 u 120 tal-ASA (pereż. jekk sussidjarja hija soġġetta għat-TSA filwaqt li l-entità prinċipali hija soġġetta għall-ASA).
130	**ATTIVITAJIET BANKARJI SOĠĠETTI GĦAL APPROĊĊI TA' KEJL AVVANZAT AMA** Tiġi rrapportata d-*data* relevanti għall-istituzzjonijiet tal-AMA (l-Artikolu 312(2) u l-Artikoli 321, 322 u 323 CRR). Fejn approċċi differenti jitħalltu kif indikat fl-Artikolu 314 CRR, tiġi rrapportata l-informazzjoni dwar indikatur relevanti għal attivitajiet soġġetti għall-AMA. L-istess japplika għall-banek l-oħra kollha tal-AMA.

4.2. RISKJI OPERATTIVI: INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IT-TELF FL-AĦĦAR SENA (OPR DETTALJI)

4.2.1. Il-Kummenti Ġenerali

120. Il-formola C 17.01 (OPR DETTALJI 1) tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar it-telf gross u l-irkupru gross irreġistrati minn istituzzjoni fl-aħħar sena skont it-tipi ta' avvenimenti u l-linji operatorji. Il-formola C 17.02 (OPR DETTALJI 2) tipprovdi informazzjoni dettaljata fuq l-ikbar avvenimenti ta' telf fl-iktar sena riċenti.

121. Telf mir-riskji operazzjonali li huma relatat mar-riskju tal-kreditu u huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu (avvenimenti ta' riskju operazzjonali relatati mal-kreditu fil-konfini) la huma meqjusa fil-formola C 17.01 u lanqas fil-formola C 17.02.

122. F'każ ta' użu mħallat ta' approċċi differenti għall-kalkolu ta' rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali skont l-Artikolu 314 CRR, telf u rkupru rreġistrati minn istituzzjoni għandu jkun irrapportat f'C 17.01 jew C 17.02 ikun x'ikun l-approċċ applikat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

123. 'Telf gross' tfisser telf - kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR - li jirriżulta minn avveniment ta' riskju operazzjonali jew tip ta' avveniment ta' telf qabel l-irkupri ta' kwalunkwe tip, mingħajr preġudizzju għal 'avvenimenti ta' telf irkuprat malajr' kif definiti hawn taħt.

124. 'Irkupru' jfisser okkorrenza indipendenti relatata mat-telf tar-riskju operazzjonali oriġinali li hija separata fiż-żmien, li fiha fondi jew influssi ta' benefiċċji ekonomiċi huma riċevuti minn partijiet primi jew terzi, bħal assiguraturi jew partijiet oħra. Irkupri huma maqsuma f'irkupri mingħand l-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju u rkupri diretti.

125. 'Avvenimenti ta' telf irkuprat malajr' ifissru avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jwasslu għal telf li huwa parzjalment jew kompletament irkuprat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. F'każ ta' avveniment ta' telf irkuprat malajr, il-parti tat-telf li ma tkunx irkuprata b'mod sħiħ biss (jiġifieri t-telf nett tal-irkupru ta' malajr parzjali) tiġi inkluża fid-definizzjoni ta' telf gross. Bħala konsegwenza, l-avvenimenti ta' telf li jkunu wasslu għat-telf li jiġu rkuprat kompletament fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol ma jiġux inklużi fid-definizzjoni ta' telf gross, u lanqas fir-rapportar tal-OPR DETTALJI.

126. 'Data tal-kontabilità' tfisser id-data meta telf jew riżerva/provvediment ikun ġie għall-ewwel darba rikonoxxut fid-dikjarazzjoni tal-Profitt u t-Telf, kontra telf tar-riskju operazzjonali. Dik id-data loġikament issegwi 'id-Data tal-okkorrenza' (jiġifieri d-data meta jseħħ l-avveniment tar-riskju operattiv jew ta' meta beda) u d-'Data ta' skoperta' (jiġifieri d-data li fiha l-istituzzjoni saret taf bl-avveniment tar-riskju operazzjonali).

127. Telf ikkawżat minn avveniment ta' riskju operazzjonali komuni jew inkella minn avvenimenti multipli marbuta ma' avveniment inizjali ta' riskju operazzjonali li jiġġenera avvenimenti jew telf ('avveniment-kawża') huma miġbura. L-avvenimenti miġbura għandhom jiġu kkunsidrati u rrapportati bħala avveniment wieħed, u għaldaqstant l-ammont ta' telf gross relatat jammonta rispettivament aġġustamenti ta' telf għandhom ikunu magħduda.

128. Iċ-ċifri rrappurtati f'Ġunju tas-sena rispettiva jkunu ċifri interim, filwaqt li ċ-ċifri finali jkunu rrapportati f'Diċembru. Għalhekk iċ-ċifri f'Ġunju jkollhom perjodu ta' referenza ta' sitt xhur (jiġifieri mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja) filwaqt li ċ-ċifri f'Diċembru għandhom perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar (jiġifieri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja). Kemm għal *data* rrapportata minn Ġunju kif ukoll minn Diċembru, 'perjodi ta' referenza preċedenti ta' rapportar' tfisser il-perjodi ta' referenza ta' rapportar sa, u inkluż, dak li jintemm fi tmiem is-sena kalendarja preċedenti.

129. Sabiex jiġu vverifikati l-konformità mal-kriterju stabbilit fil-punt (i) tal-Artikolu 5(b)(2)(b) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, istituzzjoni tuża l-aħħar statistika kif disponibbli fuq il-paġna web ta' Żvelar Superviżorju tal-EBA biex tikseb 'is-somma tat-totali tal-karta bilanċjali individwali tal-istituzzjonijiet kollha fl-istess Stat Membru'. Sabiex jiġi vverifikat il-kriterju stabbilit fil-punt (iii) tal-Artikolu 5(b)2(b) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandu jkun użat il-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq kif definit fil-punt 8.89 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ESA 2010) ([13]) u ppubblikat mill-Eurostat għas-sena kalendarja preċedenti.

4.2.2. C 17.01: Telf u rkupru ta' riskju operattiv skont il-linji operatorji u t-tip ta' avvenimenti ta' avvenimenti telf fl-aħħar sena (OPR DETTALJI 1)

4.2.2.1. Il-Kummenti Ġenerali

130. Fil-formol C 17.01, l-informazzjoni tiġi ppreżentata billi jiġu distribwiti t-telf u l-irkupri ogħla mil-limiti interni fost il-linji operatorji (kif elenkati fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317 CRR, inkluża l-linja operatorja addizzjonali 'entrati korporattivi' msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR) u tipi ta' avvenimenti ta' telf (kif imsemmi fl-Artikolu 324 CRR). Huwa possibbli li t-telf li jikkorrispondi għal avveniment ta' telf wieħed jitqassam bejn diversi linji operatorji.

131. Il-kolonni jippreżentaw it-tipi ta' avvenimenti ta' telf differenti u t-total għal kull linja operatorja, flimkien ma' entrata fil-memorandum li turi l-inqas livell limitu intern applikat fil-ġbir tad-*data* dwar it-telf, u jiżvela f'kull linja operatorja l-inqas u l-ogħla limitu fejn hemm iktar minn livell limitu wieħed.

132. Ir-ringieli jippreżentaw il-linji operatorji, u f'kull linja operatorja, informazzjoni dwar l-għadd ta' avvenimenti ta' telf (avvenimenti ta' telf ġodda), l-ammont ta' telf gross (avvenimenti ġodda), l-għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġetti għal aġġustamenti ta' telf, l-aġġustamenti ta' telf relatati ma' perjodi preċedenti ta' rappurtar, l-ikbar telfa unika, is-somma tal-ikbar ħames telfiet u l-irkupru ta' telf totali (irkupri ta' telf dirett kif ukoll l-irkupri tal-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskji).

133. Għal-linji tan-negozju totali, id-*data* dwar l-għadd ta' avvenimenti ta' telf u l-ammont gross ta' telf jiġi rrapportat għal ċerti firxiet ibbażati fuq ċerti limiti stabbiliti, jiġifieri 10 000, 20 000, 100 000, u 1 000 000. Il-limiti huma stabbiliti f'EUR u huma inklużi għall-fini ta' komparabilità tat-telf irrappurtat fost l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, dawk il-limiti mhux bilfors ikunu jirrelataw mal-livelli ta' telf minimu użati għall-ġbir ta' *data*. interna dwar it-telf, li għandha tiġi rrapportata fit-taqsima oħra tal-formola.

([13]) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174 26.6.2013, p. 1).

4.2.2.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
0010-0070	**TIPI TA' AVVENIMENTI** L-istituzzjonijiet jirrapportaw it-telf fil-kolonni minn 010 sa 070 rispettivi skont it-tipi ta' avvenimenti ta' telf kif imsemmi fl-Artikolu 324 CRR. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji tagħhom skont il-BIA jistgħu jirrapportaw it-telf li għalih it-tip ta' avveniment ta' telf mhuwiex identifikat fil-kolonna 080 biss.
0080	**TIPI TA' AVVENIMENTI TA' TELF TOTALI** Fil-kolonna 080, għal kull linja operatorja, l-istituzzjonijiet jirrapportaw l-'għadd ta' avvenimenti ta' telf (avvenimenti ta' telf ġodda)' totali, l-'ammont ta' telf gross (avvenimenti ta' telf ġodda)' totali, l-'għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġett għal aġġustamenti ta' telf' totali, l-'ikbar telfa unika', is-'somma tal-ikbar ħames telfiet', l-'irkupru ta' telf dirett totali' totali u l-'irkupru mill-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju' totali. Sakemm l-istituzzjoni tkun identifikat it-tipi ta' avvenimenti ta' telf għal kull telf, il-kolonna 080 turi l-aggregazzjoni sempliċi tal-għadd ta' avvenimenti ta' telf, l-ammont ta' telf gross totali, l-ammonti ta' rkupru ta' telf totali u l-'aġġustamenti ta' telf relatati ma' perjodi preċedenti' rrapportati fil-kolonni 010 sa 070. L-'ikbar telfa unika' rrapportata fil-kolonna 080 tkun l-ikbar telfa f'linja operatorja u identika mal-massimu tal-'ikbar telfiet uniċi' rrapportati fil-kolonni 010 sa 070, sakemm l-istituzzjoni tkun identifikat it-tipi ta' avvenimenti ta' telf għat-telf kollu. Għas-somma tal-ikbar ħames telfiet, fil-kolonna 080 tiġi rrapportata s-somma tal-ikbar ħames telfiet f'linja operatorja waħda.
0090-0100	**ENTRATA FIL-MEMORANDUM: LIMITU APPLIKAT FIL-ĠBIR TA' *DATA*** L-istituzzjonijiet jirrapportaw fil-kolonni 090 u 100 il-livelli minimi ta' telf li qed jużaw għall-ġbir ta' *data* interna dwar it-telf skont l-aħħar sentenza tal-punt (c) tal-Artikolu 322(3) CRR. Fejn l-istituzzjoni tapplika biss limitu wieħed għal kull linja tan-negozju, il-kolonna 090 biss timtela. Fejn ikun hemm limiti differenti applikati ġewwa l-istess linja tan-negozju regolatorja, l-ogħla limitu applikabbli (kolonna 100) jimtela wkoll.

Ringieli	
0010-0880	**IL-LINJI OPERATORJI: IL-FINANZI KORPORATTIVI, IN-NEGOZJAR U L-BEJGĦ, IS-SENSERIJA FIL-LIVELL TAL-KONSUMATUR, L-IBBANKJAR KUMMERĊJALI, L-OPERAZZJONIJIET BANKARJI GĦALL-KONSUMATUR, IL-PAGAMENT U S-SALDU, IS-SERVIZZI TA' AĠENZIJA, L-IMMANIĠĠAR TAL-ASSI, L-ENTRATI KORPORATTIVI** Għal kull linja operatorja msemmija fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR, inkluża l-linja operatorja addizzjonali 'Entrati korporattivi' kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR, u għal kull tip ta' avveniment ta' telf, l-istituzzjoni tirrapporta, skont il-limiti, l-informazzjoni li ġejja: l-għadd ta' avvenimenti ta' telf (avvenimenti ta' telf ġodda), l-ammont ta' telf gross (avvenimenti ta' telf ġodda), l-għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġett għal aġġustamenti ta' telf, l-ikbar telfa unika, is-somma tal-ikbar ħames telfiet, l-irkupru ta' telf dirett totali u l-irkupru mill-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju. Għal avveniment ta' telf li jolqot lil iktar minn linja operatorja waħda, l-'ammont gross ta' telf' jitqassam bejn il-linji operatorji kollha milqutin. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji tagħhom skont il-BIA jistgħu jirrapportaw it-telf li għalih il-linja operatorja mhix identifikata fil-kolonni 910-980 biss.

Ringieli	
0010, 0110, 0210, 0310, 0410, 0510, 0610, 0710, 0810	**Għadd ta' avvenimenti ta' telf (avvenimenti ta' telf ġodda)** L-għadd ta' avvenimenti ta' telf huwa l-għadd ta' avvenimenti ta' telf li għalihom telf gross tqies fiż-żmien ta' referenza ta' rapportar. L-għadd ta' avvenimenti ta' telf jirreferi għal 'avvenimenti ġodda', jiġifieri avvenimenti ta' riskju operazzjonali li: (i) 'jitqiesu għall-ewwel darba' fi żmien il-perjodu ta' referenza ta' rapportar; jew (ii) 'jitqiesu għall-ewwel darba' fi żmien il-perjodu ta' referenza ta' rapportar preċedenti, fejn l-avveniment ta' telf ma kienx inkluż f'rapport superviżorju preċedenti, pereżempju għaliex kien identifikat bħala avveniment ta' telf ta' riskju operazzjonali biss fil-perjodu ta' referenza ta' rappurtar attwali jew minħabba li t-telf akkumulat attribwibbli għal dak l-avveniment ta' telf (jiġifieri telf oriġinali bi/mingħajr l-aġġustamenti tat-telf kollha magħmula f'perjodi ta' referenza ta' rappurtar preċedenti) jeċċedi l-limitu ta' ġbir ta' *data* interna biss fil-perjodi ta' referenza ta' rapportar attwali. 'Avvenimenti ta' telf ġodda' ma jinkludux avvenimenti ta' telf li 'jitqiesu għall-ewwel darba' f'perjodu ta' referenza ta' rapportar preċedenti, li kienu inklużi f'rapporti superviżorji preċedenti.
0020, 0120, 0220, 0320, 0420, 0520, 0620, 0720, 0820	**Ammont ta' telf gross (avvenimenti ġodda ta' telf)** L-ammont ta' telf gross ikun l-ammonti ta' telf gross pertinenti għall-avvenimenti ta' telf tar-riskju operazzjonali li (eż. ħlasijiet diretti, provvedimenti, saldi). It-telfiet kollha relatati ma' avveniment ta' telf wieħed li tqiesu fil-perjodu ta' referenza ta' rappurtar jitqassru u jiġu kkunsidrati bħala t-telf gross għal dak l-avveniment ta' telf għal dak il-perjodu ta' referenza ta' rapportar. L-ammont ta' telf gross irrapportat għandu jirreferi għal 'avvenimenti ta' telf ġodda' kif imsemmija fir-ringiela iktar 'il fuq ta' din it-tabella. Għal avvenimenti ta' telf li 'jitqiesu għall-ewwel darba' f'perjodu ta' referenza ta' rapportar preċedenti li ma kienu ġew inklużi f'ebda rapport superviżorju preċedenti, it-telf totali akkumulat sad-data ta' referenza ta' rapportar (jiġifieri, it-telf oriġinali bi/mingħajr l-aġġustament ta' telf kollha li saru f'perjodi ta' referenza preċedenti ta' rapportar) għandu jiġi rrapportat bħala telf gross fid-data ta' referenza ta' rapportar. L-ammonti li għandhom jiġu rrapportati ma jqisux l-irkupri miksuba.
0030, 0130, 0230, 0330, 0430, 0530, 0630, 0730, 0830	**Għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġetti għal aġġustamenti ta' telf** L-għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġetti għal aġġustamenti ta' telf ikun l-għadd ta' avvenimenti ta' telf ta' riskju operazzjonali li 'jitqiesu għall-ewwel darba' f'perjodi preċedenti ta' rapportar u diġà inklużi f'rapporti preċedenti, li għalihom saru aġġustamenti ta' telf fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar attwali. Fejn ikun sar iktar minn aġġustament ta' telf għal avveniment ta' telf fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar, is-somma ta' dawk l-aġġustamenti ta' telf għandhom jiġu magħduda bħala aġġustament wieħed fil-perjodu.
0040, 0140, 0240, 0340, 0440, 0540, 0640, 0740, 0840	**Aġġustamenti ta' telf relatati ma' perjodi preċedenti ta' rappurtar** Aġġustamenti ta' telf relatati ma' perjodi ta' referenza ta' rapportar ikunu s-somma tal-elementi li ġejjin (pożittivi jew negattivi): (i) l-ammonti ta' telf gross pertinenti għal aġġustamenti ta' telf pożittiv magħmula fi żmien il-perjodu ta' referenza ta' rapportar (pereż. żieda ta' provvedimenti, avvenimenti ta' telf relatati, ħlasijiet addizzjonali) ta' avvenimenti tar-riskju operazzjonali li 'jitqiesu għall-ewwel darba' u rrapportati f'perjodi ta' referenza ta' rapportar preċedenti; (ii) l-ammonti ta' telf gross pertinenti għal aġġustamenti ta' telf negattivi li saru fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar (pereż. minħabba t-tnaqqis ta' provvedimenti) ta' avvenimenti ta' telf ta' riskju operazzjonali li 'jitqiesu għall-ewwel darba' u rrapportati f'perjodi ta' referenza ta' rapportar preċedenti.

Ringieli	
	Fejn ikun sar iktar minn aġġustament ta' telf għal avveniment ta' telf fil-perjodu ta' referenza ta' rappurtar, l-ammonti ta' dawk l-aġġustamenti ta' telf kollha jiġu magħduda, filwaqt li jitqies jekk l-aġġustamenti humiex (pożittivi jew negattivi). Dik is-somma titqies bħala aġġustament ta' telf għal dak l-avveniment ta' telf għal dak il-perjodu ta' referenza ta' rapportar. Fejn, minħabba aġġustament ta' telf negattiv, l-ammont ta' telf aġġustat attribwibbli għal avveniment ta' telf li jaqa' taħt il-limitu ta' ġbir ta' *data* interna tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandha tirrapporta l-ammont totali ta' telf għal dak l-avveniment ta' telf akkumulat sal-aħħar darba li ġie rrappurtat l-avveniment għad-data ta' referenza ta' Diċembru (jiġifieri t-telfa oriġinali bi/mingħajr l-aġġustamenti kollha ta' telf li saru fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar preċedenti) b'simbolu ta' negattiv minflok l-ammont tal-aġġustament ta' telf negattiv innifsu. L-ammonti li għandhom jiġu rrapportati ma jqisux l-irkupri miksuba.
0050, 0150, 0250, 0350, 0450, 0550, 0650, 0750, 0850	**It-telf uniku massimu** L-ikbar telfa unika hija l-ikbar minn: (i) l-ikbar ammont ta' telf gross relatat ma' avveniment ta' telf irrapportat għall-ewwel darba fil-perjodu ta' referenza ta' rappurtar; kif ukoll (ii) l-ikbar ammont ta' aġġustament għal telf pożittiv (kif imsemmi fir-ringieli 0040, 0140, ..., 0840 iktar 'il fuq) relatat ma' avveniment ta' telf irrapportat għall-ewwel darba fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar. L-ammonti li għandhom jiġu rrapportati ma jqisux l-irkupri miksuba.
0060, 0160, 0260, 0360, 0460, 0560, 0660, 0760, 0860	**Is-somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf** Is-somma tal-ikbar ħames telfiet hija s-somma tal-ikbar ħames ammonti fost: (i) l-ammonti ta' telf gross għal avvenimenti ta' telf irrapportati għall-ewwel darba fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar; kif ukoll (ii) l-ammonti ta' aġġustament għal telf pożittiv (kif definit għar-ringieli 0040, 0140, ..., 0840 hawn fuq) relatat ma' avvenimenti ta' telf irrapportati għall-ewwel darba fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar. L-ammont li jista' jikkwalifika bħala wieħed mill-ħames l-akbar fosthom huwa l-ammont ta' aġġustament għal telf innifsu, mhux it-telf totali assoċjat mal-avveniment ta' telf rispettiv qabel jew wara l-aġġustament għat-telf. L-ammonti li għandhom jiġu rrapportati ma jqisux l-irkupri miksuba.
0070, 0170, 0270, 0370, 0470, 0570, 0670, 0770, 0870	**Irkupru dirett ta' telf totali** Irkupri diretti ta' telf huma l-irkupri ta' telf kollha miksuba ħlief dawk li huma soġġetti għall-Artikolu 323 CRR kif imsemmi fir-ringiela ta' din it-tabella hawn isfel. L-irkupru tat-telf dirett totali huwa s-somma tal-irkupri diretti u l-aġġustamenti għall-irkupri diretti kollha rrappurtati fil-perjodu ta' rapportar u pertinenti għal avvenimenti ta' telf ta' riskju operazzjonali li tqiesu għall-ewwel darba fi żmien il-perjodu ta' referenza ta rappurtar jew f'perjodi preċedenti ta' referenza ta' rapportar.
0080, 0180, 0280, 0380, 0480, 0580, 0680, 0780, 0880	**Irkupru totali minn assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn ta' trasferiment ta' riskju** Irkupri minn assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn ta' trasferiment ta' riskju huma dawk l-irkupri li huma soġġetti għall-Artikolu 323 CRR. L-irkupru totali minn assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn ta' trasferiment ta' riskju huwa s-somma tal-irkupri kollha minn assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn ta' trasferiment ta' riskju u l-aġġustamenti għal tali rkupri li jittieħed kont tagħhom fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar u pertinenti għal avvenimenti ta' telf ta' riskju operazzjonali li jittieħed kont tagħhom għall-ewwel darba fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar jew f'perjodi ta' referenza ta' rapportar preċedenti.

Ringieli	
0910-0980	**LINJI OPERATORJI TOTALI** Għal kull tip ta' avveniment ta' telf (il-kolonna minn 0010 sa 0080), trid tiġi rrapportata l-informazzjoni dwar il-linji operatorji totali.
0910-0914	**Għadd ta' avvenimenti ta' telf** Fir-ringiela 0910, l-għadd ta' avvenimenti ta' telf ogħla mil-limitu intern skont it-tipi ta' avvenimenti għal-linji operatorji totali jiġu rrapportati. Din iċ-ċifra tista' tkun inqas mill-aggregazzjoni tal-għadd ta' avvenimenti ta' telf skont il-linji operatorji billi l-avvenimenti ta' telf b'bosta impatti (impatti f'linji operatorji differenti) jitqiesu bħala wieħed. Din tista' tkun ogħla, fejn istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi tagħha stess skont il-BIA ma tkunx tista' tidentifika il-linja/i operatorja/i affettwat/i mit-telf f'kull każ. Fir-ringieli 0911 – 0914, għandu jkun irrapportat l-għadd ta' avvenimenti ta' telf b'ammont ta' telf gross fil-firxiet definiti fir-ringieli pertinenti tal-formola. Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telf kollu tagħha għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR jew li tkun identifikat it-tipi ta' avvenimenti ta' telf għat-telfiet kollha, dan li ġej japplika għall-kolonna 080, kif xieraq: — L-għadd totali ta' avvenimenti ta' telf irrapportati fir-ringieli minn 0910 sa 0914 huwa ugwali għall-aggregazzjoni orizzontali tal-għadd ta' avvenimenti ta' telf fir-ringiela korrispondenti, għaliex f'dawk iċ-ċifri l-avvenimenti ta' telf b'impatti f'linji operatorji differenti jkunu diġà tqiesu bħala avveniment ta' telf wieħed. — Iċ-ċifra rrapportat fil-kolonna 0080, ir-ringiela 0910 mhux bilfors ikun daqs l-aggregazzjoni vertikali tal-għadd ta' avvenimenti li huma inklużi fil-kolonna 080, billi avveniment ta' telf wieħed jista' jkollu impatt f'linji operatorji differenti fl-istess ħin.
0920-0924	**Ammont ta' telf gross (avvenimenti ġodda ta' telf)** Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telf kollu tagħha jew għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR, l-ammont ta' telf gross (avvenimenti ta' telf ġodda) irrapportat fir-ringiela 0920 huwa l-aggregazzjoni sempliċi tal-ammonti ta' telf gross ta' avvenimenti ta' telf ġodda għal kull linja operatorja. Fir-ringieli 0921 – 0924, għandu jkun irrapportat l-ammont ta' telf gross għal avvenimenti ta' telf b'ammont ta' telf gross fil-firxa definita fir-ringieli pertinenti.
0930, 0935, 0936	**Għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġetti għal aġġustamenti ta' telf** Fir-ringiela 0930, għandu jkun irrapportat it-total tal-għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġetti għal aġġustamenti ta' telf kif irrapportat fir-ringieli 0030, 0130, ..., 0830. Dik iċ-ċifra tista' tkun inqas mill-aggregazzjoni tal-għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġett għal aġġustament ta' telf skont il-linji operatorji billi avvenimenti ta' telf b'bosta impatti (impatti f'linji ta' negozju differenti) jitqiesu bħala wieħed. Din tista' tkun ogħla, fejn istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi tagħha stess skont il-BIA ma tkunx tista' tidentifika il-linja/i operatorja/i affettwat/i mit-telf f'kull każ. L-għadd ta' avvenimenti ta' telf soġġetti għal aġġustamenti ta' telf għandu jkunu imqassam fl-għadd ta' avvenimenti ta' telf li għalihom l-aġġustament ta' telf pożittiva sar fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar u l-għadd tal-avvenimenti ta' telf li għalihom l-aġġustament ta' telf negattiv sar fil-perjodu ta' rapportar (kollha rrapportati b'simbolu pożittiv).

Ringieli	
0940, 0945, 0946	**Aġġustamenti ta' telf relatati ma' perjodi preċedenti ta' rappurtar** Fir-ringiela 0940, għandu jkun irrapportat it-total tal-ammonti ta' aġġustament ta' telf relatati ma' perjodi ta' rapportar preċedenti (kif irrapportat fir-ringieli 0040, 0140, ..., 0840). Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telf kollu tagħha jew għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR, l-ammont irrapportat fir-ringiela 0940 huwa l-aggregazzjoni sempliċi tal-aġġustamenti ta' telf relatati mal-perjodi ta' rapportar preċedenti rrapportati għal-linji operatorji differenti. L-ammont ta' aġġustamenti ta' telf għandu jitqassam fl-ammont relatat ma' avvenimenti ta' telf li għalihom l-aġġustament ta' telf pożittiv sar fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar (ir-ringiela 0945, irrapportat bħala ċifra pożittiva) u l-ammont relatat ma' avvenimenti ta' telf li għalihom l-aġġustament ta' telf pożittiv sar fil-perjodu ta' rapportar (ir-ringiela 0946, irrapportat bħala ċifra negattiva). Fejn, minħabba aġġustament ta' telf negattiv, l-ammont ta' telf aġġustat attribwibbli għal avveniment ta' telf li jaqa' taħt il-limitu ta' ġbir ta' *data* interna tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandha tirrapporta l-ammont totali ta' telf għal dak l-avveniment ta' telf akkumulat sal-aħħar darba li ġie rrappurtat l-avveniment ta' telf għal data ta' referenza ta' Diċembru (jiġifieri t-telfa oriġinali bi/mingħajr l-aġġustamenti kollha ta' telf li saru fil-perjodu ta' referenza ta' rappurtar preċedenti) b'simbolu negattiv fir-ringiela 946 minflok l-ammont tal-aġġustament ta' telf negattiv innifsu.
0950	**It-telf uniku massimu** Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telf kollu tagħha jew għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR, l-ikbar telfa unika hija l-ikbar telfa unika fuq il-limitu intern għal kull tip ta' avveniment ta' telf u fost il-linji operatorji kollha. Dawk iċ-ċifri jistgħu jkunu ogħla mill-ogħla telf uniku reġistrat f'kull linja operatorja fejn avveniment ta' telf jaffettwa linji operatorji differenti. Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telf kollu tagħha jew għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR rispettivament li tkun identifikat it-tipi ta' avvenimenti ta' telf għat-telfiet kollha, dan li ġej japplika għall-kolonna 0080: — L-ikbar telfa unika rrappurtata tkun ugwali għall-ogħla mill-valuri rrapportati fil-kolonni 0010 – 0070 ta' din ir-ringiela. — Fejn hemm avvenimenti ta' telf li jkollhom impatt f'linji operatorji differenti, l-ammont irrapportat f'{r950, c080} jista' jkun ogħla mill-ammonti ta' 'L-ikbar telfa unika' għal linji operatorji f'ringieli oħra tal-kolonna 080.
0960	**Is-somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf** Tiġi rrapportata s-somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf gross għal kull tip ta' avveniment ta' telf u bejn il-linji operatorji kollha. Dik is-somma tista' tkun ogħla mill-ogħla somma tal-ikbar ħames telfiet reġistrati f'kull linja operatorja. Dik is-somma trid tiġi rrapportata jkun xi jkun l-għadd ta' telfiet. Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telfiet kollha tagħha jew għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR u li tkun identifikat it-tipi ta' avvenimenti ta' telf għat-telf kollu, għal kolonna 0080, is-somma tal-ikbar ħames telfiet għandha tkun is-somma tal-ħames l-ikbar telfiet fil-matriċi kollha, jiġifieri li mhux bilfors tkun ugwali għal la l-valur massimu tas-'somma tal-ikbar ħames telfiet' fir-ringiela 0960 u lanqas il-valur massimu tas-'somma tal-ikbar ħames telfiet' fil-kolonna 0080.

Ringieli	
0970	**Irkupru dirett ta' telf totali** Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telf kollu tagħha jew għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR, l-irkupru dirett ta' telf totali jkun l-aggregazzjoni sempliċi tal-irkupru dirett ta' telf totali għal kull linja operatorja.
0980	**Irkupru totali minn assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn ta' trasferiment ta' riskju** Ġaladarba l-istituzzjoni tkun assenjat it-telf kollu tagħha jew għal linja operatorja elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR jew il-linja operatorja 'entrati korporattivi' kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR, l-irkupru totali minn assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn tat-trasferiment tar-riskju huwa l-aggregazzjoni sempliċi tal-irkupru totali minn assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn tat-trasferiment tar-riskju għal kull linja operatorja.

4.2.3. C 17.02: Riskju operazzjonali: Informazzjoni dettaljata dwar l-ikbar avvenimenti ta' telf fl-aħħar sena (OPR DETTALJI 2)

4.2.3.1. Il-Kummenti Ġenerali

134. Fil-formola C 17.02, l-informazzjoni dwar avvenimenti ta' telf individwali għandha tkun ipprovduta (ringiela waħda għal kull avveniment ta' telf).

135. L-informazzjoni rrapportata f'din il-formola għandha tirreferi għal 'avvenimenti ta' telf ġodda', jiġifieri avvenimenti ta' riskju operazzjonali:

(a) 'jitqiesu għall-ewwel darba' fi żmien il-perjodu ta' referenza ta' rapportar; jew

(b) 'jitqiesu għall-ewwel darba' fi żmien il-perjodu ta' referenza ta' rapportar preċedenti, fejn l-avveniment ta' telf ma kienx inkluż f'rapport superviżorju preċedenti, pereżempju għaliex kien identifikat bħala avveniment ta' telf ta' riskju operazzjonali biss fil-perjodu ta' referenza ta' rappurtar attwali jew minħabba li t-telf akkumulat attribwibbli għal dak l-avveniment ta' telf (jiġifieri telf oriġinali bi/mingħajr l-aġġustamenti tat-telf kollha magħmula f'perjodi ta' referenza ta' rappurtar preċedenti) jeċċedi l-limitu ta' ġbir ta' *data* interna biss fil-perjodi ta' referenza ta' rapportar attwali.

136. Għandhom jiġu rrapportati biss avvenimenti ta' telf li jinvolvu ammont ta' telf gross ta' € 100,000 jew iktar.

Soġġett għal dak il-limitu:

(a) l-ikbar avveniment għal kull tip ta' avveniment, ġaladarba li l-istituzzjoni tkun identifikat it-tip ta' avveniment għat-telf; kif ukoll

(b) mill-inqas l-ikbar għaxra mill-avvenimenti li jifdal bit-tip ta' avveniment identifikat jew mingħajru skont l-ammont ta' telf gross għandu jkun inkluż fil-formola.

(c) L-avvenimenti ta' telf jiġu kklassifikati abbażi tat-telf gross attribwit lilhom.

(d) Avveniment ta' telf jitqies darba biss.

4.2.3.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
0010	**ID tal-avveniment** L-ID tal-avveniment huwa identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela fil-formola. Fejn ID interna hija disponibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-ID interna. Jekk le, l-ID irrapportat għandha ssegwi l-ordni numerika 1, 2, 3, eċċ.

Kolonni	
0020	**Data ta' Kontabbiltà** Id-data ta' kontabbiltà tfisser id-data meta telf jew riżerva/provvediment kontra telf minn riskju operazzjonali ġie rikonoxxut għall-ewwel darba fid-dikjarazzjoni tal-Profitt u t-Telf.
0030	**Data ta' okkorrenza** Id-data ta' okkorrenza tkun id-data meta seħħ l-avveniment tar-riskju jew meta beda.
0040	**Data ta' skoperta** Id-data ta' skoperta tkun id-data li fiha l-istituzzjoni saret taf bl-avveniment ta' telf tar-riskju operazzjonali.
0050	**Tip ta' avveniment ta' telf** Tipi ta' avveniment ta' telf kif imsemmi fl-Artikolu 324 CRR.
0060	**Telf gross** Telf gross relatat mal-avveniment ta' telf irrapportat fir-ringieli 0020, 0120, eċċ. tal-formola C 17.01
0070	**Telf gross nett ta' rkupri diretti** Telf gross relatat mal-avveniment ta' telf irrapportat fir-ringieli 0020, 0120, eċċ. tal-formola C 17.01, innettjat minn irkupri diretti pertinenti għal dak l-avveniment ta' telf
0080 – 0160	**Telf gross skont il-linja operatorja** It-telf gross kif irrapportat fil-kolonna 0060 għandu jkun allokat lil-linji operatorji relevanti kif imsemmi fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317(4) CRR u fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) CRR.
0170	**Isem tal-Entità Ġuridika** L-isem tal-entità ġuridika kif irrapportat fil-kolonna 010 ta' C 06.02 fejn it-telf – jew l-ikbar sehem mit-telf, jekk diversi entitajiet kienu affettwati – seħħ.
0180	**ID tal-Entità Ġuridika** Il-LEI tal-entità ġuridika kif irrapportat fil-kolonna 025 ta' C 06.02 fejn it-telf – jew l-ikbar sehem mit-telf, jekk diversi entitajiet kienu affettwati – seħħ.
0190	**Unità Operatorja** L-unità operatorja jew id-diviżjoni korporattiva tal-istituzzjoni fejn it-telf – jew l-ikbar sehem mit-telf jekk diversi unitajiet operatorji jew diviżjonijiet korporattivi kienu affettwati – seħħ.
0200	**Deskrizzjoni** Deskrizzjoni narrattiva tal-avveniment ta' telf, fejn meħtieġ b'mod ġenerali jew anonimu, li jinkludi mill-inqas informazzjoni dwar l-avveniment innifsu u informazzjoni dwar il-fatturi jew il-kawża tal-avveniment ta' telf, fejn huma magħrufa.

5. IL-FORMOLI TAR-RISKJU TAS-SUQ

137. Dawn l-istruzzjonijiet jirreferu għar-rapportar tal-formola tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji bl-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kambju (MKR SA FX), riskju tal-komoditajiet (MKR SA COM) riskju tar-rata tal-imgħax (MKR SA TDI, MKR SA SEC, MKR SA CTP) u riskju tal-ekwità (MKR SA EQU). Barra minn hekk, f'din il-parti hemm inklużi l-istruzzjonijiet għar-rapportar tal-formola tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-approċċ tal-formola interna (MKR IM).

138. Ir-riskju ta' pożizzjoni fuq strument ta' dejn negozjat jew ekwità (jew derivattiv ta' dejn jew ta' ekwità) jinqasam f'żewġ komponenti sabiex jiġi kkalkolat il-kapital meħtieġ kontrih. L-ewwel għandu jkun il-komponent tar-riskju speċifiku — dak huwa r-riskju ta' tibdil fil-prezz tal-istrument ikkonċernat minħabba fatturi relatati ma' dak li joħroġha jew, fil-każ ta' derivattiva, dak li joħroġ l-istrument li fuqha tkun ibbażata. It-tieni komponent għandu jkopri r-riskju ġenerali tagħha — dak huwa r-riskju ta' tibdil fil-prezz fl-istrument minħabba (fil-każ ta' strument ta' dejn innegozjat jew derivattiva ta' dejn) tibdil fil-livell ta' rati tal-imgħax jew (fil-każ ta' ekwita' jew ta' derivattiva ta' ekwita') għal ċaqliq wiesa' tas-suq tal-ekwitajiet li ma jkunx relatat ma kwalunkwe attributi speċifiċi ta' titoli individwali. It-trattament ġenerali tal-istrumenti speċifiċi u l-proċeduri ta' netting jinsabu fl-Artikoli minn 326 sa 333 CRR.

5.1. C 18.00 - IR-RISKJU TAS-SUQ: L-APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU TA' POŻIZZJONI FI STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJATI (MKR SA TDI)

5.1.1. Il-Kummenti Ġenerali

139. Din il-formola tkopri l-pożizzjonijiet u r-rekwiżiti relatati ta' fondi proprji għal riskji tal-pożizzjoni fuq strumenti ta' dejn negozjat bl-Approċċ Standardizzat (l-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) CRR). Ir-riskji u l-metodi differenti disponibbli bis-CRR huma kkunsidrati skont ir-ringieli. Ir-riskju speċifiku assoċjat mal-iskoperturi inklużi fl-MKR SA SEC u MKR SA CTP irid jiġi rrapportat biss fil-formola Totali tal-MKR SA TDI. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji rrapportati f'dawn il-formoli jkunu trasferiti fiċ-ċellola {325;060} (titolizzazzjonijiet) u {330;060} (CTP) rispettivament.

140. Il-formola trid timtela b'mod separat għat-'Total', flimkien ma' lista predefinita tal-muniti li ġejjin: EUR, ALL, BGN, CZK, DKK, EGP, GBP, HRK, HUF, ISK, JPY, LTL, MKD, NOK, PLN, RON, RUB, RSD, SEK, CHF, TRY, UAH, USD u formola residwa għall-muniti l-oħra kollha.

5.1.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010-020	**IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) CRR. Dawn huma pożizzjonijiet gross u mhux innettjati skont l-istrumenti, iżda jeskludu pożizzjonijiet tas-sottoskrizzjonijiet jew subsottoskritti minn partijiet terzi skont it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 345(1) CRR. Rigward id-distinzjoni bejn Pożizzjonijiet twal u bin-nieqes, applikabbli wkoll għal dawn il-pożizzjonijiet grossi, ara l-Artikolu 328 (2) CRR.
030-040	**POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikoli 327 sa 329 u l-Artikolu 334 CRR. Rigward id-distinzjoni bejn pożizzjonijiet twal u bin-nieqes ara l-Artikolu 328(2) CRR.
050	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL** Dawk il-pożizzjonijiet netti li, skont l-approċċi differenti kkunsidrati fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR, jirċievu allokazzjoni ta' kapital.
060	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** L-allokazzjoni ta' kapital għal kwalunkwe pożizzjoni relevanti skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR.
070	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR. Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5.

Ringieli	
010-350	**STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJAT FIL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR** Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjat fil-Portafoll tan-Negozjar u r-rekwiżiti tal-fondi proprji korrispondenti tagħhom għar-riskju ta' pożizzjoni skont il-punt (b)(i) tal-Artikolu 92(3) CRR u l-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR jiġu rrapportati skont il-kategorija tar-riskju, il-maturità u l-approċċ użat.
011	**RISKJU ĠENERALI.**
012	**Derivattivi** Id-derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju tar-rata tal-imgħax tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar b'kunsiderazzjoni tal-Artikoli minn 328 sa 331 CRR, fejn applikabbli.
013	**Assi u obbligazzjonijiet oħra** Strumenti minbarra derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju tar-rata tal-imgħax tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar.
020-200	**APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ IL-MATURITÀ** Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjat soġġetti għal approċċ ibbażat fuq il-maturità msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 8 tal-Artikolu 339 CRR u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji kkalkolati skont l-Artikolu 339(9) CRR. Il-pożizzjoni tinqasam fiż-żoni 1, 2 u 3 u dawk iż-żoni jitqassmu skont il-maturità tal-investimenti.
210-240	**RISKJU ĠENERALI. L-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ ID-DURATA** Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjat soġġetti għall-approċċ ibbażat fuq id-durata msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 6 tal-Artikolu 340 CRR u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji kkalkolati skont l-Artikolu 340(7) CRR. Il-pożizzjoni titqassam fiż-żoni 1, 2 u 3.
250	**RISKJU SPEĊIFIKU** Is-somma tal-ammonti rrapportati fir-ringieli 251, 325 u 330. Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn innegozjati soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi tal-kapital ta' riskju u r-rekwiżiti kapitali korrispondenti tagħhom skont il-punt (b) tal-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 335, il-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 336 u l-Artikoli 337 u 338 CRR. Kun af ukoll bl-aħħar sentenza fl-Artikolu 327(1) CRR.
251-321	**Rekwiżit ta' fondi proprji għall-istrumenti ta' dejn mhux ta' titolizzazzjoni** Is-somma tal-ammonti rrapportati fir-ringieli minn 260 sa 321. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-n-th għad-derivattivi ta' kreditu inadempjenti li mhumiex ikklassifikati b'mod estern jiġi kkalkolat billi jingħaddu l-ponderazzjonijiet tar-riskju tal-entitajiet ta' referenza (il-punt (e) tal-Artikolu 332(1) CRR u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 332(1) CRR – 'trasparenza'). Il-valur ta' n-th għad-derivattivi ta' kreditu inadempjenti li huma klassifikati b'mod estern (it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 332(1) CRR) jiġi rrapportat b'mod separat fil-linja 321. Ir-rapportar ta' pożizzjonijiet soġġetti għall-Artikolu 336(3) CRR: Hemm trattament speċjali għal bonds kwalifikanti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 10 % fil-portafoll bankarju skont l-Artikolu 129 (3) CRR (bonds koperti). Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji jkunu nofs il-perċentwal tat-tieni kategorija msemmija fit-Tabella 1 tal-Artikolu 336 CRR. Dawk il-pożizzjonijiet kellhom jiġu assenjati lir-ringieli 280-300 skont it-terminu residwu għall-maturità finali. Fejn ir-riskju ġenerali tal-pożizzjonijiet tar-rata tal-imgħax huwa ħħeġġjat minn derivattiv ta' kreditu, ikunu applikati l-Artikoli 346 u 347 CRR.

Ringieli	
325	**Rekwiżit ta' fondi proprji għal strumenti ta' titolizzazzjoni** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali rrapportati fil-kolonna 610 tal-formola MKR SA SEC. Dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali jiġu rrapportati biss fil-Livell totali tal-MKR SA TDI.
330	**Rekwiżit ta' fondi proprji għall-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali rrapportati fil-kolonna 450 tal-formola MKR SA CTP. Dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali jiġu rrapportati biss fil-Livell totali tal-MKR SA TDI.
350-390	**REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)** L-Artikolu 329(3) CRR. Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta jkunu rrapportati diżaggregati skont il-metodu użat għall-kalkolu tagħhom.

5.2. C 19.00 - RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAL RISKJU SPEĊIFIKU F'TITOLIZZAZZJONIJIET (MKR SA SEC)

5.2.1. Il-Kummenti Ġenerali

141. Din il-formola titlob informazzjoni dwar pożizzjonijiet (kollha/netti u twal/bin-nieqes) u r-rekwiżiti relatati ta' fondi proprji għall-komponent tar-riskju speċifiku tar-riskju ta' pożizzjoni f'titolizzazzjonijiet/rititolizzazzjonijiet miżmuma fil-portafoll tan-negozjar (mhux eliġibbli għal portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni) bl-Approċċ Standardizzat.

142. Il-formola MKR SA SEC tippreżenta r-rekwiżit ta' fondi proprji biss għar-riskju speċifiku ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 335 CRR b'rabta mal-Artikolu 337 CRR. Fejn il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tal-portafoll tan-negozjar ikunu ħħeġġjati minn derivattivi ta' kreditu, japplikaw l-Artikoli 346 u 347 CRR. Hemm biss formola waħda għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar, irrispettivament mill-istituzzjonijiet tal-approċċ japplikaw biex tiġi ddeterminat l-ponderazzjoni tar-riskju għal kull waħda mill-pożizzjonijiet skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-riskju ġenerali ta' dawk il-pożizzjonijiet jiġu rrapportati fil-formola MKR SA TDI jew MKR IM.

143. Alternattivament, il-pożizzjonijiet li jirċievu ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % jistgħu jitnaqqsu minn CET1 (ara l-punt (b) tal-Artikolu 244(1), il-punt (b) tal-Artikolu 245(1) u l-Artikolu 253 CRR). Fejn dan ikun il-każ, dawk il-pożizzjonijiet iridu jiġu rraportati fir-ringiela 460 tas-CA1.

5.2.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010-020	**IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) CRR flimkien mal-Artikolu 337 CRR (pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni). Rigward id-distinzjoni bejn Pożizzjonijiet twal u bin-nieqes, applikabbli wkoll għal dawk il-pożizzjonijiet grossi, ara l-Artikolu 328 (2) CRR.
030-040	(-) **POŻIZZJONIJIET IMNAQQSIN MINN FONDI PROPRJI (TWAL U BIN-NIEQES)** Il-punt (b) tal-Artikolu 244(1), il-punt (b) tal-Artikolu 245(1) u l-Artikolu 253 CRR
050-060	**POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikoli 327, 328, 329 u 334 CRR. Rigward id-distinzjoni bejn pożizzjonijiet twal u bin-nieqes ara l-Artikolu 328(2) CRR.

Kolonni	
061-104	**DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT IL-PONDERAZZJONI TAR-RISKJU** L-Artikoli 259 sa 262, it-Tabelli 1 u 2 tal-Artikolu 263, it-Tabelli 3 u 4 tal-Artikolu 264 u l-Artikolu 266 CRR. Id-diżaggregazzjoni ssir b'mod separat għal pożizzjonijiet twal u bin-nieqes.
402-406	**DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT L-APPROĊĊI** L-Artikolu 254 CRR
402	**SEC-IRBA** L-Artikoli 259 u 260 CRR
403	**SEC-SA** L-Artikoli 261 u 262 CRR
404	**SEC-ERBA** L-Artikoli 263 u 264 CRR
405	**APPROĊĊ TA' VALUTAZZJONI INTERNA** L-Artikoli 254 u 265 CRR u l-Artikolu 266(5) CRR.
406	**OĦRAJN (RW = 1 250 %)** L-Artikolu 254(7) CRR
530-540	**EFFETT ĠENERALI (AĠĠUSTAMENT) MINĦABBA KSUR TAL-KAPITOLU 2 TAR-REGOLAMENT (UE) 2017/2402** L-Artikolu 270a CRR
570	**QABEL IL-LIMITU** L-Artikolu 337 CRR bla ma tittieħed f'kunsiderazzjoni d-diskrezzjoni tal-Artikolu 335 CRR li tippermetti lil istituzzjoni timponi limitu massimu fuq il-multiplikazzjoni tal-ponderazzjoni u l-pożizzjoni netta fil-livell tat-telf massimu possibbli relatat mar-riskju ta' inadempjenza.
601	**WARA L-LIMITU/REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI TOTALI** L-Artikolu 337 CRR filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni d-diskrezzjoni tal-Artikolu 335 CRR.

Ringieli	
010	**SKOPERTURI TOTALI** L-ammont totali ta' titolizzazzjonijiet u rititolizzazzjonijiet pendenti (miżmumin fil-portafoll tan-negozjar) rrapportat mill-istituzzjoni li għandha r-rwol(i) ta' oriġinatur jew investitur jew sponsor.
040,070 u 100	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI** Il-punt 62 tal-Artikolu 4(1) CRR.
020,050, 080 u110	**POŻIZZJONIJIET TA' RITITOLIZZAZZJONI** Il-punt 64 tal-Artikolu 4(1) CRR
041, 071 u 101	**LI MINNHOM: LI JIKKWALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT KAPITALI DIFFERENZJAT** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 243 CRR jew l-Artikolu 270 CRR u għalhekk jikkwalifikaw għal trattament kapitali differenzjat.

Ringieli	
030-050	**L-ORIĠINATUR** Il-punt (13) tal-Artikolu 4(1) CRR
060-080	**L-INVESTITUR** Istituzzjoni tal-kreditu b'pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li fiha la hi oriġinatur, la sponsor u lanqas sellief oriġinali.
090-110	**L-ISPONSOR** Il-punt (14) tal-Artikolu 4(1) CRR. Sponsor li jittitolizza wkoll l-assi tiegħu stess ukoll jimla r-ringieli tal-oriġinatur bl-informazzjoni dwar l-assi titolizzati tiegħu stess.

5.3. C 20.00 - RISKJU TAS-SUQ: L-APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAL RISKJU SPEĊIFIKU GĦAL POŻIZZJONIJIET ASSENJATI GĦALL-PORTAFOLL TA' NEGOZJAR TA' KORRELAZZJONI (MKR SA CTP)

5.3.1. Il-Kummenti Ġenerali

144. Din il-formola teħtieġ informazzjoni dwar pożizzjonijiet tal-Portafoll ta' Negozjar ta' Korrelazzjoni (CTP) (inklużi titolizzazzjonijiet, derivattivi ta' kreditu 'numru n' li jsiru inadempjenti u pożizzjonijiet CTP oħrajn inklużi skont l-Artikolu 338(3) CRR) u r-rekwiżiti ta' fondi proprji korrispondenti skont l-Approċċ Standardizzat.

145. Il-formola MKR SA CTP tippreżenta r-rekwiżit ta' fondi proprji biss għar-riskju speċifiku ta' pożizzjonijiet assenjati fis-CTP skont l-Artikolu 335 CRR b'rabta mal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 338 CRR. Jekk il-pożizzjonijiet tas-CTP tal-portafoll tan-negozjar huma ħħeġġjati minn derivattivi ta' kreditu, japplikaw l-Artikoli 346 u 347 CRR. Hemm biss formola waħda għall-pożizzjonijiet CTP kollha tal-portafoll tan-negozjar, irrispettivament mill-istituzzjonijiet tal-approċċ japplikaw biex tiġi ddeterminata l-ponderazzjoni tar-riskju għal kull waħda mill-pożizzjonijiet skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Ir-rapportar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali ta' dawn il-pożizzjonijiet isir fil-formola MKR SA TDI jew MKR IM.

146. Il-formola tissepara l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, d-derivattivi ta' kreditu numru n li jsiru inadempjenti u pożizzjonijiet CTP oħra. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni dejjem ikunu rrapportati fir-ringieli 030, 060 jew 090 (skont ir-rwol tal-istituzzjoni fit-titolizzazzjoni). Id-derivattivi ta' kreditu numru n li jsiru inadempjenti dejjem ikunu rrapportati fir-ringiela 110. Il-'pożizzjonijiet l-oħrajn tas-CTP' huma pożizzjonijiet li la huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u lanqas n-th għad-derivattivi ta' kreditu inadempjenti (ara l-Artikolu 338(3) CRR), iżda huma espliċitament 'marbuta' ma' waħda minn dawk iż-żewġ pożizzjonijiet (minħabba l-intenzjoni ta' ħħeġġjar).

147. Alternattivament, il-pożizzjonijiet li jirċievu ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % jistgħu jitnaqqsu minn CET1 (ara l-punt (b) tal-Artikolu 244(1), il-punt (b) tal-Artikolu 245(1) u l-Artikolu 253 CRR). Fejn dan ikun il-każ, dawk il-pożizzjonijiet iridu jiġu rraportati fir-ringiela 460 tas-CA1.

5.3.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010-020	**IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) CRR flimkien mal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 338 CRR (pożizzjonijiet assenjati għall-Portafoll tan-Negozjar ta' Korrelazzjoni) Rigward id-distinzjoni bejn pożizzjonijiet twal u bin-nieqes, applikabbli wkoll għal dawk il-pożizzjonijiet grossi, ara l-Artikolu 328 (2) CRR.

Kolonni	
030-040	(-) **POŻIZZJONIJIET IMNAQQSIN MINN FONDI PROPRJI (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikolu 253 CRR
050-060	**POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikoli 327, 328, 329 u 334 CRR Rigward id-distinzjoni bejn pożizzjonijiet twal u bin-nieqes ara l-Artikolu 328(2) CRR.
071-097	**DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT IL-PONDERAZZJONI TAR-RISKJU** L-Artikoli 259 sa 262, it-Tabelli 1 u 2 tal-Artikolu 263, it-Tabelli 3 u 4 tal-Artikolu 264 u l-Artikolu 266 CRR
402-406	**DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT L-APPROĊĊI** L-Artikolu 254 CRR
402	**SEC-IRBA** L-Artikoli 259 u 260 CRR
403	**SEC-SA** L-Artikoli 261 u 262 CRR
404	**SEC-ERBA** L-Artikoli 263 u 264 CRR
405	**APPROĊĊ TA' VALUTAZZJONI INTERNA** L-Artikoli 254 u 265 u l-Artikolu 266(5) CRR.
406	**OĦRAJN (RW = 1 250 %)** L-Artikolu 254(7) CRR
410-420	**QABEL IL-LIMITU MASSIMU – IL-POŻIZZJONIJIET PONDERATI NETTI TWAL/BIN-NIEQES** L-Artikolu 338 CRR, mingħajr kunsiderazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Artikolu 335 CRR
430-440	**WARA L-LIMITU MASSIMU – IL-POŻIZZJONIJIET PONDERATI NETTI TWAL/BIN-NIEQES** L-Artikolu 338 CRR filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni d-diskrezzjoni tal-Artikolu 335 CRR
450	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI TOTALI** Ir-rekwiżit ta' fondi proprji huwa ddeterminat bħala l-ikbar wieħed fost (i) l-allokazzjoni tar-riskju speċifiku li tkun tapplika biss għall-pożizzjonijiet nett twal (il-kolonna 430) jew (ii) l-allokazzjoni tar-riskju speċifiku li tkun tapplika biss għal pożizzjonijiet nett bin-nieqes (il-kolonna 440).

Ringieli	
010	**SKOPERTURI TOTALI** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet pendenti (miżmumin fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni) rrapportat mill-istituzzjoni li għandha r-rwol(i) ta' oriġinatur, investitur jew sponsor.
020-040	**L-ORIĠINATUR** Il-punt (13) tal-Artikolu 4(1) CRR

Ringieli	
050-070	**L-INVESTITUR** Istituzzjoni tal-kreditu b'pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li fiha la hi oriġinatur, la sponsor u lanqas sellief oriġinali
080-100	**L-ISPONSOR** Il-punt (14) tal-Artikolu 4(1) CRR Sponsor li jittitolizza wkoll l-assi tiegħu stess ukoll jimla r-ringieli tal-oriġinatur bl-informazzjoni dwar l-assi titolizzati tiegħu stess.
030,060 u 090	**POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI** Il-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni jinvolvi titolizzazzjonijiet, n-th għad-derivattivi ta' kreditu inadempjenti u possibbilment pożizzjonijiet oħrajn ta' ħħeġġjar li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 338 CRR. Id-derivattivi ta' skoperturi tat-titolizzazzjoni li jipprovdu sehem prorata kif ukoll pożizzjonijiet li jiħħeġġjaw pożizzjonijiet CTP ikunu inklużi fir-ringiela 'Pożizzjonijiet CTP oħra'.
110	**DERIVATTIVI TAL-KREDITU N-EŻMU INADEMPJENTI** Id-derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti li huma ħħeġġjati b'derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti skont l-Artikolu 347 CRR għandhom ikunu rrapportati hawn it-tnejn li huma. L-oriġinatur, l-investitur u l-isponsor tal-pożizzjonijiet mhumiex idonei għad-derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti. Bħala konsegwenza, id-diżagregazzjoni għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ma jistax jiġi pprovdut għad-derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti.
040, 070, 100 u 120	**POŻIZZJONIJIET OĦRAJN TAS-CTP** Il-pożizzjonijiet li ġejjin huma inklużi: — Id-derivattivi ta' skoperturi tat-titolizzazzjoni li jipprovdu sehem prorata kif ukoll pożizzjonijiet li jiħħeġġjaw pożizzjonijiet CTP; — Pożizzjonijiet CTP iħħeġġjati b'derivattivi ta' kreditu skont l-Artikolu 346 CRR; — Pożizzjonijiet oħrajn li jissodisfaw l-Artikolu 338(3) CRR.

5.4. C 21,00 - IR-RISKJU TAS-SUQ: L-APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU TA' POŻIZZJONI F'EKWITAJIET (MKR SA EQU)

5.4.1. Il-Kummenti Ġenerali

148. Din il-formola teħtieġ informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji għar-riskju ta' pożizzjoni f'ekwitajiet miżmumin fil-portafoll tan-negozjar u trattati bl-Approċċ Standardizzat.

149. Il-formola trid timtela b'mod separat għat-'Total', flimkien ma' lista statika predefinita tas-swieq li ġejjin: Il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Eġittu, l-Ungerija, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja, ir-Renju Unit, l-Albanija, il-Ġappun, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Federazzjoni Russa, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Ukrajna, l-Istati Uniti tal-Amerika, iż-żona tal-euro flimkien ma' formola residwa waħda għas-swieq kollha l-oħrajn. Għall-fini ta' dan ir-rekwiżit ta' rapportar, it-terminu 'suq' jinqara bħala 'pajjiż' (ħlief għal pajjiżi li huma parti miz-zona tal-euro, ara r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 525/2014 ([14]).

([14]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 525/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għad-definizzjoni tas-suq (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 15).

5.4.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010-020	**IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) CRR. Dawn huma pożizzjonijiet gross u mhux innettjati skont l-istrumenti, iżda jeskludu pożizzjonijiet tas-sottoskrizzjonijiet jew subsottoskritti minn partijiet terzi kif imsemmija fit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 345(1) CRR.
030-040	**POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikoli 327, 329, 332, 341 u 345 CRR.
050	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL** Dawk il-pożizzjonijiet netti li, skont l-approċċi differenti kkunsidrati fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR, jirċievu allokazzjoni ta' kapital. L-allokazzjoni ta' kapital trid tiġi kkalkolata għal kull suq nazzjonali b'mod separat. Il-pożizzjonijiet opposti fil-futuri tal-indiċi tal-borża kif imsemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 344(4) CRR magħandhomx jiġu inklużi f'din il-kolonna.
060	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** Ir-rekwiżit ta' fondi proprji skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR għal kwalunkwe pożizzjoni relevanti
070	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR. Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5.

Ringieli	
010-130	**EKWITAJIET FIL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni kif imsemmi fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 92(3) CRR u t-Taqsima 3 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR.
020-040	**RISKJU ĠENERALI** Pożizzjonijiet f'ekwitajiet soġġetti għal riskju ġenerali (l-Artikolu 343 CRR) u r-rekwiżit ta' fondi proprji korrispondenti tagħhom skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR Iż-żewġ diżagregazzjonijiet (021/022 kif ukoll 030/040) huma diżagregazzjoni relatata mal-pożizzjonijiet kollha soġġetti għal riskju ġenerali. Ir-ringieli 021 u 022 jitolbu informazzjoni dwar id-diżaggregazzjoni skont l-istrumenti. Hija biss id-diżaggregazzjoni fir-ringieli 030 u 040 li tintuża bħala bażi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.
021	**Derivattivi** Derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju tal-ekwità ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar filwaqt li jkunu kkunsidrati l-Artikoli 329 u 332 CRR, fejn applikabbli

Ringieli	
022	**Assi u obbligazzjonijiet oħra** Strumenti oħrajn minbarra derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju tal-ekwità ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar.
030	**Futuri fuq l-indiċi tal-borża negozjati fil-borża diversifikati sew u soġġetti għal approċċ partikolari** Futuri fuq l-indiċi tal-borża nnegozjati fil-borża diversifikati sew u soġġetti għal approċċ partikolari skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 ([15]) Dawk il-pożizzjonijiet għandhom jiġu soġġetti biss għal riskju ġenerali u, b'hekk, ma jistgħux ikunu rrapportati fir-ringiela 050.
040	**Ekwitajiet oħrajn minbarra l-futuri fuq l-indiċi tal-borża negozjati fil-borża diversifikati sew** Pożizzjonijiet oħra f'ekwitajiet soġġetti għal riskju speċifiku kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 343 CRR, inklużi pożizzjonijiet fil-futuri fuq l-indiċi tal-borża ittrattati skont l-Artikolu 344(3) CRR
050	**RISKJU SPEĊIFIKU** Pożizzjonijiet f'ekwitajiet soġġetti għal riskju speċifiku u r-rekwiżit korrispondenti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 342 CRR, eskluži pożizzjonijiet fil-futuri fuq l-indiċi tal-borża ttrattati skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 344(4) CRR
090-130	**REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)** Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 329 CRR Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta għandhom ikunu rrapportati fil-metodu użat għall-kalkolu tagħhom.

5.5. C 22,00 - IR-RISKJU TAS-SUQ: L-APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦAR-RISKJU TAL-KAMBJU (MKR SA FX)

5.5.1. Il-Kummenti Ġenerali

150. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet f'kull munita (munita tar-rapportar inkluża) u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju trattati skont l-Approċċ Standardizzat. Il-pożizzjoni tiġi kkalkolata għal kull munita (inkluża l-EUR), deheb, u pożizzjonijiet għas-CIUs.

151. Ir-ringieli minn 100 sa 480 ta' din il-formola jkunu rrapportati anki fejn l-istituzzjonijiet mhumiex meħtieġa jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju skont l-Artikolu 351 CRR. F'dawk l-entrati ta' memorandum, huma inklużi l-pożizzjonijiet kollha fil-munita tar-rapportar, irrispettivament minn jekk humiex ikkunsidrati għall-finijiet tal-Artikolu 354 CRR. Ir-ringieli minn 130 sa 480 tal-entrati tal-memorandum tal-formola jimtlew b'mod separat għall-muniti kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni, il-muniti: USD, CHF, JPY, RUB, TRY, AUD, CAD, RSD, ALL, UAH, MKD, EGP, ARS, BRL, MXN, HKD, ICK, TWD, NZD, NOK, SGD, KRW, CNY u l-muniti kollha l-oħrajn.

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq relevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

5.5.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
020-030	**IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U BIN-NIEQES)** Il-pożizzjonijiet grossi dovuti għal assi, l-ammonti li għandhom jiġu riċevuti u entrati simili msemmijin fl-Artikolu 352 (1) CRR Skont l-Artikolu 352(2) CRR u soġġetti għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti, il-pożizzjonijiet meħuda sabiex jiġi ħħeġġjat kontra l-effett avvers tar-rata tal-kambju fuq il-proporzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 92(1) CRR u pożizzjonijiet relatati ma' entrati li jkunu diġà tnaqqsu fil-kalkolu tal-fondi proprji ma għandhomx jiġu rrapportati.
040-050	**POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U BIN-NIEQES)** L-Artikolu 352(3), l-ewwel żewġ sentenzi tal-Artikolu 352(4), u l-Artikolu 353 CRR Il-pożizzjonijiet netti jiġu kkalkolati minn kull munita skont l-Artikolu 352(1) CRR. Konsegwentement, kemm pożizzjonijiet twal kif ukoll bin-nieqes jistgħu jiġu rrapportati fl-istess ħin.
060-080	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI KAPITALI** It-tielet sentenza tal-Artikolu 352(4) u l-Artikoli 353 u 354 CRR
060-070	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL (TWAL U BIN-NIEQES)** Il-pożizzjonijiet nett twal u bin-nieqes għal kull munita jiġu kkalkolati billi jitnaqqas it-total tal-pożizzjonijiet bin-nieqes mit-total tal-pożizzjonijiet twal. Il-pożizzjonijiet nett twal għal kull operazzjoni f'munita jingħaddu flimkien biex tinkiseb il-pożizzjoni netta twila f'dik il-munita. Il-pożizzjonijiet nett bin-nieqes għal kull operazzjoni f'munita jingħaddu flimkien biex tinkiseb il-pożizzjoni netta bin-nieqes f'dik il-munita. Pożizzjonijiet mhux imqabblin f'muniti mhux tar-rapportar jiżdiedu ma' pożizzjonijiet soġġetti għal allokazzjonijiet ta' kapital għal muniti oħrajn (ringiela 030) fil-kolonna 060 jew 070 skont l-arranġament qasir jew twil tagħhom.
080	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL (IMQABBLIN)** Pożizzjonijiet imqabblin għal muniti korrelatati mill-qrib.
090	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** L-allokazzjoni ta' kapital għal kwalunkwe pożizzjoni relevanti skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
100	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR. Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5.

Ringieli	
010	**POŻIZZJONIJIET TOTALI** Il-pożizzjonijiet kollha f'muniti mhux tar-rapportar u dawk il-pożizzjonijiet fil-munita tar-rapportar li jiġu kkunsidrati għall-finijiet tal-Artikolu 354 CRR kif ukoll ir-rekwiżiti ta' fondi proprji korrispondenti tagħhom għar-riskju tal-kambju msemmi fil-punt (c)(i) tal-Artikolu 92(3), b'kunsiderazzjoni tal-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 352 CRR (għall-konverżjoni fil-munita tar-rapportar).

Ringieli	
020	**MUNITI KORRELATATI MILL-QRIB** Pożizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji tagħhom għal muniti korrelatati mill-qrib imsemmijin fl-Artikolu 354 CRR.
025	**Muniti korrelatati mill-viċin: *li minnhom*: munita tar-rapportar** Pożizzjonijiet fil-munita tar-rapportar li jikkontribwixxu għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali skont l-Artikolu 354 CRR.
030	**IL-MUNITI KOLLHA L-OĦRAJN (inklużi CIUs ittrattati bħala muniti differenti)** Il-pożizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji tagħhom għall-muniti soġġetti għall-proċedura ġenerali msemmija fl-Artikolu 351 u l-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 352 CRR. Ir-rapportar ta' CIUs ittrattati bħala muniti separati skont l-Artikolu 353 CRR: Hemm żewġ trattamenti differenti tas-CIUs ittrattati bħala muniti separati għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali: 1. Il-metodu tad-deheb modifikat, fejn id-direzzjoni tal-investiment tas-CIU mhijiex disponibbli (dawk is-CIU jiżdiedu ma' pożizzjoni netta kumplessiva tar-riskju tal-kambju ta' istituzzjoni); 2. Fejn id-direzzjoni tal-investiment tas-CIU hija disponibbli, dawk is-CIUs jiżdiedu mal-pożizzjoni miftuħa totali tal-kambju (twila jew bin-nieqes, skont id-direzzjoni tas-CIU). Ir-rapportar ta' dawk is-CIUs isegwi l-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali.
040	**DEHEB** Il-pożizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji tagħhom għall-muniti soġġetti għall-proċedura ġenerali msemmija fl-Artikolu 351 u l-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 352 CRR
050 – 090	**REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)** Il-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 352 CRR Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta jkunu rrapportati diżaggregati skont il-metodu użat għall-kalkolu tagħhom.
100-120	**Diżaggregazzjoni tal-pożizzjonijiet totali (il-munita ta' rapportar inkluża) skont it-tipi ta' skopertura** Il-pożizzjonijiet totali jiġu diżaggregati f'derivattivi, assi oħrajn u obbligazzjonijiet u entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali.
100	**Assi u obbligazzjonijiet oħrajn minbarra entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u derivattivi** Il-pożizzjonijiet mhux inklużi fir-ringiela 110 jew 120 ikunu inklużi hawn.
110	**Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** Entrati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 352 CRR, irrispettivament mill-munita ta' denominazzjoni, li huma inklużi fl-Anness I għas-CRR minbarra dawk inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti.

Ringieli	
120	**Derivattivi** Pożizzjonijiet evalwati skont l-Artikoli 352 CRR.
130-480	**L-ENTRATI TAL-MEMORANDUM: POŻIZZJONIJIET TAL-MUNITA** L-entrati tal-memorandum tal-formola jimtlew b'mod separat għall-muniti kollha tal-istati membri tal-Unjoni, USD, CHF, JPY, RUB, TRY, AUD, CAD, RSD, ALL, UAH, MKD, EGP, ARS, BRL, MXN, HKD, ICK, TWD, NZD, NOK, SGD, KRW, CNY u l-muniti kollha l-oħrajn.

5.6. C 23,00 - IR-RISKJU TAS-SUQ: L-APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦAL KOMODITAJIET (MKR SA COM)

5.6.1. Il-Kummenti Ġenerali

152. Din il-formola titlob informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet f'komoditajiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji ttrattati bl-Approċċ Standardizzat.

5.6.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010-020	**IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U BIN-NIEQES)** Pożizzjonijiet grossi twal/bin-nieqes meqjusin bħala pożizzjonijiet fl-istess komodità skont l-Artikolu 357(4) CRR (ara wkoll l-Artikolu 359(1) CRR)
030-040	**POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U BIN-NIEQES)** Kif definiti fl-Artikolu 357(3) CRR
050	**POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL** Dawk il-pożizzjonijiet netti li, skont l-approċċi differenti kkunsidrati fil-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR, jirċievu allokazzjoni ta' kapital
060	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** Ir-rekwiżit ta' fondi proprji kkalkolat skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR għal kwalunkwe pożizzjoni relevanti
070	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR. Riżultat tal-moltiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5

Ringieli	
010	**POŻIZZJONIJIET TOTALI F'KOMODITAJIET** Pożizzjonijiet f'komoditajiet u r-rekwiżiti ta' fondi proprji korrispondenti tagħhom għar-riskju tas-suq ikkalkolati skont il-punt (c)(iii) tal-Artikolu 92(3) CRR u l-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
020-060	**POŻIZZJONIJIET SKONT IL-KATEGORIJA TA' KOMODITÀ** Għal skopijiet ta' rapportar, il-komoditajiet jitqassmu fl-erba' gruppi ta' komoditajiet imsemmijin fit-Tabella 2 tal-Artikolu 361 CRR.

Ringieli	
070	**APPROĊĊ TAL-ISKALA TAL-MATURITÀ** Pożizzjonijiet f'komoditajiet soġġetti għall-approċċ tal-iskala tal-maturità msemmi fl-Artikolu 359 CRR
080	**APPROĊĊ ESTIŻ TAL-ISKALA TAL-MATURITÀ** Pożizzjonijiet f'komoditajiet soġġetti għall-approċċ estiż tal-iskala tal-maturità msemmi fl-Artikolu 361 CRR
090	**APPROĊĊ SIMPLIFIKAT** Pożizzjonijiet f'komoditajiet soġġetti għall-approċċ simplifikat imsemmi fl-Artikolu 360 CRR
100-140	**REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)** L-Artikolu 358(4) CRR Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta għandhom ikunu rrapportati fil-metodu użat għall-kalkolu tagħhom.

5.7. C 24.00 - IL-FORMOLA TAR-RISKJU TAS-SUQ INTERN (MKR IM)

5.7.1. Il-Kummenti Ġenerali

153. Din il-formola tipprovdi diżagregazzjoni taċ-ċifri tal-VaR u tal-VaR taħt stress (sVaR) skont ir-riskji differenti tas-suq (dejn, ekwità, FX, komoditajiet) u informazzjoni oħra relevanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

154. Ġeneralment, jiddependi fuq l-istruttura tal-formola tal-istituzzjonijiet jekk iċ-ċifri għal riskju ġenerali u speċifiku jistgħux jiġu ddeterminati u rrapportati b'mod separat jew bħala total biss. L-istess jgħodd għad-dekompożizzjoni tal-VaR/VaR Taħt Stress fil-kategoriji ta' riskju (riskju tar-rata tal-imgħax, riskju tal-ekwità, riskju tal-komoditajiet u riskju tal-kambju). Istituzzjoni tista' ma tirrapportax dawk id-dekompożizzjonijiet jekk turi li r-rapportar ta' dawk iċ-ċifri jkun ta' ponderazzjoni bla bżonn.

5.7.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
030-040	**Valur f'Riskju (VaR)** VaR ifisser it-telf potenzjali massimu li jirriżulta minn bidla fil-prezz bi probabilità partikolari fuq perjodu ta' żmien speċifiku.
030	**Il-fattur ta' multiplikazzjoni (mc) x Medja tal-VaR tal-aħħar 60 jum tax-xogħol (VaRavg)** Il-punt (a)(ii) tal-Artikolu 364(1) u l-Artikolu 365(1) CRR
040	**VaR tal-jum ta' qabel (VaRt-1)** Il-punt (a)(i) tal-Artikolu 364(1) u l-Artikolu 365(1) CRR
050-060	**VaR Taħt Stress** VaR Taħt Stress ifisser it-telf potenzjali massimu li jirriżulta minn bidla fil-prezz bi probabbiltà partikolari fuq perjodu ta' żmien speċifiku miksub billi jintuża input ikkalibrat għal *data* storika minn perjodu kontinwu ta' 12-il xahar ta' tensjoni finanzjarja relevanti għall-portafoll tal-istituzzjoni.
050	**Fattur ta' multiplikazzjoni (ms) x medja tas-60 jum ta' xogħol ta' qabel (SVaRavg)** Il-punt (b)(ii) tal-Artikolu 364(1) u l-Artikolu 365(1) CRR

Kolonni	
060	**L-aħħar disponibbli (SVaRt-1)** Il-punt (b)(i) tal-Artikolu 364(1) u l-Artikolu 365(1) CRR
070-080	**ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL INKREMENTALI TA' RISKJU TA' INADEMPJENZA U MIGRAZZJONI** Allokazzjoni kapitali tar-riskju ta' inadempjenza u migrazzjoni inkrementali tfisser it-telf potenzjali massimu li jirriżulta minn bidla fil-prezz marbuta mar-riskji ta' inadempjenza u migrazzjoni kkalkolati skont il-punt (b) tal-Artikolu 364(2) flimkien mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR.
070	**Kejl tal-medja ta' 12-il ġimgħa** Il-punt (b)(ii) tal-Artikolu 364(2) flimkien mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
080	**L-Aħħar Kejl** Il-punt (b)(i) tal-Artikolu 364(2) flimkien mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
090-110	**ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL TAR-RISKJI TAL-PREZZ KOLLHA GĦAS-CTP**
090	**MINIMU** Il-punt (c) tal-Artikolu 364(3) CRR = 8 % tal-allokazzjoni ta' kapital li tkun ikkalkolata b'konformità mal-Artikolu 338(1) CRR għall-pożizzjonijiet kollha fl-allokazzjoni ta' kapital 'riskji kollha tal-prezz'.
100-110	**KEJL TAL-MEDJA TA' 12-IL ĠIMGĦA U L-AĦĦAR KEJL** Il-punt (b) tal-Artikolu 364(3) CRR
110	**L-AĦĦAR KEJL** Il-punt (a) tal-Artikolu 364(3) CRR
120	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 364 CRR tal-fatturi kollha ta' riskju filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni effetti ta' korrelazzjoni, fejn applikabbli, flimkien ma' riskju ta' inadempjenza u migrazzjoni inkrimentali u l-prezzijiet kollha tar-riskji għas-CTP iżda eskluż l-allokazzjonijiet kapitali tat-Titolizzazzjoni għal Titolizzazzjoni u nth għal inadempjenza derivata tal-kreditu skont l-Artikolu 364(2) CRR
130	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR. Riżultat tal-moltiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5
140	**Għadd ta' qbiż tal-valur (matul il-250 jum ta' xogħol preċedenti)** Imsemmi fl-Artikolu 366 CRR Għandu jiġi rrapportat in-numru ta' qbiż tal-valur li fuqu jiġi ddeterminat l-addend.
150-160	**Fattur ta' Multiplikazzjoni tal-VaR (mc) u l-Fattur ta' Multiplikazzjoni tas-SVaR (ms)** Kif imsemmi fl-Artikolu 366 CRR
170-180	**L-ALLOKAZZJONI SUPPONUTA GĦALL-MINIMU TAS-CTP – IL-POŻIZZJONIJIET PONDERATI NETTI TWAL/BIN-NIEQES WARA L-LIMITU MASSIMU** L-ammont irrapportat u li jservi ta' bażi biex jiġi kkalkolat l-allokazzjoni ta' kapital minima għar-riskji tal-prezzijiet kollha skont il-punt (c) tal-Artikolu 364(3) CRR, b'kunsiderazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Artikolu 335 CRR li jistipula li l-istituzzjoni tista' tillimita l-multiplikazzjoni tal-ponderazzjonijiet u l-pożizzjoni netta għat-telf massimu possibbli relatat mar-riskju ta' inadempjenza.

Ringieli	
010	**POŻIZZJONIJIET TOTALI** Tikkorrispondi għall-parti tar-riskji ta' pożizzjoni, tal-kambju u tal-komoditajiet imsemmija fl-Artikolu 363(1) CRR marbuta mal-fatturi ta' riskju speċifikati fl-Artikolu 367(2) CRR. Dwar il-kolonni minn 030 sa 060 (VAR u VAR Taħt Stress), iċ-ċifri fir-ringiela tat-total mhumiex daqs id-dekompożizzjoni taċ-ċifri għall-VaR/VaR Taħt Stress tal-komponenti ta' riskju relevanti.
020	**STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJAT** Tikkorrispondi għall-parti tar-riskju ta' pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 363(1) CRR, marbuta mal-fatturi tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax speċifikati fil-punt (a) tal-Artikolu 367(2) CRR.
030	**TDI – RISKJU ĠENERALI** Komponent tar-riskju ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 362 CRR
040	**TDI – RISKJU SPEĊIFIKU** Komponent tar-riskju speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 362 CRR
050	**EKWITAJIET** Tikkorrispondi għall-parti tar-riskju ta' pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 363(1) CRR, marbuta mal-fatturi tar-riskju ta' ekwità kif speċifikati fil-punt (c) tal-Artikolu 367(2) CRR.
060	**EKWITAJIET – RISKJU ĠENERALI** Komponent tar-riskju ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 362 CRR
070	**EKWITAJIET – RISKJU SPEĊIFIKU** Komponent tar-riskju speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 362 CRR
080	**RISKJU TAL-KAMBJU** L-Artikolu 363(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 367(2) CRR
090	**RISKJU TAL-KOMODITAJIET** L-Artikolu 363(1) u l-punt (d) tal-Artikolu 367(2) CRR
100	**AMMONT TOTALI GĦAR-RISKJU ĠENERALI** Riskju tas-suq ikkaġunat minn ċaqliq fis-suq ġenerali ta' strumenti ta' dejn negozjat, ekwitajiet, kambju u komoditajiet. VaR għar-riskju ġenerali tal-fatturi kollha ta' riskju (filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti ta' korrelazzjoni, fejn applikabbli)
110	**AMMONT TOTALI GĦAL RISKJU SPEĊIFIKU** Komponent tar-riskju speċifiku ta' strumenti ta' dejn negozjat u ekwitajiet. VaR għar-riskju speċifiku ta' ekwitajiet u strumenti ta' dejn negozjat ta' portafoll tan-negozjar (filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti ta' korrelazzjoni, fejn applikabbli)

5.8. C 25.00 - IR-RISKJU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-VALWAZZJONI TAL-KREDITU (CVA)

5.8.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
010	**Valur tal-iskopertura** L-Artikolu 271 CRR flimkien mal-Artikolu 382 CRR. EAD totali mit-tranżazzjonijiet kollha soġġetti għall-allokazzjoni tas-CVA.
020	**Li minnu: Derivattivi OTC** L-Artikolu 271 CRR flimkien mal-Artikolu 382(1) CRR. Il-parti tal-iskopertura totali għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti dovuta biss għal derivattivi OTC. L-informazzjoni mhijiex meħtieġa mill-istituzzjonijiet IMM b'derivattivi OTC u SFTs fl-istess sett tan-nettjar.
030	**Li minnu: SFT** L-Artikolu 271 CRR flimkien mal-Artikolu 382(2) CRR Il-parti tal-iskopertura totali għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti dovuta biss għal derivattivi SFT. L-informazzjoni mhijiex meħtieġa mill-istituzzjonijiet IMM b'derivattivi OTC u SFTs fl-istess sett tan-nettjar.
040	**FATTUR TA' MULTIPLIKAZZJONI (mc) x MEDJA TAL-AĦĦAR 60 JUM TAX-XOGĦOL (VaRavg)** L-Artikolu 383 CRR flimkien mal-punt (d) tal-Artikolu 363(1) CRR. Kalkolu tal-VaR ibbażat fuq formoli interni għar-riskju tas-suq
050	**JUM TA' QABEL (VaRt-1)** Ara l-istruzzjonijiet għall-kolonna 040.
060	**FATTUR TA' MULTIPLIKAZZJONI (mS) x MEDJA TAL-AĦĦAR 60 JUM TAX-XOGĦOL (VaRavg)** Ara l-istruzzjonijiet għall-kolonna 040
070	**L-AĦĦAR DISPONIBBLI (SVaRt-1)** Ara l-istruzzjonijiet għall-kolonna 040
080	**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI** Il-punt (d) tal-Artikolu 92(3) CRR. Rekwiżiti ta' fondi proprji għal Riskju tas-CVA ikkalkolat permezz tal-metodu magħżul.
090	**AMMONT TAL-ISKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR. Rekwiżiti ta' fondi proprji mmultiplikati bi 12,5.
	Entrati fil-memorandum
100	**Għadd ta' kontropartijiet** L-Artikolu 382 CRR Għadd ta' kontropartijiet inklużi fil-kalkolu tal-fondi proprji għar-riskju tas-CVA. Il-kontropartijiet huma sottosett tal-obbliganti. Jeżistu biss fil-każ ta' tranżazzjonijiet derivattivi jew SFTs fejn huma l-parti kontraenti l-oħra.

Kolonni	
110	**Li minnu: intużat approssimazzjoni biex tiġi determinata l-firxa ta' kreditu** Għadd ta' kontropartijiet meta l-firxa ta' kreditu ġiet determinata billi ntużat approssimazzjoni minflok *data* tas-suq osservata b'mod dirett.
120	**CVA MĠARRBIN** Provvedimenti kontabilistiċi dovuti għal affidabbiltà tal-kreditu mnaqqsa tal-kontropartijiet tad-derivattivi.
130	**CDS TAĦT ISEM WIEĦED** Il-punt (a) tal-Artikolu 386(1) CRR L-ammonti nozzjonali totali ta' CDS taħt isem wieħed użati bħala ħeġġ għal riskju tas-CVA.
140	**CDS TAL-INDIĊI** Il-punt (b) tal-Artikolu 386(1) CRR L-ammonti nozzjonali totali tas-CDS tal-indiċi użati bħala ħeġġ għal riskju tas-CVA.

Ringieli	
010	**Total tar-riskju CVA** Somma tar-ringieli 020-040
020	**Metodu avvanzat** Metodu avvanzat tar-riskju tas-CVA kif stabbilit mill-Artikolu 383 CRR
030	**Metodu standardizzat** Metodu standardizzat tar-riskju tas-CVA kif stabbilit mill-Artikolu 384 CRR
040	**Abbażi tal-OEM** L-ammonti soġġetti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 385 CRR

6. VALUTAZZJONI PRUDENTI (PRUVAL)

6.1. C 32.01 - VALWAZZJONI PRUDENTI: ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET B'VALUR ĠUST (PRUVAL 1)

6.1.1. Kummenti ġenerali

154a. Din il-formola għandha timtela mill-istituzzjonijiet kollha, irrispettivament minn jekk dawn ikunux adottaw l-approċċ issimplifikat u kemm jekk le għad-determinazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Valutazzjoni Addizzjonali ('AVAs'). Din il-formola hija ddedikata għall-valur assolut ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust li jintużaw biex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 ([16]) għall-użu tal-approċċ issimplifikat għad-determinazzjoni tal-AVAs humiex issodisfati.

154b. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ simplifikat, din il-formola għandha tipprovdi lill-AVA totali li għandu jitnaqqas mill-fondi proprji skont l-Artikoli 34 u 105 CRR kif stipulat fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, li għandu jiġi rrapportat f'konformità fir-ringiela 290 ta' C 01.00.

([16]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14) (ĠU L 21, 28.1.2016, p. 54).

6.1.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
0010	**VALURI ĠUSTI TAL-ASSI U L-OBBLIGI** Il-valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet b'valur ġust, kif iddikjarat fir-rapporti finanzjarji skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, qabel kwalunkwe esklużjoni skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0020	**LI MINNHOM: portafoll tan-negozjar** Valur assolut ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust, kif irrappurtat f' 010, li jikkorrispondi għal pożizzjonijiet miżmuma fil-portafoll tan-negozjar.
0030-0070	**VALURI ĠUSTI TAL-ASSI U L-OBBLIGI ESKLUŻI MINĦABBA L-IMPATT PARZJALI FUQ CET1** Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust esklużi skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0030	**Tqabbil eżatt** Assi u obbligazzjonijiet tat-tpaċija pariġġ ivvalutati bil-valur ġust esklużi skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0040	**Kontabilità għall-iħħeġġjar** Għal pożizzjonijiet soġġetti għal kontabilità għall-iħħeġġjar skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, il-valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust, esklużi b'mod proporzjonali għall-impatt tal-bidla tal-valutazzjoni relevanti fuq il-kapital CET1 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0050	**Filtri Prudenzjali** Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust esklużi skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 minħabba l-applikazzjoni tražizzjonali tal-filtri prudenzjali msemmija fl-Artikoli 467 u 468 tas-CRR.
0060	**Oħrajn** Kwalunkwe pożizzjoni oħra eskluża skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 minħabba aġġustamenti fil-valur kontabilistiku tagħhom biss, li għandha effett proporzjonali fuq il-kapital CET1. Din ir-ringiela timtela biss f'każijiet rari fejn l-elementi esklużi skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 ma jistgħux jiġu assenjati fil-kolonni 0030, 0040 jew 0050 ta' din il-formola.
0070	**Kumment għal oħrajn** Ir-raġunijiet ewlenin għaliex il-pożizzjonijiet irrapportati fil-kolonna 0060 ġew esklużi għandhom jiġu pprovduti.
0080	**Assi u obbligazzjonijiet IVVALUTATI BIL-VALUR ĠUST inklużi fil-limitu tal-ARTIKOLU 4(1)** Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust fil-fatt inklużi fil-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0090	**LI MINNHOM: portafoll tan-negozjar** Valur assolut ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust, kif irrappurtat fil-kolonna 0080, li jikkorrispondi għal pożizzjonijiet miżmuma fil-portafoll tan-negozjar.

Ringieli	
0010 – 0210	Id-definizzjonijiet ta' dawn il-kategoriji għandhom jaqblu ma' dawk tar-ringieli korrispondenti tal-formoli FINREP 1.1 u 1.2.
0010	1 **TOTALI TAL-VALURI ĠUSTI TAL-ASSI U L-OBBLIGI** It-total ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust irrapportat fir-ringieli 20 sa 210.
0020	1.1 **TOTALI TAL-VALURI ĠUSTI TAL-ASSI** It-total ta' assi b'valur ġust irrapportat fir-ringieli 0030 sa 0140. Iċ-ċelloli relevanti tar-ringieli minn 0030 sa 0130 għandhom jiġu rrapportati skont il-formola FINREP F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, skont l-istandards applikabbli tal-istituzzjoni: — L-IFRS kif approvat mill-Unjoni b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ('IFRS tal-UE') ([17]); — Standards nazzjonali tal-kontabbiltà kompatibbli mal-IFRS tal-UE ('IFRS Nazzjonali kompatibbli'); jew — GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD (FINREP 'GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD').
0030	1.1.1 **ASSI FINANZJARJI MIŻMUMA GĦAN-NEGOZJU** IFRS 9. Appendiċi A. L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 050 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0040	1.1.2 **ASSI FINANZJARJI TAN-NEGOZJAR** L-Artikoli 32 u 33 BAD; Il-parti 1.17 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 091 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0050	1.1.3 **ASSI FINANZJARJI MHUX TAN-NEGOZJAR B'MOD OBBLIGATORJU FIL-VALUR ĠUST PERMEZZ TAL-PROFITT JEW TELF** IFRS 7.8(a)(ii); IFRS 9.4.1.4. L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 096 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0060	1.1.4 **ASSI FINANZJARJI SPEĊIFIKATI BIL-VALUR ĠUST PERMEZZ TAL-PROFITT JEW TELF** IFRS 7.8(a)(i); IFRS 9.4.1.5; il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(6) AD L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 100 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0070	1.1.5 **ASSI FINANZJARJI BIL-VALUR ĠUST PERMEZZ TA' INTROJTU IEĦOR KOMPRENSIV** IFRS 7.8(h); IFRS 9.4.1.2 A. L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 141 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

([17]) Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

Ringieli	
0080	1.1.6 **ASSI FINANZJARJI MHUX TAN-NEGOZJAR U MHUX DERIVATTIVI MKEJLIN BIL-VALUR ĠUST PERMEZZ TAL-PROFITT JEW TELF** L-Artikolu 36(2) BAD L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 171 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0090	1.1.7 **ASSI FINANZJARJI MHUX TAN-NEGOZJAR U MHUX DERIVATTIVI MKEJLIN BIL-VALUR ĠUST MAL-EKWITÀ** Il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(8) AD L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 175 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0100	1.1.8 **ASSI FINANZJARJI MHUX TAN-NEGOZJAR U MHUX DERIVATTIVI OĦRAJN** L-Artikolu 37 BAD; l-Artikolu 12(7) AD; Il-parti 1.20 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 234 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0110	1.1.9 **DERIVATTIVI - KONTABILITÀ GĦALL-IĦĦEĠĠJAR** IFRS 9.6.2.1; Il-parti 1.22 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni; il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-paragrafi 6 u 8 u l-Artikolu 8 AD; IAS 39.9 L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 240 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0120	1.1.10 **TIBDILIET FIL-VALUR ĠUST TAL-ENTRATI ĦĦEĠĠJATI FIL-ĦEĠĠ TAL-PORTAFOLL TAR-RISKJU TAR-RATA TAL-IMGĦAX** IAS 39.89 A(a); IFRS 9.6.5.8; Il-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 8 ADL-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 250 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0130	1.1.11 **INVESTIMENTI F'SUSSIDJARJI, IMPRIŻI KONĠUNTI U KUMPANIJI ASSOĊJATI** IAS 1.54(e); Il-partijiet 1.21 u 2.4 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni; il-punti (7) u (8) tal-Artikolu 4 BAD; l-Artikolu 2(2) AD L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 260 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0140	1.1.12 (-) **TNAQQIS GĦAN-NEGOZJAR TAL-ASSI BIL-VALUR ĠUST** Il-parti 1.29 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 375 tal-formola F 01.01 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0150	1.2 **TOTALI TAL-VALURI ĠUSTI TAL-OBBLIGAZZJONIJIET** It-total ta' obbligazzjonijiet b'valur ġust irrapportat fir-ringieli 0160 sa 0210. Iċ-ċelloli relevanti tar-ringieli minn 0150 sa 0190 għandhom jiġu rrapportati skont il-formola FINREP F 01.02 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni skont l-istandards applikabbli tal-istituzzjoni: — L-IFRS kif approvat mill-Unjoni b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 ('IFRS tal-UE') — Standards nazzjonali tal-kontabbiltà kompatibbli mal-IFRS tal-UE ('IFRS Nazzjonali kompatibbli') — jew il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD (FINREP 'GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD').

Ringieli	
0160	1.2.1 **OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI MIŻMUMA GĦAN-NEGOZJU** IFRS 7.8 (e) (ii); IFRS 9.BA.6. L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 010 tal-formola F 01.02 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0170	1.2.2 **OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI TAN-NEGOZJAR** Il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-paragrafi 3 u 6 u l-Artikolu 8 AD L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 061 tal-formola F 01.02 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0180	1.2.3 **OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI SPEĊIFIKATI BIL-VALUR ĠUST PERMEZZ TAL-PROFITT JEW TELF** IFRS 7.8 (e)(i); IFRS 9.4.2.2; il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(6) AD; IAS 39.9. L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 070 tal-formola F 01.02 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0190	1.2.4 **DERIVATTIVI - KONTABILITÀ GĦALL-IĦĦEĠĠJAR** IFRS 9.6.2.1; Il-parti 1.26 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni; il-punt (A) tal-Artikolu 8(1), l-Artikolu 8(6) u l-punt (a) tal-Artikolu 8(8) AD L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 150 tal-formola F 01.02 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0200	1.2.5 **TIBDILIET FIL-VALUR ĠUST TAL-ENTRATI ĦĦEĠĠJATI FIL-ĦEĠĠ TAL-PORTAFOLL TAR-RISKJU TAR-RATA TAL-IMGĦAX** IAS 39.89 A(b), IFRS 9.6.5.8; Il-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 8 AD; Il-parti 2.8 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 160 tal-formola F 01.02 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
0210	1.2.6 **TNAQQIS GĦAN-NEGOZJAR TAL-OBBLIGAZZJONIJIET BIL-VALUR ĠUST** Il-parti 1.29 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni L-informazzjoni rrapportata f'din ir-ringiela għandha tikkorrispondi għar-ringiela 295 tal-formola F 01.02 tal-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

6.2. C 32.02 - VALWAZZJONI PRUDENTI: APPROĊĊ EWLIENI (PRUVAL 2)

6.2.1. Kummenti ġenerali

154c. L-għan ta' din il-formola huwa li tipprovdi informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-AVA totali li għandhom jitnaqqsu mill-fondi proprji skont l-Artikoli 34 u 105 CRR flimkien ma' informazzjoni relevanti dwar il-valutazzjoni tal-kontabilità tal-pożizzjonijiet li jagħtu lok għad-determinazzjoni tal-AVAs.

154d. Din il-formola għandha timtela mill-istituzzjonijiet kollha li:

(a) jintalbu jużaw l-approċċ ewlieni minħabba li jaqbżu l-livell limitu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, fuq bażi individwali jew fuq bażi konsolidata kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament; jew

(b) għażlu li japplikaw l-approċċ ewlieni minkejja li ma jaqbżux il-limitu.

154e. Għall-finijiet ta' din il-formola, 'inċertezza pożittiva' tfisser kif ġej: Kif iddeterminat mill-Artikolu 8(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, l-AVA jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn il-valur ġust u valutazzjoni prudenti li hija ddeterminata abbażi ta' fiduċja ta' 90 % li l-istituzzjonijiet jistgħu joħorġu mill-iskopertura f'dak il-punt jew aħjar fil-medda nozzjonali ta' valuri plawżibbli. Il-valur pożittiv jew l-'inċertezza pożittiva' huma l-punt ta' kontra d-distribuzzjoni ta' valuri plawżibbli li fihom l-istituzzjonijiet huma biss 10 % kunfidenti li jistgħu joħorġu mill-pożizzjoni f'dak il-punt jew aħjar. L-inċertezza pożittiva għandha tiġi kkalkolata u aggregata fuq l-istess bażi bħall-AVA totali iżda tiġi sostitwita b'livell ta' 10 % ta' ċertezza għad-90 % użat għad-determinazzjoni tal-AVA totali.

6.2.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
0010 – 0100	**LIVELL TAL-KATEGORIJA AVA** Il-livell tal-kategorija tal-AVA għall-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, l-ispejjeż tal-għeluq, ir-riskju tal-mudell, il-pożizzjonijiet konċentrati, l-ispejjeż amministrattivi futuri, it-terminazzjoni bikrija u r-riskju operazzjonali jiġu kkalkolati kif deskritt fl-Artikoli 9, 10, 11 u 14 sa 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 rispettivament. Għall-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, il-kategoriji tal-kostijiet tal-għeluq u l-formola tar-riskju, li huma soġġetti għal benefiċċju tad-diversifikazzjoni kif stipulat fl-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, rispettivament, il-livell tal-kategorija tal-AVA, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, irrapportat bħala s-somma diretta tal-AVA qabel il-benefiċċju tad-diversifikazzjoni [peress li l-benefiċċji tad-diversifikazzjoni kkalkolati bl-użu tal-metodu 1 jew il-metodu 2 tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 jiġu rrapportati fl-entrati 1.1.2, 1.1.2.1 u 1.1.2.2 tal-formola]. Għall-inċertezza tas-suq, il-kategoriji tal-ispejjeż tal-għeluq u tar-riskju tal-mudell, l-ammonti kkalkolati skont l-approċċ ibbażat fuq l-esperti kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 9(5), il-punt (b) tal-Artikolu 10(6) u l-Artikolu 11(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 għandhom jiġu rrapportati b'mod separat fil-kolonni 0020, 0040 u 0060.
0010	**INĊERTEZZA TAL-PREZZ TAS-SUQ** L-Artikolu 105 (10) CRR. AVAs tal-inċertezza tal-prezz tas-suq ikkalkolati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0020	**LI MINNHOM: IKKALKOLAT BL-UŻU TAL-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ L-ESPERTI** AVAs tal-inċertezza tal-prezz tas-suq ikkalkolati skont il-punt (b) tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0030	**KOSTIJIET TAL-GĦELUQ** L-Artikolu 105 (10) CRR. AVAs tal-kostijiet tal-għeluq ikkalkolati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0040	**LI MINNHOM: IKKALKOLAT BL-UŻU TAL-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ L-ESPERTI** AVAs tal-kostijiet tal-għeluq ikkalkolati skont il-punt (b) tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0050	**RISKJU TAL-MUDELL** L-Artikolu 105(10) CRR AVAs tar-riskju tal-mudell ikkalkolati skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0060	**LI MINNHOM: IKKALKOLAT BL-UŻU TAL-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ L-ESPERTI** AVAs tar-risikju tal-mudell ikkalkolati skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.

Kolonni	
0070	**POŻIZZJONIJIET KONĊENTRATI** L-Artikolu 105(11) CRR AVAs tal-pożizzjonijiet ikkonċentrati kkalkolati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0080	**KOSTIJIET AMMINISTRATTIVI FUTURI** L-Artikolu 105(10) CRR AVAs tal-kostijiet amministrattivi futuri kkalkolati skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0090	**TERMINAZZJONI BIKRIJA** L-Artikolu 105(10) CRR AVAs tat-terminazzjoni bikrija kkalkolati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0100	**RISKJU OPERAZZJONALI** L-Artikolu 105(10) CRR AVAs tar-riskju operazzjonali kkalkolati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0110	**TOTAL TAL-AVA** Ringiela 0010: it-total tal-AVA jitnaqqas minn fondi proprji skont l-Artikoli 34 u 105 CRR u jiġi rrapportat kif xieraq fir-ringiela 290 ta' C 01.00. It-total tal-AVA jkun is-somma tar-ringieli 0030 u 0180. Ringiela 0020: Sehem mit-total tal-AVA rrappurtat fir-ringiela 0010 li joħroġ minn pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar (valur assolut). Ringieli 0030 sa 0160: Is-somma tal-kolonni 0010, 0030, 0050 u 0070 sa 0100. Ringieli 0180 sa 0210: Total AVA li jirriżulta minn portafolli skont l-approċċ ta' riżerva.
0120	**INĊERTEZZA POŻITTIVA** L-Artikolu 8(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. L-inċertezza pożittiva għandha tiġi kkalkolata u aggregata fuq l-istess bażi bħall-AVA totali kkalkolata fil-kolonna 0110, iżda tiġi sostitwita b'livell ta' 10 % ta' ċertezza għad-90 % użati għad-determinazzjoni tal-AVA totali.
0130 -0140	**VALURI ĠUSTI TAL-ASSI U L-OBBLIGI** Valur assolut ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust li jikkorrispondu mal-ammonti tal-AVA rrapportati fir-ringieli 0010 sa 0130 u r-ringiela 0180. Għal xi ringieli, b'mod partikolari r-ringieli 0090 sa 0130, dawn l-ammonti jista' jkollhom jiġu approssimati jew allokati abbażi ta' ġudizzju espert. Ringiela 0010: Valur assolut totali tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust inklużi fil-komputazzjoni tal-limitu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Dak jinkludi l-valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li għalihom l-AVA huma vvalutati li għandhom valur żero skont l-Artikoli 9(2), 10(2) jew 10(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, li huma rrapportati wkoll b'mod separat fir-ringieli 0070 u 0080. Ir-ringiela 0010 hija s-somma tar-ringiela 0030 u r-ringieli 0180. Ringiela 0020: sehem mill-valur totali assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust irrapportati fir-ringiela 0010 li jirriżultaw minn pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar (valur assolut).

Kolonni	
	Ringiela 0030: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li jikkorrispondi mal-portafolli msemmija fl-Artikoli 9 sa 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Dak jinkludi l-valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li għalihom l-AVA huma vvalutati li għandhom valur żero skont l-Artikoli 9(2), 10(2) jew 10(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, li huma rrapportati wkoll b'mod separat fir-ringieli 0070 u 0080. Ir-ringiela 0030 għandha tkun is-somma tar-ringieli 0090 sa 0130. Ringiela 0050: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust inklużi fl-ambitu tal-komputazzjoni tal-firxiet tal-kreditu mhux iggwadanjati tal-AVA. Għall-fini tal-kalkolu ta' din l-AVA, assi u obbligazzjonijiet paċuti valutati b'valur ġust li jaqblu eżattamtent, eskludi mill-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, ma jistgħux jitqiesu li jaqblu eżattament, u paċuti. Ringiela 0060: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust inklużi fl-ambitu tal-komputazzjoni tal-investiment u l-ispejjeż ta' finanzjament tal-AVA. Għall-fini tal-kalkolu ta' din l-AVA, assi u obbligazzjonijiet paċuti valutati b'valur ġust li jaqblu eżattamtent, eskludi mill-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, ma jistgħux jitqiesu li jaqblu eżattament, u paċuti. Ringiela 0070: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li jikkorrispondi mal-iskopertura tal-valutazzjoni evalwati bħala ta' valur AVA ta' żero msemmija fl-Artikoli 9(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Ringiela 0080: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li jikkorrispondi mal-iskopertura tal-valutazzjoni evalwati bħala ta' valur AVA ta' żero msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Ringieli 0090 sa 0130: Valur assolut ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust allokat kif stabbilit hawn taħt (ara l-istruzzjonijiet tar-ringiela korrispondenti) skont il-kategoriji ta' riskju li ġejjin: ir-rati tal-imgħax, il-kambju, il-kreditu, l-ekwitajiet, il-komoditajiet. Dak jinkludi l-valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li għalihom l-AVA huma vvalutati li għandhom valur żero skont l-Artikoli 9(2), 10(2) jew 10(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, li huma rrapportati wkoll b'mod separat fir-ringieli 0070 u 0080. Ringiela 0180: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li jikkorrispondu għall-portafolli skont l-approċċ ta' riżerva
0130	**VALURI ĠUSTI TAL-ASSI** Valur assolut ta' assi valutati b'mod ġust li jikkorrispondu għar-ringieli differenti kif spjegat fl-istruzzjonijiet dwar il-kolonni 0130-0140 hawn fuq.
0140	**VALURI ĠUSTI TAL-OBBLIGAZZJONIJIET** Valur assolut ta' obbligazzjonijiet valutati b'mod ġust li jikkorrispondu għar-ringieli differenti kif spjegat fl-istruzzjonijiet dwar il-kolonni 0130-0140 hawn fuq.
0150	**DĦUL TAL-QTD** Id-dħul tal-aħħar tliet xhur sal-lum (dħul 'QTD') mill-aħħar data tar-rapportar attribwit għall-assi u l-obbligazzjonijiet stmati ġusti li jikkorrispondu għar-ringieli differenti kif spjegat fl-istruzzjonijiet dwar il-kolonni 0130–0140 hawn fuq, fejn relevanti allokati jew approssimati abbażi ta' ġudizzju espert.

Kolonni	
0160	**DIFFERENZA IPV** Is-somma tal-pożizzjonijiet u l-fatturi ta' riskju kollha ta' ammonti ta' differenza mhux aġġustati ('differenza IPV') kkalkolata fix-xahar tmiem l-eqreb tad-data tar-rapportar skont il-proċess ta' verifika tal-prezzijiet indipendenti mwettqa b'konformità mal-Artikolu 105(8) CRR, fir-rigward tal-aħjar *data* indipendenti disponibbli għall-pożizzjoni relevanti jew il-fattur ta' riskju. Ammonti ta' differenza mhux aġġustati jirreferu għal differenzi mhux aġġustati bejn il-valutazzjonijiet iġġenerati mis-sistema ta' negozjar u l-valutazzjonijiet ivvalutati matul il-proċess IPV ta' kull xahar. L-ebda differenza aġġustata għall-ammonti fil-kotba u r-rekords tal-istituzzjoni għad-data tat-tmiem tax-xahar relevanti m'għandha tiġi inkluża fil-kalkolu tad-differenza IPV.
0170 – 0250	**AĠĠUSTAMENTI BIL-VALUR ĠUST** Aġġustamenti, xi kultant imsejħa wkoll 'riżervi', potenzjalment applikati fil-valur ġust kontabilistiku tal-istituzzjoni li jsiru barra mill-mudell ta' valwazzjoni użat biex jiġġeneraw ammonti riportati (bl-esklużjoni ta' differiment ta' qligħ u telf ta' jum wieħed) u li jistgħu jiġu identifikati bħala li jindirizzaw l-istess sors ta' inċertezza tal-valwazzjoni bħall-AVA relevanti. Dawn jistgħu jirriflettu l-fatturi ta' riskju li ma jinqabdux fi ħdan it-teknika ta' valwazzjoni, li huma f'forma ta' premium tar-riskju jew kost tal-ħruġ u huma konformi mad-definizzjoni ta' valur ġust. Madankollu, għandhom jiġu kkunsidrati mill-parteċipanti tas-suq meta jistabbilixxu prezz. (IFRS 13.9 u IFRS13.88)
0170	**INĊERTEZZA TAL-PREZZ TAS-SUQ** Aġġustament applikat fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jirrifletti l-premium tar-riskju li jirriżulta mill-eżistenza ta' firxa ta' prezzijiet osservati għal strumenti ekwivalenti jew, fir-rigward ta' input ta' parametru tas-suq għal mudell ta' valwazzjoni, l-istrumenti li minnhom l-input ġie kkalibrat, u b'hekk jistgħu jiġu identifikati bħala li jindirizzaw l-istess sors ta' inċertezza tal-valwazzjoni bħall-inċertezza tal-prezz tas-suq AVA.
0180	**KOSTIJIET TAL-GĦELUQ** Aġġustament applikat fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jiġi aġġustat għall-fatt li l-valwazzjonijiet tal-livell tal-pożizzjoni ma jirriflettux prezz tal-ħruġ għall-pożizzjoni jew għall-portafoll, b'mod partikolari meta dawn il-valutazzjonijiet jiġu kkalibrati għal prezz ta' nofs is-suq, u għalhekk jistgħu jiġu identifikati bħala l-indirizzar tal-istess sors ta' inċertezza tal-valwazzjoni skont l-AVA tal-kostijiet tal-għeluq.
0190	**RISKJU TAL-MUDELL** Aġġustament applikat fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jirrifletti s-suq jew il-fatturi tal-prodott li mhumiex koperti mill-mudell użat biex jiġu kkalkolati l-valuri tal-pożizzjoni ta' kuljum u r-riskji ('mudell ta' valutazzjoni') jew biex jirrifletti livell xieraq ta' prudenza minħabba l-inċertezza li tirriżulta mill-eżistenza ta' firxa ta' mudelli validi alternattivi u kalibrazzjonijiet tal-mudell, u b'hekk jista' jiġi identifikat bħala wieħed li jindirizza l-istess sors ta' inċertezza tal-valwazzjoni bħala l-AVA tar-riskju tal-mudell.
0200	**POŻIZZJONIJIET KONĊENTRATI** Aġġustament applikat fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jirrifletti l-fatt li l-pożizzjoni aggregata miżmuma mill-istituzzjoni hija akbar mill-volum normali nnegozjat jew akbar mid-daqsijiet ta' pożizzjoni li fuqhom huma bbażati kwotazzjonijiet jew tranżazzjonijiet osservabbli li jintużaw biex jiġi kkalibrat il-prezz jew inputs użati mill-mudell ta' valwazzjoni, u għalhekk jistgħu jiġu identifikati bħala li jindirizzaw l-istess sors ta' inċertezza tal-valwazzjoni bħall-AVA tal-pożizzjonijiet konċentrati.

Kolonni	
0210	**FIRXIET TAL-KREDITU MHUX IGGWADANJATI** Aġġustament applikat fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex tkopri t-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti fuq pożizzjonijiet derivattivi (jiġifieri Aġġustament tal-Valwazzjoni tal-Kreditu totali 'CVA' fil-livell tal-istituzzjoni).
0220	**KOSTIJIET TA' INVESTIMENT U TA' FINANZJAMENT** Aġġustament applikat fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jikkumpensa fejn il-mudelli ta' valwazzjoni ma jirriflettux bis-sħiħ il-kost ta' finanzjament li l-parteċipanti fis-suq ikunu fattur fil-prezz tal-ħruġ għal pożizzjoni jew portafoll (jiġifieri total ta' Aġġustament tal-Valwazzjoni tal-Finanzjament fil-livell tal-istituzzjoni fejn l-istituzzjoni tikkalkola tali aġġustament, jew inkella, aġġustament ekwivalenti).
0230	**KOSTIJIET AMMINISTRATTIVI FUTURI** Aġġustament applikat fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jirrifletti l-kostijiet amministrattivi li huma mġarrba mill-portafoll jew il-pożizzjoni iżda li mhumiex riflessi fil-mudell ta' valwazzjoni jew il-prezzijiet użati għall-kalibrazzjoni tal-inputs għal dak il-mudell, u b'hekk jistgħu jiġu identifikati bħala l-indirizzar tal-istess sors ta' inċertezza tal-valwazzjoni bħala l-ispejjeż amministrattivi futuri tal-AVA.
0240	**TERMINAZZJONI BIKRIJA** Aġġustamenti applikati fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jirriflettu aspettattivi kuntrattwali jew mhux kuntrattwali ta' terminazzjoni bikrija li mhumiex riflessi fil-mudell ta' valwazzjoni, u għalhekk li jistgħu jiġu identifikati bħala li jindirizzaw l-istess sors ta' inċertezza ta' valutazzjoni bħall-AVA bikrija.
0250	**RISKJU OPERAZZJONALI** Aġġustamenti applikati fil-valur ġust tal-istituzzjoni biex jirriflettu l-premium tar-riskju li l-parteċipanti fis-suq jitolbu biex jikkumpensaw għar-riskji operazzjonali li jirriżultaw mill-hedging, l-amministrazzjoni u s-saldu ta' kuntratti fil-portafoll, u għalhekk jistgħu jiġu identifikati bħala li jindirizzaw l-istess sors ta' inċertezza tal-valwazzjoni bħall-AVA tar-riskju operazzjonali.
0260	**JUM 1 P & L** Aġġustamenti biex jirriflettu każijiet fejn il-mudell ta' valwazzjoni flimkien mal-aġġustamenti l-oħra kollha relevanti tal-valur ġust applikabbli għal pożizzjoni jew portafoll ma kinux jirriflettu l-prezz imħallas jew riċevut fl-ewwel jum ta' rikonoxximent, jiġifieri l-posponiment ta' qligħ u telf ta' jum wieħed (IFRS 9.B5.1.2.A).
0270	**DESKRIZZJONI TAL-ISPJEGAZZJONI** Deskrizzjoni tal-pożizzjonijiet ittrattati skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 u r-raġuni għaliex ma kienx possibbli li jiġu applikati l-Artikoli 9 sa 17 tiegħu.

Ringieli	
0010	1. **APPROĊĊ EWLIENI TOTALI** L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Għal kull kategorija relevanti tal-AVAs imsemmija fil-kolonni 0010 sa 0110, it-total tal-AVAs kkomputat bl-approċċ ewlieni kif stabbilit fil-Kapitolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 għall-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust inklużi fil-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Dak jinkludi l-benefiċċji ta' diversifikazzjoni rrapportati fir-ringiela 0140 skont l-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.

Ringieli	
0020	**LI MINNHOM: PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR** L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Għal kull kategorija relevanti tal-AVAs imsemmija fil-kolonni 0010 sa 0110, is-sehem mit-total tal-AVAs rrapportati fir-ringiela 0010 li jirriżultaw minn pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar (valur assolut).
0030	1.1 **PORTAFOLLI SKONT L-ARTIKOLI 9 SA 17 TAR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/101 - LIVELL TOTALI TAL-KATEGORIJA WARA D-DIVERSIFIKAZZJONI** Il-punt (a) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Għal kull kategorija relevanti tal-AVAs imsemmija fil-kolonni 0010 sa 0110, it-total tal-AVAs ikkomputat skont l-Artikoli 9 sa 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 dwar valwazzjoni prudenti għall-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust inklużi fil-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, ħlief assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust soġġetti għat-trattament deskritt fil-punt (b) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Dak jinkludi l-AVAs komputati skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 li huma rrapportati fir-ringieli 0050 u 0060 u huma inklużi f'AVAs dwar inċertezza tal-prezz tas-suq, AVAs dwar spejjeż tal-għeluq u AVAs dwar riskju tal-mudell kif stabbilit fl-Artikoli 12(2) u 13(2) ta' dak ir-Regolament. Dak jinkludi l-benefiċċji ta' diversifikazzjoni rrapportati fir-ringiela 0140 skont l-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Ir-ringiela 0030 tkun id-differenza bejn ir-ringieli 0040 u 0140.
0040 – 0130	1.1.1 **IL-LIVELL TAL-KATEGORIJA TOTALI QABEL ID-DIVERSIFIKAZZJONI** Għar-ringieli 0090 sa 0130, l-istituzzjonijiet għandhom jallokaw l-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust tagħhom inklużi fil-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 (portafoll tan-negozjar u portafoll mhux tan-negozjar) għall-kategoriji ta' riskju li ġejjin: ir-rati tal-imgħax, il-kambju, il-kreditu, l-ekwitajiet, il-komoditajiet. Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq l-istruttura tal-ġestjoni tar-riskju interna tagħhom u, wara mmappjar żviluppat abbażi ta' ġudizzju espert, jallokaw il-linji tan-negozju jew l-uffiċċji tan-negozjar tagħhom fil-kategorija tar-riskju l-iktar xierqa. L-AVAS, l-Aġġustamenti tal-Valur Ġust u informazzjoni oħra meħtieġa, li jikkorrispondu mal-linji tan-negozju jew uffiċċji tan-negozjar allokati, għandhom jiġu allokati għall-istess kategorija relevanti ta' riskju, sabiex jipprovdu fil-livell tar-ringiela għal kull kategorija ta' riskju ħarsa ġenerali konsistenti tal-aġġustamenti mwettqa kemm għal skopijiet prudenzjali kif ukoll għal skopijiet ta' kontabilità, kif ukoll indikazzjoni tad-daqs tal-pożizzjonijiet ikkonċernati (f'termini ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust). Fejn l-AVAs jew aġġustamenti oħra jinħadmu f'livell differenti ta' aggregazzjoni, b'mod partikolari f'livell ta' ditta, l-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw metodoloġija ta' allokazzjoni tal-AVAs għas-settijiet ta' pożizzjonijiet relevanti. Il-metodoloġija tal-allokazzjoni għandha twassal għar-ringiela 0040 li hija s-somma tar-ringieli minn 0050 sa 0130 għall-kolonni 0010 sa 0100. Irrispettivament mill-approċċ applikat, l-informazzjoni rrappurtata għandha, kemm jista' jkun, tkun konsistenti fil-livell tar-ringiela, peress li l-informazzjoni pprovduta se tiġi mqabbla f'dan il-livell (ammonti AVA, inċertezza pożittiva, ammonti ta' valur ġust u aġġustamenti tal-valur ġust potenzjali). Id-diżaggregazzjoni fir-ringieli 0090 sa 0130 teskludi l-AVAs komputati skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 li huma rrapportati fir-ringieli 0050 u 0060 u huma inklużi f'AVAs dwar inċertezza tal-prezz tas-suq, AVAs dwar spejjeż tal-għeluq u AVAs dwar riskju tal-mudell kif stabbilit fl-Artikoli 12(2) u 13(2) ta' dak ir-Regolament. Il-benefiċċji tad-diversifikazzjoni rrapportati fir-ringiela 0140 skont l-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 huma għalhekk eskluži mir-ringieli 0040 sa 0130.

Ringieli	
0050	**LI MINNHOM: FIRXIET TAL-KREDITU MHUX IGGWADANJATI AVA** L-Artikoli 105(10) CRR, l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. It-total tal-AVA kkalkolat għal firxiet tal-kreditu mhux iggwadanjati ('AVA fuq CVA') u l-allokazzjoni tiegħu bejn l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, l-ispiża tal-għeluq jew ir-riskju tal-mudell tal-AVAs taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Il-kolonna 0110: It-total tal-AVA jingħata biss bħala informazzjoni peress li l-allokazzjoni tiegħu bejn l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, l-ispiża tal-għeluq jew ir-riskju tal-mudell AVA twassal għall-inklużjoni tiegħu — wara li jitqiesu l-benefiċċji ta' diversifikazzjoni — taħt il-livell ta' kategorija rispettiv tal-AVA. Il-kolonni 0130 u 0140: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust inklużi fl-ambitu tal-komputazzjoni tal-firxiet tal-kreditu mhux iggwadanjati tal-AVAs. Għall-fini tal-kalkolu ta' din l-AVA, assi u obbligazzjonijiet paċuti valutati b'valur ġust li jaqblu eżattamtent, eskluži mill-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, ma jistgħux jitqiesu li jaqblu eżattament, u paċuti.
0060	**LI MINNHOM: AVA TAL-KOSTIJIET TA' INVESTIMENT U FINANZJAMENT** L-Artikoli 105(10) CRR, l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. It-total tal-AVA kkalkolat għal spejjeż għall-finanzjament u l-investiment u l-allokazzjoni tiegħu bejn l-AVAs tal-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, il-kost tal-għeluq jew ir-riskju tal-mudell skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Il-Kolonna 0110: It-total tal-AVA jingħata biss bħala informazzjoni peress li l-allokazzjoni tiegħu bejn l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, l-ispiża tal-għeluq jew ir-riskju tal-mudell AVA twassal għall-inklużjoni tiegħu — wara li jitqiesu l-benefiċċji ta' diversifikazzjoni — taħt il-livell ta' kategorija rispettiv tal-AVA. Il-kolonni 0130 u 0140: Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust inklużi fl-ambitu tal-komputazzjoni tal-investiment u l-ispejjeż ta' finanzjament tal-AVA. Għall-fini tal-kalkolu ta' din l-AVA, assi u obbligazzjonijiet paċuti valutati b'valur ġust li jaqblu eżattamtent, eskluži mill-komputazzjoni tal-limitu skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, ma jistgħux jitqiesu li jaqblu eżattament, u paċuti.
0070	**LI MINNHOM: AVA VVALUTATI LI JKOLLHOM IL-VALUR ŻERO SKONT L-ARTIKOLU 9(2) TAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2016/101** Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li jikkorrispondi mal-iskopertura tal-valutazzjoni evalwati bħala ta' valur AVA ta' żero skont l-Artikoli 9(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0080	**LI MINNHOM: AVA VVALUTATI LI JKOLLHOM IL-VALUR ŻERO SKONT IL-PARAGRAFI 2 U 3 TAL-ARTIKOLU 10 TAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2016/101** Valur assolut tal-assi u l-obbligazzjonijiet valutati bil-valur ġust li jikkorrispondi mal-iskoperturi tal-valutazzjoni evalwati bħala ta' valur tal-AVA ta' żero skont l-Artikoli 10(2) jew 10(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0090	1.1.1.1 **IR-RATI TAL-IMGĦAX**
0100	1.1.1.2 **MUNITA BARRANIJA**
0110	1.1.1.3 **KREDITU**
0120	1.1.1.4 **EKWITAJIET**
0130	1.1.1.5 **KOMODITAJIET**
0140	1.1.2 **(-) BENEFIĊĊJI TAD-DIVERSIFIKAZZJONI** Total tal-benefiċċju tad-diversifikazzjoni. Somma tar-ringieli 0150 u 0160.

Ringieli	
0150	1.1.2.1 **(-) BENEFIĊĊJU TAD-DIVERSIFIKAZZJONI KKALKOLAT BL-UŻU TAL-METODU 1** Għal dawk il-kategoriji tal-AVA aggregati taħt il-Metodu 1 skont l-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, id-differenza bejn is-somma tal-AVAs individwali u l-livell totali tal-kategorija AVA wara l-aġġustament għal aggregazzjoni.
0160	1.1.2.2 **(-) BENEFIĊĊJU TAD-DIVERSIFIKAZZJONI KKALKOLAT BL-UŻU TAL-METODU 2** Għal dawk il-kategoriji tal-AVA aggregati taħt il-Metodu 2 skont l-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, id-differenza bejn is-somma tal-AVAs individwali u l-livell totali tal-kategorija AVA wara l-aġġustament għal aggregazzjoni.
0170	1.1.2.2.* **ENTRATA TAL-MEMORANDUM: AVAS QABEL ID-DIVERSIFIKAZZJONI MNAQQSA B'IKTAR MINN 90 % B'DIVERSIFIKAZZJONI TAĦT IL-METODU 2** Fit-terminoloġija tal-Metodu 2, is-somma ta' FV – PV għall-iskoperturi kollha ta' valwazzjoni li għalihom APVA < 10 % (FV – PV).
0180	1.2 **IL-PORTAFOLLI KKALKOLATI SKONT L-APPROĊĊ TA' RIŻERVA** Il-punt (b) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Għal portafolli soġġetti għall-approċċ ta' riżerva skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, l-AVA totali jiġi kkomputat bħala somma tar-ringieli 0190, 0200 u 0210. Il-karta bilanċjali relevanti u informazzjoni kuntestwali oħra għandhom jiġu pprovduti fil-kolonni 0130 — 0260. Deskrizzjoni tal-pożizzjonijiet u r-raġuni għaliex ma kienx possibbli li jiġu applikati l-Artikoli 9 sa 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 għandhom jiġu pprovduti fil-kolonna 0270.
0190	1.2.1 **APPROĊĊ TA' RIŻERVA; 100 % PROFITT MHUX REALIZZAT** Il-punt (b)(i) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0200	1.2.2 **APPROĊĊ TA' RIŻERVA; 10 % VALUR NOZZJONALI** Il-punt (b)(ii) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0210	1.2.3 **APPROĊĊ TA' RIŻERVA; 25 % TAL-VALUR TAT-TNEDIJA** Il-punt (b)(iii) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.

6.3. C 32.03 - VALWAZZJONI PRUDENTI: MUDELL TAR-RISKJU AVA (PRUVAL 3)

6.3.1. Kummenti ġenerali

154f. Din il-formola għandha timtela biss minn istituzzjonijiet li jaqbżu l-limitu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 fil-livell tagħhom. L-istituzzjonijiet li huma parti minn grupp li jikser il-limitu fuq bażi konsolidata huma meħtieġa jirrapportaw din il-formola biss meta huma jaqbżu wkoll il-livell limitu fil-livell tagħhom.

154g. Din il-formola tintuża biex tirrapporta d-dettalji tar-riskju mudell individwali tal-ogħla 20 AVA f'termini tal-ammont tal-AVA li jikkontribwixxu għall-mudell tar-riskju tal-mudell tal-livell totali AVA kkalkolat skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Dik l-informazzjoni għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni rrapportata fil-kolonna 0050 tal-formola C 32.02.

154h. L-aħjar 20 mudell individwali tar-riskju tal-AVAs, u l-informazzjoni korrispondenti dwar il-prodott, jiġu rrappurtati f'ordni li tonqos u tibda mill-akbar riskju ta' mudell individwali tal-AVAs.

154i. Il-prodotti li jikkorrispondu għal dawk l-ogħla AVAs tal-mudell individwali jiġu rrapportati bl-użu tal-inventarju tal-prodott meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.

154j. Fejn il-prodotti huma omoġenji biżżejjed fir-rigward tal-mudell ta' valwazzjoni u r-riskju tal-mudell AVA, dawn jiġu amalgamati u jintwerew fuq linja waħda għall-fini ta' massimizzazzjoni tal-kopertura ta' din il-formola fir-rigward tal-livell totali tal-kategorija ta' Riskju AVA tal-istituzzjoni.

6.3.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
0005	**KLASSIFIKAZZJONI** Il-grad huwa identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela fil-formola. Għandu jsegwi l-ordni numerika 1, 2, 3, eċċ., u 1 jiġi assenjat għall-ogħla riskju individwali tal-mudell tal-AVA, 2 għat-tieni l-ogħla u l-bqija.
0010	**MUDELL** Isem (alfanumeriku) intern tal-mudell użat mill-istituzzjoni biex tidentifika l-mudell.
0020	**KATEGORIJA TA' RISKJU** Il-kategorija ta' riskju (rati tal-imgħax, FX, kreditu, ekwitajiet, komoditajiet) li jikkaratterizzaw l-iktar lill-prodott jew lill-grupp ta' prodotti li jagħtu lok għall-mudell tal-aġġustament tal-valwazzjoni tar-riskju. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-kodiċijiet segwenti: IR = rata tal-imgħax FX = kambju fi flus barranin CR = kreditu EQ = ekwitajiet CO = kommoditajiet
0030	**PRODOTT** Isem intern (alfa-numeriku) għall-prodott jew il-grupp ta' prodotti, f'konformità mal-inventarju tal-prodott meħtieġ mill-punt (a) tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, li huwa vvalutat skont il-mudell.
0040	**OSSERVABILITÀ** L-għadd ta' osservazzjonijiet tal-prezzijiet għall-prodott jew għall-grupp ta' prodotti fl-aħħar tnax-il xahar li jissodisfaw waħda mill-kriterji li ġejjin: — L-osservazzjoni tal-prezz hija l-prezz li bih l-istituzzjoni wettqet tranżazzjoni; — Huwa prezz verifikabbli għal tranżazzjoni attwali bejn partijiet terzi; — Il-prezz jinkiseb minn kwotazzjoni impenjata. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw wieħed mill-kodiċijiet segwenti: 'xejn', '1–6', '6–24', '24–100', '100 +'.
0050	**AVA TAL-MUDELL TAR-RISKJU** L-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. AVA tal-mudell tar-riskju individwali qabel il-benefiċċju ta' diversifikazzjoni, iżda wara n-nettjar tal-portafoll fejn relevanti.
0060	**LI MINNHOM: BL-UŻU TAL-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ L-ESPERTI** L-ammonti fil-kolonna 0050 li ġew ikkalkolati skont l-approċċ ibbażat fuq l-esperti msemmija fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.

Kolonni	
0070	**LI MINNHOM: AGGREGAT BL-UŻU TAL-METODU 2** L-ammonti fil-kolonna 0050 li ġew aggregato skont il-Metodu 2 tal-Anness għar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Dawn l-ammonti jikkorrispondu għal FV – PV fit-terminoloġija ta' dak l-Anness.
0080	**AVA AGGREGATA KALKOLATA SKONT IL-METODU 2** Il-kontribuzzjoni lejn il-livell totali tal-kategorija AVA għar-riskju tal-mudell, kif ikkalkolata skont l-Artikolu 11(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 tal-AVAs tal-mudell tar-riskju individwali li huma aggregati permezz tal-Metodu 2 tal-Anness għal dak ir-Regolament (UE). Dak l-ammont jikkorrispondi għal APVA fit-terminoloġija tal-Anness.
0090 -0100	**VALURI ĠUSTI TAL-ASSI U L-OBBLIGI** Valur assolut ta' assi u obbligazzjonijiet b'valur ġust ivvalutati bl-użu tal-mudell irrapportat fil-kolonna 0010 kif iddikjarat fir-rapporti finanzjarji taħt il-qafas applikabbli.
0090	**VALURI ĠUSTI TAL-ASSI** Valur assolut ta' assi b'valur ġust ivvalutati bl-użu tal-mudell irrapportat fil-kolonna 0010 kif iddikjarat fir-rapporti finanzjarji taħt il-qafas applikabbli.
0100	**VALURI ĠUSTI TAL-OBBLIGAZZJONIJIET** Valur assolut ta' obbligazzjonijiet b'valur ġust ivvalutati bl-użu tal-mudell irrapportat fil-kolonna 0010 kif iddikjarat fir-rapporti finanzjarji taħt il-qafas applikabbli.
0110	**DIFFERENZA IPV (ITTESTJAR TAL-OUTPUT)** Is-somma tal-ammonti ta' differenza mhux aġġustati ('differenza IPV') kkalkolata fix-xahar tmiem l-eqreb tad-data tar-rapportar skont il-proċess ta' verifika tal-prezzijiet indipendenti mwettqa b'konformità mal-Artikolu 105(8) CRR, fir-rigward tal-aħjar *data* indipendenti disponibbli għall-prodott korrispondenti jew grupp ta' prodotti. Ammonti ta' differenza mhux aġġustati jirreferu għal differenzi mhux aġġustati bejn il-valutazzjonijiet iġġenerati mis-sistema ta' negozjar u l-valutazzjonijiet ivvalutati matul il-proċess IPV ta' kull xahar. L-ebda differenza aġġustata għall-ammonti fil-kotba u r-rekords tal-istituzzjoni għad-data tat-tmiem tax-xahar relevanti m'għandha tiġi inkluża fil-kalkolu tad-differenza IPV. Ir-riżultati li jkunu ġew ikkalibrati minn prezzijiet ta' strumenti li jkunu mmappjati mal-istess prodott (ittestjar tal-output) biss għandhom jiġu inklużi hawnhekk. L-ittestjar tal-input jirriżulta minn inputs tad-*data* tas-suq li jiġu ttestjati f'livelli li ġew ikkalibrati minn prodotti differenti ma għandhomx jiġu inklużi.
0120	**KOPERTURA IPV (ITTESTJAR TAL-OUTPUT)** Il-perċentwal ta' dawk il-pożizzjonijiet immappjat mal-mudell ponderat skont il-mudell tar-riskju tal-AVA li huwa kopert mir-riżultati tal-ittestjar tal-output IPV mogħtija fil-kolonna 0110.
0130 – 0140	**AĠĠUSTAMENTI BIL-VALUR ĠUST** Aġġustamenti tal-Valur Ġust kif definiti fil-kolonni 0190 u 0240 tal-formola C 32.02 li ġew applikati lill-pożizzjonijiet immarkati fil-mudell fil-kolonna 0010.
0150	**JUM 1 P & L** Aġġustamenti kif definiti fil-kolonni 0260 tal-formola C 32.02 li ġew applikati lill-pożizzjonijiet immarkati fil-mudell fil-kolonna 0010.

6.4 C 32.04 - VALWAZZJONI PRUDENTI: POŻIZZJONIJIET KONĊENTRATI AVA (PRUVAL 4)

6.4.1. Kummenti ġenerali

154k. Din il-formola timtela biss minn istituzzjonijiet li jaqbżu l-limitu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. L-istituzzjonijiet li huma parti minn grupp li jikser il-limitu fuq bażi konsolidata huma meħtieġa jirrapportaw din il-formola biss meta huma jaqbżu wkoll il-livell limitu fil-livell tagħhom.

154l. Din il-formola tintuża biex tirrapporta d-dettalji tal-pożizzjonijiet konċentrati individwali tal-ogħla 20 AVA f'termini tal-ammont tal-AVA li jikkontribwixxu għall-pożizzjonijiet tar-riskju tal-livell totali AVA kkalkolat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101. Din l-informazzjoni għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni rrapportata fil-kolonna 0070 tal-formola C 32.02.

154m. L-aħjar 20 AVA tal-pożizzjonijiet konċentrati, u l-informazzjoni korrispondenti dwar il-prodott, jiġu rrappurtati f'ordni li tonqos u tibda mill-akbar AVAs tal-pożizzjonijiet konċentrati individwali.

154n. Il-prodotti li jikkorrispondu għal dawn l-ogħla AVAs tal-pożizzjonijiet ikkonċentrati jiġu rrapportati bl-użu tal-inventarju tal-prodott meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.

154o. Pożizzjonijiet li huma omoġenji f'termini ta' metodoloġija ta' kalkolu tal-AVA jiġu aggregati meta dan ikun possibbli sabiex tiġi massimizzata l-kopertura ta' din il-formola.

6.4.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonni	
0005	**KLASSIFIKAZZJONI** Il-grad huwa identifikatur tar-ringiela u għandu jkun uniku għal kull ringiela fil-formola. Għandu jsegwi l-ordni numerika 1, 2, 3, eċċ., u 1 jiġi assenjat għall-ogħla pożizzjonijiet konċentrati tal-AVA, 2 għat-tieni l-ogħla u l-bqija.
0010	**KATEGORIJA TA' RISKJU** Il-kategorija tar-riskju (rati tal-imgħax, FX, kreditu, ekwitajiet, komoditajiet) li jikkaratterizzaw l-iktar il-pożizzjoni b'mod xieraq. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-kodiċijiet segwenti: IR – Rata tal-Imgħax FX – Kambju fi flus barranin CR – Kreditu EQ – ekwitajiet CO – Komoditajiet
0020	**PRODOTT** Isem intern għall-prodott jew il-grupp ta' prodotti, f'konformità mal-inventarju tal-prodott meħtieġ mill-punt (a) tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0030	**SOTTOSTANTI** L-isem intern tas-sottostanti, jew is-sottostanti, fil-każ ta' derivattivi jew tal-istrumenti fil-każ ta' nonderivattivi.
0040	**ID-DAQS TAL-POŻIZZJONI KKONĊENTRATA** Id-daqs tal-pożizzjoni ta' valutazzjoni konċentrata individwali identifikata skont il-punt (a) tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, espress fl-unità deskritta fil-kolonna 0050.

Kolonni	
0050	**MIŻURA TA' DAQS** Unità ta' kejl tad-daqs użata internament bħala parti mill-identifikazzjoni tal-pożizzjoni ta' valutazzjoni konċentrata biex jiġi kkalkolat id-daqs tal-pożizzjoni kkonċentrata msemmi fil-kolonna 0040. Fil-każ ta' pożizzjonijiet f'bonds jew ekwità, irrapporta l-unità użata għall-ġestjoni tar-riskju intern, bħal 'numru ta' bonds', 'numru ta' ishma' jew 'valur tas-suq'. Fil-każ ta' pożizzjoni f'derivattivi, irrapporta l-unità li ntużat għall-ġestjoni tar-riskju intern, bħal 'PV01; EUR għal kull bażi 1 ta' xift tal-kurva tar-rendita parallela'.
0060	**VALUR TAS-SUQ** Il-valur tas-suq tal-pożizzjoni.
0070	**PERJODU TA' ĦRUĠ PRUDENTI** Il-perjodu ta' ħruġ prudenti f'numru ta' jiem stmati skont il-punt (b) tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101.
0080	**AVA TAL-POŻIZZJONIJIET IKKONĊENTRATI** L-AVA tal-pożizzjonijiet ikkonċentrati tal-pożizzjonijiet ikkalkolati skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 għall-pożizzjoni ta' valwazzjoni konċentrata individwali konċernata.
0090	**AĠĠUSTAMENT TAL-VALUR ĠUST GĦAL POŻIZZJONI KONĊENTRATA** L-ammont ta' kwalunkwe aġġustament ta' valur ġust meħud biex jirrifletti l-fatt li l-pożizzjoni aggregata miżmuma mill-istituzzjoni hija akbar mill-volum tan-negozjar normali jew akbar mid-daqsijiet ta' pożizzjoni u fuq liema huma bbażati kwotazzjonijiet jew negozji, li jintużaw biex jikkalibraw il-prezz jew l-inputs użati mill-mudell ta' valwazzjoni. L-ammont irrapportat għandu jikkorrispondi għall-ammont li ġie applikat għall-pożizzjoni ta' valutazzjoni konċentrata individwali konċernata.
0100	**DIFFERENZA IPV** Is-somma tal-ammonti ta' differenza mhux aġġustati ('differenza IPV') kkalkolata fix-xahar tmiem l-eqreb tad-data tar-rapportar skont il-proċess ta' verifika tal-prezzijiet indipendenti mwettqa b'konformità mal-Artikolu 105(8) CRR, fir-rigward tal-aħjar *data* indipendenti disponibbli għall-pożizzjoni ta' valwazzjoni kkonċentrata individwali kkonċernata. Ammonti ta' differenza mhux aġġustati għandhom jirreferu għal differenzi mhux aġġustati bejn il-valutazzjonijiet iġġenerati mis-sistema ta' negozjar u l-valutazzjonijiet ivvalutati matul il-proċess IPV ta' kull xahar. L-ebda differenza aġġustata għall-ammonti fil-kotba u r-rekords tal-istituzzjoni għad-data tat-tmiem tax-xahar relevanti m'għandha tiġi inkluża fil-kalkolu tad-differenza IPV.

7. C 33.00 - SKOPERTURA GĦAL GVERNIJIET ĠENERALI (GOV)

7.1. RIMARKI ĠENERALI

155. L-informazzjoni għall-fini tal-formola C 33.00 għandha tkopri l-iskoperturi kollha għal 'Gvernijiet ġenerali' kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 42 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

156. Skoperturi għal 'Gvernijiet ġenerali' huma inklużi fi klassijiet differenti ta' skoperturi skont l-Artikolu 112 u l-Artikolu 147 CRR, kif speċifikat mill-istruzzjonijiet għall-mili tal-formola C 07.00, C 08.01 u C 08.02.

157. It-Tabella 2 (Approċċ Standardizzat) u t-Tabella 3 (Approċċ IRB), inklużi fil-Parti 3 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandhom jiġu osservati li l-immappjar tal-klassijiet tal-iskoperturi użati sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti kapitali skont is-CRR għas-settur tal-kontroparti 'Gvernijiet ġenerali'.

158. Informazzjoni għandha tiġi rrappurtata għall-aggregati tal-iskoperturi totali (jiġifieri s-somma ta' kull pajjiż li fih il-bank ikollu skoperturi sovrani) u għal kull pajjiż abbażi tar-residenza tal-kontroparti fuq abbażi tar-residenza tal-kontroparti immedjata.

159. L-allokazzjoni tal-iskoperturi għal klassijiet tal-iskoperturi jew il-ġurisdizzjonijiet għandha ssir mingħajr ma jitqiesu l-effetti ta' mitigazzjoni u b'mod partikolari mingħajr ma jitqiesu l-effett ta' sostituzzjoni. Madankollu l-kalkolu tal-valuri tal-iskoperturi u l-ammonti ta' skoperturi ponderati għal kull klassi ta' skopertura u għal kull ġurisdizzjoni jinkludi l-inċidenza ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju, inklużi effetti ta' sostituzzjoni.

160. Ir-rapportar tal-informazzjoni dwar l-iskoperturi għal 'Gvernijiet ġenerali' b'ġurisdizzjoni tar-residenza tal-kontroparti immedjata minbarra l-ġurisdizzjoni domestika tal-istituzzjoni tar-rappurtar huwa soġġett għal-limiti stabbiliti fil-punt (3) tal-Artikolu 5(b) ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

7.2. AMBITU TAL-FORMOLA DWAR L-ISKOPERTURI GĦAL 'GVERNIJIET ĠENERALI'

161. L-ambitu tal-formola GOV ikopri skoperturi li jidhru jew ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali u skoperturi minn derivattivi diretti għal 'Gvernijiet ġenerali' fil-portafoll bankarju u tan-negozjar. Barra minn hekk entrata ta' memorandum dwar skoperturi indiretti fil-forma ta' derivattivi ta' kreditu mibjugħa fuq skoperturi tal-gvern ġenerali huma mitluba wkoll.

162. Skopertura tkun skopertura diretta meta l-kontroparti immedjata tkun entità li hija 'Gvern ġenerali' kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 42 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

163. Il-formola hija maqsuma f'żewġ taqsimiet. L-ewwel waħda hija bbażata fuq diżagregazzjoni tal-iskoperturi skont ir-riskju, l-approċċ regolatorju u klassijiet ta' skopertura filwaqt li t-tieni hija bbażata fuq diżagregazzjoni skont il-maturità residwa

7.3. STRUZZJONIJIET DWAR POŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Kolonni	Struzzjonijiet
010-260	**SKOPERTURI DIRETTI**
010-140	**SKOPERTURI FIL-KARTA BILANĊJALI**
010	**Ammont gross riportat totali ta' assi finanzjarji mhux derivattivi** Aggregat ta' ammont gross riportat, kif iddeterminat b'konformità mal-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ta' assi finanzjarji nonderivattivi għal Gvernijiet ġenerali, għall-portafolli kontabilistiċi kollha skont l-IFRS jew il-GAAP nazzjonali bbażati fuq il-BAD ddefiniti fil-paragrafi 15 sa 22 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u elenkati fil-kolonni 030 sa 120 Aġġustamenti tal-valwazzjoni prudenti ma għandhiex tnaqqas l-ammont gross riportat ta' skoperturi tan-negozjar u mhux tan-negozjar imkejlin b'valur ġust.
020	**Ammont riportat totali ta' assi finanzjarji nonderivattivi (nett ta' pożizzjonijiet bin-nieqes)** Aggregat tal-ammont riportat, kif imsemmi fil-paragrafu 27 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ta' assi finanzjarji nonderivattivi għal Gvernijiet ġenerali, għall-portafolli kontabilistiċi kollha skont l-IFRS jew il-GAAP nazzjonali bbażati fuq BAD iddefiniti fil-paragrafi minn 15 sa 22 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u elenkati fil-kolonni 030 sa 120, netti ta' pożizzjonijiet bin-nieqes. Fejn l-istituzzjoni jkollha pożizzjoni bin-nieqes, għall-istess maturità residwa u għall-istess maturità residwa u għall-istess kontroparti immedjata li hija denominata fl-istess munita, l-ammont riportat tal-pożizzjoni bin-nieqes għandu jiġi nnettjat kontra l-ammont riportat tal-pożizzjoni diretta. Dak l-ammont nett għandu jitqies bħala żero meta ma jkunx ammont negattiv. Is-somma tal-kolonni 030 sa 120 mingħajr il-kolonna 130 tiġi rrapportata. Jekk dak l-ammont ikun inqas minn żero, l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun żero.

Kolonni	Struzzjonijiet
030-120	**ASSI FINANZJARJI NONDERIVATTIVI SKONT IL-PORTAFOLLI KONTABBILISTIĊI** Ammont riportat aggregat ta' assi finanzjarji nonderivattivi, kif definiti fir-ringiela fuq din it-tabella, għal Gvernijiet ġenerali, diżaggregat skont il-portafoll kontabilistiku taħt il-qafas tal-kontabbiltà
030	**Assi finanzjarji miżmuma għan-negozju** IFRS 7.8(a)(ii); IFRS 9 Appendiċi A
040	**Assi finanzjarji tan-negozjar** L-Artikoli 32 u 33 BAD; Il-paragrafu 16 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni; il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) AD Għandhom ikunu rraportati mill-istituzzjonijiet skont il-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) biss.
050	**Assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf** IFRS 7.8(a)(ii); IFRS 9.4.1.4
060	**Assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf** IFRS 7.8(a)(i); IFRS 9.4.1.5 u l-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(6) AD
070	**Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf** L-Artikolu 36(2) BAD; il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) AD Għandhom ikunu rraportati mill-istituzzjonijiet skont il-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) biss.
080	**Assi finanzjarji fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv** IFRS 7.8(d); IFRS 9.4.1.2 A
090	**Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla f'valur ġust għall-ekwità** Il-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(8) AD Għandhom ikunu rraportati mill-istituzzjonijiet skont il-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) biss.
100	**Assi finanzjarji b'kost amortizzat** IFRS 7.8(f); IFRS 9.4.1.2; Il-paragrafu 15 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni
110	**Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejlin b'metodu bbażat fuq il-kost** L-Artikolu 35 BAD; il-punt (i) tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 8(2) AD; Il-paragrafu 16 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Għandhom ikunu rraportati mill-istituzzjonijiet skont il-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) biss.
120	**Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi oħrajn** L-Artikolu 37 BAD; l-Artikolu 12(7) AD; Il-paragrafu 16 tal-Parti 1 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Għandhom ikunu rraportati mill-istituzzjonijiet skont il-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) biss.

Kolonni	Struzzjonijiet
130	**Pożizzjonijiet bin-nieqes** Ammont riportat ta' pożizzjonijiet bin-nieqes, kif definit fl-IFRS 9. BA.7(b) meta l-kontroparti diretta tkun Gvern ġenerali kif definit fil-paragrafi 155 sa 160 ta' dan l-Anness. Pożizzjonijiet bin-nieqes jinħolqu fejn l-istituzzjoni tbigħ titoli akkwistati f'selfa ta' riakkwist invers, jew mislufa arranġamenti ta' għoti ta' self ta' titoli. L-ammont riportat huwa l-valur ġust tal-pożizzjonijiet bin-nieqes. Pożizzjonijiet bin-nieqes jiġu rrapportati minn bucket ta' maturità residwa, kif elenkati fir-ringieli 170 sa 230, u mill-kontroparti immedjata. Imbagħad pożizzjonijiet bin-nieqes jintużaw għan-netting b'pożizzjonijiet għall-istess maturità residwa u kontroparti immedjata għall-komputazzjoni tal-kolonni minn 030 sa 120.
140	**Li minnu: Pożizzjonijiet bin-nieqes minn self ta' retroakkwist klassifikati bħala miżmumin għan-negozju jew l-assi finanzjarji tan-negozjar** Ammont riportat ta' pożizzjonijiet bin-nieqes, kif definit f'IFRS 9. BA.7(b), li jfeġġu meta l-istituzzjoni tbiegħ it-titoli akkwistati f'selfiet ta' retroakkwist, fejn il-kontroparti diretta ta' dawk it-titoli hija Gvern ġenerali u li huma riportati fil-portafolli kontabilistiċi fl-assi finanzjarji għan-negozju (il-kolonni 030 jew 040). Pożizzjonijiet bin-nieqes li jirriżultaw meta t-titoli mibjugħa kienu missellfa f'arranġament ta' għoti ta' self ta' titoli ma għandhomx ikunu inklużi f'din il-kolonna.
150	**Indeboliment akkumulat** L-indeboliment akkumulat aggregat relatat mal-assi finanzjarji mhux derivattivi rrapportati fil-kolonni 080 sa 120 (il-paragrafi 70 u 71 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni)
160	**Indeboliment akkumulat - li minnu: minn assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor jew minn assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla bil-valur ġust għall-ekwità** Aggregat ta' indeboliment akkumulat relatat ma' assi finanzjarji mhux derivattivi rrapportati fil-kolonni 080 u 090.
170	**Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu** Aggregat ta' bidliet negattivi akkumulati f'valur ġust minħabba riskju ta' kreditu relatat ma' pożizzjonijiet informati fil-kolonni, 050, 060, 070, 080 u 090 (il-paragrafu 69 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni)
180	**Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu - li minnhom: minn assi finanzjarji mhux kummerċjali obbligatorjament fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, assi finanzjarji dežinjati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf jew assi finanzjarji mkejla fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf** Aggregat ta' bidliet negattivi akkumulati f'valur ġust minħabba riskju ta' kreditu relatat ma' pożizzjonijiet informati fil-kolonni, 050, 060 u 070.
190	**Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu - li minnhom: minn assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor jew minn assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla bil-valur ġust għall-ekwità** Aggregat ta' bidliet negattivi akkumulati f'valur ġust minħabba riskju ta' kreditu relatat ma' pożizzjonijiet informati fil-kolonni 080 u 090.

Kolonni	Struzzjonijiet
200-230	**DERIVATTIVI** Pożizzjonijiet diretti derivattivi jiġu rrapportati fil-kolonni 200 sa 230. Għar-rapportar ta' derivattivi soġġetti kemm għal ħlasijiet ta' riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif ukoll għal ħlasijiet ta' riskju fuq is-suq kapitali ara l-istruzzjonijiet għat-diżagregazzjoni tar-ringiela.
200-210	**Derivattivi b'valur ġust pożittiv** L-istrumenti derivattivi kollha b'kontroparti Gvern ġenerali b'valur ġust pożittiv għall-istituzzjoni fid-data ta' rappurtar, irrispettivament minn jekk dawk l-istrumenti humiex użati f'relazzjoni ta' ħeġġing kwalifikattiv, huma miżmuma għan-negozju jew huma inklużi fil-portafoll tan-negozjar skont l-IFRS u l-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD. Derivattivi użati f'ħeġġing ekonomiċi għandhom jiġu rrapportati hawn meta jkunu inklużi fil-portafoll tan-negozjar jew miżmuma f'portafolli tal-kontabbiltà tan-negozju (il-paragrafi 120, 124, 125 u 137 sa 140 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni).
200	**Derivattivi b'valur ġust pożittiv: Ammont riportat** Ammont riportat tad-derivattivi meqjusa bħala assi finanzjarji fid-data ta' referenza ta' rapportar. Skont GAAP abbażi tal-BAD, derivattivi li għandhom jiġu rrappurtati f'dawn il-kolonni jinkludu l-istrumenti derivattivi imkejla bi spiża jew bi spiża inqas jew suq inklużi fil-portafoll tan-negozjar jew dežinjati bħala strumenti ta' ħeġġing.
210	**Derivattivi b'valur ġust pożittiv: Ammont nozzjonali** Skont l-IFRS u l-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, ammont nozzjonali, kif definit fil-paragrafi 133 sa 135 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, tal-kuntratti derivattivi kollha konklużi u li għadhom mhumiex saldati fid-data ta' referenza ta' rapportar, fejn il-kontroparti hija Gvern ġenerali kif definita fil-paragrafi 155 sa 160 ta' dan l-Anness u l-valur ġust tad-derivattiva huwa pożittiv għall-istituzzjoni fid-data ta' referenza.
220-230	**Derivattivi b'valur ġust negattiv** L-istrumenti derivattivi kollha b'kontroparti Gvern ġenerali b'valur ġust negattiv għall-istituzzjoni fid-data ta' referenza ta' rappurtar, irrispettivament minn jekk l-istrumenti humiex użati f'relazzjoni ta' ħeġġjar kwalifikattiv, jew huma miżmuma għan-negozju jew inklużi fil-portafoll tan-negozjar skont l-IFRS u l-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD. Derivattivi użati f'ħeġġing ekonomiċi għandhom jiġu rrapportati hawn meta jkunu inklużi fil-portafoll tan-negozjar jew miżmuma f'portafolli tal-kontabbiltà tan-negozju (il-paragrafi 120, 124, 125 u 137 sa 140 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni).
220	**Derivattivi b'valur ġust negattiv: Ammont riportat** Ammont riportat tad-derivattivi meqjusa bħala obbligazzjonijiet finanzjarji fid-data ta' referenza ta' rapportar. Skont GAAP abbażi tal-BAD, derivattivi li għandhom jiġu rrappurtati f'dawn il-kolonni jinkludu l-istrumenti derivattivi imkejla bi spiża jew bi spiża inqas jew suq inklużi fil-portafoll tan-negozjar jew dežinjati bħala strumenti ta' ħeġġing.
230	**Derivattivi b'valur ġust negattiv: Ammont nozzjonali** Skont l-IFRS u l-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, ammont nozzjonali, kif definit fil-paragrafi 133 sa 135 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, tal-kuntratti derivattivi kollha konklużi u li għadhom mhumiex saldati fid-data ta' referenza, fejn il-kontroparti hija Gvern ġenerali kif definita fil-paragrafi 155 sa 160 ta' dan l-Anness u l-valur ġust tad-derivattiva huwa negattiv għall-istituzzjoni fid-data ta' referenza.

Kolonni	Struzzjonijiet
240-260	**SKOPERTURI LI MA JIDHRUX FIL-KARTA BILANĊJALI**
240	**Ammont nominali** Fejn il-kontroparti diretta tal-entrata li mhix fil-karta bilanċjali hija Gvern ġenerali kif definit fil-paragrafi 155 sa 160 ta' dan l-Anness, ammont nominali tal-impenji u l-garanziji finanzjarji li mhumiex meqjusa bħala derivattivi skont l-IFRS jew skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD (il-paragrafi 102-119 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni,). Skont il-paragrafi 43 u 44 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-Gvern ġenerali huwa l-kontroparti diretta: (a) f'garanzija finanzjarja mogħtija, meta jkun il-kontroparti diretta tal-istrument ta' dejn garantit, u (b) f'impenn ta' self u impenji oħra mogħtija, meta jkun il-kontroparti li r-riskju ta' kreditu tiegħu jkun preżunt mill-istituzzjoni tar-rapportar.
250	**Provvedimenti** Il-punt (6)(c) u 'Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali' tal-Artikolu 4, l-Artikoli 27(11), 28(8) u l-Artikolu 33 BAD,; IFRS 9.4.2.1(c)(ii),(d)(ii), 9.5.5.20;IAS 37, IFRS 4, il-Parti 2.11 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Provvedimenti fuq l-iskoperturi kollha li ma jidhrux fil-karta bilanċjali irrispettivament minn kif dawn jitkejlu, ħlief għal dawk li huma mkejla fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf skont l-IFRS 9. Skont l-IFRS, l-indeboliment ta' impenn ta' self mogħti għandu jkun irrapportati fil-kolonna 150 fejn l-istituzzjoni ma tkunx tista' tidentifika b'mod separat telf mistenni mill-kreditu relatat mal-ammont prelevat u mhux tal-istrument ta' dejn. F'każ li t-telf ta' kreditu kkombinat mistenni għal dak l-istrument finanzjarju jaqbeż l-ammont riportat gross ta' self tal-komponent ta' self tal-istrument, il-bilanċ li jifdal tat-telf ta' kreditu mistenni għandu jiġi rrapportati bħal provvediment fil-kolonna 250.
260	**Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu** Għal entrati barra l-karta bilanċjali mkejla f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf skont l-IFRS 9, bidliet negattivi akkumulati bil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu (il-paragrafu 110 tal-Parti 2 tal-Anness V għal dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni)
270-280	**Entrata ta' memorandum: derivattivi tal-kreditu mibjugħin fuq skoperturi tal-gvern ġenerali** Derivattivi ta' kreditu li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' garanziji finanzjarji fl-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 58 li l-istituzzjoni ta' rapportar tkun intrabtet fuqhom ma' kontropartijiet li mhumiex Gvern ġenerali u li l-iskopertura ta' referenza tkun Gvern ġenerali jiġu rrapportati. Dawn il-kolonni ma jiġux irrapportati għal skoperturi mqassmin skont ir-riskju, l-approċċ regolatorju u l-klassifika ta' skopertura (ir-ringieli 020 sa 160). L-iskoperturi irrapportati fit-taqsima m'għandhomx jitqiesu fl-komputazzjoni fl-ammont ponderat tal-iskopertura Valur u Riskju (il-kolonni 290 u 300) li huwa bbażata unikament fuq skoperturi diretti.
270	**Derivattivi b'valur ġust pożittiv - Ammont riportat** Ammont riportat aggregat tad-derivattivi tal-kreditu mibjugħin fuq skoperturi ta' gvern ġenerali rrapportati li għandhom valur ġust pożittiv għall-istituzzjoni fid-data ta' referenza ta' rapportar, mingħajr ma jitqiesu aġġustament ta' valwazzjoni prudenti. Għal derivattivi skont l-IFRS, l-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna huwa l-ammont riportat mid-derivattivi li huma assi finanzjarji fid-data tar-rapportar. Għal derivattivi skont il-GAAP abbażi tal-BAD, l-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna jkun il-valur ġust ta' derivattivi b'valur ġust pożittiv fid-data ta' referenza ta' rappurtar, irrispettivament minn kif tqiesu.

Kolonni	Struzzjonijiet
280	**Derivattivi b'valur ġust negattiv - Ammont riportat** Ammont riportat aggregat tad-derivattivi tal-kreditu mibjugħin fuq skoperturi ta' gvern ġenerali rrapportati li għandhom valur ġust negattiv għall-istituzzjoni fid-data ta' referenza ta' rapportar, mingħajr ma jitqiesu aġġustament ta' valwazzjoni prudenti. Għal derivattivi skont l-IFRS, l-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna huwa l-ammont riportat mid-derivattivi li huma obbligazzjonijiet finanzjarji fid-data tar-rapportar. Għal derivattivi skont il-GAAP abbażi tal-BAD, l-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna huwa l-valur ġust ta' derivattivi b'valur ġust negattiv fid-data ta' referenza ta' rappurtar, irrispettivament minn kif tqiesu.
290	**Valur tal-iskopertura** Valur tal-iskopertura għall-iskoperturi soġġetti għall-qafas ta' riskju ta' kreditu. Għal skoperturi skont l-Approċċ Standardizzat (SA): ara l-Artikolu 111 CRR. Għal skoperturi skont l-Approċċ IRB: ara l-Artikolu 166 u t-tieni sentenza tal-Artikolu 230(1) CRR. Għar-rapportar ta' derivattivi soġġetti kemm għal ħlasijiet ta' riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif ukoll għal ħlasijiet ta' riskju fuq is-suq kapitali ara l-istruzzjonijiet għat-diżagregazzjoni tar-ringiela.
300	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju** Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għall-iskoperturi soġġetti għall-qafas ta' riskju ta' kreditu. Għal skoperturi skont l-Approċċ Standardizzat (SA): ara l-paragrafi 1 sa 5 tal-Artikolu 113 CRR. Għal skoperturi skont l-Approċċ IRB: ara l-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 153 CRR. Għar-rapportar ta' skoperturi diretti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 271 CRR soġġett għar-rekwiżiti ta' fondi proprji kemm għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif ukoll għar-riskju tas-suq, ara l-istruzzjonijiet għat-diżagregazzjoni tar-ringiela.

Ringieli	Struzzjonijiet
DIŻAGREGAZZJONI TA' SKOPERTURI SKONT L-APPROĊĊ REGOLATORJU	
010	**Skoperturi totali** Aggregat ta' skoperturi għall-Gvernijiet ġenerali, kif definiti fil-paragrafi 155 sa 160 ta' dan l-Anness.
020-155	**Skoperturi skont il-qafas tar-riskju ta' kreditu** Aggregat ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali li għandhom jiġu ponderati għar-riskju skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR. Skoperturi skont il-qafas tar-riskju ta' kreditu jinkludu skoperturi kemm mill-portafoll mhux tan-negozjar soġġetti kif ukoll mill-portafoll tan-negozjar soġġett għal allokazzjoni ta' kapital għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti. Skoperturi diretti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 271 CRR soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji kemm għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif ukoll għar-riskju tas-suq għandhom jiġu rrapportati kemm f'ringieli tar-riskju ta' kreditu (020 sa 155) kif ukoll fir-ringiela tar-riskju tas-suq (ringiela 160): l-iskoperturi minħabba r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti għandhom jiġu rrapportati fir-ringieli tar-riskju ta' kreditu, filwaqt li skoperturi minħabba r-riskju tas-suq għandhom jiġu rrappurtati fir-ringiela tar-riskju tas-suq.
030	**Approċċ Standardizzat** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li jkunu ponderati għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, inklużi skopertura mill-portafoll mhux tan-negozjar li għalih il-ponderazzjoni skont dak il-Kapitolu tindirizza riskju ta' kreditu tal-kontroparti.

Ringieli	Struzzjonijiet
040	**Gvernijiet ċentrali** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma gvernijiet ċentrali. Dawn l-iskoperturi jiġu allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali' skont l-Artikoli 112 u 114 CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 07.00, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
050	**Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali. Dawn l-iskoperturi jiġu allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali' skont l-Artikoli 112 u 115 CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 07.00, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
060	**Entitajiet tas-settur pubbliku** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma entitajiet tas-settur pubbliku. Dawn l-iskoperturi jiġu allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Entitajiet tas-settur pubbliku' skont l-Artikoli 112 u 116 CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 07.00, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
070	**Organizzazzjonijiet Internazzjonali** Skoperturi għal Amministrazzjonijiet pubbliċi li huma organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn l-iskoperturi jiġu allokati lill-klassijiet ta' skoperturi 'Organizzazzjoni internazzjonali' skont l-Artikolu 112 u 118, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 07.00, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
075	**Skoperturi oħra tal-gvern ġenerali soġġetti għall-Approċċ Standardizzat** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali għajr għal dawk inklużi fir-ringieli minn 040 sa 070 ta' hawn fuq, li huma allokati lil klassijiet ta' skoperturi SA b'konformità mal-Artikolu 112 CRR għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.
080	**Approċċ IRB** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li jkunu ponderati għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR, inklużi skopertura mill-portafoll mhux tan-negozjar li għalih il-ponderazzjoni skont dak il-Kapitolu tindirizza riskju ta' kreditu tal-kontroparti.
090	**Gvernijiet ċentrali** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma gvernijiet ċentrali u li huma allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali' skont il-punt (a) tal-Artikolu 147(3) CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 08.01 u C 08.02, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.

Ringieli	Struzzjonijiet
100	**Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali [Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali]** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma gvernijiet reġjonali u li huma allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali' skont il-punt (a) tal-Artikolu 147(3) CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 08.01 u C 08.02, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
110	**Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali [Istituzzjonijiet]** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma gvernijiet reġjonali u li huma allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Istituzzjonijiet' skont il-punt (a) tal-Artikolu 147(4) CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 08.01 u C 08.02, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
120	**Entitajiet tas-settur pubbliku [Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali]** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikolu 4(8) CRR u li huma allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali' skont il-punt (a) tal-Artikolu 147(3) CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 08.01 u C 08.02, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
130	**Entitajiet tas-settur pubbliku [Istituzzjonijiet]** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikolu 4(8) CRR u li huma allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Istituzzjonijiet' skont il-punt (b) tal-Artikolu 147(4) CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 08.01 u C 08.02, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
140	**Organizzazzjonijiet Internazzjonali [Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali]** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali li huma Organizzazzjoni Internazzjonali u li huma allokati lill-klassi ta' skoperturi 'Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali' skont il-punt (c) tal-Artikolu 147(3) CRR, kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-formola C 08.01 u C 08.02, bl-eċċezzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' skopertura għal Gvernijiet ġenerali għal klassijiet ta' skoperturi oħrajn minħabba l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effett ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura, li m'għandhomx japplikaw.
155	**Skoperturi oħra għal gvernijiet ġenerali soġġetti għal Approċċ IRB** Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali għajr għal dawk inklużi fir-ringieli minn 090 sa 140 ta' hawn fuq, li huma allokati lil klassijiet ta' skoperturi IRB b'konformità mal-Artikolu 147 CRR għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.
160	**Skopertura soġġetti għar-riskju tas-suq** Skoperturi għar-riskju tas-suq jkopru pożizzjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti ta' fondi proprji huma kkalkolati skont it-Titolu IV tal-Parti CRR. Skoperturi diretti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 271 CRR soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji kemm għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif ukoll għar-riskju tas-suq għandhom jiġu rrapportati kemm f'ringieli tar-riskju ta' kreditu (020 sa 155) kif ukoll fir-ringiela tar-riskju tas-suq (ringiela 160): l-iskopertura minħabba r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tiġi rrapportata fir-ringieli tar-riskju ta' kreditu, filwaqt li skopertura minħabba r-riskju tas-suq tiġi rrappurtata fir-ringiela tar-riskju tas-suq.

Ringieli	Struzzjonijiet
170-230	**DIŻAGREGAZZJONI TA' SKOPERTURI SKONT IL-MATURITÀ RESIDWA** Il-maturità residwa għandha tiġi kkalkolata f'jiem bejn id-data kontrattwali ta' maturità u d-data ta' referenza ta' rapportar għall-pożizzjonijiet kollha. Skoperturi għal Gvernijiet ġenerali għandhom ikunu mqassma skont il-maturità residwa u allokati fil-buckets ipprovduti kif ġej: — **[0 - 3X [**: Inqas minn 90 jum — **[3X - 1S [**: 90 jum jew iktar, u inqas minn 365 jum — **[1S – 2S [**: 365 jum jew iktar u inqas minn 730 jum — **[2S – 3S [**: 730 jum jew iktar u inqas minn 1 095 jum — **[3S – 5S [**: 1 095 jum jew iktar u inqas minn 1 825 jum — **[5S – 10S [**: 1 825 jum jew iktar u inqas minn 3 650 jum — **[10S – iktar**: 3 650 jum jew iktar"

ANNESS III

"ANNESS III

JISSOSTITWIXXI L-ANNESS III – IR-RAPPORTAR TAL-INFORMAZZJONI FINANZJARJA SKONT L-IFRS

FORMOLI FINREP GHALL-IFRS		
NUMRU TAL-FORMOLA	**KODIĊI TAL-FORMOLA**	**ISEM TAL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
		PARTI 1 [FREKWENZA TRIMESTRALI]
		Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]
1.1	F 01.01	Rapport tal-Karta Bilanċjali: assi
1.2	F 01.02	Rapport tal-Karta Bilanċjali: obbligazzjonijiet
1.3	F 01.03	Rapport tal-Karta Bilanċjali: ekwità
2	F 02.00	**Dikjarazzjoni ta' profitt jew telf**
3	F 03.00	**Rapport tal-introjtu komplessiv**
		Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti
4.1	F 04.01	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji miżmumin għan-negozjar
4.2.1	F 04.02.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.2.2	F 04.02.2	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf
4.3.1	F 04.03.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv
4.4.1	F 04.04.1	Diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji b'kost amortizzat
4.5	F 04.05	Assi finanzjarji subordinati
5.1	F 05.01	**Diżaggregazzjoni tas-self u tal-avvanzi mhux tan-negozjar skont il-prodott**
6.1	F 06.01	**Diżaggregazzjoni ta' self u avvanzi minbarra dawk miżmumin għan-negozjar lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont il-kodiċijiet tan-NACE**
		Assi finanzjarji soġġetti għal indeboliment li huma skaduti
7.1	F 07.01	Assi finanzjarji soġġetti għal indeboliment li huma skaduti
		Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji
8.1	F 08.01	Diżaggregazzjoni ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-prodott u skont is-settur tal-kontroparti
8.2	F 08.02	Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati
		Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn
9.1.1	F 09.01.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
9.2	F 09.02	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn irċevuti

FORMOLI FINREP GHALL-IFRS		
NUMRU TAL-FORMOLA	**KODIĊI TAL-FORMOLA**	**ISEM TAL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
10	F 10.00	**Derivattivi – Ħeġġijiet għan-negozju jew ekonomiċi**
		Kontabilità għall-inħeġġjar
11.1	F 11.01	Derivattivi – Kontabilità għall-inħeġġjar: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju u t-tip ta' ħeġġjar
11.3	F 11.03	Strumenti ta' ħeġġjar mhux derivattivi: Diżaggregazzjoni skont il-portafoll kontabilistiku u t-tip ta' ħeġġjar
11.4	F 11.04	Entrati ħħeġġati f'ħeġġijiet fuq il-valur ġust
		Movimenti fil-provvedimenti u dispożizzjonijiet għat-telf ta' kreditu
12.1	F 12.01	Movimenti fi provvedimenti u dispożizzjonijiet għal telf ta' kreditu
12.2	F 12.02	Trasferimenti bejn stadji ta' indeboliment (preżentazzjoni ta' bażi grossa)
		Kollateral u garanziji riċevuti
13.1	F 13.01	Diżaggregazzjoni ta' kollateral u garanziji minn self u avvanzi minbarra dawk miżmumin għan-negozjar
13.2.1	F 13.02.1	Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess matul il-perjodu [miżmum fid-data ta' referenza]
13.3.1	F 13.03.1	Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess akkumulat
14	F 14.00	**Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji bil-valur ġust**
15	F 15.00	**L-irtirar tar-rikonoxximent u obligazzjonijiet finanzjarji assoċjati ma' assi finanzjarji trasferiti**
		Diżaggregazzjoni ta' entrati speċifiċi tar-rapport tal-introjtu
16.1	F 16.01	Introjtu mill-imgħax u spejjeż skont l-istrument u s-settur tal-kontroparti
16.2	F 16.02	Qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejla b'valur ġust permezz tal-profitt jew telf skont l-istrument
16.3	F 16.03	Qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju u assi finanzjarji tan-negozjar u obbligazzjonijiet finanzjarji tan-negozjar skont l-istrument
16.4	F 16.04	Qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju u assi finanzjarji tan-negozjar u obbligazzjonijiet finanzjarji tan-negozjar skont ir-riskju
16.4.1	F 16.04.1	Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju bil-valur ġust għall-profitt jew telf skont l-istrument
16.5	F 16.05	Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust għall-profitt jew telf skont l-istrument
16.6	F 16.06	Qligħ jew telf mill-kontabilità għall-inħeġġjar
16.7	F 16.07	Indeboliment fuq assi mhux finanzjarji
16.8	F 16.08	Spejjeż amministrattivi oħrajn
		Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni tas-CRR: Karta Bilanċjali
17.1	F 17.01	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni tas-CRR: Assi
17.2	F 17.02	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni tas-CRR: Skoperturi barra l-karta bilanċjali – impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
17.3	F 17.03	Rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni tas-CRR: Obbligazzjonijiet
		Informazzjoni fuq skoperturi produttivi u improduttivi
18	F 18.00	Informazzjoni fuq skoperturi produttivi u improduttivi
18.1	F 18.01	Influssi u flussi 'l barra ta' skoperturi improduttivi – self u avvanzi skont is-settur tal-kontroparti
18.2	F 18.02	Self għal Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE) u informazzjoni addizzjonali fuq self assigurat permezz ta' proprjetà immobbli
19	F 19.00	**Skoperturi mrażżna**

FORMOLI FINREP GHALL-IFRS		
NUMRU TAL-FORMOLA	**KODIĊI TAL-FORMOLA**	**ISEM TAL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
		PARTI 2 [TRIMESTRALI B'LIVELL LIMITU: FREKWENZA TA' RAPPURTAR TRIMESTRALI JEW LE]
		Diżaggregazzjoni ġeografika
20.1	F 20.01	Disaggregazzjoni ġeografika ta' assi skont il-post tal-attivitajiet
20.2	F 20.02	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' obbligazzjonijiet skont il-post tal-attivitajiet
20.3	F 20.03	Diżaggregazzjoni ġeografika tar-rapport prinċipali tal-entrati tal-profitt jew telf skont il-post tal-attivitajiet
20.4	F 20.04	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' assi skont ir-residenza tal-kontroparti
20.5	F 20.05	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' skoperturi barra mill-karta bilanċjali skont ir-residenza tal-kontroparti
20.6	F 20.06	Diżaggregazzjoni ġeografika ta' obbligazzjonijiet skont ir-residenza tal-kontroparti
20.7.1	F 20.07.1	Diżaggregazzjoni ġeografika skont ir-residenza tal-kontraparti ta' self u avvanzi minbarra dawk miżmumin għan-negozjar lil korporazzjonijiet nonfinanzjarji skont il-kodiċijiet NACE
21	F 21.00	**Assi tanġibbli u intanġibbli: assi soġġetti għal lokazzjoni operatorja**
		Immaniġġjar ta' assi, kustodja u funzjonijiet ta' servizzi oħrajn
22.1	F 22.01	Introjtu u spejjeż minn tariffi u kummissjonijiet skont l-attività
22.2	F 22.02	Assi involuti fis-servizzi provduti
		Self u avvanzi: tagħrif addizzjonali
23.1	F 23.01	Self u avvanzi: Għadd ta' strumenti
23.2	F 23.02	Self u avvanzi: Informazzjoni addizzjonali dwar valuri riportati grossi
23.3	F 23.03	Self u avvanzi kollateralizzati permezz ta' proprjetà immobbli: Diżaggregazzjoni skont il-proporzjonijiet tal-LTV
23.4	F 23.04	Self u avvanzi: Informazzjoni addizzjonali dwar indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu
23.5	F 23.05	Self u avvanzi: Kollateral riċevut u garanziji finanzjarji riċevuti
23.6	F 23.06	Self u avvanzi: Tħassir parzjali akkumulat
		Self u avvanzi: Flussi ta' skoperturi improduttivi, indeboliment u tħassir mit-tmiem tal-aħħar sena finanzjarja
24.1	F 24.01	Self u avvanzi: Influssi u flussi 'l barra ta' skoperturi improduttivi
24.2	F 24.02	Self u avvanzi: Fluss ta' indebolimenti u Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi
24.3	F 24.03	Self u avvanzi: Influss ta' tħassir ta' skoperturi improduttivi
		Kollateral miksub bi proċessi ta' teħid ta' pussess u eżekuzzjoni
25.1	F 25.01	Kollateral miksub billi jittieħed pussess minbarra kollateral ikklassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E): Influssi u flussi 'l barra
25.2	F 25.02	Kollateral miksub billi jittieħed pussess minbarra kollateral ikklassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E): Tip ta' kollateral miksub
25.3	F 25.03	Kollateral miksub billi jittieħed pussess ikklassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E)
26	F 26.00	**Ġestjoni tat-tolleranza u kwalità tat-tolleranza**

FORMOLI FINREP GHALL-IFRS		
NUMRU TAL-FORMOLA	**KODIĊI TAL-FORMOLA**	**ISEM TAL-FORMOLA JEW TAL-GRUPP TA' FORMOLI**
		PARTI 3 [SEMIANNWALI]
		Attivitajiet barra l-karta bilanċjali: imgħaxijiet f'entitajiet strutturati mhux konsolidati
30.1	F 30.01	Imgħaxijiet f'entitajiet strutturati mhux konsolidati
30.2	F 30.02	Diżaggregazzjoni ta' mgħaxijiet f'entitajiet strutturati mhux konsolidati skont in-natura tal-attivitajiet
		Partijiet relatati
31.1	F 31.01	Partijiet relatati: ammonti pagabbli lil u ammonti riċevibbli minn
31.2	F 31.02	Partijiet relatati: spejjeż u introjtu iġġenerati minn tranżazzjonijiet ma'
		PARTI 4 [ANNWALI]
		Struttura tal-grupp
40.1	F 40.01	Struttura tal-grupp: 'entità b'entità'
40.2	F 40.02	Struttura tal-grupp: 'strument-strument'
		Valur ġust
41.1	F 41.01	Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji fil-kost amortizzat
41.2	F 41.02	Użu tal-Opzjoni ta' Valur Ġust
42	F 42.00	**Assi tanġibbli u intanġibbli: ammont riportat skont il-metodu ta' kejl**
43	F 43.00	**Provvedimenti**
		Pjanijiet definiti ta' benefiċċju u benefiċċji tal-impjegati
41.1 **Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji fil-kost amortizzat**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD *Anness V.Parti 2.298*	***Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*** *Anness V.Parti 2.298*	**Valur ġust** *IFRS 7.25.-26*	**Ġerarkija tal-valur ġust** *IFRS 13.97, 93(b)*		
					Livell 1 *IFRS 13.76*	**Livell 2** *IFRS 13.81*	**Livell 3** *IFRS 13.86*
				010	020	030	040
	ASSI						
015	**Assi finanzjarji b'kost amortizzat**		*IFRS 7.8(f); IFRS 9.4.1.2*				
016	Titoli ta' dejn		*Anness V.Parti 1.31*				
017	Self u avvanzi		*Anness V.Parti 1.32*				
021	**Assi finanzjarji mhux għan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin b'metodu bbażat fuq il-kost**	*BAD, l-Art 35;Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Artikolu 6(1)(i) u l-Artikolu 8(2); Anness V. Parti1.18, 19*					
022	Strumenti ta' ekwità	*BĊE/2013/33 Anness 2. Parti 2.4-5*					
023	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*					
024	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*					
031	**Assi finanzjarji mhux għan-negozjar u mhux derivattivi oħrajn**	*BAD, l-Art 37; Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Artikolu 12(7); Anness V.Parti 1.20*					
032	Strumenti ta' ekwità	*BĊE/2013/33 Anness 2. Parti 2.4-5*					
033	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*					
034	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*					

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD *Anness V.Parti 2.298*	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS* *Anness V.Parti 2.298*	**Valur ġust** *IFRS 7.25.-26*	**Ġerarkija tal-valur ġust** *IFRS 13.97, 93(b)*		
					Livell 1 *IFRS 13.76*	**Livell 2** *IFRS 13.81*	**Livell 3** *IFRS 13.86*
				010	020	030	040
	OBBLIGAZZJONIJIET						
070	**Obbligazzjonijiet finanzjarji mkejlin bil-kost amortizzat**		*IFRS 7.8(g); IFRS 9.4.2.1*				
080	Depożiti		*BĊE/2013/33 Anness 2. Parti 2.9; Anness V.Parti 1.36*				
090	Titoli ta' dejn maħruġa		*Anness V.Parti 1.37*				
100	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn		*Anness V. Parti 1.38-41*				
101	**Obbligazzjonijiet finanzjarji mhux għan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin b'metodu bbażat fuq il-kost**	*Id-Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 8(3)*					
102	Depożiti	*BĊE/2013/33 Anness 2. Parti 2.9; Anness V.Parti 1.36*					
103	Titoli ta' dejn maħruġa	*Anness V.Parti 1.37*					
104	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	*Anness V.Parti 1.38-41*					

41.2 **Użu tal-Opzjoni ta' Valur Ġust**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	**Ammont riportat** *Anness V.Parti 1.27-28*			
				Spariġġ kontabilistiku	**Immaniġġjati fuq bażi ta' valur ġust**	**Kuntratti ibridi**	**Immaniġġjati għar-riskju ta' kreditu**
				IFRS 9.B4.1.29	*IFRS 9.B4.1.33*	*IFRS 9.4.3.6; IFRS 9.4.3.7; Anness V.Parti 2.300*	*IFRS 9.6.7; IFRS 7.8(a)(e); Anness V.Parti 2.301*
				010	020	030	040
	ASSI						
010	**Assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf**	*Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 8(1)(a), (6)*	*IFRS 7.8(a)(i); IFRS 9.4.1.5*				
030	Titoli ta' dejn	*Anness V.Parti 1.31*	*Anness V.Parti 1.31*				
040	Self u avvanzi	*Anness V.Parti 1.32*	*Anness V.Parti 1.32*				
	OBBLIGAZZJONIJIET						
050	**Assi finanzjarji indikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf**	*Id-Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 8(1)(a), (6); IAS 39.9*	*IFRS 7.8 (e)(i); IFRS 9.4.2.2*				
060	Depożiti	*BĊE/2013/33 Anness 2. Parti 2.9; Anness V.Parti 1.36*	*BĊE/2013/33 Anness 2. Parti 2.9; Anness V.Parti 1.36*				
070	Titoli ta' dejn maħruġa	*Anness V.Parti 1.37*	*Anness V.Parti 1.37*				
080	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	*Anness V.Parti 1.38-41*	*Anness V. Parti 1.38-41*				

42. **Assi tanġibbli u intanġibbli: ammont riportat skont il-metodu ta' kejl**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS *Anness V.Parti 2.302*	Ammont riportat	
				li minnhom: assi bid-dritt tal-użu *IFRS 16.47(a), 53(j), Anness V.Parti 2.303i*
			010	020
010	**Proprjetà, impjant u tagħmir**	*IAS 16.6; IAS 16.29; IAS 1.54(a)*		
020	Mudell ta' rivalwazzjoni	*IAS 16.31, 73(a)(d)*		
030	Mudell tal-kost	*IAS 16.30, 73(a)(d)*		
040	**Proprjetà għall-investiment**	*IAS 40.5, 30; IAS 1.54(b)*		
050	Mudell tal-valur ġust	*IAS 40.33-55, 76*		
060	Mudell tal-kost	*IAS 40.56, 79(c)*		
070	**Assi intanġibbli oħrajn**	*IAS 38.8, 118, 122 ; Anness V.Parti 2.303*		
080	Mudell ta' rivalwazzjoni	*IAS 38.75-87, 124(a)(ii)*		
090	Mudell tal-kost	*IAS 38.74*		

43. **Provvedimenti**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	**Ammont riportat** *Anness V.Parti 1.27-28*						
				Pensjonijiet u obbligi ta' benefiċċji definiti oħrajn ta' wara l-impjieg	**Benefiċċji fit-tul oħrajn għall-impjegati**	**Ristrutturar**	**Kwistjonijiet legali u litigazzjoni dwar it-taxxa pendenti**	**Impenji u garanziji mogħtija taħt il-GAAP nazzjonali**	**Impenji u garanziji oħra mogħtija mkejlin taħt IAS 37 u garanziji mogħtija mkejlin taħt IFRS 4**	**Dispożizzjonijiet oħra**
				IAS 19.63; IAS 1.78(d); Anness V.Parti 2.9	*IAS 19.153; IAS 1.78(d); Anness V.Parti 2.10*	*IAS 37.70-83*	*IAS 37.14*		*IAS 37; IFRS 4; Anness V. Parti 2.304-305*	*IAS 37.14*
				Anness V.Parti 2.9	*Anness V.Parti 2.10*			*BAD, l-Art 24-25, 33(1)*		
				010	020	030	040	050	055	060
010	**Bilanċ tal-ftuħ [ammont riportat fil-bidu tal-perjodu]**		*IAS 37.84 (a)*							
020	Żidiet, inkluż żidiet fid-dispożizzjonijiet eżistenti		*IAS 37.84(b)*							
030	(-) Ammonti użati		*IAS 37.84(c)*							
040	(-) Ammonti mhux użati mreġġgħa lura matul il-perjodu		*IAS 37.84(d)*							
050	Żieda fl-ammont skontat [passaġġ taż-żmien] u effett ta' kwalunkwe bidla fir-rata ta' skont		*IAS 37.84(e);*							
060	Movimenti oħrajn									
070	**Bilanċ tal-għeluq [ammont riportat fit-tmiem tal-perjodu]**		*IAS 37.84 (a)*							

44 **Pjanijiet definiti ta' benefiċċju u benefiċċji tal-impjegati**

44.1 **Komponenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet netti tal-pjan ta' benefiċċju definit**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS	**Ammont**
			Anness V.Parti 2.306-307
			010
010	**Valur ġust tal-assi tal-pjan ta' benefiċċju definit**	*IAS 19.140(a)(i), 142*	
020	Li minnhom: Strumenti finanzjarji maħruġin mill-istituzzjoni	*IAS 19.143*	
030	Strumenti ta' ekwità	*IAS 19.142(b)*	
040	Strumenti ta' dejn	*IAS 19.142(c)*	
050	Proprjetà immobbli	*IAS 19.142(d);*	
060	Assi oħrajn tal-pjan ta' benefiċċju definit		
070	**Valur preżenti ta' obbligi tal-benefiċċju definiti**	*IAS 19.140(a)(ii)*	
080	**Effett tal-limitu massimu tal-assi**	*IAS 19.140(a)(iii)*	
090	**Assi ta' benefiċċju definiti netti [Ammont riportat]**	*IAS 19.63; Anness V.Parti 2.308*	
100	**Dispożizzjonijiet għal pensjonijiet u obbligi ta' benefiċċji definiti oħrajn ta' wara l-impjieg [Ammont riportat]**	*IAS 19.63, IAS 1.78(d); Anness V.Parti 2.9*	
110	**Valur ġust ta' kwalunkwe dritt għal rimborż rikonoxxut bħala assi**	*IAS 19.140(b)*	

44.2 **Ċaqliq fl-obbligi ta' benefiċċju definit**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS	**Obbligi ta' benefiċċju definit**
			Anness V.Parti 2.306, 309
			010
010	**Bilanċ tal-ftuħ [valur attwali]**	*IAS 19.140(a)(ii)*	
020	Il-kost kurrenti tas-servizz	*IAS 19.141(a)*	
030	Kost tal-imgħax	*IAS 19.141(b)*	
040	Kontribuzzjonijiet imħallsa	*IAS 19.141(f)*	
050	(-) Qligħ jew telf attwarju minn bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi	*IAS 19.141(c)(ii)*	
060	(-) Qligħ jew telf attwarju minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji	*IAS 19.141(c)(iii)*	
070	Żieda jew (-) tnaqqis fil-kambju f'munita barranija	*IAS 19.141(e);*	
080	Benefiċċji mħallsa	*IAS 19.141(g)*	
090	Kost ta' servizz antik, inkluż qligħ u telf li jirriżultaw minn saldi	*IAS 19.141(d)*	
100	Żieda jew (-) tnaqqis permezz ta' kombinazzjonijiet u ċessjonijiet kummerċjali	*IAS 19.141(h)*	
110	Żidiet jew (-) tnaqqis ieħor		
120	**Bilanċ tal-għeluq [valur preżenti]**	*IAS 19.140(a)(ii); Anness V.Parti 2.310*	

44.3 **Spejjeż tal-persunal skont it-tip ta' benefiċċji**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	**Perjodu kurrenti**
				010
010	**Pensjoni u spejjeż simili**	*Anness V.Parti 2.311(a)*	*Anness V.Parti 2.311(a)*	
020	**Pagamenti bbażati fuq ishma**	*Anness V.Parti 2.311(b)*	*IFRS 2.44; Anness V.Parti 2.311(b)*	
030	**Pagi u salarji**	*Anness V.Parti 2.311(c)*	*Anness V.Parti 2.311(c)*	
040	**Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali**	*Anness V.Parti 2.311(d)*	*Anness V.Parti 2.311(d)*	
050	**Ħlasijiet ta' terminazzjoni**	*Anness V.Parti 2.311(e)*	*IAS 19.8, Anness V.Parti 2.311(e)*	
060	**Tipi oħra ta' spejjeż tal-persunal**	*Anness V.Parti 2.311(f)*	*Anness V.Parti 2.311(f)*	
070	**SPEJJEŻ TAL-PERSUNAL**			

44.4 **L-ispejjeż tal-persunal skont il-kategorija tar-rimunerazzjoni u l-kategorija tal-persunal**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	**Perjodu kurrenti**			
				Total tal-persunal	li minnhom: Persunal identifikat	li minnhom: Korp maniġerjali (fil-funzjoni maniġerjali tiegħu) u l-maniġment superjuri	li minnhom: Korp maniġerjali (fil-funzjoni superviżorja tiegħu)
					Anness V.Parti 2.311i (a)	*Anness V.Parti 2.311i*	*Anness V.Parti 2.311i (b)*
				0010	0020	0030	0040
0010	**Remunerazzjoni fissa**	*Anness V.Parti 2.311i (a)*	*Anness V.Parti 2.311i (a)*				
0020	**Remunerazzjoni varjabbli**	*Anness V.Parti 2.311i (a)*	*Anness V.Parti 2.311i (a)*				
0030	**Spejjeż tal-persunal minbarra remunerazzjoni**						
0040	**SPEJJEŻ TAL-PERSUNAL**						
0050	**GĦADD TA' PERSUNAL**	*Anness V.Parti 2.311ii*	*Anness V.Parti 2.311ii*				

45 **Diżaggregazzjoni ta' entrati magħżulin tar-rapport tal-introjtu**

45.1 **Qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji indikati b'valur ġust permezz tal-profitt jew telf skont il-portafoll kontabilistiku**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	**Perjodu kurrenti**	**Bidliet fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu**
					Anness V.Parti 2.312
				010	020
010	**Assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf**		*IFRS 7.20(a)(i); IFRS 9.4.1.5*		
020	**Obbligazzjonijiet finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf**		*IFRS 7.20(a)(i); IFRS 9.4.2.2*		
030	**QLIGĦ JEW (-) TELF FUQ ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI INDIKATI BIL-VALUR ĠUST PERMEZZ TAL-PROFITT JEW TELF**	*BAD, l-Art 27. Tfassil vertikali(6)*	*IFRS 7.20(a)(i)*		

45.2 **Qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi mhux finanzjarji**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	**Perjodu kurrenti**
				Anness V.Parti 2.313
				010
010	**Proprjetà, Impjant u Tagħmir**		*IAS 16.68,71*	
020	**Proprjetà għall-investiment**		*IAS 40.69; IAS 1.34(a), 98(d)*	
030	**Assi intanġibbli**		*IAS 38.113-115A; IAS 1.34(a)*	
040	**Assi oħrajn**		*IAS 1.34 (a)*	
050	**QLIGĦ JEW (-) TELF FUQ L-IRTIRAR TAR-RIKONOXXIMENT TA' ASSI MHUX FINANZJARJI**		*IAS 1.34*	

45.3 **Introjtu u spejjeż operatorji oħrajn**

		Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	**Introjtu**	**Spejjeż**
				010	020
010	**Bidliet fil-valur ġust f'assi tanġibbli mkejlin permezz tal-mudell tal-valur ġust**	*Anness V.Parti 2.314*	*IAS 40.76(d); Anness V.Parti 2.314*		
020	**Proprjetà għall-investiment**	*Anness V.Parti 2.314*	*IAS 40.75(f); Anness V.Parti 2.314*		
030	**Lokazzjonijiet Operatorji minbarra proprjetà għall-investiment**	*Anness V.Parti 2.315*	*IFRS 16.81,82; Anness V.Parti 2.315*		
040	**Oħrajn**	*Anness V.Parti 2.316*	*Anness V.Parti 2.316*		
050	**INTROJTU JEW SPEJJEŻ OPERATORJI OĦRAJN**	*Anness V.Parti 2.314-316*	*Anness V.Parti 2.314-316*		

46. **Rapport tat-tibdiliet fl-ekwità**

	Sorsi ta' tibdil fl-ekwità	Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS	Kapital	Premium azzjonarju	Strumenti ta' ekwità maħruġin minbarra l-Kapital	Ekwità oħra	Introjtu ieħor komprensiv akkumulat	Qligħ miżmum	Riżervi ta' rivalwazzjoni	Riżervi ta' valur ġust
				IAS 1.106, 54(r)	*IAS 1.106, 78(e)*	*IAS 1.106, Anness V.Parti 2.18-19*	*IAS 1.106; Anness V.Parti 2.20*	*IAS 1.106*	*CRR, l-Art 4(1) (123)*	*IFRS 1.30, D5-D8*	
				BAD, l-Art 4. Obbligazzjonijiet(9), BAD, l-Art 22	*BAD, l-Art 4. Obbligazzjonijiet(10); CRR, l-Art 4(124)*	*Anness V.Parti 2.18-19*	*Anness V.Parti 2.20*	*Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 8(1)(a), (6)*	*BAD, l-Art 4 Obbligazzjonijiet (13); CRR, l-Art 4(123)*		*BAD, l-Art 4. Obbligazzjonijiet(12)*
				010	020	030	040	050	060	070	075
010	**Bilanċ tal-ftuħ [qabel ridikjarazzjoni]**										
020	Effetti tal-korrezzjonijiet ta' żbalji		*IAS 1.106.(b); IAS 8.42*								
030	Effett ta' bidliet f'politiki ta' kontabilità		*IAS 1.106.(b); IAS 1.IG6; IAS 8.22*								
040	**Bilanċ tal-ftuħ [perjodu kurrenti]**										
050	Ħruġ ta' ishma ordinarji		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
060	Ħruġ ta' ishma ta' preferenza		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
070	Ħruġ ta' strumenti azzjonarji oħrajn		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
080	Tħaddim jew skadenza ta' strumenti azzjonarji oħrajn maħruġin		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
090	Qlib ta' dejn f'ekwità		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
100	Tnaqqis kapitali		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
110	Dividendi		*IAS 1.106.(d).(iii); IAS 32.35; IAS 1.IG6*								
120	Xiri ta' ishma tat-teżor		*IAS 1.106.(d).(iii); IAS 32.33*								

	Sorsi ta' tibdil fl-ekwità	Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD	Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS	Kapital	Premium azzjonarju	Strumenti ta' ekwità mahruġin minbarra l-Kapital	Ekwità oħra	Introjtu ieħor komprensiv akkumulat	Qligħ miżmum	Riżervi ta' rivalwazzjoni	Riżervi ta' valur ġust
				IAS 1.106, 54(r)	*IAS 1.106, 78(e)*	*IAS 1.106, Anness V.Parti 2.18-19*	*IAS 1.106; Anness V.Parti 2.20*	*IAS 1.106*	*CRR, l-Art 4(1) (123)*	*IFRS 1.30, D5-D8*	
				BAD, l-Art 4. Obbligazzjonijiet(9), BAD, l-Art 22	*BAD, l-Art 4. Obligazzjonijiet(10); CRR, l-Art 4(124)*	*Anness V.Parti 2.18-19*	*Anness V.Parti 2.20*	*Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 8(1)(a), (6)*	*BAD, l-Art 4 Obbligazzjonijiet (13); CRR, l-Art 4(123)*		*BAD, l-Art 4. Obbligazzjonijiet(12)*
				010	020	030	040	050	060	070	075
130	Bejgħ jew kanċellazzjoni ta' ishma tat-teżor		*IAS 1.106.(d).(iii); IAS 32.33*								
140	Riklassifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji minn ekwità għal obbligazzjoni		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
150	Riklassifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji minn obbligazzjoni għal ekwità		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
160	Trasferimenti fost komponenti ta' ekwità		*IAS 1.106.(d).(iii); Anness V.Parti 2.318*								
170	Żieda jew (-) tnaqqis fl-ekwità li jirriżultaw minn kombinazzjonijiet kummerċjali		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
180	Pagamenti bbażati fuq ishma		*IAS 1.106.(d).(iii); IFRS 2.10*								
190	Żieda jew (-) tnaqqis ieħor fl-ekwità		*IAS 1.106(d)*								
200	Introjtu komprensiv totali għas-sena		*IAS 1.106.(d).(i)-(ii); IAS 1.81A.(c); IAS 1.IG6*								
210	**Bilanċ tal-għeluq [perjodu kurrenti]**										

	Sorsi ta' tibdil fl-ekwità	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD*	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	Riżervi oħrajn	Differenzi tal-ewwel konsolidament	(-) Ishma tat-teżor	Profitt jew (-) telf attribwibbli lil sidien tal-kumpanija prinċipali	(-) Dividendi interim	Interessi minoritarji		Totali
									Introjtu Komprensiv Akkumulat Ieħor	Entrati oħrajn	
				IAS 1.106, 54(c)		*IAS 1.106; IAS 32.34, 33; Anness V.Parti 2.30*	*IAS 1.106(a)*	*IAS 1.106; IAS 32.35*	*IAS 1.54(q), 106(a)*	*IAS 1.54(q), 106(a)*	*IAS 1.9(c), IG6*
					Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 24(3)(c)	*Direttiva dwar il-Kontabilità Anness III Anness III Assi D(III)(2); BAD, l-Art 4.Assi(12); Anness V.Parti 2.30*	*BAD, l-Art 4. Obbligazzjoni-jiet(14)*	*Artikolu 26(2b) tas-CRR*	*Id-Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 24(4)*	*Id-Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 24(4)*	
				080	085	090	100	110	120	130	140
010	**Bilanċ tal-ftuħ [qabel ridikjarazzjoni]**										
020	Effetti tal-korrezzjonijiet ta' żbalji		*IAS 1.106.(b); IAS 8.42*								
030	Effett ta' bidliet f'politiki ta' kontabilità		*IAS 1.106.(b); IAS 1.IG6; IAS 8.22*								
040	**Bilanċ tal-ftuħ [perjodu kurrenti]**										
050	Ħruġ ta' ishma ordinarji		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
060	Ħruġ ta' ishma ta' preferenza		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
070	Ħruġ ta' strumenti azzjonarji oħrajn		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
080	Tħaddim jew skadenza ta' strumenti azzjonarji oħrajn maħruġin		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
090	Qlib ta' dejn f'ekwità		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
100	Tnaqqis kapitali		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
110	Dividendi		*IAS 1.106.(d).(iii); IAS 32.35; IAS 1.IG6*								
120	Xiri ta' ishma tat-teżor		*IAS 1.106.(d).(iii); IAS 32.33*								

	Sorsi ta' tibdil fl-ekwità	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali bbażati fuq il-BAD*	*Referenzi tal-GAAP Nazzjonali kompatibbli mal-IFRS*	Riżervi oħrajn	Differenzi tal-ewwel konsolidament	(-) Ishma tat-teżor	Profitt jew (-) telf attribwibbli lil sidien tal-kumpanija prinċipali	(-) Dividendi interim	Interessi minoritarji		Totali
									Introjtu Komprensiv Akkumulat Ieħor	Entrati oħrajn	
				IAS 1.106, 54(c)		*IAS 1.106; IAS 32.34, 33; Anness V.Parti 2.30*	*IAS 1.106(a)*	*IAS 1.106; IAS 32.35*	*IAS 1.54(q), 106(a)*	*IAS 1.54(q), 106(a)*	*IAS 1.9(c), IG6*
					Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 24(3)(c)	*Direttiva dwar il-Kontabilità Anness III Anness III Assi D(III)(2); BAD, l-Art 4.Assi(12); Anness V.Parti 2.30*	*BAD, l-Art 4. Obbligazzjoni-jiet(14)*	*Artikolu 26(2b) tas-CRR*	*Id-Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 24(4)*	*Id-Direttiva dwar il-Kontabilità, l-Art 24(4)*	
				080	085	090	100	110	120	130	140
130	Bejgħ jew kanċellazzjoni ta' ishma tat-teżor		*IAS 1.106.(d).(iii); IAS 32.33*								
140	Riklassifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji minn ekwità għal obbligazzjoni		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
150	Riklassifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji minn obbligazzjoni għal ekwità		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
160	Trasferimenti fost komponenti ta' ekwità		*IAS 1.106.(d).(iii); Anness V.Parti 2.318*								
170	Żieda jew (-) tnaqqis fl-ekwità li jirriżultaw minn kombinazzjonijiet kummerċjali		*IAS 1.106.(d).(iii);*								
180	Pagamenti bbażati fuq ishma		*IAS 1.106.(d).(iii); IFRS 2.10*								
190	Żieda jew (-) tnaqqis ieħor fl-ekwità		*IAS 1.106(d)*								
200	Introjtu komprensiv totali għas-sena		*IAS 1.106.(d).(i)-(ii); IAS 1.81A.(c); IAS 1.IG6*								
210	**Bilanċ tal-għeluq [perjodu kurrenti]**										

47. **Self u avvanzi: Durata medja u perjodi ta' rkupru**

		Referenzi	TOTAL						
				li minnhom: Unitajiet domestiċi		li minnhom: Korporazzjonijiet mhux finanzjarji			
					li minnhom: Self kollateralizzat bi proprjetà immobbli residenzjali		li minnhom: SMEs	li minnhom: Self ta' Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE)	Li minnhom: Self ta' Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE) lil NFCs minbarra SMEs
				Anness V.Parti 1.42(f)	*Anness V.Parti 2.86(a), 87*	*Anness V.Parti 1.42(e)*	*SME, l-Art 1 2(a)*	*SME l-Art 1 2(a), Anness V.Parti 2.239ix*	*Anness V.Parti 2.239ix*
			0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070
0010	**Self u avvanzi improduttivi żmien medju ponderat mill-aħħar data ta' skadenza (fi snin)**	*Anness V.Parti 2.362, 363*							
0020	**L-irkupri netti kumulati mill-proċeduri ta' litigazzjoni konklużi matul il-perjodu**	*Anness V.Parti 2.362, 364(a)*							
0030	**Tnaqqis tal-ammont riportat gross mill-proċeduri ta' litigazzjoni konklużi matul il-perjodu**	*Anness V.Parti 2.362, 364(b)*							
0040	**Durata medja tal-proċeduri ta' litigazzjoni konklużi fil-perjodu (fi snin)**	*Anness V.Parti 2.362, 364(c)*							”

ANNESS V

"ANNESS V

IR-RAPPORTAR DWAR L-INFORMAZZJONI FINANZJARJA

Werrej

PARTI 1: STRUZZJONIJIET ĠENERALI 830

1. Referenzi 830
2. Konvenzjonijiet 831
3. Konsolidazzjoni 832
4. Il-portafolli tal-kontabilità ta' strumenti finanzjarji. 833
4.1. Assi finanzjarji 833
4.2. Obbligazzjonijiet finanzjarji 834
5. Strumenti finanzjarji 834
5.1. Assi finanzjarji 835
5.2. Ammont riportat gross 835
5.3. Obbligazzjonijiet finanzjarji 836
6. Id-diżaggregazzjoni skont il-kontroparti 836

STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-FORMOLA 837

1. Il-karta bilanċjali 837
1.1. Assi (1.1) 837
1.2. Obbligazzjonijiet (1.2) 838
1.3. Ekwità (1.3) 839
2. Id-dikjarazzjoni ta' profitt jew telf (2) 840
3. Ir-rapport tal-introjtu komprensiv (3) 843
4. Id-diżaggregazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-istrument u skont is-settur tal-kontroparti (4) 844
5. Id-diżaggregazzjoni tas-self u l-avvanzi mhux tan-negozjar skont il-prodott (5) 846
6. Id-diżaggregazzjoni ta' self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont il-kodiċi NACE (6) 847
7. L-assi finanazjarji soġġetti għall-indeboliment li huma skaduti (7) 848
8. Id-diżaggregazzjoni ta' obbligazzjonijiet finanzjarji (8) 848
9. Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn (9) 849
10. Derivattivi u kontabilità għall-iħħeġġjar (10 u 11) 851
10.1. Il-klassifikazzjoni tad-derivattivi skont it-tip ta' riskju 852
10.2. L-ammonti li għandhom jiġu rrapportati għal derivattivi 853
10.3. Id-derivattivi klassifikati bħala 'ħeġġijiet ekonomiċi' 854
10.4. Id-diżaggregazzjoni tad-derivattivi skont is-settur tal-kontroparti 854
10.5. Kontabilità għall-iħħeġġjar taħt il-GAAP nazzjonali (11.2) 855
10.6. L-ammont li għandu jiġi rrapportat għal strumenti tal-iħħeġġjar mhux derivattivi (11.3 and 11.3.1) 855
10.7. Entrati ħħeġġjati f'ħeġġijiet b'valur ġust (11.4) 855

11. Ċaqliq fi provvedimenti u dispożizzjonijiet għal telf ta' kreditu (12) 856

11.1. Iċ-ċaqliq fil-provvedimenti għal telf u indeboliment ta' kreditu ta' strumenti ta' ekwità skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD (12.0) 856

11.2. Iċ-ċaqliq fi provvedimenti u dispożizzjonijiet għal telf ta' kreditu skont l-IFRS (12.1) 856

11.3. Trasferimenti bejn stadji ta' indeboliment (preżentazzjoni ta' bażi grossa) (12.2) 858

12. Il-kollateral u l-garanziji riċevuti (13) 858

12.1. Id-diżaggregazzjoni tal-kollateral u l-garanziji skont is-self u l-avvanzi minbarra dawk miżmuma għan-negozjar(13.1) 858

12.2. Il-kollateral miksub bit-teħid f'pussess matul il-perjodu (miżmum fid-data ta' referenza) (13.2.1) 859

12.3. Il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess akkumulat (13.3.1) 859

13. Ġerarkija tal-valur ġust: L-istrumenti finanzjarji bil-valur ġust (14) 859

14. L-irtirar tar-rikonoxximent u l-obligazzjonijiet finanzjarji assoċjati ma' assi finanzjarji trasferiti (15) 860

15. Id-diżaggregazzjoni ta' entrati speċifiċi tar-rapport tal-introjtu (16) 860

15.1. Id-dħul mill-imgħax u spejjeż skont l-istrument u s-settur tal-kontroparti (16.1) 860

15.2. Il-qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent tal-assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejla b'valur ġust permezz tal-profitt jew telf skont l-istrument (16.2) 861

15.3. Il-qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar u negozjar ta' assi finanzjarji u negozjar ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont l-istrument (16.3) 862

15.4. Il-qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar u n-negozjar ta' assi finanzjarji u n-negozjar ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont ir-riskju (16.4) 862

15.5. Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf skont l-istrument (16.4.1) 862

15.6. Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati bil-valur ġust għall-profitt jew telf skont l-istrument (16.5) 863

15.7. Il-qligħ jew telf mill-kontabilità għall-ħħeġġjar (16.6) 863

15.8. Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji (16.7) 863

15.9. Spejjeż Amministrattivi Oħra (16.8) 863

16. Ir-rikonċiljazzjoni bejn il-kontabilità u l-ambitu ta' konsolidazzjoni tas-CRR (17) 864

17. Skoperturi improduttivi (18) 864

17.1. Informazzjoni fuq skoperturi produttivi u improduttivi (18.0) 864

17.2. Flussi 'l ġewwa u flussi 'l barra ta' skoperturi improduttivi – self u avvanzi skont is-settur tal-kontroparti (18.1) 868

17.3. Self ta' Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE) u informazzjoni addizzjonali fuq self garantit bi proprjetà immobbli (18.2) 869

18. Skoperturi b'tolleranza (19) 870

19. Id-diżaggregazzjoni ġeografika (20) 873

19.1. Id-diżaggregazzjoni ġeografika skont il-post tal-attivitajiet (20.1-20.3) 873

19.2. Id-diżaggregazzjoni ġeografika skont ir-residenza tal-kontroparti (20.4-20.7) 873

20. Assi tanġibbli u intanġibbli: assi soġġetti għal lokazzjoni operatorja (21) 874

21. L-immaniġġar tal-assi, il-kustodja u funzjonijiet oħra ta' servizz (22) 874

21.1. L-introjtu mill-imposti u l-kummissjonijiet u l-ispejjeż skont l-attività (22.1) 874

21.2. L-assi involuti fis-servizzi provduti (22.2) 876

22. L-imgħax f'entitajiet strutturati mhux ikkonsolidati (30) 877

23. Partijiet relatati (31) 877
23.1. Partijiet relatati: ammonti pagabbli lil u ammonti riċevibbli minn (31.1) 877
23.2. Partijiet relatati: spejjeż u introjtu ġġenerati minn tranżazzjonijiet ma' (31.2) 877
24. L-istruttura tal-grupp (40) 878
24.1. L-istruttura tal-grupp: 'entità b'entità' (40.1) 878
24.2. L-istruttura tal-grupp: 'strument bi strument' (40.2) 879
25. Il-valur ġust (41) 879
25.1. Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji b'kost amortizzat (41.1) 879
25.2. L-użu tal-għażla ta' valur ġust (41.2) 879
26. Assi tanġibbli u intanġibbli: ammont riportat skont il-metodu ta' kejl (42) 880
27. Dispożizzjonijiet (43) 880
28. Pjanijiet ta' benefiċċji definiti u benefiċċji tal-impjegati (44) 880
28.1. Il-komponenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet netti tal-pjan ta' benefiċċju definit (44.1) 880
28.2. Ċaqliq fl-obbligi ta' benefiċċji definiti (44.2) 880
28.3. L-ispejjeż tal-persunal skont it-tip ta' benefiċċji (44.3) 880
28.4. L-ispejjeż tal-persunal skont il-kategorija ta' remunerazzjoni u l-kategorija tal-persunal (44.4) 881
29. Id-diżaggregazzjoni ta' entrati speċifiċi tar-rapport tal-introjtu (45) 881
29.1. Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf skont il-portafoll ta' kontabilità (45.1) 881
29.2. Il-qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi mhux finanzjarji (45.2) 881
29.3. Introjtu u spejjeż operatorji oħrajn (45.3) 881
30. Ir-rapport tal-bidliet fl-ekwità (46) 882
31. SELF U AVVANZI: INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI (23) 882
32. SELF U AVVANZI: FLUSSI TA' SKOPERTURI IMPRODUTTIVI, INDEBOLIMIENTI U TĦASSIR SA MILL-AĦĦAR TAS-SENA FINANZJARJA TA' QABEL (24) 883
32.1. Self u avvanzi: Flussi 'l ġewwa u 'l barra ta' skoperturi improduttivi (24.1) 883
32.2. Self u avvanzi: Fluss ta' indebolimenti u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi (24.2) 884
32.3. Self u avvanzi: Tħassir ta' skoperturi improduttivi matul il-perjodu (24.3) 885
33. KOLLATERAL MIKSUB BIL-PROĊESS TA' TEĦID TA' PUSSESS U TA' EŻEKUZZJONI (25) 885
33.1. Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess minbarra kollateral klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E): flussi 'l ġewwa u 'l barra (25.1) 885
33.2. Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess minbarra kollateral klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E) - Tip ta' kollateral miksub (25.2) 886
33.3. Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E) (25.3) 887
34. ĠESTJONI TAT-TOLLERANZA U KWALITÀ TAT-TOLLERANZA (26) 887
35. SELF U AVVANZI: ID-DURATA MEDJA U L-PERJODI TA' RKUPRU (47) 888

L-IMMAPPJAR TAL-KLASSIJIET TAL-ISKOPERTURI U S-SETTURI TAL-KONTROPARTIJIET 889

PARTI 1

STRUZZJONIJIET ĠENERALI

1. REFERENZI

1. Dan l-Anness jinkludi struzzjonijiet addizzjonali għall-formoli ta' informazzjoni finanzjarja ('FINREP') fl-Annessi III u IV ta' dan ir-Regolament. Dan l-Anness jikkumplimenta l-istruzzonijiet inklużi fil-forma ta' referenzi fil-formoli fl-Annessi III u IV.

2. Istituzzjonijiet li jużaw standards nazzjonali tal-kontabilità kompatibbli mal-IFRS ('GAAP nazzjonali kompatibbli') għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet komuni u tal-IFRS f'dan l-Anness, sakemm ma jkunx previst mod ieħor. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-konformità tar-rekwiżiti nazzjonali kompatibbli tal-GAAP mar-rekwiżiti tal-BAD. L-istituzzjonijiet li jużaw rekwiżiti tal-GAAP nazzjonali li mhuwiex kompatibbli mal-IFRS jew li għadhom ma sarux kompatibbli mar-rekwiżiti fl-IFRS 9 għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet komuni u tal-BAD f'dan l-Anness, sakemm ma jkunx previst mod ieħor.

3. Il-punti ta' *data* identifikati fil-formoli għandhom jitfasslu skont ir-regoli dwar ir-rikonoxximent, it-tpaċija u l-valwazzjoni tal-qafas ta' kontabilità rilevanti, kif definit fil-punt (77) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu biss dawk il-partijiet tal-formoli relatati ma':

   (a) assi, obbligazzjonijiet, ekwità, introjtu u spejjeż li huma rikonoxxuti mill-istituzzjoni;

   (b) skoperturi barra l-karta bilanċjali u attivitajiet li hija involuta fihom l-istituzzjoni;

   (c) tranżazzjonijiet imwettqa mill-istituzzjoni;

   (d) regoli dwar il-valwazzjoni, inklużi metodi għall-istima ta' provvedimenti għar-riskju ta' kreditu, applikati mill-istituzzjoni.

5. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

   (a) 'CRR': tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

   (b) 'IAS' jew 'IFRS': 'Standards Internazzjonali tal-Kontabilità', kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li ġew adottati mill-Kummissjoni;

   (c) 'Ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI' jew 'BĊE/2013/33': Ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 1071/2013 ([2]);

   (d) 'Ir-Regolament tan-NACE': Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

   (e) 'Kodiċi NACE': kodiċi fir-Regolament tan-NACE;

   (f) 'BAD': Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE ([4]);

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11/09/2002, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

(g) 'Id-Direttiva dwar il-Kontabilità': Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(h) 'GAAP nazzjonali': il-prinċipji tal-kontabbiltà nazzjonali ġeneralment aċċettati żviluppati skont il-BAD;

(i) 'SME': intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2003)1422 ([6]);

(j) 'Kodiċi ISIN': in-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli assenjat lit-titoli, magħmul minn 12-il karattru alfanumeriku, li jidentifika b'mod uniku l-ħruġ ta' titoli;

(k) 'Kodiċi LEI': l-Identifikatur globali ta' Entità Ġuridika assenjat lill-entitajiet, li jidentifika b'mod uniku parti għal tranżazzjoni finanzjarja;

(l) 'Stadji ta' indeboliment': kategoriji ta' indeboliment kif definiti fl-IFRS 9.5.5. 'Stadju 1' jirreferi għall-indeboliment imkejjel skont l-IFRS 9.5.5.5. 'Stadju 2' jirreferi għall-indeboliment imkejjel skont l-IFRS 9.5.5.3. 'Stadju 3' jirreferi għall-indeboliment fuq assi b'indeboliment tal-kreditu kif definit fl-Appendiċi A tal-IFRS 9;

(m) 'Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar l-għeluq ta' lakuni fid-dejta dwar il-proprjetà immobbli' tirreferi għar-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Ottubru 2016 dwar l-għeluq ta' lakuni fid-dejta dwar il-proprjetà immobbli (BERS/2016/14) ([7]).

2. KONVENZJONIJIET

6. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV, punt ta' *data* fuq sfond griż għandu jfisser li dak il-punt ta' *data* mhuwiex mitlub jew mhuwiex possibbli li jiġi rrapportat. Fl-Anness IV, ringiela jew kolonna b'referenzi fuq sfond iswed għandhom ifissru li l-punti ta' *data* relatati ma għandhomx jiġu ppreżentati minn dawk l-istituzzjonijiet li jsegwu dawk ir-referenzi f'dik ir-ringiela jew kolonna.

7. Il-formoli fl-Annessi III u IV jinkludu regoli impliċiti dwar il-validazzjoni li huma stabbiliti fil-formoli nfushom permezz tal-użu ta' konvenzjonijiet.

8. L-użu ta' parentesi fit-tikketta ta' entrata f'formola ifisser li din l-entrata għandha titnaqqas biex jinkiseb total, iżda ma jfissirx li għandha tiġi rrapportata bħala negattiva.

9. L-entrati li għandhom jiġu rrapportati bħala negattivi huma identifikati fil-formoli ta' kumpilazzjoni billi jiġi inkluż '(-)' fil-bidu tat-tikketta tagħhom bħal fl-'(-) Azzjonijiet tat-teżor'.

10. Fil-'Formola tal-Punti ta' Data' ('DPM') għall-formoli tar-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja tal-Annessi III u IV, kull punt ta' *data* (ċellula) għandu 'entrata bażi' li għaliha huwa allokat l-attribut ta' 'kreditu/debitu'. Dik l-allokazzjoni tiżgura li l-entitajiet kollha li jirrapportaw punti ta' *data* jsegwu 'il-konvenzjoni dwar is-sinjali' u tippermetti li jkun magħruf l-attribut ta' 'kreditu/debitu' li jikkorrispondi għal kull punt ta'*data*.

11. B'mod skematiku, din il-konvenzjoni taħdem bħal fit-Tabella 1.

([5]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([6]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (C(2003) 1422) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Ottubru 2016 dwar l-għeluq ta' lakuni fid-dejta dwar il-proprjetà immobbli (BERS/2016/14) (ĠU C 31, 31.1.2017, p. 1).

Tabella 1

Il-konvenzjoni dwar il-kreditu/id-debitu, is-sinjali pożittivi u negattivi

Elementi	Kreditu/Debitu	Bilanċ/Ċaqliq	Ċifra rrapportata
Assi	Debitu	Bilanċ fuq l-assi	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Żieda fuq l-assi	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Bilanċ negattiv fuq l-assi	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
		Tnaqqis fuq l-assi	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
Spejjeż		Bilanċ fuq l-ispejjeż	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Żieda fuq l-ispejjeż	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Bilanċ negattiv (inkluż treġġigħ lura) fuq l-ispejjeż	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
		Tnaqqis fuq l-ispejjeż	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
Obbligazzjonijiet	Kreditu	Bilanċ fuq l-obbligazzjonijiet	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Żieda fuq l-obbligazzjonijiet	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Bilanċ negattiv fuq l-obbligazzjonijiet	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
		Tnaqqis fuq l-obbligazzjonijiet	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
Ekwità		Bilanċ fuq l-ekwità	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Żieda fuq l-ekwità	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Bilanċ negattiv fuq l-ekwità	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
		Tnaqqis fuq l-ekwità	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
Introjtu		Bilanċ fuq l-introjtu	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Żieda fuq l-introjtu	Pożittiva ('Normali', ma hemm bżonn ta' ebda sinjal)
		Bilanċ negattiv (inkluż treġġigħ lura) fuq l-introjtu	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')
		Tnaqqis fuq l-introjtu	Negattiv (Hemm bżonn tas-sinjal tal-minus '-')

3. KONSOLIDAZZJONI

12. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness, il-formoli FINREP għandhom jitħejjew bl-użu tal-ambitu prudenzjali ta' konsolidazzjoni skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti 1 tas-CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-sussidjarji, l-impriżi konġunti u l-kumpaniji assoċjati tagħhom billi jużaw l-istess metodi bħal fil-konsolidazzjoni prudenzjali:

(a) l-istituzzjonijiet jistgħu jitħallew jew ikunu meħtieġa japplikaw il-metodu ta' ekwità għal investimenti f'sussidjarji tal-assigurazzjoni u mhux finanzjarji skont l-Artikolu 18(5) tas-CRR;

(b) l-istituzzjonijiet jistgħu jitħallew jużaw il-metodu ta' konsolidazzjoni proporzjonali għal sussidjarji finanzjarji skont l-Artikolu 18(2) tas-CRR;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jużaw il-metodu ta' konsolidazzjoni proporzjonali għall-investiment f'impriżi konġunti skont l-Artikolu 18(4) tas-CRR.

4. IL-PORTAFOLLI TAL-KONTABILITÀ TA' STRUMENTI FINANZJARJI.

13. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll dan l-Anness, 'portafolli tal-kontabilità' tfisser strumenti finanzjarji aggregati skont regoli ta' valwazzjoni. Dawk l-aggregazzjonijiet ma għandhomx jinkludu investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati, bilanċi riċevibbli fuq talba klassifikati bħala 'Flus, bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti oħra ta' domanda', u lanqas l-istrumenti finanzjarji klassifikati bħala 'Miżmumin għall-bejgħ' ippreżentati fl-entrati 'Assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ' u 'Obbligazzjonijiet inklużi fil-gruppi tad-disponiment ikklassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ'.

14. Skont il-GAAP nazzjonali, l-istituzzjonijiet li jistgħu jew huma meħtieġa japplikaw ċerti regoli ta' valwazzjoni għal strumenti finanzjarji skont l-IFRS għandhom jissottomettu, sa fejn jiġu applikati dawk ir-regoli, il-portafolli tal-kontabilità tal-IFRS rilevanti. Fejn ir-regoli dwar il-valwazzjoni għal strumenti finanzjarji li l-istituzzjonijiet jistgħu jew huma meħtieġa jużaw skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD jirreferu għar-regoli dwar il-valwazzjoni fl-IAS 39, l-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu l-portafolli tal-kontabilità bbażati fuq il-BAD għall-istrumenti finanzjarji kollha tagħhom sakemm ir-regoli dwar il-valwazzjoni li japplikaw jirreferu għar-regoli dwar il-valwazzjoni fl-IFRS 9.

4.1. **Assi finanzjarji**

15. Il-portafolli tal-kontabilità li ġejjin ibbażati fuq l-IFRS għandhom jintużaw għal assi finanzjarji:

(a) 'Assi finanzjarji miżmuma għan-negozjar';

(b) 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf';

(c) 'Assi finanzjarji speċifikati f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf';

(d) 'Assi finanzjarji f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv';

(e) 'Assi finanzjarji b'kost amortizzat'.

16. Il-portafolli tal-kontabilità bbażati fuq il-GAAP nazzjonali għandhom jintużaw għal assi finanzjarji:

(a) 'Assi finanzjarji tan-negozjar';

(b) 'Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf';

(c) 'Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla f'valur ġust għall-ekwità';

(d) 'Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla b'metodu bbażat fuq il-kost';

(e) 'Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar oħrajn'.

17. 'Assi finanzjarji tan-negozjar' tinkludi l-assi finanzjarji kollha kklassifikati bħala negozjar skont il-GAAP Nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD. Irrispettivament mill-metodoloġija ta' kejl applikata skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, id-derivattivi kollha b'bilanċ pożittiv għall-istituzzjoni li tirrapporta li mhumiex klassifikati bħala kontabilità għall-iħħeġġjar skont il-paragrafu 22 ta' din il-Parti għandhom jiġu rrapportati bħala assi finanzjarji ta' negozjar. Dik il-klassifikazzjoni għandha tapplika wkoll għad-derivattivi li skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD mhumiex rikonoxxuti fil-karta bilanċjali, jew li għandhom biss il-bidliet fil-valur ġust tagħhom rikonoxxuti fil-karta bilanċjali jew li huma użati bħala ħeġġijiet ekonomiċi kif definit fil-paragrafu 137 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness.

18. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, għal assi finanzjarji, 'il-metodi bbażati fuq il-kost' għandhom jinkludu dawk ir-regoli dwar il-valwazzjoni li bihom jitkejjel l-istrument ta' dejn skont il-kost flimkien mal-imgħax dovut, nieqes it-telf mill-indeboliment.

19. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejla b'metodu bbażat fuq il-kost' tinkludi strumenti finanzjarji mkejla b'metodi bbażati fuq il-kost kif ukoll strumenti mkejla fl-inqas mill-kost jew is-suq ('LOCOM') skont bażi mhux kontinwa (LOCOM moderat) irrispettivament mill-kejl propju tagħhom u d-*data* ta' referenza ta' rapportar. Assi mkejla b'LOCOM moderat huma assi li għalihom il-LOCOM huwa applikat biss f'ċirkostanzi speċifiċi. Il-qafas ta' kontabilità jipprovdi għal dawn iċ-ċirkostanzi, bħal indeboliment, tnaqqis prolongat fil-valur ġust meta mqabbel mal-kost jew bidla fl-intenzjoni tal-ġestjoni.

20. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD, 'Assi finanzjarji oħrajn mhux derivattivi u mhux tan-negozjar' għandhom jinkludu assi finanzjarji li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni f'portafolli tal-kontabilità oħrajn. Dak il-portafoll tal-kontabilità jinkludi, fost oħrajn, assi finanzjarji li jitkejlu bil-LOCOM fuq bażi kontinwa ('LOCOM strett'). Assi mkejla b'LOCOM strett huma assi li għalihom il-qafas tal-kontabilità applikabbli jipprovdi jew għall-kejl inizjali u sussegwenti b'LOCOM, jew għall-kejl inizjali b'kost u l-kejl sussegwenti b'LOCOM.

21. Irrispettivament mill-metodu ta' kejl tagħhom, l-investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati li mhumiex konsolidati bis-sħiħ jew proporzjonalment skont l-ambitu regolatorju ta' konsolidazzjoni huma rrapportati 'f'Investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati', ħlief fejn huma kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ skont l-IFRS 5.

22. 'Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar' għandha tinkludi derivattivi b'bilanċ pożittiv għall-istituzzjoni li tirrapporta miżmuma għall-kontabilità għall-iħħeġġjar skont l-IFRS. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, id-derivattivi tal-portafoll bankarju għandhom jiġu kklassifikati bħala derivattivi miżmumin għall-kontabilità għall-iħħeġġjar biss fejn ikun hemm regoli ta' kontabilità speċjali għal derivattivi tal-portafoll bankarju skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, u d-derivattivi jnaqqsu r-riskju ta' pożizzjoni oħra fil-portafoll bankarju.

4.2. **Obbligazzjonijiet finanzjarji**

23. Il-portafolli tal-kontabilità li ġejjin ibbażati fuq l-IFRS għandhom jintużaw għal obbligazzjonijiet finanzjarji:

(a) 'Obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar';

(b) 'Obbligazzjonijiet finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf';

(c) 'Obbligazzjonijiet finanzjarji mkejla b'kost amortizzat'.

24. Il-portafolli tal-kontabilità li ġejjin ibbażati fuq il-GAAP Nazzjonali għandhom jintużaw għal obbligazzjonijiet finanzjarji:

(a) 'Obbligazzjonijiet finanzjarji tan-negozjar';

(b) 'Obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla b'metodu bbażat fuq il-kost'.

25. 'Obbligazzjonijiet finanzjarji tan-negozjar' tinkludi l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha klassifikati bħala negozjar skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD. Irrispettivament mill-metodoloġija ta' kejl applikata skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, id-derivattivi kollha b'bilanċ negattiv għall-istituzzjoni li tirrapporta li mhumiex klassifikati bħala kontabilità għall-iħħeġġjar skont il-paragrafu 26 ta' din il-Parti għandhom jiġu rrapportati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji ta' negozjar. Dik il-klassifikazzjoni għandha tapplika wkoll għad-derivattivi li skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD mhumiex rikonoxxuti fil-karta bilanċjali, jew li għandhom biss il-bidliet fil-valur ġust tagħhom rikonoxxuti fil-karta bilanċjali jew li huma użati bħala ħeġġijiet ekonomiċi kif definit fil-paragrafu 137 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness.

26. 'Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar' għandha tinkludi derivattivi b'bilanċ negattiv għall-istituzzjoni li tirrapporta miżmuma għall-kontabilità għall-iħħeġġjar skont l-IFRS. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD, id-derivattivi tal-portafoll bankarju għandhom jiġu klassifikati bħala kontabilità għall-iħħeġġjar biss jekk ikun hemm regoli ta' kontabilità speċjali għal derivattivi tal-portafoll bankarju skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD u jekk id-derivattivi jnaqqsu r-riskju ta' pożizzjoni oħra fil-portafoll bankarju.

5. STRUMENTI FINANZJARJI

27. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll ta' dan l-Anness, 'l-ammont riportat' tfisser l-ammont li jrid jiġi rrapportat fil-karta bilanċjali. L-ammont riportat ta' strumenti finanzjarji għandu jinkludi l-imgħax dovut. Skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, l-ammont riportat tad-derivattivi għandu jkun jew l-ammont riportat skont il-GAAP nazzjonali inkluż dovuti, il-valuri tal-premium u d-dispożizzjonijiet jekk applikabbli, jew għandu jkun ugwali għal żero meta d-derivattivi mhumiex rikonoxxuti fil-karta bilanċjali.

28. Jekk ikunu rikonoxxuti skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, dovuti u differimenti ta' strumenti finanzjarji inkluż dovuti tal-imgħax, il-premiums u skontijiet jew kostijiet ta' tranżazzjoni għandhom jiġu rrapportati flimkien mal-istrument u mhux bħala assi oħra jew obbligazzjonijiet oħra.

29. Fejn applikabbli skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, 'Haircuts għal pożizzjonijiet tan-negozjar ivvalutati f'valur ġust' għandhom jiġu rrapportati. Il-haircuts inaqqsu l-valur tal-assi tan-negozjar u jżidu l-valur tal-obbligazzjonijiet tan-negozjar.

5.1. **Assi finanzjarji**

30. L-assi finanzjarji għandhom jitqassmu fost il-klassijiet ta' strumenti li ġejjin: 'Flus fl-idejn', 'Derivattivi', 'Strumenti ta' ekwità', 'Titoli ta' dejn', u 'Self u avvanzi'.

31. 'Titoli ta' dejn' huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni maħruġa bħala titoli li mhumiex self kif definit fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.

32. 'Self u avvanzi' huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjonijiet li mhumiex titoli. Dik il-partita tinkludi self kif definit fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI kif ukoll avvanzi li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala self" kif definiti fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI. 'Avvanzi li mhumiex self' huma kkaratterizzati aktar fil-paragrafu 85(g) tal-Parti 2 ta' dan l-Anness.

33. Fil-FINREP, 'strumenti ta' dejn' għandha tinkludi 'self u avvanzi' kif ukoll 'titoli ta' dejn'.

5.2. **Ammont riportat gross**

34. L-ammont riportat gross tal-istrumenti ta' dejn għandu jkollu t-tifsira li ġejja:

(a) skont l-IFRS u l-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD għal strumenti ta' dejn imkejla f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf mingħajr ma jiġu inklużi fil-portafoll miżmum għan-negozjar jew tan-negozjar, l-ammont riportat gross għandu jiddependi fuq jekk dawk l-istrumenti ta' dejn humiex klassifikati bħala produttivi jew improduttivi. Għal strumenti ta' dejn produttivi, l-ammont riportat gross għandu jkun il-valur ġust. Għal strumenti ta' dejn improduttivi, l-ammont riportat gross għandu jkun il-valur ġust wara li jerġa' jiġi miżjud kwalunkwe tibdil negattiv akkumulat fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu, kif definit fil-paragrafu 69 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness. Għall-finijiet tal-kejl tal-ammont riportat gross, il-valwazzjoni tal-istrumenti ta' dejn għandha titwettaq fil-livell tal-istrumenti finanzjarji individwali.

(b) skont l-IFRS għal strumenti ta' dejn b'kost amortizzat jew f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv, l-ammont riportat gross għandu jkun l-ammont riportat qabel ma jsir aġġustament għal kwalunkwe provvediment għat-telf;

(c) skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, għal strumenti ta' dejn klassifikati bħala 'assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejla b'metodu bbażat fuq il-kost', l-ammont riportat gross ta' assi indeboliti għandu jkun ugwali għall-ammont riportat qabel ma jsir aġġustament għal provvedimenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu. L-ammont riportat gross ta' assi mhux indeboliti għandu jkun l-ammont riportat qabel ma jsir aġġustament għal provvedimenti ġenerali għal riskju ta' kreditu u provvedimenti ġenerali għal riskju bankarju, fejn dawn jaffettwaw l-ammont riportat;

(d) skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, l-ammont riportat gross ta' strumenti ta' dejn klassifikati bħala 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejla f'valur ġust għall-ekwità' għandu jiddependi fuq jekk dawk l-assi finanzjarji humiex soġġetti għal rekwiżiti ta' indeboliment. Fejn huma soġġetti għal rekwiżiti ta' indeboliment, l-ammont riportat gross għandu jkun l-ammont riportat qabel ma jsir aġġustament għal kwalunkwe indeboliment akkumulat, skont ir-rekwiżiti fil-punt (c) hawn fuq għal assi indeboliti u mhux indeboliti, jew kwalunkwe ammont akkumulat ta' aġġustament ta' valur ġust meqjus bħala telf minn indeboliment. Meta dawk l-assi finanzjarji ma jkunux soġġetti għal rekwiżiti ta' indeboliment, l-ammont riportat gross ta' dawn l-assi finanzjarji għandu jkun il-valur ġust għal skoperturi produttivi, u għal skoperturi improduttivi l-valur ġust wara li jerġa' jiġi miżjud kwalunkwe aġġustament ta' valur ġust negattiv akkumulat minħabba riskju ta' kreditu;

(e) skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, l-ammont riportat gross ta' strumenti ta' dejn imkejla b'LOCOM strett jew moderat għandu jkun il-kost meta jitkejjel bħala kost waqt il-perjodu ta' referenza ta' rapportar. Meta dawk l-istrumenti ta' dejn jitkejlu bil-valur tas-suq, l-ammont riportat gross għandu jkun il-valur tas-suq qabel ma jsir aġġustament għall-aġġustamenti ta' valur indott b'riskju ta' kreditu;

(f) skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, għall-istrumenti ta' dejn irrapportati taħt 'Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar oħrajn' skont metodi ta' kejl għajr il-LOCOM, l-ammont riportat gross għandu jkun l-ammont riportat qabel ma jittieħed inkunsiderazzjoni kwalunkwe aġġustament ta' valwazzjoni li jikkwalifika bħala indeboliment;

(g) għal assi finanzjarji ta' negozjar skont il-GAAP abbażi tal-BAD jew għal assi finanzjarji miżmuma għan-negozjar skont l-IFRS, l-ammont riportat gross għandu jkun il-valur ġust. Fejn il-GAAP abbażi tal-BAD ikunu jeħtieġu haircuts fuq strumenti ta' negozjar u b'valur ġust, l-ammont riportat tal-istrumenti finanzjarji għandu jkun il-valur ġust qabel dawk il-haircuts.

5.3. **Obbligazzjonijiet finanzjarji**

35. L-obbligazzjonijiet finanzjarji għandhom jitqassmu fost il-klassijiet ta' strumenti li ġejjin: 'Derivattivi', 'Pożizzjonijiet qosra', 'Depożiti', 'Titoli ta' dejn maħruġa' u 'Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn'.

36. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll dan l-Anness, 'depożiti' għandhom ikunu depożiti kif definiti fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.

37. 'Titoli ta' dejn maħruġa' għandhom ikunu strumenti ta' dejn maħruġa bħala titoli mill-istituzzjoni li mhumiex depożiti, kif definiti fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.

38. 'Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn' għandha tinkludi l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha minbarra derivattivi, pożizzjonijiet qosra, depożiti u titoli ta' dejn maħruġa.

39. Skont l-IFRS 'Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn' għandha tinkludi l-garanziji finanzjarji mogħtija meta jitkejlu jew bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf (IFRS 9.4.2.1(a)) jew bl-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes l-amortizzament kumulattiv (IFRS 9.4.2.1(c)(ii)). L-impenji ta' self mogħtija għandhom jiġu rrapportati bħala 'Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn' fejn huma speċifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf (IFRS 9.4.2.1(a)) jew meta jkunu impenji biex jipprovdu self b'rata tal-imgħax inqas minn dik tas-suq (IFRS 9.2.3(c), IFRS 9.4.2.1(d)).

40. Meta impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija jitkejlu f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf, kwalunkwe bidla fil-valur ġust, inkluż bidliet minħabba riskju ta' kreditu, għandhom jiġu rrapportati bħala 'obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn' u mhux bħala dispożizzjonijiet għall-'Impenji u l-garanziji mogħtija'.

41. 'Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn' għandha tinkludi wkoll dividendi li jridu jitħallsu, ammonti pagabbli fir-rigward ta' entrati ta' sospiża u transitu, u ammonti pagabbli fir-rigward ta' saldi futuri ta' tranżazzjonijiet f'titoli jew tranżazzjonijiet tal-kambju ta' muniti barranin meta ammonti pagabbli għal tranżazzjonijiet jiġu rikonoxxuti qabel id-data tal-pagament.

6. ID-DIŻAGGREGAZZJONI SKONT IL-KONTROPARTI

42. Meta tkun meħtieġa diżaggregazzjoni skont il-kontroparti, għandhom jintużaw is-setturi tal-kontroparti li ġejjin:

(a) il-banek ċentrali;

(b) amministrazzjonijiet pubbliċi: gvernijiet ċentrali, gvernijiet statali jew reġjonali u gvernijiet lokali, inklużi l-korpi amministrattivi u impriżi mhux kummerċjali, iżda esklużi l-kumpaniji pubbliċi u l-kumpaniji privati miżmuma minn dawn l-amministrazzjonijiet li għandhom attività kummerċjali (li għandhom jiġu rrapportati taħt 'istituzzjonijiet ta' kreditu', 'korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn' jew 'korporazzjonijiet mhux finanzjarji' skont l-attività tagħhom); fondi tas-sigurtà soċjali; u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali;

(c) istituzzjonijiet ta' kreditu: kwalunkwe istituzzjoni koperta bid-definizzjoni fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR ('impriża li l-kompitu tagħha jkun li tieħu depożiti jew fondi oħra ripagabbli mingħand il-pubbliku u li tagħti krediti għan-nom proprju') u banek multilaterali tal-iżvilupp (MDBs);

(d) korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn: il-korporazzjonijiet u kważikorporazzjonijiet finanzjarji kollha minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu bħal ditti tal-investiment, fondi tal-investiment, kumpaniji tal-assigurazzjoni, fondi tal-pensjonijiet, intrapriżi għal investiment kollettiv, u kmamar tal-ikklirjar kif ukoll intermedjarji finanzjarji, awżiljarji finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji ristretti u mutwanti tal-flus;

(e) korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFCs): korporazzjonijiet u kważikorporazzjonijiet li mhumiex involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja iżda prinċipalment fil-produzzjoni ta' prodotti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji, kif definiti fit-Tabella tal-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI;

(f) unitajiet domestiċi: individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u produtturi ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji esklussivament għall-konsum tagħhom stess, u bħala produtturi ta' prodotti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji u servizzi finanzjarji, diment li l-attivitajiet tagħhom mhumiex dawk ta' kważikorporazzjonijiet. Istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi ('NPISH') u li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' prodotti u servizzi mhux tas-suq maħsuba għal gruppi partikolari ta' unitjajiet domestiċi għandhom jiġu inklużi.

43. L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklussivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed għandha ssir abbażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-iktar rilevanti, jew determinanti, sabiex l-istituzzjoni tagħti l-iskopertura. Fost klassifikazzjonijiet oħrajn, id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrba b'mod konġunt skont is-settur tal-kontroparti, il-pajjiż ta' residenza u l-kodiċi NACE għandha tkun xprunata mill-karatteristiċi tal-obbligant l-aktar rilevanti jew determinanti.

44. Il-kontropartijiet immedjati fit-tranżazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu:

(a) għal self u avvanzi, il-mutwatarju immedjat. Għal riċevibbli tan-negozju, il-mutwatarju immedjat għandu jkun il-kontroparti li hija obbligata tħallas ir-riċevibbli, ħlief fi tranżazzjonijiet b'rikors, fejn il-kontroparti għandha tkun it-trasferent ta' riċevibbli meta l-istituzzjoni li tirrapporta ma takkwistax b'mod sostanzjali r-riskji u l-gwadjani ta' sjieda tar-riċevibbli trasferiti;

(b) għal titoli ta' dejn u strumenti ta' ekwità, l-emittent tat-titoli;

(c) għal depożiti, id-depożitant;

(d) għal pożizzjonijiet qosra, il-kontroparti tat-tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli jew ftehim ta' riakkwist invers;

(e) għal derivattivi, il-kontroparti diretta tal-kuntratt tad-derivattivi. Għal derivattivi OTC ikklerjati ċentralment, il-kontroparti diretta għandha tkun il-kamra tal-ikklerjar li taġixxi bħala kontroparti ċentrali. Id-diżaggregazzjoni tal-kontroparti għal derivattivi tar-riskju ta' kreditu tirreferi għas-settur fejn tappartjeni l-kontroparti tal-kuntratt (akkwirent jew bejjiegħ tal-protezzjoni);

(f) għal garanziji finanzjarji mogħtija, il-kontroparti għandha tkun il-kontroparti diretta tal-istrument ta' dejn garantit;

(g) għal impenji ta' self u impenji oħra mogħtija, il-kontroparti li r-riskju ta' kreditu tagħha huwa assunt mill-istituzzjoni li tirrapporta;

(h) għal impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn riċevuti, il-garanti jew il-kontroparti li pprovdiet l-impenn lill-istituzzjoni li tirrapporta.

PARTI 2

STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-FORMOLA

1. IL-KARTA BILANĊJALI

1.1. **Assi (1.1)**

1. 'Flus fl-idejn' għandha tinkludi parteċipazzjonijiet ta' karti tal-flus u muniti nazzjonali u barranin fiċ-ċirkolazzjoni li jintużaw ta' spiss biex isiru pagamenti.

2. 'Bilanċi tal-flus fil-banek ċentrali' għandha tinkludi bilanċi riċevibbli fuq talba fil-banek ċentrali.

3. 'Depożiti ta' domanda oħrajn' għandha tinkludi bilanċi riċevibbli fuq talba ma' istituzzjonijiet ta' kreditu.

4. ‘Investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati’ għandha tinkludi l-investimenti f’kumpaniji assoċjati, impriżi konġunti u sussidjarji li mhumiex konsolidati bis-sħiħ jew proporzjonalment skont l-ambitu regolatorju ta’ konsolidazzjoni, ħlief fejn għandhom jiġu klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ skont l-IFRS 5, irrispettivament minn kif inhuma mkejla, inkluż fejn l-istandards ta’ kontabilità jippermettu li jiġu inklużi fil-portafolli ta’ kontabilità differenti użati għal strumenti finanzjarji. L-ammont riportat ta’ investimenti kontabbilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità għandu jinkludi l-avvjament relatat.

5. Assi li mhumiex assi finanzjarji u li minħabba n-natura tagħhom ma setgħux jiġu klassifikati f’entrati speċifiċi tal-karta bilanċjali għandhom jiġu rrapportati ‘f’Assi oħrajn’. Assi oħrajn għandha tinkludi, fost oħrajn, deheb, fidda u komoditajiet oħrajn, anki fejn dawn huma miżmuma bl-intenzjoni ta’ negozjar.

6. Skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, l-ammont riportat ta’ azzjonijiet proprji riakkwistati għandu jiġi rrapportat bħala ‘assi oħrajn’ fejn il-preżentazzjoni bħala assi hi permessa skont il-GAAP nazzjonali rilevanti.

7. ‘Assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ’ għandu jkollha l-istess tifsira bħal fl-IFRS 5.

1.2. **Obbligazzjonijiet (1.2)**

8. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, id-dispożizzjonijiet għal telf kontinġenti li jirriżulta mill-parti ineffettiva tar-relazzjoni tal-ħeġġ fil-portafoll għandhom jiġu rrapportati fir-ringiela ‘Derivattivi – Kontabilità għall-iħħeġġjar’ fejn it-telf jirriżulta mill-valwazzjoni tad-derivattiv tal-iħħeġġjar, jew fir-ringiela ‘Bidliet fil-valur ġust tal-entrati ħħeġġjati fil-ħeġġ fil-portafoll fuq ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax’ fejn it-telf jirriżulta mill-valwazzjoni tal-pożizzjoni ħħeġġjata. Fejn ma hi possibbli l-ebda distinzjoni bejn it-telf li jirriżulta mill-valwazzjoni tad-derivattiv tal-iħħeġġjar u telf li jirriżulta mill-valwazzjoni tal-pożizzjoni ħħeġġjata, id-dispożizzjonijiet kollha għal telf kontinġenti li jirriżulta mill-parti ineffettiva tar-relazzjoni tal-ħeġġ fil-portafoll għandhom jiġu rrapportati fir-ringiela ‘Derivattivi – Kontabilità għall-iħħeġġjar’.

9. Dispożizzjonijiet għal ‘Pensjonijiet u obbligi ta’ benefiċċji definiti oħrajn għal wara l-impjieg’ għandhom jinkludu l-ammont ta’ obbligazzjonijiet ta’ benefiċċji definiti netti.

10. Skont l-IFRS id-dispożizzjonijiet għal ‘Benefiċċji fit-tul oħrajn għall-impjegati’ għandhom jinkludu l-ammont tad-defiċits fil-pjanijiet ta’ benefiċċji fit-tul għall-impjieg elenkat fl-IAS 19.153. L-ispiża dovuta minn benefiċċji għal żmien qasir għall-impjegati (IAS 19.11(a)), pjanijiet ta’ kontribuzzjoni definita (IAS 19.51(a)) u benefiċċji għat-terminazzjoni tal-impjieg (IAS 19.169(a)) għandha tiġi inkluża f’‘Obbligazzjonijiet oħrajn’.

11. Skont l-IFRS, dispożizzjonijiet għal ‘Impenji u garanziji mogħtija’ għandhom jinkludu provvedimenti relatati mal-impenji u l-garanziji kollha, irrispettivament minn jekk l-indeboliment tagħhom huwiex determinat skont l-IFRS 9 jew jekk il-provvediment tagħhom isegwix l-IAS 37 jew jekk humiex trattati bħala kuntratti tal-assigurazzjoni skont l-IFRS 4. L-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn impenji u garanziji finanzjarji mkejla b’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf ma għandhomx jiġu rrapportati bħala dispożizzjonijiet għalkemm huma dovuti għar-riskju ta’ kreditu, iżda bħala ‘obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn’ skont il-paragrafu 40 tal-Parti 1 ta’ dan l-Anness. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, dispożizzjonijiet għal ‘Impenji u garanziji mogħtija’ għandhom jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-impenji u l-garanziji kollha.

12. ‘Kapital azzjonarju ripagabbli fuq talba’ għandha tinkludi l-istrumenti kapitali maħruġa mill-istituzzjoni li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu kklassifikati f’ekwità. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu f’din l-entrata l-ishma kooperattivi li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu klassifikati f’ekwità.

13. Obbligazzjonijiet li mhumiex obbligazzjonijiet finanzjarji u li minħabba n-natura tagħhom ma jistgħux jiġu klassifikati f’entrati speċifiċi tal-karta bilanċjali għandhom jiġu rrapportati ‘f’Obbligazzjonijiet oħrajn’.

14. ‘Obbligazzjonijiet inklużi fi gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ’ għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fl-IFRS 5.

15. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD ‘Fondi għal riskju bankarju ġenerali’ huma ammonti li ġew assenjati skont l-Artikolu 38 tal-BAD. Fejn rikonoxxuti, dawn għandhom jidhru b’mod separat jew bħala obbligazzjonijiet taħt ‘dispożizzjonijiet’ jew fi ħdan l-ekwità taħt ‘riżervi oħrajn’ skont il-GAAP nazzjonali rilevanti.

1.3. **Ekwità (1.3)**

16. Skont l-IFRS, l-istrumenti ta' ekwità li huma strumenti finanzjarji għandhom jinkludu dawk il-kuntratti li jaqgħu taħt l-ambitu tal-IAS 32.

17. Skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, 'Kapital mhux imħallas li ġie prelevat' għandha tinkludi l-ammont riportat ta' kapital maħruġ mill-istituzzjoni li ġie prelevat għall-abbonati iżda mhux imħallas fid-data ta' referenza. Jekk iż-żieda fil-kapital, li għadha ma tħallsitx, tiġi rreġistrata bħala żieda fil-kapital azzjonarju, il-kapital mhux imħallas li ġie prelevat għandu jiġi rrapportat f'Kapital mhux imħallas li ġie prelevat' fil-formola 1.3 kif ukoll f'assi oħrajn' fil-formola 1.1. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, fejn iż-żieda fil-kapital tista' tiġi rreġistrata biss wara li tirċievi l-ħlas mingħand l-azzjonisti, il-kapital mhux imħallas ma għandhux jiġi rrappurtat fil-formola 1.3.

18. 'Komponent ta' ekwità ta' strumenti finanzjarji komposti' għandha tinkludi l-komponent tal-ekwità ta' strumenti finanzjarji komposti (jiġifieri, l-istrumenti finanzjarji li fihom komponent kemm ta' obbligazzjoni kif ukoll ta' ekwità) maħruġ mill-istituzzjoni, meta segregat skont il-qafas ta' kontabilità rilevanti (inklużi strumenti finanzjarji komposti b'derivattivi inkorporati multipli li l-valuri tagħhom huma interdipendenti).

19. 'Strumenti ta' ekwità oħrajn maħruġa' għandha tinkludi strumenti ta' ekwità li huma strumenti finanzjarji għajr 'Kapital' u 'Komponent ta' ekwità ta' strumenti finanzjarji komposti'.

20. 'Ekwita oħra' għandha tkopri l-istrumenti ta' ekwità kollha li mhumiex strumenti finanzjarji inklużi, fost l-oħrajn, tranżazzjonijiet ta' ħlas ibbażati fuq azzjonijiet imħallsa b'ekwità (IFRS 2.10).

21. 'Bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv' għandha tinkludi l-qligħ u t-telf akkumulati minħabba bidliet fil-valur ġust fuq investimenti fi strumenti ta' ekwità li għalihom l-entità li tirrapporta għamlet l-għażla rrevokabbli li tippreżenta l-bidliet b'valur ġust f'introjtu ieħor komprensiv.

22. 'L-ineffettività tal-ħeġġ ta' ħeġġijiet f'valur ġust għal strumenti ta' ekwità mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv' għandha tinkludi l-ineffettività akkumulata tal-ħeġġ li tirriżulta f'ħeġġijiet ta' valur ġust li fihom l-entrata ħħeġġjata hija strument ta' ekwità mkejjel b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv. L-ineffettività tal-ħeġġ rrapportata f'din ir-ringiela għandha tkun id-differenza bejn il-varjazzjoni akkumulata tal-valur ġust tal-istrument ta' ekwità rrapportata f'bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv (entrata ħħeġġjata)' u l-varjazzjonijiet akkumulati tal-valur ġust tad-derivattiv tal-ihħeġġjar irrapportati f'Bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv (strument tal-ihħeġġjar)' (IFRS 9.6.5.3 u IFRS 9.6.5.8).

23. 'Bidliet fil-valur ġust ta' obbligazzjonijiet finanzjarji b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu' għandha tinkludi qligħ u telf akkumulati rikonoxxuti f'introjtu ieħor komprensiv u relatati mar-riskju tal-kreditu proprju għal obbligazzjonijiet speċifikati f'valur ġust permezz ta' qligħ jew telf, irrispettivament minn jekk l-ispeċifikazzjoni ssirx b'rikonoxximent inizjali jew sussegwentement.

24. 'Hedge ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin (porzjon effettiv)' għandha tinkludi r-riserva ta' qlib ta' munita barranija għall-porzjon effettiv kemm ta' ħeġġijiet kontinwi ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin kif ukoll ħeġġijiet ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin li ma għadhomx japplikaw filwaqt li l-operazzjonijiet barranin jibqgħu rikonoxxuti fil-karta bilanċjali.

25. 'Derivattivi għall-ihħeġġjar. Riżerva tal-ihħeġġjar tal-fluss tal-flus (porzjon effettiv)' għandha tinkludi r-riżerva tal-ħeġġ tal-fluss tal-flus għall-porzjon effettiv tal-varjazzjoni b'valur ġust tad-derivattivi tal-ihħeġġjar f'ħeġġ ta' fluss tal-flus, kemm għal ħeġġijiet ta' flussi ta' flus kontinwi kif ukoll għal ħeġġijiet ta' flussi ta' flus li ma għadhomx japplikaw.

26. 'Bidliet fil-valur ġust tal-istrument ta' dejn imkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv' għandha tinkludi qligħ jew telf akkumulat fuq strumenti ta' dejn imkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv, nett tal-provvediment tat-telf li jitkejjel fid-data tar-rapportar skont l-IFRS 9.5.5.

27. ‘Strumenti tal-ħħeġġjar (mhux entrati speċifiċi)’ għandha tinkludi l-bidliet akkumulati fil-valur ġust ta’ dawn kollha li ġejjin:

(a) il-valur taż-żmien ta’ għażla fejn il-bidliet fil-valur ta’ żmien u l-valur intrinsiku ta’ dik l-għażla huma separati u hija speċifikata bħala strument tal-ħħeġġjar il-bidla fil-valur intrinsiku biss (IFRS 9.6.5.15);

(b) l-element forward ta’ kuntratt forward fejn l-element forward u l-element spot ta’ dak il-kuntratt forward huma separati u hija speċifikata bħala strument tal-ħħeġġjar il-bidla fl-element spot tal-kuntratt forward biss;

(c) Il-firxa tal-bażi tal-munita barranija minn strument finanzjarju fejn din il-firxa hija eskluża mill-ispeċifikazzjoni ta’ dak l-istrument finanzjarju bħala l-istrument tal-ħħeġġjar (IFRS 9.6.5.15, IFRS 9.6.5.16).

28. Skont l-IFRS, ‘Riżervi ta’ rivalwazzjoni’ għandha tinkludi l-ammont ta’ riżervi li jirriżultaw mill-adozzjoni għall-ewwel darba għall-IAS li ma ġewx rilaxxati għal tipi oħra ta’ riżervi.

29. ‘Riżervi oħrajn’ għandha tinqasam bejn ‘Riżervi jew telf akkumulat ta’ investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati’ kkontabilizzati bl-użu tal-metodu ta’ ekwità” u ‘Oħrajn’. ‘Riżervi jew telf akkumulat ta’ investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità’ għandha tinkludi l-ammont akkumulat ta’ introjtu u spejjeż iġġenerati mill-investimenti msemmija iktar kmieni permezz ta’ profitt jew telf f’dawn l-aħħar snin fejn jiġu kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità. ‘Oħrajn’ għandha tinkludi riżervi differenti minn dawk divulgati b’mod separat f’entrati oħrajn u tista’ tinkludi riżerva legali u riżerva statutorja.

30. ‘Azzjonijiet tat-teżor’ għandha tkopri l-istrumenti finanzjarji kollha li għandhom il-karatteristiċi ta’ strumenti proprji ta’ ekwità li ġew riakkwistati mill-istituzzjoni filwaqt li ma jinbigħux jew jiġu amortizzati, ħlief fejn skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD dawn għandhom jiġu rrapportati f’‘assi oħrajn’.

2. ID-DIKJARAZZJONI TA’ PROFITT JEW TELF (2)

31. Id-dħul mill-imgħax u l-ispejjeż tal-imgħax minn strumenti finanzjarji mkejla b’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf u minn derivattivi tal-ħħeġġjar klassifikati fil-kategorija ‘kontabilità għall-ħħeġġjar’, għandhom jiġu rrapportati jew separatament minn qligħ jew telf oħrajn taħt l-entrati ‘dħul mill-imgħax’ u ‘spejjeż mill-imgħax’ (‘prezz nadif’) jew bħala parti mill-qligħ jew telf minn dawn il-kategoriji ta’ strumenti (‘prezz maħmuġ’). L-approċċ ta’ prezz nadif jew maħmuġ għandu jiġi applikat b’mod konsistenti għall-istrumenti finanzjarji kollha mkejla f’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf u għad-derivattivi għall-ħħeġġjar klassifikati fil-kategorija ‘kontabilità għall-ħħeġġjar’.

32. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-entrati li ġejjin, li jinkludu l-introjtu u l-ispejjeż fir-rigward ta’ partijiet relatati mhux konsolidati bis-sħiħ jew proporzjonalment skont l-ambitu regolatorju ta’ konsolidazzjoni, diżaggregati skont il-portafolli tal-kontabilità:

(a) ‘Dħul mill-imgħax’;

(b) ‘Spejjeż tal-imgħax’;

(c) ‘Introjtu mid-dividendi’;

(d) ‘Qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent tal-assi finanzjarji u obbligazzjonijiet mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf nett’;

(e) ‘Qligħ jew telf ta’ modifika, nett’;

(f) ‘Indeboliment jew (-) treġġigħ lura tal-indeboliment fuq assi finanzjarji mhux imkejla b’valur ġust permezz ta’profitt jew telf’.

33. ‘Dħul mill-imgħax. Assi finanzjarji miżmuma għan-negozjar’ u ‘Spejjeż tal-imgħax. Obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar’; għandha tinkludi, fejn jintuża l-prezz nadif, l-ammonti relatati ma’ dawk id-derivattivi klassifikati fil-kategorija ‘miżmuma għan-negozjar’ li huma strumenti tal-ħħeġġjar minn perspettiva ekonomika iżda mhux ta’ kontabilità sabiex jiġu preżentati dħul u spejjeż tal-imgħax korretti mill-istrumenti finanzjarji li jiġu ħħeġġjati.

34. Fejn jintuża l-prezz nadif, 'Dħul mill-imgħax. Assi finanzjarji miżmuma għan-negozjar' u 'Spejjeż tal-imgħax. Obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar' għandhom jinkludu wkoll tariffi maqsuma skont il-ħin u l-bilanċ tal-ħlas fir-rigward ta' derivattivi ta' kreditu mkejla b'valur ġust u użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu ta' parti minn jew strument finanzjarju kollu li huwa speċifikat f'valur ġust f'dik l-okkażjoni (IFRS 9.6.7).

35. 'Dħul mill-imgħax. Derivattivi – Kontabilità għall-iħħeġġjar, riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax' u 'Spejjeż tal-imgħax. Derivattivi – Kontabilità għall-iħħeġġjar, riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax' għandha tinkludi, fejn jintuża l-prezz nadif, l-ammonti relatati ma' dawk id-derivattivi klassifikati fil-kategorija 'kontabilità għall-iħħeġġjar' li jkopru riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, inklużi ħeġġijiet ta' grupp ta' entrati b'pożizzjonijiet ta' tpaċija tar-riskju (ħeġġijiet ta' pożizzjoni netta) li r-riskju ħħeġġjat tagħhom jaffettwa partiti differenti fir-rapport tal-introjtu. Fejn jintuża l-prezz nadif, dawk l-ammonti għandhom jiġu rrapportati bħala introjtu u spejjeż tal-imgħax fuq bażi grossa biex jippreżentaw dħul mill-imgħax korrett mill-entrati ħħeġġjati li magħhom huma marbuta. Bi prezz nadif, fejn l-entrata ħħeġġjata tiġġenera dħul mill-imgħax (spiża), dawk l-ammonti għandhom jiġu rrapportati bħala dħul mill-imgħax (spiża) anke fejn dan ikun ammont negattiv (pożittiv).

36. 'Dħul mill-imgħax - assi oħrajn' għandha tinkludi l-ammonti tad-dħul mill-imgħax li mhumiex inklużi fl-entrati l-oħra, bħal dħul mill-imgħax relatat ma' flus, bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn u assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ kif ukoll introjtu mill-imgħax nett minn assi ta' benefiċċji definiti nett.

37. Skont l-IFRS u fejn ma jiġix stipulat mod ieħor fil-GAAP nazzjonali, l-interessi fir-rigward ta' obbligazzjonijiet finanzjarji b'rata effettiva tal-imgħax negattiva għandhom jiġu rrapportati fi 'Dħul mill-imgħaxx fuq l-obbligazzjonijiet'. Dawn l-obbligazzjonijiet u l-interessi tagħhom iwasslu għal rendiment pożittiv għal istituzzjoni.

38. 'Spejjeż tal-imgħax - obbligazzjonijiet oħrajn' għandha tinkludi ammonti ta' spejjeż tal-imgħax li mhumiex inklużi f'entrati oħrajn, bħal spejjeż tal-imgħax relatati ma' obbligazzjonijiet inklużi fi gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, spejjeż minn żidiet fl-ammont riportat ta' dispożizzjoni li jirriflettu l-mogħdija taż-żmien jew l-ispejjeż tal-imgħax netti minn obbligazzjonijiet netti ta' benefiċċju definit.

39. Skont l-IFRS u fejn ma jiġix provdut mod ieħor fil-GAAP nazzjonali, l-interessi fir-rigward ta' assi finanzjarji b'rata effettiva tal-imgħax negattiva għandhom jiġu rrapportati fi 'Spejjeż tal-imgħax fuq l-assi'. Dawk l-assi u l-interessi tagħhom iwassalu għal rendiment negattiv għal istituzzjoni.

40. L-introjtu mid-dividendi fuq strumenti ta' ekwità mkejla b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf għandhom jiġu rrapportati jew bħala 'introjtu mid-dividendi' b'mod separat minn qligħ u telf ieħor minn dawk il-klassijiet ta' strumenti fejn jintuża l-prezz nadif jew bħala parti mill-qligħ u t-telf minn dawk il-klassijiet ta' strumenti fejn jintuża l-prezz maħmuġ.

41. L-introjtu mid-dividendi fuq strumenti ta' ekwità speċifikati b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv għandu jinkorpora dividendi relatati ma' strumenti li r-rikonoxximent tagħhom ġie rtirat matul il-perjodu ta' referenza ta' rapportar u dividendi relatati ma' strumenti miżmuma fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza ta' rapportar.

42. L-introjtu mid-dividendi minn investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati għandu jinkludi d-dividendi ta' dawn l-investimenti fejn huma kkontabilizzati bl-użu ta' metodi għajr dawk ta' ekwità.

43. 'Qligħ jew (-) telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar, nett' għandha tinkludi qligħ u telf fir-rikalkolu u l-irtirar tar-rikonoxximent ta' strumenti finanzjarji klassifikati bħala miżmuma għan-negozjar. Din l-entrata għandha tinkludi wkoll qligħ u telf fuq derivattivi ta' kreditu mkejla f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu ta' strument finanzjarju kollu jew parti minnu li huwa speċifikat bħala mkejjel f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf, kif ukoll dħul u spejjeż mid-dividendi u mill-imgħax fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet miżmuma għan-negozjar fejn jintuża l-prezz maħmuġ.

44. 'Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf' għandha tinkludi wkoll l-ammont rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu għar-riskju ta' kreditu proprju ta' obbligazzjonijiet speċifikati f'valur ġust fejn ir-rikonoxximent tal-bidliet tar-riskju ta' kreditu proprju f'introjtu ieħor komprensiv joħloq jew iżid l-isparità kontabilistiku (IFRS 9.5.7.8). Din l-entrata għandha tinkludi wkoll qligħ jew telf fuq strumenti ħħeġġjati li huma speċifikati bħala mkejla f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf fejn l-ispeċifikazzjoni tintuża għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu, kif ukoll għad-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf fejn jintuża l-prezz maħmuġ.

45. ‘Qligħ jew (-) telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta’ assi finanzjarji u obbligazzjonijiet mhux imkejla f’valur ġust permezz ta’profitt jew telf’ ma għandhiex tinkludi qligħ fuq strumenti ta’ ekwità li entità relatriċi tagħżel li tkejjel f’valur ġust permezz ta’ introjtu ieħor komprensiv (IFRS 9.5.7.1(b)).

46. Fejn bidla fil-mudell ta’ negozju twassal għar-riklassifikazzjoni ta’ assi finanzjarju f’portafoll tal-kontabilità differenti, il-qligħ jew it-telf mir-riklassifikazzjoni għandhom jiġu rrapportati fir-ringieli rilevanti tal-portafoll tal-kontabilità li fih huwa riklassifikat l-assi finanzjarju, skont dan li ġej:

(a) fejn assi finanzjarju huwa riklassifikat barra mill-kategorija tal-kejl tal-kost amortizzat u fil-valur ġust permezz tal-portafoll tal-kontabilità tal-qligħ jew tat-telf (IFRS 9.5.6.2), qligħ jew telf minħabba r-riklassifikazzjoni għandhom jiġu rrapportati ‘f’Qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar, nett’ jew ‘Qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji mhux tan-negozjar b’mod obbligatorju f’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf, nett’, skont kif applikabbli;

(b) fejn assi finanzjarju huwa riklassifikat barra mill-valur ġust permezz ta’ kategorija tal-kejl ta’ introjtu ieħor komprensiv u fil-valur ġust permezz ta’ kategorija tal-kejl ta’ profitt jew telf (IFRS 9.5.6.7), il-qligħ jew telf kumulattivi preċedentement rikonoxxuti f’introjtu ieħor komprensiv riklassifikat fi profitt jew telf għandhom jiġu rrapportati fi ‘Qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar, nett’ jew ‘Qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji mhux għan-negozar b’mod obbligatorju f’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf, nett’, skont kif applikabbli.

47. ‘Qligħ jew (-) telf minn kontabilità għall-inħeġġjar, nett’ għandha tinkludi qligħ jew telf fuq strumenti tal-inħeġġjar u entrati ħheġġjati, inkluż dawk fuq entrati ħheġġjati mkejla b’valur ġust permezz ta’ introjtu ieħor komprensiv għajr strumenti ta’ ekwità, f’ħeġġ fuq il-valur ġust skont l-IFRS 9.6.5.8. Din għandha tinkludi wkoll il-parti ineffettiva tal-varjazzjoni tal-valur ġust tal-istrumenti tal-inħeġġjar f’ħeġġ tal-flussi tal-flus. Ir-riklassifikazzjonijiet tar-riżerva tal-ħeġġ tal-flussi tal-flus jew tar-riżerva għal ħeġġijiet ta’ investiment nett f’operazzjoni barranija għandhom jiġu rikonoxxuti fl-istess ringieli ‘tar-Rapport tal-introjtu’ bħal dawk affettwati mill-flussi tal-flus tal-entrati ħheġġjati. ‘Qligħ jew (-) telf mill-kontabilità għall-inħeġġjar, nett’ għandha tinkludi wkoll il-qligħ jew telf minn ħeġġijiet ta’ investiment nett f’operazzjonijiet barranin. Din l-entrata għandha tinkludi wkoll qligħ fuq ħeġġijiet ta’ pożizzjonijiet netti.

48. ‘Qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta’ assi mhux finanzjarji’ għandha tinkludi l-qligħ u t-telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta’ assi mhux finanzjarji, ħlief fejn huma klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ jew bħala investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati.

48i. ‘Kontribuzzjonijiet fi flus għal fondi ta’ riżoluzzjoni u skemi ta’ garanzija tad-depożiti’ għandhom jinkludu l-ammonti ta’ kontribuzzjonijiet għal fondi ta’ riżoluzzjoni u skemi ta’ garanzija tad-depożiti fejn jitħallsu fil-forma ta’ flus kontanti. Meta l-kontribuzzjoni ssir fil-forma ta’ impenn ta’ pagament, dan l-impenn ta’ pagament għandu jkun inkluż fid-‘dispożizzjonijiet jew(-) inverżjoni tad-dispożizzjonijiet’, jekk l-impenn ta’ pagament iwassal għal responsabbiltà skont l-istandard tal-kontabilità applikabbli.

49. ‘Qligħ jew (-) telf ta’ modifika, nett’ għandha tinkludi l-ammonti li jirriżultaw mill-aġġustament tal-ammonti riportati grossi ta’ assi finanzjarji sabiex jirriflettu l-flussi tal-flus kuntrattwali nnegozjati mill-ġdid jew modifikati (IFRS 9.5.4.3 u Appendiċi A). Il-qligħ jew telf ta’ modifika ma għandhomx jinkludu l-impatt tal-modifiki fuq l-ammont ta’ telf ta’ kreditu mistenni, li għandu jiġi rrapportat ‘f’Indeboliment jew (-) treġġigħ lura tal-indeboliment fuq assi finanzjarji mhux imkejla f’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf’.

50. ‘Dispożizzjonijiet jew (-) treġġigħ lura tal-provvedimenti. Impenji u garanziji mogħtija’ għandha tinkludi l-imposti netti ‘fir-Rapport tal-introjtu’ għal provvedimenti fuq l-impenji u l-garanziji kollha fl-ambitu tal-IFRS 9, l-IAS 37 jew l-IFRS 4 skont il-paragrafu 11 ta’ din il-Parti, jew skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD. Skont l-IFRS, kwalunkwe bidla fil-valur ġust ta’ impenji u garanziji finanzjarji mkejla b’valur ġust għandha tiġi rrapportata fi ‘Qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati f’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf, nett’. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet jinkludu l-ammont ta’ indeboliment għal impenji u garanziji li għalihom l-indeboliment huwa ddeterminat skont l-IFRS 9 jew id-dispożizzjoni tagħhom issegwi l-IAS 37 jew huma trattati bħala kuntratti tal-assigurazzjoni skont l-IFRS 4.

51. Skont l-IFRS, ‘Indeboliment jew (-) treġġigħ lura tal-indeboliment fuq assi finanzjarji mhux imkejla b’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf’ għandha tinkludi l-qligħ jew telf kollu ta’ indeboliment għal strumenti ta’ dejn li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli ta’ indeboliment fl-IFRS 9.5.5, irrispettivament minn jekk it-telf ta’ kreditu mistenni skont l- IFRS 9.5.5 huwiex stmat fuq perjodu ta’ 12-il xahar jew tul il-ħajja, u inkluż il-qligħ jew it-telf ta’ indeboliment għal riċevibbli tan-negozju, assi tal-kuntratt u riċevibbli ta’ lokazzjoni (IFRS 9.5.5.15).

52. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD 'Indeboliment jew (-) treġġigħ lura ta' indeboliment fuq assi finanzjarji mhux imkejla b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf' għandha tinkludi l-provvedimenti kollha u t-treġġigħ lura ta' provvedimenti ta' strumenti finanzjarji mkejla b'metodi bbażati fuq il-kost minħabba l-bidla fl-affidabbiltà kreditizja tad-debitur jew l-emittent, kif ukoll, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-GAAP nazzjonali, il-provvedimenti minħabba l-indeboliment ta' strumenti finanzjarji mkejla b'valur ġust permezz tal-metodu tal-ekwità u metodi oħra ta' kejl, inkluż il-LOCOM.

53. 'Indeboliment jew (-) treġġigħ lura tal-indeboliment fuq assi finanzjarji mhux imkejla b'valur ġust permezz ta'profitt jew telf' għandha tinkludi wkoll l-ammonti mħassra - kif definit fil-paragrafu 72, 74 u 165(b) ta' din il-Parti ta' dan l-Anness - li jaqbżu l-ammont tal-provvediment ta' telf fid-data tat-tħassir u għaldaqstant huma rikonoxxuti bħala telf direttament fi profitt jew telf, kif ukoll bħala rkupri ta' ammonti preċedentement imħassra rreġistrati direttament fir-rapport tal-introjtu.

54. Is-sehem ta' profitt jew telf minn sussidjarji, kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti li huma kkontabilizzati skont il-metodu tal-ekwità fl-ambitu regolatorju ta' konsolidazzjoni għandu jiġi rrapportat fi ħdan 'Is-sehem ta' profitt jew (-) telf ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti jew assoċjati kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità'. Skont l-IAS 28.10, l-ammont riportat tal-investiment għandu jitnaqqas bl-ammont tad-dividendi mħallsa minn dawk l-entitajiet. L-indeboliment fuq dawk l-investimenti għandu jiġi rrapportat f'(Indeboliment jew (-) treġġigħ lura ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati)". Il-qligħ jew it-telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' dawn l-investimenti għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafu 55 u 56 ta' din il-Parti.

55. 'Profitt jew telf minn assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ li ma jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma tkomplewx' għandha tinkludi profitt jew telf iġġenerat minn assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ li ma jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma tkomplewx.

56. Skont l-IFRS, il-qligħ jew it-telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati għandu jiġi rrapportat fi ħdan il-'Profitt jew (-) telf qabel it-taxxa minn operazzjonijiet li ma tkomplewx' fejn huma meqjusa operazzjonijiet li ma tkomplewx skont l-IFRS 5. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, dak il-qligħ u telf għandu jiġi rrapportat fi 'Qligħ jew telf (-) fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati, nett'.

3. IR-RAPPORT TAL-INTROJTU KOMPRENSIV (3)

57. 'Qligħ jew (-) telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar ta' strumenti ta' ekwità f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv' għandha tinkludi l-bidla fl-ineffettività akkumulata tal-ħeġġ f'ħeġġijiet b'valur ġust li fihom l-entrata ħheġġjata hija strument ta' ekwità mkejjel f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv. Il-bidla fl-ineffettività akkumulata tal-ħeġġ rrapportata f'din ir-ringiela għandha tkun id-differenza bejn il-bidliet fil-varjazzjoni tal-valur ġust tal-istrument ta' ekwità rrapportata f'bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejla f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv (entrata ħheġġjata)' u l-bidliet fil-varjazzjoni tal-valur ġust tad-derivattiv tal-iħħeġġjar irrapportati f'Bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' ekwità mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv (strument tal-iħħeġġjar)'.

58. 'Hedge ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin (porzjon effettiv)' għandha tinkludi l-bidla fir-riżerva ta' qlib ta' munita barranija akkumulata għall-porzjon effettiv ta' ħeġġijiet kemm kontinwi kif ukoll li ma tkomplewx ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin.

59. Għal ħeġġijiet ta' investiment nett f'operazzjonijiet barranin u ħeġġijiet tal-flussi tal-flus, l-ammonti rispettivi rrapportati fi 'Trasferiti għal profitt jew telf' għandhom jinkludu l-ammonti trasferiti għax il-flussi ħheġġjati seħħew u ma għadhomx mistennija li jseħħu.

60. 'Strumenti tal-iħħeġġjar (mhux elementi speċifiċi)' għandha tinkludi l-bidliet fil-bidliet akkumulati fil-valur ġust ta' dawn kollha li ġejjin fejn mhumiex speċifikati bħala komponent tal-iħħeġġjar:

(a) valur taż-żmien tal-opzjonijiet;

(b) elementi forward ta' kuntratti forward;

(c) firxa tal-bażi ta' muniti barranin ta' strumenti finanzjarji.

61. Għall-opzjonijiet, l-ammonti riklassifikati għal profitt jew telf u rrapportati fi 'Trasferiti għal profitt jew telf' għandhom jinkludu riklassifikazzjonijiet minħabba opzjonijiet li jagħmlu ħeġġ ta' entrata ħheġġjata relatata ma' tranżazzjoni u opzjonijiet li jagħmlu ħeġġ ta' entrata ħeġġ relatata ma' perjodu ta' żmien.

62. 'Strumenti ta' dejn f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv' għandha tinkludi qligħ jew telf fuq strumenti ta' dejn imkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv għajr qligħ jew telf minn indeboliment u qligħ jew telf fil-kambju tal-muniti barranin, li rispettivament għandhom jiġu rrapportati '(Indeboliment jew (-) treġġigħ lura tal-indeboliment fuq assi finanzjarji mhux imkejla f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf)' u 'f"Differenzi tal-kambju (qligħ jew (-) telf), nett' fil-formola 2. B'mod partikolari, 'Ittrasferit għal profitt jew telf' għandha tinkludi t-trasferiment għal profitt jew telf minħabba l-irtirar tar-rikonoxximent jew ir-riklassifikazzjoni fil-valur ġust permezz tal-kategorija ta' kejl ta' profitt jew telf.

63. Fejn assi finanzjarju jiġi riklassifikat barra mill-kategorija ta' kejl tal-kost amortizzat u fil-valur ġust permezz ta' kategorija ta' kejl ta' introjtu ieħor komprensiv (IFRS 9.5.6.4), il-qligħ jew telf li jirriżultaw minħabba r-riklassifikazzjoni għandhom jiġu rrapportati fi 'Strumenti ta' dejn b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv'.

64. Fejn ass finanzjarju jiġi riklassifikat barra mill-valur ġust permezz ta' kategorija ta' kejl ta' introjtu ieħor komprensiv u fil-valur ġust permezz ta' kategorija ta' kejl ta' profitt jew telf (IFRS 9.5.6.7) jew fil-kategorija ta' kejl tal-kost amortizzat (IFRS 9.5.6.5), il-qligħ u t-telf kumulattiv riklassifikat preċedentement rikonoxxut f'introjtu ieħor komprensiv għandhom jiġu rrapportati rispettivament fi 'Trasferiti għal profitt jew telf' u f'Riklassifikazzjonijiet oħrajn', b'aġġustament, fl-aħħar każ, tal-ammont riportat tal-assi finanzjarju.

65. Għall-komponenti kollha tal-introjtu ieħor komprensiv, 'Riklassifikazzjonijiet oħrajn' għandha tinkludi trasferimenti għajr ir-riklassifikazzjonijiet mill-introjtu ieħor komprensiv għall-profitt jew it-telf jew għall-ammont riportat inizjali ta' entrati ħheġġjati fil-każ ta' ħeġġijiet tal-flussi tal-flus.

66. Skont l-IFRS 'Taxxa fuq l-introjtu relatata ma' entrati li mhumiex se jiġu rikklassifikati' u 'Taxxa fuq l-introjtu relatata ma' entrati li jistgħu jiġu rikklassifikati għal profitt jew (-) telf' (IAS 1.91 (b), IG6) għandhom jiġu rrapportati bħala partiti separati.

4. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TAL-ASSI FINANZJARJI SKONT L-ISTRUMENT U SKONT IS-SETTUR TAL-KONTROPARTI (4)

67. L-assi finanzjarji għandhom jiġu diżaggregati skont il-portafoll u l-istrument ta' kontabilità u – fejn meħtieġ – skont il-kontroparti. Għal strumenti ta' dejn imkejla f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv u b'kost amortizzat, l-ammont riportat gross ta' assi u indebolimenti akkumulati għandu jkun diżaggregat skont l-istadji ta' indeboliment.

68. Id-derivattivi rrapportati bħala assi finanzjarji ta' negozjar skont il-GAAP abbażi tal-BAD jinkludu strumenti mkejla f'valur ġust kif ukoll strumenti mkejla b'metodi bbażati fuq il-kost jew il-LOCOM.

69. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll dan l-Anness, 'bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riksju ta' kreditu' tfisser, għal skoperturi improduttivi, bidliet akkumlati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu fejn il-bidla netta akkumulata hija negattiva. Il-bidla netta akkumulata fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għandha tiġi kkalkolata billi jingħaddu flimkien il-bidliet negattivi u pożittivi kollha fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu li seħħew sa mir-rikonoxximent tal-istrument ta' dejn. Dak l-ammont għandu jiġi rrapportat biss jekk l-addizzjoni tal-bidliet pożittivi u negattivi fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu tirriżulta f'ammont negattiv. Il-valwazzjoni tal-istrumenti tad-dejn għandha titwettaq fil-livell ta' strumenti finanzjarji individwali. Għal kull strument ta' dejn 'Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu' għandha tiġi rrapportata sal-irtirar tar-rikonoxximent tal-istrument.

70. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll ta' dan l-Anness, 'indeboliment akkumulat' għandu jkollha t-tifsira li ġejja:

(a) għal strumenti ta' dejn imkejla b'kost amortizzat jew b'metodu bbażat fuq il-kost, indeboliment akkumulat huwa l-ammont kumulattiv ta' telf minn indeboliment, nett tal-użu u treġġigħ lura li ġie rikonoxxut, fejn xieraq għal kull wieħed mill-istadji ta' indeboliment. L-indeboliment akkumulat inaqqas l-ammont riportat tal-istrument ta' dejn permezz tal-użu ta' kont ta' provvediment skont l-IFRS u GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, jew permezz ta' tnaqqis dirett li ma jikkostitwixxix każ ta' irtirar tar-rikonoxximent skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD.

(b) għal strumenti ta' dejn imkejla f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv skont l-IFRS, l-indeboliment akkumulat huwa s-somma tat-telf ta' kreditu mistenni u l-varjazzjonijiet tiegħu rikonoxxuti bħala tnaqqis tal-valur ġust fuq strument partikolari sa mir-rikonoxximent inizjali;

(c) għal strumenti ta' dejn f'valur ġust permezz ta' ekwità skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD soġġetti għal indeboliment, l-indeboliment akkumulat huwa l-ammont kumulattiv tat-telf ta' indeboliment, nett tal-użu u t-treġġigħ lura li ġie rikonoxxut. It-tnaqqis fl-ammont riportat isir jew permezz tal-użu ta' kont ta' provvediment jew permezz ta' tnaqqis dirett li ma jikkostitwixxix każ ta' irtirar tar-rikonoxximent.

71. Skont l-IFRS, l-indeboliment akkumulat għandu jinkludi l-provvediment għat-telf ta' kreditu mistenni għal assi finanzjarji skont kull wieħed mill-istadji ta' indeboliment speċifikati fl-IFRS 9. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, għandu jinkludi provvediment speċifiku u ġenerali għar-riskju ta' kreditu, kif ukoll il-provvediment ġenerali għar-riskju bankarju fejn dan inaqqas l-ammont riportat ta' strumenti ta' dejn. L-indeboliment akkumulat għandu jinkludi wkoll l-aġġustamenti ta' valur indott b'riskju ta' kreditu fuq assi finanzjarji skont il-LOCOM.

72. 'Tħassir parzjali akkumulat' u 'Tħassir totali akkumulat' għandhom jinkludu, rispettivament, l-ammont parzjali u totali akkumulat bħal fid-data ta' referenza ta' imgħax prinċipali dovut skadut u imposti ta' kwalunkwe strument ta' dejn li sal-lum ġie rtirat ir-rikonoxximent tiegħu bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi deskritti fil-paragrafu 74 għax l-istituzzjoni ma għandha l-ebda aspettattiv raġonevoli li tirkupra l-flussi ta' flus kuntrattwali. Dawk l-ammonti għandhom jiġu rrapportati sakemm jiġu totalment eżawriti d-drittijiet kollha tal-istituzzjoni li tirrapporta sal-iskadenza tal-perjodu tal-istatut ta' limitazzjonijiet, maħfra jew kawżi oħrajn, jew sal-irkupru. Għaldaqstant, fejn l-ammonti mħassra ma jiġux rkuprati, għandhom jiġu rrapportati waqt li jkunu soġġetti għal attivitajiet ta' infurzar.

73. Fejn strument ta' dejn eventwalment jitħassar kompletament minħabba tħassir parzjali suċċessiv, l-ammont kumulattiv imħassar għandu jiġi riklassifikat mit-'Tħassir parzjali akkumulat' għall-kolonna 'Tħassir totali akkumulat'.

74. It-tħassir għandu jikkostitwixxi każ ta' rtirar tar-rikonoxximent u jirrigwarda assi finanzjarju fl-intier tiegħu jew parti minnhu, inkluż fejn il-modifika ta' assi twassal lill-istituzzjoni biex tirrinunzja d-dritt tagħha li tiġbor flussi ta' flus fuq parti minn dan l-assi jew kollu kif spjegat aktar fil-paragrafu 72. It-tħassir għandu jinkludi l-ammonti kkważati kemm minn tnaqqis tal-ammont riportat ta' assi finanzjarji rikonoxxuti direttament fi profitt jew telf kif ukoll minn tnaqqis fl-ammonti tal-kontijiet ta' provvediment għat-telf ta' kreditu mġarrab kontra l-ammont riportat ta' assi finanzjarji.

75. Il-kolonna 'li minnhom: Strumenti b'riskju ta' kreditu baxx' għandha tinkludi strumenti li huma meqjusa li għandhom riskju ta' kreditu baxx fid-data ta' rapportar u li għalihom l-istituzzjoni tassumi li r-riskju ta' kreditu ma żdiedx b'mod sinifikanti mir-rikonoxximent inizjali skont l-IFRS 9.5.5.10.

76. Riċevibbli tan-negozju fit-tifsira tal-IAS 1.54(h), assi ta' kuntratt u riċevibbli ta' lokazzjoni li għalihom l-approċċ issimplifikat tal-IFRS 9.5.5.15 għall-istima tal-provvedimenti ta' telf ġie applikat għandhom jiġu rrapportati fi ħdan is-self u l-avvanzi fil-formola 4.4.1. Il-provvediment ta' telf korrispondenti għal dawk l-assi għandu jiġi rrapportat jew f'Indeboliment akkumulat fuq assi b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali iżda li mhumiex b'indeboliment fil-kreditu (Stadju 2)' jew 'Indeboliment akkumulat fuq assi b'indeboliment fil-kreditu (Stadju 3)', skont jekk ir-riċevibbli tan-negozju, l-assi tal-kuntratt jew ir-riċevibbli ta' lokazzjoni fl-approċċ issimplifikat humiex meqjusa assi b'indeboliment fil-kreditu.

77. Assi finanzjarji mixtrija jew oriġinati li għandhom indeboliment fil-kreditu fir-rikonoxximent inizjali kif definiti fl-Appendiċi A tal-IFRS 9 għandhom jiġu rrapportati b'mod separat fil-formoli 4.3.1 u 4.4.1. Għal dawk l-assi, l-indeboliment akkumulat għandu jinkludi biss il-bidliet kumulattivi fit-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja sa mir-rikonoxximent inizjali (IFRS 9.5.5.13). L-ammont riportat gross korrispondenti u l-indeboliment akkumulat għal dawk l-assi għandhom jiġu rrapportati f'Assi b'indeboliment ta' kreditu (Stadju 3)' fir-rikonoxximent inizjali u sakemm dawn jitqiesu bħala assi b'indeboliment ta' kreditu skont id-definizzjoni ta' 'assi finanzjarji b'indeboliment ta' kreditu' tal-Appendiċi għall-IFRS 9 A. Meta dawk l-assi ma jkunux għadhom meqjusa bħala assi b'indeboliment ta' kreditu wara r-rikonoxximent inizjali, huma għandhom jiġu rrapportati f'Assi b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu sa mir-rikonoxximent inizjali iżda mhux b'indeboliment ta' kreditu (Stadju 2)'.

78. Fil-formola 4.5 l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont riportat ta 'Self u avvanzi' u 'Titoli ta' dejn' li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' 'dejn subordinat' fil-paragrafu 100 ta' din il-Parti.

79. Fil-formola 4.8, l-informazzjoni li trid tiġi rrapportata tiddependi fuq jekk l-Assi Finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejla b'valur ġust għall-ekwità jistgħux ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' indeboliment fl-applikazzjoni tal-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD. Fejn dawk l-assi finanzjarji huma soġġetti għal indeboliment, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw f'din il-formola informazzjoni li tirrigwarda l-ammont riportat, l-ammont riportat gross ta' assi mhux indeboliti u assi indeboliti, indeboliment akkumulat u tħassir akkumulat. Fejn dawn l-assi finanzjarji mhumiex soġġetti għal indeboliment, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-bidliet negattivi akkumulati f'valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għal skoperturi improduttivi.

80. Fil-formola 4.9, assi finanzjarji mkejla skont LOCOM moderat u l-aġġustamenti għall-valur assoċjat tagħhom għandhom jiġu identifikati b'mod separat minn assi finanzjarji oħra mkejla b'metodu bbażat fuq il-kost u l-indeboliment assoċjat tagħhom. Assi finanzjarji taħt metodu bbażat fuq il-kost, inkluż assi finanzjarji taħt LOCOM moderat, għandhom jiġu rrapportati bħala assi mhux indeboliti fejn ma għandhom l-ebda aġġustament tal-valur jew indeboliment assoċjat magħhom, u bħala assi indeboliti f'każ li jkollhom aġġustamenti tal-valur li jikkwalifikaw bħala indeboliment jew indeboliment assoċjat magħhom. Aġġustamenti tal-valur li jikkwalifikaw bħala indeboliment għandhom ikunu aġġustamenti tal-valur ta' kreditu indott għar-riskju li jirriflettu d-deterjorament tal-affidabbiltà kreditizja tal-kontroparti. Assi finanzjarji taħt LOCOM moderat b'aġġustamenti tal-valur indotti għar-riskju tas-suq li jirriflettu l-impatt tal-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq fuq il-valur tal-assi ma għandhomx jitqiesu bħala indeboliti. Aġġustamenti tal-valur indott b'riskju ta' kreditu akkumulat u riskju tas-suq għandhom jiġu rrapportati b'mod separat.

81. Fil-formola 4.10, assi mkejla b'LOCOM strett kif ukoll l-aġġustamenti għall-valur assoċjat tagħhom għandhom jiġu rrapportati separatament minn assi taħt metodi tal-kejl oħra. Assi finanzjarji taħt LOCOM strett u assi finanzjarji taħt metodi tal-kejl oħra għandhom jiġu rrapportati bħala assi indeboliti f'każ li jkollhom aġġustamenti tal-valur indotti għar-riskju ta' kreditu kif definit fil-paragrafu 80 jew indeboliment assoċjat magħhom. Assi finanzjarji taħt LOCOM strett b'aġġustamenti tal-valur indotti għar-riskju tas-suq kif definit fil-paragrafu 80 ma għandhomx jitqiesu bħala indeboliti. Aġġustamenti tal-valur indott b'riskju ta' kreditu akkumulat u riskju tas-suq għandhom jiġu rrapportati b'mod separat.

82. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, l-ammont ta' provvedimenti ġenerali għal riskju bankarju li jridu jiġu rrapportati fil-formoli applikabbli għandhom ikunu biss il-parti li taffettwa l-ammont riportat ta' strumenti ta' dejn (Artikolu 37.2 tal-BAD).

5. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TAS-SELF U L-AVVANZI MHUX TAN-NEGOZJAR SKONT IL-PRODOTT (5)

83. Self u avvanzi għajr dawk miżmuma għan-negozjar jew assi tan-negozjar għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' prodott u skont is-settur tal-kontroparti għall-ammont riportat u skont it-tip ta' prodotti għall-ammont riportat gross biss.

84. Il-bilanċi riċevibbli fuq talba, klassifikati bħala 'Flus, bilanċi tal-flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn' għandhom jiġu rrapportati wkoll f'din il-formola b'mod indipendenti minn kif jitkejlu.

85. Self u avvanzi għandhom jiġu allokati lill-prodotti li ġejjin:

(a) 'fuq talba (sejħa) u f'qasir żmien (kont kurrenti)' għandha tinkludi bilanċi riċevibbli fuq talba (sejħa), f'qasir żmien (sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol fil-ġurnata wara dik li fiha saret it-talba), kontijiet kurrenti u bilanċi simili inkluż self li huwa depożiti mil-lum għall-għada għall-mutwatarju (self li jrid jitħallas lura sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol fil-ġurnata wara dik li fiha ngħata), irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom. Għandha tinkludi wkoll 'overdrafts' li huma bilanċi tad-dejn fuq bilanċi tal-kont kurrenti u riżervi obbligatorji miżmuma fil-bank ċentrali;

(b) 'Dejn fuq il-karta tal-kreditu' għandha tinkludi kreditu mogħti jew permezz ta' karti tad-debitu mdewma jew permezz ta' karti tal-kreditu kif definiti fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI;

(c) 'Riċevibbli tan-negozju' għandha tinkludi self lil debituri oħrajn mogħti fuq il-bażi ta' kambjala jew dokumenti oħrajn li jagħtu d-dritt li jiġi riċevut ir-rikavat ta' tranżazzjonijiet għall-bejgħ ta' prodotti jew l-għoti ta' servizzi. Dik l-entrata għandha tinkludi l-fatturament kollu u tranżazzjonijiet simili, bħal aċċettazzjonijiet, xiri dirett ta' riċevibbli tan-negozju, forfaiting, skontar tal-fatturazzjoni, kambjala, karti kummerċjali u pretensjonijiet oħra fejn l-istituzzjoni li tirrapporta tixtri r-riċevibbli tan-negozju (kemm bi kif ukoll mingħajr fatturament);

(d) 'Lokazzjonijiet finanzjarji' għandha tinkludi l-ammont riportat ta' riċevibbli ta' lokazzjoni finanzjarja. Skont l-IFRS, 'riċevibbli ta' lokazzjoni finanzjarja' huma kif definiti fl-IAS 17;

(e) 'Self ta' retroriakkwist' għandha tinkludi finanzjament mogħti bi skambju għal titoli jew deheb mixtrija skont ftehimiet ta' riakkwist jew mislufa skont ftehimiet ta' self ta'titoli kif definit fil-paragrafi 183 u 184 ta' din il-Parti;

(f) 'Self b'terminu ieħor' għandha tinkludi bilanċi ta' debitu b'maturitajiet jew terimini fissi b'mod kuntrattwali li mhumiex inklużi f'entrati oħrajn;

(g) 'Avvanzi li mhumiex self' għandha tinkludi avvanzi li ma jistgħux jiġu klassifikati bħala 'self' skont it-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI. Dik l-entrata għandha tinkludi, fost l-oħrajn, ammonti grossi riċevibbli fir-rigward ta' entrati ta' sospiża (bħal fondi li qed jistennew investiment, trasferiment jew saldu) u entrati ta' tranżitu (bħal ċekkijiet u forom oħrajn ta' ħlas li ntbagħtu għall-ġbir).

86. Self u avvanzi għandhom jiġu kklassifikati abbażi tal-kollateral riċevut kif ġej:

(a) 'Self kollateralizzat bi proprjetà immobbli' għandha tinkludi self u avvanzi formalment garantiti b'kollateral tal-proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali, irrispettivament mill-proporzjon self/kollateral tagħhom (komunement imsejjaħ 'self għall-valur') u l-forma ġuridika tal-kollateral;

(b) 'Self kollateralizzat ieħor' għandha tinkludi self u avvanzi formalment garantiti b'kollateral, irrispettivament mill-proporzjon self/kollateral tagħhom (komunement imsejjaħ proporzjon tas-'self għall-valur' (LTV)) u l-forma ġuridika tal-kollateral, minbarra 'Self kollateralizzat bi proprjetà immobbli'. Dak il-kollateral għandu jinkludi rahan ta' titoli, flus u kollateral ieħor indipendentement mill-forma ġuridika tal-kollateral.

87. Self u avvanzi għandhom jiġu klassifikati abbażi tal-kollateral u irrispettivament mill-iskop tas-self. L-ammont riportat ta' self u avvanzi garantiti b'aktar minn tip ta' kollateral wieħed għandu jiġi klassifikat u rrapportat bħala kollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli fejn dawk is-self u l-avvanzit huma garantiti permezz ta' propjetà immobbli irrispettivament minn jekk humiex garantiti wkoll b'tipi oħra ta' kollateral.

88. Self u avvanzi għandhom jiġu klassifikati abbażi tal-iskop tagħhom bħala:

(a) 'Kreditu għall-konsum' għandha tinkludi self mogħti primarjament għall-konsum personali ta' prodotti u servizzi, kif definiti fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI;

(b) 'Self għax-xiri ta' djar' għandha tinkludi kreditu estiż għal unitajiet domestiċi għall-finijiet ta' investiment fi djar għall-użu personali jew kiri, inkluż bini u restawrar, kif definiti fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.

89. Is-self għandu jiġi kklassifikat abbażi ta' kif jista' jiġi rkuprat. 'Self għall-finanzjament ta' proġetti' għandha tinkludi self li jilħaq il-karatteristiċi ta' skoperturi ta' self speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 147(8) tas-CRR.

6. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TA' SELF U AVVANZI LIL KORPORAZZJONIJIET MHUX FINANZJARJI SKONT IL-KODIĊI NACE (6)

90. L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra dawk inklużi fil-portafolli miżmuma għan-negozjar jew assi tan-negozjar għandu jiġi klassifikat skont is-settur tal-attivitajiet ekonomiċi bl-użu tal-Kodiċi NACE abbażi tal-attività prinċipali tal-kontroparti.

91. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed għandha ssir skont il-paragrafu 43 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness.

92. Ir-rapportar tal-kodiċi NACE għandu jsir bl-ewwel livell ta' diżaggregazzjoni (skont it-'taqsima'). L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet finanzjarji jew tal-assigurazzjoni f' 'K – Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni'.

93. Skont l-IFRS, assi finanzjarji soġġetti għal indeboliment għandhom jinkludu (i) assi finanzjarji b'kost amortizzat, u (ii) assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, assi finanzjarji soġġetti għal indeboliment għandhom jinkludu assi finanzjarji mkejla b'metodu bbażat fuq il-kost, inkluż taħt il-LOCOM. Skont l-ispeċifikazzjonijiet f'kull GAAP nazzjonali, dawn jistgħu jinkludu (i) assi finanzjarji mkejla f'valur ġust permezz ta' ekwità, u (ii) assi finanzjarji taħt metodi tal-kejl oħrajn.

7. L-ASSI FINANAZJARJI SOĠĠETTI GĦALL-INDEBOLIMENT LI HUMA SKADUTI (7)

94. L-ammont riportat ta' strumenti ta' dejn li huma inklużi fil-portafolli tal-kontabilità soġġetti għal indeboliment għandu jiġi rrapportat fil-formola 7.1 fejn dawn ikunu skaduti biss. Strumenti skaduti għandhom jiġu allokati lill-buckets skaduti korrispondenti abbażi tas-sitwazzjoni individwali tagħhom.

95. Il-portafolli tal-kontabilità soġġetti għal indeboliment għandhom ikunu assi finanzjarji soġġetti għal indeboliment, kif definiti bħal fil-paragrafu 93 ta' din il-Parti.

96. Assi finanzjarji għandhom jikkwalifikaw bħala skaduti fejn kwalunkwe ammont ta' kapital, imgħax jew imposta ma jkunx tħallas fid-data li kien dovut. L-iskoperturi skaduti għandhom jiġu rrapportati għall-ammont riportat kollu tagħhom. L-ammonti riportati ta' assi bħal dawn għandhom jiġu rrapportati skont l-istadji ta' indeboliment jew l-istatus ta' indeboliment skont l-istandards ta' kontabilità applikabbli u diżaggregati skont in-numru ta' ġranet tal-ammont skadut l-aktar qadim mhux imħallas fid-data ta' referenza.

8. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TA' OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI (8)

97. 'Depożiti' u d-diżaggregazzjoni tal-prodott għandhom jiġu ddefiniti skont it-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI. Depożiti ta' tfaddil regolati għandhom jiġu kklassifikati skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI u jitqassmu skont il-kontroparti. B'mod partikolari, depożiti tat-tfaddil liberi mhux trasferibbli, li għad li jistgħu jinfdew b'mod legali fuq talba, huma soġġetti għal penali u restrizzjonijiet sinifikanti u għandhom karatteristiċi li huma ferm simili għal depożiti mil-lum għall-għada, għandhom jiġu klassifikati bħala depożiti li jinfdew b'notifika.

98. 'Titoli ta' dejn maħruġa' għandha tiġi diżaggregata fit-tipi ta' prodotti li ġejjin:

(a) 'Ċertifikati ta' depożiti' għandhom ikunu titoli li jippermettu lid-detenturi jirtiraw fondi minn kont;

(b) 'Titoli garantiti b'assi' għandha tkun titoli derivati minn tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif definiti fil-punt (61) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(c) 'Bonds Koperti' skont l-Artikolu 129(1) tas-CRR;

(d) 'Kuntratti ibridi' għandha tinkludi kuntratti b'derivattivi inkorporati;

(e) 'Titoli ta' dejn oħra maħruġa' għandha tkun titoli ta' dejn li mhumiex inklużi fil-prodotti msemmija fil-punti (a) sa (d) u għandha tiddistingwi bejn strumenti finanzjarji komposti konvertibbli u strumenti mhux konvertibbli.

99. 'Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati' maħruġa għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn imġarrba. Obbligazzjonijiet subordinati maħruġa fil-forma ta' titoli għandhom jiġu klassifikati bħala 'Titoli ta' dejn maħruġa' u obbligazzjonijiet subordinati fil-forma ta' depożiti huma klassifikati bħala 'Depożiti'.

100. Il-formola 8.2 għandha tinkludi l-ammont riportat ta' 'Depożiti' u 'Titoli ta' dejn maħruġa' li għandhom ikunu dejn subordinat, kif determinat fit-Tabella tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI, ikklassifikati skont il-portafolli tal-kontabilità. Strumenti ta' 'dejn subordinat' jipprovdu pretensjoni sussidjarja fuq l-istituzzjoni emittenti li tista' tiġi eżerċitata biss wara li jkunu ġew issodisfati l-pretensjonijiet kollha bi status ogħla.

101. 'Bidliet akkumulati fil-valur ġust minħabba bidliet fir-riskju ta' kreditu proprju' għandha tinkludi l-bidliet akkumulati fil-valur ġust msemmija kollha, irrispettivament minn jekk humiex rikonoxxuti bħala profitt jew telf jew fl-introjtu ieħor komprensiv.

9. IMPENJI TA' SELF, GARANZIJI FINANZJARJI U IMPENJI OĦRAJN (9)

102. Skoperturi barra l-karta bilanċjali għandhom jinkludu l-entrati barra l-karta bilanċjali elenkati fl-Anness I tas-CRR. Fil-formoli 9.1, 9.1.1 u 9.2 l-iskoperturi kollha barra l-karta bilanċjali elenkati fl-Anness I tas-CRR għandhom jiġu diżaggregati f'impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn.

103. Informazzjoni dwar impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija u riċevuti għandha tinkludi impenji kemm revokabbli kif ukoll irrevokabbli.

104. Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija elenkati fl-Anness I tas-CRR jistgħu jkunu strumenti li huma fl-ambitu tal-IFRS 9 fejn jitkejlu f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf, jew fejn huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-IFRS 9, kif ukoll strumenti li huma fl-ambitu tal-IAS 37 jew l-IFRS 4.

105. Skont l-IFRS, impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija għandhom jiġu rrapportati fil-formola 9.1.1 fejn jiġi ssodisfat kwalunkwe wieħed mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-IFRS 9;

(b) huma speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf skont l-IFRS 9;

(c) huma fi ħdan l-ambitu tal-IAS 37 jew l-IFRS 4,

106. L-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala telf ta' kreditu għall-garanziji finanzjarji u l-impenji mogħtija msemmija taħt il-punti (a) u (c) tal-paragrafu 105 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness għandhom jiġu rrapportati bħala dispożizzjonijiet irrispettivament mill-kriterji ta' kejl applikati.

107. L-istituzzjonijiet taħt l-IFRS għandhom jirrapportaw l-ammont nominali u d-dispożizzjonijiet ta' strumenti li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-IFRS 9, inkluż dawk imkejla b'kost inizjali nieqes l-introjtu kumulattiv rikonoxxut, diżaggregati skont l-istadji ta' indeboliment.

108. L-ammont nominali tal-impenn biss għandu jiġi rrapportat fil-formola 9.1.1 fejn strument ta' dejn jinkludi kemm strument fil-karta bilanċjali kif ukoll komponent barra mill-karta bilanċjali. Fejn l-entità relatriċi ma tistax tidentifika b'mod separat it-telf ta' kreditu mistenni fuq il-komponenti fil-karta bilanċjali u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, it-telf ta' kreditu mistenni fuq l-impenn għandu jiġi rrapportat flimkien mal-indeboliment akkumulat fuq il-komponent fil-karta bilanċjali. Fejn it-telf ta' kreditu mistenni kkombinat jaqbeż l-ammont riportat gross tal-istrument ta' dejn, il-bilanċ li jibqa' tat-telf ta' kreditu mistenni għandu jiġi rrapportat bħala dispożizzjoni fl-istadju ta' indeboliment adegwat fil-formola 9.1.1 (IFRS 9.5.5.20 u IFRS 7.B8E).

109. Fejn garanzija finanzjarja jew impenn sabiex self jingħata b'rata inqas minn dik tas-suq jitkejlu skont l-IFRS 9.4.2.1(d) u l-provvediment ta' telf tagħhom ikun iddeterminat skont l-IFRS 9.5.5, huma għandhom jiġu rrapportati fl-istadju ta' indeboliment adegwat.

110. Fejn impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn jitkejlu f'valur ġust skont l-IFRS 9, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw fil-formola 9.1.1 l-ammont nominali u l-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu ta' dawk il-garanziji finanzjarji u impenji f'kolonni apposta. 'Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu' għandhom jiġu rrapportati bl-applikazzjoni tal-kriterji tal-paragrafu 69 ta' din il-Parti.

111. L-ammont nominali u d-dispożizzjonijiet ta' impenji jew garanziji oħrajn li huma fl-ambitu tal-IAS 37 jew l-IFRS 4 għandhom jiġu rrapportati f'kolonni apposta.

112. L-istituzzjonijiet taħt il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD għandhom jirrapportaw l-ammont nominali tal-impenji u l-garanziji finanzjarji msemmija fil-paragrafi 102 u 103 fil-formola 9.1, kif ukoll l-ammont ta' dispożizzjonijiet meħtieġa biex jinżammu kontra dawk l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali.

113. 'Impenji ta' self' huma impenji sodi biex jiġi pprovdut kreditu b'termini u kundizzjonijiet speċifikati minn qabel, ħlief dawk li huma derivattivi għaliex jistgħu jiġu saldati netti fi flus jew billi jiġi fornit jew jinħareġ strument finanzjarju ieħor. L-entrati li ġejjin tal-Anness I tas-CRR għandhom jiġu klassifikati bħala 'Impenji ta' self':

(a) 'Depożiti forward';

(b) 'Faċilitajiet ta' kreditu mhux irtirat' li jinkludu ftehimiet ta' 'self' jew jipprovdu 'faċilitajiet ta' aċċettazzjoni' skont termini u kundizzjonijiet speċifikati minn qabel.

114. 'Garanziji finanzjarji' għandhom ikunu kuntratti li jeħtieġu li l-emittent jagħmel pagamenti speċjali biex jirrimborża lid-detentur tat-telf li jġarrab, għaliex debitur speċifiku jonqos milli jagħmel pagament meta dan ikun dovut skont it-termini oriġinali jew modifikati ta' strument ta' dejn, inkluż garanziji provduti għal garanziji finanzjarji oħrajn. Skont l-IFRS, dawk il-kuntratti għandhom jissodisfaw id-definizzjoni ta' kuntratti ta' garanzija finanzjarja fl-IFRS 9.2.1(e) u l-IFRS 4.A. L-entrati li ġejjin tal-Anness I tas-CRR għandhom jiġu klassifikati bħala 'garanziji finanzjarji':

(a) 'Garanziji li għandhom il-karattru ta' sostitut ta' kreditu';

(b) 'Derivattivi ta' kreditu' li jissodisfaw id-definizzjoni ta' garanzija finanzjarja;

(c) 'Ittri ta' kreditu rrevokabli pendenti li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu'.

115. 'Impenji oħrajn' għandha tinkludi l-entrati li ġejjin tal-Anness I tas-CRR:

(a) 'Porzjon mhux imħallas tal-ishma u t-titoli mħallsa parzjalment';

(b) 'Dokumenti ta' krediti maħruġa jew ikkonfermati';

(c) 'Entrati barra l-karta bilanċjali ta' finanzjament tan-negozju';

(d) 'Dokumenti ta' krediti li fihom konsenji sottostanti jaġixxu bħala kollateral u tranżazzjonijiet oħrajn awtolikwidanti';

(e) 'Garanziji u indennizzi' (inklużi bonds ta' offerta u prestazzjoni) u 'garanziji li ma għandhomx il-karattru ta' sostituti tal-kreditu';

(f) 'Garanziji marittimi, bonds doganali u tat-taxxa';

(g) 'Faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti' (NIFs) u 'Faċilitajiet ċirkolanti ta' sottoskrizzjoni' (RUFs);

(h) 'Faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevat' li jinvolvu ftehimiet ta' 'self' jew forniment ta' 'faċilitajiet ta' aċċettazzjoni' meta t-termini u l-kundizzjonijiet ma jkunux speċifikati minn qabel;

(i) 'Faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevat' li jinvolvu ftehimiet ta' 'xiri ta' titoli' jew ta' 'forniment ta' garanziji';

(j) 'Faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevat għal garanziji tal-offerti u l-prestazzjoni';

(k) 'Entrati oħrajn barra l-karta bilanċjali' fl-Anness I tas-CRR.

116. Skont l-IFRS, l-entrati li ġejjin huma rikonoxxuti fil-karta bilanċjali u, b'hekk, ma għandhomx jiġu rrapportati bħala skoperturi barra l-karta bilanċjali:

(a) 'Derivattivi ta' kreditu' li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' garanziji finanzjarji huma 'derivattivi' skont l-IFRS 9;

(b) 'Aċċettazzjonijiet' huma obbligi minn istituzzjoni sabiex mal-maturità jitħallas il-valur nominali ta' kambjala, u dan normalment ikopri l-bejgħ tal-prodotti. Konsegwentement, huma klassifikati bħala 'riċevibbli tan-negozju' fuq il-karta bilanċjali;

(c) 'Il-ġira tal-kambjala' li ma tissodisfax il-kriterji għall-irtirar tar-rikonoxximent skont IFRS 9;

(d) 'Tranżazzjonijiet b'rikors' li ma jissodisfawx il-kriterji għall-irtirar tar-rikonoxximent skont IFRS 9;

(e) 'Assi mixtrijin skont ftehimiet ta' xiri dirett forward' huma 'derivattivi' skont l-IFRS 9;

(f) 'Ftehimiet ta' bejgħ u riakkwist ta' assi kif imsemmija fil-paragrafi 3 u 5 tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 86/635/KEE'. F'dawk il-kuntratti, iċ-ċessjonarju għandu l-għażla, iżda mhux l-obbligu, li jrodd lura l-assi bi prezz miftiehem minn qabel f'data speċifikata jew f'data li għad trid tiġi speċifikata. Għalhekk, dawk il-kuntratti jissodisfaw id-definizzjoni ta' derivattivi fl-Appendiċi A tal-IFRS 9.

117. L-entrata 'li minnhom: improduttivi' għandha tinkludi l-ammont nominali ta' dawk l-impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija li huma meqjusa bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 ta' din il-Parti.

118. Għal garanziji finanzjarji, impenji ta' self u impenji oħrajn mogħtija, 'l-Ammont nominali' għandu jkun l-ammont li jirrappreżenta bl-aħjar mod l-iskopertura massima tal-istituzzjoni għal riskju ta' kreditu bla ma jittieħed inkunsiderazzjoni kwalunkwe kollateral miżmum jew titjib ieħor tal-kreditu. B'mod partikolari, għall-garanziji finanzjarji mogħtija, l-ammont nominali għandu jkun l-ammont massimu li l-entità jkollha tħallas jekk il-garanzija tiġi msejħa. Għal impenji ta' self, l-ammont nominali għandu jkun l-ammont mhux prelevat li l-istituzzjoni ħadet l-impenn li ssellef. L-ammonti nominali għandhom ikunu l-valuri tal-iskopertura qabel ma jiġu applikati l-fatturi ta' konverżjoni u t-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.

119. Fil-formola 9.2, għal impenji ta' self riċevuti, l-ammont nominali għandu jkun l-ammont totali mhux prelevat li l-kontroparti impenjat ruħha li ssellef lill-istituzzjoni. Għal impenji oħrajn riċevuti, l-ammont nominali għandu jkun l-ammont totali impenjat mill-parti l-oħra fit-tranżazzjoni. Għal garanziji finanzjarji riċevuti, 'l-ammont massimu tal-garanzija li jista' jitqies' għandu jkun l-ammont massimu li l-kontroparti jkollha tħallas jekk il-garanzija tiġi msejħa. Meta garanzija finanzjarja riċevuta tkun inħarġet minn aktar minn garanti wieħed, l-ammont garantit għandu jiġi rrapportat darba biss f'din il-formola; l-ammont garantit għandu jiġi allokat lill-garanti li huwa l-aktar rilevanti għall-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.

10. DERIVATTIVI U KONTABILITÀ GĦALL-IĦĦEĠĠJAR (10 U 11)

120. Għall-finijiet tal-formoli 10 u 11, id-derivattivi għandhom jitqiesu jew bħala derivattivi għall-iħħeġġjar fejn jintużaw f'relazzjoni tal-iħħeġġjar kwalifikanti skont l-IFRS jew il-GAAP nazzjonali applikabbli abbażi tal-BAD jew bħala miżmuma għan-negozjar f'każijiet oħrajn.

121. L-ammont riportat u l-ammont nozzjonali tad-derivattivi miżmuma għan-negozjar, inklużi ħeġġijiet ekonomiċi kif ukoll id-derivattivi miżmuma għall-kontabilità għall-iħħeġġjar għandhom jiġu rrapportati diżaggregati skont it-tip ta' riskju sottostanti, it-tip ta' suq u t-tip ta' prodott fil-formoli 10 u 11. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw id-derivattivi miżmuma għall-kontabilità għall-iħħeġġjar diżaggregati wkoll skont it-tip ta' ħeġġ. L-informazzjoni dwar strumenti tal-iħħeġġjar mhux derivattivi għandha tiġi rrapportata b'mod separat, u diżaggregata skont it-tipi ta' ħeġġijiet.

122. Skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, id-derivattivi kollha għandhom jiġu rrapportati f'dawn il-formoli irrispettivament minn jekk humiex rikonoxxuti fil-karta bilanċjali jew le skont il-GAAP nazzjonali rilevanti.

123. Id-diżaggregazzjoni tal-ammont riportat, il-valur ġust u l-ammont nozzjonali ta' derivattivi ta' negozjar u ħħeġġjar skont il-portafolli tal-kontabilità u t-tipi ta' ħeġġijiet għandha tiġi implimentata b'kunsiderazzjoni tal-portafolli tal-kontabilità u t-tipi ta' ħeġġijiet li huma applikabbli fl-IFRS jew fil-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, skont liema qafas japplika għall-entità relatriċi.

124. Derivattivi tan-negozjar u derivattivi tal-iħħeġġjar li, skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, jitkejlu skont il-kost jew il-LOCOM, għandhom jiġu identifikati b'mod separat.

125. Il-formola 11 għandha tinkludi strumenti tal-iħħeġġjar u entrati ħħeġġjati irrispettivament mill-istandard ta' kontabilità użat għar-rikonoxximent ta' relazzjoni ta' ħeġġ kwalifikanti, inkluż fejn dik ir-relazzjoni ta' ħeġġ kwalifikanti tkun tikkonċerna pożizzjoni netta. Fejn istituzzjoni għażlet li tibqa' tapplika l-IAS 39 għall-kontabilità għall-iħħeġġjar (IFRS 9.7.2.21), ir-referenzi u l-ismijiet għat-tipi ta' ħeġġijiet u portafolli tal-kontabilità għandhom jinqraw bħala r-referenzi u l-ismijiet rilevanti fl-IAS 39.9: 'Assi finanzjarji mkejla fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv' għandha tirreferi għal 'Assi disponibbli għall-bejgħ' u 'Assi b'kost amortizzat' għandhom jinkludu 'Miżmuma sal-maturità' kif ukoll 'Self u riċevibbli'.

126. Derivattivi inklużi fi strumenti ibridi li ġew separati mill-kuntratt ospitanti għandhom jiġu rrapportati fil-formoli 10 u 11 skont in-natura tad-derivattiv. L-ammont tal-kuntratt ospitanti mhuwiex inkluż f'dawk il-formoli. Madankollu, fejn l-istrument ibridu jitkejjel fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, il-kuntratt għandu jiġi rrapportat bħala ħaġa sħiħa u d-derivattivi inkorporati ma għandhomx jiġu rrapportati fil-formoli 10 u 11.

127. L-impenji meqjusa bħala derivattivi (IFRS 9.2.3(b)) u d-derivattivi ta' kreditu li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' garanzija finanzjarja fil-paragrafu 114 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness għandhom jiġu rrapportati fil-formola 10 u l-formola 11 bl-istess diżaggregazzjonijiet bħall-istrumenti derivattivi l-oħrajn, iżda ma għandhomx jiġu rrapportati fil-formola 9.

128. L-ammont riportat ta' assi finanzjarji mhux derivattivi jew obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi li huma rikonoxxuti bħala strument għall-iħħeġġjar fl-applikazzjoni tal-IFRS jew il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD għandhom jiġu rrapportati b'mod separat fil-formola 11.3.

10.1. **Il-klassifikazzjoni tad-derivattivi skont it-tip ta' riskju**

129. Id-derivattivi kollha għandhom jiġu klassifikati f'waħda mill-kategoriji ta' riskju li ġejjin:

(a) rata tal-imgħax: Id-derivattivi tar-rata tal-imgħax għandhom ikunu kuntratti relatati ma' strument finanzjarju bl-imgħax li l-flussi ta' flus tiegħu huma ddeterminati b'rati tal-imgħax ta' referenza jew b'kuntratt tar-rata tal-imgħax bħal għażla fuq kuntratt tal-futuri għax-xiri ta' kambjala tat-teżor. Dik il-kategorija għandha tkun limitata għal dawk il-ftehimiet fejn il-komponenti kollha huma esposti għal rata tal-imgħax ta' munita waħda biss. B'ħekk għandha teskludi kuntratti li jinvolvu l-iskambju ta' munita barranija waħda jew aktar bħal swaps bejn il-muniti u opzjonijiet ta' muniti, u kuntratti oħrajn li l-karatteristika tar-riskju predominanti tagħhom hija r-riskju tal-kambju tal-muniti barranin, li għandhom jiġu rrapportati bħala kuntratti ta' kambju tal-muniti barranin. L-unika eċċezzjoni hija meta l-iswaps bejn il-muniti jintużaw bħala parti minn ħeġġ fil-portafoll fuq ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, fejn għandhom jiġu rrapportati fir-ringieli apposta għal dawk it-tipi ta' ħeġġijiet. Kuntratti tar-rata tal-imgħax għandhom jinkludu ftehimiet ta' rati forward, swaps bejn muniti differenti tar-rati tal-imgħax, futuri tar-rati tal-imgħax, opzjonijiet tar-rati tal-imgħax (inklużi limiti massimi, collars u firxiet), swaps tar-rati tal-imgħax u ċertifikati tar-rati tal-imgħax;

(b) ekwità: Derivattivi ta' ekwità għandhom ikunu kuntratti li jkollhom redditu, jew porzjon tar-redditu tagħhom, marbut mal-prezz ta' ekwità partikolari jew ma' indiċi ta' prezzijiet tal-ekwitajiet;

(c) munita barranija u deheb: Dawn id-derivattivi għandhom jinkludu kuntratti li jinvolvu l-iskambju ta' muniti fis-suq forward u l-iskopertura għad-deheb. Għalhekk, għandhom ikopru forwards diretti, swaps tal-kambju tal-muniti barranin, swaps ta' muniti (inklużi swaps tar-rati tal-imgħax bejn il-valuti), futuri tal-muniti, opzjonijiet tal-muniti, swaps ta' tpartit tal-muniti u ċertifikati tal-muniti. Id-derivattivi tal-muniti barranin għandhom jinkludu l-ftehimiet kollha li jinvolvu skopertura għal aktar minn munita waħda, kemm jekk f'rati tal-kambju kif ukoll jekk f'rati tal-imgħax, ħlief fejn jintużaw swaps bejn il-muniti bħala parti minn ħeġġ fil-portafoll fuq ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Kuntratti tad-deheb għandhom jinkludu l-ftehimiet kollha li jinvolvu skopertura għal dik il-komodità;

(d) kreditu: Id-derivattivi ta' kreditu għandhom ikunu kuntratti li fihom l-iżborż huwa marbut primarjament ma' xi miżura ta' affidabbiltà kreditizja ta' kreditu ta' referenza partikolari u li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' garanziji finanzjarji (IFRS 9.4.2.1 (c)). Il-kuntratti għandhom jispeċifikaw skambju ta' pagamenti li fihom tal-inqas waħda miż-żewġ komponenti hija ddeterminata mill-eżekuzzjoni tal-kreditu ta' referenza. L-iżborżi jistgħu jkunu skattati minn għadd ta' avvenimenti, inklużi inadempjenza, tniżżil fil-klassifikazzjoni jew bidla stipulata fil-firxa tal-kreditu tal-assi ta' referenza. Id-derivattivi ta' kreditu li jissodisfaw id-definizzjoni ta' garanzija finanzjarja fil-paragrafu 114 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness għandhom jiġu rrapportati biss fil-formola 9;

(e) komodità: Dawn id-derivattivi għandhom ikunu kuntratti li għandhom redditu, jew sehem mir-redditu tagħhom, marbut mal-prezz ta', jew ma' indiċi tal-prezzijiet ta', komodità bħal metall prezzjuż (minbarra deheb), żejt mhux maħdum, injam jew prodotti agrikoli;

(f) oħrajn: Dawk id-derivattivi għandhom ikunu kwalunkwe kuntratt derivattiv ieħor, li ma jinvolvix skopertura għar-riskju tal-kambju tal-muniti barranin, tar-rata tal-imgħax, tal-ekwità, tal-komoditajiet jew tal-kreditu bħal derivattivi klimatiċi jew derivattivi tal-assigurazzjoni.

130. Meta derivattiv ikun influwenzat minn aktar minn tip wieħed ta' riskju sottostanti, l-istrument għandu jkun allokat għat-tip ta' riskju l-aktar sensittiv. Għal derivattivi b'bosta skoperturi, f'każijiet ta' inċertezza, il-ftehimiet għandhom jiġu allokati skont l-ordni ta' preċedenza li ġejja:

(a) komoditajiet: It-tranżazzjonijiet derivattivi kollha li jinvolvu skopertura għal komodità jew indiċi tal-komodità, kemm jekk jinvolvu skopertura konġunta kif ukoll jekk le f'komoditajiet u kwalunkwe kategorija ta' riskju oħra li tista' tinkludi kambju tal-muniti barranin, rata tal-imgħax jew ekwità, għandhom jiġu rrapportati f'din il-kategorija;

(b) ekwitajiet: Bl-eċċezzjoni ta' kuntratti bi skopertura konġunta għal komoditajiet u ekwitajiet, li għandhom jiġu rapportati bħala komoditajiet, it-tranżazzjonijiet derivattivi kollha b'rabta mal-prestazzjoni tal-ekwitajiet jew indiċi tal-ekwitajiet għandhom jiġu rrapportati fil-kategorija tal-ekwità. Il-ftehimiet tal-ekwità bi skopertura għal rati tal-kambju tal-muniti barranin jew rati tal-imgħax għandhom jiġu inklużi f'din il-kategorija;

(c) munita barranija u deheb: Din il-kategorija għandha tinkludi t-tranżazzjonijiet derivattivi kollha (bl-eċċezzjoni ta' dawk diġà rrapportati fil-kategoriji tal-komodità jew tal-ekwità) bi skopertura għal iktar minn munita waħda, kemm jekk tappartjeni għal strumenti finanzjarji bl-imgħax kif ukoll jekk tappartjeni għal rati tal-kambju ħlief fejn jintużaw swaps bejn il-muniti bħala parti minn ħeġġ fil-portafoll fuq ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax.

10.2. **L-ammonti li għandhom jiġu rrapportati għal derivattivi**

131. Skont l-IFRS, l-'ammont riportat' għad-derivattivi kollha (iħħeġġjar jew negozjar) għandu jkun il-valur ġust. Derivattivi b'valur ġust pożittiv (ogħla minn żero) għandhom ikunu 'assi finanzjarji' u derivattivi b'valur ġust negattiv (taħt iż-żero) għandhom ikunu 'obbligazzjonijiet finanzjarji'. L-'ammont riportat' għandu jiġi rrapportat b'mod separat għal derivattivi b'valur ġust pożittiv ('assi finanzjarji') u għal dawk b'valur ġust negattiv ('obbligazzjonijiet finanzjarji'). Fid-data ta' rikonoxximent inizjali, derivattiv għandu jiġi klassifikat bħala 'assi finanzjarju' jew 'obbligazzjoni finanzjarja' skont il-valur ġust inizjali tiegħu. Wara r-rikonoxximent inizjali, hekk kif il-valur ġust ta' derivattiv jitla' jew jinżel, it-termini tal-iskambju jistgħu jsiru jew favorevoli għall-istituzzjoni (u d-derivattiv jiġi klassifikat bħala 'assi finanzjarju') jew mhux favorevoli (u d-derivattiv jiġi klassifikat bħala 'obbligazzjoni finanzjarja'). L-ammont riportat ta' derivattivi tal-iħħeġġjar għandu jkun il-valur ġust sħiħ tagħhom, inklużi fejn applikabbli l-komponenti ta' dan il-valur ġust li mhumiex speċifikati bħala strumenti għall-iħħeġġjar.

132. Minbarra l-ammonti riportati kif definiti fil-paragrafu 27 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness, il-valuri ġusti għandhom jiġu rrapportati mill-istituzzjonijiet li jirrapportaw skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD għall-istrumenti derivattivi kollha, sew jekk meħtieġa jiġu rreġistrati fuq il-karta bilanċjali sew jekk meħtieġa jiġu rreġistrati barra l-karta bilanċjali skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD.

133. L-'ammont nozzjonali' għandu jkun in-nominal gross tal-ftehimiet kollha konklużi u li jkunu għadhom mhumiex saldati fid-data ta' referenza, irrispettivament minn jekk dawk il-ftehimiet iwasslux għar-reġistrar ta' skoperturi derivattivi fuq il-karta bilanċjali jew le. B'mod partikolari, għandu jitqies dan li ġej sabiex jiġi ddeterminat l-ammont nozzjonali:

(a) għal kuntratti b'ammonti prinċipali nominali jew nozzjonali varjabbli, il-bażi għar-rapportar għandha tkun l-ammonti prinċipali nominali jew nozzjonali fid-data ta' referenza;

(b) il-valur tal-ammont nozzjonali li għandu jiġi rrapportat għal kuntratt derivattiv b'komponent multiplikatur għandu jkun l-ammont nozzjonali effettiv tal-kuntratt jew il-valur nominali;

(c) tpartit; L-ammont nozzjonali ta' swap għandu jkun l-ammont prinċipali sottostanti li fuqu huwa bbażat l-iskambju tal-imgħax, il-kambju tal-muniti barranin jew dħul jew infiq ieħor;

(d) kuntratti marbutin ma' ekwità u komoditajiet: L-ammont nozzjonali li għandu jiġi rrapportat għal kuntratt ta' ekwità jew komoditajiet għandu jkun il-kwantità tal-prodott tal-komoditajiet jew tal-ekwità kuntrattat għax-xiri jew il-bejgħ multiplikat bil-prezz tal-kuntratt ta' unità. L-ammont nozzjonali li għandu jiġi rrapportat għal kuntratti ta' komodità bi skambji multipli ta' kapital għandu jkun l-ammont kuntrattwali multiplikat bin-numru ta' skambji li jifdal ta' kapital fil-kuntratt;

(e) derivattivi ta' kreditu: L-ammont tal-kuntratt li għandu jiġi rrapportat għal derivattivi ta' kreditu għandu jkun il-valur nominali tal-kreditu ta' referenza rilevanti;

(f) opzjonijiet diġitali għandhom gwadanji predefiniti li jistgħu jkunu jew ammont monetarju jew għadd ta' kuntratti ta' sottostanti. L-ammont nozzjonali għal opzjonijiet diġitali għandu jkun jew l-ammont monetarju predefinit jew il-valur ġust tas-sottostanti fid-data ta' referenza.

134. Il-kolonna 'Ammont nozzjonali' ta' derivattivi għandha tinkludi, għal kull partita, is-somma tal-ammonti nozzjonali tal-kuntratti kollha li fihom l-istituzzjoni hija kontroparti, irrispettivament minn jekk id-derivattivi jitqisux assi jew obbligazzjonijiet fuq il-profil tal-karta bilanċjali jew ma jiġux irreġistrati fuq il-karta bilanċjali. L-ammonti nozzjonali kollha għandhom jiġu rrapportati irrispettivament minn jekk il-valur ġust tad-derivattivi huwiex pożittiv, negattiv jew ugwali għal żero. In-netting fost l-ammonti nozzjonali ma għandux ikun permess.

135. L-'ammont nozzjonali' għandu jiġi rrapportat skont it-'total' u skont 'li minnhom: mibjugħa' għall-partiti: 'Għażliet OTC', 'Għażliet tas-suq regolat', 'Kreditu', 'Komodità' u 'Oħrajn'. L-entrata 'li minnhom mibjugħin' għandha tinkludi l-ammonti nozzjonali (prezz tal-eżerċitar) tal-kuntratti li fihom il-kontropartijiet (detenturi tal-opzjoni) tal-istituzzjoni (bejjiegħa tal-opzjoni) għandhom id-dritt li jeżerċitaw l-opzjoni u għall-entrati relatati ma' derivattivi tar-riskju ta' kreditu, l-ammonti nozzjonali tal-kuntratti li fihom l-istituzzjoni (bejjiegħa ta' protezzjoni) biegħet (tagħti) protezzjoni lill-kontropartijiet tagħha (xerrejja ta' protezzjoni).

136. L-allokazzjoni ta' tranżazzjoni bħala 'OTC' jew 'Suq organizzat' għandha tkun ibbażata fuq in-natura tas-suq fejn issir it-tranżazzjoniu mhux fuq jekk hemmx obbligu tal-ikklejar mandatorju għal dik it-tranżazzjoni. 'Suq organizzat' huwa suq regolat fit-tifsira tal-punt (92) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR. Għaldaqstant, fejn entità relatriċi tidħol f'kuntratt derivattiv f'suq OTC fejn l-ikklejar ċentrali huwa obbligatorju, din għandha tikklassifika dik id-derivattiva bħala 'OTC' u mhux bħala 'Suq organizzat'.

10.3. **Id-derivattivi klassifikati bħala 'ħeġġijiet ekonomiċi'**

137. Id-derivattivi li huma miżmuma għal skopijiet ta' ħħeġġjar iżda li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex ikunu strumenti effettivi għall-iħħeġġjar skont l-IFRS 9, l-IAS 39 fejn l-IAS 39 huwa applikat għal skopijiet ta' kontabilità għall-iħħeġġjar jew mal-qafas ta' kontabilità skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, għandhom jiġu rrapportati fil-formola 10 bħala 'ħeġġijiet ekonomiċi'. Dan għandu japplika wkoll għall-każijiet li ġejjin kollha:

(a) derivattivi li jagħmlu ħħeġġjar ta' strumenti azzjonarji mhux kwotati li għalihom il-kost jista' jkun stima xierqa tal-valur ġust;

(b) derivattivi ta' kreditu mkejla fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf użati fil-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu ta' strument finanzjarju kollu jew parti minnu, li huwa speċifikat bħala mkejjel fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf fi, jew sussegwenti għal, rikonoxximent inizjali, jew filwaqt li mhuwiex rikonoxxut skont l-IFRS 9.6.7.;

(c) derivattivi li huma klassifikati bħala 'miżmuma għan-negozjar' skont l-Appendiċi A għall-IFRS 9 jew klassifikati bħala assi tan-negozjar skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD iżda li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar kif definit fil-punt (86) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR.

138. 'Ħeġġijiet ekonomiċi' ma għandhomx jinkludu derivattivi għan-negozjar għan-nom proprju.

139. Derivattivi li jissodisfaw id-definizzjoni ta' 'ħeġġijiet ekonomiċi' jkunu rrappurtati b'mod separat fil-formola 10 għal kull tip ta' riskju.

140. Id-derivattivi ta' kreditu użati fil-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu ta' strument finanzjarju kollu jew parti minnu, li huwa speċifikat fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf fi, jew sussegwenti għal, rikonoxximent inizjali, jew filwaqt li mhuwiex rikonoxxut skont l-IFRS 9.6.7 għandhom jiġu rrapportati f'ringiela apposta fil-formola 10 f'riskju ta' kreditu. Hedges ekonomiċi oħrajn tar-riskju ta' kreditu li għalihom l-entità relatriċi ma tapplikax l-IFRS 9.6.7 għandhom jiġu rrapportati b'mod separat.

10.4. **Id-diżaggregazzjoni tad-derivattivi skont is-settur tal-kontroparti**

141. L-ammont riportat u l-ammont totali nozzjonali tad-derivattivi miżmuma għan-negozjar, u anki tad-derivattivi miżmuma għall-kontabilità għall-iħħeġġjar, li huma nnegozjati fis-suq OTC, għandhom jiġu rrapportati mill-kontroparti bl-użu tal-kategoriji li ġejjin:

(a) 'istituzzjonijiet ta' kreditu';

(b) 'korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn';

(c) 'il-bqija' li tinkludi l-kontropartijiet l-oħrajn kollha.

142. Id-derivattivi OTC kollha, bla ma jitqies it-tip ta' riskju li huma relatati miegħu, għandhom jiġu diżaggregati skont dawn il-kontropartijiet.

10.5. **Kontabilità għall-iħħeġġjar taħt il-GAAP nazzjonali (11.2)**

143. Fejn il-GAAP nazzjonali skont il-BAD ikunu jeħtieġu l-allokazzjoni tad-derivattivi tal-iħħeġġjar għal kategoriji kollha ta' ħeġġijiet, id-derivattivi tal-iħħeġġjar għandhom jiġu rrapportati b'mod separat għal kull waħda mill-kategoriji applikabbli: 'ħeġġijiet tal-valur ġust', 'ħeġġijiet tal-fluss ta' flus', 'ħeġġijiet tal-prezz tal-kost', 'ħeġġ f'investimenti netti f'operazzjoni barranija', 'ħeġġijiet tal-valur ġust tal-portafoll tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax' u 'ħeġġijiet tal-fluss ta' flus tal-portafoll tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax'.

144. Fejn applikabbli skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, 'Hedges fuq il-prezz tal-kost' għandhom jirreferu għal kategorija tal-iħħeġġjar li fiha d-derivattiv tal-iħħeġġjar huwa ġeneralment mkejjel skont il-kost.

10.6. **L-ammont li għandu jiġi rrapportat għal strumenti tal-iħħeġġjar mhux derivattivi (11.3 and 11.3.1)**

145. Għal strumenti ta' iħħeġġjar mhux derivattivi, l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammont riportat ta' dawk l-istrumenti ta' ħħeġġjar mhux derivattivi skont ir-regoli ta' kejl applikabbli fl-IFRS jew fil-GAAP abbażi tal-BAD għall-portafolli ta' kontabilità li jappartjenu għalihom. L-ebda 'ammont nozzjonali' ma għandu jiġi rrapportat għal strumenti tal-iħħeġġjar mhux derivattivi.

10.7. **Entrati ħħeġġjati f'ħeġġijiet b'valur ġust (11.4)**

146. L-ammont riportat ta' entrati ħħeġġjati f'ħeġġ b'valur ġust rikonoxxut fuq ir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja għandu jiġi diżaggregat skont il-portafoll tal-kontabilità u t-tip ta' riskju ħħeġġjat għal assi finanzjarji ħħeġġjati u obbligazzjonijiet finanzjarji ħħeġġjati. Fejn strument finanzjarju jiġi ħħeġġjat għal aktar minn riskju wieħed, għandu jiġi rrapportat fit-tip ta' riskju li fih għandu jiġi rrapportat l-istrument tal-iħħeġġjar skont il-paragrafu 129.

147. 'Mikroħeġġijiet' għandhom ikunu ħeġġijiet minbarra ħeġġ fil-portafoll fuq ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax skont l-IAS 39.89 A. Mikroħeġġijiet għandhom jinkludu ħeġġijiet ta' pożizzjonijiet netti żero kif imsemmija skont l-IFRS 9.6.6.6.

148. 'Aġġustamenti tal-ħeġġ fuq mikroħeġġijiet' għandha tinkludi l-aġġustamenti kollha tal-ħeġġ għall-mikroħeġġijiet kollha kif definit fil-paragrafu 147.

149. 'Aġġustamenti tal-ħeġġ inklużi fl-ammont riportat ta' assi/obbligazzjonijiet' għandha tkun l-ammont akkumulat tal-qligħ u t-telf fuq l-entrati ħħeġġjati li aġġustaw l-ammont riportat ta' dawk l-entrati u li ġew rikonoxxuti fi profitt jew telf. Aġġustamenti tal-ħeġġ għall-entrati ħħeġġjati li huma ekwitajiet imkejla fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv għandhom jiġu rrapportati fil-formola 1.3. Aġġustamenti tal-ħeġġ għal impenji sodi mhux rikonoxxuti jew komponent tagħhom ma għandhomx jiġu rrapportati.

150. 'L-aġġustamenti li jifdal għal mikroħeġġijiet li ma tkomplewx inklużi ħeġġijiet ta' pożizzjonijiet netti' għandha tinkludi dawk l-aġġustamenti tal-ħeġġ li, wara n-nuqqas ta' tkomplija tar-relazzjoni tal-ħeġġ u t-tmiem tal-aġġustament ta' entrati ħħeġġjati għall-qligħ u t-telf tal-iħħeġġjar, ikunu għadhom iridu jiġu amortizzati għall-profitt jew it-telf permezz ta' rata effettiva tal-imgħax ikkalkolata mill-ġdid għal entrati ħħeġġjati mkejlin b'kost amortizzat, jew għall-ammont li jirrappreżenta l-qligħ jew it-telf tal-iħħeġġjar kumulattiv preċedentement rikonoxxut għal assi ħħeġġjati mkejlin fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv.

151. Fejn grupp ta' assi finanzjarji jew obbligazzjonijiet finanzjarji, inkluż grupp ta' assi finanzjarji jew obbligazzjonijiet finanzjarji li jikkostitwixxu pożizzjoni netta, ikun eliġibbli bħala entrata ħħeġġjata, assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji li jikkostitwixxu dak il-grupp għandhom jiġu rrapportati fl-ammont riportat tagħhom fuq bażi grossa, qabel in-netting bejn l-istrumenti fil-grupp, 'Assi jew obbligazzjonijiet inklużi f'ħeġġ ta' pożizzjoni netta (qabel in-netting)'.

152. ‘Entrati ħħeġġjati fil-ħeġġ fil-portafoll fuq ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax’ għandha tinkludi assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji f’ħeġġ fuq il-valur ġust tal-iskopertura tar-rata tal-imgħax ta’ portafoll ta’ assi finanzjarji jew obbligazzjonijiet finanzjarji. Dawk l-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu rrapportati fl-ammont riportat tagħhom fuq bażi grossa, qabel in-netting bejn l-istrumenti fi ħdan il-portafoll.

11. ĊAQLIQ FI PROVVEDIMENTI U DISPOŻIZZJONIJIET GĦAL TELF TA’ KREDITU (12)

11.1. Iċ-ċaqliq fil-provvedimenti għal telf u indeboliment ta’ kreditu ta’ strumenti ta’ ekwità skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD (12.0)

153. Il-formola 12.0 tinkludi rikonċiljazzjoni tal-bilanċi tal-ftuħ u tal-għeluq tal-kont ta’ provvediment għal assi finanzjarji mkejla skont metodi bbażati fuq il-kost, kif ukoll għal assi finanzjarji skont metodi oħrajn ta’ kejl jew mkejla f’valur ġust permezz ta’ ekwità meta l-GAAP nazzjonali taħt il-BAD jeħtieġ li dawk l-assi jkunu soġġetti għal indeboliment. Aġġustamenti tal-valur fuq assi mkejla fl-inqas mill-kost jew mis-suq ma għandhomx jiġu rrapportati fil-formola 12.0.

154. ‘Żidiet dovuti għal ammonti mwarrbin għal telf minn self stmat matul il-perjodu’ għandhom jiġu rrapportati meta, għall-kategorija ewlenija ta’ assi jew il-kontroparti, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonoxximent tal-ispejjeż netti; jiġifieri, għall-kategorija jew kontroparti inkwistjoni, iż-żidiet fl-indeboliment għall-perjodu jeċċedu t-tnaqqis. ‘Tnaqqis dovut għal ammonti mreġġgħin lura għal telf minn self stmat matul il-perjodu’ għandu jiġi rrapportat meta, għall-kategorija ewlenija ta’ assi jew kontroparti, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonoxximent tal-introjtu nett; jiġifieri għall-kategorija jew il-kontroparti inkwistjoni, it-tnaqqis fl-indeboliment għall-perjodu jaqbeż iż-żidiet.

155. Il-bidliet fl-ammonti ta’ provvediment minħabba ripagament u disponimenti ta’ assi finanzjarji għandhom jiġu rrapportati f’‘Aġġustamenti oħrajn’. It-tħassir għandu jiġi rrapportat skont il-paragrafi 72 sa 74.

11.2. Iċ-ċaqliq fi provvedimenti u dispożizzjonijiet għal telf ta’ kreditu skont l-IFRS (12.1)

156. Il-formola 12.1 tinkludi rikonċiljazzjoni tal-bilanċi tal-ftuħ u tal-għeluq tal-kont ta’ provvediment għal assi finanzjarji mkejla b’kost amortizzat u fil-valur ġust permezz ta’ introjtu ieħor komprensiv diżaggregat skont l-istadji ta’ indeboliment, skont l-istrument u skont il-kontroparti.

157. Id-dispożizzjonijiet għal skoperturi barra l-karta bilanċjali li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta’ indeboliment tal-IFRS 9 għandhom jiġu rrapportati skont l-istadji ta’ indeboliment. L-indeboliment għal impenji ta’self għandu jiġi rrapportat bħala dispożizzjonijiet biss fejn mhuwiex ikkunsidrat flimkien mal-indeboliment ta’ assi fil-karta bilanċjali skont l-IFRS 9.7.B8E u l-paragrafu 108 ta’ din il-parti. Iċ-ċaqliq fid-dispożizzjonijiet għal impenji u garanziji finanzjarji mkejla skont l-IAS 37 u garanziji finanzjarji trattati bħala kuntratti tal-assigurazzjoni skont l-IFRS 4 ma għandhomx jiġu rrapportati f’din il-formola iżda fil-formola 43. Il-bidliet fil-valur ġust minħabba r-riskju ta’ kreditu ta’ impenji u garanziji finanzjarji mkejla f’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf skont l-IFRS 9 ma għandhomx jiġu rrapportati f’din il-formola iżda fl-entrata ‘Qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati b’valur ġust permezz ta’ profitt jew telf, nett’ skont il-paragrafu 50 ta’ din il-Parti.

158. L-entrati ‘li minnhom: provvedimenti mkejlin b’mod kollettiv’ u ‘li minnhom: provvedimenti mkejlin b’mod individwali’ għandhom jinkludu l-movimenti fl-ammont kumulattiv ta’ indeboliment relatat ma’ assi finanzjarji li ġew imkejlin fuq bażi kollettiva jew individwali.

159. ‘Żidiet dovuti għal oriġinazzjoni u akkwiżizzjoni’ għandhom jinkludu l-ammont ta’ żidiet fit-telf mistenni li ttieħed kont tiegħu fir-rikonoxximent inizjali ta’ assi finanzjarji oriġinati jew akkwistati. Dik iż-żieda tal-provvediment għandha tiġi rrapportata fl-ewwel data ta’ referenza ta’ rapportar wara l-oriġinazzjoni jew l-akkwiżizzjoni ta’ dawk l-assi finanzjarji. Iż-żidiet jew it-tnaqqis fit-telf mistenni fuq dawk l-assi finanzjarji wara r-rikonoxximent inizjali tagħhom għandhom jiġu rrapportati f’kolonni oħrajn. L-assi oriġinati jew akkwistati għandhom jinkludu assi li jirriżultaw mill-prelevament tal-impenji barra l-karta bilanċjali mogħtija.

160. 'Tnaqqis minħabba l-irtirar tar-rikonoxximent' għandu jinkludi l-ammont ta' bidliet fil-provvedimenti minħabba assi finanzjarji totalment ritirati mir-rikonoxximent tagħhom fil-perjodu ta' referenza ta' rapportar għal raġunijiet għajr tħassir, li jinkludu trasferimenti għal partijiet terzi jew l-iskadenza tad-drittijiet kuntrattwali minħabba ħlas lura sħiħ, disponiment ta' dawk l-assi finanzjarji jew it-trasferiment tagħhom f'portafoll tal-kontabilità ieħor. Il-bidla fil-provvediment għandha tiġi rikonoxxuta f'din il-kolonna fl-ewwel data ta' referenza ta' rapportar wara r-ripagament, id-disponiment jew it-trasferiment. Għal skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, din l-entrata għandha tinkludi wkoll it-tnaqqis fl-indeboliment dovut għall-entrata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali li ssir assi fuq il-karta bilanċjali.

161. 'Bidliet minħabba bidla fir-riskju ta' kreditu (nett)' għandha tinkludi l-ammont nett ta' bidliet fit-telf mistenni fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza ta' rapportar minħabba żieda jew tnaqqis fir-riskju ta' kreditu sa mir-rikonoxximent inizjali irrispettivament minn jekk dawk il-bidliet wasslux għal trasferiment tal-assi finanzjarju għal stadju ieħor. L-impatt fuq il-provvediment minħabba ż-żieda jew it-tnaqqis tal-ammont ta' assi finanzjarji konsegwenza tad-dħul mill-imgħax dovut u mħallas għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna. Din l-entrata għandha tinkludi wkoll l-impatt tal-milja taż-żmien fuq it-telf mistenni kkalkolat skont l-IFRS 9.5.4.1(a) u (b). Il-bidliet fl-istimi dovuti għal aġġornamenti jew reviżjoni tal-parametri ta' riskju kif ukoll il-bidliet f'*data* ekonomika prospettiva għandhom ukoll jiġu rrapportati f'din il-kolonna. Il-bidliet fit-telf mistenni minħabba ripagament parzjali ta' skoperturi permezz ta' ħlas parzjali għandhom jiġu rrapportati f'din il-kolonna bl-eċċezzjoni tal-aħħar ħlas parzjali, li għandu jiġi rrapportat fil-kolonna 'Tnaqqis dovut għall-irtirar tar-rikonoxximent'.

162. Il-bidliet kollha fit-telf ta' kreditu mistenni relatat ma' skoperturi ċirkolanti għandhom jiġu rrapportati f'"Bidliet minħabba bidla fir-riskju ta' kreditu (nett)', ħlief għal dawk il-bidliet relatati ma' tħassir u aġġornamenti fil-metodoloġija tal-istituzzjoni għall-istima tat-telf ta' kreditu. Skoperturi ċirkolanti għandhom ikunu dawk li għalihom il-bilanċi pendenti tal-klijenti jitħallew ivarjaw skont id-deċiżjonijiet tagħhom li jisselfu u jerġgħu jħallsu sa limitu stabbilit mill-istituzzjoni.

163. 'Bidliet minħabba aġġornament fil-metodoloġija tal-istituzzjoni għal stima (netta)' għandha tinkludi bidliet minħabba aġġornamenti fil-metodoloġija tal-istituzzjoni għall-istima tat-telf mistenni dovut għal bidliet fil-formoli eżistenti jew it-twaqqif ta' formoli ġodda użati għall-istima tal-indeboliment. L-aġġornamenti metodoloġiċi għandhom jinkorporaw ukoll l-impatt tal-adozzjoni ta' standards ġodda. Bidliet fil-metodoloġija li jwasslu biex assi jbiddel stadju ta' indeboliment għandhom jiġu kkunsidrati għal bidla fil-mudell fl-intier tiegħu. Il-bidliet fl-istimi minħabba aġġornamenti jew reviżjoni tal-parametri ta' riskju kif ukoll il-bidliet f'*data* ekonomika prospettiva ma għandhomx jiġu rrapportati f'din il-kolonna.

164. Ir-rapportar tal-bidliet fit-telf mistenni relatat ma' assi modifikati (IFRS 9.5.4.3 u Appendiċi A) għandu jiddependi mill-karatteristiċi tal-modifika skont dan li ġej:

(a) fejn il-modifika tirriżulta fl-irtirar parzjali jew totali tar-rikonoxximent ta' assi minħabba tħassir kif definit fil-paragrafu 74, l-impatt fuq it-telf mistenni minħabba dan ir-ritirar tar-rikonoxximent għandu jiġi rrapportat fi 'Tnaqqis fil-kont ta' provvediment minħabba tħassir', u kwalunkwe impatt ieħor minn modifika fuq it-telf ta' kreditu mistenni f'kolonni oħrajn xierqa;

(b) fejn il-modifika tirriżulta fl-irtirar sħiħ tar-rikonoxximent ta' assi għal raġunijiet għajr tħassir kif definit fil-paragrafu 74 u s-sostituzzjoni tiegħu b'assi ġdid, l-impatt tal-modifika fuq it-telf ta' kreditu mistenni għandu jiġi rrapportat f'"Bidliet minħabba l-irtirar tar-rikonoxximent' għall-bidliet minħabba l-assi rtirat mir-rikonoxximent, u f'"Żidiet minħabba l-oriġinazzjoni u l-akkwiżizzjoni' għall-bidliet minħabba l-assi modifikat rikonoxxut reċentement. L-irtirar tar-rikonoxximent għal raġunijiet għajr tħassir għandu jinkludi r-ritirar tar-rikonoxximent fejn it-termini tal-assi modifikati ġew soġġetti għal bidliet sostanzjali;

(c) fejn il-modifika ma tirriżultax fl-irtirar tar-rikonoxximent tal-assi modifikat kollu jew parti minnu, l-impatt tagħha fuq it-telf mistenni għandu jiġi rrapportat f'"Bidliet minħabba modifiki mingħajr irtirar tar-rikonoxximent'.

165. It-tħassir għandu jiġi rrapportat skont il-paragrafi 72 sa 74 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness u skont dan li ġej:

(a) fejn l-istrument ta' dejn huwa parzjalment jew kompletament irtirat mir-rikonoxximent għax ma hemm l-ebda aspettattiva raġjonevoli ta' rkupru, it-tnaqqis fil-provvediment ta' telf irrapportat minħabba l-ammonti mħassra għandu jiġi rrapportat fi: 'Tnaqqis fil-kont ta' provvediment minħabba tħassir';

(b) 'Ammonti mħassra direttament għar-rapport tal-introjtu' għandha tkun l-ammonti ta' assi finanzjarji mħassra matul il-perjodu ta' referenza ta' rapportar li jaqbżu kwalunkwe kont ta' provvediment tal-assi finanzjarji rispettivi fid-data tal-irtirar tar-rikonoxximent. Dawn għandhom jinkludu l-ammonti kollha mħassra matul il-perjodu ta' referenza ta' rapportar u mhux biss dawk li għadhom soġġetti għal attività ta' infurzar.

166. 'Aġġustamenti oħrajn' għandha tinkludi kwalunkwe ammont li mhuwiex irrapportat fil-kolonni preċedenti, inklużi l-aġġustamenti fuq it-telf mistenni minħabba differenzi fil-kambju tal-muniti barranin fejn dan ma jkunx konsistenti mar-rapportar tal-impatt tal-kambju tal-muniti barranin fil-formola 2.

166i. 'Qligħ jew telf mill-irtirar tar-rikonoxximent ta' strumenti ta' dejn' għandha tinkludi d-differenza bejn l-ammont riportat ta' assi finanzjarji mkejla fid-data tal-irtirar tar-rikonoxximent u l-korrispettiv riċevut.

11.3. **Trasferimenti bejn stadji ta' indeboliment (preżentazzjoni ta' bażi grossa) (12.2)**

167. Għandhom jiġu rrapportati fil-formola 12.2 l-ammont riportat gross għal assi finanzjarji u l-ammont nominali li ġew trasferiti bejn l-istadji ta' indeboliment waqt il-perjodu ta' referenza ta' rapportar għal skoperturi barra l-karta bilanċjali li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-IFRS 9.

168. Għandhom jiġu rrapportati biss l-ammont riportat gross jew l-ammont nominali ta' dawk l-assi finanzjarji jew skoperturi barra l-karta bilanċjali li qegħdin fi stadju ta' indeboliment differenti fid-data ta' referenza ta' rapportar minn dak li kienu fih fil-bidu tas-sena finanzjarja jew fir-rikonoxximent inizjali tagħhom. Għal skoperturi fil-karta bilanċjali li għalihom l-indeboliment irrapportat fil-formola 12.1 jinkludi komponent barra l-karta bilanċjali (IFRS 9.5.5.20 u IFRS 7.B8E), il-bidla fl-istadju tal-komponent fil-karta bilanċjali u barra l-karta bilanċjali għandha tiġi kkunsidrata.

169. Għar-rapportar tat-trasferimenti li seħħew matul is-sena finanzjarja, assi finanzjarji jew skoperturi barra l-karta bilanċjali li biddlu diversi drabi l-istadju ta' indeboliment mill-bidu tas-sena finanzjarja jew mir-rikonoxximent inizjali tagħhom għandhom jiġu rrapportati bħala li ġew trasferiti mill-istadju ta' indeboliment tagħhom fil-bidu tas-sena finanzjarja jew ir-rikonoxximent inizjali għall-istadju ta' indeboliment li fih huma inklużi fid-data ta' referenza ta' rapportar.

170. L-ammont riportat gross jew l-ammont nominali li għandu jiġi rrapportat fil-formola 12.2 għandu jkun l-ammont riportat gross jew il-valur nominali fid-data tar-rapportar, irrispettivament minn jekk dak l-ammont kienx aktar għoli jew aktar baxx fid-data tat-trasferiment.

12. IL-KOLLATERAL U L-GARANZIJI RIĊEVUTI (13)

12.1. **Id-diżaggregazzjoni tal-kollateral u l-garanziji skont is-self u l-avvanzi minbarra dawk miżmuma għan-negozjar(13.1)**

171. Il-kollateral u l-garanziji li jappoġġaw is-self u l-avvanzi, b'mod indipendenti mill-forma ġuridika tagħhom, għandhom jiġu rrapportati skont it-tip ta' rahan: self kollateralizzat minn proprjetà immobbli u self kollateralizzat ieħor, u mill-garanziji finanzjarji riċevuti. Is-self u l-avvanzi għandhom jiġu diżaggregati skont il-kontropartijiet u l-iskop.

172. Fil-formola 13.1, għandu jiġi rrapportat l-'ammont massimu tal-kollateral jew garanzija li jistgħu jiġu kkunsidrati'. Is-somma tal-ammonti tal-garanzija finanzjarja u/jew kollateral murija fil-kolonni relatati tal-formola 13.1 ma għandhiex taqbeż l-ammont riportat tas-self relatat.

173. Għar-rapportar ta' self u avvanzi skont it-tip ta' rahan, għandhom jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) fi ħdan 'Self kollateralizzat bi proprjetà immobbli', 'Residenzjali' għandhom jinkludu self garantit minn proprjetà immobbli residenzjali u self 'Kummerċjali' garantit b'rahan ta' proprjetà immobbli għajr residenzjali, inkluż uffiċini u binjiet kummerċjali u tipi oħra ta' proprjetà immobbli kummerċjali. Id-determinazzjoni dwar jekk il-kollateral tal-proprjetà immobbli għandux ikun residenzjali jew kummerċjali għandha ssir skont il-punt (75) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(b) fi ħdan 'Self kollateralizzat ieħor':

(i) 'Flus, depożiti, (Strumenti ta' dejn maħruġin)' għandha tinkludi (a) depożiti fl-istituzzjoni ta' rapportar li ġew mirhuna bħala kollaterali għal self u (b) titoli ta' dejn maħruġa mill-istituzzjoni ta' rapportar li ġew mirhuna bħala kollateral għal self.

(ii) 'Proprjetà mobbli' tinkludi r-rahan ta' kollateral fiżiku minbarra proprjetà immobbli u tinkludi karozzi, ajruplani, vapuri, tagħmir industrijali u mekkaniku (makkinarju, tagħmir mekkaniku u tekniku), inventarji u komoditajiet (merkanzija, prodotti lesti u nofshom lesti, materja prima) u forom oħra ta' proprjetà mobbli;

(iii) 'Ekwitajiet u titoli ta' dejn' għandha tinkludi kollateral fil-forma ta' strumenti ta' ekwità, inklużi investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati, kif ukoll fil-forma ta' titoli ta' dejn maħruġa minn partijiet terzi;

(iv) 'Bqija' għandha tinkludi assi mirhuna;

(c) 'Garanziji finanzjarji riċevuti' għandha tinkludi kuntratti li skont il-paragrafu 114 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness jeħtieġu li l-emittent jagħmel pagamenti speċjali biex jirrimborża lill-istituzzjoni għal telf li ġġarrab, minħabba li debitur speċifikat ikun naqas milli jagħmel pagament meta jkun dovut skont it-termini oriġinali jew modifikati ta' strument ta' dejn.

174. Għal self u avvanzi li għandhom b'mod simultanju diversi tipi ta' kollateral jew garanzija, l-ammont ta' 'Kollateral/garanzija massimi li jistgħu jiġu kkunsidrati' għandu jiġi allokat skont il-kwalità tiegħu u jibdew l-ewwel dawk tal-aqwa kwalità. Għal self kollateralizzat minn proprjetà immobbli, il-kollateral tal-proprjetà immobbli għandu dejjem jiġi rrapportat l-ewwel, irrispettivament mill-kwalità tiegħu meta mqabbla ma' kollateral ieħor. Fejn il-'Kollateral/garanzija massimi li jistgħu jiġu kkunsidrati' jaqbżu l-valur tal-kollateral tal-proprjetà immobbli, il-valur tiegħu li jibqa' għandu jiġi allokat għal tipi ta' kollateral u garanziji oħrajn skont il-kwalità tagħhom u jibdew l-ewwel minn dawk tal-aħjar kwalità.

12.2. **Il-kollateral miksub bit-teħid f'pussess matul il-perjodu (miżmum fid-data ta' referenza) (13.2.1)**

175. Din il-formola għandha tintuża biex tiġi rrapportata informazzjoni dwar il-kollateral li nkiseb bejn il-bidu u t-tmiem tall-perjodu ta' referenza u li jibqa' rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza. Il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess għandu jinkludi assi li ma ġewx mirhuna mid-debitur bħala kollateral, iżda li nkisbu bi skambju għat-tħassir tad-dejn, kemm fuq bażi volontarja kif ukoll bħala parti mill-proċedimenti ġudizzjarji. It-tipi ta' kollateral għandhom ikunu dawk imsemmija fil-paragrafu 173, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-punt (b)(i) ta' dak il-paragrafu.

175i. 'Valur fir-rikonoxximent inizjali' għandha tfisser l-ammont riportat gross tal-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess fil-mument tar-rikonoxximent inizjali fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni relatriċi.

175ii. 'Bidliet negattivi akkumulati' għandha tkun id-differenza, fil-livell tal-entrata individwali ta' kollateral, bejn il-valur fir-rikonoxximent inizjali tal-kollateral u l-ammont riportat fid-data ta' referenza ta' rapportar, fejn dik id-differenza tkun negattiva.

12.3. **Il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess akkumulat (13.3.1)**

176. Il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess li jibqa' rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza, irrispettivament mill-mument meta nkiseb, għandu jiġi rrapportat fil-formola 13.3.1. Għandhom jiġu inklużi kemm il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess ikklassifikat bħala 'Proprjetà, impjanti u tagħmir' kif ukoll kollateral ieħor miksub bit-teħid ta' pussess. Il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess għandu jinkludi assi li ma ġewx mirhuna mid-debitur bħala kollateral, iżda li nkisbu bi skambju għat-tħassir tad-dejn, kemm fuq bażi volontarja kif ukoll bħala parti mill-proċedimenti ġudizzjarji.

13. ĠERARKIJA TAL-VALUR ĠUST: L-ISTRUMENTI FINANZJARJI BIL-VALUR ĠUST (14)

177. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-valur ta' strumenti finanzjarji mkejlin fil-valur ġust skont il-ġerarkija provduta mill-IFRS 13.72. Fejn il-GAAP nazzjonali taħt il-BAD jeħtieġu wkoll l-allokazzjoni ta' assi mkejlin fil-valur ġust bejn livelli differenti ta' valur ġust, l-istituzzjonijiet taħt il-GAAP nazzjonali għandhom jirrapportaw din il-formola wkoll.

178. 'Bidla fil-valur ġust għall-perjodu' għandha tinkludi qligħ jew telf minn kejl mill-ġdid magħmul skont l-IFRS 9, IFRS 13 jew il-GAAP nazzjonali fejn applikabbli, fil-perjodu tal-istrumenti li jkomplu jeżistu fid-data tar-rapportar. Dawk il-qligħ u telf għandhom jiġu rrapportati għall-inklużjoni fir-rapport tal-introjtu, jew fejn applikabbli, fir-rapport tal-introjtu komprensiv; għaldaqstant, l-ammonti li għandhom jiġu rrapportati huma ta' qabel it-taxxi.

179. 'Bidla akkumulata fil-valur ġust qabel it-taxxi' għandha tinkludi l-ammont ta' qligħ jew telf minn kejl mill-ġdid tal-istrumenti akkumulati mir-rikonoxximent inizjali sad-data ta' referenza.

14. L-IRTIRAR TAR-RIKONOXXIMENT U L-OBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI ASSOĊJATI MA' ASSI FINANZJARJI TRASFERITI (15)

180. Il-formola 15 għandha tinkludi informazzjoni dwar assi finanzjarji trasferiti li parti minnhom jew kollha kemm huma ma jikkwalifikawx għall-irtirar tar-rikonoxximent, u assi finanzjarji kompletament irtirati mir-rikonoxximent li għalihom l-istituzzjoni żżomm id-drittijiet ta' servizzjar.

181. L-obbligazzjonijiet assoċjati għandhom jiġu rrappurtati skont il-portafoll li fih kienu inklużi l-assi finanzjarji trasferiti relatati fin-naħa tal-assi u mhux skont il-portafoll li fih kienu inklużi fin-naħa tal-obbligazzjonijiet.

182. Il-kolonna 'Ammonti rtirati mir-rikonoxximent għal skopijiet kapitali' għandha tinkludi l-ammont riportat tal-assi finanzjarji rikonoxxuti għal skopijiet ta' kontabilità iżda rtirati mir-rikonoxximent għal skopijiet prudenzjali għax l-istituzzjoni qed tittrattahom bħala pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għal skopijiet kapitali skont l-Artikoli 109, 243 u 244 tas-CRR.

183. 'Ftehimiet ta' riakkwist' ('repos') għandhom ikunu tranżazzjonijiet li fihom l-istituzzjoni tirċievi flus bi skambju għal assi finanzjarji mibjugħa bi prezz partikolari b'impenn ta' riakkwist tal-istess assi (jew identiċi) bi prezz fiss f'data futura speċifika. Tranżazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju ta' deheb kontra kollateral fi flus għandhom jitqiesu wkoll bħala 'Ftehimiet ta' riakkwist' ('repos'). L-ammonti riċevuti mill-istituzzjoni bi skambju għal assi finanzjarji trasferiti lil parti terza ('akkwirent temporanju') għandhom jiġu klassifikati taħt 'ftehimiet ta' riakkwist' meta jkun hemm impenn biex titreġġa' lura l-operazzjoni u mhux sempliċiment għażla biex isir hekk. Ftehimiet ta' riakkwist għandhom jinkludu wkoll operazzjonijiet tat-tip repo li jistgħu jinkludu:

(a) ammonti riċevuti bi skambju għal titoli temporanjament trasferiti lil parti terza fil-forma ta' self ta' titoli kontra kollateral fi flus;

(b) ammonti riċevuti bi skambju għal titoli trasferiti temporanjament lil parti terza fil-forma ta' ftehim ta' bejgħ/riakkwist.

184. 'Ftehimiet ta' riakkwist' ('repos') u 'self ta' retroriakkwist' ('reverse repos') għandhom jinvolvu flus riċevuti jew mogħtija b'self mill-istituzzjoni.

185. Fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni, meta l-assi finanzjarji trasferiti jiġu ritirati mir-rikonoxximent, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-qligħ (telf) iġġenerat mill-entrata fi ħdan ir-rapport tal-introjtu li jikkorrispondi għall-'portafolli tal-kontabilità' li kienu inklużi fihom l-assi finanzjarji qabel l-irtirar tar-rikonoxximent tagħhom.

15. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TA' ENTRATI SPEĊIFIĊI TAR-RAPPORT TAL-INTROJTU (16)

186. Għal entrati speċifiċi tar-rapport tal-introjtu għandhom jiġu rrapportati diżaggregazzjonijiet ulterjuri tal-qligħ (jew introjtu) u t-telf (jew spejjeż).

15.1. **Id-dħul mill-imgħax u spejjeż skont l-istrument u s-settur tal-kontroparti (16.1)**

187. Id-dħul mill-imgħax għandu jiġi diżaggregat skont dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) id-dħul mill-imgħax fuq assi finanzjarji u oħrajn;

(b) id-dħul mill-imgħax fuq obbligazzjonijiet finanzjarji b'rata effettiva tal-imgħax negattiva.

188. L-ispejjeż tal-imgħax għandhom jiġu diżaggregati skont dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) spejjeż tal-imgħax fuq obbligazzjonijiet finanzjarji u oħrajn;

(b) spejjeż tal-imgħax fuq assi finanzjarji b'rata effettiva tal-imgħax negattiva.

189. Id-dħul mill-imgħax fuq assi finanzjarji u fuq obbligazzjonijiet finanzjarji b'rata effettiva tal-imgħax negattiva għandu jinkludi dħul mill-imgħax fuq derivattivi miżmuma għan-negozjar, titoli ta' dejn, u self u avvanzi, kif ukoll fuq depożiti, titoli ta' dejn maħruġa u obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn b'r-rata effettiva tal-imgħax negattiva.

190. Spejjeż tal-imgħax fuq obbligazzjonijiet finanzjarji u fuq assi finanzjarji b'rata effettiva tal-imgħax negattiva għandhom jinkludu spejjeż tal-imgħax fuq derivattivi miżmuma għan-negozjar, depożiti, titoli ta' dejn maħruġa u obbligazzjonijiet finanzjarji oħra, kif ukoll fuq titoli ta' dejn u self u avvanzi b'rata effettiva tal-imgħax negattiva.

191. Għall-finijiet tal-formola 16.1, pożizzjonijiet qosra għandhom jiġu kkunsidrati fi ħdan obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-istrumenti kollha fil-portafolji varji ħlief dawk inklużi fl-entrati 'Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar' mhux użati għall-iħħeġġjar tar-riskju tar-rata tal-imgħax.

192. 'Derivattivi - Kontabilità għall-iħħeġġjar, riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax' għandha tinkludi d-dħul u l-ispejjeż mill-imgħax fuq strumenti tal-iħħeġġjar meta l-entrati ħheġġjati jiġġeneraw l-imgħax.

193. Meta jintuża l-prezz nadif, l-imgħax fuq id-derivattivi miżmuma għan-negozjar għandu jinkludi l-ammonti relatati ma' dawk id-derivattivi miżmuma għan-negozjar li jikkwalifikaw bħala 'ħeġġijiet ekonomiċi' li huma inklużi bħala dħul jew spejjeż mill-imgħax biex jiġu korretti d-dħul u l-ispiża tal-istrumenti finanzjarji ħheġġjati minn perspettiva ekonomika iżda mhux kontabilistika. F'każ bħal dan, id-dħul mill-imgħax fuq derivattivi ta' ħeġġ ekonomika għandu jiġi rrapportat b'mod separat fi ħdan id-dħul mill-imgħax minn derivattivi tan-negzjar. Tariffi maqsuma skont il-ħin jew bilanċi tal-ħlas fir-rigward ta' derivattivi ta' kreditu mkejla fil-valur ġust u użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu ta' parti minn jew strument finanzjarju kollu li huwa speċifikat fil-valur ġust f'dik l-okkazzjoni għandhom jiġu rrapportati wkoll fi ħdan l-imgħax fuq derivattivi miżmuma għan-negozjar.

194. Skont l-IFRS, 'Li minnhom: dħul mill-imgħax fuq assi finanzjarji indeboliti' tfisser dħul mill-imgħax fuq assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, inklużi assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu mibjugħa jew oriġinati. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, din għandha tinkludi d-dħul mill-imgħax fuq assi indeboliti bi provvediment ta' indeboliment speċifiku għar-riskju ta' kreditu.

194i. 'Li minnhom: kreditu għall-konsum' u 'li minnhom: self għal xiri ta' djar' għandhom jirriflettu l-introjtu u l-ispejjeż fuq self u avvanzi kif deskritt fil-paragrafu 88 ta' din il-Parti.

194ii. 'Li minnhom: imgħax minn lokazzjonijiet' għandha tirrifletti l-introjtu tal-lokatur mill-imgħax fuq ir-riċevibbli tal-lokazzjoni (lokazzjonijiet finanzjarji) u l-ispejjeż ta' imgħax tal-lokatur fuq l-obbligazzjoni tal-lokazzjoni rispettivament.

15.2. **Il-qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent tal-assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejla b'valur ġust permezz tal-profitt jew telf skont l-istrument (16.2)**

195. Il-qligħ u t-telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent tal-assi finanzjarji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf ikunu diżaggregati skont it-tip ta' strument finanzjarju u skont il-portafoll kontabilistiku. Għal kull entrata, għandhom jiġu rrapportati l-qligħ jew it-telf realizzat nett li ġej mit-tranżazzjoni rtirata mir-rikonoxximent. L-ammont nett jirrappreżenta d-differenza bejn il-qligħ u t-telf realizzat.

196. Il-formola 16.2 għandha tapplika skont l-IFRS għal assi finanzjarji u obbligazzjonijiet b'kost amortizzat, u strumenti ta' dejn mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, il-formola 16.2 għandha tapplika għal assi finanzjarji mkejla b'metodu bbażat fuq il-kost, f'valur ġust permezz ta' ekwità, u skont metodi tal-kejl bħall-inqas mill-kost jew mis-suq. Qligħ u telf ta' strumenti finanzjarji kklassifikati bħala negozju fil-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD ma jiġux irrapportati f'din il-formola irrelevantement mir-regoli ta' valwazzjoni applikabbli għal dawk l-istrumenti.

15.3. **Il-qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar u negozjar ta' assi finanzjarji u negozjar ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont l-istrument (16.3)**

197. Il-qligħ u t-telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet miżmuma għan-negozjar għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' strument; kull entrata tad-diżaggregazzjoni għandha tkun l-ammont nett realizzat u mhux realizzat (il-qligħ nieqes it-telf) tal-istrument finanzjarju.

198. Qligħ u telf min-negozjar tal-munita barranija fis-suq spot, minbarra l-iskambju ta' karti tal-flus u muniti barranin, għandhom jiġu inklużi bħala qligħ u telf tan-negozjar. Qligħ u telf min-negozjar ta' metalli prezzjużi jew l-irtirar tar-rikonoxximent u l-kejl mill-ġdid ma għandhomx jiġu inklużi fi qligħ u telf tan-negozjar iżda f'Introjtu operatorju ieħor' jew 'Spiża operatorja oħra' skont il-paragrafu 316 ta' din il-Parti.

199. L-entrata 'Li minnhom: ħeġġijiet ekonomiċi bl-użu tal-għażla tal-valur ġust' għandha tinkludi biss il-qligħ u t-telf fuq derivattivi ta' kreditu mkejlin fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf u użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu ta' strument finanzjarju kollu jew parti minnu li huwa speċifikat fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf f'dik l-okkażjoni skont l-IFRS 9.6.7. Il-qligħ jew telf dovuti għar-riklassifikazzjoni ta' assi finanzjarji barra l-portafolli tal-kontabilità tal-kost amortizzat u fil-valur ġust permezz tal-portafoll tal-kontabilità tal-qligħ jew telf jew fil-portafoll miżmuma għan-negozjar (IFRS 9.5.6.2) għandhom jiħu rrapportati fi 'Li minnhom: qligħ u telf minħabba r-riklassifikazzjoni ta' assi b'kost amortizzat'.

15.4. **Il-qligħ jew telf fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar u n-negozjar ta' assi finanzjarji u n-negozjar ta' obbligazzjonijiet finanzjarji skont ir-riskju (16.4)**

200. Il-qligħ u t-telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozjar għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' riskju wkoll. Kull entrata tad-diżaggregazzjoni għandha tkun l-ammont nett realizzat kif ukoll mhux realizzat (il-qligħ nieqes it-telf) tar-riskju sottostanti (tar-rati tal-imgħax, tal-ekwità, tal-kambju tal-muniti barranin, tal-kreditu, tal-komoditajiet u oħrajn) assoċjat mal-iskopertura, inklużi d-derivattivi relatati. Qligħ u telf minn differenzi tal-kambju għandhom ikunu inklużi fl-entrata li fiha huma inklużi l-bqija tal-qligħ u t-telf li ġej mill-istrument konvertit. Qligħ u telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji minbarra derivattivi għandhom jiġu inklużi fil-kategoriji tar-riskju kif ġej:

(a) rata tal-imgħax: inkluż in-negozjar ta' self u avvanzi, depożiti u titoli ta' dejn (miżmuma jew maħruġa);

(b) ekwità: inkluż in-negozjar ta' ishma, kwoti ta' UCITS u strumenti oħrajn ta' ekwità;

(c) negozjar tal-muniti barranin: inkluż in-negozjar esklussiv fuq boroż barranin;

(d) riskju ta' kreditu: inkluż in-negozjar ta' noti marbutin mal-kreditu;

(e) komoditajiet: din l-entrata għandha tinkludi biss derivattivi għax il-qligħ u t-telf fuq komoditajiet miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar għandhom jiġu rrapportati taħt 'Introjtu operatorju ieħor' jew 'Spejjeż operatorji oħrajn' skont il-paragrafu 316 ta' din il-Parti;

(f) oħrajn: inkluż in-negozjar ta' strumenti finanzjarji li ma jistgħux ikunu klassifikati f'diżaggregazzjonijiet oħrajn.

15.5. **Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf skont l-istrument (16.4.1)**

201. Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' strument. Kull entrata tad-diżaggregazzjoni għandha tkun l-ammont nett realizzat u mhux realizzat (il-qligħ nieqes it-telf) tal-istrument finanzjarju.

202. Il-qligħ jew telf minħabba r-riklassifikazzjoni ta' assi finanzjarji barra mill-portafoll tal-kontabilità tal-kost amortizzat u fl-assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz tal-portafolli tal-kontabilità tal-qligħ jew telf (IFRS 9.5.6.2) għandhom jiġu rrapportati fi 'Li minnhom: qligħ u telf minħabba r-riklassifikazzjoni ta' assi b'kost amortizzat'.

15.6. **Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati bil-valur ġust għall-profitt jew telf skont l-istrument (16.5)**

203. Il-qligħ u t-telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' strument. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw in-nett realizzat u mhux realizzat u l-ammont ta' bidla fil-valur ġust ta' obbligazzjonijiet finanzjarji fil-perjodu minħabba bidliet fir-riskju ta' kreditu (riskju ta' kreditu proprju tal-mutwatarju jew l-emittent) meta r-riskju ta' kreditu proprju ma jiġix irrapportat f'introjtu ieħor komprensiv.

204. Fejn derivattiv ta' kreditu mkejjel fil-valur ġust jintuża għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu ta' strument finanzjarju kollu jew parti minnu li huwa speċifikat fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf f'dik l-okkażjoni, il-qligħ jew it-telf tal-istrument finanzjarju meta ssir dik l-ispeċifikazzjoni għandhom jiġu rrapportati f'"Li minnhom: qligħ jew (-) telf meta ssir speċifikazzjoni ta' assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew għal skopijiet ta' ħeġġjar, nett'. Il-qligħ jew telf sussegwenti fil-valur ġust fuq dawn l-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu rrapportati f'"Li minnhom: qligħ jew (-) telf wara l-ispeċifikazzjoni ta' assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf għal skopijiet ta' ħeġġjar, nett'.

15.7. **Il-qligħ jew telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar (16.6)**

205. Il-qligħ jew telf kollu mill-kontabilità għall-iħħeġġjar ħlief id-dħul jew l-ispejjeż mill-imgħax fejn jintuża l-prezz nadif, għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' kontabilita' għall-iħħeġġjar: ħeġġ tal-valur ġust, ħeġġ tal-flussi tal-flus u ħeġġ ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin. Il-qligħ u t-telf relatati ma' ħeġġ fuq il-valur ġust għandhom jiġu diżaggregati bejn l-istrument għall-iħħeġġjar u l-entrata ħheġġjata. Il-qligħ u t-telf fuq strumenti għall-iħħeġġjar ma għandhomx jinkludu qligħ u telf relatat ma' entrati tal-istrumenti tal-iħħeġġjar li mhumiex speċifikati bħala strumenti għall-iħħeġġjar skont l-IFRS 9.6.2.4. Dawk l-istrumenti ta' ħheġġjar li ma jkunux speċifikati għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafu 60 ta' din il-Parti. Il-qligħ u t-telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar għandhom jinkludu wkoll qligħ u telf fuq ħeġġijiet ta' grupp ta' entrati b'pożizzjonijiet ta' riskju ta' tpaċija (ħeġġijiet ta' pożizzjoni netta).

206. 'Bidliet fil-valur ġust tal-entrata ħheġġjata attribbwibbli għar-riskju ħheġġjat' għandha tinkludi qligħ u telf fuq entrati ħheġġjati fejn l-entrati huma strumenti ta' dejn imkejla fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv skont l-IFRS 9.4.1.2 A (IFRS 9.6.5.8).

207. Skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD, id-diżaggregazzjoni skont it-tip ta' ħeġġijiet kif previst f'din il-formola għandha tiġi rrapportata sa fejn id-diżaggregazzjoni hija kompatibbli mar-rekwiżiti ta' kontabilità applikabbli.

15.8. **Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji (16.7)**

208. 'Żidiet' għandha tiġi rrapportata fejn, għall-portafoll tal-kontabilità jew il-kategorija ewlenija ta' assi, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonoxximent ta' spejjeż netti. 'Treġġigħ lura' għandha tiġi rrapportata fejn, għall-portafoll tal-kontabilità jew il-kategorija ewlenija ta' assi, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonoxximent tal-introjtu nett.

15.9. **Spejjeż Amministrattivi Oħra (16.8)**

208i. 'Spejjeż tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni' għandha tkun l-ispejjeż magħmula biex jitwettqu proċessi tan-negozju ffaċilitati mill-IT, servizzi tal-applikazzjoni u soluzzjonijiet tal-infrastruttura għar-riżultati tan-negozju, inklużi l-kostijiet relatati mal-ħolqien u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT u eskluż il-kumpens għall-ispeċjalisti tal-IT li jirċievu paga mill-istituzzjoni li għandhom jiġu rrapportati taħt l-ispejjeż tal-persunal.

208ii. Fost l-ispejjeż tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, 'esternalizzazzjoni tal-IT' għandha tfisser spejjeż tal-IT relatati mal-użu ta' forniturі esterni tas-servizzi. M'għandhiex tinkludi spejjeż relatati ma' (i) servizzi purament tal-persunal (persunal tal-aġenziji) sal-punt li l-istituzzjoni sempliċiment taħtar persunal b'mod temporanju u żżomm kontroll sħiħ tas-servizzi pprovduti u (ii) kuntratti ta' manutenzjoni tal-ħardwer/softwer operazzjonali purament standardizzati fuq assi sempliċement mixtrija.

208iii. 'Taxxi u dazji (oħrajn)' għandhom jinkludu taxxi u dazji għajr (i) taxxi relatati ma' taxxi fuq il-qligħ jew it-telf u (ii) taxxi u dazji minn operazzjonijiet li ma tkomplewx. Din l-entrata tinkludi taxxi u dazji bħal taxxi imposti fuq oġġetti u servizzi u d-dazji mħallsa mill-istituzzjoni.

208iv. ‘Servizzi ta’ konsulenza u professjonali’ għandha tfisser spejjeż imġarrba biex jinkiseb parir espert jew strateġiku.

208v. ‘Reklamar, kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni’ għandha tinkludi l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta’ komunikazzjoni ta’ kummerċjalizzazzjoni bħar-reklamar, il-kummerċjalizzazzjoni diretta jew onlajn, u avvenimenti.

208vi. ‘Spejjeż relatati mar-riskju ta’ kreditu’ għandha tfisser spejjeż amministrattivi fil-kuntest ta’ avvenimenti ta’ kreditu, bħall-ispejjeż imġarrba fir-rigward tat-teħid tal-pussess ta’ kollateral jew proċedimenti ġudizzjarji.

208vii. ‘Spejjeż ta’ litigazzjoni mhux koperti minn provvedimenti’ tfisser spejjeż ta’ litigazzjoni mhux relatati ma’ riskju ta’ kreditu li ma kinux koperti minn provvediment assoċjat.

208viii. ‘Spejjeż ta’ proprjetà immobbli’ għandha tfisser spejjeż għal tiswijiet u manutenzjoni li ma jtejbux l-użu jew li ma jtawlux il-ħajja utli tal-proprjetà immobbli, kif ukoll spejjeż tal-kontijiet (ilma, elettriku u tisħin).

208ix. Skont l-IFRS, ‘spejjeż ta’ lokazzjoni’ għandhom jinkludu spejjeż tal-lokatarju minħabba lokazzjonijiet għal terminu qasir u lokazzjonijiet ta’ assi ta’ valur baxx kif imsemmi fl-IFRS 16.5 u 16.6. Skont il-GAAP nazzjonali, l-ispejjeż ta’ lokazzjoni għandhom jinkludu spejjeż tal-lokatarju, fejn l-istandard kontabilistiku jipprevedi t-trattament ta’ pagamenti tal-lokazzjoni bħala spejjeż.

208x. ‘Spejjeż amministrattivi oħra - Bqija’ għandha tinkludi l-komponenti kollha li jibqa’ ta’ ‘spejjeż amministrattivi oħra’, bħal servizzi amministrattivi u loġistiċi, posta u trasport ta’ dokumenti, servizzi ta’ sorveljanza u sigurtà, servizzi tal-għadd tal-flus u trasport. Il-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti biex jiġu riżolti l-fondi u l-iskemi ta’ garanzija ta’ depożiti ma għandhomx jiġu rrapportati f’din il-kategorija peress li huma jiġu rrapportati f’ringiela separata tal-formola 2.

16. IR-RIKONĊILJAZZJONI BEJN IL-KONTABILITÀ U L-AMBITU TA’ KONSOLIDAZZJONI TAS-CRR (17)

209. ‘L-ambitu ta’ konsolidazzjoni ta’ kontabilità’ għandha tinkludi l-ammont riportat ta’ assi, obbligazzjonijiet u ekwità kif ukoll l-ammonti nominali tal-iskoperturi barra l-karta bilanċjali mħejjija bl-użu tal-ambitu ta’ konsolidazzjoni tal-kontabilità, jiġifieri jiġu inklużi fis-sussidjarji ta’ konsolidazzjoni li huma impriżi tal-assigurazzjoni u korporazzjonijiet mhux finanzjarji. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-sussidjarji, l-impriżi konġunti u l-kumpaniji assoċjati li jużaw l-istess metodu bħal fir-rapporti finanzjarji tagħhom.

210. F’din il-formola, l-entrata ‘Investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati’ ma għandhiex tinkludi sussidjarji peress li s-sussidjarji kollha huma kkonsolidati bis-sħiħ taħt l-ambitu tal-konsolidazzjoni kontabilistika.

211. ‘Assi b’kuntratti ta’ riassigurazzjoni u assigurazzjoni’ għandha tinkludi assi b’riassigurazzjoni ċeduta kif ukoll, jekk ikun hemm, assi relatati ma’ kuntratti ta’ assigurazzjoni u riassigurazzjoni maħruġin.

212. ‘Obbligazzjonijiet b’kuntratti ta’ assigurazzjoni u riassigurazzjoni’ għandha tinkludi obbligazzjonijiet b’kuntratti ta’ assigurazzjoni u riassigurazzjoni maħruġin.

17. SKOPERTURI IMPRODUTTIVI (18)

17.1. **Informazzjoni fuq skoperturi produttivi u improduttivi (18.0)**

213. Għall-finijiet tal-formola 18, skoperturi improduttivi għandhom ikunu l-iskoperturi li jissodisfaw kwalunkwe kriterju minn dawn li ġejjin:

(a) skoperturi materjali li jkunu ilhom li skadew aktar minn 90 ġurnata;

(b) id-debitur jiġi ivvalutat bħala li x’aktarx mhux se jħallas totalment l-obbligi ta’ kreditu tiegħu mingħajr realizzazzjoni ta’ kollateral, irrispettivament mill-eżistenza ta’ kwalunkwe ammont dovut skadut jew in-numru ta’ ġranet li jkun ilu skadut.

214. Il-kategorizzazzjoni bħala skoperturi improduttivi għandha tapplika minkejja l-klassifikazzjoni ta’ skopertura bħala inadempjenti għal finijiet regolatorji skont l-Artikolu 178 tas-CRR jew bħala indebolita għal finijiet ta’ kontabbiltà skont il-qafas ta’ kontabbiltà applikabbli.

215. Skoperturi li fir-rigward tagħhom huwa meqjus li seħħet inadempjenza skont l-Artikolu 178 tas-CRR u skoperturi li nstabu indeboliti skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli għandhom dejjem jitqiesu bħala skoperturi improduttivi. Skont l-IFRS, għall-finijiet tal-formola 18, skoperturi indeboliti għandhom ikunu dawk li nstabu indeboliti fil-kreditu (Stadju 3), inklużi assi b'indeboliment fil-kreditu mixtrija jew oriġinati rrapportati f'dan l-istadju skont il-paragafu 77 ta' din il-Parti. L-iskoperturi inklużi fl-istadji ta' indeboliment għajr l-Istadju 3 għandhom jiġu kkunsidrati bħala improduttivi fejn jissodisfaw il-kriterji sabiex jitqiesu bħala improduttivi.

216. L-iskoperturi għandhom jiġu kategorizzati għall-ammont sħiħ tagħhom u mingħajr ma titqies l-eżistenza ta' xi kollateral. Il-materjalità għandha tiġi vvalutata skont l-Artikolu 178 tas-CRR.

217. Għall-finijiet tal-formola 18, 'skoperturi' għandha tinkludi l-istrumenti ta' dejn kollha (titoli ta' dejn u self u avvanzi, inklużi bilanċi ta' flus fl-idejn f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn) u skoperturi barra l-karta bilanċjali, ħlief dawk l-iskoperturi miżmuma għan-negozjar.

218. L-istrumenti ta' dejn għandhom jiġu inklużi fil-portafolli tal-kontabilità li ġejjin: (a) strumenti ta' dejn bil-kost jew bil-kost ammortizzat; (b) strumenti ta' dejn bil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv jew permezz ta' ekwità soġġetta għal indeboliment; u (c) 'strumenti ta' dejn b'LOCOM strett, jew f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf jew permezz ta' ekwità mhux soġġetti għal indeboliment', skont il-kriterji tal-paragrafu 233 ta' din il-Parti. Kull kategorija għandha tiġi diżaggregata skont l-istrument u skont il-kontroparti.

219. Skont l-IFRS u l-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD, l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali għandhom jinkludu l-entrati revokabbli u rrevokabbli li ġejjin:

(a) impenji ta' self mogħtija;

(b) garanziji finanzjarji mogħtija;

(c) impenji oħrajn mogħtija.

220. Strumenti ta' dejn klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ skont l-IFRS 5 għandhom jiġu rrapportati b'mod separat.

221. Fil-formola 18 għall-istrumenti ta' dejn, 'ammont riportat gross' kif definit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness għandu jiġi rrapportat. Għall-iskoperturi barra l-karta bilanċjali, għandu jiġi rrapportat l-ammont nominali kif definit fil-paragrafu 118 ta' dan l-Anness.

222. Għall-finijiet tal-formola 18, skopertura hija 'skaduta' meta din tissodisfa l-kriterji tal-paragrafu 96 ta' din il-Parti.

223. Għall-finijiet tal-formola 18, 'debitur' għandha tfisser debitur skont it-tifsira tal-Artikolu 178 tas-CRR.

224. Impenn għandu jitqies bħala skopertura improduttiva għall-ammont nominali tiegħu fejn, meta jkun prelevat jew inkella użat, dan iwassal għal skoperturi li jippreżentaw riskju li ma jitħallsux lura kompletament mingħajr realizzazzjoni tal-kollateral.

225. Garanziji finanzjarji mogħtija jiġu kkunsidrati bħala skoperturi improduttivi għal ammont nominali tagħhom fejn il-garanzija finanzjarja tkun tinsab f'riskju li tiġi msejħa mill-kontroparti ('il-parti ggarantita'), inkluż, b'mod partikolari, fejn l-iskopertura ggarantita sottostanti tissodisfa l-kriterji sabiex titqies bħala improduttiva, kif imsemmi fil-paragrafu 213. Fejn il-parti garantita tkun skadiet fuq l-ammont dovut skont il-kuntratt ta' garanzija finanzjarja, l-istituzzjoni ta' rrapportar għandha tivvaluta jekk ir-riċevibbli li jirriżulta jissodisfax il-kriterji improduttivi.

226. Skoperturi klassifikati bħala improduttivi f'konformità mal-paragrafu 213 għandhom jiġu klassifikati bħala jew improduttivi fuq bażi individwali ('ibbażati fuq tranżazzjonijiet') jew bħala improduttivi għall-iskopertura ġenerali ta' debitur partikolari ('bbażati fuq debitur'). Għall-kategorizzazzjoni ta' skoperturi improduttivi fuq bażi individwali jew għal debitur partikolari, l-approċċi ta' kategorizzazzjoni li ġejjin għandhom jintużaw għat-tipi differenti ta' skoperturi improduttivi:

(a) għal skoperturi improduttivi klassifikati bħala inadempjenti skont l-Artikolu 178 tas-CRR, għandu jiġi applikat l-approċċ ta' kategorizzazzjoni ta' dak l-Artikolu;

(b) għal skoperturi li huma klassifikati bħala improduttivi minħabba indeboliment skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, għandhom jiġu applikati l-kriterji ta' rikonoxximent għal indeboliment skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli;

(c) għal skoperturi improduttivi oħrajn li la huma kklassifikati bħala inadempjenti u lanqas bħala indeboliti, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 178 tas-CRR għal skoperturi inadempjenti.

227. Meta istituzzjoni jkollha skoperturi fil-karta bilanċjali għal debitur li jkunu skaduti b'aktar minn 90 jum u l-ammont riportat gross tal-iskoperturi skaduti jirrappreżenta aktar minn 20 % tal-ammont riportat gross tal-iskoperturi kollha fil-karta bilanċjali għal dak id-debitur, l-iskoperturi kollha fil-karta bilanċjali u barra minnha għal dak id-debitur għandhom jitqiesu bħala improduttivi. Meta debitur jappartjeni għal grupp, tiġi vvalutata l-ħtieġa li skoperturi għal entitajiet oħra tal-grupp jitqiesu wkoll bħala improduttivi, fejn dawk l-iskoperturi mhumiex diġà meqjusa bħala indeboliti jew inadempjenti skont l-Artikolu 178 tas-CRR, ħlief għal skoperturi affettwati minn tilwim iżolat li ma jkunx relatat mas-solvenza tal-kontroparti.

228. L-iskoperturi għandhom jitqiesu li waqfu jkunu improduttivi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura tissodisfa l-kriterji ta' ħruġ applikati mill-istituzzjoni relatriċi, għad-diskontinwità tal-indeboliment u l-klassifikazzjoni ta' inadempjenza skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli u l-Artikolu 178 tas-CRR rispettivament;

(b) is-sitwazzjoni tad-debitur tjiebet sal-punt li x'aktarx isir ir-ripagament sħiħ, jew skont il-kundizzjonijiet oriġinali jew skont dawk modifikati;

(c) id-debitur ma għandu l-ebda ammont skadut b'aktar minn 90 jum.

229. Skopertura għandha tibqa' klassifikata bħala improduttiva dment li l-kundizzjonijiet (a), (b) u (c) tal-paragrafu 228 mhumiex sodisfatti, anki meta l-iskopertura tkun diġà ssodisfat il-kriterji ta' diskontinwità applikati mill-istituzzjoni ta' rapportar għall-klassifikazzjoni tal-indeboliment u l-inadempjenza skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli u l-Artikolu 178 tas-CRR rispettivament.

230. Il-klassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ skont l-IFRS 5 ma għandhiex twaqqaf il-klassifikazzjoni tagħha bħala skopertura improduttiva.

231. L-għoti ta' miżuri ta' trażżin għal skopertura improduttiva ma għandux iwaqqaf l-istatus improduttiv ta' din l-iskopertura. Fejn l-iskoperturi huma improduttivi b'miżuri ta' trażżin, kif imsemmi fil-paragrafu 262, dawk l-iskoperturi għandhom jitqiesu bħala li ma għadhomx improduttivi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskoperturi ma jitqiesux indeboliti jew inadempjenti mill-istituzzjoni li tirrapporta skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli u l-Artikolu 178 tas-CRR, rispettivament;

(b) tkun għaddiet tal-anqas sena minn mid-data meta jkunu ngħataw il-miżuri ta' tolleranza u d-data meta l-iskoperturi jkunu ġew klassifikati bħala improduttivi, skont liema data tiġi l-aħħar;

(c) ma jkunx hemm, wara l-miżuri ta' trażżin, xi ammont skadut jew tħassib dwar ir-ripagament sħiħ tal-iskopertura skont il-kundizzjonijiet ta' wara t-trażżin. In-nuqqas ta' tħassib jiġi stabbilit wara li l-istituzzjoni tanalizza s-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur. It-tħassib jista' jitqies bħala li ma għadux jeżisti meta d-debitur ikun ħallas, permezz tal-pagamenti regolari tiegħu skont il-kundizzjonijiet ta' wara t-trażżin, total ugwali għall-ammont li kien preċedentement skadut (fejn kien hemm ammonti skaduti) jew li jkun tħassar (fejn ma kien hemm l-ebda ammont skadut) skont il-miżuri ta' trażżin jew id-debitur ikun wera b'xi mod ieħor il-kapaċità tiegħu li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' wara t-trażżin.

Il-kundizzjonijiet ta' ħruġ speċifiċi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji applikati minn istituzzjonijiet ta' rapportar għal skoperturi indeboliti u inadempjenti skont il-qafas tal-kontabilità applikabbli u l-Artikolu 178 tas-CRR rispettivament.

232. Meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 231 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness ma jiġux issodisfati fl-aħħar tal-perjodu ta' sena speċifikat fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu, l-iskopertura għandha tkompli tiġi identifikata bħala skopertura improduttiva mrażżna sakemm jiġu ssodifati l-kundizzjonijiet kollha. Il-kundizzjonijiet għandhom jiġu vvalutati mill-inqas fuq bażi trimestrali.

233. Il-portafolli tal-kontabilità skont l-IFRS elenkati fil-paragrafu 15 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness u skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD elenkati fil-paragrafu 16 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness għandhom jiġu rrapportati kif ġej fil-formola 18:

(a) 'Strumenti ta' dejn b'kost jew f'kost amortizzat' għandhom jinkorporraw l-istrumenti ta' dejn inklużi fi kwalunkwe waħda minn dawn:

(i) 'Assi finanzjarji b'kost amortizzat' (IFRS);

(ii) 'assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi b'metodu bbażat fuq il-kost', inklużi strumenti ta' dejn skont LOCOM moderat (GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD);

(iii) "Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi oħrajn imkejlin f'LOCOM strett (GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD);

(b) 'Strumenti ta' dejn f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv jew permezz ta' ekwità soġġetti għal indeboliment' għandha tinkorpora strumenti ta' dejn inklużi fi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) 'Assi finanzjarji f'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv' (IFRS);

(ii) 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejla f'valur ġust għall-ekwità', fejn strumenti f'dik il-kategorija ta' kejl jistgħu jkunu soġġetti għal indeboliment skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli taħt il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD.

(c) 'Strumenti ta' dejn b'LOCOM strett, jew f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf jew permezz ta' ekwità mhux soġġetti għal indeboliment' għandha tinkorpora strumenti ta' dejn inklużi fi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju f'valur ġust permezz ta' profitt jew telf' (IFRS);

(ii) 'Assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf' (IFRS);

(iii) 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi imkejlin fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf' (GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD);

(iv) 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi oħrajn' fejn strumenti ta' dejn jiġu mkejlin f'LOCOM strett (GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD);

(v) 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin f'valur ġust permezz tal-ekwità', fejn strumenti ta' dejn f'dik il-kategorija ta' kejl mhumiex soġġetti għal indeboliment skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli taħt il-GAAP abbażi tal-BAD.

234. Fejn l-IFRS jew il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD jistipulaw l-ispeċifikazzjoni ta' impenji fil-valur ġust permezz ta' profitt u telf, l-ammont riportat ta' kwalunkwe assi li jirriżulta minn dik l-ispeċifikazzjoni u kejl fil-valur ġust għandu jiġi rrapportat f"Assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf' (IFRS) jew 'Assi finanzjarji mhux tan-negozjar u mhux derivattivi mkejlin fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf' (GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD). L-ammont riportat ta' kwalunkwe obbligazzjoni li tirriżulta minn dik l-ispeċifikazzjoni ma għandux jiġi rrapportat fil-formola 18. L-ammont nozzjonali tal-impenji kollha speċifikat fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf għandu jiġi rrapportat fil-formola 9.

234i. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu identifikati f'ringieli separati:

(a) Self kollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli kif definit fil-paragrafi 86(a) u 87 ta' din il-Parti;

(b) Kreditu għall-konsum kif definit fil-paragrafu 88(a) ta' din il-Parti.

235. Skoperturi skaduti għandhom jiġu rrapportati b'mod separat fil-kategoriji produttivi u mhux produttivi għall-ammont shiħ tagħhom kif definit fil-paragrafu 96 ta' din il-Parti. L-iskoperturi skaduti b'aktar minn 90 jum iżda li mhumiex materjali skont l-Artikolu 178 tas-CRR għandhom jiġu rrapportati fi ħdan l-iskoperturi produttivi f'Skaduti > 30 jum <= 90 jum'.

236. Skoperturi improduttivi għandhom jiġu rrapportati diżaggregati skont il-faxex ta' żmien ta' skadenza. Skoperturi li mhumiex skaduti jew li huma skaduti b'90 jum jew inqas, iżda li madankollu jiġu identifikati bħala improduttivi minħabba l-probabbiltà ta' ripagament mhux komplet għandhom jiġu rrapportati f'kolonna apposta. Skoperturi li jippreżentaw kemm ammonti skaduti kif ukoll probabbiltà ta' ripagament mhux komplet għandhom jiġu allokati skont il-faxex ta' żmien ta' skandenza konsistenti man-numru ta' jiem li jkunu skaduti.

237. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu identifikati f'kolonni separati:

(a) skoperturi li huma meqjusa indeboliti skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli; skont l-IFRS, l-ammont ta' assi b'indeboliment ta' kreditu (Stadju 3), inklużi assi b'indeboliment ta' kreditu mixtrija jew oriġinati, għandu jiġi rrapportat; skont il-GAAP nazzjonali, għandu jiġi rrapportat l-ammont ta' assi indeboliti;

(b) skoperturi li fir-rigward tagħhom huwa meqjus li seħħet inadempjenza skont l-Artikolu 178 tas-CRR.

(c) taħt l-IFRS, assi b'żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali, iżda mhux bi kreditu indebolit (Stadju 2), inklużi assi mixtrija jew oriġinati b'indeboliment tal-kreditu li ma għadhomx jissodisfaw id-definizzjoni ta' assi 'b'indeboliment tal-kreditu' wara r-rikonoxximent inizjali;

(d) skont l-IFRS, għal skoperturi produttivi, assi mingħajr żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali (Stadju 1).

238. L-indeboliment akkumulat, il-bidliet akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u d-dispożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafi 11, 69 sa 71, 106 u 110 ta' din il-Parti.

239. L-informazzjoni dwar il-kollateral miżmum u l-garanziji riċevuti dwar skoperturi produttivi u improduttivi għandha tiġi rrapportata b'mod separat. L-ammonti rrapportati għall-kollateral riċevut u l-garanziji riċevuti għandhom jiġu kkalkolati skont il-paragrafi 172 u 174 ta' din il-Parti. Is-somma tal-ammonti rrapportati kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat jew l-ammont nominali wara t-tnaqqis tal-provvedimenti tal-iskopertura relatata.

17.2. **Flussi 'l ġewwa u flussi 'l barra ta' skoperturi improduttivi – self u avvanzi skont is-settur tal-kontroparti (18.1)**

239i. Mudell 18.1 għandu jipprovdi l-flussi 'l ġewwa u 'l barra ta' self u avvanzi, minbarra self u avvanzi kklassifikati bħala assi finanzjarji tan-negozjar jew miżmuma għan-negozjar, li kienu kklassifikati fil-kategorija jew barra mit-tali kategorija ta' skoperturi improduttivi kif definiti fil-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti. Il-flussi 'l ġewwa u 'l barra ta' self u avvanzi improduttivi għandhom jiġu diżaggregati skont is-settur tal-kontroparti.

239ii. Il-flussi 'l ġewwa lejn il-kategorija tal-iskoperturi improduttivi għandhom jiġu rrapportati fuq bażi kumulattiva mill-bidu tas-sena finanzjarja. Il-fluss 'il ġewwa għandu jirrifletti l-ammont riportat gross ta' skoperturi li jkunu saru improduttivi kif definit fil-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti matul il-perjodu, inklużi l-iskoperturi improduttivi mixtrija. Żieda fl-ammont riportat gross ta' skopertura improduttiva minħabba l-imgħax akkumulat jew minħabba żieda fil-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu għandha tiġi rrapportata bħala fluss 'il ġewwa wkoll.

239iii. Għal skopertura li matul il-perijodu tkun ġiet klassifikata mill-ġdid diversi drabi minn improduttiva għal produttiva jew viċi versa, l-ammont ta' flussi 'l ġewwa u 'l barra għandu jiġi identifikat abbażi ta' tqabbil bejn l-istatus tal-iskopertura (produttiva jew improduttiva) fil-bidu tas-sena finanzjarja jew fir-rikonoxximent inizjali u l-istatus tagħha fid-data ta' referenza ta' rapportar.

239iv. Il-flussi 'l barra mill-kategorija tal-iskoperturi improduttivi għandhom jiġu rrapportati fuq bażi kumulattiva mill-bidu tas-sena finanzjarja. Il-fluss 'il barra għandu jirrifletti s-somma tal-ammonti riportati grossi ta' skoperturi li ma jibqgħux improduttivi matul il-perjodu, u, fejn applikabbli, għandu jinkludi l-ammont ta' tħassir magħmul fil-kuntest tal-irtirar parzjali jew sħiħ tar-rikonoxximent tal-iskopertura. Tnaqqis fl-ammont riportat gross ta' skopertura improduttiva minħabba l-imgħax imħallas jew tnaqqis fil-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu għandu jiġi rrapportat bħala fluss 'il barra wkoll.

239v. Fluss 'il barra għandu jiġi rrapportat fil-każijiet li ġejjin:

(a) skopertura improduttiva tissodisfa l-kriterji biex ma tibqax tiġi kklassifikata bħala improduttiva kif stabbilit fil-paragrafi 228 – 232 ta' din il-Parti u tiġi riklassifikata bħala produttiva mingħajr tolleranza jew produttiva b'tolleranza;

(b) skopertura improduttiva titħallas lura parzjalment jew totalment; f'każ ta' ripagament parzjali, l-ammont imħallas lura biss għandu jiġi kklassifikat bħala fluss 'il barra;

(c) il-kollateral jiġi likwidat, inkluż il-fluss 'il barra minħabba proċeduri legali jew ta' likwidazzjoni oħra, bħal-likwidazzjoni ta' assi għajr il-kollateral miksub permezz ta' proċeduri legali, u l-bejgħ volontarju tal-kollateral;

(d) l-istituzzjoni tieħu pussess tal-kollateral kif imsemmi fil-paragrafu 175 ta' din il-Parti inklużi każijiet ta' swaps ta' assi ta' dejn, ċedimenti volontarji u skambji ta' dejn ma' ekwità;

(e) skopertura improduttiva tinbiegħ;

(f) ir-riskju marbut ma' skopertura improduttiva hija trasferita u l-iskopertura tissodisfa l-kriterji biex jiġi rtirat ir-rikonoxximent tagħha;

(g) skopertura improduttiva titħassar parzjalment jew totalment; f'każ ta' tħassir parzjali, l-ammont imħasar biss għandu jiġi kklassifikat bħala fluss 'il barra;

(h) skopertura improduttiva, jew partijiet minn skopertura improduttiva, ma jibqgħux improduttivi għal raġunijiet oħra.

239vi. Il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' skopertura improduttiva minn portafoll kontabilistiku għal ieħor ma għandha tiġi rrapportata la bħala fluss 'il ġewwa u lanqas bħala fluss 'il barra. Bħala eċċezzjoni, ir-riklassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva minn kwalunkwe portafoll kontabilistiku għal 'miżmuma għall-bejgħ' għandha tiġi rrapportata bħala fluss 'il barra mill-portafoll kontabilistiku oriġinali u fluss 'il ġewwa għal 'miżmuma għall-bejgħ'.

239vii. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu identifikati f'ringieli separati:

(a) self ta' proprjetà immobbli kummerċjali (CRE) kif definit fil-paragrafu 239ix, diżaggregat f'self CRE lil SMEs u self CRE lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra SMEs;

(b) self kollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli kif definit fil-paragrafi 86(a) u 87 ta' din il-Parti;

(c) kreditu għall-konsum kif definit fil-paragrafu 88(a) ta' din il-Parti.

17.3. **Self ta' Proprjetà Immobbli Kummerċjali (CRE) u informazzjoni addizzjonali fuq self garantit bi proprjetà immobbli (18.2)**

239viii. Il-formola 18.2 għandha tippreżenta informazzjoni dwar self ta' proprjetà immobbli kummerċjali lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u dwar self ikkollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali jew residenzjali lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi rispettivament, diżaggregati skont il-proporzjon bejn is-self u l-valur (proporzjon LTV). Self u avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għan-negozjar, assi finanzjarji tan-negozjar u strumenti ta' dejn miżmuma għall-bejgħ għandhom jiġu esklużi.

239ix. 'Self ta' proprjetà immobbli kummerċjali (CRE)' għandu jinkludi skoperturi kif definiti fit-taqsima 2, kapitolu 1, paragrafu 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar it-tneħħija ta' lakuni fid-*data* dwar il-proprjetà immobbli ([8]).

([8]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Ottubru 2016 dwar l-għeluq ta' lakuni fid-dejta dwar il-proprjetà immobbli (BERS/2016/14), ĠU C 31, 31.1.2017, p. 1.

239x. Il-proporzjon LTV għandu jiġi kkalkolat skont il-metodu għall-kalkolu tal-'proporzjon kurrenti bejn is-self u l-valur' (LTV-C) stabbilit fit-Taqsima 2, kapitolu 1, paragrafu 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar it-tneħħija ta' lakuni fid-*data* dwar il-proprjetà immobbli.

239xi. L-informazzjoni dwar il-kollateral riċevut u l-garanziji finanzjarji riċevuti fuq is-self għandha tiġi rrapportata skont il-paragrafu 239 ta' din il-Parti. Konsegwentement, is-somma tal-ammonti rrapportati kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata.

18. SKOPERTURI B'TOLLERANZA (19)

240. Għall-finijiet tal-formola 19, skoperturi b'tolleranza għandhom ikunu kuntratti ta' dejn li fir-rigward tagħhom ikunu ġew applikati miżuri ta' tolleranza. Miżuri ta' tolleranza jikkonsistu f'konċessjonijiet favur debitur li jkun qed jesperjenza jew wasal biex jesperjenza diffikultajiet biex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tiegħu ('diffikultajiet finanzjarji').

241. Għall-finijiet tal-formola 19, konċessjoni tista' tinvolvi telf għall-mutwanti u għandha tirreferi għal kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' kuntratt li d-debitur huwa meqjus li ma jkunx kapaċi jissodisfa minħabba d-diffikultajiet finanzjarji tiegħu ('dejn f'diffikultà') li jirriżulta f'kapaċità insuffiċjenti li jisservizzja d-dejn, u fejn dik il-modifika ma kinitx tingħata kieku d-debitur ma kienx qed jesperjenza diffikultajiet finanzjarji;

(b) rifinanzjament totali jew parzjali ta' kuntratt ta' dejn danneġġat, meta dak ir-rifinanzjamnet ma kienx jingħata kieku d-debitur ma kienx qed jesperjenza diffikultajiet finanzjarji.

242. Prova ta' konċessjoni għandha tinkludi mill-inqas kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) differenza favur id-debitur bejn it-termini modifikati tal-kuntratt u t-termini premodifikati tal-kuntratt;

(b) l-inklużjoni f'kuntratt modifikat ta' termini aktar favorevoli minn dawk li debituri oħra bi profil ta' riskju simili setgħu jiksbu mill-istess istituzzjoni fiż-żmien tal-inklużjoni ta' dawk it-termini aktar favorevoli.

243. It-tħaddim ta' klawsoli li, użati għad-diskrezzjoni tad-debitur, jippermettu lid-debitur jibdel it-termini tal-kuntratt, ('klawsoli ta' trażżin inkorporati') għandu jiġi trattat bħala konċessjoni meta l-istituzzjoni tapprova l-eżekuzzjoni ta' dawk il-klawsoli u tikkonkludi li d-debitur qed jesperjenza diffikultajiet finanzjarji.

244. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll ta' dan l-Anness, 'rifinanzjament' għandha tfisser l-użu ta' kuntratti tad-dejn biex jiżguraw il-pagament totali jew parzjali ta' kuntratti oħra ta' dejn li d-debitur ma jkunx jista' jikkonforma mat-termini tagħhom.

245. Għall-finijiet tal-formola 19, 'debitur' għandha tinkludi l-entitajiet legali kollha fil-grupp tad-debitur li huma fl-ambitu ta' konsolidazzjoni tal-kontabilità u persuni fiżiċi li jikkontrollaw dak il-grupp.

246. Għall-finijiet tal-formola 19, 'dejn' għandha tinkludi self u avvanzi (inklużi wkoll bilanċi tal-flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn), titoli ta' dejn u impenji ta' self revokabbli u irrevokabbli mogħtija, inklużi dawk l-impenji ta' self li huma speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf li huma assi fid-data tar-rapportar. 'Dejn' għandha teskludi skoperturi miżmuma għan-negozjar.

247. 'Dejn' għandha tinkludi wkoll self u avvanzi u titoli ta' dejn ikklassifikati bħala assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ skont l-IFRS 5.

248. Għall-finijiet tal-formola 19, 'skopertura' għandu jkollha l-istess tifsira bħal 'dejn' fil-paragrafi 246 u 247 ta' din il-Parti.

249. Il-portafolli tal-kontabilità skont l-IFRS elenkati fil-paragrafu 15 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness u skont il-GAAP nazzjonali rilevanti abbażi tal-BAD elenkati fil-paragrafu 16 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness għandhom jiġu rrapportati fil-formola 19 skont il-paragrafu 233 ta' din il-Parti.

250. Għall-finijiet tal-formola 19, 'istituzzjoni' għandha tfisser l-istituzzjoni li tkun applikat il-miżuri ta' trażżin.

251. Fil-formola 19 għal 'dejn', l-'ammont riportat gross' għandu jiġi rrapportat skont il-paragrafu 34 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness. Għall-impenji ta' self mogħtija li huma skoperturi barra l-karta bilanċjali, għandu jiġi rrapportat l-ammont nominali kif definit fil-paragrafu 118 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness.

252. Skoperturi għandhom jitqiesu bħala mrażżna meta tkun saret konċessjoni, irrispettivament minn jekk xi ammont huwiex skadut jew jekk l-iskoperturi humiex klassifikati bħala indeboliti skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli jew bħala inadempjenti skont l-Artikolu 178 tas-CRR. L-iskoperturi ma għandhomx jiġu ttrattati bħala mrażżna meta d-debitur ma jkunx jinsab f'diffikultajiet finanzjarji. Skont l-IFRS, assi finanzjarji modifikati (IFRS 9.5.4.3 u Appendiċi A) għandhom jiġu trattati bħala mrażżna meta tkun saret konċessjoni kif definit fil-paragrafi 240 u 241 ta' din il-Parti ta' dan l-Anness, irrispettivament mill-inċidenza tal-modifika fuq il-bidla fir-riskju ta' kreditu tal-assi finanzjarju sa mir-rikonoxximent inizjali. Kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin għandha titqies bħala miżura ta' trażżin:

(a) kuntratt modifikat li ġie kklassifikat bħala improduttiv qabel il-modifika jew li fin-nuqqas ta' modifika jkun klassifikat bħala improduttiv;

(b) il-modifika li saret fuq kuntratt tinvolvi kanċellazzjoni totali jew parzjali permezz ta' tħassir tad-dejn;

(c) l-istituzzjoni tapprova l-użu ta' klawsoli ta' trażżin inkorporati għal debitur li ma jkunx produttiv jew li jkun meqjus bħala improduttiv mingħajr l-użu ta' dawk il-klawsoli;

(d) simultanjament mal-konċessjoni jew fi żmien qrib tagħha ta' dejn addizzjonali mill-istituzzjoni, id-debitur ikun għamel pagamenti ta' prinċipal jew interessi fuq kuntratt ieħor mal-istituzzjoni li kien improduttiv jew li fin-nuqqas ta' rifinanzjament kien jiġi klassifikat bħala improduttiv.

253. Modifika li tinvolvi r-ripagamenti li jkunu saru billi jittieħed pussess tal-kollateral għandha tiġi trattata bħala miżura ta' trażżin meta dik il-modifika tikkostitwixxi konċessjoni.

254. Teżisti suppożizzjoni konfutabbli li seħħ trażżin fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) il-kuntratt modifikat kien kompletament jew parzjalment skadut b'aktar minn 30 jum (mingħajr ma jkun improduttiv) mill-inqas darba matul it-tliet xhur qabel ma jkun ġie mmodifikat jew ikun aktar minn 30 jum skadut, totalment jew parzjalment, mingħajr modifika;

(b) simultanjament mal-konċessjoni jew fi żmien qrib tagħha ta' dejn addizzjonali mill-istituzzjoni, id-debitur ikun għamel pagamenti ta' prinċipal jew interessi fuq kuntratt ieħor mal-istituzzjoni li kien kompletament jew parzjalment skadut bi 30 jum tal-anqas darba matul it-tliet xhur qabel ir-rifinanzjament tagħha;

(c) l-istituzzjoni tapprova l-użu ta' klawsoli ta' trażżin inkorporati għal debituri bi 30 jum ta' skadenza jew debituri b'aktar minn 30 jum ta' skadenza mingħajr l-eżerċizzju ta' dawk il-klawsoli.

255. Diffikultajiet finanzjarji għandhom jiġu vvalutati fuq il-livell ta' debitur kif imsemmi fil-paragrafu 245. Għandhom jiġu identifikati bħala skoperturi mrażżna skoperturi li għalihom ġew applikati miżuri ta' trażżin biss.

256. Skoperturi mrażżna għandhom jiġu inklużi fi ħdan il-kategorja ta' skoperturi improduttivi jew il-kategorija ta' skoperturi produttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 u 260 ta' din il-Parti. Il-klassifikazzjoni bħala skopertura mrażżna għandha titwaqqaf meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura mrażżna titqies li hi produttiva, inkluż fejn l-iskopertura tkun ġiet ikklassifikata mill-ġdid minn kategorija improduttiva wara analiżi dwar il-kundizzjoni finanzjarja tad-debitur tkun uriet li ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet biex titqies bħala improduttiva;

(b) ikun għadda perjodu minimu ta' sentejn mid-data li fiha l-iskopertura mrażżna kienet meqjusa bħala produttiva ('perjodu ta' probazzjoni');

(c) ikunu saru pagamenti regolari ta' ammont aggregat li hu aktar minn insinifikanti ta' kapital jew imgħax matul mill-inqas nofs il-perjodu ta' probazzjoni;

(d) l-ebda waħda mill-iskoperturi għad-debitur ma tkun skadiet b'aktar minn 30 jum fi tmiem il-perjodu ta' probazzjoni.

257. Meta l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 256 ma jiġux issodisfati fl-aħħar tal-perjodu ta' probazzjoni, l-iskopertura għandha tkompli tiġi identifikata bħala produttiva mrażżna taħt prova sakemm jiġu ssodifati l-kundizzjonijiet kollha. Il-kundizzjonijiet għandhom jiġu vvalutati mill-inqas fuq bażi trimesttrali.

258. Skoperturi mrażżna li huma kklassifikati bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ skont l-IFRS 5 għandhom jibqgħu jiġu klassifikati bħala skopertura mrażżna.

259. Skopertura mrażżna tista' titqies bħala produttiva mid-data li fiha ġew applikati l-miżuri ta' trażżin fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dik l-estensjoni ma tkunx wasslet biex l-iskopertura tiġi kklassifikata bħala improduttiva;

(b) l-iskopertura ma kinitx meqjusa bħala skopertura improduttiva fid-data li fiha ġew estiżi l-miżuri ta' trażżin.

260. Fejn jiġu applikati miżuri ta' tolleranza addizzjonali għal skopertura produttiva b'tolleranza taħt probazzjoni li ġiet riklassifikata barra mill-kategorija improduttiva jew l-iskopertura b'tolleranza taħt probazzjoni riklassifikata barra mill-kategorija improduttiva tiskadi b'aktar minn 30 jum, l-iskopertura għandha tiġi klassifikata bħala improduttiva.

261. 'Skoperturi produttivi b'miżuri ta' trażżin' (skoperturi produttuvi mrażżna) għandhom jinkludu skoperturi mrażżna li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu kkunsidrati bħala improduttivi u li huma inklużi fil-kategorija ta' skoperturi produttivi. Skoperturi produttivi b'tolleranza għandhom ikunu taħt probazzjoni sakemm il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 256 u 259 ta' din il-Parti ma jibqgħux issodisfati. Skoperturi produttivi mrażżna taħt probazzjoni li ġew riklassifikati barra mill-kategorija ta' skoperturi improduttivi għandhom jiġu rrapportati b'mod separat fl-iskoperturi produttivi b'miżuri ta' trażżin fil-kolonna 'li minnhom: Skoperturi produttivi mrażżna taħt probazzjoni riklassifikati minn improduttivi'.

262. 'Skoperturi improduttivi b'miżuri ta' trażżin' (skoperturi improduttivi mrażżna) għandhom jinkludu skoperturi mrażżna li jissodisfaw il-kriterji sabiex ikunu kkunsidrati bħala improduttivi u li huma inklużi fil-kategorija ta' skoperturi improduttivi. Dawk l-iskoperturi mrażżna improduttivi għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) skoperturi li jkunu saru improduttivi minħabba l-applikazzjoni ta' miżuri ta' trażżin;

(b) skoperturi li kienu improduttivi qabel l-estensjoni ta' miżuri ta' trażżin;

(c) skoperturi mrażżna li ġew riklassifikati mill-kategorija produttiva, inklużi skoperturi riklassifikati b'applikazzjoni tal-paragrafu 260.

263. Fejn miżuri ta' trażżin jiġu estiżi għal skoperturi li kienu improduttivi qabel l-estensjoni ta' miżuri ta' trażżin, l-ammont ta' dawk l-iskoperturi mrażżna għandu jiġi identifikat b'mod separat fil-kolonna 'li minnhom: it-trażżin ta' skoperturi improduttivi qabel il-miżuri ta' trażżin'.

264. L-iskoperturi improduttivi li ġejjin b'miżuri ta' trażżin għandhom jiġu identifikati f'kolonni separati:

(a) skoperturi li, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, jitqiesu bħala indeboliti. Skont l-IFRS, l-ammont ta' assi b'indeboliment ta' kreditu (Stadju 3), inklużi assi b'indeboliment ta' kreditu mixtrija jew oriġinati rrapportati f'dan l-istadju skont il-paragrafu 77 ta' din il-Parti, għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna;

(b) skoperturi li fir-rigward tagħhom huwa meqjus li seħħet inadempjenza skont l-Artikolu 178 tas-CRR.

265. Il-kolonna 'Rifinanzjament' għandha tinkludi l-ammont riportat gross tal-kuntratt il-ġdid ('dejn ta' rifinanzjament') mogħti bħala parti minn tranżazzjoni ta' rifinanzjament li tikkwalifika bħala miżura ta' trażżin, kif ukoll l-ammont riportat gross tal-kuntratt l-antik imħallas mill-ġdid li jkun għadu pendenti.

266. Skoperturi mrażżna li jikkombinaw modifiki u rifinanzjament għandhom jiġu allokati lill-kolonna 'Strumenti b'modifiki fit-termini u l-kundizzjonijiet' jew lill-kolonna 'Rifinanzjament' skont il-miżura li għandha l-akbar impatt fuq il-flussi tal-flus. Ir-rifinanzjament minn pool ta' banek għandu jiġi rrapportat fil-kolonna 'Rifinanzjament' għall-ammont totali ta' dejn ta' rifinanzjament provdut jew ta' dejn rifinanzjat li għadu pendenti fl-istituzzjoni li tirrapporta. Ir-ripakkettar ta' diversi djun f'dejn ġdid għandu jiġi rrapportat bħala modifika, sakemm ma jkunx hemm tranżazzjoni ta' rifinanzjament li jkollha impatt akbar fuq il-flussi tal-flus. Fejn it-tolleranza permezz ta' modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' skopertura danneġġata twassal għall-irtirar tar-rikonoxximent tal-iskopertura u għar-rikonoxximent ta' skopertura ġdida, dik l-iskopertura ġdida għandha tiġi trattata bħala dejn b'tolleranza.

267. L-indeboliment akkumulat, il-bidliet akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u d-dispożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafi 11, 69 sa 71, 106 u 110 ta' din il-Parti.

268. Il-kollateral u l-garanziji riċevuti fuq skoperturi b'miżuri ta' trażżin għandhom jiġu rrapportati għall-iskoperturi kollha b'miżuri ta' trażżin, irrispettivament mill-istatus produttiv jew improduttiv tagħhom. Barra minn hekk, il-kollateral u l-garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi improduttivi b'miżuri ta' tolleranza għandhom jintwerew b'mod separat. L-ammonti rrapportati għall-kollateral riċevut u l-garanziji riċevuti għandhom jiġu kkalkolati skont il-paragrafi 172 u 174 ta' din il-Parti. Is-somma tal-ammonti rrapportati kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata tal-karta bilanċjali jew l-ammont nominali wara t-tnaqqis tal-provvedimenti tal-iskopertura relatata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali.

19. ID-DIŻAGGREGAZZJONI ĠEOGRAFIKA (20)

269. Il-formola 20 għandha tiġi rrapportata meta l-istituzzjoni taqbeż il-livell limitu deskritt fil-punt (4) tal-Artikolu 5(a) ta' dan ir-Regolament.

19.1. **Id-diżaggregazzjoni ġeografika skont il-post tal-attivitajiet (20.1-20.3)**

270. Id-diżaggregazzjoni ġeografika skont il-post tal-attivitajiet fil-formoli 20.1 sa 20.3 tagħmel distinzjoni bejn 'attivitajiet domestiċi' u 'attivitajiet mhux domestiċi'. Għall-finijiet ta' din il-Parti, 'Post' għandha tfisser il-ġuriżdizzjoni tal-inkorporazzjoni tal-entità ġuridika li rrikonoxxiet l-assi jew l-obbligazzjoni korrispondenti. Għall-fergħat, għandha tfisser il-ġurisdizzjoni tar-residenza tagħha. 'Domestiċi' għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni relatriċi.

19.2. **Id-diżaggregazzjoni ġeografika skont ir-residenza tal-kontroparti (20.4-20.7)**

271. Il-formoli 20.4 sa 20.7 fihom informazzjoni 'pajjiż b'pajjiż' fuq il-bażi tar-residenza tal-kontroparti immedjata kif definit fil-paragrafu 43 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness. Id-diżaggregazzjoni provduta għandha tinkludi skoperturi jew obbligazzjonijiet b'residenti f'kull pajjiż barrani li fih l-istituzzjoni għandha skoperturi. Skoperturi jew obbligazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u banek multilaterali tal-iżvilupp ma għandhomx jiġu assenjati lill-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni iżda liż-żona ġeografika 'Pajjiżi oħra'.

272. 'Derivattivi' għandha tinkludi kemm derivattivi tan-negozjar, inklużi ħeġġijiet ekonomiċi u derivattivi tal-iħħeġġjar skont l-IFRS u skont il-GAAP, kif irrapportat fil-formoli 10 u 11.

273. L-assi miżmuma għan-negozjar skont l-IFRS u assi tan-negozjar skont il-GAAP għandhom jiġu identifikati b'mod separat. L-assi finanzjarji soġġetti għal indeboliment għandu jkollhom l-istess definizzjoni bħal fil-paragrafu 93 ta' din il-Parti. Assi mkejla skont il-LOCOM li għandhom aġġustamenti tal-valur indotti għar-riskju ta' kreditu għandhom jiġu kkunsidrati bħala indeboliti.

274. Fil-formoli 20.4 u 20.7, 'Indeboliment akkumulat' u 'Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu ta' skoperturi improduttivi', għandhom jiġu rrapportati kif iddeterminati skont il-paragrafi 69 sa 71 ta' din il-Parti.

275. Fil-formola 20.4 għall-istrumenti ta' dejn, għandu jiġi rrapportat l-'ammont riportat gross' kif determinat skont il-paragrafu 34 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness. Għal derivattivi u strumenti ta' ekwità, l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammont riportat. Fil-kolonna "li minnhom: L-istrumenti ta' dejn improduttivi, kif determinati skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti għandhom jiġu rrappurtati. Tolleranza ta' dejn għandha tinkludi il-kuntratti ta' 'dejn' kollha għall-fini tal-formola 19 li għalihom il-miżuri ta' trażżin, kif definit fil-paragrafi 240 sa 268 ta' din il-Parti, huma estiżi.

276. Fil-formola 20.5, 'Dispożizzjonijiet għal impenji u garanziji mogħtija' għandha tinkludi dispożizzjonijiet mkejla skont l-IAS 37, it-telf ta' kreditu ta' garanziji finanzjarji trattati bħala kuntratti tal-assigurazzjoni skont l-IFRS 4, u d-dispożizzjonijiet dwar impenji ta' self u garanziji finanzjarji skont ir-rekwiżiti ta' indeboliment tal-IFRS 9 u d-dispożizzjonijiet għal impenji u garanziji skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD skont il-paragrafi 11 ta' din il-Parti.

277. Fil-formola 20.7, self u avvanzi mhux miżmuma għan-negozjar għandhom jiġu rrapportata bil-klassifikazzjoni skont il-Kodiċijiet NACE fuq bażi ta' 'pajjiż b'pajjiż'. Il-Kodiċijiet NACE jkunu rrapportati bl-ewwel livell ta' diżaggregazzjoni (skont it-'taqsima'). Self u avvanzi soġġetti għal indeboliment għandhom jirreferu għall-istess portafolli kif imsemmija fil-paragrafu 93 ta' din il-Parti.

20. ASSI TANĠIBBLI U INTANĠIBBLI: ASSI SOĠĠETTI GĦAL LOKAZZJONI OPERATORJA (21)

278. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-livell limitu fl-Artikolu 9(e) ta' dan ir-Regolament, assi tanġibbli li ngħataw b'lokazzjoni mill-istituzzjoni (lokatur) lil partijiet terzi fi ftehimiet li jikkwalifikaw bħala lokazzjonijiet operatorji skont il-qafas kontabilistiku rilevanti għandhom jinqasmu bit-total tal-assi tanġibbli.

279. Skont l-IFRS, assi li ngħataw b'lokazzjoni mill-istituzzjoni (bħala lokatur) lil partijiet terzi f'lokazzjonijiet operatorji għandhom jiġu rrapportati diżaggregati skont il-metodu ta' kejl.

21. L-IMMANIĠĠAR TAL-ASSI, IL-KUSTODJA U FUNZJONIJIET OĦRA TA' SERVIZZ (22)

280. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-livell limitu fl-Artikolu 9(f) ta' dan ir-Regolament, l-ammont ta' 'introjtu nett mill-imposti u kummissjonijiet' għandu jkun il-valur assolut tad-differenza bejn 'introjtu mill-imposti u kummissjonijiet' u 'spejjeż mill-imposti u kummissjonijiet'. Għall-istess finijiet, l-ammont ta' 'imgħax nett' għandu jkun il-valur assolut tad-differenza bejn 'introjtu mill-imgħax' u 'spejjeż tal-imgħax'.

21.1. **L-introjtu mill-imposti u l-kummissjonijiet u l-ispejjeż skont l-attività (22.1)**

281. L-imposta u l-kummisjoni u l-ispejjeż għandhom jiġu rrapportati skont it-tip ta' attività. Skont l-IFRS, dan il-formola għandha tinkludi introjtu mill-imposti u spejjeż għajr dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) ammonti kkunsidrati għall-kalkolu tal-imgħax effettiv ta' strumenti finanzjarji (IFRS 7.20.(c));

(b) ammonti li ġejjin minn strumenti finanzjarji li jitkejlu bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf (IFRS 7.20.(c).(i)).

282. Il-kostijiet ta' tranżazzjoni attribwibbli direttament għall-akkwist jew għall-ħruġ ta' strumenti finanzjarji mhux imkejlin fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf ma għandhomx jiġu inklużi. Dawk il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għandhom jifformaw parti mill-valur tal-akkwiżizzjoni/ħruġ inzjali ta' dawn l-istrumenti, u għandhom jiġu ammortizzati bħala profitt jew telf tul il-ħajja residwa tagħhom bl-użu tar-rata effettiva tal-imgħax (ara IFRS 9.5.1.1).

283. Skont l-IFRS, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet direttament attribwibbli għall-akkwiżizzjoni jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji mkejlin fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf għandhom jiġu inklużi bħala parti minn 'Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet miżmuma għan-negozjar, netti', 'Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, netti' u 'Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, netti', skont il-portafoll tal-kontabilità li fih huma kklassifikati dawk il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet. Dawk ma għandhomx ikunu parti mill-valur inizjali tal-akkwiżizzjoni jew ħruġ ta' dawk l-istrumenti u għandhom jiġu immedjatament rikonoxxuti fil-profitt jew telf.

284. L-istituzzjonijiet għandom jirrapportaw l-introjtu mill-imposti u kummissjonijiet u l-ispejjeż skont il-kriterji li ġejjin:

(a) 'Titoli. Ħruġ' għandha tinkludi imposti u kummissjonijiet riċevuti għall-involviment fl-oriġinazzjoni jew il-ħruġ ta' titoli mhux oriġinati jew maħruġin mill-istituzzjoni;

(b) 'Titoli. Ordnijiet ta' trasferiment' għandha tinkludi imposti u kummissjonijiet iġġenerati mir-riċevuta, it-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni f'isem il-klijenti ta' ordnijiet għax-xiri jew il-bejgħ ta' titoli;

(c) 'Titoli. Introjtu ieħor minn imposti u kummissjonijiet b'rabta ma' titoli' għandha tinkludi imposti u kummissjonijiet iġġenerati mill-istituzzjoniji li tipprovdi servizzi oħrajn relatati ma' titoli mhux oriġinati jew maħruġin mill-istituzzjoni;

(d) Taħt spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet, 'titoli' għandha tinkludi imposti u kummissjonijiet mitluba lill-istituzzjoni fejn tkun qed tirċievi servizzi relatati ma' titoli irrispettivament minn jekk humiex oriġinati jew maħruġa mill-istituzzjoni jew le;

(e) 'Finanzjament Korporattiv. Konsulenza ta' M&A' tinkludi għandha tinkludi miżati u kummissjonijiet għal servizzi ta' konsulenza dwar attivitajiet ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet ta' klijenti korporattivi;

(f) 'Finanzjament Korporattiv. Servizzi tat-Teżor' għandhom jinkludu drittijiet u kummissjonijiet għal servizzi ta' finanzjament korporattiv marbuta mal-konsulenza dwar is-suq kapitali għal klijenti korporattivi;

(g) 'Finanzjament Korporattiv. Introjtu ieħor minn imposti u kummissjonijiet b'rabta ma' attivitajiet ta' finanzjament korporattiv' għandhom jinkludu t-tariffi u l-kummissjonijiet kollha l-oħrajn relatati mal-finanzjament korporattiv;

(h) 'Konsulenza bbażata fuq miżati' għandha tinkludi miżati u kummissjonijiet mitluba għal servizzi ta' konsulenza lill-klijenti li mhumiex direttament marbuta mal-ġestjoni tal-assi, bħat-tariffi privati relatati mal-banek. Miżati konsultattivi ta' M&A ma għandhomx jiġu inklużi hawnhekk, iżda taħt 'Finanzjament Korporattiv. Konsulenza ta' M&A';

(i) 'Ikklerjar u saldu' għandha tinkludi introjtu mill-imposti u kummissjonijiet (spejjeż) iġġenerati mill-istituzzjoni (mitlubin lilha) fejn dik l-istituzzjoni tieħu sehem f'faċilitajiet tal-kontroparti, tal-ikklerjar u tas-saldu;

(j) 'Immaniġġar tal-assi', 'Kustodja', 'Servizzi amministrattivi ċentrali għal intrapriżi ta' investiment kollettiv', 'Tranżazzjonijiet fiduċjarji' għandhom jinkludu introjtu (spejjeż) minn tariffi u kummissjonijiet iġġenerati mill-istituzzjoni (mitlubin lilha) li tipprovdi dawk is-servizzi;

(k) 'Servizzi ta' pagament' għandha tinkludi introjtu minn imposti u kummissjonijiet (spejjeż) iġġenerati mill-istituzzjoni (mitlubin lilha) li tipprovdi (tirċievi) servizzi ta' pagament kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). Informazzjoni dwar introjtu minn miżati u konsultazzjoni għandha tiġi rrapportata separatament għall-kontijiet kurrenti, il-karti ta' kreditu, il-karti ta' debitu u pagamenti oħra bil-kard, trasferimenti u ordnijiet oħra ta' ħlas kif ukoll introjtu ieħor minn imposti u kummissjonijiet fir-rigward tas-servizzi ta' pagament. 'Introjtu ieħor minn miżati u kummissjonijiet b'rabta ma' servizzi ta' pagament' għandha tinkludi ħlasijiet għall-użu tan-netwerk tal-ATM tal-istituzzjoni permezz ta' kards mhux maħruġa mill-istituzzjoni. Informazzjoni dwar spejjeż ta' imposti u kummissjonijiet fuq karti ta' kreditu, debitu u kards oħra għandha tiġi rrapportata separatament;

(l) 'Riżorsi tal-klijenti mqassma iżda mhux ġestiti (skont it-tip ta' prodott)' għandha tinkludi introjtu minn imposti u kummissjonijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti maħruġa minn entitajiet barra l-grupp prudenzjali lill-klijenti attwali tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata skont it-tip ta' prodott;

(m) Taħt spejjeż ta' imposti u kummissjoni, id-'Distribuzzjoni tal-prodotti pprovduta b'mod estern' għandha tinkludi l-ispejjeż għad-distribuzzjoni tal-prodotti u s-servizzi tal-istituzzjoni permezz ta' netwerk ta' aġenti esterni/arranġament ta' distribuzzjoni b'forniturи esterni bħal sensara tal-ipoteki, pjattaformi ta' self onlajn jew frontends tal-Fintech;

(n) 'Finanzjament strutturat' għandha tinkludi imposti u kummissjonijiet riċevuti għall-involviment fl-oriġinazzjoni jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji minbarra titoli oriġinati jew maħruġin mill-istituzzjoni;

([9]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

(o) Imposti minn 'Attivitajiet ta' servizzjar ta' self' għandhom jinkludu, min-naħa tal-introjtu, l-introjtu mill-imposti u l-kummissjonijiet iġġenerat mill-istituzzjoni li tipprovdi servizzi ta' servizzjar tas-self u min-naħa tal-ispejjeż, l-ispiża tat-imposti u l-kummissjonijiet mitluba lill-istituzzjoni mill-forniturі ta' servizzi ta' self;

(p) 'Impenji ta' self mogħtija' u 'Garanziji finanzjarji mogħtija' għandhom jinkludu l-ammont, rikonoxxut bħala introjtu matul il-perjodu, tal-amortizzazzjoni tal-imposti u l-kummissjoni għal dawk l-attivitajiet inizjalment rikonoxxuti bħala 'obbligazzjonijiet oħrajn';

(q) 'Impenji ta' self riċevuti' u 'Garanziji finanzjarji riċevuti' għandhom jinkludu l-imposta u l-kummissjoni rikonoxxuti mill-istituzzjoni bħala spiża matul il-perjodu bħala konsegwenza tal-imposta lill-kontroparti li tat l-impenn ta' self jew il-garanzija finanzjarja li hija inizjalment rikonoxxuta bħala 'assi oħrajn';

(r) Taħt 'self mogħti', għandhom jiġu rrapportati imposti u kummissjonijiet li jintalbu fil-proċess tal-għoti tas-self, iżda li mhumiex parti mill-kalkolu effettiv tar-rata tal-imgħax;

(s) 'Munita barranija' tinkludi introjtu minn tariffi u kummissjonijiet (spejjeż) għal servizzi tal-kambju tal-muniti barranin (inkluż il-kambju ta' karti tal-flus jew muniti barranin, tariffi fuq ċekkijiet f'muniti internazzjonali, firxa tal-offerta-talba) u introjtu minn tariffi minn tranżazzjonijiet internazzjonali/spejjeż fuq dawn. Fejn l-introjtu (spejjeż) attribwibbli għal tranżazzjonijiet tal-kambju tal-muniti barranin jista' jiġi sseparat mill-introjtu l-ieħor relatat mal-karti ta' kreditu/ta' debitu, din l-entrata għandha tinkludi wkoll imposti u kummissjonijiet relatati mal-kambju ġġenerati permezz ta' kards ta' kreditu jew debitu;

(t) 'Komoditajiet' tinkludi introjtu minn imposti u kummissjonijiet relatat man-negozju tal-komoditajiet, minbarra introjtu relatat man-negozjar ta' komoditajiet li għandu jiġi rrapportat bħala introjtu operatorju ieħor;

(u) 'Introjtu minn imposti u kummissjonijiet (spejjeż)' għandha tinkludi l-introjtu minn imposti u kummissjonijiet (spejjeż) iġġenerat mill-istituzzjoni (mitlub lilha) li ma jkunx jista' jiġi allokat lill-ebda waħda mill-entrati elenkati l-oħra.

21.2. **L-assi involuti fis-servizzi provduti (22.2)**

285. Operat relatat mal-immaniġġar tal-assi, funzjonijiet ta' kustodja, u servizzi oħrajn ipprovduti mill-istituzzjoni għandu jiġi rrapportat bl-użu tad-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'Immaniġġar ta' assi' għandha tirreferi għal assi li jappartjenu direttament għall-klijenti, li għalihom l-istituzzjoni qed tipprovdi mmaniġġar. 'Immaniġġar ta' assi' għandha tiġi rrapportata skont it-tip ta' klijent: impriżi ta' investiment kollettiv, fondi tal-pensjoni, portafolli tal-klijenti ġestiti fuq bażi diskrezzjonali, u strumenti oħra ta' investiment;

(b) 'Assi ta' kustodja' għandha tirreferi għas-servizzi ta' kustodja u amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji għan-nom tal-klijenti pprovduti mill-istituzzjoni u għas-servizzi relatati mal-kustodja bħall-immaniġġar ta' flus u ta' kollateral. 'L-assi ta' kustodja' għandhom jiġu rrapportati skont it-tip ta' klijenti li għalihom l-istituzzjoni qed iżżomm l-assi, b'distinzjoni bejn intrapriżi għall-investiment kollettiv u oħrajn. L-entrata 'li minnhom: fdati lil entitajiet oħra' għandha tirreferi għall-ammont ta' assi inkluż fl-assi ta' kustodja li għalihom l-istituzzjoni tat il-kustodja effettiva lil entitajiet oħrajn;

(c) 'Servizzi amministrattivi ċentrali għall-investiment kollettiv' għandha tirreferi għas-servizzi amministrattivi provduti mill-istituzzjoni lil impriżi ta' investiment kollettiv. Din għandha tinkludi, fost l-oħrajn, is-servizzi ta' aġent tat-trasferiment, ta' kompilazzjoni ta' dokumenti tal-kontabilità, ta' tħejjija tal-prospett, rapporti finanzjarji u d-dokumenti l-oħra kollha maħsuba għall-investituri, tat-twettiq tal-korrispondenza permezz ta' distribuzzjoni ta' rapporti finanzjarji u d-dokumenti l-oħra kollha maħsuba għall-investituri, tat-twettiq ta' konsenji u tifdijiet u ż-żamma tar-reġistru tal-investituri, kif ukoll tal-kalkolu tal-valur nett tal-assi;

(d) 'Tranżazzjonijiet fiduċjarji' għandha tirreferi għall-attivitajiet fejn l-istituzzjoni taġixxi f'isimha stess iżda għan-nom u b'riskju għall-klijenti tagħha. Spiss, fi tranżazzjonijiet fiduċjarji, l-istituzzjoni tipprovdi servizzi, bħal servizzi ta' mmaniġġar tal-assi ta' kustodja lil entità strutturata jew l-immaniġġar ta' portafolli fuq bażi diskrezzjonarja. It-tranżazzjonijiet fiduċjarji kollha għandhom jiġu rrapportati b'mod esklussiv f'din l-entrata bla ma jiġi kkunsidrat jekk l-istituzzjoni tipprovdix ukoll servizzi oħrajn;

(e) 'Servizzi ta' pagament' għandha tirreferi għas-servizzi ta' pagament elenkati fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366;

(f) 'Riżorsi tal-klijenti mqassmin iżda mhux immaniġġjati' għandha tirreferi għal prodotti maħruġin minn entitajiet barra l-grupp prudenzjali li l-istituzzjoni qassmet lill-klijenti attwali tagħha. Din l-entrata għandha tiġi rrapportata skont it-tip ta' prodott;

(g) 'Ammont tal-assi involuti fis-servizzi provduti' għandha tinkludi l-ammont ta' assi li fir-rigward tagħhom qed taġixxi l-istituzzjoni, li jużaw il-valur ġust. Bażijiet ta' kejl oħrajn inkluż il-valur nominali jistgħu jintużaw fejn il-valur ġust ma jkunx disponibbli. Fejn l-istituzzjoni tipprovdi servizzi lil entitajiet bħal ma huma impriżi ta' investiment kollettiv jew il-fondi tal-pensjonijiet, l-assi kkonċernati jistgħu jintwerew fil-valur li fih dawk l-entitajiet jirrapportaw l-assi fil-karta bilanċjali tagħhom stess. L-ammonti rrapportati għandhom jinkludu l-imgħax dovut, fejn applikabbli.

22. L-IMGĦAX F'ENTITAJIET STRUTTURATI MHUX IKKONSOLIDATI (30)

286. Għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll ta' dan l-Anness, 'appoġġ ta' likwidità prelevat' għandha tfisser is-somma tal-ammont riportat tas-self u l-avvanzi mogħtija lil entitajiet strutturati mhux konsolidati u l-ammont riportat ta' titoli ta' dejn miżmuma li nħarġu minn entitajiet strutturati mhux konsolidati.

287. 'Telf imġarrab mill-istituzzjoni li tirrapporta fil-perjodu kurrenti' għandha tinkludi telf minħabba l-indeboliment u kwalunkwe telf ieħor imġarrab waqt il-perjodu ta' rapportar minn istituzzjoni li tirrapporta matul il-perjodu ta' referenza u rigward l-interessi tal-istituzzjoni f'entitajiet strutturati mhux konsolidati.

23. PARTIJIET RELATATI (31)

288. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammonti jew it-tranżazzjonijiet relatati mal-karta bilanċjali u l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali meta l-kontroparti tkun parti relatata kif imsemmi fl-IAS 24.

289. Tranżazzjonijiet intragrupp u bilanċi pendenti intragrupp tal-grupp prudenzjali għandhom jiġu eliminati. Taħt 'Sussidjarji u entitajiet oħrajn tal-istess grupp', l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu bilanċi u tranżazzjonijiet ma' sussidjari li ma ġewx eliminati jew għax is-sussidjarji mhumiex konsolidati bis-sħiħ mal-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali jew għaxliex is-sussidjarji huma esklużi mill-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali skont l-Artikolu 19 tas-CRR għaliex huma immaterjali jew għaliex, għall-istituzzjonijiet li huma parti minn grupp ikbar, is-sussidjarji huma tal-omm apikali, mhux tal-istituzzjoni. Taħt 'Kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti', l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-porzjonijiet ta' bilanċi u t-tranżazzjonijiet ma' impriżi konġunti u assoċjati tal-grupp li l-entità tappartjeni għalih li ma ġewx eliminati fejn il-konsolidazzjoni proporzjonali tiġi applikata.

23.1. **Partijiet relatati: ammonti pagabbli lil u ammonti riċevibbli minn (31.1)**

290. Għal 'Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn riċevuti', l-ammonti li għandhom jiġu rrapportati għandhom ikunu s-somma tan-'nominal' tas-self u impenji oħra riċevuti u l-'ammont massimu tal-garanzija li jista' jiġi kkunsidrat' tal-garanziji finanzjarji riċevuti kif definit fil-paragrafu 119.

291. 'Indeboliment akkumulat u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi', kif iddeterminata fil-paragrafi 69 sa 71, f'din il-Parti għandha tiġi rrapportata għal skoperturi improduttivi biss. 'Dispożizzjonijiet fuq skoperturi improduttivi barra l-karta bilanċjali' għandha tinkludi dispożizzjonijiet skont il-paragrafi 11, 106 u 111 ta' din il-Parti għal skoperturi li huma improduttivi, kif iddeterminati skont il-paragrafi 213 sa 239 ta' din il-Parti.

23.2. **Partijiet relatati: spejjeż u introjtu ġġenerati minn tranżazzjonijiet ma' (31.2)**

292. 'Il-qligħ jew it-telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi mhux finanzjarji' għandha tinkludi l-qligħ u t-telf kollu fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi mhux finanzjarji ġġenerati minn tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati. Din l-entrata għandha tinkludi l-qligħ u t-telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi mhux finanzjarji, li ġew iġġenerati minn tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati u li huma parti minn kwalunkwe waħda mill-partiti li ġejjin tar-'Rapport tal-introjtu':

(a) 'Il-qligħ jew it-telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati' meta jsir rapportar skont il-GAAP nazzjonali abbażi tal-BAD;

(b) ‘Qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta’ assi mhux finanzjarji’;

(c) ‘Profitt jew telf minn assi mhux kurrenti u gruppi ta’ disponiment klassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ li ma jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma tkomplewx’;

(d) ‘Profitt jew telf wara t-taxxa minn operazzjonijiet li ma tkomplewx’.

293. ‘Indeboliment jew (-) treġġigħ lura ta’ indeboliment fuq skoperturi improduttivi’ għandha tinkludi telf minn indeboliment kif definit fil-paragrafi 51 sa 53 ta’ din il-Parti għal skoperturi li huma improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 ta’ din il-Parti. ‘Provvedimenti jew (-) treġġigħ lura ta’ provvedimenti fuq skoperturi improduttivi’ għandha tinkludi povvedimenti kif definit fil-paragrafi 50 ta’ din il-Parti għal skoperturi barra l-karta bilanċjali li huma improduttivi kif imsemmija fil-paragrafi 213 sa 239 ta’ din il-Parti.

24. L-ISTRUTTURA TAL-GRUPP (40)

294. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata sad-data ta’ rapportar dwar sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati konsolidati bis-sħiħ jew proporzjonalment fl-ambitu ta’ konsolidazzjoni ta’ kontabilità kif ukoll l-entitajiet irrapportati bħala ‘Investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati’ skont il-paragrafu 4 ta’ din il-Parti, inkluż dawk l-entitajiet li fihom l-investimenti huma miżmumin għall-bejgħ skont l-IFRS 5. L-entitajiet kollha għandhom jiġu rrapportati, irrispettivament mill-attività li jwettqu.

295. L-istrumenti ta’ ekwità li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu klassifikati bħala investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati u f’azzjonijiet proprji tal-istituzzjoni ta’ rapportar propjetà tagħha (‘Azzjonijiet tat-teżor’), għandhom jiġu esklużi minn din il-formola.

24.1. **L-istruttura tal-grupp: ‘entità b’entità’ (40.1)**

296. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun irrapportata fuq bażi ta’ ‘entità b’entità’ u r-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw għall-finijiet tal-Annessi III u IV kif ukoll ta’ dan l-Anness:

(a) Il-‘kodiċi LEI’ għandu jinkludi l-kodiċi LEI tad-destinatarja ta’ investiment. Fejn kodiċi LEI jeżisti għad-destinatarja ta’ investiment, dan għandu jiġi rrapportat;

(b) Il-‘kodiċi tal-entità’ għandu jinkludi l-kodiċi ta’ identifikazzjoni tad-destinatarja tal-investiment. Il-kodiċi tal-entità huwa identifikatur tar-ringiela u jkun uniku għal kull ringiela fil-formola 40.1;

(c) L-‘Isem tal-entità’ għandu jinkludi l-isem tad-destinatarja ta’ investiment.

(d) Id-‘data tad-dħul’ għandha tfisser id-data li fiha d-destinatarja ta’ investiment daħlet fl-‘ambitu tal-grupp’;

(e) ‘Kapital azzjonarju tad-destinatarja ta’ investiment’ għandha tfisser l-ammont totali ta’ kapital maħruġ mid-destinatarja ta’ investiment fid-data ta’ referenza;

(f) ‘Ekwità tad-destinatarja ta’ investiment’, ‘Assi totali tad-destinatarja ta’ investiment’ u ‘Profitt jew (telf) tad-destinatarja ta’ investiment’ għandha tinkludi l-ammonti ta’ dawk l-entrati fl-aħħar rapporti finanzjarji tad-destinatarja ta’ investiment;

(g) ‘Residenza tad-destinatarja ta’ investiment’ għandha tfisser il-pajjiż ta’ residenza tad-destinatarja ta’ investiment;

(h) ‘Is-settur tad-destinatarja ta’ investiment’ għandha tfisser is-settur tal-kontroparti kif imsemmi fil-paragrafu 42 tal-Parti 1 ta’ dan l-Anness;

(i) il-‘kodiċi NACE’ għandu jiġi pprovdut fuq il-bażi tal-attività prinċipali tad-destinatarja ta’ investiment. Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji l-kodiċijiet NACE jiġu rrappurtati bl-ewwel livell ta’ diżaggregazzjoni (skont it-‘taqsima’). Għal korporazzjonijiet finanzjarji l-kodiċijiet NACE jiġu rrappurtati b’dettall tat-tieni livell (skont ‘id-diviżjoni’);

(j) ‘Imgħax tal-ekwità akkumulat (%)’ għandu jkun il-perċentwal tal-istrumenti ta’ sjieda miżmumin mill-istituzzjoni mid-data ta’ referenza;

(k) ‘Drittijiet tal-vot (%)’ għandha tfisser il-perċentwal ta’ drittijiet tal-vot assoċjati mal-istrumenti ta’ sjieda miżmumin mill-istituzzjoni mid-data ta’ referenza;

(l) ‘Struttura tal-grupp (relazzjoni)’ għandha tindika r-relazzjoni bejn l-omm apikali u d-destinatarja ta’ investiment (omm jew entità b’kontroll konġunt tal-istituzzjoni ta’ rapportar, impriża konġunta jew kumpanija assoċjata);

(m) ‘Trattament kontabilistiku (Grupp tal-Kontabilità)’ għandha tindika r-relazzjoni bejn it-trattament kontabilistiku bl-ambitu ta’ konsolidazzjoni ta’ kontabilità (konsolidazzjoni sħiħa, konsolidazzjoni proporzjonali, metodu tal-ekwità, jew oħrajn);

(n) ‘Trattament kontabilistiku (Grupp tas-CRR)’ għandha tindika r-relazzjoni bejn it-trattament kontabilistiku u l-ambitu ta’ konsolidazzjoni tas-CRR (konsolidazzjoni sħiħa, konsolidazzjoni proporzjonali, metodu tal-ekwità jew oħrajn);

(o) ‘Ammont riportat’ għandha tfisser l-ammonti rrapportati fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni għal destinatarji ta’ investiment li la huma konsolidati totalment u lanqas proporzjonalment;

(p) ‘Kost ta’ akkwiżizzjoni’ għandha tfisser l-ammont imħallas mill-investituri;

(q) ‘Rabta ta’ avvjament mad-destinatarja ta’ investiment’ għandha tfisser l-ammont ta’ avvjament irrapportat fuq il-karta bilanċjali konsolidata tal-istituzzjoni tar-rapportar għad-destinatarja ta’ investiment fl-entrati ‘avvjament’ jew ‘investimenti f’sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati’;

(r) ‘Valur ġust tal-investimenti li għalihom hemm kwotazzjonijiet tal-prezzijiet ippubblikati’ għandha tfisser il-prezz fid-data ta’ referenza. Dan għandu jingħata biss meta l-istrumenti jiġu kkwotati.

24.2. **L-istruttura tal-grupp: ‘strument bi strument’ (40.2)**

297. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun irrapportata fuq bażi ta’ ‘strument bi strument’:

(a) ‘Kodiċi tat-titolu’ għandha tinkludi l-kodiċi ISIN tas-sigurtà. Għal titoli mingħajr il-kodiċi ISIN assenjat, dan għandu jinkludi kodiċi ieħor li jidentifika t-titolu b’mod uniku. ‘Kodiċi tat-titolu’ u ‘Kodiċi tal-kumpanija holding’ għandhom ikunu identifikatur tar-ringiela mħallat, u flimkien għandhom ikunu uniċi għal kull ringiela fil-formola 40.2;

(b) Il-‘kodiċi tal-kumpanija holding’ għandu jkun il-kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-entità fi ħdan il-grupp li għandu l-investiment. ‘Kodiċi LEI tal-kumpanija holding’ għandha tikludi l-kodiċi LEI għall-kumpanija li għandha t-titolu. Fejn kodiċi LEI jeżisti għall-kumpanija holding, dan għandu jiġi rrapportat;

(c) Il-‘Kodiċi tal-entità’, ‘Imgħax tal-ekwità akkumulat (%)’, ‘Ammont riportat’ u ‘Kost tal-akkwiżizzjoni’ huma definiti fil-paragrafu 296 ta’ din il-Parti. L-ammonti jikkorrispondu għat-titolu miżmum mill-kumpanija azzjonarja relatata.

25. IL-VALUR ĠUST (41)

25.1. **Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji b’kost amortizzat (41.1)**

298. L-informazzjoni dwar il-valur ġust tal-istrumenti finanzjarji mkejlin bil-kost amortizzat, bl-użu tal-ġerarkija fl-IFRS 13.72, 76, 81, u 86 għandha tiġi rrapportata f’din il-formola. Fejn il-GAAP nazzjonali taħt il-BAD jeħtieġ ukoll l-allokazzjoni ta’ assi mkejlin fil-valur ġust bejn livelli differenti ta’ valur ġust, l-istituzzjonijiet taħt il-GAAP nazzjonali għandhom jirrapportaw din il-formola wkoll.

25.2. **L-użu tal-għażla ta’ valur ġust (41.2)**

299. L-informazzjoni dwar l-użu tal-għażla ta’ valur ġust għal assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta’ profitt jew telf għandha tiġi rrapportata f’din il-formola.

300. ‘Kuntratti ibridi’ għandha, għall-obbligazzjonijiet, tinkludi l-ammont riportat ta’ strumenti finanzjarji ibridi klassifikati, fit-totalità tagħhom, fil-portafoll kontabilistiku tal-obbligazzjonijiet finanzjarji indikati fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf. Għalhekk, hija għandha tinkludi strumenti ibridi mhux separati fit-totalità tagħhom.

301. ‘Immaniġġjati għar-riskju ta’ kreditu’ għandha tinkludi l-ammont riportat ta’ strumenti li huma speċifikati fil-valur ġust permezz ta’ profitt jew telf fl-okkażjoni tal-iħħeġġjar tagħhom kontra r-riskju ta’ kreditu minn derivattivi ta’ kreditu mkejlin fil-valur ġust permezz ta’ profitt jew telf skont l-IFRS 9.6.7.

26. ASSI TANĠIBBLI U INTANĠIBBLI: AMMONT RIPORTAT SKONT IL-METODU TA' KEJL (42)

302. 'Proprjetà, impjant u tagħmir', 'Proprjetà għall-investiment' u 'Assi intanġibbli oħrajn' għandhom jiġu rrapportati skont il-kriterji użati fil-kejl tagħhom.

303. 'Assi intanġibbli oħrajn' għandha tinkludi l-assi intanġibbli kollha l-oħrajn minbarra l-avvjament.

303i. Fejn l-istituzzjoni tassumi r-rwol ta' lokatarju, hija għandha tipprovdi informazzjoni separata dwar l-assi tal-lokazzjoni (assi bi dritt ta' użu).

27. DISPOŻIZZJONIJIET (43)

304. Din il-formola għandha tinkludi r-rikonċiljazzjoni bejn l-ammont riportat tal-entrata 'Dispożizzjonijiet' fil-bidu u t-tmiem tal-perjodu skont l-għamla taċ-ċaqliq, minbarra dispożizzjonijiet imkejlin skont l-IFRS 9 li minflok għandhom jiġu rrapportati fil-formola 12.

305. 'Impenji u garanziji oħrajn mogħtija mkejlin skont l-IAS 37 u garanziji mogħtija mkejlin skont l-IFRS 4' għandha tinkludi dispożizzjonijiet imkejlin skont l-IAS 37 u t-telf ta' kreditu ta' garanziji finanzjarji trattati bħala kuntratti tal-assigurazzjoni skont l-IFRS 4.

28. PJANIJIET TA' BENEFIĊĊJI DEFINITI U BENEFIĊĊJI TAL-IMPJEGATI (44)

306. Dawn il-formoli għandhom jinkludu informazzjoni akkumulata tal-pjanijiet kollha ta' benefiċċji definiti tal-istituzzjoni. Meta jkun hemm iktar minn pjan wieħed ta' benefiċċji definiti, għandu jiġu rrapportat l-ammont aggregat tal-pjanijiet kollha.

28.1. **Il-komponenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet netti tal-pjan ta' benefiċċju definit (44.1)**

307. Il-formola dwar il-komponenti ta' assi u obbligazzjonijiet netti tal-pjan ta' benefiċċju definit għandha turi r-rikonċiljazzjoni tal-valur preżenti akkumulat tal-obbligazzjonijiet (assi) netti ta' benefiċċju definit kif ukoll id-drittijiet ta' rimborż (IAS 19.140 (a), (b)).

308. 'Assi ta' benefiċċji definiti netti' għandha tinkludi, fil-każ ta' surplus, l-ammonti tas-surplus li għandhom jiġu rikonoxxuti fil-karta bilanċjali peress li mhumiex affettwati mil-limiti stabbiliti fl-IAS 19.63. L-ammont ta' din l-entrata u l-ammont rikonoxxut fl-entrata memo 'Valur ġust ta' kwalunkwe dritt għal rimborż rikonoxxut bħala assi' għandhom jiġu inklużi fl-entrata 'Assi oħrajn' tal-karta bilanċjali.

28.2. **Ċaqliq fl-obbligi ta' benefiċċji definiti (44.2)**

309. Il-formola dwar iċ-ċaqliq f'obbligi ta' benefiċċji definiti għandha turi r-rikonċiljazzjoni tal-bilanċi tal-ftuħ u l-għeluq tal-valur preżenti akkumulat tal-obbligi ta' benefiċċji definiti kollha tal-istituzzjoni. L-effetti tal-elementi differenti elenkati fl-IAS 19.141 matul il-perjodu għandhom jiġu preżentati b'mod separat.

310. L-ammont ta' "Bilanċ tal-għeluq (valur kurrenti)' fil-formola għaċ-ċaqliq f'obbligi ta' benefiċċji definiti għandu jkun daqs l- 'Obbligi ta' benefiċċji definiti bil-valur kurrenti'.

28.3. **L-ispejjeż tal-persunal skont it-tip ta' benefiċċji (44.3)**

311. Għar-rapportar ta' spejjeż ta' persunal skont it-tip ta' benefiċċji, għandhom jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'Il-pensjoni u spejjeż simili' għandha tinkludi l-ammont rikonoxxut fil-perjodu bħala spejjeż tal-persunal għal kwalunkwe obbligu ta' benefiċċju ta' wara l-impjieg (kemm pjani ta' kontribuzzjonijiet definiti kif ukoll pjani ta' benefiċċji definiti), inklużi kontribuzzjonijiet relatati ta' wara l-impjieg għall-fondi tas-sigurtà soċjali (fondi tal-pensjonijiet) miżmuma mill-gvern jew entitajiet tas-sigurtà soċjali;

(b) 'Pagamenti bbażati fuq l-ishma' għandha tinkludi l-ammont rikonoxxut fil-perjodu ta' referenza bħala spejjeż tal-persunal għal pagamenti bbażati fuq l-ishma.

(c) 'Pagi u salarji' għandha tinkludi r-rimunerazzjoni tal-impjegati tal-istituzzjoni għax-xogħol jew għas-servizzi tagħhom, iżda għandha teskludi pagamenti tas-sensja u remunerazzjoni fil-forma ta' entrati bbażati fuq l-ishma li għandhom jiġu rrapportati f'entrati separati;

(d) 'Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali' għandha tinkludi kontribuzzjonijiet għal fondi tas-sigurtà soċjali, ammonti mħallsa lill-gvern jew lil entitajiet tas-sigurtà soċjali sabiex jiġi riċevut benefiċċju soċjali futur, iżda għandha teskludi kontribuzzjonijiet relatati ta' wara l-impjieg għal fondi tas-sigurtà soċjali f'termini ta' pensjonijiet (kontribuzzjonijiet għal fondi tal-pensjonijiet);

(e) 'Pagamenti tas-sensja' għandha tfisser pagametni relatati mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt u għandha tinkludi benefiċċji ta' terminazzjoni kif iddefinit fl-IAS 19.8;

(f) 'Tipi oħra ta' spejjeż tal-persunal' għandha tinkludi spejjeż tal-persunal li ma jistgħux jiġu allokati għal xi waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq.

28.4. **L-ispejjeż tal-persunal skont il-kategorija ta' remunerazzjoni u l-kategorija tal-persunal (44.4)**

311i. Għar-rapportar ta' spejjeż ta' persunal skont il-kategorija ta' remunerazzjoni u l-kategorija ta' persunal, għandhom jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'Remunerazzjoni fissa', 'remunerazzjoni varjabbli', 'persunal identifikat' u 'korp maniġerjali fil-funzjoni ta' ġestjoni tiegħu' għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fil-Linji Gwida tal-EBA 'dwar politiki sodi ta' rimunerazzjoni skont l-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u divulgazzjonijiet skont l-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013' (EBA/GL/2015/22);

(b) 'Korp maniġerjali', 'korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu' u 'maniġment superjuri' għandhom jinkludu persunal kif definit fil-punti (7), (8) u (9) tal-Artikolu 3(1) tas-CRD.

311ii. 'Numru ta' persunal' għandha tinkludi, mid-data ta' referenza ta' rapportar, in-numru ta' persunal, espress f'ekwivalenti għall-full time (FTE), flimkien man-numru ta' membri fil-korp maniġerjali espress f'termini tal-għadd ta' persunal għall-ambitu ta' konsolidazzjoni prudenzjali (CRR). Minn dawk, l-għadd ta' persunal identifikat, u l-għadd ta' rappreżentanti fil-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u fil-maniġment superjuri, kif ukoll l-għadd ta' rappreżentanti fil-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandhom jiġu rrapportati separatament.

29. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TA' ENTRATI SPEĊIFIĊI TAR-RAPPORT TAL-INTROJTU (45)

29.1. **Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf skont il-portafoll ta' kontabilità (45.1)**

312. 'Obbligazzjonijiet finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf' għandhom jinkludu biss il-qligħ u t-telf minħabba l-bidla fir-riskju tal-kreditu proprju ta' emittenti ta' obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf fejn l-istituzzjoni ta' rapportar għażlet li tirrikonoxxihom fi profitt jew telf għax ir-rikonoxximent f'introjtu ieħor komprensiv joħloq jew iżid l-isparigġ kontabilistiku.

29.2. **Il-qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi mhux finanzjarji (45.2)**

313. 'Qligħ jew telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi mhux finanzjarji' għandha tiġi diżaggregata skont it-tip ta' assi; Kull partita għandha tinkludi l-qligħ jew it-telf fuq l-assi li ġie ritirat mir-rikonoxximent. 'Assi oħrajn' għandha tinkludi assi tanġibbli oħrajn, assi intanġibbli u investimenti li ma ġewx irrapportati mkejjen oħra.

29.3. **Introjtu u spejjeż operatorji oħrajn (45.3)**

314. Introjtu u spejjeż operatorji oħra jiġu diżaggregati skont l-entrati li ġejjin: aġġustamenti fil-valur ġust fuq assi tanġibbli mkejla permezz tal-mudell tal-valur ġust; introjtu mill-kera u spejjeż operatorji diretti minn propjetà għall-investiment; l-introjtu u l-ispejjeż tal-lokazzjonijiet operatorji ħlief il-propjetà għall-investiement u l-bqija tal-introjtu u spejjeż operatorji.

315. 'Lokazzjonijiet operatorji minbarra proprjetà għall-investiment' għandha tinkludi, għall-kolonna 'introjtu', ir-ritorn miksub, u għall-kolonna 'spejjeż' il-kostijiet imġarrbin mill-istituzzjoni bħala lokatur fl-attivitajiet ta' lokazzjoni operatorja tagħha minbarra dawk b'assi klassifikati bħala proprjetà ta' investiment. Il-kostijiet għall-istituzzjoni bħala lokatarja jkunu inklużi fl-entrata 'Spejjeż amministrattivi oħrajn'.

316. Qligħ jew telf mill-irtirar tar-rikonoxximent u l-kejl mill-ġdid ta' holdings ta' deheb, metalli prezzjużi oħra u komoditajiet oħrajn imkejlin fil-valur ġust nieqsa l-kostijiet għal bejgħ għandhom jiġu rrapportati fost l-entrati inklużi f'Introjtu operatorju ieħor. Oħrajn' jew 'Spejjeż operatorji oħrajn. Oħrajn'

30. IR-RAPPORT TAL-BIDLIET FL-EKWITÀ (46)

317. Ir-rapport tal-bidliet fl-ekwità għandu jiddivulga r-rikonċiljazzjoni bejn l-ammont riportat fil-bidu tal-perjodu (bilanċ tal-ftuħ) u tmiem il-perjodu (bilanċ riportat) għal kull komponent tal-ekwità.

318. 'Trasferimenti fost komponenti ta' ekwità' għandha tinkludi l-ammonti kollha trasferiti fi ħdan l-ekwità, inklużi kemm il-qligħ u t-telf minħabba r-riskju ta' kreditu proprju ta' obbligazzjonijiet speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf kif ukoll il-bidliet fil-valur ġust akkumulat ta' strumenti ta' ekwità mkejlin fil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv li huma trasferiti għal komponenti oħra ta' ekwità meta jsir l-irtirar tar-rikonoxximent.

31. SELF U AVVANZI: INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI (23)

319. Il-formola 23 tippreżenta informazzjoni addizzjonali dwar self u avvanzi, minbarra self u avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għan-negozjar, assi finanzjarji kummerċjali u strumenti ta' dejn miżmuma għall-bejgħ.

320. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-'għadd ta' strumenti', strument għandu jinftiehem bħala prodott bankarju b'bilanċ pendenti u, fejn applikabbli, limitu ta' kreditu, li tipikament ikun assoċjat ma' kont. Skopertura lejn kontroparti speċifika tista' tikkonsisti minn strumenti multipli. In-numru ta' strumenti għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-mod kif l-istituzzjoni timmaniġġja l-iskopertura. L-għadd ta' strumenti għandu jiġi indikat separatament għal skoperturi fi status ta' qabel il-litigazzjoni u skoperturi fi status ta' litigazzjoni kif definit fil-paragrafi 321 u 322 ta' din il-Parti.

321. Skopertura għandha tkun 'fi status ta' qabel il-litigazzjoni' fejn id-debitur ikun ġie nnotifikat formalment li l-istituzzjoni se tieħu azzjoni legali kontra d-debitur fi żmien perjodu definit, sakemm ma jiġux issodisfati ċerti obbligi kuntrattwali jew obbligi oħra ta' ħlas. Dak għandu jinkludi wkoll każijiet fejn il-kuntratt ikun ġie tterminat mill-istituzzjoni li tirrapporta għaliex id-debitur ikun qiegħed jikser b'mod formali t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u d-debitur ikun ġie nnotifikat b'dan il-mod, iżda ma tkun għadha ttieħdet formalment l-ebda azzjoni legali kontra d-debitur mill-istituzzjoni. Skoperturi kklassifikati bħala 'fi status ta' qabel il-litigazzjoni' jistgħu joħorġu minn din il-klassifikazzjoni jekk l-ammonti pendenti jithallsu jew jekk jidħlu fi status ta' litigazzjoni kif definit fil-paragrafu li ġej.

322. Skopertura tkun 'fi stat ta' litigazzjoni' meta tkun ittieħdet formalment azzjoni legali kontra d-debitur. Dan jinkludi każijiet fejn qorti kkonfermat li jkunu seħħew proċedimenti ġudizzjarji formali jew li s-sistema ġudizzjarja tkun ġiet notifikata bl-intenzjoni li jinbdew proċedimenti ġudizzjarji.

323. 'Self mhux garantit u avvanzi mingħajr garanziji' tirreferi għal skoperturi li għalihom la ġie mirhun kollateral u lanqas ma ġew riċevuti garanziji finanzjarji; il-parti mhux iggarantita ta' skopertura parzjalment titolizzata jew parzjalment garantita ma għandhiex tiġi inkluża.

324. Self u avvanzi bi proporzjon ta' kopertura akkumulat ta' aktar minn 90 % għandhom jiġu rrapportati separatament. Għal dak l-għan, il-'proporzjon ta' kopertura akkumulat' għandu jkun il-proporzjon bejn id-danni akkumulati, rispettivament il-bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu relatat ma' self jew avvanz bħala numeratur, u l-ammont riportat gross ta' dak is-self jew avvanz bħala denominatur.

325. Self kollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli kif definit fil-paragrafi 86(a) u 87 ta' din il-Parti kif ukoll self ta' proprjetà immobbli kummerċjali kif definit fil-paragrafu 239ix ta' din il-Parti għandu jiġi rrapportat bħala diżaggregat skont il-proporzjon ta' self/kollateral (proporzjon 'bejn is-self u l-valur' (LTV)) kif definit fil-paragrafu 239x ta' din il-Parti.

326. Informazzjoni dwar kollateral miżmum u garanziji riċevuti dwar is-self u l-avvanzi għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafu 239 ta' din il-Parti. Konsegwentement, is-somma tal-ammonti rrapportati kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata. Il-proprjetà immobbli mirhuna bħala kollateral għandha tiġi rrapportata separatament b'mod supplimentari.

327. B'deroga mill-paragrafu preċedenti, 'kollateral irċevut fuq self u avvanzi - ammonti mhux limitati' għandha tirrifletti l-valur sħiħ tal-kollateral riċevut mingħajr limitu fl-ammont riportat tal-iskopertura relatata.

32. SELF U AVVANZI: FLUSSI TA' SKOPERTURI IMPRODUTTIVI, INDEBOLIMIENTI U TĦASSIR SA MILL-AĦĦAR TAS-SENA FINANZJARJA TA' QABEL (24)

32.1. **Self u avvanzi: Flussi 'l ġewwa u 'l barra ta' skoperturi improduttivi (24.1)**

328. Il-formola 24.1 għandha tipprovdi rikonċiljazzjoni tal-bilanċi tal-ftuħ u tal-għeluq tal-istokk ta' self u avvanzi, bl-esklużjoni ta' self u avvanzi kklassifikati bħala assi finanzjarji tan-negozjar, miżmuma għan-negozjar jew bħala miżmuma għall-bejgħ, li huma kklassifikati bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti u rrapportati fil-formola 18. Il-flussi 'l ġewwa u 'l barra ta' self u avvanzi improduttivi għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' fluss 'il ġewwa u 'l barra.

329. Il-flussi 'l ġewwa lejn il-kategorija tal-iskoperturi improduttivi għandu jiġi rrapportat skont il-paragrafi 239ii sa 239iii u 239vi ta' din il-Parti, bl-eċċezzjoni ta' flussi 'l ġewwa lejn il-kategorija 'miżmuma għall-bejgħ', li huma barra mill-ambitu ta' din il-formola. Il-flussi 'l ġewwa għandhom jinqasmu skont it-tip (sors) tal-fluss 'il ġewwa. F'dan il-kuntest:

(a) 'Fluss 'il ġewwa dovut għal imgħax akkumulat' għandu jirrappreżenta imgħax akkumulat fuq self u avvanzi improduttivi li ma ġew inklużi fl-ebda waħda mill-kategoriji l-oħra tad-diżaggregazzjoni skont it-tip (sors); f'dan ir-rigward, dan il-fluss 'il ġewwa jkopri l-imgħax akkumulat fuq self avvanzi improduttivi li ġew ikklassifikati bħala improduttivi fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti u li minn dak iż-żmien ġew ikklassifikati kontinwament bħala tali; l-imgħax akkumulat fuq skoperturi li ġew ikklassifikati bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti biss matul il-perjodu għandu jiġi rrapportat flimkien mal-fluss 'il ġewwa nnifsu fil-kategorija tat-tip (sors) korrispondenti;

(b) 'li minnhom: riklassifikati minn skoperturi produttivi b'tolleranza taħt probazzjoni li qabel kienu riklassifikati minn improduttivi' għandhom jinkludu 'skoperturi produttivi b'tolleranza taħt probazzjoni riklassifikati minn improduttivi', kif definit fil-paragrafu 261 ta' din il-Parti, li ġew riklassifikati bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti matul il-perjodu;

(c) 'Fluss 'il ġewwa minħabba raġunijiet oħra' għandha tkopri flussi 'l ġewwa li ma jistgħux ikunu konnessi ma' kwalunkwe sors speċifikat ieħor ta' flussi 'l ġewwa u għandha tinkludi, fost l-oħrajn, żidiet fl-ammont riportat gross ta' skoperturi improduttivi minħabba ammonti addizzjonali żbursati matul il-perjodu; il-kapitalizzazzjoni tal-ammonti dovuti fl-imgħoddi inklużi l-imposti u l-ispejjeż kapitalizzati u bidliet fir-rati tal-kambju relatati ma' self u avvanzi improduttivi li ġew ikklassifikati bħala improduttivi fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti u li ġew ikklassifikati kontinwament bħala tali minn dak iż-żmien 'l hawn.

330. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu rrapportati f'ringieli separati:

(a) 'Fluss 'il ġewwa ta' aktar minn darba' għandha tinkludi self u avvanzi li ġew riklassifikati diversi drabi minn improduttivi għal produttivi jew viċi versa matul il-perjodu;

(b) 'Fluss 'il ġewwa ta' skoperturi mogħtija fl-aħħar 24 xahar' għandha tirrappreżenta self u avvanzi li ngħataw fl-24 xahar qabel id-data ta' referenza u li ġew ikklassifikati bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti matul il-perjodu. Minn dawn l-iskoperturi, dawk mogħtija matul il-perjodu għandhom jiġu rrapportati b'mod separat ukoll.

331. Il-flussi 'l barra mill-kategorija ta' skoperturi improduttivi għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafi 239iii sa 239vi ta' din il-Parti, u għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip (raġuni) tal-fluss 'il barra. F'dan il-kuntest, 'fluss 'il barra minħabba tħassir' għandha tirrifletti l-ammont ta' tħassir li sar matul il-perjodu li ma jistax jiġi marbut ma' xi tip ta' fluss 'il barra speċifikat ieħor u għandha tinkludi wkoll tħassir relatat mal-estinzjoni totali tad-drittijiet kollha tal-istituzzjoni li tirrapporta bl-iskadenza tal-perjodu tal-istatut tal-limitazzjonijiet, maħfra jew kawżi oħra li jseħħu matul il-perjodu.

332. F'dawk il-każijiet fejn skopertura jiġi rtirat parti mir-rikonoxximent tagħha u l-parti li jifdal tiġi riklassifikata bħala produttiva, il-fluss 'il barra li jappartjeni għar-riklassifikazzjoni u l-fluss 'il barra li għandu x'jaqsam mal-irtirar tar-rikonoxximent għandhom jiġu rrapportati bħala flussi 'l barra separati. Għal flussi 'l barra minħabba likwidazzjonijiet ta' kollateral, bejgħ ta' skoperturi, trasferimenti ta' riskju u teħid ta' pussess ta' kollateral, għandhom jiġu rrapportati l-irkupri akkumulati netti miksuba. Jekk, fil-mument tal-likwidazzjonijiet tal-kollateral, il-bejgħ ta' skoperturi, it-trasferimenti ta' riskju u t-teħid tal-pussess ta' kollateral, ikun sar tħassir, dak l-ammont għandu jiġi rrapportat bħala parti mit-tip ta' fluss 'il barra relatat.

333. 'Irkupri netti akkumulati' għandha tfisser (i) l-ammont ta' flus jew ekwivalenti ta' flus miġbura, nett mill-kostijiet relatati, fil-kuntest tal-likwidazzjonijiet kollaterali, tal-bejgħ ta' skoperturi u tat-trasferimenti ta' riskju; rispettivament (ii) il-valur fir-rikonoxximent inizjali kif definit fil-paragrafu 175i ta' din il-Parti tal-kollateral miksub fil-kuntest tal-flussi 'l barra minħabba t-teħid ta' pussess tal-kollateral.

334. Il-fluss 'il barra li għandu x'jaqsam ma' self u avvanzi li ma jkunux saru improduttivi matul il-perjodu u wara ma baqgħux jissodisfaw il-kriterji sabiex jiġu klassifikati bħala improduttivi għandu jiġi rrapportat separatament.

32.2. **Self u avvanzi: Fluss ta' indebolimenti u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi (24.2)**

335. Il-formola 24.2 għandu jkun fiha rikonċiljazzjoni tal-bilanċi tal-ftuħ u tal-għeluq tal-kontijiet ta' provvedimenti u l-istokk ta' bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li huma jew li kienu klassifikati bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti.

336. 'Iż-żidiet matul il-perjodu' għandhom jinkludu:

(a) L-istokk, mid-data ta' referenza, ta' indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li jkunu saru improduttivi matul il-perjodu u li jkunu għadhom klassifikati bħala improduttivi fid-data ta' referenza ta' rapportar;

(b) L-istokk, mid-data tal-irtirar tar-rikonoxximent, ta' indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li jkunu saru improduttivi matul il-perjodu u li jkun ġie rtirat ir-rikonoxximent tagħhom matul il-perjodu; kif ukoll

(c) iż-żieda tal-indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li ġew klassifikati bħala improduttivi fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti u jew ikunu għadhom klassifikati bħala tali fid-data ta' referenza ta' rapportar jew li jkun ġie ġie rtirat ir-rikonoxximent tagħhom matul il-perjodu.

337. Il-parti taż-żieda attribwibbli għal indebolimenti u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust irreġistrata fl-imgħax dovut għandha tiġi rrapportata b'mod separat ukoll.

338. 'It-tnaqqisiet matul il-perjodu' għandhom jinkludu:

(a) L-istokk, mid-data tat-tmiem tal-irtirar tar-rikonoxximent, ta' indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li ma jkunu baqgħu improduttivi matul il-perjodu u li ħarġu mill-portafoll tal-istituzzjoni matul il-perjodu;

(b) L-istokk, mid-data ta' referenza, ta' indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li ma jkunux baqgħu improduttivi matul il-perjodu u li ma jkunux għadhom klassifikati bħala improduttivi fid-data ta' referenza;

(c) L-istokk, mid-data ta' referenza, ta' indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li jkunu ġew riklassifikati bħala 'miżmuma għall-bejgħ' matul il-perjodu; kif ukoll

(d) it-tnaqqis tal-indebolimenti akkumulati u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu li jappartjeni għal self u avvanzi li ġew klassifikati bħala improduttivi fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti u jkunu għadhom klassifikati bħala tali fid-data ta' referenza ta' rapportar.

339. L-entrati li ġejjin għandhom jiġu rrapportati b'mod separat:

(a) it-tnaqqis attribwibbli għat-treġġigħ lura tal-provvedimenti u t-treġġigħ lura ta' bidliet negattivi fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu;

(b) it-tnaqqis attribwibbli għat-'treġġigħ lura' tal-iskontijiet fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-metodu kontabilistiku tar-rata tal-imgħax effettiva.

32.3. **Self u avvanzi: Tħassir ta' skoperturi improduttivi matul il-perjodu (24.3)**

340. Il-formola 24.3 għandha tintuża biex jiġi rrapportat tħassir kif definit fil-paragrafu 74 ta' din il-Parti sakemm dan (i) ikun saru matul il-perjodu (flussi 'l ġewwa) u (ii) jirreferi għal self u avvanzi kklassifikati bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti matul il-perjodu, minbarra self u avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għan-negozjar, negozjar ta' assi finanzjarji jew miżmuma għall-bejgħ. Għandu jiġi rrapportat kemm tħassir parzjali kif ukoll dak totali. Minn dan it-tħassir, dawk attribwibbli għat-telf tad-dritt li tiġi rkuprata b'mod legali skopertura, jew parti minnha, għandhom jiġu rrapportati b'mod separat.

33. KOLLATERAL MIKSUB BIL-PROĊESS TA' TEĦID TA' PUSSESS U TA' EŻEKUZZJONI (25)

341. 'Il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess' għandu jinkludi kemm assi li ġew mirhuna mid-debitur bħala kollateral kif ukoll assi li ma ġewx mirhuna mid-debitur bħala kollateral, iżda li nkisbu bi skambju għat-tħassir tad-dejn, kemm fuq bażi volontarja kif ukoll bħala parti mill-proċedimenti ġudizzjarji.

33.1. **Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess minbarra kollateral klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E): flussi 'l ġewwa u 'l barra (25.1)**

342. Il-formola 25.1 għandha tintuża sabiex tippreżenta r-rikonċiljazzjoni tal-bilanċ tal-ftuħ, sa mill-bidu tas-sena finanzjarja, u l-bilanċ tal-għeluq tal-istokk ta' kollateral miksub bit-teħid ta' pussess minbarra kollateral klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E). Barra minn hekk, il-formola għandha tipprovdi informazzjoni dwar 'tnaqqis tal-bilanċ tad-dejn' u l-valur fir-rikonoxximent inizjali relatati tal-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess.

343. 'Tnaqqis fil-bilanċ ta' dejn' tfisser l-ammont riportat gross tal-iskopertura li ġie rtirat ir-rikonoxximent tiegħu mill-karta bilanċjali bi skambju għall-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess, fil-mument preċiż tal-iskambju, u l-indebolimenti u l-bidliet negattivi fil-valur ġust relatati minħabba r-riskju ta' kreditu akkumulat f'dak il-mument. Meta, fil-mument tal-iskambju, ikun sar tħassir, dak l-ammont għandu jitqies bħala parti mit-tnaqqis tal-bilanċ tad-dejn ukoll. M'għandux jiġi rrapportat l-irtirar tar-rikonoxximent mill-karta bilanċjali minħabba raġunijiet oħra, bħall-ġbir tal-flus.

344. 'Valur fir-rikonoxximent inizjali' għandu jkollha l-istess tifsira kif deskritt fil-paragrafu 175i ta' din il-Parti.

345. Fir-rigward tal-'flussi 'l ġewwa matul il-perjodu':

(a) il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess għandu jinkludi: (i) kollateral ġdid miksub bit-teħid ta' pussess matul il-perjodu (sa mill-bidu tas-sena finanzjarja), irrispettivament minn jekk il-kollateral għadux rikonoxxut fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni (miżmum) fid-data ta' referenza jew le u (ii) bidliet pożittivi fil-valutazzjoni tal-kollateral matul il-perjodu minħabba raġunijiet differenti (bħal bidliet pożittivi fil-valur ġust, apprezzament, inverżjoni tal-indeboliment, bidliet fil-politiki tal-kontabbiltà). Dawn it-tipi ta' flussi 'l ġewwa għandhom jiġu rrapportati b'mod separat ukoll.

(b) it-'tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn' għandu jirrifletti t-tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn tal-iskopertura li għaliha ġie rtirat ir-rikonoxximent relatat mal-kollateral miksub matul il-perjodu.

346. Fir-rigward tal-'flussi 'l barra matul il-perjodu':

(a) il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess għandu jinkludi: (i) kollateral mibjugħ għal flus kontanti matul il-perjodu; (ii) kollateral mibjugħ b'sostituzzjoni bi strumenti finanzjarji matul il-perjodu; u (iii) bidliet negattivi fil-valutazzjoni tal-kollateral matul il-perjodu minħabba raġunijiet differenti (bħal bidliet negattivi fil-valur ġust, id-deprezzament, l-indeboliment, it-tħassir, il-bidliet fil-politiki tal-kontabilità). Dawk it-tipi ta' flussi 'l barra għandhom jiġu rrapportati b'mod separat. Fejn jiġi rtirat ir-rikonoxximent ta' kollateral bi skambju kemm għall-flus kif ukoll għall-istrumenti finanzjarji, l-ammonti rilevanti għandhom jinqasmu u jiġu allokati liż-żewġ tipi ta' flussi 'l barra. 'Kollateral mibjugħ bis-sostituzzjoni bi strumenti finanzjarji' għandu jiddeskrivi każijiet fejn il-kollateral jinbiegħ lil kontroparti, u l-akkwiżizzjoni minn dik il-kontroparti huwa ffinanzjat mill-istituzzjoni li tirrapporta.

(b) It-'tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn' għandu jirrifletti t-tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn tal-iskopertura relatata ma' każijiet fejn il-kollateral ikun ġie mibjugħ għal flus kontanti jew mibdul bi strumenti finanzjarji matul il-perjodu.

347. Fil-każ ta' bejgħ ta' kollateral għal flus, il-'Fluss 'il barra li għalih ikunu nġabru flus' għandu jkun daqs is-somma ta' 'Flus miġbura netti mill-ispejjeż' u '(-) Profitti/(-) telf mill-bejgħ ta' kollateral miksub bit-teħid ta' pussess'. 'Flus kontanti miġbura netti mill-kostijiet' tfisser l-ammont ta' flus kontanti riċevuti mingħajr kostijiet ta' transazzjoni, bħal imposti u kummissjonijiet imħallsa lill-aġenti, taxxi ta' trasferiment u dazji. 'Profitti/(-) telf mill-bejgħ ta' kollateral miksub permezz tat-teħid ta' pussess' għandha tfisser id-differenza bejn l-ammont riportat tal-kollateral imkejjel fid-data tal-irtirar tar-rikonoxximent u l-ammont ta' flus kontanti riċevuti netti mill-kostijiet tat-tranżazzjoni. F'każ ta' sostituzzjoni ta' kollateral bi strumenti finanzjarji kif deskritt fil-paragrafu 346 ta' din il-Parti, għandu jiġi rrapportat l-ammont miżmum fil-kotba ta' finanzjament mogħti.

348. Il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess għandu jiġi rrapportat diżaggregat skont l-'annata' tal-kollateral, jiġifieri abbażi tal-perjodu ta' żmien li minnu l-kollateral ġie rikonoxxut fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni.

349. Fil-kuntest tal-preżentazzjoni ta' kollateral miksub bl-annata, il-'maturità' tal-kollateral fuq il-karta bilanċjali, jiġifieri l-migrazzjoni bejn il-faxex tal-annati predefiniti, ma għandhiex tiġi rrapportata la bħala fluss 'il ġewwa u lanqas bħala fluss 'il barra.

33.2. **Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess minbarra kollateral klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E) - Tip ta' kollateral miksub (25.2)**

350. Il-formola 25.2 għandha tinkludi diżaggregazzjoni tal-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess kif definit fil-paragrafu 341 ta' din il-Parti, skont it-tip ta' kollateral miksub. Il-formola tirrifletti l-kollateral rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza, irrispettivament mill-mument meta nkiseb. Barra minn hekk, il-formola tipprovdi informazzjoni dwar it-'tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn' u l-'valur fir-rikonoxximent inizjali' relatati kif definiti fil-paragrafi 343 u 344 ta' din il-Parti u dwar in-numru ta' kollateral miksub bit-teħid ta' pussess u rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza.

351. It-tip ta' kollateral għandu jkun dak imsemmi fil-paragrafu 173 ta' din il-Parti bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-punt (b)(i) ta' dak il-paragrafu.

352. Fir-rigward tal-kollateral fil-forma ta' proprjetà immobbli, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi rrapportata f'ringieli separati:

(a) proprjetà immobbli fil-fażi ta' kostruzzjoni jew żvilupp;

(b) fir-rigward ta' proprjetà immobbli kummerċjali, kollateral fil-forma ta' art relatata ma' korporazzjonijiet kummerċjali ta' proprjetà immobbli, esklużа l-art agrikola. Għandha tiġi rrapportata wkoll informazzjoni separata fuq l-art b'permess għall-ippjanar u mingħajr.

33.3. **Kollateral miksub bit-teħid ta' pussess klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E) (25.3)**

353. Fil-formola 25.3, għandha tiġi rrapportata l-informazzjoni dwar il-kollateral miksub bit-teħid ta' pussess klassifikat bħala Impjanti u Tagħmir ta' Proprjetà (PP&E). Barra minn hekk, il-formola għandha tipprovdi informazzjoni dwar 'tnaqqis tal-bilanċ tad-dejn' u l-'valur fir-rikonoxximent inizjali' relatati kif definiti fil-paragrafi 343 u 344 ta' din il-Parti.

354. Għandha tingħata informazzjoni dwar l-istokk tal-kollateral mid-data ta' referenza, irrispettivament mill-mument meta dan inkiseb; u l-flussi 'l ġewwa minħabba kollateral ġdid miksub bit-teħid ta' pussess matul il-perjodu bejn il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' referenza u li jibqa' rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza. Fir-rigward tat-'tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn', it-'total' għandha tirrifletti t-tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn relatat mal-kollateral mid-data ta' referenza u l-'flussi 'l ġewwa dovuti għal kollateral ġdid miksub bit-teħid ta' pussess' għandha tirrifletti t-tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn relatat mal-kollateral miksub matul il-perjodu.

34. ĠESTJONI TAT-TOLLERANZA U KWALITÀ TAT-TOLLERANZA (26)

355. Il-formola 26 għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar self u avvanzi kklassifikati bħala b'tolleranza skont il-paragrafi 240 sa 268 ta' din il-Parti, bl-esklużjoni ta' strumenti kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ. Skoperturi b'tolleranza li jirreferu jew għal modifika tat-termini u l-kondizzjonijiet preċedenti jew għal rifinanzjament totali jew parzjali ta' kuntratt tad-dejn danneġġat kif definit fil-paragrafu 241 ta' din il-Parti għandhom jiġu diżaggregati f'tipi aktar speċifiċi ta' miżuri ta' tolleranza.

356. In-'Numru ta' strumenti' għandu jiġi determinat kif definit fil-paragrafu 320 ta' din il-Parti.

357. L-ammont riportat globali ta' skoperturi b'miżuri ta' tolleranza għandu jiġi allokat għal kategorija li tirrifletti t-tip ta' miżura ta' tolleranza. Fejn ġew applikati diversi miżuri ta' tolleranza għal skopertura, l-ammont riportat gross ta' skoperturi b'miżuri ta' tolleranza għandu jiġi allokat għat-tip l-aktar rilevanti ta' miżura ta' tolleranza. Dan tal-aħħar għandu jiġi identifikat abbażi tat-tip ta' miżura ta' tolleranza li għandu l-ogħla impatt fuq il-Valur Preżenti Nett (VPN) tal-iskopertura b'tolleranza jew permezz tal-użu ta' kwalunkwe metodu ieħor meqjus applikabbli.

358. It-tipi ta' miżuri ta' tolleranza għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) perjodu ta' grazzja/moratorju fuq il-pagamenti: sospensjoni temporanja tal-obbligi ta' ripagament fir-rigward tal-kapital jew tal-imgħax, bir-ripagamenti li għandhom jerġgħu jinbdew f'ħin aktar tard;

(b) tnaqqis fir-rata tal-imgħax: tnaqqis permanenti (jew temporanju) fir-rata tal-imgħax (fissa jew varjabbli) għal rata ġusta u sostenibbli;

(c) estensjoni tal-maturità/terminu: l-estensjoni tal-maturità tas-iskopertura, li tinvolvi tnaqqis fl-ammonti ta' ħlas parzjali billi jinfirxu r-ripagamenti fuq perjodu itwal;

(d) pagamenti skedati mill-ġdid: aġġustament tal-iskeda ta' ripagamenti kuntrattwali b'tibdil fl-ammonti tar-rati jew mingħajr, minbarra perjodi ta' grazzja/moratorju fuq il-pagamenti, estensjoni tal-maturità/terminu u maħfra tad-dejn. Dik il-kategorija għandha tinkludi, fost l-oħrajn, il-kapitalizzazzjoni tal-arretrati u/jew l-arretrati tal-imgħax dovuti għall-bilanċ tal-kapital pendenti għar-ripagament taħt programm sostenibbli u skedat mill-ġdid; tnaqqis tal-ammont ta' ħlasijiet parzjali ta' ripagamenti ta' kapital fuq perjodu definit, irrispettivament minn jekk l-imgħaxijiet ikunux għadhom iridu jitħallsu kompletament jew jekk ikunux kapitalizzati jew mitlufa;

(e) maħfra tad-dejn: tħassir parzjali tal-iskopertura mill-istituzzjoni li tirrapporta permezz tat-telf tad-dritt li tirkupraha b'mod legali;

(f) tpartit ta' dejn ma' assi: sostituzzjoni parzjali ta' skoperturi fil-forma ta' strumenti ta' dejn ma' assi jew ekwità;

(g) miżuri oħra ta' tolleranza, inkluż fost oħrajn, rifinanzjament totali jew parzjali ta' kuntratt tad-dejn danneġġjat.

359. Fejn il-miżura ta' tolleranza taffettwa l-ammont riportat gross ta' skopertura, għandu jiġi rrapportat l-ammont riportat gross fid-data ta' referenza, jiġifieri wara l-applikazzjoni tal-miżura ta' tolleranza. Fil-każ ta' rifinanzjament, għandu jiġi rrapportat l-ammont riportat gross tal-kuntratt il-ġdid ('dejn ta' rifinanzjament') mogħti li jikkwalifika bħala miżura ta' tolleranza, kif ukoll l-ammont riportat gross tal-kuntratt l-antik imħallas mill-ġdid li jkun għadu pendenti.

360. L-entrati li ġejjin għandhom jiġu rrapportati f'ringieli separati:

(a) Strumenti li kienu soġġetti għal miżuri ta' tolleranza f'diversi punti taż-żmien, fejn:

(i) "Self u avvanzi b'tolleranza 'darbtejn' u 'aktar minn darbtejn' għandhom ifissru skoperturi kklassifikati bħala li għandhom tolleranza abbażi tal-paragrafi 240 sa 268 ta' din il-Parti fid-data ta' referenza ta' rapportar, li għalihom ġew applikati miżuri ta' tolleranza f'żewġ punti jew f'aktar minn żewġ punti differenti taż-żmien, rispettivament. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, skoperturi oriġinarjament b'tolleranza għal skoperturi li ħarġu mill-istatus ta' tolleranza (skoperturi b'tolleranza mfejqa), iżda li ngħataw miżuri ta' tolleranza ġodda wara dan;

(ii) 'Self u avvanzi li għalihom ingħataw miżuri ta' tolleranza flimkien ma' miżuri ta' tolleranza diġà eżistenti' għandha tfisser skoperturi magħmula taħt probazzjoni li għalihom ġew applikati miżuri ta' tolleranza flimkien ma' miżuri ta' tolleranza mogħtija fi żmien aktar bikri, mingħajr ma l-iskopertura tkun ġiet imfejqa sadanittant.

(b) Skoperturi improduttivi b'tolleranza li ma ssodisfawx il-kriterji ta' ħruġ għall-improduttività. Dak għandu jinkludi skoperturi improduttivi b'tolleranza li naqsu milli jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex ma jibqgħux improduttivi kif deskritt fil-paragrafu 232 ta' din il-Parti fi tmiem il-perjodu ta' probazzjoni ta' sena speċifikat fil-paragrafu 231(b) ta' din il-Parti.

361. L-iskoperturi li għalihom ingħataw miżuri ta' tolleranza sa minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja għandhom jiġu rrapportati f'kolonni separati.

35. SELF U AVVANZI: ID-DURATA MEDJA U L-PERJODI TA' RKUPRU (47)

362. L-informazzjoni pprovduta fil-formola 47 għandha tirreferi għal self u avvanzi, minbarra self u avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għan-negozjar, assi finanzjarji tan-negozjar jew miżmuma għall-bejgħ.

363. Iż-'żmien medju ponderat sa mid-data ta' skadenza preċedenti (fi snin)' għandha tiġi kkalkolata bħala l-medja ponderata tal-għadd ta' jiem mill-iskadenza tal-iskoperturi kklassifikati bħala improduttivi skont il-paragrafi 213 sa 239 jew 260 ta' din il-Parti fid-data ta' referenza. Skoperturi improduttivi li ma jkunux skadew għandhom jitqiesu li jkunu skaduti b'żero jiem f'dan il-kalkolu. L-iskoperturi għandhom jiġu ponderati bl-ammont riportat gross imkejjel fid-data ta' referenza. Il-medja ponderata ta' żmien sa mid-data ta' skadenza għandha tiġi espressa fi snin (b'deċimali).

364. Għandha tiġi rrapportata l-informazzjoni li ġejja dwar ir-riżultati tal-proċeduri ta' litigazzjoni dwar is-self u l-avvanzi improduttivi konklużi matul il-perjodu:

(a) Irkupri akkumulati netti: Din l-entrata għandha tinkludi l-irkupri li jirriżultaw minn proċeduri fil-qorti. L-irkupri li jirriżultaw minn ftehimiet volontarji ma għandhomx jiġu inklużi.

(b) Tnaqqis fl-ammont riportat gross: Din l-entrata għandha tinkludi l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi improduttivi li għalihom ġie rtirat ir-rikonoxximent bi tweġiba għall-konklużjoni ta' proċedura ta' litigazzjoni. Dan jinkludi t-tħassir relatat.

(c) Durata medja tal-proċeduri ta' litigazzjoni konklużi fil-perjodu: għandha tiġi kkalkolata bħala l-medja taż-żmien li jkun għadda bejn id-data tal-klassifikazzjoni tal-istrument bħala 'fi status ta' litigazzjoni' skont il-paragrafu 322 ta' din il-Parti u d-data tal-finalizzazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji; din għandha tiġi espressa fi snin (b'deċimali).

PARTI 3

L-IMMAPPJAR TAL-KLASSIJIET TAL-ISKOPERTURI U S-SETTURI TAL-KONTROPARTIJIET

1. It-Tabelli 2 u 3 jimmappjaw il-klassijiet tal-iskoperturi li għandhom jintużaw sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti kapitali skont is-CRR għas-setturi tal-kontroparti użati fit-tabelli FINREP.

Tabella 2

Approċċ Standardizzat

Il-klassijiet tal-iskoperturi skont l-SA (l-Artikolu 112 tas-CRR)	Is-setturi tal-kontroparti tal-FINREP	Kummenti
(a) Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali	(1) Banek ċentrali (2) Amministrazzjonijiet pubbliċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(b) Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(c) Entitajiet tas-settur pubbliku	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji.	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.
(d) Banek multilaterali tal-iżvilupp	(3) Istituzzjonijiet ta' kreditu	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.
(e) Organizzazzjonijiet internazzjonali	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(f) Istituzzjonijiet (jiġifieri istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment)	(3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.
(g) Korporazzjonijiet	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji. (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.

Il-klassijiet tal-iskoperturi skont l-SA (l-Artikolu 112 tas-CRR)	Is-setturi tal-kontroparti tal-FINREP	Kummenti
(h) Fil-livell tal-konsumaturi	(4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.
(i) Garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(j) F'inadempjenza	(1) Banek ċentrali (2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(ja) Entrati assoċjati ma' riskju partikolarment għoli	(1) Banek ċentrali (2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(k) Bonds koperti	(3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(l) Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskopeturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont ir-riskju sottostanti tat-titolizzazzjoni. Fil-FINREP, meta l-pożizzjonijiet titolizzati jibqgħu rikonoxxuti fil-karta bilanċjali, is-setturi tal-kontroparti għandhom ikunu s-setturi tal-kontropartijiet immedjati ta' dawn il-pożizzjonijiet.
(m) Istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal--kreditu ta' terminu qasir	(3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(n) Intrapriżi ta' investiment kollettiv	Strumenti ta' ekwità	Investimenti f'CIU għandhom jiġu klassifikati bħala strumenti ta' ekwità fil-FINREP, irrispettivament minn jekk is-CRR jippermettix trasparenza.
(o) Ekwità	Strumenti ta' ekwità	Fil-FINREP, l-ekwitajiet għandhom jiġu sseparati bħala strumenti taħt kategoriji differenti ta' assi finanzjarji
(p) Entrati oħrajn	Diversi entrati tal-karta bilanċjali	Fil-FINREP, jistgħu jiġu inklużi entrati oħrajn taħt kategoriji tal-assi differenti.

Tabella 3

L-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna

Klassijiet ta' skopertura tal-IRBA (L-Artikolu 147 tas-CRR)	Is-setturi tal-kontroparti tal-FINREP	Kummenti
(a) Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali	(1) Banek ċentrali (2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata
(b) Istituzzjonijiet (jiġifieri istituzzjoni ta' kreditu u ditti tal-investiment kif ukoll ċerti amministrazzjonijiet pubbliċi u banek multilaterali)	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.
(c) Korporazzjonijiet	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.
(d) Fil-livell tal-konsumaturi	(4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont in-natura tal-kontroparti immedjata.
(e) Ekwità	Strumenti ta' ekwità	Fil-FINREP, l-ekwitajiet għandhom jiġu sseparati bħala strumenti taħt kategoriji differenti ta' assi finanzjarji
(f) Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni	(2) Amministrazzjonijiet pubbliċi (3) Istituzzjonijiet ta' kreditu (4) Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn (5) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (6) Unitajiet domestiċi	Dawn l-iskopeturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti tal-FINREP skont ir-riskju sottostanti tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Fil-FINREP, meta l-pożizzjonijiet titolizzati jibqgħu rikonoxxuti fil-karta bilanċjali, is-setturi tal-kontroparti għandhom ikunu s-setturi tal-kontropartijiet immedjati ta' dawn il-pożizzjonijiet
(g) Obbligi oħrajn mhux ta' kreditu	Diversi entrati tal-karta bilanċjali	Fil-FINREP, jistgħu jiġu inklużi entrati oħrajn taħt kategoriji tal-assi differenti."

ANNESS VI

"ANNESS XVIII

FORMULI AMM		
Numru tal-formula	**Kodiċi tal-formula**	**Isem il-formula/grupp ta' formuli**
		FORMULI TA' GĦODOD TA' MONITORAĠĠ ADDIZZJONALI
67	C 67.00	KONĊENTRAZZJONI TA' FINANZJAMENT MINN KONTROPARTI
68	C 68.00	KONĊENTRAZZJONI TA' FINANZJAMENT SKONT IT-TIP TA' PRODOTT
69	C 69.00	PREZZJIET GĦAL TULIJIET VARJI TA' FINANZJAMENT
70	C 70.00	RIPORTAMENT TA' FINANZJAMENT

C 67.00 – KONĊENTRAZZJONI TA' FINANZJAMENT SKONT IL-KONTROPARTI

Total u muniti sinifikanti

		Konċentrazzjoni ta' finanzjament skont il-kontroparti								
		Isem il-Kontroparti	Kodiċi	Kodiċi LEI	Settur tal-Kontroparti	Residenza tal-Kontroparti	Tip ta' Prodott	Ammont Riċevut	Maturità medja oriġinali ponderata	Maturità medja residwa ponderata
Ringiela	ID	010	015	020	030	040	050	060	070	080
010	1. **L-EWWEL GĦAXAR KONTROPARTIJIET KULL WAĦDA IKBAR MINN 1 % TAL-OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI**									
020	1.01									
030	1.02									
040	1.03									
050	1.04									
060	1.05									
070	1.06									
080	1.07									
090	1.08									
100	1.09									
110	1.10									
120	2. **FINANZJAMENT IEĦOR KOLLU**									

C 68.00 – KONĊENTRAZZJONI TA' FINANZJAMENT SKONT IT-TIP TA' PRODOTT

Total u muniti sinifikanti

Konċentrazzjoni ta' finanzjament skont it-tip ta' prodott							
Ringiela	**ID**	**Isem il-Prodott**	**Ammont riportat riċevut**	**Ammont kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz**	**Ammont mhux kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz**	**Maturità medja oriġinali ponderata**	**Maturità medja residwa ponderata**
			010	020	030	040	050
PRODOTTI IKBAR MINN 1 % TAL-OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI							
010	1	**FINANZJAMENT FIL-LIVELL TA' KONSUMATUR**					
020	1.1	li minnu depożiti liberi					
031	1.2	li minnu depożiti b'terminu mhux prelevabbli fi żmien it-30 jum ta' wara					
041	1.3	li minnu depożiti b'terminu prelevabbli fi żmien it-30 jum ta' wara					
070	1.4	Kontijiet tat-tfaddil					
080	1.4.1	b'perjodu ta' avviż għall-prelevament ta' iktar minn 30 jum					
090	1.4.2	mingħajr perjodu ta' avviż għall-prelevament ta' iktar minn 30 jum					
100	2	**FINANZJAMENT FIL-LIVELL TAL-OPERATURI**					
110	2.1	Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit					
120	2.1.1	li minnu self u depożiti minn konsumaturi finanzjarji					
130	2.1.2	li minnu self u depożiti minn konsumaturi mhux finanzjarji					
140	2.1.3	li minnu self u depożiti minn entitajiet intragrupp					

Konċentrazzjoni ta' finanzjament skont it-tip ta' prodott							
Ringiela	**ID**	**Isem il-Prodott**	**Ammont riportat riċevut**	**Ammont kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz**	**Ammont mhux kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz**	**Maturità medja oriġinali ponderata**	**Maturità medja residwa ponderata**
			010	020	030	040	050
150	2.2	Finanzjament fil-livell tal-operaturi garantit					
160	2.2.1	li minnu SFTs					
170	2.2.2	li minnu ħruġ ta' bonds koperti					
180	2.2.3	li minnu ħruġ ta' titoli abbażi ta' assi					
190	2.2.4	li minnu self u depożiti minn entitajiet intragrupp					

C 69.00 – PREZZJIET GĦAL TULIJIET VARJI TA' FINANZJAMENT

Total u muniti sinifikanti

			Prezzijiet għal tulijiet varji ta' finanzjament									
			Mil-lum għall-għada		ġimgħa		xhar		3 xhur		6 xhur	
			Firxa	Volum	Firxa	Volum	Firxa	Volum	Firxa	Volum	Firxa	Volum
Ringiela	ID	Partita	010	020	030	040	050	060	070	080	090	100
010	1	**Finanzjament Totali**										
020	1.1	li minnu: Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi										
030	1.2	li minnu: Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit										
040	1.3	li minnu: Finanzjament garantit										
050	1.4	li minnu: Titoli superjuri mhux garantiti										
060	1.5	li minnhom: Bonds koperti										
070	1.6	li minnhom: Titoli garantiti ta' assi inkluż ABCP										

			Prezzijiet għal tulijiet varji ta' finanzjament							
			sena		sentejn		5 snin		10 snin	
			Firxa	Volum	Firxa	Volum	Firxa	Volum	Firxa	Volum
Ringiela	ID	Partita	110	120	130	140	150	160	170	180
010	1	**Finanzjament Totali**								
020	1.1	li minnu: Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi								
030	1.2	li minnu: Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit								
040	1.3	li minnu: Finanzjament garantit								
050	1.4	li minnu: Titoli superjuri mhux garantiti								
060	1.5	li minnhom: Bonds koperti								
070	1.6	li minnhom: Titoli garantiti ta' assi inkluż ABCP								

C 70.00 — FINANZJAMENT RIPORTAT

Total u muniti sinifikanti

				Finanzjament riportat							
				Mil-lum għall-għada				> jum ≤ 7 ijiem			
				Maturazzjoni	Riportament	Ġdid Fondi	Nett	Maturazzjoni	Riportament	Ġdid Fondi	Nett
Ringiela	ID	Ġurnata	Partita	010	020	030	040	050	060	070	080
010	1.1	1	**Finanzjament totali**								
020	1.1.1		**Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi**								
030	1.1.2		**Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit**								
040	1.1.3		**Finanzjament garantit**								
050	1.2	2	**Finanzjament totali**								
060	1.2.1		**Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi**								
070	1.2.2		**Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit**								
080	1.2.3		**Finanzjament garantit**								
090	1.3	3	**Finanzjament totali**								
100	1.3.1		**Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi**								
110	1.3.2		**Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit**								
120	1.3.3		**Finanzjament garantit**								
130	1.4	4	**Finanzjament totali**								
140	1.4.1		**Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi**								
150	1.4.2		**Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit**								
160	1.4.3		**Finanzjament garantit**								

				Finanzjament riportat							
				Mil-lum għall-għada				> jum ≤ 7 ijiem			
				Maturazzjoni	Riportament	Ġdid Fondi	Nett	Maturazzjoni	Riportament	Ġdid Fondi	Nett
Ringiela	ID	Ġurnata	Partita	010	020	030	040	050	060	070	080
170	1.5	5	**Finanzjament totali**								
180	1.5.1		**Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi**								
190	1.5.2		**Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit**								
200	1.5.3		**Finanzjament garantit**								
210	1.6	6	**Finanzjament totali**								
220	1.6.1		**Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi**								
230	1.6.2		**Finanzjament fil-livell tal-operaturi mhux garantit**								
240	1.6.3		**Finanzjament garantit**								
250	1.7	7	**Finanzjament totali**								
260	1.7.1		**Finanzjament fil-livell ta' konsumaturi**								
2. Assi rapportati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

3. Permezz ta' deroga mill-punt 2, l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet tal-munita skont l-Artikolu 8(6), il-punt (d) tal-Artikolu 10(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 meta jimlew il-formula f'munita separata skont l-Artiklu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-istituzzjonijiet ta' kreditu xorta waħda jridu japplikaw ir-restrizzjonijiet ta' ġurisdizzjoni.

4. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-formula fil-muniti korrispondenti skont l-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5. Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw, fejn rilevanti, l-ammont/il-valur tas-suq tal-assi likwidi waqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-flussi netti 'l barra u l-influssi netti tal-likwidità li jirriżultaw minn għeluq bikri ta' ħeġġ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 8(5) u skont il-haircuts xierqa speċifikati fil-Kapitolu 2 tar-Regolament Delegat.

6. Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jirreferi biss għal rati u haircuts. F'dawn l-istruzzjonijiet il-kelma 'ponderati' tintuża bħala terminu ġenerali li jindika l-ammont miksub wara l-applikazzjoni tal-haircuts u r-rati rispettivi u kwalunkwe struzzjoni addizzjonali rilevanti oħra (pereżempju fil-każ ta' għoti ta' self u finanzjament garantit). Il-kelma 'ponderazzjoni' fil-kuntest ta' dawn l-istruzzjonijijiet tirreferi għal numru bejn 0 u 1, li mmultiplikat bl-ammont jagħti l-ammont ponderat jew il-valur imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, rispettivament.

7. L-istituzzjonijiet ta' kreditu ma għandhomx jirrappurtaw darbtejn l-entrati f'xi waħda jew f'aktar minn waħda mis-sezzjonijiet 1.1.1, 1.1.2, 1.2.1, u 1.2.2 tal-formola.

1.2. Kummenti speċifiċi

1.2.1. Rekwiżiti speċifiċi rigward is-CIUs

8. Għall-entrati 1.1.1.10, 1.1.1.11, 1.2.1.6, 1.1.2.2, 1.2.2.10, 1.2.2.11, 1.2.2.12, 1.2.2.13 tal-formola, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-proporzjon xieraq tal-valur tas-suq tas-CIUs li jikkorrispondi għall-assi likwidi sottostanti għall-impriża, skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.

1.2.2. Rekwiżiti speċifiċi rigward l-anterjorità u l-provvedimenti tranżizzjonali

9. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw entrati kif imsemmija fl-Artikoli 35 sa 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 fir-ringieli tal-assi xierqa. Total tal-ammonti tal-assi kollha rrapportati bbażat fuq dawn l-Artikoli għandu jiġi rrapportat ukoll fis-sezzjoni 'Memorandum' għal referenza.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

1.2.3. Rekwiżiti speċifiċi għar-rapportar mill-Istituzzjonijiet Ċentrali

10. L-istituzzjonijiet ċentrali, meta jirrapportaw assi likwidi korrispondenti għal depożiti minn istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ċentrali li huma kkunsidrati bħala assi likwidi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu depożitanti, għandhom jiżguraw li l-ammont irrapportat ta' dawn l-assi likwidi wara l-haircut ma jaqbiżx il-fluss 'il barra mid-depożiti korrispondenti skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

1.2.4. Rekwiżiti speċifiċi rigward is-saldu u tranżazzjonijiet forward start

11. Assi kollha li jikkonformaw mal-Artikoli 7, 8 u 9 tar-Regolament Delegat 2015/61 u li jkunu fl-istokk tal-istituzzjoni ta' kreditu fid-data ta' referenza għandhom ikunu rrapportati fir-ringiela rilevanti fil-formula C72 anki jekk jinbiegħu jew jintużaw fi tranżazzjonijiet forward garantiti. B'mod konsistenti, assi likwidi minn tranżazzjonijiet forward start li jirreferu għal xirjiet miftiehma b'kuntratt iżda li għadhom mhux saldati ta' assi likwidi u xiri forward ta' assi likwidi m'għandhomx jiġu rrapportati f'dan il-formula.

1.2.5. Subformula tal-assi likwidi

1.2.5.1. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	**Ammont/Valur tas-suq** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 010 il-valur tas-suq, jew l-ammont fejn applikabbli, tal-assi likwidi skont it-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-ammont/il-valur tas-suq irrapportat fil-Kolonna 010: — għandu jqis il-flussi 'l barra netti u l-influssi netti li jirriżultaw mill-għeluq bikri tal-ħeġġijiet definiti fl-Artikolu 8(5) tal-istess Regolament; — m'għandux iqis il-haircuts speċifikati fit-Titolu II tal-istess Regolament; — għandu jinkludi l-proporzjon ta' depożiti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) tal-istess Regolament li qegħdin iżommu assi speċifiċi differenti fir-ringieli tal-assi korrispondenti; — għandu jitnaqqas, meta applikabbli, mill-ammont ta' depożiti kif definit fl-Artikolu 16 pjazzati fl-istituzzjoni ċentrali ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 27(3) tal-istess Regolament. Meta jirreferu għall-Artikolu 8(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fluss ta' flus nett, kemm jekk fluss 'il barra jew l-influss, li jinħoloq kieku l-ħeġġ kellu jingħalaq fid-data ta' referenza tar-rapportar. L-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jridux inkunsiderazzjoni bidliet potenzjali futuri fil-valur fl-assi.
020	**Ponderazzjoni standard** Il-Kolonna 020 tinkludi ponderazzjonijiet li jirriflettu l-ammont miksub wara l-applikazzjoni tal-haircuts rispettivi speċifikati fit-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-ponderazzjoniijiet huma intenzjonati li jirriflettu t-tnaqqis fil-valur tal-assi likwidi wara l-applikazzjoni tal-haircuts xierqa.
030	**Ponderazzjoni applikabbli** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 030 il-ponderazzjoni applikabbli applikata għall-assi likwidi stabbiliti fit-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriżultaw f'valuri medji ponderati u għandhom ikunu rrapportati f'termini deċimali (jiġifieri 1,00 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 100 fil-mija, jew 0,50 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 50 fil-mija). Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriflettu, iżda mhumiex limitati għal, diskrezzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija u nazzjonali. Iċ-ċifra rrapportata fil-Kolonna 030 ma għandhiex taqbeż iċ-ċifra fil-Kolonna 020.

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
040	**Valur skont l-Artikolu 9** L-istituzzjonijiet ta' kreditu jirrapportaw fil-Kolonna 040 il-valur tal-assi likwidi ddeterminat skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, li jkun l-ammont/il-valur tas-suq, filwaqt li jitqiesu l-l-flussi 'l barra u l-influssi netti tal-likwidità minħabba għeluq bikri tal-ħeġġijiet, multiplikati bil-ponderazzjoni applikabbli.

1.2.5.2. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	1. **TOTAL MHUX AĠĠUSTAT TAL-ASSI LIKWIDI** It-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali/il-valur tas-suq tal-Assi likwidi tagħhom f'c010 L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu għandhom jirrapportaw il-valur totali kkalkolat skont l-Artikolu 9 tal-Assi likwidi tagħhom f'c040.
020	1.1. **Total mhux aġġustat ta' assi tal-livell 1** L-Artikoli 10, 15, 16 u 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi rapportati f'din is-sezzjoni ġew identifikati b'mod espliċitu jew ittrattati bħala assi tal-Livell 1 skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali/il-valur tas-suq tal-Assi Likwidi tagħhom tal-Livell 1 f'c010. L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu għandhom jirrapportaw il-valur totali kkalkolat skont l-Artikolu 9 tal-Assi likwidi tal-Livell 1 tagħhom f'c040.
030	1.1.1. **Total mhux aġġustat ta' assi tal-LIVELL 1 eskluż bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna** L-Artikoli 10, 15, 16 u 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi rapportati f'din is-subsezzjoni ġew identifikati b'mod espliċitu jew ittrattati bħala assi tal-Livell 1 skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Assi u assi sottostanti li jikkwalifikaw bħala bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 ma għandhomx ikunu rrapportati f'din is-subsezzjoni. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 010 is-somma tal-valur tas-suq/tal-ammont totali ta' assi tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 040 is-somma tat-total tal-ammont ponderat ta' assi tal-Livell 1, minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
040	1.1.1.1. **Muniti u karti tal-flus** Il-punt (a) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-ammont totali ta' flus inklużi muniti u karti ta' flus.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
050	1.1.1.2. **Riżervi tal-bank ċentrali prelevabbli** Il-punt (iii) tal-punt (b) tal-Artikoli 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-ammont totali ta' riżervi, prelevabbli fi kwalunkwe ħin f'perjodi ta' stress, miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu fil-BĊE, f'bank ċentrali ta' Stat Membru jew f'bank ċentrali ta' pajjiż terz, dment li l-iskoperturi għall-bank ċentrali tal-pajjiż terz jew għall-gvern ċentrali tiegħu jkunu assenjati valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata (istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu — external credit assessment institution) li tkun tal-anqas tal-kwalità tal-kreditu tal-iskala 1 skont l-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-ammont eliġibbli li jista' jiġi prelevat jiġi speċifikat permezz ta' ftehim bejn l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-bank ċentrali li fih jinżammu r-riżervi jew fir-regoli applikabbli tal-pajjiż terz kif imsemmi fil-punt (iii) tal-punt (b) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
060	1.1.1.3. **Assi ta' bank ċentrali** Il-punti (i) u (ii) tal-punt (b) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew iggarantiti mill-BĊE, bank ċentrali ta' Stat Membru jew bank ċentrali ta' pajjiż terz, dment li l-iskoperturi għall-bank ċentrali jew għall-gvern ċentrali tal-pajjiż terz ikunu assenjati valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata li tal-anqas ikollha kwalità tal-kreditu tal-iskala 1 skont l-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
070	1.1.1.4. **Assi ta' gvern ċentrali** Il-punti (i) u (ii) tal-punt (c) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew iggarantiti mill-gvern ċentrali ta' Stat Membru jew il-gvern ċentrali ta' pajjiż terz, dment li dawk l-assi jiġu assenjati valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata li tal-inqas ikollha kwalità tal-kreditu tal-iskala 1 skont l-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Assi maħruġin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jibbenefikaw minn garanzija tal-gvern ċentrali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 35 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jiġu rapportati f'din ir-ringiela. Assi maħruġin minn aġenziji tal-immaniġġjar ta' assi indeboliti sponsorjati minn Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela.
080	1.1.1.5. **Assi ta' gvern reġjonali/awtoritajiet lokali** Il-punti (iii) u (iv) tal-punt (c) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew iggarantiti minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali fi Stat Membru, dment li jkunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tal-Istat Membru skont l-Artiklu 115(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew iggarantiti minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali f'pajjiż terz, dment li jiġu assenjati valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata li tal-inqas ikollha kwalità tal-kreditu tal-iskala 1 skont l-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u dment li jkunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tal-pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 115(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Assi maħruġin minn istituzzjonijiet ta' kreditu li jibbenefikaw minn garanzija minn gvern ċentrali jew minn awtorità lokali fi Stat Membru skont l-Artikolu 35 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għandhom jiġu rapportati f'din ir-ringiela.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
090	1.1.1.6. **Assi ta' Entità mis-Settur Pubbliku** Il-punti (v) u (vi) tal-punt (c) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew iggarantiti minn entitajiet mis-settur pubbliku fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, dment li dawk l-assi jkunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtoritajiet lokali ta' dan l-Istat Membru jew il-pajjiż terz skont l-Artikolu 116(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Kwalunkwe skopertura għal gvern ċentrali ta' pajjiż terz imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tkun assenjata valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata li tal-inqas ikollha kwalità tal-kreditu tal-iskala 1 skont l-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Kwalunkwe skopertura għal gvern reġjonali jew awtorità lokali ta' pajjiż terz imsemmija f'din is-subsezzjoni għandha tiġi ttrattata bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tal-pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 115(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
100	1.1.1.7. **Assi rikonoxxibbli fil-munita domestika jew barranija ta' gvern ċentrali u ta' bank ċentrali** Il-punt (d) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew garantiti mill-gvern ċentrali, jew il-bank ċentrali u riżervi miżmuma f'bank ċentrali skont il-kundizzjonijiet tal-punt (ii) tal-punt (d) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, ta' pajjiż terz li ma jkunx assenjat klassifikazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata b'minimu tal-livell 1 tal-kwalità tal-kreditu, dment li l-istituzzjoni ta' kreditu tirrikonoxxi assi bħal dawn f'aggregat bħala Livell 1 sal-ammont tal-fluss 'l barra netti tal-likwidità taħt stress tagħha mġarrba fl-istess munita. Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew garantiti mill-gvern ċentrali, jew il-bank ċentrali u r-riżervi miżmuma f'bank ċentrali skont il-kundizzjonijiet tal-punt (ii) tal-punt (d) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, ta' pajjiż terz li ma jkunx assenjat klassifikazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata mill-inqas tal-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu, u dawk l-assi ma jkunux denominati fil-munita domestika ta' dak il-pajjiż terz, dment li l-istituzzjoni ta' kreditu tirrikonoxxi l-assi bħala Livell 1 sal-ammont tal-flussi 'l barra netti tal-likwidità taħt stress tagħha f'dik il-munita barranija li tikkorrispondi għall-operazzjonijiet tagħha fil-ġurisdizzjoni fejn jkun qiegħed jittieħed ir-riskju tal-likwidità.
110	1.1.1.8. **Assi ta' istituzzjoni ta' kreditu (protetta minn gvern ta' Stat Membru, mutwanti promozzjonali)** Il-punti (i) u (ii) tal-punt (e) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-assi maħruġin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti mill-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali ta' Stat Membru li jkollhom l-obbligu legali li jipproteġu l-bażi ekonomika tal-istituzzjoni ta' kreditu u li żżommu l-vijabbiltà finanzjarja tagħha. Assi maħruġa mill-mutwanti promozzjonali skont l-punt (ii) tal-punt (e) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Kwalunkwe skopertura għal gvern reġjonali jew awtorità lokali msemmija hawn fuq għandha tiġi trattata bħala skopertura għall-gvern ċentrali tal-Istat Membru skont l-Artikolu 115(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
120	1.1.1.9. **Assi ta' banek multilaterali tal-iżvilupp u organizzazzjonijiet internazzjonali** Il-punt (g) tal-Artikolu 10(1)tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew iggarantiti mill-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 117(2) u l-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
130	1.1.1.10. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma muniti/karti ta' flus u/jew skopertura għall-bank ċentrali** Il-punt (a) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal muniti, karti ta' flus u skoperturi għall-BĊE, għall-bank ċentrali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, dment li l-iskoperturi għall-bank ċentrali ta' pajjiż terz jew għall-gvern ċentrali tiegħu jkunu assenjati valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI nominata li tal-inqas ikollha kwalità tal-kreditu tal-iskala 1 skont l-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
140	1.1.1.11. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma assi tal-Livell 1 għajr bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna** Il-punt (b) tal-Artikolu 15(2)tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 1, għajr muniti, karti ta' flus, skoperturi għall-BĊE, għall-bank ċentrali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, u bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna kif speċifikat fil-punt (f) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
150	1.1.1.12. **Approċċi Alternattivi għal-Likwidità: Faċilità ta' kreditu mill-bank ċentrali** Il-punt (b) tal-Artikolu 19(1)tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ammont mhux prelevat ta' faċilitajiet tal-kreditu mill-BĊE, il-bank ċentrali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz dment li l-faċilità hija konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (i) sa (iii) tal-punt (b) tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
160	1.1.1.13. **Istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali: Assi tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti** L-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, jeħtieġ li jiġu identifikati assi likwidi li jikkorrispondu għal depożiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ċentrali li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti. Dawk l-assi likwidi ma għandhomx jingħaddu biex ikoperu l-flussi 'l barra ħlief mid-depożiti korrispondenti u ma għandhomx jitqiesu fil-kalkoli tal-kompożizzjoni tal-bafer tal-likwidità li tibqa', skont l-Artikolu 17, għall-istituzzjoni ċentrali f'livell individwali. Meta jirrapportaw dawk l-assi, l-istituzzjonijiet ċentrali għandhom jiżguraw li l-ammont irrapportat ta' dawk l-assi likwidi wara l-haircut ma jaqbiżx il-fluss 'il barra mid-depożiti korrispondenti. Assi msemmija f'din ir-ringiela għandhom ikunu assi tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna.
170	1.1.1.14. **Approċċi Alternattivi għal-Likwidità: Assi tal-Livell 2 A rikonoxxuti bħala tal-Livell 1** Il-punt (c) tal-Artikolu 19(1)tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Meta jkun hemm defiċit ta' assi tal-Livell 1, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' assi tal-Livell 2 A li qegħdin jirrikonoxxu bħala tal-Livell 1 u mhux irrapportati bħala tal-Livell 2 A skont il-punt (c) tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Dawk l-assi ma għandhomx ikunu rrapportati fis-sezzjoni tal-assi tal-Livell 2 A.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
180	1.1.2. **Total mhux aġġustati ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna tal-Livell 1** L-Artikoli 10, 15 u 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi rrapportati f'din is-subsezzjoni ġew identifikati b'mod espliċitu bħala assi tal-Livell 1 skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u huma bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna, jew l-assi sottostanti tagħhom jikkwalifikaw bħala tali, kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-kolonna 010 is-somma tal-valur tas-suq/tal-ammont totali ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna tal-Livell 1, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-kolonna 040 is-somma tat-total tal-ammont ponderat ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna tal-Livell 1, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
190	1.1.2.1. **Bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna** Il-punt (f) tal-Artikolu 10(1)tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw skoperturi fil-forma ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna li huma konformi mal-punt (f) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
200	1.1.2.2. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna** Il-punt (c) tal-Artikolu 15(2)tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna kif speċifikat fil-punt (f) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
210	1.1.2.3. **Istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali: Bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna tal-Livell 1 li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti** L-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, jeħtieġ li jiġu identifikati assi likwidi li jikkorrispondu għal depożiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ċentrali li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti. Dawk l-assi likwidi ma għandhomx jingħaddu biex ikoperu l-flussi 'l barra ħlief mid-depożiti korrispondenti u ma għandhomx jitqiesu għall-kalkoli tal-kompożizzjoni tal-bafer tal-likwidità li tibqa' skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għall-istituzzjoni ċentrali f'livell individwali. Meta jirrapportaw dawk l-assi, l-istituzzjonijiet ċentrali għandhom jiżguraw li l-ammont irrapportat ta' dawk l-assi likwidi wara l-haircut ma jaqbiżx il-fluss 'il barra mid-depożiti korrispondenti. Assi msemmija f'din ir-ringiela huma bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna tal-livell 1.
220	1.2. **Total mhux aġġustat ta' assi tal-livell 2** L-Artikoli 11 sa 16 u l-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Assi rapportati f'din is-sezzjoni ġew identifikati b'mod espliċitu, jew huma tratati l-istess bħall-assi tal-Livell 2 A jew tal-Livell 2B skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali/il-valur tas-suq tal-Assi Likwidi tagħhom tal-Livell 2 f'c010. L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu għandhom jirrapportaw il-valur totali kkalkolat skont l-Artikolu 9 tal-Assi likwidi tal-Livell 2 tagħhom f'c040.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
230	1.2.1. **Total mhux aġġustat ta' assi tal-LIVELL 2 A** L-Artikoli 11, 15 u 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi rapportati f'din is-subsezzjoni ġew identifikati b'mod espliċitu jew ittrattati bħala assi tal-Livell 2 A skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 010 is-somma totali tal-valur tas-suq/tal-ammont tal-assi tal-Livell 2 A, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 040 is-somma tat-total tal-ammont ponderat ta' assi tal-Livell 2 A, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
240	1.2.1.1. **Assi ta' gvern reġjonali/awtoritajiet lokali jew Entitajiet tas-Settur Pubbliku (Stat Membru, RW20 %)** Il-punt (a) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew huma ggarantiti minn gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali jew entitajiet tas-settur pubbliku fi Stat Membru, meta l-iskoperturi jkunu assenjati ponderazzjoni tar-riskju ta' 20 %.
250	1.2.1.2. **Assi ta' bank ċentrali jew gvern ċentrali/reġjonali jew awtoritajiet lokali jew Entitajiet tas-Settur Pubbliku (Pajjiż Terz, RW20 %)** Il-punt (b) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew huma ggarantiti mill-gvern ċentrali jew mill-bank ċentrali ta' pajjiż terz jew minn gvern reġjonali, awtorità lokali jew entità tas-settur pubbliku f'pajjiż terz, dment li dawk l-assi jkunu assenjati ponderazzjoni tar-riskju ta' 20 %.
260	1.2.1.3. **Bonds koperti ta' kwalità għolja (CQS2)** Il-punt (c) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw skoperturi fil-forma ta' bonds koperti ta' kwalità għolja li huma konformi mal-punt (c) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 dment li dawk l-assi jkunu assenjati valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata li tal-inqas ikollha l-iskala 2 tal-kwalità kreditizja f'konformità mal-Artikolu 129(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
270	1.2.1.4. **Bonds koperti ta' kwalità għolja (Pajjiż Terz, CQS1)** Il-punt (d) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw skoperturi fil-forma ta' bonds koperti maħruġin minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi terzi li huma konformi mal-punt (d) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 dment li dawk l-assi jkunu assenjati valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata li tal-inqas ikollha l-iskala 1 tal-kwalità kreditizja f'konformità mal-Artikolu 129(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
280	1.2.1.5. **Titoli ta' dejn korporattiv (CQS1)** Il-punt (e) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Titoli ta' dejn korporattiv li huma konformi mal-punt (e) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
290	1.2.1.6. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma assi tal-Livell 2 A** Il-punt (d) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 2 A kif speċifikat fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
300	1.2.1.7. **Istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali: Assi tal-Livell 2 A li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti** L-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, jeħtieġ li jiġu identifikati assi likwidi li jikkorrispondu għal depożiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ċentrali li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti. Dawn l-assi likwidi ma għandhomx jingħaddu biex ikoperu l-flussi 'l barra ħlief mid-depożiti korrispondenti u ma għandhomx jitqiesu fil-kalkoli tal-kompożizzjoni tal-bafer tal-likwidità li tibqa', skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għall-istituzzjoni ċentrali f'livell individwali. Meta jirrapportaw dawk l-assi, l-istituzzjonijiet ċentrali għandhom jiżguraw li l-ammont irrapportat ta' dawk l-assi likwidi wara l-haircut ma jaqbiżx il-fluss 'il barra mid-depożiti korrispondenti. Assi msemmija f'din ir-ringiela huma assi tal-Livell 2 A.
310	1.2.2. **Total mhux aġġustat ta' assi tal-Livell 2B** L-Artikoli 12 sa 16 u l-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi rapportati f'din is-subsezzjoni ġew identifikati b'mod espliċitu bħala assi tal-Livell 2B skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 010 is-somma totali tal-valur tas-suq/tal-ammont tal-assi tal-Livell 2B, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 040 is-somma tat-total tal-ammont ponderat ta' assi tal-Livell 2B, mingħajr kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
320	1.2.2.1. **Titoli garantiti b'assi (residenzjali, CQS1)** Il-punt (a) tal-Artikolu 12(1) u l-punti (i) u (ii) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Skoperturi fil-forma ta' titoli garantiti b'assi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 dment li jkunu garantiti b'self residenzjali garantit b'ipoteka tal-ewwel grad jew self residenzjali garantit b'mod sħiħ skont il-punti (i) u (ii) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Assi li huma soġġetti għall-provvediment tranżizzjonali speċifikat fl-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela.
330	1.2.2.2. **Titoli garantiti b'assi (vetturi, CQS1)** Il-punt (a) tal-Artikolu 12(1) u l-punt (iv) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Skoperturi fil-forma ta' titoli garantiti b'assi li jikkonformaw mal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 dment li jkunu garantiti b'self u b'lokazzjonijiet ta' vetturi skont il-punt (iv) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
340	1.2.2.3. **Bonds koperti ta' kwalità għolja (RW35 %)** Il-punt (e) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Assi li jirrappreżentaw skoperturi fil-forma ta' bonds koperti maħruġin minn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma konformi mal-punt (e) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 dment li l-pula ta' assi sottostanti tikkonsisti esklussivament minn skoperturi li jikkwalifikaw għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 35 % jew inqas, skont l-Artikolu 125 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
350	1.2.2.4. **Titoli garantiti b'assi (kummerċjali jew individwi, Stat Membru, CQS1)** Il-punt (a) tal-Artikolu 12(1) u l-punti (iii) u (v) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Skoperturi fil-forma ta' titoli garantiti b'assi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 dment li jkunu garantiti b'assi kif imsemmi fil-punti (iii) u (v) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Wieħed għandu jinnota li għall-fini tal-punt (iii) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2), mill-inqas 80 % tal-mutwatarji fil-pula jridu jkunu SMEs fil-ħin tal-ħruġ tat-titolizzazzjoni.
360	1.2.2.5. **Titoli ta' dejn korporattiv (CQS2/3)** Il-punt (b) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Titoli ta' dejn korporattiv li huma konformi mal-punt (b) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61
370	1.2.2.6. **Titoli ta' dejn korporattiv — assi li ma jrendux imgħax (miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjuż) (CQS1/2/3)** L-Artikolu 12(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li, skont l-istatuti ta' inkorporazzjoni tagħhom, ma jkunux jistgħu assi li jrendu mgħax għal raġunijiet ta' osservanza reliġjuża, jidderogaw mill-punti (ii) u (iii) tal-punt (b) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, dment li jkun hemm evidenza ta' disponibbiltà insuffiċjenti ta' assi li ma jrendux imgħax li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-punti u li l-assi li ma jrendux imgħax inkwistjoni jkunu likwidi b'mod adegwat fis-swieq privati. Dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija hawn fuq għandhom jirrapportaw it-titoli ta' dejn korporattiv li fihom assi li ma jrendux imgħax dment li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (i) tal-punt (b) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u jkunu rċevew deroga xierqa mill-awtorità kompetenti tagħhom.
380	1.2.2.7. **Ishma (indiċi tal-borża ewlieni)** Il-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma, li huma konformi mal-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u huma denominati fil-munita tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-istituzzjoni ta' kreditu. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw ukoll ishma li huma konformi mal-punt (c) tal-Artikolu 12(1) u denominati f'munita differenti, dment li jingħaddu bħala assi tal-Livell 2B biss sal-ammont li jkopri l-flussi 'l barra tal-likwidità f'dik il-munita jew fil-ġurisdizzjoni fejn jittieħed ir-riskju tal-likwidità.
390	1.2.2.8. **Assi li ma jrendux imgħax (miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjuż) (CQS 3-5)** Il-punt (f) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li, skont l-istatuti tal-inkorporazzjoni tagħhom, ma jistgħux iżommu assi li jrendu mgħax għal raġunijiet ta' osservanza reliġjuża, assi li ma jrendux imgħax li jikkostitwixxu pretensjoni fuq jew huma garantiti minn banek ċentrali jew minn gvern ċentrali jew minn bank ċentrali ta' pajjiż terz jew minn gvern reġjonali, awtorità lokali jew entità mis-settur pubbliku f'pajjiż terz, dment li dawn l-assi jkollhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata ta' mill-inqas tal-iskala 5 tal-kwalità kreditizja skont l-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew l-iskala kreditizja ekwivalenti fil-każ ta' valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
400	1.2.2.9. **Faċilitajiet ta' likwidità impenjati ta' użu ristrett ta' bank ċentrali** Il-punt (d) tal-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ammont mhux prelevat ta' faċilitajiet ta' likwidità impenjati ta' użu ristrett ipprovduti minn banek ċentrali li huma konformi mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
410	1.2.2.10. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma titoli garantiti b'assi (residenzjali jew vetturi, CQS1)** Il-punt (e) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 2B kif speċifikat fil-punti (i), (ii) u (iv) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (KE) Nru 2015/61.
420	1.2.2.11. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma Bonds koperti ta' kwalità għolja (RW35 %)** Il-punt (f) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 2B kif speċifikat fil-punt (e) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
430	1.2.2.12. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma titoli garantiti b'assi (kummerċjali jew individwi, Stat Membru, CQS1)** Il-punt (g) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 2B kif speċifikat fil-punti (iii) u (v) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Wieħed għandu jinnota li għall-fini tal-punt (iii) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2), mill-inqas 80 % tal-mutwatarji fil-pula jridu jkunu SMEs fil-ħin tal-ħruġ tat-titolizzazzjoni.
440	1.2.2.13. **Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma titoli ta' dejn korporattiv (CQS2/3), ishma (indiċi ta' borża ewlieni) jew assi li ma jrendux imgħax (miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi) (CQS3-5)** Il-punt (h) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal titoli ta' dejn korporattiv konformi mal-punt (b) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, ishma konformi mal-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tal-istess Regolament jew assi li ma jrendux imgħax li huma konformi mal-punt (f) tal-Artikolu 12(1) tal-istess Regolament.
450	1.2.2.14. **Depożiti minn membru ta' netwerk ma' istituzzjoni ċentrali (investiment mhux obbligat)** Il-punt (b) tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Depożitu minimu li l-istituzzjoni ta' kreditu żżomm mal-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali, dment li tkun parti minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għal netwerk eliġibbli għall-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 10 tal-istess Regolament jew għal netwerk kooperattiv fi Stat Membru rregolat b'liġi jew b'kuntratt. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx taħt xi obbligu legali jew kuntrattwali li żżomm jew tinvesti d-depożiti f'assi likwidi ta' livell jew kategorija speċifikati.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
460	1.2.2.15. **Finanzjament tal-likwidità disponibbli għal membru ta' netwerk minn istituzzjoni ċentrali (kollateralizzazzjoni mhux speċifikata)** L-Artikolu 16(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Ammont mhux prelevat ta' finanzjament ta' likwidità limitat li jikkonforma mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
470	1.2.2.16. **Istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali: Assi tal-Livell 2B li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti** L-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, jeħtieġ li jiġu identifikati assi likwidi li jikkorrispondu għal depożiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ċentrali li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti. Dawn l-assi likwidi ma għandhomx jingħaddu biex ikoperu l-flussi 'l barra ħlief mid-depożiti korrispondenti u ma għandhomx jitqiesu fil-kalkoli tal-kompożizzjoni tal-bafer tal-likwidità li tibqa', skont l-Artikolu 17, għall-istituzzjoni ċentrali f'livell individwali. Meta jirrapportaw dawk l-assi, l-istituzzjonijiet ċentrali għandhom jiżguraw li l-ammont irrapportat ta' dawn l-assi likwidi wara l-haircut ma jaqbiżx il-fluss 'il barra mid-depożiti korrispondenti. Assi msemmija f'din ir-ringiela huma assi tal-Livell 2B.
ENTRATI TA' MEMORANDUM	
485	2. **Depożiti minn membru ta' netwerk ma' istituzzjoni ċentrali (investiment obbligat)** Il-punt (a) tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi rapportati fis-sezzjonijiet ta' hawn fuq skont ir-rekwiżiti tal-punt (a) tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
580	3. **Assi tal-livell 1/2 A/2B eskluż minħabba raġunijiet ta' munita** L-Artikolu 8(6), il-punt (d) tal-Artikolu 10(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjoni għandha tirrapporta l-porzjon tal-assi tal-Livell 1, Livell 2 A u Livell 2B imsemmija fl-Artikoli 10 sa 16 li ma jiġux rikonoxxuti mill-istituzzjoni skont l-Artikolu 8(6), il-punt (d) tal-Artikolu 10(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 12(1).
590	4. **Assi tal-Livell 1/2 A/2B eskluż minħabba raġunijiet operazzjonali ħlief għal raġunijiet ta' munita** L-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-assi f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 iżda li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, dment li ma jkunux ġew irrapportati fir-ringiela 580 għal raġunijiet ta' munita.

RAPPORTAR DWAR IL-LIKWIDITÀ (PARTI 2 FLUSSI 'L BARRA)

1. Flussi 'l barra

1.1. Rimarki ġenerali

1. Din hija l-formula fil-qosor li fiha informazzjoni dwar il-flussi 'l barra tal-likwidità mkejla matul it-30 jum ta' wara, għall-finijiet ta' rapportar tar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità kif speċifikat fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-entrati li ma għandhomx għalfejn jimtlew mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom lewn griż.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-formula fil-muniti korrispondenti skont l-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Ċerti entrati ta' memorandum huma inklużi fil-formula assoċjat ma' dawn l-istruzzjonijiet. Għalkemm mhux strettament neċessarji għall-kalkolu tal-proporzjon innifsu, huwa meħtieġ li jimtlew. Dawk l-entrati jipprovdu informazzjoni meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jagħmlu valutazzjoni adegwata tal-konformità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mar-rekwiżiti ta' likwidità. F'ċerti każijiet jirrappreżentaw tqassim iktar granulari tal-entrati inklużi fis-sezzjonijiet ewlenin tal-formuli filwaqt li f'każijiet oħrajn jirriflettu riżorsi ta' likwidità addizzjonali li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jkollhom aċċess għalihom.

4. Skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-flussi 'l barra tal-likwidità għandhom:

   i. jinkludu l-kategoriji msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61

   ii. jiġu kkalkolati billi l-bilanċi pendenti ta' diversi kategoriji ta' obbligazzjonijiet u impenji barra l-karta bilanċjali jiġu mmultiplikati bir-rati li bihom huma mistennija jiġu likwidati jew prelevati kif indikat fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

5. Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jirreferi biss għar-rati u l-haircuts, u l-kelma 'ponderazzjoni' tirreferi biss għal dawn. F'dawn l-istruzzjonijiet il-kelma 'ponderati' tintuża bħala terminu ġenerali li jindika l-ammont miksub wara l-applikazzjoni tal-haircuts u r-rati rispettivi u kwalunkwe struzzjoni addizzjonali rilevanti oħra (pereżempju fil-każ ta' għoti ta' self u finanzjament garantit).

6. Il-flussi 'l barra fi grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali (minbarra l-flussi 'l barra minn kreditu mhux prelevat jew faċilitajiet ta' likwidità pprovduti minn membri ta' grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali fejn l-awtorità kompetenti tat permess li tiġi applikata rata ta' fluss ' il barra preferenzjali u flussi 'l barra minn depożiti operazzjonali miżmuma fil-kuntest ta' Skema ta' Protezzjoni istituzzjonali jew netwerk kooperattiv) għandhom ikunu rrapportati fil-kategoriji rilevanti. Dawk il-flussi 'l barra għandhom jiġu rrapportati wkoll b'mod separat bħala entrati ta' memorandum.

7. Il-flussi 'l barra tal-likwidità għandhom ikunu rrapportati darba biss fil-formula dment li ma jkunux applikabbli flussi 'l barra addizzjonali skont l-Artikolu 30 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jew meta l-entrata tkun entrata 'li minnhom' jew entrata ta' memorandum.

8. Fil-każ ta' rapportar separat kif imsemmi fl-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandu dejjem japplika dan li ġej:

   — entrati u flussi denominati f'dik il-munita biss għandhom jiġu rrapportati;

   — f'każ ta' diskrepanza fil-muniti bejn il-komponenti ta' tranżazzjoni, jiġi rrapportat biss il-komponent f'dik il-munita;

   — meta r-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jippermetti netting, dan jista' jiġi applikat biss għal flussi f'dik il-munita;

   — meta fluss ikollu opzjonalità għal diversi muniti, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tagħmel valutazzjoni tal-munita li l-fluss x'aktarx li jseħħ fiha u għandha tirrapporta l-entrata f'dik il-munita separata biss.

9. Il-ponderazzjonijiet standard fil-kolonna 040 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV huma dawk speċifikati fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 b'mod prestabbilit u huma pprovduti hawnhekk għall-informazzjoni.

10. Il-formula fiha l-informazzjoni dwar il-flussi tal-likwidità kollateralizzati, imsejjaħ 'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali' fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61, u għall-finijiet tal-kalkolu tal-LCR kif definit f'dak ir-Regolament. Meta dawk it-tranżazzjonijiet isiru kontra aggregazzjoni ta' kollateral, l-identifikazzjoni tal-assi speċifiċi mwieġħda għall-finijiet tar-rapportar f'dan il-formula għandha ssir, skont il-kategoriji tal-assi likwidi speċifikati fit-Titolu II, il-Kapitolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, filwaqt li l-ewwel jiġu identifikati l-assi l-inqas likwidi. Fl-istess ħin, fil-każ ta' tranżazzjonijiet b'maturitajiet residwi differenti magħmula kontra pula ta' kollateral, l-ewwel jiġu assenjati assi inqas likwidi għat-tranżazzjonijiet bl-aktar maturitajiet residwi.

11. Formula separata hija pprovdut għal swaps kollaterali, C 75.01 tal-ANNESS XXIV. Swaps kollaterali, li huma tranżazzjonijiet kollateral-versus-kollateral ma għandhomx ikunu rrapportati fil-formula tal-flussi 'l barra C 73.00 tal-Anness XXIV, li tkopri biss tranżazzjonijiet fi flus-versus-kollaterali.

1.2. Kummenti speċifiċi rigward is-saldu u t-tranżazzjonijiet forward start

12. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw flussi 'l barra li jirriżultaw minn repos forward start, retroriakkwist u swaps kollaterali li jibdew fi żmien perjodu ta' 30 jum u jimmaturaw wara l-perjodu ta' 30 jum fejn il-komponent inizjali jipproduċi fluss 'il barra. Fil-każ ta' repo b'lura, l-ammont li għandu jingħata b'self lill-kontroparti għandu jitqies bħala fluss 'il barra u rrapportat fl-entrata 1.1.8.6 nett mill-valur tas-suq tal-assi li għandu jiġi riċevut bħala kollateral u wara l-applikazzjoni tal-haircut tal-LCR relatat jekk l-assi jikkwalifika bħala assi likwidu. Jekk l-ammont li se jingħata b'self ikun anqas mill-valur tas-suq tal-assi (wara l-haircut tal-LCR) li se jiġi riċevut bħala kollateral, id-differenza għandha tkun irrapportata bħala influss. Jekk il-kollateral li għandu jiġi riċevut ma jikkwalifikax bħala assi likwidu, il-fluss 'il barra għandu jkun irrapportat kollu. Fil-każ ta' repo, fejn il-valur tas-suq tal-assi li se jingħata b'self bħala kollateral wara l-applikazzjoni tal-haircut tal-LCR relatat (jekk l-assi jikkwalifika bħala assi likwidu) ikun ikbar mill-ammont fi flus li se jiġi riċevut, id-differenza għandha tkun irrapportata bħala fluss 'il barra fir-ringiela msemmija hawn fuq. Jekk l-ammont li se riċevut ikun akbar mill-valur tas-suq tal-assi (wara l-haircut tal-LCR) li se jingħata b'self bħala kollateral, id-differenza għandha tkun irrapportata bħala influss. Għal swaps kollaterali, fejn l-effett nett tal-iswap inizjali ta' assi likwidi (b'kunsiderazzjoni tal-haircuts tal-LCR) joħloq fluss 'il barra dan il-fluss 'il barra għandu jkun irrapportat fir-ringiela msemmija hawn fuq.

Repos forward, retroriakkwisti forward u swaps kollaterali forward li jibdew u jimmaturaw fil-perjodu ta' 30 jum tal-LCR ma għandhom l-ebda impatt fuq l-LCR ta' bank u jistgħu jiġu injorati.

13. L-iskema tad-deċiżjonijiet għas-sezzjoni 1 ta' C 73.00 tal-Anness XXIV, l-iskema tad-deċiżjonijiet hija mingħajr preġudizzju għar-rapportar tal-entrati ta' memorandum. L-iskema tad-deċiżjonijiet hija parti mill-istruzzjonijiet biex jiġu spċifikati l-kriterji tal-valutazzjoni tal-prijoritajiet għall-allokazzjoni ta' kull entrata rrapportata sabiex jiġi żgurat rapportar omoġenju u komparabbli. L-istudju tal-iskema tad-deċiżjonijiet waħdu mhuwiex biżżejjed, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom dejjem jikkonformaw mal-bqija tal-istruzzjonijiet. Għall-fini ta' sempliċità, l-iskema tad-deċiżjonijiet tinjora t-totali u s-subtotali; madankollu dan ma jfissirx li ma għandhomx ikunu rrapportati wkoll. DA tirreferi għar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
1	Tranżazzjoni forward start	Iva	# 2
		Le	# 4
2	Tranżazzjonijiet forward li tkun daħlet għalihom wara d-data ta' rapportar;	Iva	**Tirrapportax**
		Le	# 3
3	Tranżazzjoni forward li tibda fi ħdan il-perjodu ta' 30 jum u timmatura wara l-perjodu ta' 30 jum fejn il-komponent inizjali jipproduċi fluss 'il barra nett	Iva	ID 1.1.8.6
		Le	**Tirrapportax**
4	Entrata li teħtieġ flussi 'l barra addizzjonali skont l-Art. 30 ta' DA?	Iva	# 5 u sussegwentement # 51
		Le	# 5
5	Depożitu fil-livell tal-konsumatur skont l-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013?	Iva	# 6
		Le	# 12
6	Depożitu kkanċellat b'maturità residwa ta' inqas minn 30 jum tal-kalendarju u fejn sar ftehim li l-ħlas isir lil istituzzjoni ta' kreditu oħra?	Iva	ID 1.1.1.2
		Le	# 7
7	Depożitu skont l-Artikolu 25(4) tad-DA?	Iva	ID 1.1.1.1
		Le	# 8
8	Depożitu skont l-Artikolu 25(5) tad-DA?	Iva	ID 1.1.1.6
		Le	# 9

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
9	Depożitu skont l-Artikolu 25(2) tad-DA?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.1.1.3.
		Le	# 10
10	Depożitu skont l-Artikolu 24(4) tad-DA?	Iva	ID 1.1.1.5
		Le	# 11
11	Depożitu skont l-Artikolu 24(1) tad-DA?	Iva	ID 1.1.1.4
		Le	ID 1.1.1.7
12	Responsabbiltà li saret dovuta, tista' tiġi eżerċitata għall-ħlas mill-emittent jew mill-fornitur tal-finanzjament jew tinvolvi aspettattiva mill-fornitur tal-finanzjament li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun trid tħallas lura l-obbligazzjoni matul it-30 jum tal-kalendarju li jkun imiss?	Iva	# 13
		Le	# 30
13	Obbligazzjoni li tirriżulta mill-ispejjeż operazzjonali tal-istituzzjoni stess?	Iva	ID 1.1.8.1
		Le	# 14
14	Obbligazzjoni fil-forma ta' bond mibjugħa esklussivament fis-suq tal-konsumaturi u miżmuma f'kont fil-livell ta' konsumatur f'konformità mal-Artikolu 28(6) tad-DA?	Iva	Segwi l-perkors tad-depożiti fil-livell tal-konsumatur (jiġifieri wieġeb iva għal # 5 u ttratta skont dan)
		Le	# 15
15	Responsabbiltà fil-forma ta' titolu ta' dejn?	Iva	ID 1.1.8.2
		Le	# 16
16	Depożitu riċevut bħala kollateral?	Iva	Alloka fl-entrati rilevanti tal-ID 1.1.5
		Le	# 17
17	Depożitu li jirriżulta minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew minn senserija primarja?	Iva	ID1.1.4.1
		Le	# 18
18	Depożiti operazzjonali f'konformità mal-Article 27 tad-DA?	Iva	# 19
		Le	# 24
19	Miżmumin fil-kuntest ta' IPS jew netwerk kooperattiv?	Iva	# 20
		Le	# 22
20	Trattati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti?	Iva	ID 1.1.2.2.2
		Le	# 21
21	Miżmumin sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar tal-flus u dawk ta' istituzzjonijiet ċentrali fi ħdan netwerk?	Iva	ID 1.1.2.4
		Le	ID 1.1.2.2.1
22	Miżmumin għall-ikklerjar, il-kustodja, l-immaniġġjar ta' flus jew servizzi ohrajn komparabbli fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.1.2.1.
		Le	# 23

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
23	Miżmumin fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita (oħra) ma' klijenti mhux finanzjarji?	Iva	ID 1.1.2.3
		Le	# 24
24	Depożiti operazzjonali eċċessi?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.1.3.
		Le	# 25
25	Depożitu ieħor?	Iva	# 26
		Le	# 27
26	Depożiti minn klijenti finanzjarji?	Iva	ID 1.1.4.2
		Le	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.1.4.3.
27	Obbligazzjoni minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali minbarra derivattivi u swaps kollaterali?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.2.
		Le	# 28
28	Obbligazzjoni minn swaps kollaterali?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda ta' C75.01 u ID 1.3. fejn applikabbli.
		Le	# 29
29	Obbligazzjoni li tirriżulta fi fluss 'il barra minn derivattivi skont l-Artikolu 30(4) tad-DA?	Iva	ID 1.1.5.5
		Le	# 30
30	Xi obbligazzjoni oħra li se ssir dovuta fit-30 jum li jmiss?	Iva	ID 1.1.8.3
		Le	#31
31	Impenji kuntrattwali biex jiġi estiż il-finanzjament lil klijenti mhux finanzjarji li huma dovuti fit-30 jum li ġejjin li jaqbżu l-influssi minn dawk il-klijenti?	Iva	Wieħed mill-IDs li ġejjin: 1.1.8.4.1 sa 1.1.8.4.4
		Le	#32
32	Flussi 'l barra oħra li huma dovuti fit-30 jum li jmiss mhux imsemmija hawn fuq?	Iva	ID 1.1.8.6
		Le	#33
33	Ammont mhux prelevat li jista' jiġi prelevat minn kreditu impenjat u faċilità ta' likwidità skont l-Art.31 ta' DA?	Iva	#34
		Le	# 42
34	Faċilità ta' kreditu impenjata?	Iva	# 35
		Le	# 37
35	F'IPS jew netwerk kooperattiv ittrattat bħala assi likwidu mill-istituzzjoni depożitanti?	Iva	ID 1.1.6.1.6.
		Le	# 36
36	Fi grupp jew IPS soġġetta għal trattament preferenzjali?	Iva	ID 1.1.6.1.5.
		Le	Alloka f'entrata waħda rilevanti li jifdal tal-ID 1.1.6.1.

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
37	Faċilità ta' likwidità impenjata?	Iva	#38
		mhux applikabbli	mhux applikabbli
38	F'IPS jew netwerk kooperattiv ittrattat bħala assi likwidu mill-istituzzjoni depożitanti?	Iva	ID 1.1.6.2.7.
		Le	# 39
39	Fi grupp jew IPS soġġetta għal trattament preferenzjali?	Iva	ID 1.1.6.2.6.
		Le	# 40
40	Lil SSPEs?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.1.6.2.4.
		Le	#41
41	Lil kumpaniji ta' investiment personali?	Iva	ID 1.1.6.2.3.
		Le	Alloka f'entrata waħda rilevanti li jifdal tal-ID 1.1.6.2.
42	Prodott jew servizz ieħor f'konformità mal-Artikolu 23 tad-DA?	Iva	# 43
		Le	**Tirrapportax**
43	Prodott relatat mal-finanzjament tal-kummerċ barra l-karta bilanċjali?	Iva	ID1.1.7.8
		Le	# 44
44	Avvanzi u self mhux prelevati lil kontropartijiet fil-livell ta' operatur?	Iva	ID 1.1.7.2
		Le	# 45
45	Ipoteki li ġew miftiehma iżda li għadhom ma ġewx prelevati	Iva	ID 1.1.7.3
		Le	# 46
46	Fluss 'il barra ppjanat relatat mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid għall-konsumaturi jew għall-operaturi?	Iva	ID 1.1.7.6
		Le	# 47
47	Karti tal-kreditu?	Iva	ID 1.1.7.4
		Le	# 48
48	Self kurrenti?	Iva	ID 1.1.7.5
		Le	# 49
49	Derivattivi pagabbli?	Iva	ID1.1.7.7
		Le	# 50
50	Hemm obbligi oħrajn barra l-karta bilanċjali jew obbligi ta' finanzjament kontinġenti?	Iva	ID1.1.7.1
		Le	ID 1.1.7.9

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
51	Titolu ta' dejn diġà rapportat fl-entrata 1.1.8.2 ta' C 73.00?	Iva	**Tirrapportax**
		Le	# 52
52	Rekwiżit tal-likwidità għal derivattivi f'konformità mal-Artikolu 30.4 tad-DA diġà kkunsidrat fil-mistoqsija # 29?	Iva	**Tirrapportax**
		Le	Alloka fl-entrati rilevanti tal-ID 1.1.5

1.3. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	**Ammont** 1.1. **. Struzzjonijiet speċifiċi dwar tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti:** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-bilanċ pendenti ta' diversi kategoriji ta' obbligazzjonijiet u impenji barra l-karta bilanċjali kif speċifikat fl-Artikoli 22 sa 31 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti f'kull kategorija ta' flussi 'l barra, l-ammont ta' kull entrata rapportat fil-Kolonna 010 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV għandu jkun innettjat billi jitnaqqas l-ammont rilevanti ta' influss interdipendenti skont l-Artikolu 26. 1.2. **Struzzjonijiet dwar għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali:** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-bilanċ pendenti tal-obbligazzjonijiet li jirrappreżentaw l-komponent ta' flus tat-tranżazzjoni garantita skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
020	**Valur tas-suq tal-kollateral estiż** Struzzjonijiet dwar għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali: Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' kollateral estiż li huwa kkalkolat bħala l-valur tas-suq attwali gross bil-haircut u nett mill-flussi li jirriżultaw mill-istralċ tal-ħeġġijiet assoċjati (skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin: — Fejn istituzzjoni ta' kreditu tista' tirrikonoxxu biss parti mill-ishma tagħha f'munita barranija, jew assi f'muniti barranin ta' gvern ċentrali jew ta' bank, jew assi fil-munita domestika ta' gvern ċentrali jew bank ċentrali fl-HQLA tagħhom, il-parti rikonoxxibbli biss għandha tiġi rrapportata fir-ringieli tal-assi tal-Livelli 1, tal-Livell 2 A u tal-Livell 2B, f'konformità mal-punti (ii) tal-punt (c) tal-Artikolu 12(1) u mal-punt (d) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Fejn l-assi partikolari jintuża bħala kollateral iżda f'ammont li huwa ikbar mill-porzjon li jista' jiġi rikonoxxut f'assi likwidi, l-ammont eċċessiv għandu jkun irrapportat fis-sezzjoni tal-mhux likwidi; — Assi tal-Livell 2 A għandhom ikunu rrapportati fir-ringiela tal-assi L2 A korrispondenti, anki jekk ikun qed jiġi segwit l-Approċċ Alternattiv ta' Likwidità (jiġifieri ċċaqlaqx L2 A lejn L1 fir-rapportar tat-tranżazzjoni garantita).
030	**Valur tal-kollateral estiż skont l-Artikolu 9** Struzzjonijiet dwar għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali: L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-valur tal-kollateral estiż skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Dan jiġi kkalkolat billi wieħed jimmultiplika l-Kolonna 020 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV bil-ponderazzjoni/il-haircut applikabbli mill-formula C 72.00 tal-Anness XXIV korrispondenti għat-tip ta' assi. Il-Kolonna 030 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV tintuża fil-kalkolu tal-ammont aġġustat tal-assi likwidi fil-formula C 76.00 tal-Anness XXIV.

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
040	**Ponderazzjoni Standard** L-Artikoli 24 sa 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Il-ponderazzjoniijiet standard fil-Kolonna 040 huma dawk speċifikati b'mod prestabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u huma pprovduti għall-informazzjoni biss.
050	**Ponderazzjoni Applikabbli** Kemm garantiti kif ukoll mhux garantiti: L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-ponderazzjoniijiet applikabbli. Dawn il-ponderazzjoniijiet huma dawk speċifikati fl-Artikoli 22 sa 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriżultaw f'valuri medji ponderati u għandhom ikunu rrapportati f'termini deċimali (jiġifieri 1,00 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 100 fil-mija, jew 0,50 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 50 fil-mija). Il-ponderazzjoniijiet applikabbli jistgħu jirriflettu, iżda mhumiex biss limitati għal, diskrezzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija u nazzjonali.
060	**Fluss 'il barra** Kemm garantiti kif ukoll mhux garantiti: L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra. Dawk il-flussi 'l barra jiġu kkalkolati bil-multiplikazzjoni tal-Kolonna 010 C 73.00 tal-Anness XXIV bil-Kolonna 050 C 73.00 tal-Anness XXIV.

1.4. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	1. **FLUSSI 'L BARRA** Il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar il-flussi 'l barra skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
020	1.1. **Flussi 'l barra minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti** L-Artikoli 20 sa 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dwar il-flussi 'l barra skont l-Artikoli 21 sa 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, bl-eċċezzjoni tal-flussi 'l barra skont l-Artikolu 28(3) u (4) ta' dak ir-Regolament Delegat.
030	1.1.1. **Depożiti fil-livell tal-konsumatur** L-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar id-depożiti fil-livell tal-konsumatur kif definit fl-Artikolu 411(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 575/2013. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll jirrapportaw fil-kategorija xierqa tad-depożiti fil-livell tal-konsumatur l-ammont tan-noti, bonds u titoli oħrajn maħruġin li jinbiegħu b'mod esklussiv fis-suq tal-konsumatur u miżmuma f'kont fil-livell tal-konsumatur, kif imsemmi fl-Artikolu 28(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Għal din il-kategorija ta' obbligazzjonijiet l-istituzzjonijiet ta' kreditu se jikkunsidraw ir-rati ta' flussi 'l barra applikabbli previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għall-kategoriji differenti ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw bħala ponderazzjoni applikabbli l-medja tal-ponderazzjonijiet applikabbli rilevanti għal dawn id-depożiti.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
035	1.1.1.1. **depożiti eżenti mill-kalkolu tal-flussi 'l barra** L-Artikolu 25(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dawk il-kategoriji ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur eżentati mill-kalkolu tal-flussi 'l barra jekk il-kundizzjonijiet tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 25(4) ikunu ġew issodisfati.
040	1.1.1.2. **depożiti fejn il-ħlas ikun ġie miftiehem fi żmien it-30 jum sussegwenti** L-Artikolu 25(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Meta jkun ġie miftiehem il-ħlas l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-depożiti b'maturità residwali ta' inqas minn 30 jum.
050	1.1.1.3. **depożiti soġġetti għal flussi 'l barra ogħla** L-Artikoli 25(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-bilanċ sħiħ tad-depożiti soġġetti għal rati ta' fluss 'il barra ogħla skont l-Artikolu 25(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Dawk id-depożiti fil-livell tal-konsumatur fejn il-valutazzjoni taħt l-Artikolu 25(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għall-kategorizzazzjoni tagħhom ma tkunx saret jew ma tkunx tlestiet ukoll għandhom ikunu rrapportati hawnhekk.
060	1.1.1.3.1. **Kategorija 1** L-Artikolu 25(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti kollu ta' kull depożitu fil-livell tal-konsumatur li jissodisfa l-kriterji fil-punt (a) jew tnejn mill-kriterji fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, sakemm dawn id-depożiti ma jkunux ittieħdu f'pajjiżi terzi fejn jiġi applikat fluss 'il barra ogħla skont l-Artikolu 25(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, f'liema każ għandhom jiġu rrapportati f'din il-kategorija tal-aħħar. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw bħala ponderazzjoni applikabbli l-medja tar-rati, kemm dawk ir-rati standard previsti b'mod prestabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 25(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jew oħrajn ogħla jekk applikati minn awtorità kompetenti, li ġew applikati b'mod effettiv fuq l-ammont sħiħ ta' kull depożitu msemmi fil-paragrafu preċedenti u ponderat bl-ammonti korrispondenti ċċitati.
070	1.1.1.3.2. **Kategorija 2** L-Artikolu 25(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti kollu ta' kull depożitu fil-livell tal-konsumatur li jissodisfa l-kriterji fil-punt (a) tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u mill-inqas kriterju ieħor imsemmi fl-Artikolu 25(2) jew tliet kriterji jew iktar tal-Artikolu 25(2) sakemm dawn id-depożiti ma jkunux ittieħdu f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss 'il barra ogħla skont l-Artikolu 25(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, f'liema każ għandhom jiġu rrapportati f'din il-kategorija tal-aħħar. Dawk id-depożiti fil-livell tal-konsumatur fejn il-valutazzjoni taħt l-Artikolu 25(2) għall-kategorizzazzjoni tagħhom ma tkunx saret jew ma tkunx tlestiet ukoll għandhom ikunu rrapportati hawnhekk. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw bħala ponderazzjoni applikabbli l-medja tar-rati, kemm dawk ir-rati standard previsti b'mod pristabbilit fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 25 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jew oħrajn ogħla jekk applikati minn awtorità kompetenti, li ġew applikati fuq l-ammont sħiħ ta' kull depożitu msemmi fil-paragrafi preċedenti u ponderat bl-ammonti korrispondenti ċċitati.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
080	1.1.1.4. **depożiti stabbli** L-Artikolu 24 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tal-ammonti ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz u li jew hija parti minn relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli jew miżmuma f'kont tranżazzjonali skont l-Artikolu 24 (2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 rispettivament u fejn: — Dawk id-depożiti ma jissodisfawx il-kriterji għal rata ta' fluss 'il barra ogħla stabbiliti fl-Artikolu 25(2), (3) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'liema każ dawn għandhom ikunu rrapportati bħala depożiti soġġetti għal flussi 'l barra ogħla; jew — Dawk id-depożiti ma ttiħdux f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss 'il barra ogħla skont l-Artikolu 25(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, f'liema każ għandhom ikunu rrapportati f'din il-kategorija; — Id-deroga speċifikata fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 mhijiex applikabbli.
090	1.1.1.5. **Depożiti stabbli derogati** L-Artikolu 24(4) u (6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tal-ammonti ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE sa livell massimu ta' EUR 100,000 u li hija parti minn relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli jew li hija miżmuma f'kont tranżazzjonali skont l-Artikolu 24(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 rispettivament u fejn: Dawk id-depożiti ma jissodisfawx il-kriterji għal rata ta' fluss 'il barra ogħla stabbiliti fl-Artikolu 25(2), (3) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'liema każ dawn għandhom ikunu rrapportati bħala depożiti soġġetti għal flussi 'l barra ogħla; jew — Dawk id-depożiti ma ttiħdux f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss 'il barra ogħla skont l-Artikolu 25(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'liema każ għandhom ikunu rrapportati f'din il-kategorija; — Tapplika d-deroga prevista fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
100	1.1.1.6. **depożiti f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss 'il barra ogħla** L-Artikolu 25(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur meħudin f'pajjiż terz fejn fluss 'il barra ogħla huwa applikat skont il-liġi nazzjonali li tistabbilixxi rekwiżiti ta' likwidità f'dak il-pajjiż terz.
110	1.1.1.7. **depożiti oħrajn fil-livell tal-konsumatur** L-Artikolu 25(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' depożiti oħrajn fil-livell tal-konsumatur minn dawk koperti fl-entrati preċedenti.
120	1.1.2. **Depożiti operazzjonali** L-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tad-depożiti operazzjonali ddeterminati skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, li huma meħtieġa għall-provvista ta' servizzi operazzjonali. Depożiti li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-provvista ta' servizzi ta' senserija primarja għandhom jitqiesu bħala depożiti mhux operazzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-parti tad-depożiti operazzjonali li taqbeż l-ammont meħtieġ għall-provvista ta' servizzi operazzjonali ma għandhiex tiġi rrapportata hawnhekk iżda għandha tiġi rrapportata skont l-id 1.1.3.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
130	1.1.2.1. **miżmumin għall-ikklerjar, il-kustodja, l-immaniġġjar ta' flus jew servizzi oħrajn komparabbli fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita** Il-punt (a) tal-Artikolu 27(1), l-Artikolu 27(2) u (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dwar id-depożiti miżmumin mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar, kustodja jew ta' mmaniġġjar tal-flus jew servizzi komparabbli oħrajn fil-kuntest ta' relazzjoni stabbilita, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, li huma ta' importanza kritika għad-depożitant kif imsemmi fl-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61; fondi li jaqbżu dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali għandhom jiġu ttrattati bħala depożiti mhux operazzjonali kif imsemmi fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Għandhom jiġu rrapportati biss id-depożiti li jkollhom limitazzjonijiet legali jew operazzjonali sinifikanti li minħabba fihom ikun mhux probabbli li jsiru prelevamenti sinifikanti fi żmien 30 jum tal-kalendarju, kif imsemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw b'mod separat, l-ammont ta' dawk id-depożiti koperti u mhux koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti ta' pajjiż terz li jissemmew fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, kif speċifikat fl-entrati tal-istruzzjonijiet li ġejjin.
140	1.1.2.1.1. **koperti minn SGD (Skema ta' Garanzija tad-Depożiti)** Il-punt (a) tal-Artikolu 27(1), l-Artikolu 27(2) u (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw is-sehem tal-bilanċ pendenti ta' depożiti operazzjonali miżmumin fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u li huwa kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE, jew id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz.
150	1.1.2.1.2. **mhux koperti minn SGD** Il-punt (a) tal-Artikolu 27(1), l-Artikolu 27(2) u (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw is-sehem tal-bilanċ pendenti ta' depożiti operazzjonali fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u li mhuwiex kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE, jew id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz.
160	1.1.2.2. **miżmumin fil-kuntest ta' IPS (Institutional Protection Scheme — Skema ta' Protezzjoni Istituzzjonali) jew netwerk kooperattiv** Il-punt (b) tal-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar depożiti miżmumin fil-kuntest ta' qsim ta' kompiti komuni fi ħdan skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fi ħdan grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu kooperattivi affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(6) tal-istess Regolament, jew bħala depożitu minimu legali jew stabbilit kuntrattwalment minn istituzzjoni ta' kreditu oħra li hija Membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali jew netwerk kooperattiv, kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dawk id-depożiti f'ringieli differenti skont jekk humiex ittrattati bħala assi likwidi mill-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti jew le, skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
170	1.1.2.2.1 **mhux ittrattati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni depożitanti** Il-punt (b) tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miżmumin fil-kuntest ta' netwerk kooperattiv jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali skont il-kriterji stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, dment li dawn id-depożiti ma jkunux rikonoxxuti bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti.
180	1.1.2.2.2 **ittrattati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti** Il-punt (b) tal-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw depożiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali li huma kkunsidrati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' dawn id-depożiti sal-ammont tal-assi likwidi korrispondenti wara l-haircut, kif stabbilit fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
190	1.1.2.3. **miżmumin fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita (oħra) ma' klijenti mhux finanzjarji** Il-punt (c) tal-Artikolu 27(1), l-Artikolu 27(4) u (6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miżmumin minn konsumatur mhux finanzjarju fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita għajr dik imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, u soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 27(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Għandhom jiġu rrapportati biss dawk id-depożiti li jkollhom limitazzjonijiet legali jew operazzjonali sinifikanti li minħabba fihom ikun mhux probabbli li jsiru prelevamenti sinifikanti fi żmien 30 jum tal-kalendarju kif imsemmija fl-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
200	1.1.2.4 **miżmumin sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar tal-flus u dawk ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali fi ħdan netwerk** Il-punt (d) tal-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miżmumin mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar tal-flus u ta' istituzzjoni ċentrali, u meta l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tappartjeni għal wieħed min-netwerks jew waħda mill-iskemi msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Dawk is-servizzi ta' kklerjar ta' flus u ta' istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jkopru biss dawk is-servizzi sakemm jingħataw fil-kuntest ta' relazzjoni stabbilita li hija ta' importanza kritika għad-depożitant kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61; fondi li jaqbżu dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali għandhom jiġu ttrattati bħala depożiti mhux operazzjonali kif imsemmi fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61). Għandhom jiġu rrapportati biss dawk id-depożiti li jkollhom limitazzjonijiet legali jew operazzjonali sinifikanti li minħabba fihom ikun mhux probabbli li jsiru prelevamenti sinifikanti fi żmien 30 jum tal-kalendarju kif imsemmija fl-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
203	1.1.3 **Depożiti operazzjonali eċċessi** L-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tad-depożiti operazzjonali li tkun ogħla minn dawk meħtieġa għall-provvista ta' servizzi operazzjonali.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
204	1.1.3.1 **depożiti minn klijenti finanzjarji** L-Artikoli 27(4) u 31a(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tad-depożiti operazzjonali minn klijenti finanzjarji li jaqbżu dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
205	1.1.3.2 **depożiti minn klijenti oħrajn** L-Artikoli 27(4) u 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tad-depożiti operazzjonali minn klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji, u eskluż depożiti fil-livell tal-konsumatur, li jaqbżu dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali kif imsemmi fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Dawn id-depożiti operazzjonali eċċessi għandhom ikunu rrapportati f'żewġ ringieli differenti skont jekk l-ammont sħiħ tad-depożitu operazzjonali eċċess huwiex kopert (minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti ta' pajjiż terz).
206	1.1.3.2.1 **koperti minn SGD** L-Artikoli 27(4) u 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont sħiħ tal-bilanċ pendenti ta' dawn id-depożiti operazzjonali eċċessi miżmumin minn konsumaturi oħrajn jekk dak l-ammont sħiħ ikun kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/48/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
207	1.1.3.2.2 **mhux koperti minn SGD** L-Artikoli 27(4) u 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont sħiħ tal-bilanċ pendenti ta' dawn id-depożiti operazzjonali eċċessi miżmumin minn konsumaturi oħrajn jekk dak l-ammont sħiħ ma jkunx kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/48/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
210	1.1.4. **Depożiti mhux operazzjonali** L-Artikoli 27(5), 28(1) u 31(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar depożiti mhux garantiti msemmija fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u dawk li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-forniment ta' servizzi ta' senserija primarja kif imsemmi fl-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw b'mod separat, bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-forniment ta' servizzi ta' senserija primarja kif imsemmi fl-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, id-depożiti mhux operazzjonali koperti u mhux koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti ta' pajjiż terz, kif speċifikat fl-entrati li ġejjin tal-istruzzjonijiet. Il-parti tad-depożiti operazzjonali li taqbeż dawk meħtieġa għall-provvista ta' servizzi operazzjonali ma għandhiex tiġi rrapportata hawnhekk iżda għandha tiġi rrapportata skont l-id 1.1.3.
220	1.1.4.1. **depożiti bankarji korrispondenti u depożiti ta' senserija primarja** L-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-forniment ta' servizzi ta' senserija primarja kif imsemmija fl-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
230	1.1.4.2. **depożiti minn klijenti finanzjarji** L-Artikolu 31a(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miżmumin minn klijenti finanzjarji diment li ma jkunux ikkunsidrati bħala depożiti operazzjonali skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
240	1.1.4.3. **depożiti minn klijenti oħrajn** L-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dwar id-depożiti miżmumin minn konsumaturi oħrajn (minbarra klijenti finanzjarji u konsumaturi kkunsidrati għad-depożiti fil-livell tal-konsumatur) kif imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, sa fejn dawk id-depożiti ma jkunux ikkunsidrati bħala depożiti operazzjonali skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Dawk id-depożiti għandhom ikunu rrapportati f'żewġ ringieli differenti skont jekk l-ammont sħiħ tad-depożitu huwiex kopert (minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti ta' pajjiż terz).
250	1.1.4.3.1. **koperti minn SGD** L-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont sħiħ tal-bilanċ pendenti ta' dawn id-depożiti miżmumin minn konsumaturi oħrajn jekk dak l-ammont sħiħ ikun kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/48/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
260	1.1.4.3.2. **mhux koperti minn SGD** L-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont sħiħ tal-bilanċ pendenti ta' dawn id-depożiti miżmumin minn konsumaturi oħrajn jekk dak l-ammont sħiħ ma jkunx kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/48/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
270	1.1.5. **Flussi 'l barra addizzjonali** L-Artikolu 30 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-flussi 'l barra addizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Depożiti riċevuti bħala kollateral, kif imsemmi fl-Artikolu 30(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, m'għandhomx jitqiesu bħala obbligazzjonijiet għall-finijiet tal-Artikolu 24, 25, 27 jew 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, iżda għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 30(1) sa (6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, fejn applikabbli.
280	1.1.5.1. **kollateral għajr assi tal-Livell 1 iddepożitati għal derivattivi** L-Artikolu 30(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' kollateral ieħor għajr tal-Livell 1 li huwa depożitat għall-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u derivattivi ta' kreditu.
290	1.1.5.2. **kollateral ta' assi ta' Bonds Koperti EHQ tal-Livell 1 iddepożitati għal derivattivi** L-Artikolu 30(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' kollateral ta' Bonds Koperti EHQ tal-Livell 1 li huwa depożitati għall-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u derivattivi ta' kreditu.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
300	1.1.5.3. **flussi 'l barra materjali dovuti għad-degradazzjoni fil-kwalità kreditizja proprja** L-Artikolu 30(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' flussi 'l barra addizzjonali li kkalkolaw u nnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Jekk ammont soġġett għal fluss 'il barra minħabba deterjorament fil-kwalità kreditizja proprja jkun ġie rrapportat xi mkien ieħor f'ringiela b'inqas minn ponderazzjoni ta' 100 %, allura għandu jkun irrapportat ukoll ammont fir-Ringiela 300 b'mod li s-somma tal-flussi 'l barra tkun ta' 100 % tal-fluss 'il barra għat-tranżazzjoni.
310	1.1.5.4. **l-impatt ta' xenarju negattiv tas-suq fuq tranżazzjonijiet ta' derivattivi** L-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont ta' flussi 'l barra skont ir-Regolament Delegat (UE) 2017/208.
340	1.1.5.5. **flussi 'l barra minn derivattivi** L-Artikolu 30(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' flussi 'l barra mistennija fuq perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju mill-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 575/2013 u minn derivattivi ta' kreditu kkalkolat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Għall-każijiet ta' rapportar f'munita separata, skont l-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li għandhom jirrapportaw flussi 'l barra li jseħħu biss fil-munita sinifikanti rispettiva. In-nettjar skont il-kontroparti jista' jiġi applikat biss għall-flussi f'dik il-munita, pereżempju Kontroparti A: EUR+10 u Kontroparti A: EUR-20 għandhom ikunu rrapportati bħala fluss 'il barra ta' EUR 10. Ma jistax isir nettjar bejn il-kontropartijiet, pereżempju Kontroparti A: EUR- 10, Kontroparti B: EUR+40 għandu jiġi rrapportat bħala fluss 'il barra ta' EUR 10 f'C73.00 (u influss ta' EUR 40 f'C74.00).
350	1.1.5.6. **pożizzjonijiet bin-nieqes** L-Artikolu 30(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha pożizzjoni bin-nieqes li tkun koperta minn teħid b'self ta' titolu mhux garantit, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha żżid fluss 'il barra addizzjonali li jkun jikkorrispondi għal 100 % tal-valur tas-suq tat-titoli jew ta' assi oħrajn mibjugħa bin-nieqes, sakemm it-termini li fuqhom ikunu meħuda b'self mill-istituzzjoni ta' kreditu ma jkunux jirrikjedu r-ritorn tagħhom biss wara 30 jum kalendarju. Jekk il-pożizzjoni bin-nieqes tkun koperta minn tranżazzjoni ta' finanzjament ta' titoli kollateralizzati, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tassumi li l-pożizzjoni bin-nieqes se tinżamm matul il-perjodu ta' 30 jum kalendarju u tirċievi fluss 'il barra ta' 0 %.
360	1.1.5.6.1. **koperti minn SFT (tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli) kollateralizzati** L-Artikolu 30(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' titoli jew assi oħrajn mibjugħin bin-nieqes li huma koperti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli kollateralizzati u li għandhom jiġu kkonsenjati fi żmien 30 jum tal-kalendarju sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx isselfithom b'termini li jeħtieġu r-ritorn tagħhom biss wara perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju.
370	1.1.5.6.2. **oħrajn** L-Artikolu 30(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' titoli jew assi oħrajn mibjugħin bin-nieqes minbarra dawk li huma koperti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli kollateralizzati u li għandhom jiġu kkonsenjati fi żmien 30 jum tal-kalendarju sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx isselfithom b'termini li jeħtieġu r-ritorn tagħhom biss wara perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
380	1.1.5.7. **kollateral żejjed eżerċitabbli** Il-punt (a) tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq tal-kollateral eċċessiv li l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha, li jista' jissejjaħ kuntrattwalment fi kwalunkwe ħin mill-kontroparti.
390	1.1.5.8. **kollateral dovut** Il-punt (b) tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq tal-kollateral li huwa dovut li jrid jingħata lil kontroparti fi żmien 30 jum tal-kalendarju.
400	1.1.5.9. **kollateral ta' assi likwidi skambjabbli ma' assi mhux likwidi** Il-punt (c) tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq tal-kollateral li jikkwalifika bħala assi likwidi għall-finijiet tat-Titolu II li jistgħu jiġu sostitwiti għall-assi li jikkorrispondu għal assi li ma jkunux jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tat-Titolu II mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni.
410	1.1.5.10. **telf ta' finanzjament fuq attivitajiet ta' finanzjament strutturati** L-Artikolu 30(8) sa 30(10) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jassumu fluss 'il barra ta' 100 % għal telf ta' finanzjament minn titoli garantiti b'assi, bonds koperti u strumenti oħrajn ta' finanzjament strutturati li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju maħruġin mill-istituzzjoni ta' kreditu jew minn veikoli jew SPVs sponsorjati. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma fornituri ta' faċilitajiet ta' likwidità assoċjati ma għandhomx bżonn li jgħoddu darbtejn l-istrument ta' finanzjament maturat u l-faċilità ta' likwidità għall-programmi konsolidati.
420	1.1.5.10.1. **strumenti ta' finanzjament strutturati** L-Artikolu 30(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont pendenti attwali ta' obbligazzjonijiet proprji jew obbligazzjonijiet ta' veikoli sponsorjati jew SPVs minn titoli garantiti b'assi, bonds koperti u strumenti oħrajn ta' finanzjament strutturati li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju.
430	1.1.5.10.2. **faċilitajiet ta' finanzjament** L-Artikolu 30(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont maturat ta' obbligazzjonijiet minn karti kummerċjali, veikoli, veikoli ta' investiment tat-titoli garantiti b'assi u faċilitajiet oħrajn ta' finanzjament bħal dawn, diment li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tal-istrumenti definiti fl-entrata 1.1.5.10.1., jew l-ammont tal-assi li potenzjalment jistgħu jiġu rritornati jew għal-likwidità meħtieġa fl-ambitu ta' dawk l-istrumenti. Il-finanzjament kollu fuq karti kummerċjali, veikoli, veikoli ta' investiment tat-titoli garantiti b'assi u faċilitajiet oħrajn ta' finanzjament bħal dawn li jimmaturaw jew li jistgħu jiġu rritornati fi żmien 30 jum. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li għandhom faċilitajiet ta' finanzjament strutturati li jinkludu l-ħruġ ta' strumenti ta' dejn fuq żmien qasir, bħal karti kummerċjali garantiti b'assi, għandhom jirrapportaw il-flussi 'l barra potenzjali tal-likwidità minn dawn l-istrutturi. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal (i) l-inabbiltà li dejn li jimmatura jiġi rifinanzjat, u (ii) l-eżistenza ta' derivattivi jew komponenti simili għal derivattivi miktubin b'kuntratt fid-dokumentazzjoni assoċjata mal-istruttura li tippermetti r-'ritorn' ta' assi f'arranġament ta' finanzjament, jew li jeħtieġu lil min jittrasferixxi l-assi oriġinali jipprovdi likwidità, u b'ħekk itemm b'mod effettiv l-arranġament ta' finanzjament ('puts ta' likwidità') fi żmien il-perjodu ta' 30 jum. Meta l-attivitajiet ta' finanzjament strutturat isiru permezz ta' entità bi skop speċjali (bħal veikolu bi skop speċjali, veikolu jew SIV), meta tiddetermina r-rekwiżiti tal-HQLA, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tirreferi għall-maturità tal-istrumenti tad-dejn maħruġin mill-entità u għal kwalunkwe opzjoni inkorporata f'arranġamenti ta' finanzjament li jistgħu potenzjalment jiskattaw ir-'ritorn' ta' assi jew il-ħtieġa għal-likwidità, irrispettivament minn jekk l-SPV huwiex konsolidat jew le.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
450	1.1.5.11. **in-nettjar intern tal-pożizzjonijiet ta' klijenti** L-Artikolu 30(12) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq tal-assi mhux likwidi ta' klijent li, fir-rigward tas-servizzi ta' senserija primarja, l-istituzzjoni ta' kreditu tkun użat biex tkopri l-bejgħ bin-nieqes ta' klijent ieħor billi tqabbilhom internament.
460	1.1.6. **Faċilitajiet impenjati** L-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar il-flussi 'l barra kif definit fl-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk ukoll dwar il-faċilitajiet impenjati skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-ammont massimu li jista' jiġi prelevat għandu jkun ivvalutat skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
470	1.1.6.1. **faċilitajiet ta' kreditu** Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dwar faċilitajiet ta' kreditu impenjati kif definit fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
480	1.1.6.1.1. **lil klijenti fil-livell tal-konsumaturi** L-Artikolu 31(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lill-klijenti fil-livell tal-konsumaturi kif definit fl-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
490	1.1.6.1.2. **lil klijenti mhux finanzjarji minbarra klijenti fil-livell tal-konsum** L-Artikolu 31(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lil klijenti li la huma klijenti finanzjarji skont l-Artikolu 411(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u lanqas klijenti fil-livell tal-konsumaturi skont l-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li ma jkunux ġew ipprovduti għall-iskop li jiġi sostitwit il-finanzjament tal-klijent f'sitwazzjonijiet fejn il-klijent ma jkunx jista' jikseb ir-rekwiżiti ta' finanzjament fis-swieq finanzjarji.
500	1.1.6.1.3. **lill-istituzzjonijiet ta' kreditu** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar il-faċilitajiet ta' kreditu impenjati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu.
510	1.1.6.1.3.1. **għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' klijenti fil-livell tal-konsumaturi** L-Artikolu 31(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal konsumaturi skont l-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
520	1.1.6.1.3.2. **għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' klijenti mhux finanzjarji** L-Artikolu 31(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal klijenti li la huma klijenti finanzjarji skont l-Artikolu 411(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u lanqas klijenti fil-livell tal-konsumaturi skont l-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.
530	1.1.6.1.3.3. **oħrajn** Il-punt (a) tal-Artikolu 31(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għajr dawk irrapportati hawn fuq.
540	1.1.6.1.4. **lil istituzzjonijiet finanzjari rregolati minbarra lill-istituzzjonijiet ta' kreditu** Il-punt (a) tal-Artikolu 31(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux miġbura pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għajr l-istituzzjonijiet ta' kreditu.
550	1.1.6.1.5. **fi ħdan grupp jew IPS jekk soġġetti għal trattament preferenzjali** L-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati u li għalihom għandhom permess japplikaw rata ta' fluss 'il barra iktar baxxa skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
560	1.1.6.1.6. **f'IPS jew netwerk kooperattiv jekk trattati bħala assi likwidi mill-istituzzjoni depożitanti** L-Artikolu 31(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Istituzzjonijiet ċentrali ta' skema jew netwerk imsemmija fl-Artikolu 16 għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lil istituzzjoni ta' kreditu membru fejn tali istituzzjoni ta' kreditu membru tista' tittratta l-faċilità bħala assi likwidu skont l-Artikolu 16(2).
570	1.1.6.1.7. **lil klijenti finanzjarji oħrajn** Il-punt (c) tal-Artikolu 31(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati minbarra dawk irrapportati hawn fuq lil klijenti finanzjarji oħrajn.
580	1.1.6.2. **faċilitajiet ta' likwidità** L-Artikolu 31(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dwar faċilitajiet ta' likwidità impenjati kif definit fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
590	1.1.6.2.1. **lil klijenti fil-livell tal-konsumaturi** L-Artikolu 31(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati lill-klijenti fil-livell tal-konsumaturi kif definit fl-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
600	1.1.6.2.2. **lil klijenti mhux finanzjarji minbarra klijenti fil-livell tal-konsumaturi** L-Artikolu 31(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati lil klijenti li la huma klijenti finanzjarji skont l-Artikolu 411(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u lanqas klijenti fil-livell tal-konsumaturi skont l-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
610	1.1.6.2.3. **lil kumpaniji ta' investiment personali** L-Artikolu 31(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammonti massimi li jistgħu jiġu prelevati minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lil kumpaniji ta' investiment privat.
620	1.1.6.2.4. **lil SSPEs (veikolu bi skop speċjali ta' titolizzazzjoni)** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar faċilitajiet ta' likwidità impenjati pprovduti lil SSPEs.
630	1.1.6.2.4.1. **għax-xiri ta' assi għajr it-titoli mingħand klijenti mhux finanzjarji** L-Artikolu 31(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lil SSPE bil-għan li jippermetti lit-tali SSPE tixtri assi, għajr titoli mingħand klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji, sal-punt li jaqbeż l-ammont ta' assi attwalment mixtrija mingħand il-klijenti u meta l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat ikun kuntrattwalment limitat għall-ammont ta' assi attwalment mixtrija.
640	1.1.6.2.4.2. **oħrajn** Il-punt (b) tal-Artikolu 31(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lil SSPEs għal raġunijiet oħrajn għajr dawk imsemmija hawn fuq. Dan jinkludi arranġamenti li taħthom l-istituzzjoni hija meħtieġa tixtri jew tiswappja assi minn SSPE.
650	1.1.6.2.5. **lill-istituzzjonijiet ta' kreditu** Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dwar faċilitajiet ta' likwidità impenjati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu.
660	1.1.5.2.5.1. **għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' klijenti fil-livell tal-konsumaturi** L-Artikolu 31(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal konsumaturi skont l-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
670	1.1.6.2.5.2. **għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' klijenti mhux finanzjarji** L-Artikolu 31(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal klijenti li la huma klijenti finanzjarji skont l-Artikolu 411(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u lanqas klijenti fil-livell tal-konsumaturi skont l-Artikolu 411(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.
680	1.1.6.2.5.3. **oħrajn** Il-punt (a) tal-Artikolu 31(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovdut lill-istituzzjonijiet ta' kreditu mhux imsemmija hawn fuq.
690	1.1.6.2.6. **fi ħdan grupp jew IPS jekk soġġetti għal trattament preferenzjali** L-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati u li għalihom għandhom permess japplikaw rata ta' fluss 'il barra iktar baxxa skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
700	1.1.6.2.7. **f'IPS jew netwerk kooperattiv jekk trattati bħala assi likwidi mill-istituzzjoni depożitanti** L-Artikolu 31(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Istituzzjonijiet ċentrali ta' skema jew netwerk imsemmija fl-Artikolu 16 għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lil istituzzjoni ta' kreditu membru fejn tali istituzzjoni ta' kreditu membru tista' tittratta l-faċilità bħala assi likwidu skont l-Artikolu 16(2).
710	1.1.6.2.8. **lil klijenti finanzjarji oħrajn** Il-punt (c) tal-Artikolu 31(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati minbarra dawk irrapportati hawn fuq lil klijenti finanzjarji oħrajn.
720	1.1.7. **Prodotti u servizzi oħra** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar dawk il-prodotti jew servizzi msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn dawk il-prodotti jew servizzi msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-ponderazzjoni applikabbli li għandha tiġi rrapportata għandha tkun il-ponderazzjoni kif iddeterminata mill-awtoritajiet kompetenti skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
731	1.1.7.1. **Faċilitajiet ta' finanzjament mhux impenjati** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' faċilitajiet ta' finanzjament mhux impenjati msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-garanziji ma għandhomx jiġu rrapportati f'din ir-ringiela

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
740	1.1.7.2. **self u avvanzi mhux prelevati lil kontropartijiet fil-livell ta' operatur** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' self u avvanzi mhux prelevati lil kontropartijiet fil-livell ta' operatur msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
750	1.1.7.3 **self ipotekarju li ġie miftiehem iżda li għadu mhux prelevat** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' self ipotekarju li ġie miftiehem iżda li għadu mhux prelevat imsemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
760	1.1.7.4. **karti tal-kreditu** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' karti ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
770	1.1.7.5. **self kurrenti** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' overdrafts msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
780	1.1.7.6. **flussi 'l barra ppjanati relatati mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid għall-konsumaturi jew għall-operaturi** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont flussi 'l barra ippjanati relatati mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid għall-konsumaturi jew għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
850	1.1.7.7. **Derivattivi pagabbli** L-Artikolu 23 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' pagabbli derivattivi, għajr il-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 575/2013 u derivattivi ta' kreditu, imsemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
860	1.1.7.8. **prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ barra l-karta bilanċjali** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-prodotti jew is-servizzi relatati mal-prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ barra l-karta bilanċjali msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
870	1.1.7.9. **oħrajn** L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' prodotti jew servizzi oħrajn minbarra dawk imsemmija hawn fuq fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Garanziji, fost affarijiet oħra, għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela. Il-flussi 'l barra kontinġenti dovuti għal skattaturi ta' deklassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
885	1.1.8. **Obbligazzjonijiet oħra u impenji dovuti** L-Artikolu 28(2) u (6) u l-Artikolu 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-flussi 'l barra minn obbligazzjonijiet oħra u impenji dovuti kif previst fl-Artikolu 28(2) u (6) u l-Artikolu 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Din l-entrata għandha tinkludi wkoll, fejn meħtieġ, bilanċi addizzjonali li huma meħtieġa jinżammu f'riżervi tal-bank ċentrali fejn ikun miftiehem bejn l-awtorità kompetenti rilevanti u l-BĊE jew il-bank ċentrali skont il-punt (iii) tal-punt (b) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
890	1.1.8.1. **obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn spejjeż operatorji** L-Artikolu 28(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċi pendenti ta' obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-ispejjeż operatorji proprji tal-istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
900	1.1.8.2. **fil-forma ta' titoli ta' dejn jekk mhux ittrattati bħala depożiti fil-livell tal-konsumatur** L-Artikolu 28(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' noti, bonds u titoli oħrajn ta' dejn maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu minbarra dawk irrapportati bħala depożiti fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fl-Artikolu 28(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Dan l-ammont jinkludi wkoll kupuni li jsiru dovuti fit-30 jum tal-kalendarju li jmiss li jirrigwardaw lil dawn it-titoli kollha.
912	1.1.8.4 **Eċċess ta' finanzjament lil klijenti mhux finanzjarji** L-Artikolu 31a(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil klijenti mhux finanzjarji u l-ammont ta' influssi minn dawn il-konsumaturi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 32(3) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.
913	1.1.8.4.1 **eċċess ta' finanzjament lil klijenti fil-livell tal-konsumaturi** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil konsumaturi fil-livell tal-konsumatur u l-ammont ta' influssi minn dawn il-klijenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 32(3) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.
914	1.1.8.4.2 **eċċess ta' finanzjament lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil klijenti korporattivi mhux finanzjarji u l-ammont ta' influssi minn dawn il-klijenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 32(3) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.
915	1.1.8.4.3 **eċċess ta' finanzjament lil sovrani, MLDBs (banek multilaterali tal-iżvilupp) u PSEs (entitajiet mis-settur pubbliku)** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattrwali biex jestendu l-finanzjament lil sovrani, banek multilaterali tal-iżvilupp u entitajiet tas-settur pubbliku u l-ammont ta' influssi minn dawn il-klijenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 32(3) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.
916	1.1.8.4.4 **eċċess ta' finanzjament lil entitajiet legali oħrajn** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil klijenti entitajiet legali oħra u l-ammont ta' influssi minn dawn il-klijenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 32(3) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
917	1.1.8.5 **Assi meħuda b'self fuq bażi mhux garantita** L-Artikolu 28(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-assi meħudin b'self fuq bażi mhux garantita u li jimmaturaw fi żmien 30 jum. Dawn l-assi għandhom jitqiesu li jiġu likwidati bis-sħiħ, u jwasslu għal fluss 'il barra ta' 100 %. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-valur tas-suq tal-assi meħuda b'self fuq bażi mhux garantita u li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju meta l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx sid it-titoli u dawn ma jiffurmawx parti mill-buffer tal-likwidità tal-istituzzjonijiet.
918	1.1.8.6 **Oħrajn** L-Artikolu 31a(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' kwalunkwe obbligazzjoni li ssir dovuta fit-30 jum tal-kalendarju li jmiss minbarra dawk imsemmija fl-Artikoli 24 sa 31 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Din ir-ringiela għandha tinkludi biss kwalunkwe ħruġ ieħor minn tranżazzjonijiet mhux garantiti. Tranżazzjonijiet iggarantiti għandhom jiġu rrapportati taħt l-ID 1.2. fuq 'Flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali' u taħt l-ID 1.3. fuq 'Flussi 'l barra totali minn swaps kollaterali'.
920	1.2. **Flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali** L-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Tranżazzjonijiet ta' swaps kollaterali (li jkopri tranżazzjonijiet kollateral ma' kollateral) għandhom ikunu rrapportati fil-formula C 75.01 tal-Anness XXIV.
930	1.2.1. **Il-kontroparti hija bank ċentrali** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali.
940	1.2.1.1. **kollateral tal-Livell 1 minbarra Bonds koperti EHQ** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa assi tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
945	1.2.1.1.1 **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.1.1 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
950	1.2.1.2. **kollateral ta' Bonds Koperti tal-Livell 1 tal-EHQ** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa assi tal-Livell 1 li huwa bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
955	1.2.1.2.1 **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.1.2 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
960	1.2.1.3. **kollateral tal-livell 2 A** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa assi tal-Livell 2 A u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
965	1.2.1.3.1 **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.1.3 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
970	1.2.1.4. **kollateral ta' titoli garantiti b'assi (residenzjali jew vetturi, CQS1) tal-Livell 2B** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B li huma garantiti b'residenzi jew b'vetturi u tal-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i), (ii) jew (iv) tal-punt (b) tal-Artikolu 13(2) u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
975	1.2.1.4.1 **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.1.4 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
980	1.2.1.5. **bonds koperti tal-livell 2B** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa bonds koperti ta' kwalità għolja tal-Livell 2B li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (e) tal-Artikolu 12(1)(e) u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
985	1.2.1.5.1 **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.1.5 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
990	1.2.1.6. **kollateral ta' titoli garantiti b'assi (kummerċjali jew individwali, Stat Membru, CQS1) tal-Livell 2B** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B li huma garantiti b'self kummerċjali, lokazzjonijiet u faċilitajiet ta' kreditu lil individwi ta' Stat Membru u tal-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (iii) jew (v) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
995	1.2.1.6.1 **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.1.6 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1000	1.2.1.7. **kollateral ta' assi tal-Livell 2B oħrajn** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa assi tal-Livell 2B mhux koperti hawn fuq u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1005	1.2.1.7.1 **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.1.7 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1010	1.2.1.8. **kollateral ta' assi mhux likwidi** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti tkun bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa assi mhux likwidi.
1020	1.2.2. **Il-kontroparti mhijiex bank ċentrali** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali.
1030	1.2.2.1. **kollateral tal-Livell 1 minbarra Bonds koperti EHQ** Il-punt (a) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa assi tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1035	1.2.2.1.1. **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.2.1 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
1040	1.2.2.2. **kollateral ta' Bonds Koperti tal-Livell 1 tal-EHQ** Il-punt (b) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa assi tal-Livell 1 li huwa bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1045	1.2.2.2.1. **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.2.2 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1050	1.2.2.3. **kollateral tal-livell 2 A** Il-punt (c) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 2 A u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1055	1.2.2.3.1. **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.2.3 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1060	1.2.2.4. **kollateral ta' titoli garantiti b'assi (residenzjali jew vetturi, CQS1) tal-Livell 2B** Il-punt (d) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B li huma garantiti b'residenzi jew b'vetturi u tal-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i), (ii) jew (iv) tal-punt (g) tal-Artikolu 13(2) u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1065	1.2.2.4.1. **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.2.4 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1070	1.2.2.5. **bonds koperti tal-livell 2B** Il-punt (e) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa bonds koperti ta' kwalità għolja tal-Livell 2B li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (e) tal-Artikolu 12(1) u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1075	1.2.2.5.1. **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.2.5 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
1080	1.2.2.6. **kollateral ta' titoli garantiti b'assi (kummerċjali jew individwali, Stat Membru, CQS1) tal-Livell 2B** Il-punt (f) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B li huma garantiti b'self kummerċjali, lokazzjonijiet u faċilitajiet ta' kreditu lil individwi ta' Stat Membru u tal-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (iii) jew (v) tal-punt (f) tal-Artikolu 13(2) u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1085	1.2.2.6.1. **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.2.6 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1090	1.2.2.7. **kollateral ta' assi tal-Livell 2B oħrajn** Il-punt (g) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti mhijiex bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 2B mhux koperti hawn fuq u, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet ikun jikkwalifika skont l-Artikoli 7 u 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1095	1.2.2.7.1. **li minnhom il-kollateral estiż jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali** Tranżazzjonijiet fl-entrata 1.2.2.7 fejn il-kollateral, minbarra meta jintuża bħala kollateral għal dawk it-tranżazzjonijiet, jikkwalifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bħala assi likwidu.
1100	1.2.2.8. **kollateral ta' assi mhux likwidi** Il-punt (h) tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi 'l barra minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti ma tkunx bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral ta' assi mhux likwidi.
1130	1.3. **Total ta' flussi 'l barra minn swaps kollaterali** Is-somma ta' flussi 'l barra minn C75.01 tal-Anness XXIV il-Kolonna 0070 għandha tkun irrapportata fil-Kolonna 060.
ENTRATI FIL-MEMORANDUM	
1170	2. **Flussi 'l barra ta' likwidità li jridu jkunu nnettjati b'influssi interdipendenti** L-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-kolonna 010 l-ammont tal-bilanċ pendenti tal-obbligazzjonijiet u l-impenji barra l-karta bilanċjali kollha, li l-flussi 'l barra tal-likwidità tagħhom ġew innettjati mill-influssi interdipendenti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrappurtaw fil-kolonna 060 il-flussi 'l barra li ġew innettjati bl-influssi interdipendenti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	3. **Depożiti operazzjonali miżmumin għall-ikklerjar, il-kustodja l-immaniġġjar tal-flus jew servizzi komparabbli oħrajn fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar id-depożiti operazzjonali msemmija fl-entrata 1.1.2.1. diżaggregati skont il-kontropartijiet li ġejjin: — Istituzzjonijiet ta' kreditu; — klijenti finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu; — sovrani, banek ċentrali, banek multilaterali tal-iżvilupp u entitajiet tas-settur pubbliku; — konsumaturi oħra.
1180	3.1. **ipprovduti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti tad-depożiti operazzjonali msemmija fl-entrata 1.1.2.1 ipprovduti minn istituzzjonijiet ta' kreditu.
1190	3.2. **ipprovduti minn klijenti finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti tad-depożiti operazzjonali msemmija fl-entrata 1.1.2.1 ipprovduti mill-klijenti finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu.
1200	3.3. **ipprovduti minn sovrani, banek ċentrali, MDBs u PSEs** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti tad-depożiti operazzjonali msemmija fl-entrata 1.1.2.1 ipprovduti minn sovrani, banek ċentrali, banek multilaterali tal-iżvilupp u entitajiet tas-settur pubbliku.
1210	3.4. **ipprovduti minn klijenti oħrajn** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti tad-depożiti operazzjonali msemmija fl-entrata 1.1.2.1 ipprovduti minn klijenti oħrajn (minbarra dawk imsemmija hawn fuq u klijenti kkunsidrati għad-depożiti fil-livell tal-konsumatur).
	4. **Flussi 'l barra intragrupp jew IPS** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk it-tranżazzjonijiet kollha rrapportati fl-entrata 1 meta l-kontroparti tkun kumpanija prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu jew sussidjarja oħra tal-istess kumpanija prinċipali jew marbuta mal-istituzzjoni ta' kreditu permezz ta' relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE jew membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew l-istituzzjoni ċentrali jew affiljata ma' netwerk jew grupp kooperattiv kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
1290	4.1. **li minnhom: lil konsumatur finanzjarju** L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali rapportat fl-entrata 1.1 lill-klijenti finanzjarji fl-ambitu tal-entrata 4.
1300	4.2. **li minnhom: lil klijenti mhux finanzjarji** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali rapportat fl-entrata 1.1 lill-klijenti mhux finanzjarji fl-ambitu tal-entrata 4.
1310	4.3. **li minnhom: garantiti** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' tranżazzjonijiet garantiti rrapportati fl-entrata 1.2 fl-ambitu tal-entrata 4.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
1320	4.4. **li minnhom: faċilitajiet ta' kreditu mingħajr trattament preferenzjali** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati u mhux prelevati rapportati fl-entrata 1.1.6.1 lil entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-entrata 4 li għalihom għadhom ma rċevewx il-permess li japplikaw rata ta' fluss 'il barra iktar baxxa skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
1330	4.5. **li minnhom: faċilitajiet tal-likwidità mingħajr trattament preferenzali** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati u mhux prelevati rapportati fl-entrata 1.1.6.2 lil entitajiet fl-ambitu tal-entrata 4 li għalihom għadhom ma rċevewx il-permess li japplikaw rata ta' fluss 'il barra iktar baxxa skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
1340	4.6. **li minnhom: depożiti operazzjonali** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' depożiti msemmija fl-entrata 1.1.2 lil entitajiet fl-ambitu tal-entrata 4.
1345	4.7. **li minnhom: depożiti operazzjonali eċċessi** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' fondi minn depożiti operazzjonali miżmuma f'eċċess imsemmija fl-entrata 1.1.3 lil entitajiet fl-ambitu tal-entrata 4.
1350	4.8. **li minnhom: depożiti mhux operazzjonali** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti tad-depożiti msemmija fl-entrata 1.1.4 mingħand entitajiet fl-ambitu tal-entrata 4.
1360	4.9. **li minnhom: obbligazzjonijiet fil-forma ta' titoli ta' dejn jekk mhux ittrattati bħala depożiti fil-livell tal-konsumatur** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' titoli ta' dejn irrapportati fl-entrata 1.1.8.2 li huma miżmumin mill-entitajiet fl-ambitu tal-entrata 4.
1370	5. **Flussi 'l barra FX** Din l-entrata għandha tkun irrapportata biss fil-każ ta' rapportar f'muniti soġġetti għar-rapportar separat. Għall-każijiet ta' rapportar f'munita separata, skont l-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-porzjon ta' flussi 'l barra minn derivattivi (irrapportati fl-entrata 1.1.5.5) relatati mal-flussi FX prinċipali fil-munita sinifikanti rispettiva minn swaps bejn il-muniti, tranżazzjonijiet spot u forward FX li jimmaturaw fi żmien il-perjodu ta' 30 jum. In-nettjar skont il-kontroparti jista' jiġi applikat biss għall-flussi f'dik il-munita, pereżempju Kontroparti A: EUR+10 u Kontroparti A: EUR-20 għandhom ikunu rrapportati bħala fluss 'il barra ta' EUR 10. Ma jistax isir nettjar bejn il-kontropartijiet, pereżempju Kontroparti A: EUR-10, Kontroparti B: EUR+40 għandu jiġi rrapportat bħala fluss 'il barra ta' EUR 10 f'C73.00 (u influss ta' EUR 40 f'C74.00).
	6. **Finanzjament garantit eżentat mill-Artikolu 17(2) u (3)** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrappurtaw hawnhekk tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantiti b'maturità residwa sa 30 jum fejn il-kontroparti tkun bank ċentrali u fejn it-tranżazzjonijiet rilevanti huma eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 skont l-Artikolu 17(4) tiegħu.
1400	6.1 **li minnhom: garantiti bl-L1 minbarra EHQCB** L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantiti li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju meta l-kontroparti tkun bank ċentrali, il-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna u minbarra meta jintuża bħala kollateral, jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, u fejn it-tranżazzjonijiet rilevanti huma eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bl-Artikolu 17(4) tiegħu.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	6.2 **li minnhom: garantiti bl-EHQCB L1**
1410	L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantiti li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju meta l-kontroparti tkun bank ċentrali, il-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 1 li huwa bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna u minbarra meta jintuża bħala kollateral, jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, u fejn it-tranżazzjonijiet rilevanti huma eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bl-Artikolu 17(4) tiegħu.
	6.3 **li minnhom: garantiti bl-L2 A**
1420	L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantiti li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju meta l-kontroparti tkun bank ċentrali, il-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 2 A u minbarra meta jintuża bħala kollateral, jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, u fejn it-tranżazzjonijiet rilevanti huma eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bl-Artikolu 17(4) tiegħu.
	6.4 **li minnhom: garantiti bl-L2B**
1430	L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantiti li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju meta l-kontroparti tkun bank ċentrali, il-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 2B u minbarra meta jintuża bħala kollateral, jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, u fejn it-tranżazzjonijiet rilevanti huma eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 bl-Artikolu 17(4) tiegħu.
	6.5 **li minnhom: garantiti b'assi mhux likwidi**
1440	L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantiti li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju meta l-kontroparti hija bank ċentrali, il-kollateral estiż huwa kollateral mhux likwidu u fejn it-tranżazzjonijiet rilevanti huma eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 skont l-Artikolu 17(4) tiegħu.

RAPPORTAR DWAR IL-LIKWIDITÀ (PARTI 3: INFLUSSI)

1. Influssi

1.1. Kummenti ġenerali

1. Din hija l-formula fil-qosor li fiha informazzjoni dwar l-influssi tal-likwidità mkejla matul it-30 jum ta' wara, għall-finijiet ta' rapportar tar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità kif speċifikat fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-entrati li ma għandhomx għalfejn jimtlew mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom lewn griż.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jissottomettu l-formula fil-muniti korrispondenti skont l-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, l-influssi tal-likwidità għandhom:

i. jinkludu biss influssi kuntrattwali minn skoperturi li għadhom ma skadewx u li l-istituzzjoni ta' kreditu ma jkollha l-ebda raġuni għalfejn tistenna minnhom nuqqas ta' prestazzjoni fi żmien 30 jum tal-kalendarju.

ii. jiġu kkalkolati billi jiġu mmultiplikati l-bilanċi pendenti ta' diversi kategoriji ta' ammonti riċevibbli kuntrattwali bir-rati speċifikati fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61.

4. l-influssi fi ħdan grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali (minbarra l-influssi minn faċilitajiet ta' kreditu jew tal-likwidità mhux prelevati pprovduti minn membri ta' grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali fejn l-awtorità kompetenti tat il-permess li tiġi applikata rata ta' influss preferenzjali) għandhom ikunu allokati fil-kategoriji rilevanti. L-ammonti mhux ponderati għandhom ikunu wkoll irrapportati bħala entrati ta' memorandum taħt is-sezzjoni 3 tal-formula (ringieli 460-510).

5. Skont l-Artikolu 32(6) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma għandhom jirrapportaw l-ebda influssi minn kwalunkwe wieħed mill-assi likwidi rapportati skont it-Titolu II ta' dak ir-Regolament għajr il-pagamenti dovuti fuq assi li mhumiex riflessi fil-valur tas-suq tal-assi.

6. l-influssi li għandhom jiġu rċevuti f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq trasferimenti jew li jkunu denominati f'muniti mhux konvertibbli għandhom ikunu rapportati fir-ringieli rilevanti tas-sezzjonijiet 1.1, 1.2 jew 1.3. l-influssi għandu jkun irrapportat kollu, irrispettivament mill-ammont ta' flussi 'l barra fil-pajjiż terz jew il-munita.

7. Il-flejjes dovuti minn titoli maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha jew minn SSPE li magħha l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha rabtiet mill-qrib għandhom jiġu kkunsidrati fuq bażi netta b'rata ta' influss applikata fuq il-bażi tar-rata ta' influss applikabbli għall-assi sottostanti f'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

8. Skont l-Artikolu 32(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma għandhom jirrapportaw influssi mill-ebda obbligu ġdid li jkunu daħlu għalih. Dan jirreferi għal impenji kuntrattwali li ma ġewx stabbiliti kuntrattwalment fid-data tar-rapportar, iżda li jidħlu jew jidħlu fis-seħħ fit-terminu ta' 30 jum.

9. Fil-każ ta' rapportar separat skont l-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-bilanċi rrapportati għandhom jinkludu dawk biss li huma ddenominati fil-munita rilevanti sabiex jiżguraw li d-diskrepanzi bejn il-muniti jkunu riflessi kif xieraq. Dan jista' jfisser li naħa waħda biss tat-tranżazzjoni tiġi rrapportata fil-formula tal-munita rilevanti. Pereżempju, fil-każ ta' derivattivi FX, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu biss jinnettjaw influssi u flussi 'l barra skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 meta jkunu ddenominati fl-istess munita.

10. L-istruttura tal-Kolonni ta' dan il-formula hija mibnija b'mod li takkomoda l-limiti massimi differenti fuq l-influssi applikabbli skont l-Artikolu 33 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. F'dan ir-rigward, il-formula hija bbażata fuq tliet settijiet ta' Kolonni, sett għal kull trattament ta' limitu massimu (limitu massimu ta' 75 %, limitu massimu ta' 90 %, u eżenti mil-limitu massimu). L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata jistgħu jużaw iktar minn sett wieħed ta' Kolonni jekk entitajiet differenti taħt l-istess konsolidazzjoni jikkwalifikaw għal trattamenti differenti ta' limiti massimi.

11. Skont il-punt (c) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 rigward il-konsolidazzjoni, l-influssi tal-likwidità f'impriża sussidjarja f'pajjiż terz li, skont il-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz huma soġġetti għal rati iktar baxxi minn dawk speċifikati fit-Titolu III tar-Regolament għandhom ikunu soġġetti għal konsolidazzjoni skont ir-rati iktar baxxi speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-pajjiż terz.

12. Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 jirreferi biss għal rati u haircuts, u l-kelma 'ponderazzjoni' fil-formula tirreferi biss għal dawn fil-kuntest xieraq. F'dan l-Anness il-kelma 'ponderati' għandha tinftiehem bħala terminu ġenerali li jindika l-ammont ikkalkolat wara l-applikazzjoni tal-haircuts u r-rati rispettivi u kwalunkwe struzzjoni addizzjonali rilevanti oħra (pereżempju fil-każ ta' għoti ta' self u finanzjament garantit).

13. Ċerti 'entrati ta' memorandum' huma inklużi fil-formuli assoċjati ma' dawn l-istruzzjonijiet. Fost l-oħrajn, dawn l-entrati jipprovdu informazzjoni meħtieġa li tippermetti lill-awtorità kompetenti twettaq valutazzjoni adegwata tal-konformità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mar-rekwiżiti tal-likwidità.

1.2. Kummenti speċifiċi rigward għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet motivati mis-suq kapitali

14. Il-formula tikkategorizza l-flussi kollateralizzati skont il-kwalità tal-assi sottostanti jew l-eliġibbiltà tal-HQLA. Formula separata hija pprovduta għal swaps kollaterali — C 75.01 tal-ANNESS XXIV. Swaps kollaterali, li huma tranżazzjonijiet kollateral ma' kollateral ma għandhomx ikunu rrapportati fil-formula tal-influss (C 74.00 tal-ANNESS XXIV) li tkopri biss tranżazzjonijiet ta' flus ma' kollateral.

15. Fejn għoti ta' self garantit u transazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali ikunu garantiti minn ishma jew unitajiet f'CIUs, dawn it-transazzjonijiet għandhom jiġu rrapportati bħallikieku jkunu kollateralizzati mill-assi sottostanti tas-CIU. Pereżempju, f'każ li tranżazzjoni ta' self garantit tkun kollateralizzata b'ishma jew unitajiet f'CIU li jinvestu b'mod esklussiv f'assi tal-Livell 2 A, it-tranżazzjoni ta' għoti ta' self garantit għandha tiġi rrapportata daqslikieku tiġi kollateralizzata direttament b'kollateral tal-Livell 2 A. Ir-rata potenzjalment ogħla ta' influss għal tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self garantiti b'ishma jew unitajiet f'CIUs għandha tiġi riflessa fir-rata ta' influss rilevanti li għandha tiġi rrapportata.

16. Fil-każ ta' rapportar separat skont l-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-bilanċi rrapportati għandhom jinkludu dawk biss li huma ddenominati fil-munita rilevanti sabiex jiżguraw li d-diskrepanzi bejn il-muniti jkunu riflessi kif xieraq. Dan jista' jfisser li naħa waħda biss tat-tranżazzjoni tiġi rrapportata fil-formula tal-munita rilevanti. B'hekk tranżazzjoni ta' retroriakkwist tista' tirriżulta fi influss negattiv. It-tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist irrapportati fl-istess entrata għandhom jingħaddu flimkien (pożittivi u negattivi). Jekk it-total ikun pożittiv dan għandu jiġi rrapportat fil-formula tal-influss. Jekk it-total ikun negattiv dan għandu jiġi rrapportat fil-formula tal-fluss 'il barra. Dan l-approċċ għandu jkun segwit viċe versa għar-repos.

17. Għall-kalkolu tal-influssi, l-għoti ta' self garantit u t-tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali għandhom jiġu rrapportati irrispettivament minn jekk il-kollateral sottostanti riċevut jissodisfax ir-rekwiżiti operazzjonali kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Barra minn hekk, sabiex ikun jista' jiġi kkalkolat l-istokk aġġustat ta' assi likwidi skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw ukoll b'mod separat dawk it-tranżazzjonijiet fejn il-kollateral sottostanti riċevut addizzjonalment jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

18. Fejn istituzzjoni ta' kreditu tista' tirrikonoxxu biss parti mill-ishma tagħha f'munita barranija, jew assi f'muniti barranin ta' gvern ċentrali jew ta' bank, jew assi fil-munita domestika ta' gvern ċentrali jew bank ċentrali fl-HQLA tagħhom, il-parti rikonoxxibbli biss għandha tiġi rrapportata fir-ringieli tal-assi tal-Livelli 1, tal-Livell 2 A u tal-Livell 2B, f'konformità mal-punti (ii) tal-punt (c) tal-Artikolu 12(1) u mal-punt (d) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Meta l-assi partikolari jintuża bħala kollateral iżda għal ammont li huwa żejjed għall-porzjon li jista' jkun rikonoxxut bħala assi likwidi, l-ammont żejjed għandu jkun irrapportat fis-sezzjoni mhux likwidi. Assi tal-Livell 2 A għandhom ikunu rrapportati fir-ringiela tal-assi tal-Livell 2 A korrispondenti, anki jekk ikun qiegħed jiġi segwit l-Approċċ Alternattiv tal-Likwidità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

1.3. Kummenti speċifiċi rigward is-saldu u t-tranżazzjonijiet forward start

19. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-influssi li jinħolqu minn repos forward start fil-perjodu ta' 30 jum u jimmaturaw wara l-perjodu ta' 30 jum. L-influss li għandu jiġi riċevut għandu jkun irrapportat f'{C 74.00; r260} ('influssi oħrajn'), nett mill-valur tas-suq tal-assi li għandu jiġi kkonsenjat lill-kontroparti wara l-applikazzjoni tal-haircut LCR relatat. Jekk l-assi ma jkunx 'assi likwidu', l-influss li għandu jkun riċevut għandu jiġi rrapportat kollu. Assi li huwa mirhun bħala kollateral għandu jkun irrapportat f'C 72.00 jekk l-istituzzjoni żżomm l-assi fil-kotba tagħha fid-data ta' referenza u jissodisfa l-kundizzjonijiet relatati.

20. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-influssi li jinħolqu minn repos forward start, retroriakkwist u swaps kollaterali li jibdew fil-perjodu ta' 30 jum u jimmaturaw wara l-perjodu ta' 30 jum meta l-komponent inizjali jipproduċi influss. Fil-każ ta' repo, l-influss li għandu jkun riċevut għandu jkun irrapportat f'{C 74.00; r260} ('influssi oħrajn'), nett mill-valur tas-suq tal-assi li għandu jiġi kkonsenjat lill-kontroparti wara l-applikazzjoni tal-haircut LCR relatat. Jekk l-ammont li għandu jkun riċevut huwa iktar baxx mill-valur tas-suq tal-assi (wara l-haircut LCR) li għandu jingħata b'self bħala kollateral, id-differenza għandha tkun irrapportata bħala fluss 'il barra f'C.73.00. Jekk l-assi ma jkunx 'assi likwidu', l-influss li għandu jkun riċevut għandu jiġi rrapportat kollu. Assi li huwa mirhun bħala kollateral għandu jkun irrapportat f'C 72.00 jekk l-istituzzjoni żżomm l-assi fil-kotba tagħha fid-data ta' referenza u jissodisfa l-kundizzjonijiet relatati. Fil-każ ta' retroriakkwist, fejn il-valur tas-suq tal-assi li għandu jkun riċevut bħala kollateral wara l-applikazzjoni tal-haircut LCR relatat (jekk l-assi jikkwalifika bħala assi likwidu) ikun ikbar mill-ammont ta' flus li għandu jingħata b'self, id-differenza għandha tiġi rrapportata bħala influss f'C 74.00; r260 ('influssi oħrajn'). Għal swaps kollaterali, fejn l-effett nett tal-iswap inizjali tal-assi (b'kont meħud tal-haircuts LCR) jikkawża influss dan l-influss għandu jkun irrapportat {C 74.00; r260 ('influssi oħrajn').

21. Repos forward, retroriakkwisti forward u swaps kollaterali forward li jibdew u jimmaturaw fil-perjodu ta' 30 jum tal-LCR ma għandhom l-ebda impatt fuq l-LCR ta' bank u jistgħu jiġu injorati

1.4. Skema ta' deċiżjoniiet dwar l-influssi LCR skont l-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61

22. L-iskema ta' deċiżjonijiet hija mingħajr preġudizzju għar-rapportar tal-entrati ta' memorandum. L-iskema tad-deċiżjonijiet hija parti mill-istruzzjonijiet biex jiġu speċifikati l-kriterji tal-valutazzjoni tal-prijoritajiet għall-allokazzjoni ta' kull entrata rrapportata sabiex jiġi żgurat rapportar omoġenju u komparabbli. L-implimentazzjoni tal-iskema tad-deċiżjonijiet waħidha mhijiex biżżejjed — l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-bqija tal-istruzzjonijiet dejjem.

23. Għall-fini ta' sempliċità, l-iskema tad-deċiżjonijiet tinjora t-totali u s-subtotali; madankollu dan ma jfissirx li ma għandhomx ikunu rrapportati wkoll.

1.4.1. L-iskema tad-deċiżjonijiet dwar ir-ringieli fil-formula C 74.00 tal-ANNESS XXIV

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
1	influss li jissodisfa l-kriterji operazzjonali kif speċifikat fl-Artikolu 32, bħal: — Skopertura li għadha ma skadietx (Art. 32(1)) — L-istituzzjoni ta' kreditu ma għandha l-ebda raġuni għalfejn tistenna nuqqas ta' prestazzjoni fi żmien 30 jum tal-kalendarju (Art. 32(1)) — L-istituzzjonijiet ta' kreditu ma għandhom jikkunsidraw l-ebda influssi minn xi obbligu ġdid li jkunu daħlu għalih (Art. 32(7)) — L-ebda influssi ma għandu jkun irrapportar f'każ li l-influssi huma diġà nnettjati mill-flussi 'l barra (Art. 26) — L-istituzzjonijiet ta' kreditu ma għandhom jikkunsidraw l-ebda influssi minn kwalunkwe wieħed mill-assi likwidi msemmija fit-Titolu II għajr il-pagamenti dovuti fuq assi li mhumiex riflessi fil-valur tas-suq tal-assi (Art. 32(6))	Le	Ebda Rapportar
		Iva	# 2
2	Tranżazzjoni forward start	Iva	# 3
		Le	# 5
3	Tranżazzjonijiet forward li tkun daħlet għalihom wara d-data ta' rapportar;	Iva	Ebda Rapportar
		Le	# 4
4	Tranżazzjoni forward li tibda fi ħdan il-perjodu ta' 30 jum u timmatura wara l-perjodu ta' 30 jum fejn il-komponent inizjali jipproduċi influss nett	Iva	Ringiela 260, ID 1.1.11
		Le	Ebda Rapportar
5	influssi fi grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali	Iva	# 6
		Le	# 7
6	influssi minn faċilitajiet ta' kreditu jew ta' likwidità mhux prelevati pprovduti minn membri ta' grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali fejn l-awtorità kompetenti tat permess li tiġi applikata rata ta' influss oġħla (Art. 34)	Iva	Ringiela 250, ID 1.1.10
		Le	# 7
7	Influssi minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali minbarra derivattivi (l-Art. 32(3)(b)-(c);(e)-(f))	Iva	# 23
		Le	# 8

#	Entrata			Deċiżjoni	Rapportar
8	Flejjes dovuti minn titoli li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju (Artikolu 32(2)(c))			Iva	Ringiela 190, ID 1.1.5
				Le	# 9
9	Flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament kummerċjali b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum (Artikolu 32(2)(b))			Iva	Ringiela 180, ID 1.1.4
				Le	# 10
10	Assi b'data tat-tmiem kuntrattwali indefinita (Artikolu 32(3)(i))			Iva	# 11
				Le	# 12
11	Imgħax u pagamenti minimi minn self b'data ta' skadenza kuntrattwali indefinita li huma dovuti b'kuntratt u li huma soġġetti għal influss ta' flus attwali fi żmien it-30 jum li ġejjin			Iva	# 12
				Le	Ringiela 200, ID 1.1.6
12	Flejjes dovuti minn pożizzjonijiet f'indiċijiet prinċipali ta' strumenti ta' ekwità dment li l-assi likwidi ma jingħaddux darbtejn (Artikolu 32(2)(d))			Iva	Ringiela 210, ID 1.1.7
				Le	# 13
13	influssi mir-rilaxx ta' bilanċi miżmuma f'kontijiet segregati skont ir-rekwiżiti regolatorji għall-protezzjoni ta' assi għan-negozju ta' konsumaturi (Artikolu 32(4))			Iva	Ringiela 230, ID 1.1.8
				Le	# 14
14	Influssi ta' flus ta' derivattivi netti skont il-kontroparti u l-kollateral (Artikolu 32(5))			Iva	Ringiela 240, ID 1.1.9
				Le	# 15
15	31(9) (Art. 32(3)(a))			Iva	Ringiela 170, ID 1.1.3
				Le	# 16
16	Flejjes dovuti minn banek ċentrali u klijenti finanzjarji b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum (Artikolu 32(2)(a))			Iva	# 20
				Le	# 17
17	Flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) li ma jikkorrispondux ma' ripagament tal-kapital (Art 32(2))			Iva	Ringiela 040, ID 1.1.1.1
				Le	# 18
18	Flejjes oħra dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) (Art. 32(3)(a))			Iva	# 19
				Le	Ringiela 260, ID 1.1.11
19	Flejjes oħra dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) (Art. 32(3)(a))	# 19.1	Klijenti fil-livell tal-konsumaturi	Iva	Ringiela 060, ID 1.1.1.2.1
				Le	# 19.2
		# 19.2	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Iva	Ringiela 070, ID 1.1.1.2.2
				Le	# 19.3
		# 19.3	Sovrani, MDBs u PSEs	Iva	Ringiela 080, ID 1.1.1.2.3
				Le	Ringiela 090, ID 1.1.1.2.4
20	Influssi minn klijenti finanzjarji li huma kklassifikati bħala depożiti operazzjonali (Artikolu 32(3)(d))			Iva	# 21
				Le	# 22

#	Entrata			Deċiżjoni	Rapportar
21	L-istituzzjoni ta' kreditu tista' tistabbilixxi rata ta' influss simmetrika korrispondenti (Artikolu 32(3)(d))			Iva	Ringiela 120, ID 1.1.2.1.1
				Le	Ringiela 130, ID 1.1.2.1.2
22	Flejjes dovuti minn banek ċentrali (Art. 32(2)(a))			Iva	Ringiela 150, ID 1.1.2.2.1
				Le	Ringiela 160, ID 1.1.2.2.2
23	Tranżazzjoni ta' Swap Kollaterali (Art. 32(3)(e))			Iva	Ringiela 410, ID 1.3 ([2])
				Le	# 24
24	It-tranżazzjoni ssir ma' bank ċentrali			Iva	#25
				Le	# 31
25	Il-kollateral huwa ġeneralment eliġibbli bħala assi likwidu (irrispettivament minn jekk jintużax mill-ġdid fi tranżazzjoni oħra u irrispettivament minn jekk l-assi jissodisfax ir-rekwiżit operazzjonali skont l-Artikolu 8)			Iva	# 26
				Le	# 30
26	Il-kollateral jintuża biex ikopri pożizzjonijiet bin-nieqes			Iva	Ringiela 297, ID 1.2.1.2
				Le	# 27
27	Il-kollateral riċevut jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali skont l-Artikolu 8			Iva	# 28
				Le	# 29
28	Tranżazzjoni ta' finanzjament garantit minn (Artikolu 32(3)(b)):	# 28.1	Kollateral tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 269, ID 1.2.1.1.1 + Ringiela 271, ID 1.2.1.1.1.1
				Le	# 28.2
		# 28.2	Kollateral tal-Livell 1 li huma bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 273, ID 1.2.1.1.2 + Ringiela 275, ID 1.2.1.1.2.1
				Le	# 28.3
		# 28.3	Kollateral tal-Livell 2 A	Iva	Ringiela 277, ID 1.2.1.1.3 + Ringiela 279, ID 1.2.1.1.3.1
				Le	# 28.4
		# 28.4	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (residenzjali jew vetturi)	Iva	Ringiela 281, ID 1.2.1.1.4 + Ringiela 283, ID 1.2.1.1.4.1
				Le	# 28.5
		# 28.5	Kollateral ta' bonds koperti ta' kwalità għolja tal-Livell 2B	Iva	Ringiela 285, ID 1.2.1.1.5 + Ringiela 287, ID 1.2.1.1.5.1
				Le	# 28.6
		# 28.6	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (kummerċjali jew individwali)	Iva	Ringiela 289, ID 1.2.1.1.6 + Ringiela 291, ID 1.2.1.1.6.1
				Le	Ringiela 293, ID 1.2.1.1.7 + Ringiela 295, ID 1.2.1.1.7.1

([2]) It-tranżazzjonijiet ta' swaps kollaterali jridu wkoll jiġu rrapportati fil-mudell C 75.01 tal-ANNESS XXIV.

#	Entrata			Deċiżjoni	Rapportar
29	Tranżazzjoni ta' finanzjament garantit minn (Artikolu 32(3)(b)):	# 29.1	Kollateral tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 269, ID 1.2.1.1.1
				Le	# 29.2
		# 29.2	Kollateral tal-Livell 1 li huma bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 273, ID 1.2.1.1.2
				Le	# 29.3
		# 29.3	Kollateral tal-Livell 2 A	Iva	Ringiela 277, ID 1.2.1.1.3
				Le	# 29.4
		# 29.4	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (residenzjali jew vetturi)	Iva	Ringiela 281, ID 1.2.1.1.4
				Le	# 29.5
		# 29.5	Kollateral ta' bonds koperti ta' kwalità għolja tal-Livell 2B	Iva	Ringiela 285, ID 1.2.1.1.5
				Le	# 29.6
		# 29.6	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (kummerċjali jew individwali)	Iva	Ringiela 289, ID 1.2.1.1.6
				Le	Ringiela 293, ID 1.2.1.1.7
30	Kollateral li ma jikkwalifikax bħala assi likwidu (Artikolu 32(3)(b)) u huwa ekwità mhux likwida			Iva	Ringiela 301, ID 1.2.1.3.1
				Le	Ringiela 303, ID 1.2.1.3.2
31	Il-kollateral huwa ġeneralment eliġibbli bħala assi likwidu (irrispettivament minn jekk jintużax mill-ġdid fi tranżazzjoni oħra u irrispettivament minn jekk l-assi jissodisfax ir-rekwiżit operazzjonali skont l-Artikolu 8)			Iva	# 32
				Le	# 36
32	Il-kollateral jintuża biex ikopri pożizzjonijiet bin-nieqes			Iva	Ringiela 337, ID 1.2.2.2
				Le	# 33
33	Il-kollateral riċevut jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali skont l-Artikolu 8			Iva	# 34
				Le	# 35
34	Tranżazzjoni ta' finanzjament garantit minn (Art. 32(3)(b))	# 34.1	Kollateral tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 309, ID 1.2.2.1.1 + Ringiela 311, ID 1.2.2.1.1.1
				Le	# 34.2
		# 34.2	Kollateral tal-Livell 1 li huma bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 313, ID 1.2.2.1.2 + Ringiela 315, ID 1.2.2.1.2.1
				Le	# 34.3
		# 34.3	Kollateral tal-Livell 2 A	Iva	Ringiela 317, ID 1.2.2.1.3 + Ringiela 319, ID 1.2.2.1.3.1
				Le	# 34.4
		# 34.4	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (residenzjali jew vetturi)	Iva	Ringiela 321, ID 1.2.2.1.4 + Ringiela 323, ID 1.2.2.1.4.1
				Le	# 34.5
		# 34.5	Kollateral ta' bonds koperti ta' kwalità għolja tal-Livell 2B	Iva	Ringiela 325, ID 1.2.2.1.5 + Ringiela 327, ID 1.2.2.1.5.1
				Le	# 34.6
		# 34.6	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (kummerċjali jew individwali)	Iva	Ringiela 329, ID 1.2.2.1.6 + Ringiela 331, ID 1.2.2.1.6.1
				Le	Ringiela 333, ID 1.2.2.1.7 + Ringiela 335, ID 1.2.2.1.7.1

#	Entrata			Deċiżjoni	Rapportar
35	Tranżazzjoni ta' finanzjament garantit minn (Art. 32(3)(b))	# 35.1	Kollateral tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 309, ID 1.2.2.1.1
				Le	# 35.2
		# 35.2	Kollateral tal-Livell 1 li huma bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna	Iva	Ringiela 313, ID 1.2.2.1.2
				Le	# 35.3
		# 35.3	Kollateral tal-Livell 2 A	Iva	Ringiela 317, ID 1.2.2.1.3
				Le	# 35.4
		# 35.4	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (residenzjali jew vetturi)	Iva	Ringiela 321, ID 1.2.2.1.4
				Le	# 35.5
		# 35.5	Kollateral ta' bonds koperti ta' kwalità għolja tal-Livell 2B	Iva	Ringiela 325, ID 1.2.2.1.5
				Le	# 35.6
		# 35.6	Kollateral ta' titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B (kummerċjali jew individwali)	Iva	Ringiela 329, ID 1.2.2.1.6
				Le	Ringiela 333, ID 1.2.2.1.7
36	Kollateral li ma jikkwalifikax bħala assi likwidu (Art. 32(3)(b))	# 36.1	self ta' marġini: il-kollateral mhuwiex likwidu	Iva	Ringiela 341, ID 1.2.2.3.1.
				Le	# 36.2
		# 36.2	il-kollateral huwa ekwità mhux likwida	Iva	Ringiela 343, ID 1.2.2.3.2.
				Le	Ringiela 345, ID 1.2.2.3.3.

1.4.2. Skema tad-deċiżjonijiet dwar il-kolonni fil-formula C 74.00 tal-ANNESS XXIV

#	Entrata			Deċiżjoni	Rapportar
1	Influss li għandu jkun irrapportat fir-ringieli 010-430 tal-formula C 74.00 tal-ANNESS XXIV skont l-Art. 32, Art. 33 u Art. 34 u skont il-klassifikazzjoni kif speċifikat fis-sezzjoni 1 ('Skema tad-deċiżjonijiet dwar ir-ringieli fil-formula C 74.00')			Le	Ebda Rapportar
				Iva	# 2
2	Influssi minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali minbarra derivattivi (l-Art. 32(3)(b)-(c);(e)-(f))			Iva	# 11
				Le	# 3
3	Eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi (Artikolu 33(2)-(5))			Iva	# 4
				Le	# 6
4	Eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi (Artikolu 33(2)-(5))	# 4.1	Parti mill-influssi eżentati mil-limitu massimu fuq l-influssi		# 5
		# 4.2	Parti mill-influssi mhux eżentati mil-limitu massimu fuq l-influssi		# 7
5	Parti mill-influssi eżentati mil-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi (Artikolu 33(4) u Artikolu 33(5))			Iva	# 9
				Le	# 10

#	Entrata			Deċiżjoni	Rapportar
6	influssi soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi (Artikolu 33(1))			Iva	# 7
				Le	# 8
7	influssi soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi (Artikolu 33(1))	#7.1	Flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi prelevat		Kolonna 010
		# 7.2	Ponderazzjoni Applikabbli		Kolonna 080
		# 7.3	Influss		Kolonna 140
8	Influss soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi (Artikolu 33(4) u Artikolu 33(5))			Iva	# 9
				Le	# 10
9	Influss soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi (Artikolu 33(4) u Artikolu 33(5))	# 9.1	Flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi prelevat		Kolonna 020
		# 9.2	Ponderazzjoni Applikabbli		Kolonna 090
		# 9.3	Influss		Kolonna 150
10	Influssi li huma eżentati għalkollox mil-limitu massimu fuq l-influssi (Artikolu 33(2)-(3))	# 10.1	Flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi prelevat		Kolonna 030
		# 10.2	Ponderazzjoni Applikabbli		Kolonna 100
		# 10.3	Influss		Kolonna 160
11	Tranżazzjoni ta' finanzjament garantit fejn il-kollateral huwa ġeneralment eliġibbli bħala assi likwidu (irrispettivament minn jekk jintużax mill-ġdid fi tranżazzjoni oħra u irrispettivament minn jekk l-assi jissodisfax ir-rekwiżit operazzjonali skont l-Artikolu 8)			Iva	# 12
				Le	# 3
12	Eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi (Artikolu 33(2)-(5))			Iva	# 13
				Le	# 15
13	Eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi (Artikolu 33(2)-(5))	# 13.1	Parti mill-influssi eżentati mil-limitu massimu fuq l-influssi		# 14
		# 13.2	Parti mill-influssi mhux eżentati mil-limitu massimu fuq l-influssi		# 16
14	Parti mill-influssi eżentati mil-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi (Artikolu 33(4) u Artikolu 33(5))			Iva	# 18
				Le	# 19
15	influssi soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi (Artikolu 33(1))			Iva	# 16
				Le	# 17
16	influssi soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi (Artikolu 33(1))	# 16.1	Flejjes dovuti		Kolonna 010
		# 16.2	Valur tas-suq tal-kollateral riċevut		Kolonna 040
		# 16.3	Ponderazzjoni Applikabbli		Kolonna 080
		# 16.4	Valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 [biss jekk il-kollateral riċevut jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali]		Kolonna 110
		# 16.5	Influss		Kolonna 140

#	Entrata			Deċiżjoni	Rapportar
17	Influss soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi (Artikolu 33(4) u Artikolu 33(5))			Iva	# 18
				Le	# 19
18	Influss soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi (Artikolu 33(4) u Artikolu 33(5))	# 18.1	Flejjes dovuti		Kolonna 020
		# 18.2	Valur tas-suq tal-kollateral riċevut		Kolonna 050
		# 18.3	Ponderazzjoni Applikabbli		Kolonna 090
		# 18.4	Valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 [biss jekk il-kollateral riċevut jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali]		Kolonna 120
		# 18.5	Influss		Kolonna 150
19	Influssi li huma eżentati għalkollox mil-limitu massimu fuq l-influssi (Artikolu 33(2)-(3))	# 19.1	Flejjes dovuti		Kolonna 030
		# 19.2	Valur tas-suq tal-kollateral riċevut		Kolonna 060
		# 19.3	Ponderazzjoni Applikabbli		Kolonna 100
		# 19.4	Valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 [biss jekk il-kollateral riċevut jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali]		Kolonna 130
		# 19.5	Influss		Kolonna 160

1.5. Sottoformola tal-influssi

1.5.1. Struzzjonijiet dwar **kolonni** speċifiċi

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	**Ammont — Soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}-{297}, {301}-{303}, {309-337}, {341}-{345}, {450} u {470}-{510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 010 l-ammont totali tal-assi/flejjes dovuti/ammonti massimi li jistgħu jingħibdu li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u jsegwu l-istruzzjonijiet rilevanti inklużi hawnhekk. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-parti tal-ammont soġġetta għall-eżenzjoni għandha tkun irrapportata fil-Kolonna 020 jew 030 u l-parti tal-ammont mhux soġġetta għall-eżenzjoni għandha tkun irrapportata fil-Kolonna 010.

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
020	**Ammont — Soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}-{297}, {301}-{303}, {309-337}, {341}-{345}, {450} u {470}-{510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 020 l-ammont totali tal-assi/flejjes dovuti/ammonti massimi li jistgħu jingħibdu li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(4) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u jsegwu l-istruzzjonijiet rilevanti inklużi hawnhekk. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-parti tal-ammont soġġetta għall-eżenzjoni għandha tkun irrapportata fil-Kolonna 020 jew 030 u l-parti tal-ammont mhux soġġetta għall-eżenzjoni għandha tkun irrapportata fil-Kolonna 010.
030	**Ammont – Eżentat mil-limitu massimu fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}-{297}, {301}-{303}, {309-337}, {341}-{345}, {450} u {470}-{510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 030 l-ammont totali tal-assi/flejjes dovuti/ammonti massimi li jistgħu jingħibdu li huma eżentati għalkollox mil-limitu massimu fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(2), l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u jsegwu l-istruzzjonijiet rilevanti inklużi hawnhekk. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-parti tal-ammont soġġetta għall-eżenzjoni għandha tkun irrapportata fil-Kolonna 020 jew 030 u l-parti tal-ammont mhux soġġetta għall-eżenzjoni għandha tkun irrapportata fil-Kolonna 010.
040	**Il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut — Soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {269}-{295}, {309-335} għar-ringiela {490}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 040 il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 050 jew 060 u l-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li mhumiex soġġetti għall-eżenzjoni għandhom ikunu rrapportati fil-Kolonna 040.
050	**Il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut — Soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {269}-{295}, {309-335} u għar-ringiela {490}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 050 il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(4) u fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 050 jew 060 u l-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li mhumiex soġġetti għall-eżenzjoni għandhom ikunu rrapportati fil-Kolonna 040.

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
060	**Il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut — Eżentat mil-limitu massimu fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {269}-{295}, {309-335} u għar-ringiela {490}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 060 il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma eżentati għal kollox mil-limitu massimu fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(2), l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 050 jew 060 u l-valur tas-suq tal-kollateral riċevut f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li mhumiex soġġetti għall-eżenzjoni għandhom ikunu rrapportati fil-Kolonna 040.
070	**Ponderazzjoni Standard** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Il-ponderazzjoniijiet standard fil-Kolonna 070 huma dawk speċifikati b'mod prestabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u huma pprovduti għall-informazzjoni biss.
080	**Ponderazzjoni Applikabbli- Soġġetta għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Il-Ponderazzjoni Applikabbli hija dik speċifikata fl-Artikoli 32 sa 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriżultaw f'valuri medji ponderati u għandhom ikunu rrapportati f'termini deċimali (jiġifieri 1,00 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 100 fil-mija, jew 0,50 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 50 fil-mija). Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriflettu, iżda mhumiex limitati għal, diskrezzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija u nazzjonali. Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}, {273}, {277}, {281}, {285}, {289}, {293}, {301}-{303}, {309}, {313}, {317}, {321}, {325}, {329}, {333}, {341}-{345}, {450} u {470} – {510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 080 il-ponderazzjoni medja applikata għal assi/flejjes dovuti/ammonti massimi li jistgħu jinġibdu li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
090	**Ponderazzjoni Applikabbli- Soġġetta għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Il-Ponderazzjoniijiet Applikabbli huma dawk speċifikati fl-Artikoli 32 sa 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriżultaw f'valuri medji ponderati u għandhom ikunu rrapportati f'termini deċimali (jiġifieri 1,00 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 100 fil-mija, jew 0,50 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 50 fil-mija). Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriflettu, iżda mhumiex limitati għal, diskrezzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija u nazzjonali. Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}, {273}, {277}, {281}, {285}, {289}, {293}, {301}-{303}, {309}, {313}, {317}, {321}, {325}, {329}, {333}, {341}-{345}, {450} u {470} – {510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 090 il-ponderazzjoni medja applikata għal assi/flejjes dovuti/ammonti massimi li jistgħu jinġibdu li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(4) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
100	**Ponderazzjoni Applikabbli — Eżentata mil-limitu massimu fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Il-Ponderazzjoniijiet Applikabbli huma dawk speċifikati fl-Artikoli 32 sa 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriżultaw f'valuri medji ponderati u għandhom ikunu rrapportati f'termini deċimali (jiġifieri 1,00 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 100 fil-mija, jew 0,50 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 50 fil-mija). Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriflettu, iżda mhumiex limitati għal, diskrezzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija u nazzjonali. Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}, {273}, {277}, {281}, {285}, {289}, {293}, {301}-{303}, {309}, {313}, {317}, {321}, {325}, {329}, {333}, {341}-{345}, {450} u {470} –{510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 100 il-ponderazzjoni medja applikata għal assi/flejjes dovuti/ammonti massimi li jistgħu jinġibdu li huma eżentati mil-limitu massimu fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(2), l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
110	**Il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 — Soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {271}, {275}, {279}, {283}, {287}, {291}, {295}, {311}, {315}, {319}, {323}, {327}, {331} u {335}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 110 il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 120 jew 130 u l-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali mhux soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 110.
120	**Il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 — Soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {271}, {275}, {279}, {283}, {287}, {291}, {295}, {311}, {315}, {319}, {323}, {327}, {331} u {335}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 120 il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(4) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 120 jew 130 u l-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali mhux soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 110.
130	**Il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 — Eżentat mil-limitu massimu fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {271}, {275}, {279}, {283}, {287}, {291}, {295}, {311}, {315}, {319}, {323}, {327}, {331} u {335}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 130 il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma eżentati għalkollox mil-limitu fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(2), l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Meta awtorità kompetenti tkun approvat eżenzjoni parzjali mil-limitu massimu fuq l-influssi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, il-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali li huma soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 120 jew 130 u l-valur tal-kollateral riċevut skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 f'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali mhux soġġetti għall-eżenzjoni għandu jkun irrapportat fil-Kolonna 110.

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
140	**Influss — Soġġett għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}, {273}, {277}, {281}, {285}, {289}, {293}, {301}-{303}, {309}, {313}, {317}, {321}, {325}, {329}, {333}, {341}-{345}, {450} u {470}-{510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 140 it-total tal-influssi li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 li għandu jkun ikkalkolat bil-multiplikazzjoni tal-ammont totali/ammont massimu li jista' jinġibed mill-Kolonna 010 bil-ponderazzjoni rilevanti mill-Kolonna 080. Għar-ringiela 170, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 140 it-total tal-influssi li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 biss jekk l-istituzzjoni ta' kreditu rċeviet dan l-impenn sabiex jiżborzaw self promozzjonali lil riċevent finali, jew ikunu rċevew impenn simili minn bank multilaterali tal-iżvilupp jew entità tas-settur pubbliku.
150	**Influss — Soġġett għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}, {273}, {277}, {281}, {285}, {289}, {293}, {301}-{303}, {309}, {313}, {317}, {321}, {325}, {329}, {333}, {341}-{345}, {450} u {470}-{510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 150 l-influssi totali li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(4) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 li għandu jiġi kkalkolat billi jiġi mmoltiplikat l-ammont totali/l-ammont massimu li jista' jittieħed mill-Kolonna 020 bil-ponderazzjoni rilevanti mill-Kolonna 090. Għar-ringiela {170}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 150 l-influssi totali li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(4) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 biss jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun irċiviet dan l-impenn sabiex jagħtu self promozzjonali lil benefiċjarju finali, jew irċivew impenn simili minn bank multilaterali tal-iżvilupp jew entità tas-settur pubbliku.
160	**Influss — Eżentat mil-limitu massimu fuq l-influssi** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Għar-ringieli {040}, {060}-{090}, {120}-{130}, {150}-{260}, {269}, {273}, {277}, {281}, {285}, {289}, {293}, {301}-{303}, {309}, {313}, {317}, {321}, {325}, {329}, {333}, {341}-{345}, {450} u {470}-{510}, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 160 it-total tal-influssi li huma eżentati għalkollox mil-limitu massimu fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(2), l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 li għandu jkun ikkalkolat bil-multiplikazzjoni tal-ammont totali/ammont massimu li jista' jinġibed mill-Kolonna 030 bil-ponderazzjoni mill-Kolonna 100. Għar-ringiela 170, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 160 it-total tal-influssi li huma eżentati għal kollox mil-limitu massimu fuq l-influssi kif speċifikat fl-Artikolu 33(2), l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 biss jekk l-istituzzjoni ta' kreditu rċeviet dan l-impenn sabiex ikunu jistgħu jiżborzaw self promozzjonali lil riċevent finali, jew ikunu rċevew impenn simili minn bank multilaterali tal-iżvilupp jew entità tas-settur pubbliku.

1.5.2. Struzzjonijiet dwar **ringieli** speċifiċi

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	1. **INFLUSSI TOTALI** L-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fir-ringiela 010 ta' C 74.00 tal-ANNESS XXIV — għal kull Kolonna 010, 020 u 030 l-ammont totali ta' assi/flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi prelevat bħala s-somma tal-assi/flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti u għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali;

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	— għall-Kolonna 140 it-total tal-influssi bħala s-somma tal-influssi minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti u tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self garantit, dawk immotivati mis-swieq tal-kapital u tranżazzjonijiet ta' swap kollaterali nieqes id-differenza bejn it-total tal-influssi ippeżati u t-total tal-flussi 'l barra ippeżati li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq trasferimenti jew li jkunu denominati f'muniti mhux konvertibbli; kif ukoll — għall-Kolonna 150 u 160 it-total tal-influssi bħala s-somma tal-influssi minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti, għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali u tranżazzjonijiet ta' swap kollaterali nieqes id-differenza bejn it-total tal-influssi ponderati u t-total tal-flussi 'l barra ponderati li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq trasferimenti jew li jkunu denominati f'muniti mhux konvertibbli u nieqes l-eċċess ta' influssi minn istituzzjoni ta' kreditu speċjalizzata relatata msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 33(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
020	1.1. **Influssi minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti** L-Artikoli 32, 33 u 34 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fir-ringiela 020 ta' C 74.00 tal-ANNESS XXIV — għal kull Kolonna 010, 020 u 030 l-ammont totali ta' assi/flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti; kif ukoll — għal kull Kolonna 140, 150 u 160 it-total tal-influssi minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti.
030	1.1.1. **flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali)** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fir-ringiela 030 ta' C 74.00 tal-ANNESS XXIV — għal kull Kolonna 010, 020 u 030 l-ammont totali tal-flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) (flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji li ma jikkorrispondux għal ripagamenti ta' kapital kif ukoll kull flejjes oħrajn dovuti minn klijenti mhux finanzjarji) u — għal kull Kolonna 140, 150 u 160 it-total tal-influssi minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) (influssi minn klijenti mhux finanzjarji li ma jikkorrispondux għal ripagamenti ta' kapital kif ukoll influssi oħrajn minn klijenti mhux finanzjarji). Il-klijenti mhux finanzjarji għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, persuni fiżiċi, SMEs, korporattivi, sovrani, banek multilaterali tal-iżvilupp u entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikolu 31a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Flejjes dovuti minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali ma' klijent mhux finanzjarju li huma kkollateralizzati permezz ta' assi likwidi skont it-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61, fejn dawn it-tranżazzjonijiet huma speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom ikunu rrapportati fis-sezzjoni 1.2, u ma għandhomx ikunu rrapportati fis-sezzjoni 1.1.1. Il-flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet bħal dawn li huma kollateralizzati minn titoli trasferibbli li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi skont it-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għandhom ikunu rapportati fis-sezzjoni 1.2, u ma għandhomx ikunu rapportati fis-sezzjoni 1.1.1. Il-flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet bħal dawn ma' klijenti mhux finanzjarji li huma kkollateralizzati minn assi mhux trasferibbli li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi skont it-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għandhom ikunu rapportati fir-ringiela rilevanti tas-sezzjoni 1.1.1. Flejjes dovuti minn banek ċentrali għandhom ikunu rrapportati fis-sezzjoni 1.1.2 u ma għandhomx ikunu rrapportati hawnhekk. Flejjes dovuti minn transazzjonijiet ta' finanzjament tal-kummerċ b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum għandhom jiġu rrapportati fis-sezzjoni 1.1.4. u m'għandhomx jiġu rrapportati hawnhekk. Flejjes dovuti minn titoli li jimmaturaw fi żmien 30 jum tal-kalendarju għandhom ikunu rapportati fis-sezzjoni 1.1.5. u ma għandhomx ikunu rrapportati hawnhekk.
040	1.1.1.1. **flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) li ma jikkorrispondux għal ripagament ta' kapital** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum li ma jikkorrispondux għal ripagament ta' kapital. Dawn l-influssi jinkludu l-imgħax u t-tariffi dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali). Flejjes dovuti minn banek ċentrali li ma jikkorrispondux għal ripagament prinċipali għandhom ikunu rrapportati fis-sezzjoni 1.1.2 u ma għandhomx ikunu rrapportati hawnhekk.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
050	1.1.1.2. **flejjes oħrajn dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali)** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fir-ringiela 050 ta' C 74.00 tal-ANNESS XXIV — għal kull Kolonna 010, 020 u 030 l-ammont totali ta' flejjes oħrajn dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) bħala s-somma tal-flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji b'kontroparti u — għal kull Kolonna 140, 150 u 160 it-total ta' influssi oħrajn minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) bħala s-somma ta' influssi oħrajn minn klijenti mhux finanzjarji b'kontroparti. Il-flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (minbarra banek ċentrali) li ma jikkorrispondux għal ripagament prinċipali għandhom ikunu rrapportati fis-sezzjoni 1.1.1.1 u ma għandhomx ikunu rrapportati hawnhekk. Flejjes oħrajn dovuti minn banek ċentrali għandhom ikunu rrapportati fis-sezzjoni 1.1.2 u ma għandhomx ikunu rrapportati hawnhekk. Influssi li jikkorrispondu għal flussi 'l barra skont l-impenji ta' għoti ta' self promozzjonali msemmija fl-Artikolu 31(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 għandhom ikunu rrapportati fis-sezzjoni 1.1.3 u ma għandhomx ikunu rrapportati hawnhekk.
060	1.1.1.2.1. **flejjes dovuti minn klijenti fil-livell tal-konsumaturi** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Il-flejjes dovuti minn klijenti fil-livell tal-konsumaturi b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum.
070	1.1.1.2.2. **flejjes dovuti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Flejjes dovuti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum.
080	1.1.1.2.3. **flejjes dovuti minn sovrani, banek multilaterali tal-iżvilupp u entitajiet tas-settur pubbliku** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Il-flejjes dovuti minn sovrani, banek multilaterali tal-iżvilupp u entitajiet tas-settur pubbliku b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum.
090	1.1.1.2.4. **Flejjes dovuti minn entitajiet legali oħrajn** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 Flejjes dovuti minn entitajiet legali oħrajn mhux inklużi band'oħra aktar 'il fuq b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum.
100	1.1.2. **flejjes dovuti minn banek ċentrali u klijenti finanzjarji** Il-punt (a) tal-Artikolu 32(2) u l-punt (d) tal-Artikolu 32(3) flimkien mal-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fir-ringiela 100 ta' C 74.00 tal-ANNESS XXIV — għal kull Kolonna 010, 020 u 030 l-ammont totali ta' flejjes dovuti minn banek ċentrali u klijenti finanzjarji (depożiti operazzjonali kif ukoll mhux operazzjonali); kif ukoll — għal kull Kolonna 140, 150 u 160 it-total tal-influssi minn banek ċentrali u klijenti finanzjarji (depożiti operazzjonali kif ukoll mhux operazzjonali). L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flejjes dovuti b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum minn banek ċentrali u klijenti finanzjarji, li għadhom ma skadewx u li għalihom il-bank ma jkollu l-ebda raġuni għalfejn jistenna minnhom nuqqas ta' prestazzjoni fi żmien 30 jum tal-kalendarju.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
